# Il-Ġurnal Uffiċjali C 75

## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

26 ta' Frar 2016

Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2013–2014

Dati tas-seduti: 1-4 ta' Lulju 2013

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 319 E, 5.11.2013.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

2016/C 075/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni – Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur (2012/2299(INI)) . . . 2

2016/C 075/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-ewwel rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri (2012/2320(INI)) . . . 7

2016/C 075/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea (FE) (COM(2012)0035 – 2012/0022(APP)) . . . 11

2016/C 075/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar Tkabbir Blu – It-tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli fis-setturi tal-baħar, tat-trasport marittimu u tat-turiżmu fl-UE (2012/2297(INI)) . . . 24

2016/C 075/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-kontribut tal-kooperattivi biex tingħeleb il-kriżi (2012/2321(INI)) . . . 34

2016/C 075/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 L-Innovazzjoni għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa (2012/2295(INI)) . . . 41

MT

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**


| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 075/07 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-ftehim politiku rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 (2012/2799(RSP)) | 47 |
| 2016/C 075/08 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar is-sikurezza fit-toroq 2011-2020 – L-ewwel stadji lejn strateġija dwar korrimenti(2013/2670(RSP)) | 49 |
| 2016/C 075/09 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali: standards u prattiki fl-Ungerija (skont ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2012) (2012/2130(INI)) | 52 |
| 2016/C 075/10 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar l-għargħar fl-Ewropa (2013/2683(RSP)) | 78 |
| 2016/C 075/11 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar ir-riforma tal-istruttura tas-sistema bankarja tal-UE (2013/2021(INI)) | 80 |
| 2016/C 075/12 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar ir-Rapport Annwali 2011 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – Il-ġlieda kontra l-frodi (2012/2285(INI)) | 88 |
| 2016/C 075/13 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Qafas ta' Kontroll Intern Integrat (2012/2291(INI)) | 100 |


**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**


| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 075/14 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-programm ta' sorveljanza tan-National Security Agency tal-Istati Uniti tal-Amerika, korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq il-privatezza taċ-ċittadini tal-UE (2013/2682(RSP)) | 105 |
| 2016/C 075/15 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-titjib tal-modalitajiet prattiċi ta' organizzazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2014 (2013/2102(INI)) | 109 |
| 2016/C 075/16 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-esportazzjoni tal-armi: implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK (2013/2657(RSP)) | 111 |
| 2016/C 075/17 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-bidu ta' negozjati dwar Ftehim Plurilaterali dwar is-Servizzi (2013/2583(RSP)) | 114 |
| 2016/C 075/18 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar iż-żieda fid-dazji imposti fin-Norveġja fuq prodotti agrikoli (2013/2547(RSP)) | 118 |
| 2016/C 075/19 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali (2013/2655(RSP)) | 120 |
| 2016/C 075/20 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi vulnerabbli (2013/2044(INI)) | 130 |
| 2016/C 075/21 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-TV Konness ("Connected TV") (2012/2300(INI)) | 141 |
| 2016/C 075/22 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (COM(2013)0157 – C7-0074/2013 – 2013/2055(ACI)) | 148 |
| 2016/C 075/23 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-prijoritajiet tal-Parlament Ewropew għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2014 (2013/2679(RSP)) | 150 |
| 2016/C 075/24 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-kriżi fl-Eġittu (2013/2697(RSP)) | 159 |
| 2016/C 075/25 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar is-sitwazzjoni f'Ġibuti (2013/2690(RSP)) | 160 |

2016/C 075/26 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja (2013/2691 (RSP)) . . . 163

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

2016/C 075/27 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen (2012/2325(IMM)) . . . 169

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

2016/C 075/28 P7_TA(2013)0287

Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea. ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea. (COM(2011)0890 – C7-0507/2011 – 2011/0455(COD))

P7_TC1-COD(2011)0455

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea . . . 171

2016/C 075/29 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jirratifikaw, jew jaċċedu għall-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Danni Nukleari tal-21 ta' Mejju 1963, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, u biex jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tal-liġi tal-Unjoni (06206/2013 – C7-0063/2013 – 2012/0262(NLE)) . . . 172

2016/C 075/30 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (COM(2012)0725 – C7-0004/2013 – 2012/0342(NLE)) 172

2016/C 075/31 P7_TA(2013)0294

Il-kontroll mill-Istat tal-port ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port (COM(2012)0129 – C7-0081/2012 – 2012/0062(COD))

P7_TC1-COD(2012)0062

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port . . . 186

2016/C 075/32 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (COM(2012)0381 – C7-0187/2012 – 2012/0185(COD)) . . . . . . . . . . . . 187

2016/C 075/33 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit–2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2000/30/KE (COM(2012)0382 – C7-0188/2012– 2012/0186(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 192

2016/C 075/34 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 214

2016/C 075/35 P7_TA(2013)0298

Sustanzi ta' prijorità fil-qasam tal-politika dwar l-ilma ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE rigward sustanzi ta' prijorità fil-qasam tal-politika dwar l-ilma (COM(2011)0876 – C7-0026/2012 – 2011/0429(COD))

P7_TC1-COD(2011)0429

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE rigward sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika dwar l-ilma . . . . . . . . . . . . . . . . 261

2016/C 075/36 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali u r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (COM(2012)0730 – C7-0005/2013 – 2012/0344(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 262

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

2016/C 075/37 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 li taħtar l-Ombudsman Ewropew . . . . . . . . . 274

2016/C 075/38 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 97/836/KE bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li tikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati ma' u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet reċiproċi tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (05978/2013 – C7-0069/2013 – 2012/0099(NLE)) . . 275

2016/C 075/39 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (05975/2013 – C7-0071/2013 – 2012/0098(NLE)) . . . . 275

2016/C 075/40 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (EGF/2013/000 TA 2013 – Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) (COM(2013)0291 – C7-0126/2013 – 2013/2087(BUD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 276

2016/C 075/41 Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (17427/1/2012 – C7-0051/2013– 2006/0084(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 279

2016/C 075/42 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-3 ta' Lulju 2013 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet depożitarji, il-politiki ta' remunerazzjoni u s-sanzjonijiet (COM (2012)0350 – C7-0178/2012 – 2012/0168(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 280

2016/C 075/43 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-3 ta' Lulju 2013 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fejn tiċċara d-dispożizzjonijiet dwar l-għażla taż-żmien tal-irkant tal-kwoti tal-gassijiet serra (COM(2012)0416 – C7-0203/2012 – 2012/0202 (COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 300

2016/C 075/44 P7_TA(2013)0311

Theddid serju transkonfinali għas-saħħa ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa (COM(2011)0866 – C7-0488/2011 – 2011/0421(COD))

P7_TC1-COD(2011)0421

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-3 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċizjoni Nru …/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 300

2016/C 075/45 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (COM (2013)0071 – C7-0049/2013 – 2013/0045(CNS)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 301

2016/C 075/46 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-euro fil-Latvja fl-1 ta' Jannar 2014 (COM(2013)0345 – C7-0183/2013 – 2013/0190(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 322

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

2016/C 075/47 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (PE-CONS 00038/2013 – C7-0168/2013 – 2010/0390(COD)) 325

2016/C 075/48 P7_TA(2013)0321

Attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (COM(2010)0517 – C7-0293/2010 – 2010/0273(COD))

P7_TC1-COD(2010)0273

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-4 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u *li tissostitwixxi* d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI . . . . . . . . . . . . . . . . . . 331

2016/C 075/49 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11607/2013 – C7-0199/2013 – 2013/2054(BUD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 332

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2013–2014

Dati tas-seduti: 1-4 ta' Lulju 2013

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 319 E, 5.11.2013.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0290

## Il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni – Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni – Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur (2012/2299(INI))**

(2016/C 075/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni – Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur" (COM(2012)0556),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar Ftehimiet Internazzjonali dwar l-Ajru skont it-Trattat ta' Lisbona ([1]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-reviżjoni tal-ftehim ta' qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ("il-Ftehim ta' Qafas") ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar il-ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' April 2007 dwar l-Istabbiliment ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 dwar l-iżvilupp tal-aġenda tal-politika barranija tal-avjazzjoni tal-Komunità ([5]),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 90, 100(2) u 218,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0172/2013),

A. billi l-avjazzjoni hija settur tal-ekonomija li kulma jmur qiegħed jikber b'rata mgħaġġla, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, b'mod speċjali fl-Asja u fil-Lvant Nofsani;

([1]) ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 5.
([2]) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 98.
([3]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 121.
([4]) ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 506.
([5]) ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 84.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

B. billi l-avjazzjoni għandha rwol importanti x'tiżvolġi biex tgħaqqad lin-nies u lill-impriżi kemm fl-Unjoni kif ukoll globalment, b'mod speċjali mas-swieq li qed jiżviluppaw;

C. billi t-tnaqqis tal-impjiegi implimentat u programmat mill-kumpanijie tal-ajru Ewropej mill-2012 jaqbeż l-20 000;

D. billi s-sħab soċjali tas-settur tal-avjazzjoni kkonkludew, fil-qafas tad-djalogu dwar l-effetti tal-kriżi globali fuq l-avjazzjoni ċivili li sar fid-29 ta' Jannar 2013, li tinħtieġ ġestjoni koordinata u globali f'livell internazzjonali;

E. billi l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-2005 kellha rwol importanti fl-iżvilupp tal-politika esterna dwar l-avjazzjoni tal-Unjoni,

F. billi l-iżviluppi matul l-aħħar seba' snin jirrikjedu reviżjoni ulterjuri,

***Prinċipji ġenerali***

1. Jisħaq fuq il-progress li sar fil-ħolqien ta' suq reġjonali uniku u miftuħ fl-Unjoni u, fl-istess waqt, fuq il-bini ta' approċċ komuni Ewropew għall-politika esterna tagħha dwar l-avjazzjoni;

2. Jilqa' favorevolment il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni li tagħti analiżi f'waqtha tas-sitwazzjoni attwali u tal-progress li nkiseb fil-politika esterna dwar l-avjazzjoni mill-2005, kif ukoll tal-isfidi li qiegħed iħabbat wiċċu magħhom is-settur tal-avjazzjoni tal-Unjoni f'suq globali tal-avjazzjoni estremament kompetittiv;

3. Jissottolinja r-rwol fundamentali tas-settur tal-avjazzjoni għall-ekonomija tal-Unjoni, partikolarment f'termini ta' tkabbir u ta' impjiegi, billi tali settur isostni 'l fuq minn 5 miljun ħaddiem fl-Ewropa u jirrappreżenta 2,4 % tal-PDG tal-Unjoni, b'hekk jikkontribwixxi wkoll għall-konnettività tal-Unjoni mal-bqija tad-dinja; jisħaq fuq il-bżonn li jinżamm settur tal-avjazzjoni tal-Unjoni li jkun kompetittiv u b'saħħtu;

4. Iqis li kien hemm progress importanti fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi u sistemi tal-Unjoni bħalma huma l-Ajru Uniku Ewropew (SES), ir-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), l-inizjattiva Clean Sky, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u s-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) għat-titjib tas-sigurtà u għas-sodisfaċiment tar-rekwiżiti tal-passiġġieri; iqis li aktar progress irid isir f'dawn l-oqsma;

5. Hu mħasseb, b'danakollu, dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' SES u SESAR, meta jitqiesu l-kostijiet mhux neċessarji li dan id-dewmien jimponi fuq il-linji tal-ajru u fuq il-klijenti tagħhom; isostni lill-Kummissjoni talli ħadet azzjoni punittiva kontra dawk l-Istati Membri li ma rrispettawx l-iskadenza ta' Diċembru 2012 u li naqsu milli jagħmlu progress fir-rigward tal-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-implimentazzjoni ta' SES u ta' SESAR; josserva li l-iżvilupp ta' SES, ladarba implimentat totalment, se joħloq opportunitajiet sinifikanti ta' impjieg, direttament u indirettament;

7. Jisħaq fuq il-fatt li dawn il-programmi tal-Unjoni huma importanti mhux biss għas-suq intern imma wkoll għall-politika esterna; iqis li t-tkomplija u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti jgħinu l-konsolidament tal-pożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni fis-suq globali kompetittiv;

8. Jenfasizza l-importanza tar-reviżjoni attwali tar-Regolament dwar tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u jappoġġa leġiżlazzjoni Ewropea soda u favorevoli ħafna għall-konsumaturi;

9. Huwa konxju li l-impatt tal-kriżi finanzjarja jvarja bejn ir-reġjuni tad-dinja; iqis li dawn wassal biex il-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni qed iħabbtu wiċċhom mal-isfidi kompetittivi u li l-ftehimiet bilaterali tas-servizzi tal-ajru mhux dejjem l-aktar soluzzjoni xierqa fit-taqbida kontra r-restrizzjonijiet tas-suq jew is-sussidji inġusti;

10. Iqis li, minħabba l-impossibilità li titfassal politika esterna dwar l-avjazzjoni komprensiva minkejja l-isforzi matul dawn l-aħħar seba' snin, jeħtieġ li jiġi adottat, mill-aktar fis possibbli, approċċ tal-Unjoni aktar koordinat, b'objettivi aktar ambizzjużi, biex jinħolqu l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta u miftuħa;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

11. Hu tal-fehma li l-konverġenza regolatorja Ewropea hi element ewlieni għal pożizzjoni Ewropea soda fis-suq dinji u għal interazzjonijiet mal-pajjiżi terzi;

***Komunikazzjoni tal-2005 u riżoluzzjoni tal-Parlament***

12. Jilqa' favorevolment il-progress li sar fir-rigward tat-tliet pilastri tal-politika tal-2005; il-prinċipju tad-deżinjazzjoni tal-Unjoni llum huwa rikonoxxut f'aktar minn 100 pajjiż terz; kważi 1 000 ftehim tas-servizzi tal-ajru ġew ikkonformati mad-dritt tal-Unjoni, b'hekk ġiet żgurata ċ-ċertezza tad-dritt; jiddispjaċih li s-sħab importanti, bħaċ-Ċina, l-Indja, l-Afrika t'Isfel, għadhom ma aċċettawx dawn il-prinċipji;

13. Jindika li l-implimentazzjoni tal-politika esterna tal-Unjoni dwar l-avjazzjoni għenet biex jiġi massimizzat il-potenzjal tas-suq uniku, billi aġevolat il-konsolidament tal-industrija tal-avjazzjoni tal-Unjoni f'mument li fih il-globalizzazzjoni tirrikjedi l-preżenza ta' atturi ekonomikament b'saħħithom biex jirreżistu għall-kompetizzjoni barranija;

14. Jenfasizza li ġie żviluppat Spazju Komuni tal-Avjazzjoni mal-pajjiżi ġirien; iqis li dawn il-ftehimiet ħolqu benefiċċji ekonomiċi importanti; jilqa' favorevolment l-isforzi notevoli li saru biex jiġu allinjati d-diversi oqfsa regolatorji mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'oqsma bħas-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, l-ambjent, id-drittijiet tal-passiġġieri, ir-regolamentazzjoni ekonomika u l-aspetti soċjali;

15. Jilqa' favorevolment il-ftehim komprensiv fil-qasam tal-avjazzjoni konkluż bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-effetti pożittivi tiegħu fuq iż-żewġ ekonomiji, kif ukoll il-kważi 80 000 impjieg ġdid maħluqa fl-ewwel 5 snin;

16. Iqis li Politica Esterna tal-Unjoni b'saħħitha fil-qasam tal-avjazzjoni, fokalizzata fuq is-swieq emerġenti l-aktar importanti għar-rotot fuq distanza twil, partikolarment fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku, taf toffri opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni;

17. Jenfasizza li n-negozjati ma' xi sħab ewlenin, fosthom il-Brażil, għadhom għaddejjin u li l-ftehimiet tas-servizz tal-ajru fuq portata wiesgħa ma' tali pajjiżi jistgħu jipproduċu benefiċċji ekonomiċi notevoli;

18. Ifakkar li wħud mir-rikjesti ppreżentati fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-2006 għadhom iridu jiġu sodisfatti; jenfasizza, partikolarment, il-bżonn ta' promozzjoni ta' standards adegwati ta' sikurezza u sigurtà f'livell internazzjonali, biex jiġi assigurat trattament indaqs bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi u jitrażżnu l-effetti fuq l-ambjent;

19. Jenfasizza l-importanza ta' strumenti bħall-Kumitat Konġunt intiż li jadotta approċċ komuni għall-problemi speċifiċi dwar is-settur tal-avjazzjoni;

20. Jilqa' pożittivament il-ksib tal-punti l-oħrajn imqajma fir-riżoluzzjoni tal-2006, bħall-estensjoni tar-responsabilitajiet tal-EASA;

***Suq***

21. Jikkonstata żieda notevoli tat-traffiku lejn, minn u fi ħdan ir-reġjun Asja-Paċifiku, li jirrifletti t-tendenza ta' tkabbir ekonomiku tar-reġjun; jinsab inkwetat dwar il-possibilità li, jekk l-ebda miżura ma tittieħed, il-kumpaniji tal-ajru u l-impriżi tal-Unjoni jistgħu jitilfu kemm opportunitajiet kbar minn din in-naħa tad-dinja kif ukoll il-kapaċità li jiġġeneraw profitti;

22. Josserva wkoll li l-pożizzjoni globali tat-trasportaturi tal-ajru mhux tal-Unjoni ssaħħet permezz ta' sussidji u permezz ta' investimenti pubbliċi importanti fis-settur tal-inġenji tal-ajru u tal-infrastrutturi li saru f'varji partijiet tal-Lvant Nofsani, tal-Lvant Imbiegħed u tal-Amerika t'Isfel;

23. Jisħaq fuq il-bidliet sinifikanti li saru fis-suq intern tal-Unjoni bis-saħħa taż-żieda tat-trasportaturi tal-ajru low-cost; iqis li, minkejja l-kompetizzjoni, iż-żewġ mudelli kummerċjali jistgħu jsibu l-mod kif jintegraw lil xulxin biex jegħlbu l-isfidi tas-suq estern;

24. Josserva li l-prezzijiet tal-biljetti tal-ajru estremament baxxi li joffru xi kumpaniji tal-ajru low-cost Ewropej jiġu kkumpensati bi prattiki inġusti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħal pereżempju standards baxxi soċjali u tad-dritt tax-xogħol għall-persunal; josserva wkoll li l-investimenti minimi fl-istandards tas-sikurezza u s-sussidji reġjonali mhux ġustifikati donnu li għandhom rwol f'dan l-iffissar tal-prezzijiet tal-biljetti;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

25. Jindika li fost il-kumpaniji tal-ajru teżist kompetizzjoni qawwija min-naħa tat-trasportaturi low-cost, segment li jirrappreżenta 40 % tas-suq tal-avjazzjoni fl-Unjoni; jenfasizza li jekk Stat Membru rratifika l-Konvenzjonijiet 87 u 98 tal-ILO l-kumpaniji tal-ajru jridu josservaw id-drittijiet fundamentali tal-konvenzjonijiet għal dak li jikkonċerna l-libertà ta' għaqda u r-rikonoxximent tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-ftehimiet dwar il-pagi, u li f'dan ir-rigward jeħtieġ li jiġi verifikat ir-rispett u jiġi sanzjonat il-ksur;

26. Jenfasizza l-importanza ta' hubs ajruportwali, inkluż l-iżvilupp ta' hubs sekondarji, hubs speċjalizzati u multi-hubbing, kif ukoll il-bżonn urġenti ta' investimenti fit-tul kemm mis-settur pubbliku kif anki minn dak privat fl-infrastrutturi ajruportwali bil-għan li tiżdied il-kapaċità, pereżempju permezz tal-bini ta' *runways* ġodda, u għal aktar użu effiċjenti tal-infrastruttura eżistenti, inklużi l-ajruporti reġjonali, pereżempju fil-Mediterran u mal-fruntieri orjentali tal-Unjoni, bis-saħħa ta' allokazzjoni aħjar tal-i*slots* ajruportwali;

27. Jinsisti fuq il-fatt li l-kompetittività tat-trasportaturi tal-Unjoni hija limitata fil-livell globali minn fatturi bħan-nuqqas ta' kundizzjonijiet ta' parità kkawżati minn, pereżempju, taxxi nazzjonali differenti, il-konġestjoni tal-ajruporti, il-livell għolji ta' kostijiet ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tat-tariffi ajruportwali, l-għajnuniet mill-Istat li jirċievu l-kompetituri, il-kost tal-emissjonijiet tal-karbonju, l-applikazzjoni ta' standards soċjali inqas stretti u regoli differenti fil-qasam tal-għajnuniet mill-Istato barra mill-Unjoni;

28. Iqis li dawn il-fatturi jirrappreżentaw ostakli potenzjali għat-tkabbir u għall-impjiegi.

29. Jistieden lill-Kummissjoni tmexxi studju dwar id-disparitajiet fl-applikazzjoni ta' drittijiet, dazji, imposti u taxxi bejn l-Istati Membri u l-impatt tagħhom fuq il-prezz tal-biljetti u fuq il-profitti tal-kumpaniji tal-ajru, kif ukoll twettaq studju dwar għajnuna mill-Istat potenzjalment mogħtija mill-kompetituri fil-livell dinji u l-impatt tagħha fuq il-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni;

30. Jilqa' pożittivament ir-regoli Ewropej il-ġodda dwar is-sigurtà soċjali għall-ħaddiema mobbli;

***Azzjonijiet futuri***

31. Huwa tal-fehma li l-politika esterna dwar l-avjazzjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tar-reċiproċità, inklużi tal-aċċess għas-swieq, tal-ftuħ u tal-kompetizzjoni ġusta, b'kundizzjonijiet ekwi, u għandha jkollha żewġ objettivi ewlenin: toħloq benefiċċji għall-konsumaturi u l-impriżi u ssostni l-kumpaniji tal-ajru u l-ajruporti tal-Unjoni fl-isforz tagħhom li jissalvagwardaw il-pożizzjoni ta' tmexxija tagħhom fuq skala dinjija;

32. Jenfasizza, għaldaqstant, li l-ftehimiet fil-qasam tat-trasport bl-ajru mal-pajjiżi ġirien u mas-sħab li jaqsmu l-istess viżjoni jrid ikun fihom qafas ta' regolamentazzjoni għal kompetizzjoni ġusta;

33. Jappella għall-użu kontinwu ta' proċeduri għan-negozjar ta' ftehimiet komprensivi fis-settur tal-avjazzjoni f'livell tal-Unjoni, ibbażati fuq l-għaqda Ewropea u awtorizzati mill-Kunsill;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tiddefendi l-interessi tal-Unjoni fil-qafas tal-ftehimiet u tipproponi u tikkondividi l-istandards, il-valuri u l-aħjar prattiki tal-Unjoni;

35. Jappella għal aktar kooperazzjoni u koordinament bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fin-negozjar ta' ftehimiet ta' servizzi tal-ajru mas-sħab ewlenin, bil-ħsieb li tiżdied l-influwenza tal-Unjoni u l-possibilitajiet tagħha li tikseb aċċess għal swieq ġodda;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-kundizzjonijiet regolatorji għas-sikurezza, għas-sigurtà, għad-drittijiet tal-passiġġieri, għat-taħriġ u għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal fil-ftehimiet komprensivi;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi n-negozjati mal-pajjiżi ġirien bħall-Ukraina, il-Libanu, it-Tuneżija, l-Ażerbajġan u l-Alġerija; jindika li l-prossimità ta' dawn il-pajjiżi u s-swieq tagħhom u t-tkabbir ekonomiku li seħħ fi whud minnhom fi żminijiet reċenti jista' jitqies bħala opportunità ta' tkabbir għall-ajruporti reġjonali u sekondarji fl-Unjoni; hu tal-fehma li, minħabba l-ammont kbir ta' kapaċità fl-ajruporti reġjonali, tali ajruporti jistgħu jiżvolġu rwol fit-tnaqqis tal-konġestjoni fil-hubs ewlenin tal-Ewropa, u b'hekk jagħmluhom aktar kompetittivi fil-livell dinji;

38. Jistieden lill-Kunsill jagħti lill-Kummissjoni, abbażi ta' każ b'każ, mandati għan-negozjar ma' pajjiżi oħra tal-viċinat bħat-Turkija, l-Armenja u l-Libja;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

39. Iqis li l-Unjoni għandha tadotta approċċ każ b'każ għar-relazzjonijiet tagħha mas-sħab ewlenin u jistieden lill-Kummissjoni tlesti, mill-aktar fis possibbli, n-negozjati għal ftehimiet tal-ajru komprensivi, inkluż mal-Awstralja u mal-Brażil, u lill-Kunsill jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja tali ftehimiet mal-ekonomiji li qegħdin jikbru malajr, bħaċ-Ċina, l-Indja u l-ASEAN u l-pajjiżi tal-Golf;

40. Hu tal-fehma li ftehim ġejjieni possibli fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti jolqot ukoll lis-settur tal-avjazzjoni; jikkunsidra, għaldaqstant, li l-Kummissjoni għandha tforni biżżejjed tagħrif biex in-negozjati li se jsiru dalwaqt jiġu monitorjati mill-qrib mill-Parlament;

41. Jissottolinja li jeħtieġ li jintlaħqu totalment l-objettivi definiti fil-ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru mas-sħab ewlenin, partikolarment l-Istati Uniti u l-Kanada, inkluża t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-proprjetà min-naħa ta' barranin u fuq il-kontroll tal-kumpaniji tal-ajru; jappella li jiġu adottati miżuri biex jingħeleb l-iżbilanċ attwali bejn il-kapaċità tal-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni li jagħmlu kabotaġġ fis-suq tal-Istati Uniti u l-kapaċità tal-kumpaniji tal-Istati Uniti li jagħmlu l-istess fl-Ewropa; jindika li l-investimenti internazzjonali inkroċjati jikkontribwixxu biex jagħtu spinta lid-dinamiżmu ekonomiku tas-settur tal-avjazzjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni trawwem qafas ġuridiku internazzjonali favorevoli għall-estensjoni u għas-sostenn ta' tali investimenti, kif ukoll li jservi biex jippromwovi politika attiva mmirata lejn id-definizzjoni ta' standards u prattiki tajba għall-investimenti internazzjonali;

42. Huwa tal-fehma li l-ftehimiet bilaterali jistgħu joffru kontribut importanti għall-iżvilupp ta' politika esterna dwar l-avjazzjoni, iżda jenfasizza, fl-istess waqt, l-importanza ta' approċċ tal-Unjoni komuni;

43. Jenfasizza l-importanza ta' kompetizzjoni ġusta u miftuħa fl-attivitajiet kollha konnessi mas-servizzi tal-ajru; jitlob l-inklużjoni ta' klawsoli ta' "kompetizzjoni ġusta" standard fil-ftehimiet bilaterali tas-servizzi tal-ajru;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi, u lill-Istati Membri japplikaw, ġabra minima ta' rekwiżiti ġuridiċi standard tal-Unjoni, b'mod partikolari rigward il-kooperazzjoni regolatorja, l-istandards tax-xogħol u ambjentali u d-drittijiet tal-passiġġieri, biex ikunu inklużi fil-ftehimiet bilaterali, b'għan ċar ta' ħolqien tal-opportunitajiet u ta' tneħħija tal-ostakoli għall-kumpaniji tal-ajru tal-UE;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni urġenti jew is-sostituzzjoni tar-Regolament (KE) Nru 868/2004 li jikkonċerna l-protezzjoni kontra l-issussidjar u l-atti mhux ġusti tal-prezzijiet li jikkawżaw preġudizzju lit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità ([1]);

46. Jappoġġa l-proposti tal-Kummissjoni intiżi li jissalvagwardaw il-kompetizzjoni ħielsa u ġusta fir-relazzjonijiet u fil-ftehimiet mal-pajjiżi terzi u jiżviluppaw strumenti ġodda ta' difiża kummerċjali aktar idonei u effikaċi biex jindirizzaw il-prattiki inġusti bħad-diskriminazzjoni, l-applikazzjoni inkonsistenti tal-qafas regolatorju u n-nuqqas ta' trasparenza fir-rappurtar finanzjarju min-naħa ta' kumpaniji, li jista' jwassal għal tgħawwiġ fis-suq;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tipparteċipa fi djalogu mal-pajjiżi tal-Golf bl-għan li ttejjeb it-trasparenza u tissalvagwarda l-kompetizzjoni ġusta;

48. Josserva li l-Federazzjoni Russa tirrifjuta li tirrispetta l-ftehim dwar it-tneħħija gradwali tal-imposti fuq it-titjir fuq is-Siberja, ftehim milħuq fil-qafas tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mad-WTO fl-2011; iqis li, billi t-trasportaturi tal-Unjoni jinsabu f'kundizzjonijiet diskriminatorji fit-tul minħabba dawn l-imposti illegali ta' transitu, l-Unjoni jmissha tkun kapaċi tieħu miżuri reċiproċi, billi tiċħad jew tillimita t-transitu fuq it-territorju tagħha jew, fuq livell aktar ġenerali, billi tieħu kull miżura marbuta mal-użu tal-ispazju tal-ajru tal-Unjoni għat-trasportaturi tal-ajru tal-Federazzjoni Russa, bil-għan li tinċentiva lill-Federazzjoni Russa tneħħi l-imposti msemmija hawn fuq, li huma illegali billi jiksru l-ftehimiet internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Chicago); jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jeżaminaw miżuri possibbli biex jiżguraw reċiproċità fir-rigward tal-użu tal-ispazju tal-ajru bejn il-Federazzjoni Russa u l-Unjoni;

49. Jenfasizza li politika ambizzjuża dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru tal-Unjoni tista' tagħti lill-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni vantaġġ ta' kwalità fuq il-kompetizzjoni globali; jistieden lill-Kummissjoni tieħu aktar azzjoni intiża li tippromwovi l-istandards għolja tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u timmonitorja t-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tagħhom;

---

([1]) ĠU L 162, 30.4.2004, p. 1-7

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

50. Jistieden lill-Kummissjoni telabora, mill-aktar fis possibbli, qafas regolatorju ġdid għall-implimentazzjoni ta' SES, fuq il-bażi ta' approċċ minn fuq għal isfel, inkluż mekkaniżmu ta' kooperazzjoni aqwa bejn il-fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru Ewropej, u toħloq il-kundizzjonijiet neċessarji biex tibda l-użu ta' SESAR;

51. Jistieden lill-Kunsill jadotta finalment pożizzjoni dwar il-pożizzjoni tal-Parlament tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni ([1]), li minkejja l-Parlament adottaha b'maġġoranza enormi ta' 96 %, għadha mblokkata mill-Kunsill;

52. Iqis li l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) tiżvolġi rwol importanti fl-iżvilupp ta' oqfsa regolatorji għas-settur tal-avjazzjoni globali, pereżempju fil-liberalizzazzjoni tal-proprjetà u tal-kontroll tal-kumpaniji tal-ajru u fil-garanzija tal-interoperabilità fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru; jinkoraġġixxi lill-ICAO tkompli tiżviluppa miżuri globali, orjentati lejn is-suq biex tnaqqas it-tniġġis akustiku mill-ajruporti u tillimita l-emissjonijiet ta' gass serra kollha rilevanti; iqis li huwa essenzjali li jintlaħaq mill-iktar fis possibbli qbil fi ħdan l-ICAO dwar approċċ globali;

53. Jappella li l-Kummissjoni tiġi fdata b'mandati ta' negozjar bil-għan li tiċċara u ssaħħaħ r-rappreżentanza tal-Unjoni fi ħdan l-ICAO;

o

o o

54. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0291

## L-Aġenziji ta' Kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-ewwel rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri (2012/2320 (INI))**

(2016/C 075/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati (C(2013)1378),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament tal-kummerċ u tal-investimenti tal-SMEs tal-UE: aċċess iffaċilitat għall-kreditu b'appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar Politika Kummerċjali Ġdida għall-Ewropa fl-ambitu tal-Istrateġija EWROPA 2020 ([3]),

---

([1]) ĠU C 81 E, 15.03.2011, p. 164.
([1]) ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0469.
([3]) ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 87.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-politika Ewropea futura ta' investiment internazzjonali ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-politika dwar il-kummerċ internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([4]),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (2010/C 83/02),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea u mir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà tat-12 ta' Diċembru 2011 (COM(2011)0886),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2010 intitolata 'Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta' (COM(2010)0573),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Ġunju 2012 intitolata 'Qafas Strateġiku u Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija' (11855/2012),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' tgħarrif tad-Dipartiment Tematiku tiegħu dwar il-parametri ta' riferiment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem għall-politika esterna tal-UE (EXPO/B/DROI/2011/15),

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU fir-rigward tal-Intrapriżi u d-Drittijiet tal-Bniedem tas-16 ta' Ġunju 2011 (HR/PUB/11/04, Nazzjonijiet Uniti 2011),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2013 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċertu kumpaniji u gruppi kbar (COM(2013)0207),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0193/2013),

A. billi l-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri jikkostitwixxu strument importanti għat-tisħiħ tal-opportunitajiet kummerċjali u ta' negozju għall-kumpaniji Ewropej;

B. billi r-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar 'L-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati' jispeċifika r-rekwiżiti għar-rapportar annwali għall-Istati Membri fil-konfront tal-Kummissjoni u, fl-istess ħin, jipprevedi setgħat ta' delega għall-Kummissjoni, biex b'hekk tinkiseb l-iktar traspożizzjoni rapida possibbli tat-tibdiliet fl-Arranġamenti rispettivi tal-OECD fid-dritt tal-UE;

C. billi, skont l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), "il-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni";

D. billi l-prinċipji li jiggwidaw kif l-Unjoni għandha torganizza r-relazzjonijiet tagħha mal-kumplament tad-dinja, u l-prinċipji gwida tal-azzjoni tal-Unjoni fuq ix-xena internazzjonali jinsabu fl-Artikoli 3 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li huwa ftehim vinkolanti bejn l-Istati Membri;

E. billi l-Komunikazzjoni ta' Diċembru 2011 mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà tiddikjara li "l-intrapriżi Ewropej għandhom ikunu inkoraġġati sabiex jieħdu taħt idejhom id-diliġenza dovuta suffiċjenti biex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet tagħhom jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, kull fejn jiġu mwettqa";

([1]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 34.
([2]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 94.
([3]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.
([4]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

F. billi l-'Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija' tal-Kunsill Ewropew jiddikjara li "l-UE ser tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tagħha mingħajr eċċezzjoni";

G. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hi ġuridikament vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE għajr dawk l-Istati Membri li għandhom il-possibilità ta' esklużjoni fakultattiva meta jimplimentaw id-dritt tal-UE, u billi l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni effikaċi tal-Karta tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-fatt li l-Karta tapplika għall-azzjoni esterna tal-UE;

H. billi l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha laqgħu pożittivament il-Prinċipji Gwida tan-NU fir-rigward tal-Intrapriżi u d-Drittijiet tal-Bniedem, li l-Prinċipju 4 tagħhom, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-istat u l-intrapriżi, jirreferi b'mod espliċitu għall-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni;

I. billi l-appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni ħafna drabi jingħata għal proġetti kbar li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet ta' aċċess għall-kreditu kummerċjali b'riżultat ta' riskji kummerċjali, politiċi, ekonomiċi jew ambjentali kbar, li l-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni jkunu konsegwentement jeħtieġu jivvalutaw u jipprezzaw;

J. billi nhar l-14 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni pproponiet Regolament ta' Delega li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011;

1. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi qafas għar-rapportar annwali mill-Istati Membri dwar l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni tagħhom bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, bil-għan li tissaħħaħ it-trasparenza fil-livell tal-UE; jisħaq fuq il-fatt li l-objettiv fundamentali ta' dan ir-rapportar hu l-monitoraġġ tal-konformità tal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri mar-regoli internazzjonali applikabbli għall-kreditu għall-esportazzjoni u mal-obbligi taħt it-Trattati tal-UE;

2. Jirrikonoxxi li, fl-14 ta' Diċembru 2012, irċieva informalment l-ewwel rapport annwali mill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri, li jivvaluta t-tweġibiet ta' 20 mis-27 Stat Membru li għandhom programmi attivi ta' kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll li rċieva ir-rapporti ta' dawn l-Istati Membri fil-forma ta' annessi; minn dakinhar il-Kummissjoni approvat ir-rilaxx ta' dawn id-dokumenti għall-pubbliku b'mod li l-għan tar-Regolament bażiku għaż-żieda fit-trasparenza jiġi sodisfatt;

3. Ifaħħar il-fatt li r-rapport tal-Kummissjoni jindika b'mod ċar l-iskala u l-importanza tal-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri matul l-2011, li jammontaw għal skopertura totali ta' aktar minn EUR 250 biljun – inklużi 260 tranżazzjoni fejn ġew rapportati implikazzjonijiet ambjentali importanti – u li jfissru opportunitajiet kummerċjali u ta' negozju sinifikanti għall-kumpaniji Ewropej;

4. Jirrikonoxxi l-fatt li, fir-Rapporti Annwali ta' Attività tagħhom, l-Istati Membri għamlu disponibbli għall-Kummissjoni l-informazzjoni finanzjarja u operattiva rigward il-kreditu għall-esportazzjoni mitluba fl-ewwel paragrafu tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011;

5. Jissottolinja, fil-kuntest tal-iskala tal-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri, l-importanza tal-Premessa 4 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, li tirrikjedi konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Unjoni rigward l-azzjoni esterna, bħall-konsolidament tad-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; ifakkar, f'dan ir-rigward, l-importanza tar-rekwiżiti ta' rapportar speċifiċi fformulati fl-Anness I tar-Regolament biex ikun żgurat li l-Kummissjoni u l-Parlament ikunu jistgħu jwettqu valutazzjoni ta' din il-konformità;

6. Jenfasizza li r-rapporti annwali tal-Istati Membri, u l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ta' dawn ir-rapporti, s'issa ma jissodisfawx l-intenzjoni tal-Parlament li jkun kapaċi jagħmel valutazzjoni dwar jekk l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri humiex konformi mal-għanijiet tal-politika barranija tal-Unjoni, kif huma stabbiliti fl-Artikoli 3 u 21 TUE, u t-trattament tar-riskji ambjentali fil-kalkolu tal-primjums tal-ECAs;

7. Jilqa' l-fatt li ġeneralment hu ċar li l-Istati Membri huma lesti – kif stqarret il-Kummissjoni fir-rapport annwali attwali – japplikaw politiki għall-programmi tagħhom rigward il-kreditu għall-esportazzjoni li l-objettivi tagħhom ikunu konformi mat-tifsira ġenerali tal-Artikoli 3 u 21; ifaħħar l-isforzi ta' xi Stati Membri, inklużi l-Ġermanja, l-Italja, il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi, biex jipprovdu rapportar aktar sinifikanti rigward il-konformità ma' wħud mill-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni;

8. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Kummissjoni għandha bżonn tkun tista' tivvaluta jekk l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri humiex konformi mal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u jirrakkomanda, għaldaqstant, li l-kontroll ta' konformità għandu jirrigwarda jekk l-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni uffiċjalment appoġġati implimentawx politiki li huma effikaċi biex jiżguraw li l-attivitajiet tagħhom ikunu konformi mal-objettivi tal-politika barranija tal-Unjoni;

**It-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013**

***L-istabbiliment ta’ parametri ta’ riferiment għall-konformità tal-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni mal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni***

9. Jikkondividi l-osservazzjoni tal-Kummissjoni fir-rapport annwali li huwa diffiċli li jiġi definit parametru ta’ riferiment preċiż biex titkejjel il-konformità fid-dritt tal-UE; itenni li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 jibqgħu l-parametru ta’ riferiment fundamentali li fil-konfront tiegħu għandhom jiġu evalwati l-politiki applikati għat-tranżazzjonijiet fil-qasam tal-kreditu għall-esportazzjoni;

10. Jisħaq fuq il-fatt li l-Unjoni se tkun biss attur globali affidabbli u b’saħħtu jekk l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej isegwu politika esterna konsistenti;

11. Jirrakkomanda li l-Grupp ta’ Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni u l-Kummissjoni jikkonsultaw mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) rigward l-iżvilupp ta’ metodoloġija għal rapportar sinifikanti dwar il-konformità mal-Artikolu 21, u rigward l-applikazzjoni fl-UE ta’ ċerti linji gwida tal-OECD fil-qasam tal-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġat qabel ma jkun imissu jiġi ppreżentat ir-rapport annwali li jmiss; jinsisti biex il-konsultazzjoni pubblika tkun parti minn dan il-proċess;

12. Jikkunsidra li hu ta’ importanza primarja li l-Istati Membri jiġu mistiedna jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar l-eżistenza, l-eżitu u l-effikaċja tal-proċeduri ta’ diliġenza dovuta fl-iskrinjar tal-proġetti bl-appoġġ uffiċjali ta’ kreditu għall-esportazzjoni fir-rigward tal-impatt potenzjali tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem;

13. Huwa konxju tal-fatt li l-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni jiddependu fuq l-informazzjoni pprovduta mis-sħab tal-proġetti tagħhom; huwa konvint li kieku kellu jkun rikjest approċċ strutturat għall-proċeduri ta’ diliġenza dovuta mill-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni biex ikunu eliġibbli biex jirċievu finanzjament għall-proġett, is-sħab tal-proġett ikunu lesti li jwettquhom huma stess, biex b’hekk jittaffew l-ispejjeż amministrattivi addizzjonali għall-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni;

14. Jikkunsidra l-progress fir-rapportar dwar il-konformità fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem mill-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni bħala prekursur għal rapportar aħjar dwar l-għanijiet l-oħra tal-azzjoni esterna Ewropea miġburin fl-Artikolu 21, bħall-qerda tal-faqar, u dwar it-trattament tar-riskji ambjentali;

***Rapportar dwar it-trattament tar-riskji ambjentali fil-kalkolu tal-primjums tal-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni***

15. Jissuġġerixxi lill-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri jkomplu jirrapportaw rigward l-evalwazzjoni tagħhom tar-riskji ambjentali, u jikkunsidra li r-rappurtar ta’ dan it-tip mill-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni kollha, dawk li huma membri tal-OECD u dawk li mhumiex, hu essenzjali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti;

***Rapportar dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti***

16. Jinnota li l-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri attwalment jirrapportaw dwar l-iskopertura għal obbligazzjonijiet kontinġenti b’modi differenti; jitlob lill-Kummissjoni tipprevedi definizzjoni komuni li tirrifletti x-xewqa tal-Parlament li jiġi infurmat dwar skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ;

***Gwida u evalwazzjoni mill-Kummissjoni***

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri għall-perjodu ta’ rapportar li jmiss, fost affarijiet oħra dwar kif għandhom jirrapportaw dwar l-eżistenza u l-effikaċja tal-proċeduri ta’ diliġenza dovuta fir-rigward tal-politiki tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u dwar kif għandhom jirapportaw dwar it-trattament tar-riskji ambjentali;

18. Jistenna li r-Rapport Annwali li jmiss tal-Kummissjoni jkun jinkludi dikjarazzjoni dwar jekk setgħatx tevalwa l-konformità tal-Istati Membri mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni u, jekk it-tweġiba tkun negattiva, ir-rakkomandazzjonijiet dwar kif jista’ jittejjeb ir-rapportar għal dan il-fini;

***Rapport tal-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni mal-pajjiżi li mhumiex membri tal-OECD***

19. Ifaħħar l-isforzi li għamlet, fl-2012, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Uniti tal-Amerika, biex tinvolvi liċ-Ċina, il-Brażil, ir-Russja u l-ekonomiji emerġenti l-kbar l-oħrajn fit-twaqqif tal-Grupp ta’ Ħidma Internazzjonali tal-Fornituri Ewlenin tal-Finanzjament għall-Esportazzjoni;

20. Jissuġġerixxi li tiġi esplorata r-rilevanza ta’ approċċ settorjali fl-iżvilupp tal-Grupp ta’ Ħidma Internazzjonali b’mod li tinbena l-bażi għal dispożizzjonijiet orizzontali f’fażi ulterjuri li tkun tiżgura l-adozzjoni komuni ta’ standards effikaċi u stretti, u ta’ regoli internazzjonali ġodda dwar l-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni, mill-pajjiżi kollha li huma membri tal-OECD u li mhumiex, bil-ħsieb li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta’ kompetizzjoni;

o

o o

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lis-Segretarjat tal-OECD.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

P7_TA(2013)0293

## L-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea (FE) (COM(2012)0035 – 2012/0022(APP))**

(2016/C 075/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2012)0035),

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea li takkumpanja l-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea (FE),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-istabbiliment ta' statuti Ewropej għas-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet ([1]),

— wara li kkunsidra l-istudju ta' fattibbiltà mwettaq mill-Istitut Max Planck għad-Dritt Privat Komparat u Internazzjonali u mill-Università ta' Heidelberg dwar l-introduzzjoni ta' Statut għal Fondazzjoni Ewropea (2008),

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-Kawżi C-386/04, *Centro di Musicologia Walter Stauffer vs Finanzamt München für Körperschaften* ([2]), C-318/07, *Hein Persche vs Finanzamt Lüdenscheid* ([3]) u C-25/10, *Missionswerk Werner Heukelbach eV vs l-Istat Belġjan* ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (Ċittadinanza Ewropea) ([5]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tas-18 ta' Settembru 2012 ([6]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-29 ta' Novembru 2012 ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0223/2013),

A. billi fl-Unjoni Ewropea jeżistu madwar 110 000 fondazzjoni ta' benefiċċju pubbliku, li b'kollox għandhom patrimonju stmat ta' madwar EUR 350 biljun f'paragun ma' spejjeż totali li jilħqu madwar EUR 83 biljun, u li jimpjegaw bejn 750 000 u miljun persuna Ewropea;

B. billi, madankollu, proporzjon tal-persunal tal-fondazzjonijiet huma volontiera li ma jitħallsux għal ħinhom,

C. billi l-preżenza u l-attivitajietw fl-Unjoni ta' fondazzjonijiet li jaħdmu għall-ġid pubbliku huma kruċjali partikolarment fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, ir-riċerka, l-għoti ta' servizzi soċjali u tas-saħħa, tal-memorja storika, kif ukoll l-arti u l-kultura, u billi l-impatt ta' bosta mill-proġetti tagħhom imur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali;

D. billi fl-Unjoni jeżistu 'l fuq minn 50 liġi differenti tad-dritt ċivili u tat-taxxa għall-fondazzjonijiet u diversi proċessi amministrattivi kumplessi, li skont l-istimi jiġġeneraw spejjeż annwali ta' konsulenza li jilħqu l-EUR 100 miljun, flus li għalhekk ma jistgħux jintużaw iktar għal finijiet ta' benefiċċju pubbliku;

(1) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 187.
(2) Ġabra 2006, p. I-8203.
(3) Ġabra 2009, p. I-359.
(4) Ġabra 2011, p. I-497.
(5) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.
(6) ĠU C 351, 15.11.2012, p. 57.
(7) ĠU C 17, 19.1.2013, p. 81.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

E. billi ostakli ġuridiċi, tat-taxxa u ammninistrattivi, li jagħtu lok għal proċeduri twal u kkumplikati, kif ukoll in-nuqqas ta' strumenti ġuridiċi adegwati, iwasslu biex il-fondazzjonijiet jirrifjutaw jew isibuha bi tqila li jibdew jew jiżviluppaw attivitajiet fi Stat Membru ieħor;

F. billi, fi żmien ta' baġits nazzjonali ristretti, partikolarment għal attivitajiet kulturali u artistiċi, edukattivi u sportivi, l-impenn finanzjarju u soċjali tal-fondazzjonijiet huwa fundamentali, dment li l-fondazzjonijiet jistgħu biss jappoġġaw l-azzjonijiet statali ta' interess pubbliku u mhux joħdulhom posthom;

G. billi, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tassazzjoni, mhix qed tiġi proposta l-armonizzazzjoni tad-dritt tat-taxxa iżda l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, skont liema l-Fondazzjonijiet Ewropej u d-donaturi tagħhom awtomatikament u bi prinċipju l-huma soġġetti għall-istess dispożizzjonijiet u vantaġġi fiskali applikabbli għal entitajiet nazzjonali ta' benefiċċju pubbliku;

H. billi l-adozzjoni ta' Statut komuni għal Fondazzjoni Ewropea tista' taġevola speċjalment l-allokazzjoni u t-trasferiment tar-riżorsi, l-għarfien u d-donazzjonijiet u tiffavorixxi l-attivitajiet trans-Ewropej;

I. billi l-Parlament Ewropew jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni bħala pass kbir 'il quddiem bl-għan li jkun aktar faċli għall-fondazzjonijiet li jappoġġaw l-iskopijiet ta' benefiċċju pubbliku fl-UE kollha;

J. billi l-istatut propost huwa forma legali Ewropea mhux obbligatorja li se jkun disponibbli għall-fondazzjonijiet u għal dawk li jiffinanzjaw b'attivitajiet f'aktar minn Stat Membru wieħed, iżda mhux se jissostitwixxi u lanqas jarmonizza l-liġijiet eżistenti dwar il-fondazzjonijiet;

K. billi fi żminijiet ta' diffikultà ekonomika huwa dejjem aktar importanti li l-fondazzjonijiet ikollhom l-għodda xierqa li tippermettilhom jilħqu skopijiet ta' benefiċċju pubbliku fil-livell Ewropew u jiġbru flimkien ir-riżorsi, filwaqt li jnaqqsu l-ispejjeż u l-inċertezzi legali;

L. billi huwa importanti ħafna li l-Fondazzjonijiet Ewropej (FEs) joperaw fuq bażi sostenibbli u fit-tul u li jkunu verament attivi tal-anqas f'żewġ Stati Membri, peress li jekk ma jkunx hekk l-istatus speċifiku tagħhom ma jkunx iġġustifikat;

M. billi ċerti termini u definizzjonijiet fil-proposta tal-Kummissjoni jirrikjedu kjarifika;

N. billi xi żidiet u adattamenti għall-proposta tal-Kummissjoni jidhru neċessarji sabiex tissaħħaħ l-affidabbiltà u l-kredibbiltà ta' FE, pereżempju fir-rigward tal-konformità mar-regoli legali u etiċi, l-esklussività tal-iskop ta' benefiċċju pubbliku, il-komponent transfruntier, l-assi minimi u l-bżonn li, fil-prinċipju, dawn jinżammu matul l-eżistenza tal-FE, regola dwar il-pagament f'waqtu, it-terminu minimu, u l-pagament ta' remunerazzjoni lil Membri tal-bord governattiv jew korpi tal-FE;

O. billi l-protezzjoni tal-kredituri u l-protezzjoni tal-impjegati huma kruċjali u hemm bżonn li jinżammu matul l-eżistenza ta' FE;

P. billi, fir-rigward tar-rappreżentanza tal-impjegati, ir-referenza għad-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (Tfassil mill-ġdid) ([1]) għandha tissaħħaħ sabiex ikun iċċarat li r-regoli proċedurali skont id-Direttiva japplikaw, billi, barra minn hekk, għandu jkun hemm sanzjonijiet eħrex għal każijiet ta' ksur, pereżempju billi r-reġistrazzjoni ta' FE tkun soġġetta għat-twettiq tar-rekwiżiti skont id-Direttiva 2009/38/KE, b'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) ([2]); billi, lil hinn minn dan, id-dispożizzjonijiet rigward l-involviment tal-impjegati fil-korpi ta' FE huma neċessarji, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati ([3]), sabiex il-forma ta' FE ma tkunx tista' tintuża ħażin bl-għan li l-impjegati jiġu mċaħħda mid-drittijiet għall-involviment tal-impjegati jew li jinżammu milli jgawdu tali drittijiet;

([1]) ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28.
([2]) ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1.
([3]) ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

Q. billi d-dispożizzjoni rigward ir-rappreżentanza tal-voluntiera fil-FE għandha tiġi milqugħa, peress li 2,5 miljun voluntier huma attivi fis-settur;

R. billi ż-żieda fir-rappreżentanza u l-kontribuzzjoni ta' valur tal-voluntiera fix-xogħol tal-fondazzjonijiet jikkontribwixxu għal objettivi ta' interess ġenerali segwiti minnhom; billi, speċjalment, aktar u aktar żgħażagħ ikollhom jagħmlu volontarjat sabiex jiksbu l-ewwel esperjenzi ta' xogħol, jista' jkun utli għall-fondazzjonijiet li jqisu forom u strumenti li jippermettulhom aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex jaħdmu b'mod aktar effettiv, pereżempju permezz tal-Kunsill tal-Ħaddiema Ewroej;

S. billi hemm bżonn li jkun iċċarat li s-sede reġistrata u l-amministrazzjoni ċentrali ta' FE għandha tkun fl-istess Stat Membru, sabiex tiġi evitata d-dissoċjazzjoni tas-sede reġistrata u l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tal-attivitajiet, u anke sabiex is-superviżjoni tiġi ffaċilitata, peress li l-FE se tiġi sorveljata mill-awtorità superviżorja tal-Istat Membru li fih għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha;

T. billi ma għandux ikun l-iskop tal-FE li tiffinanzja l-partiti politiċi;

U. billi, fir-rigward tat-tassazzjoni, l-applikazzjoni tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni kif ġie żviluppat mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja jeħtieġ li tkun il-punti ta' tluq; billi ġie rikonoxxut mis-settur li l-approċċ propost tal-għoti awtomatiku ta' applikazzjoni tat-trattament fiskali indaqs jagħmel l-istatut tal-FE aktar attraenti billi jnaqqas il-piż fiskali u amministrattiv b'mod konsiderevoli, filwaqt li jagħmlu aktar minn sempliċement strument ta' dritt ċivili; billi, madankollu, l-approċċ jidher li hu kontroversjali ħafna fil-Kunsill, bl-Istati Membri jsibuha bi tqila li jippermettu ndħil fil-liġijiet lokali tagħhom dwar it-taxxa; billi jidher xieraq għaldaqstant li ma jitwarrbux ix-xenarji alternattivi possibbli;

V. billi huwa importanti li n-negozjati dwar din il-leġiżlazzjoni importanti javvanzaw malajr sabiex is-settur tal-fondazzjonijiet jingħata dan l-istrument il-ġdid li huwa tant mistenni b'mod ċar;

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaħtfu l-okkażjoni eżistenti biex jistinkaw għall-introduzzjoni rapida u sħiħa tal-Istatut, bil-garanziji ta' trasparenza kollha, u b'hekk jeliminaw l-ostakli li jimpedixxu l-attività transkonfinali tal-fondazzjonijiet u jkunu jistgħu jinħolqu fondazzjonijiet ġodda biex jaqdu l-ħtiġijiet tan-nies li jgħixu fl-UE jew biex jaħdmu għall-ġid pubbliku jew biex iġibu 'l quddiem l-interessi tas-soċjetà; jenfasizza li l-istabbiliment ta' dan l-Istatut jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' ċittadinanza reali tal-UE u jwitti t-triq għal statut għal organizzazzjoni Ewropea;

2. Jenfasizza l-FE għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kultura u identità tassew Ewropea;

3. Ifakkar li waqt li forma ġuridika tal-FE tkun ġdida, il-proposta hija li din għandha tkun applikata permezz ta' strutturi eżistenti fl-Istati Membri;

4. Jilqa' l-fatt li l-Istatut jistabbilixxi standards minimi f'termini ta' trasparenza, responsabilizzazzjoni, superviżjoni u l-użu tal-fondi, li min-naħa tagħhom jirrappreżentaw garanzija jew marka ta' kwalità għaċ-ċittadini u d-donaturi u b'hekk jiżguraw il-fiduċja fl-FE u jippromwovu l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-UE tagħhom għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha;

5. Jenfasizza l-potenzjal offrut mill-fondazzjonijiet f'dak li jirrigwarda impjiegi għaż-żgħażagħ, li l-qgħad fosthom qed jilħaq livelli allarmanti;

6. Jitlob regolament li jistipula li l-Istat Membru b'awtorita finanzjarja fuq il-fondazzjoni għandu jkun responsabbli li jiżgura li fil-prattika tkun ġestita strettament skont l-istatut tagħha;

7. Jinnota li l-possibbiltà li FE eżistenti jiġu fużjonati għadha ma ġietx stabbilita;

8. Jinnota li sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fil-Fondazzjoni Ewropea, jeħtieġ li kriterji ewlenin ikunu s-sostenibbiltà, is-serjetà u l-vijabbiltà tal-fondazzjonijiet, kif ukoll l-effikaċja tas-superviżjoni tagħhom, u għaldaqstant jitlob lill-Kunsill biex jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet u l-modifiki li ġejjin:

(i) għandu jinżamm il-livell ta' assi minimu ta' EUR 25 000 matul l-eżistenza tal-fondazzjoni;

(ii) l-eżistenza ta' FE fi Stat Membru kwalunkwe għandha tkun miftuħa jew, meta jkun espressament stabbilit fl-istatuti tagħha, stabbilita għal perjodu ta' żmien speċifiku ta' mhux anqas minn erba' snin; it-tqegħid ta' limitu ta' żmien iqsar ta' mhux anqas minn sentejn għandu jkun permess biss meta jkun hemm ġustifikazzjoni biżżejjed biex dan isir, u meta l-għan tal-fondazzjoni jkun salvagwardjat totalment;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

(iii) emendi għall-istatuti tal-fondazzjoni, fejn l-istatuti eżistenti ma jkunux għadhom adegwati għall-funzjonament tal-FE, għandhom ikunu permessi jekk isiru mill-bord ta' tmexxija; meta l-FE jkollha entitajiet oħra f'konformità mal-Artikolu 31, dawn l-entitajiet għandhom ikunu involuti fid-deċiżjoni dwar l-emendi għall-istatuti.

(iv) li jiġu evitati kunflitti ta' interess min-naħa ta' korpi indipendenti mill-fundatur, jiġifieri korpi li m'għandhomx rabtiet familjari jew kummerċjali mal-fundaur, fi ħdan il-fondazzjoni, f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li madankollu jfakkar li t-twaqqif ta' fondazzjoni jista' jsir f'kuntest familjari, u għalhekk ir-relazzjoni ta' fiduċja bejn il-fundatur u l-membri tal-korpi amministrattivi hija prekundizzjoni fundamentali li tiggarantixxi lill-fundatur li l-iskopijiet tal-fondazzjoni se jkunu jistgħu jibqgħu jiġu segwiti anke wara mewtu;

(v) il-livell massimu għal dawk il-fondazzjonijiet li tkun meħtieġa ssir il-verifika tal-kontijiet tagħhom, għandu jinkludi l-assi totali, id-dħul annwali u n-numru ta' impjegati ta' dik il-fondazzjoni; għal fondazzjonijiet taħt dan il-limitu jkun biżżejjed eżami indipendenti tal-kontijiet;

(vi) l-Istatut għandu jipprevedi informazzjoni tal-volontiera; l-Istaut għandu wkoll iħeġġeġ il-volontarjat bħala prinċipju ta' gwida;

(vii) għandha tiġi inkluża dispożizzjoni li skontha kwalunkwe remunerazzjoni mħallsa lill-Membri tal-bord ta' tmexxija jew lil entitajiet oħra tal-FE għandha tkun raġonevoli u proporzjonata; għandhom jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi biex jiddeterminaw ir-raġonevolezza u l-proporzjonalità tar-remunerazzjoni;

(viii) fir-rigward tar-rappreżentanza tal-impjegati, il-proċedura ta' negozjati li, skont l-Artikoli 38 u 39 tal-proposta, tirreferi biss għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fi ħdan l-UE għandha tiġi estiża biex tkopri l-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-korpi tal-FE; b'mod simili għar-referenza li saret attwalment fl-Artikoli 38 u 39 tal-proposta għall-proċeduri għall-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet, għandha ssir referenza, għall-iskop tal-involviment tal-impjegati fil-korpi tal-FE, għall-proċeduri skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE;

(ix) id-dispożizzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-impjegati fl-Artikolu 38 tal-proposta għandha tinżamm; il-kunċett tal-voluntiera u tal-attivitajiet ta' volontarjar għandu jiġi ċċarat aktar;

(x) li s-sede u ċ-ċentru amministrattiv tal-FE jiġu stabbiliti fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita, fl-interess ta' superviżjoni effikaċi;

(xi) il-proposta għandha tkun limitata – kif propost mis-settur – għal strument tal-liġi ċivili, filwaqt li ssaħħaħ – f'konformità mal-proposta tal-Parlament – għadd ta' elementi ewlenin tal-kunċett ta' benefiċċju pubbliku kif jinsab fl-Istati Membri, sabiex ikun iffaċilitat ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza fl-Istati Membri;

(xii) Il-proposta għal regolament tal-Kunsill għandha tiġi modifikata kif ġej:

**Modifika 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | ***(15a) Il-membri tal-bord tat-tmexxija għandhom jiżguraw konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-regolament u fl-istatuti, kif ukoll mar-regoli tal-kondotta legali u etiċi kollha relevanti għall-FE. Għal dak il-għan, għandhom ifasslu strutturi organizzattivi u miżuri interni biex jevitaw u jidentifikaw ksur tar-regoli.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (18) Sabiex il-FE tkun tista' tieħu l-benefiċċji sħaħ tas-suq uniku, għandha titħalla titrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha minn Stat Membru għal ieħor. | *Ma tikkonċernax il-verżjoni Maltija..* |

**Modifika 3**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (1) "assi" tfisser kwalunkwe riżorsa tanġibbli jew intanġibbli li tista' tkun posseduta jew li tista' tiġi kkontrollata sabiex tipproduċi valur; | (1) "assi" tfisser kwalunkwe riżorsa tanġibbli jew intanġibbli li tista' tkun posseduta jew li tista' tiġi kkontrollata sabiex tipproduċi valur ***ekonomiku u/jew soċjali***; |

**Modifika 4**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (2) "attività ekonomika mhux relatata" tfisser attività ekonomika tal-FE, li ma taqax direttament taħt l-iskop ta' benefiċċju pubbliku tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku; | (2) "attività ekonomika mhux relatata" tfisser attività ekonomika, ***ħlief l-amministrazzjoni normali tal-assi bħall-investimenti f'bonds, f'ishma u fi proprjetà immobbli,*** tal-FE, li ma taqax direttament taħt l-iskop ta' benefiċċju pubbliku tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku; |

**Modifika 5**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (5) "entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku" tfisser fondazzjoni bi skop ta' benefiċċju pubbliku u/jew korp ta' korporazzjoni simili bi skop ta' benefiċċju pubbliku mingħajr sħubija ffurmata skont il-liġi ta' wieħed mill-Istati Membri; | (5) "entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku" tfisser fondazzjoni bi skop ta' benefiċċju pubbliku ***esklussiv*** u/jew korp ta' korporazzjoni simili bi skop ta' benefiċċju pubbliku mingħajr sħubija ffurmata skont il-liġi ta' wieħed mill-Istati Membri; |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 6**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | ***(ba) l-ismijiet tad-diretturi maniġerjali maħtura skont l-Artikolu 30;*** |

**Modifika 9**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – test introduttiv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| Tista' tinħoloq għall-iskopijiet li ġejjin biss, li għalihom l-assi tagħha jridu jkunu ddedikati b'mod irrevokabbli: | Tista' tinħoloq ***għal wieħed jew iktar minn wieħed*** mill-iskopijiet li ġejjin biss, li għalihom l-assi tagħha jridu jkunu ddedikati b'mod irrevokabbli: |

**Modifika 7**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt sa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | ***(s a) appoġġ għall-vittmi ta' terrorizmu u vjolenza,*** |

**Modifika 8**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt sb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | ***(s b) Promozzjoni ta' djalogu interreliġjuż*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 10**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | ***2a. Il-FE m'għandha tkun ta' benefiċċju għal ebda persuna permezz ta' kumpens sproporzjonat jew permezz ta' spejjeż li ma jkunux konformi mal-iskop ta' benefiċċju pubbliku. Il-FE ma taqdix l-iskop tagħha ta' benefiċċju pubblika jekk isservi biss il-benefiċċju ta' għadd limitat ta' individwi.*** |

**Modifika 11**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| ***Fi żmien ir-reġistrazzjoni,*** il-FE għandu jkollha attivitajiet jew għan statutorju li twettaq attivitajiet *f'tal-inqas* żewġ Stati Membri. | Il-FE għandu jkollha attivitajiet, jew ***tal-anqas*** għan statutorju li twettaq attivitajiet, *f'tal-anqas* żewġ Stati Membri. ***Jekk, fi żmien ir-reġistrazzjoni, il-FE jkollha biss objettiv statutorju li twettaq attivitajiet f'tal-anqas żewġ Stati Membri, trid turi b'mod konvinċenti f'dak iż-żmien li fi żmien sentejn se twettaq attivitajiet f'tal-anqas żewġ Stati Membri. Dan il-limitu ta' żmien m'għandux japplika meta jidher li jkun ġustifikat u proporzjonat li l-FE, bil-għan li tilħaq l-iskop tagħha, twettaq l-attività tagħha aktar 'il quddiem. Fi kwalunkwe każ, il-FE għandha tibda u tkompli attivitajiet f'tal-anqas żewġ Stati Membri matul l-eżistenza tagħha.*** |

**Modifika 12**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 2. Il-FE għandu jkollha assi ekwivalenti għal *tal-inqas* EUR 25 000. | 2. Il-FE għandu jkollha assi ekwivalenti għal *tal-anqas* EUR 25 000. ***Għandha żżomm dawn l-assi minimi matul l-eżistenza tagħha sakemm ma tkunx ġiet stabbilita għal perjodu ta' żmien speċifikat skont l-Artikolu 12(2).*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 13**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | ***Il-FE għandha tonfoq 70 % tal-introjtu li tirċievi f'sena finanzjarja fl-erba' snin ta' wara, sakemm ma jkunx identifikat fl-istatuti proġett speċifiku li se jitwettaq fis-sitt snin sussegwenti.*** |

**Modifika 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 2. Il-FE għandha tiġi stabbilita għal perjodu ta' żmien indefinit jew, fejn dan ikun speċifikat b'mod espliċitu fl-istatuti tagħha, għal perjodu speċifiku ta' żmien ta' mhux inqas minn ***sentejn***. | 2. Il-FE għandha tiġi stabbilita għal perjodu ta' żmien indefinit jew, fejn dan ikun speċifikat b'mod espliċitu fl-istatuti tagħha, għal perjodu speċifiku ta' żmien ta' mhux inqas minn ***erba' snin. F'każijiet fejn perjodu limitat ikun f'loku biex jintlaħqu l-objettivi tal-FE u dan ikun raġonevolment ġustifikat, il-FE tista' tiġi stabbilita għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn.*** |

**Modifika 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | ***(da) l-informazzjoni dwar il-proċeduri li bihom jiġu determinati arranġamenti għall-involviment tal-impjegati skont id-Direttiva 2009/38/KE.*** |

**Modifika 16**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 3. Kull awtorità kompetenti għandha tittratta t-talba għal fużjoni skont l-istess proċeduri u prinċipji daqslikieku din kienet talba għal fużjoni li tirriżulta f'entità nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku. | 3. Kull awtorità kompetenti għandha tittratta t-talba għal fużjoni skont l-istess proċeduri u prinċipji daqslikieku din kienet talba għal fużjoni li tirriżulta f'entità nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku. ***L-awtorità responsabbli għandha tirrifjuta t-talba għal fużjoni transkonfinali obbligatorjament u esklużivament għar-raġunijiet li d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament jew li d-drittijiet tal-kredituri u tal-impjegati ma jkunux protetti biżżejjed.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 1. Il-FE tista' tiġi ffurmata permezz ta' konverżjoni ta' entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbilita legalment fi Stat Membru, ***jekk dan huwa permess*** taħt l-istatuti ***tal-entità li tkun tiġi kkonvertita***. | 1. Il-FE tista' tiġi ffurmata permezz ta' konverżjoni ta' entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbilita legalment fi Stat Membru, ***dment li dan ma jkunx speċifikament projbit*** taħt l-istatuti ***u ma jikkontradixxix ix-xewqat tal-fundatur***. |

**Modifika 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 3. L-awtorità kompetenti għandha tittratta t-talba għal konverżjoni b'konformità mal-istess proċeduri u prinċipji daqslikieku din kienet talba għal emendar tal-istatuti tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku. | 3. L-awtorità kompetenti għandha tittratta t-talba għal konverżjoni b'konformità mal-istess proċeduri u prinċipji daqslikieku din kienet talba għal emendar tal-istatuti tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku. ***L-awtorità responsabbli għandha tirrifjuta t-talba għal konverżjoni obbligatorjament u esklużivament għar-raġunijiet li d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament jew li d-drittijiet tal-kredituri u tal-impjegati ma jkunux protetti biżżejjed.*** |

**Modifika 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 1. Fejn l-istatuti eżistenti ma jibqgħux adatti għall-funzjonament tal-FE, il-bord ta' tmexxija jista' jiddeċiedi dwar l-emendar tal-istatuti. | 1. Fejn l-istatuti eżistenti ma jibqgħux adatti għall-funzjonament tal-FE, il-bord ta' tmexxija jista' jiddeċiedi dwar l-emendar tal-istatuti. ***Meta l-FE jkollha entitajiet oħra f'konformità mal-Artikolu 31, jeħtieġ li dawn l-entitajiet ikunu involuti fid-deċiżjoni dwar l-emendi għall-istatuti.*** |

**Modifika 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| (g) l-ismijiet, l-iskopijiet u ***l-uffiċċji reġistrati*** tal-organizzazzjonijiet fundaturi fejn dawn huma entitajiet ġuridiċi, jew informazzjoni rilevanti simili fir-rigward ta' korpi pubbliċi; | (g) ***l-ismjijiet u l-indirizzi sħaħ tal-fundaturi meta dawn ikunu persuni fiżiċi;*** l-ismijiet, l-iskopijiet u ***s-sede rreġistrata*** tal-organizzazzjonijiet fundaturi fejn dawn huma entitajiet ġuridiċi, jew informazzjoni rilevanti simili fir-rigward ta' korpi pubbliċi; |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 23a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
| --- | --- |
| | ***2a. FE ma tistax tiġi rreġistrata sakemm ma jkunx intwera li hija konformi mal-obbligi tal-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament dwar l-involviment tal-impjegati fil-FE.*** |

**Modifika 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
| --- | --- |
| 1. Il-fundatur u kwalunkwe membru ieħor tal-bord li jista' jkollhom relazzjoni kummerċjali, familjari jew relazzjoni oħra mal-fundatur jew bejniethom, li tkun tista' toħloq kunflitt ta' interess ***potenzjali jew attwali bħal pereżempju jekk ixekklu l-abbiltà tiegħu/tagħha*** ta' ġudizzju, ma għandhomx jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-bord ta' tmexxija. | 1. Il-fundatur u kwalunkwe membru ieħor tal-bord li jista' jkollhom relazzjoni kummerċjali familjari jew relazzjoni oħra mal-fundatur jew bejniethom li tkun tista' toħloq ***kwalunkwe*** kunflitt ta' interess ***li jkun tali li jxekkel il-kapaċità*** ta' ġudizzju, ma għandhomx jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-bord ta' tmexxija. |

**Modifika 23**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
| --- | --- |
| 3. L-ebda benefiċċju***, dirett jew indirett,*** ma jista' jitqassam lil kwalunkwe fundatur, lil membri tal-bord ta' tmexxija jew superviżorju, lil direttur maniġerjali jew awditur, u lanqas ma jista' jiġi estiż għal xi persuna li jkollha relazzjoni kummerċjali jew familjari *mill-viċin* magħhom, sakemm dan ma jkunx għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fi ħdan il-FE. | 3. L-ebda benefiċċju ma jista' jitqassam lil kwalunkwe fundatur, lil membri tal-bord ta' tmexxija jew superviżorju, lil direttur maniġerjali jew awditur, u lanqas ma jista' jiġi estiż għal xi persuna li jkollha relazzjoni kummerċjali jew familjari *mqarrba* magħhom, sakemm dan ma jkunx għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fi ħdan il-FE. |

**Modifika 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
| --- | --- |
| 2. Il-FE għandha tfassal u tgħaddi l-kontijiet annwali u rapport tal-attività annwali fi żmien sitt xhur minn tmiem is-sena finanzjarja lir-reġistru nazzjonali kompetenti u lill-awtorità superviżorja. | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)* |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 4. Il-kontijiet annwali tal-FE għandhom jiġu awditjati minn persuna waħda jew aktar approvata/i sabiex twettaq/iwettqu awditjar statutorju skont ir-regoli nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. | 4. Il-kontijiet annwali tal-FE għandhom jiġu awditjati minn persuna waħda jew aktar approvata/i sabiex twettaq/iwettqu awditjar statutorju skont ir-regoli nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***jekk il-FE teċċedi wieħed mill-kriterji li ġejjin:*** |
| | ***(a) introjtu annwali ta' EUR 2 miljun; or*** |
| | ***(b) assi ta' EUR 200 000; or*** |
| | ***(c) medja ta' 50 impjegat matul is-sena finanzjarja.*** |
| | ***Għall-FEs li ma jeċċedu ebda wieħed minn dawn il-kriterji, jista' jintuża verifikatur indipendenti minflok awditur.*** |

**Modifika 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 5. Għandhom jiġu divulgati l-kontijiet annwali, approvati mill-bord ta' tmexxija, ***flimkien mal-opinjoni*** sottomessa mill-persuna responsabbli mill-awditjar tal-kontijiet***, u*** r-rapport tal-attività. | 5. Għandhom jiġu divulgati l-kontijiet annwali, approvati mill-bord ta' tmexxija. L-opinjoni sottomessa mill-persuna responsabbli mill-awditjar tal-kontijiet ***għandha tiġi divulgata skont ir-regoli tal-Istat Membru li fih il-FE jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha.*** |

**Modifika 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| ***Il-FE għandu jkollha*** l-uffiċċju reġistrat ***tagħha u l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post ta' attività prinċipali tal-attivitajiet*** fl-Unjoni Ewropea. | L-uffiċċju reġistrat ***ta' FE għandu jkun*** fl-Unjoni Ewropea***, fl-istess Stat Membru li fih tinsab l-amministrazzjoni ċentrali tagħha jew li fih jinsab il-post tal-attivitajiet prinċipali tagħha. Filwaqt li l-FE għandu jkollha attivitajiet f'tal-anqas żewġ Stati Membri, inklużi attivitajiet relevanti fl-Istat Membru li fih jinsabu l-uffiċċju rreġistrat u l-amministrazzjoni ċentrali, il-FE tista' twettaq ukoll attivitajiet barra l-UE.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| | ***(ea) kwalunkwe konsegwenza tat-trasferiment fuq il-parteċipazzjoni tal-impjegati.*** |

**Modifika 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tirrifjuta t-trasferiment fil-każ biss li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu preċedenti ma jkunux issodisfati. | L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tirrifjuta t-trasferiment fil-każ biss li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu preċedenti ma jkunux issodisfati; ***għandha tirrifjuta wkoll it-trasferiment jekk id-drittijiet tal-kredituri u tal-impjegati ma jkunux protetti biżżejjed.*** |

**Modifika 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 38 – paragrafu 2 – subparagrafi 1 u 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| Il-FE ***li timpjega sa 200 ruħ*** għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tax-Xogħol fuq it-talba ta' mill-inqas ***20 ruħ minn fost l-impjegati*** tagħha f'mill-inqas żewġ Stati Membri jew rappreżentatnti ta' dawk l-impjegati. | Il-FE għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tax-Xogħol fuq it-talba ta' mill-inqas ***10 % tal-impjegati*** tagħha f'mill-anqas żewġ Stati Membri jew rappreżentatnti ta' dawk l-impjegati. |
| ***Il-FE li timpjega sa 200 ruħ għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tax-Xogħol fuq it-talba ta' mill-inqas 10 % tal-impjegati tagħha f'mill-anqas żewġ Stati Membri jew ir-rappreżentatnti ta' dawk l-impjegati***. | |

**Modifika 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 38 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| ***Il-miżuri*** nazzjonali dwar ir-rekwiżiti sussidjarji stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-Part 1 tal-Anness I għad-Direttiva 2009/38/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom japplikaw għall-istabbiliment tal-Kunsill Ewropew tax-Xogħol. | L-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 2009/38/KE u ***l-miżuri*** nazzjonali dwar ir-rekwiżiti sussidjarji stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-Part 1 tal-Anness I għad-Direttiva 2009/38/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom japplikaw għall-istabbiliment tal-Kunsill Ewropew tax-Xogħol. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Modifika 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 38 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| ***3. Rappreżentanti tal-voluntiera li jwettqu attivitajiet ta' volontarjat formali fl-FE għal perjodu twil għandhom jingħataw status ta' osservaturi fl-Kunsill Ewropew tax-Xogħol. In-numru ta' dawn ir-rappreżentanti għandu jkun tal-inqas wieħed għal kull Stat Membru li fih ikunu preżenti tal-inqas 10 voluntiera bħal dawn.*** | ***imħassar*** |

**Modifika 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 44 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| 2. Ladarba l-kredituri tal-FE jkunu tħallsu kompletament, kwalunkwe assi li jifdal tal-FE għandhom jiġu ttrasferiti lil entità oħra bi skop ta' benefiċċju pubbliku simili jew inkella jintużaw għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku li huma simili kemm jista' jkun għal dawk li għalihom inħolqot il-FE. | 2. Ladarba l-kredituri tal-FE jkunu tħallsu kompletament, kwalunkwe assi li jifdal tal-FE għandhom jiġu ttrasferiti lil entità oħra bi skop ta' benefiċċju pubbliku simili ***bbażata fl-istess Stat Membru li fih hija rreġistrata,*** jew inkella jintużaw għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku li huma simili kemm jista' jkun għal dawk li għalihom inħolqot il-FE. |

**Modifika 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Modifika* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità ***supervizorja għall-finijiet ta' superviżjoni*** tal-FEs *reġistrati* f'dak l-Istat Membru u jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan. | Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità ***jew awtoritajiet tal-għażla tiegħu li jkunu responsabbli għas-superviżjoni effettiva*** tal-FEs *irreġistrati* f'dak l-Istat Membru u jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan. |

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

P7_TA(2013)0300

## Tkabbir Blu – It-tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli fis-setturi tal-baħar, tat-trasport marittimu u tat-turiżmu fl-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar Tkabbir Blu – It-tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli fis-setturi tal-baħar, tat-trasport marittimu u tat-turiżmu fl-UE (2012/2297(INI))**

(2016/C 075/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2012 dwar "It-Tkabbir Blu – opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-setturi tal-baħar u dak marittimu" (COM(2012)0494),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 2012 dwar "Il-Progress tal-Politika Marittima Integrata tal-UE" (COM(2012)0491) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2012)0255),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Limassol tat-8 ta' Ottubru 2012 dwar l-Aġenda dwar il-Baħar u Marittima għat-tkabbir u l-impjiegi,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS), li daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Novembru 1994,

— wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta (COM(2013)0133),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-31 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Evalwazzjoni tal-politiki, leġiżlazzjoni u inizjattivi tal-UE marbuta mal-iskart fil-baħar" (SWD(2012)0365),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tad-29 ta' Awwissu 2012 bit-titolu "Għarfien dwar il-Baħar 2020 – mill-immappjar ta' qiegħ il-baħar għat-tbassir oċeaniku" (COM(2012)0473),

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2011 bit-titolu "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011)0144),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 bit-titolu "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" (COM(2010)0352),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Jannar 2009 bit-titolu "Komunikazzjoni u pjan ta' azzjoni bil-ħsieb li tiġi stabbilita żona Ewropea tat-trasport marittimu mingħajr konfini" (COM(2009)0010),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea" (COM(2007)0575),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2006 bit-titolu "Lejn Politika Marittima futura għall-Unjoni: Viżjoni Ewropea għall-oċeani u l-ibħra" (COM(2006)0275),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar "l-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar "il-Politika Marittima Integrata (IMP) – Evalwazzjoni tal-progress li sar u sfidi ġodda" [2],

(1) ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 41.
(2) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 70

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-objettivi strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tal-UE tat-trasport marittimu sal-2018 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-aspetti tal-iżvilupp reġjonali tal-impatt tat-turiżmu f'reġjuni kostali ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2008 dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar "Politika Marittima futura għall-Unjoni Ewropea: Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra" ([4]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Marzu 2013 dwar "il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – it-Tkabbir Blu: opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-setturi tal-baħar u dak marittimu",

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-31 ta' Jannar 2013 dwar "it-Tkabbir Blu – Opportunitajiet ta' tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għas-Sajd (A7–0209/2013),

A. billi 70 % ta' wiċċ id-dinja huwa mgħotti minn oċeani u ibħra, li jista' jkollhom rwol kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi fuq perjodu twil li għandha quddiemha l-UE, bħat-tibdil fil-klima u l-kompetittività globali;

B. billi hemm sitt żoni kostali ewlenin fl-UE (l-Atlantiku, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed, il-Mediterran u r-reġjuni l-aktar imbiegħda) li huma differenti minn xulxin minħabba r-riżorsi territorjali tagħhom u t-tip ta' attivitajiet li jitwettqu fihom;

C. billi madwar nofs il-popolazzjoni tal-Ewropa tgħix matul id-89 000 kilometru tal-kosta Ewropea, u għalhekk huwa importanti li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jikkunsidraw din il-pressjoni demografika meta jimplimentaw politiki pubbliċi;

D. peress li l-progress teknoloġiku u t-tfittxija għal sorsi ġodda ta' tkabbir sostenibbli huma mistennija li jżidu d-daqs tal-ekonomija marittima għal EUR 590 biljun sal-2020, u b'hekk tipprovdi total ta' 7 miljun impjieg;

E. billi ż-żieda mistennija fl-attività tal-bniedem ser tkun qiegħda ssehh f'ambjent tal-baħar fraġli fejn huma biss 10 % tal-ħabitats u 2 % tal-ispeċijiet tal-baħar li huma f'saħħithom, li juri li l-attivitajiet ekonomiċi marittimi m'għandhomx jimminaw is-sostenibbiltà tal-baħar;

F. billi l-investiment fil-kapital naturali u uman huwa essenzjali sabiex jingħelbu l-isfidi attwali, l-aktar dik li l-attività tal-bniedem issir sostenibbli mil-lat ekonomiku u soċjali, li jiġu żgurati kundizzjonijiet b'saħħithom mil-lat ambjentali u li jsir adattament għat-tibdil fil-klima sabiex tiġi mġġielda l-erożjoni kostali u l-aċidifikazzjoni marittima u tiġi ppreservata l-bijodiversità, filwaqt li jiġi kkunsidrat li ekosistemi b'saħħithom u produttivi huma fundamentali għall-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva;

([1]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 10.
([2]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 1.
([3]) ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 30.
([4]) ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 531.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

G. billi d-daqs u l-ambitu tal-impatti ambjentali tal-oqsma ta' interess partikolari tat-Tkabbir Blu huma inċerti ħafna u potenzjalment dannużi, minħabba l-għarfien limitat tagħna dwar il-komplessità elaborata tal-ekosistemi tal-baħar, u t-teħid ta' deċiżjonijiet marbuta miegħu għandu għalhekk ikun iggwidat mill-prinċipju tal-prekawzjoni minqux fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

H. billi l-politika kostali u marittima għandha tiddaħħal fil-qafas ġenerali tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, anke bil-għan li jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-istrateġija Ewropa 2020;

I. billi l-objettiv ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għal żoni kostali u gżejjer għandu jkun appoġġjat minn analiżi bir-reqqa tal-iżvantaġġi sistemiċi u strutturali li jikkaratterizzaw dawn iż-żoni;

J. billi s-sistema tal-gżejjer tal-UE, safejn huwa kkonċernat it-trasport marittimu, ikollha ġġarrab spejjeż ogħla miż-żoni kostali l-oħrajn tal-UE;

K. billi n-natura staġjonali tat-turiżmu tikkompromettі ħafna l-iżvilupp taż-żoni kostali u tal-gżejjer u għandha tiġi żviluppata strateġija ad hoc biex tiġġieled din il-problema;

L. billi hemm ħtieġa ta' koordinazzjoni bejn l-istrateġiji makroreġjonali u l-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi għall-baċiri tal-baħar tal-Unjoni;

M. billi dan ir-rapport huwa l-pjan direzzjonali tal-Parlament għall-avvanz ulterjuri tat-tkabbir blu;

## *Qafas ġenerali*

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir Blu, li tifforma parti mid-dimensjoni marittima tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tagħti indikazzjoni ċara tal-potenzjal tal-ekonomija marittima li toħloq tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u tiġġenera opportunitajiet ta' impjieg;

2. Jilqa' r-rapport dwar il-progress tal-Politika Marittima Integrata (IMP) tal-UE; itenni l-appoġġ tiegħu għall-IMP u jenfasizza li l-promozzjoni ta' din il-politika tibqa' l-mezz primarju biex jissaħħaħ it-tkabbir blu;

3. Jirrikonoxxi li l-ibħra u l-oċeani kulma jmur se jkollhom rwol iktar prinċipali fit-tkabbir tal-ekonomija globali fil-futur; iqis li l-Istrateġija tat-Tkabbir Blu, bħala parti mill-Politika Marittima Integrata, se tħeġġeġ l-iżvilupp ta' sinerġiji u politiki koordinati, u b'hekk se tiġġenera valur miżjud Ewropew u se tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-impjiegi fis-setturi marittimi;

4. Iqis li, biex titjieb il-kompetittività tas-setturi ekonomiċi marittimi tal-Unjoni fis-suq globali, l-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej għandhom joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għat-tkabbir sostenibbli, billi jistabbilixxu sistemi ta' ppjanar spazjali marittimu, itejbu l-infrastruttura, joħolqu l-aċċess għall-kompetenzi professjonali u jiksbu l-finanzjament; jenfasizza l-importanza tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-aħjar prattika bejn il-livelli differenti ta' awtoritajiet pubbliċi permezz tal-ħolqien ta' pjattaforma speċifika tal-UE;

5. Jinnota li l-kisba ta' finanzjament adekwat ser tkun sfida għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li joperaw fis-setturi tat-tkabbir blu u għalhekk jilqa' inizjattivi bħal regoli ġodda tal-UE dwar il-fondi ta' kapital ta' riskju, li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament;

6. Iqis li fi żmien meta l-Istati Membri qegħdin inaqqsu l-investiment pubbliku, jeħtieġ b'mod urġenti li l-politiki ta' żvilupp u b'mod speċjali proġetti ta' spiża għolja, bħal proġetti ta' infrastruttura ta' trasport, enerġija u telekomunikazzjonijiet, jirċievu finanzjament adegwat matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u lil hinn minnu; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-istrumenti finanzjarji u l-fondi Ewropej disponibbli lejn proġetti tal-ekonomija blu;

7. Jenfasizza l-importanza li jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li jmiss, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri li ngħataw salvataġġ finanzjarju li qegħdin jiffaċċjaw diffikultà dejjem akbar biex iwettqu proġetti ta' spiża għolja, kif ukoll dawk tar-reġjuni u l-gżejjer l-aktar imbiegħda, li jippreżentaw restrizzjonijiet strutturali minħabba l-bogħod u l-karatteristiċi naturali tagħhom;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

8. Jinnota l-kundizzjonijiet tal-kriżi ekonomika u l-problemi soċjali li qed jolqtu ħafna żoni, b'mod partikolari l-gżejjer, l-aktar dawk fil-Mediterran u speċjalment dawk li jinsabu 'l bogħod ħafna mill-kontinent; jenfasizza li d-distanza mbiegħda tal-gżejjer b'rabta mas-suq uniku tesponihom għal staġnar industrijali u ekonomiku u depopolazzjoni, li għandu jkun fil-mira ta' miżuri speċifiċi min-naħa tal-istituzzjonijiet Ewropej; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, tikkunsidra li tistabbilixxi żoni liberi bħala għodda li, permezz tat-tnaqqis tal-piż tat-taxxa u billi tattira l-investiment dirett barrani, tista' ttemm is-sitwazzjoni li dejjem qed taggrava li qed taffettwa l-gżejjer billi tixpruna t-tkabbir u l-iżvilupp;

9. Jenfasizza r-rwol tal-istrateġiji tal-baċir tal-baħar biex jitrawwem l-iżvilupp reġjonali u l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali, tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea, jitħeġġeġ it-tkabbir blu inklużiv, jinħolqu l-impjiegi u titħares il-bijodiversità tal-baħar u tal-kosta; jitlob li strateġiji bħal dawn, marbutin ma' strateġiji makroreġjonali attwali u futuri, jiġu implimentati b'mod effettiv għall-baċiri marittimi Ewropej kollha u li jiġu ddedikati riżorsi finanzjarji u amministrattivi xierqa tal-UE u oħrajn għall-implimentazzjoni tagħhom; iqis li jeħtieġ jissaħħaħ ir-rwol li jiżvolġu r-reġjuni fit-tfassil ta' strateġiji dwar il-baċiri tal-baħar; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, il-kontribut tal-kooperazzjoni territorjali u transkonfinali biex jiġu indirizzati l-problemi li jiffaċċjaw ir-reġjuni kostali u marittimi;

10. Jilqa' l-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku u għal dak tal-Atlantiku, u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni għall-formulazzjoni ta' strateġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed;

11. Jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri jagħtu appoġġ qawwi lill-ħolqien ta' gruppi marittimi reġjonali u transkonfinali; jenfasizza l-importanza strateġika ta' gruppi bħal dawn bħala ċentri ta' eċċellenza għall-attività ekonomika relatata mat-tkabbir blu; jemmen li l-iżvilupp tagħhom se jippromwovi l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-prattika tajba, jiġġenera sinerġiji bejn id-diversi setturi tal-ekonomija blu, u jgħin biex jiġi attirat l-investiment;

12. Jenfasizza r-rabtiet intrinsiċi bejn it-tkabbir ekonomiku u t-tibdil fil-klima, u jenfasizza li l-attivitajiet marittimi kollha jridu jkunu allinjati mal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima bil-għan li jikkontribwixxu għal Ewropa aktar reżistenti għat-tibdil fil-klima;

13. Jenfasizza, b'mod partikolari, li t-tkabbir fl-attività ekonomika marbut mat-tkabbir blu m'għandux jissagrifika l-ekosistemi tal-baħar u tal-kosta, li huma sensittivi ħafna u fost l-ewwel li jbatu mill-impatti tat-tibdil fil-klima; jenfasizza li t-tkabbir blu għandu jkun kompatibbli mal-objettivi ambjentali u l-approċċ ekosistemiku tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), kif ukoll id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, filwaqt li jfakkar li f'każijiet ta' inċertezza jrid jiġi osservat il-prinċipju tal-prekawzjoni; jenfasizza li l-attivitajiet ekonomiċi kollha marbuta mat-tkabbir blu għandhom jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà marittimi;

14. Jinnota bi tħassib l-impatt ambjentali tal-iskart tal-baħar fil-baċini tal-baħar Ewropej kollha u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffukaw fuq l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tad-direttivi rilevanti tal-UE, bħal ma huma dawk fuq l-immaniġġjar tal-iskart, il-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti, il-kwalità tal-ilma u l-istrateġija dwar il-baħar;

15. Jinsisti li l-attivitajiet marittimi kollha, inklużi dawk li jseħħu fil-qafas tal-PMI, għandhom isiru skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS); jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ komuni tal-UE għall-esplorazzjoni, l-isfruttament, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali tal-baħar, li jiżgura d-delimitazzjoni effiċjenti u sikura taż-żoni ekonomiċi esklużivi (EEZs) bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi skont id-dritt internazzjonali;

16. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jkun hemm ċertezza ġuridika għall-partijiet kollha interessati li jinvestu f'żoni marittimi, u jirrakkomanda miżuri ġodda ta' inċentiv bil-ħsieb li jsir sfruttament aħjar taż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-Istati Membri;

***L-Ippjanar Spazjali Marittimu u l-Ġestjoni Integrata tal-Kosta***

17. Jilqa' l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għall-Ippjanar Spazjali Marittimu (ISM) u l-Ġestjoni Integrata tal-Kosta (ICM) bħala miżuri meħtieġa għall-immaniġġjar tal-għadd dejjem jiżdied ta' attivitajiet marittimi u kostali u għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, li jiżguraw li diversi attivitajiet jistgħu jikkoeżistu f'armonija u jevitaw il-kunflitti rigward l-użu ta' żoni kostali u tal-baħar; iqis bħala neċessarju f'dan ir-rigward li jingħażel approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi għall-ġestjoni tal-attività tal-bniedem mal-kosta u fil-baħar;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

18. Jinnota li l-ISM huwa mistenni li jnaqqas l-ispejjeż tan-negozju u jtejjeb il-klima tal-investiment, filwaqt li l-ICM għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-attivitajiet fiż-żona kostali u jwassal għal titjib ġenerali fil-governanza ta' din iż-żona;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jintużaw l-aħjar prattiki u li jittieħdu l-lezzjonijiet mill-azzjonijiet preparatorji f'dan il-qasam, peress li hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-iżvilupp tas-sistemi ta' mmaniġġjar għaż-żoni marittimi u kostali; iqis, madankollu, li huwa meħtieġ approċċ imfassal apposta, sabiex waqt l-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-ippjanar marittimu u kostali tal-UE, l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi u l-ħtiġijiet lokali flimkien mal-awtoritajiet lokali;

20. Jemmen li l-interfaċċja bejn l-art u l-baħar jeħtieġ li tissaħħaħ fil-kuntest tal-ippjanar spazjali sabiex tiġi salvagwardjata t-tkomplija tal-attivitajiet tal-bniedem u l-katina tal-provvista u biex jiġi żgurat li ż-żoni kostali jiġu konnessi b'mod xieraq maż-żona interna; jemmen li dan jista' jevita l-fenomenu ta' kosti li jiġu trattati bħala fruntieri;

21. Jisħaq li l-lakuni fl-għarfien xjentifiku dwar l-attivitajiet marittimi u l-ambjenti tagħhom huma ostakoli għall-ippjanar spazjali u jenfasizza l-importanza tal-inizjattiva "Għarfien dwar il-Baħar 2020" u l-objettivi speċifiċi tagħha, fosthom l-immappjar ta' qiegħ il-baħar tal-ibħra Ewropej sal-2020; iqis li qiegħ il-baħar għandu jiġi mmappjat b'mod uniformi sabiex l-informazzjoni tkun tista' tiġi aċċessata minn korpi Ewropej interessati, speċifikament iċ-ċentri tar-riċerka, l-universitajiet u l-istituzzjonijiet pubbliċi;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri jniedu pjanijiet sabiex jimmappjaw u jissorveljaw il-bastimenti mgħarrqa u s-siti arkeoloġiċi ta' taħt l-ilma li jikkostitwixxu parti importanti mill-patrimonju storiku u kulturali tal-Unjoni; jinsisti li jeħtieġ jiġu ffaċilitati l-fehim u l-istudju ta' siti bħal dawn u li jingħata kontribut għall-prevenzjoni tal-ħsara li qed iġarrbu, biex b'hekk jiġu ppreservati kif xieraq;

***Kompetenzi marittimi u impjiegi***

23. Jikkunsidra li l-impjiegi fl-ekonomija blu għandhom jaqbżu n-numru stmat ta' 7 miljun impjieg sal-2020, jekk dawn jiġu appoġġjati minn politiki ta' taħriġ li għandhom l-għan li jiżguraw il-preżenza ta' forza tax-xogħol mobbli bil-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa;

24. Itenni t-talba tiegħu għal titjib sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, tas-saħħa u tas-sikurezza fil-professjonijiet marittimi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam sabiex itejbu s-sikurezza fil-karrieri u jagħmlu l-impjiegi fl-ekonomija tat-tkabbir blu u f'setturi relatati aktar attraenti;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara b'mezzi adegwati, li l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-ILO tiġi inkorporata fid-dritt tal-Unjoni, u li jiġi propost programm għall-kwalifika u t-taħriġ tal-baħħara, b'mod partikolari r-reklutaġġ ta' żgħażagħ, anke dawk minn pajjiżi terzi;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel monitoraġġ mill-qrib u ssostni l-isforzi fuq livell reġjonali biex tevalwa l-kompetenzi u l-professjonijiet li jkunu meħtieġa fis-setturi tal-ekonomija blu, u tiżgura li inizjattivi bħall-"Panorama ta' ħiliet tal-UE" jirriflettu l-bżonnijiet tal-ekonomija blu;

27. Iqis li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, għandha tfassal pjan ta' azzjoni sabiex tippromwovi l-professjonijiet direttament jew indirettament relatati mal-ekonomija blu, sabiex tattira n-nies lejhom;

28. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi inizjattivi li jinkoraġġixxu l-mobilità tal-ħaddiema bejn is-setturi ekonomiċi u l-Istati Membri, bħal azzjoni pluriennali għall-iskambju ta' studenti, għalliema u professjonisti żgħażagħ fuq il-mudell tal-Erasmus; jappoġġja l-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi u l-fornituri tat-taħriġ bil-għan li jippreparaw il-gradwati għal impjiegi f'oqsma ġodda;

It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013

29. Jitlob lill-Kummissjoni tikkoopera mar-rappreżentanti tas-settur ekonomiku marittimu u mal-fornituri tat-taħriġ biex jistabbilixxu u jiffinanzjaw Kunsilli Settorjali Ewropej dwar l-Impjiegi u l-Ħiliet biex jiġu rreġistrati l-impjiegi, it-tibdil fil-ħiliet meħtieġa u l-ħtiġijiet ta' taħriġ relatati;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa inizjattiva sabiex tħeġġeġ il-mobilità tal-persunal tar-riċerka, speċjalment fiż-żoni kostali, b'referenza speċifika għall-oqsma tat-turiżmu, l-enerġija u l-bijoteknoloġija, abbażi tal-istess prinċipji tal-Erasmus, li għandha tiġi implimentata bħala prijorità matul staġuni bi ftit turisti sabiex jiġu bbilanċjati, b'mod sostenibbli, il-flussi ta' persuni f'ekosistemi li qed isiru dejjem aktar sensittivi, filwaqt li fl-istess ħin isir l-aħjar użu mill-infrastruttura taż-żoni kostali u tal-gżejjer;

***Riċerka u innovazzjoni***

31. Jinnota l-kapaċità għar-riċerka mill-aqwa tal-UE fl-oqsma marittimi u l-importanza tagħha għal tfassil ta' politiki sostanzjat u negozju mmexxi mill-innovazzjoni, iżda wkoll id-diffikultà li jsibu n-negozji fil-kummerċjalizzazzjoni tal-eżitu tar-riċerka;

32. Jenfasizza li l-programm Orizzont 2020, permezz ta' proċeduri aktar sempliċi u appoġġ aħjar għall-innovazzjoni, jista' jipprovdi għajnuna sinifikanti għar-riċerka dwar il-baħar u dik marittima bil-għan li jżid il-kummerċjalizzazzjoni, billi jibni fuq l-esperjenza tal-proġetti "L-Oċean ta' Għada";

33. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-Istrateġija Ewropea għar-Riċerka tal-Ibħra u Marittima sal-2014, billi tipproponi miżuri konkreti li jtejbu s-sinerġiji u t-tixrid tal-għarfien fost ir-riċerkaturi tal-UE;

34. Jinnota li ekosistemi marittimi b'saħħithom biss jistgħu jkunu bażi għal ekonomija blu b'saħħitha u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tirriċerka l-impatti kumulattivi tal-użu mill-bniedem tal-ambjent marittimu u tal-attivitajiet marittimi fis-setturi kollha;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi monitoraġġ ambjentali adegwat u fit-tul u twettaq riċerka dwar sistemi ta' twissija bikrija;

36. Jenfasizza l-importanza ta' proġetti bħan-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODNET) għall-iffaċilitar tal-iskambju u d-disponibbiltà tad-data tar-riċerka;

***Trasport marittimu u bini ta' bastimenti***

37. Jinnota bi tħassib li t-trasport marittimu fi ħdan l-UE jibqa' jkun imxekkel minn burokrazija amministrattiva u doganali li tikkomprometti l-viżjoni ta' żona ta' trasport marittimu Ewropea u tostakola t-tkabbir fl-industrija, speċjalment fil-kabotaġġ marittimu u l-awtostradi tal-baħar; jemmen li jeħtieġ jiġi żviluppat sett ta' regoli uniformi għat-tbaħħir fi ħdan l-Unjoni peress li huwa kruċjali biex ikun żgurat il-moviment liberu tal-prodotti u l-persuni fl-ilmijiet tal-UE;

38. Huwa sodisfatt bis-suċċess tal-programm pilota "Blue Belt" u jitlob lill-Kummissjoni tagħmel il-proposti leġiżlattivi meħtieġa għall-ħolqien tal-Blue Belt, fosthom ir-reviżjoni neċessarja tal-Kodiċi Doganali tal-UE, qabel it-tmiem tal-2013;

39. Jenfasizza li l-promozzjoni tat-trasport marittimu ser tikkontribwixxi mhux biss għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, iżda wkoll biex jintlaħaq l-għan stipulat fil-White Paper "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport" li, sal-2050, 50 % tat-trasport tal-merkanzija bit-toroq jibda jsir bil-ferroviji u bil-baħar;

40. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwessa' r-rwol tal-awtostradi tal-baħar bħala kurituri Ewropej ewlenin, u jenfasizza wkoll li, sabiex tiġi żgurata l-kompetittività fit-tul tat-trasport marittimu Ewropew, huwa essenzjali li jinħolqu katini konsistenti ta' trasport għall-passiġġieri u għall-merkanzija fil-modi kollha tat-trasport; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni toħroġ komunikazzjoni dwar il-progress, l-iżvilupp u l-futur tal-awtostradi tal-baħar; huwa tal-fehma li l-gżejjer il-kbar għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fl-awtostradi tal-baħar sabiex titjieb l-aċċessibbiltà tagħhom u tiżdied il-kompetittività ekonomika tagħhom;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

41. Jenfasizza li s-sikurezza marittima hija kruċjali għall-promozzjoni sostenibbli tat-trasport marittimu, tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjieg marittimu u standards ambjentali sostenibbli f'dan is-settur; jenfasizza li l-prinċipju tal-prevenzjoni għandu jiġi applikat biex jantiċipa riskji ġodda u biex jiġu evitati t-tipi kollha ta' diżastri tat-trasport marittimu; jinnota li għandha tittieħed azzjoni dwar dan fl-UE, iżda wkoll f'livell internazzjonali, u speċjalment fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;

42. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tat-Tielet Pakkett dwar is-Sigurtà Marittima qiegħda ttejjeb il-kwalità tal-bastimenti li jtajru bnadar Ewropej, l-attività tal-għaqdiet ta' klassifikazzjoni, il-kontroll tal-portijiet, il-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti, l-investigazzjoni tal-inċidenti u l-ħarsien tal-vittmi. jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni effiċjenti ta' dan il-pakkett leġiżlattiv;

43. Jenfasizza li l-politika dwar it-trasport marittimu għandha tqis it-tħassib ekonomiku, ambjentali u ta' saħħa pubblika rilevanti kollu; jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-impatt tal-konformità tas-settur tat-trasport marittimu tal-UE mar-rekwiżiti ambjentali u ta' saħħa pubblika u, fejn xieraq, tipproponi miżuri speċifiċi kontra l-effetti negattivi fuq il-kompetittività tiegħu; jinnota li r-rekwiżiti leġiżlattivi marbutin mal-iskreppjar tal-vapuri u mal-kontenut ta' kubrit tal-fjuwils tal-baħar għandhom jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, filwaqt li jissalvagwardjaw b'mod effettiv l-objettiv li t-trasport jibda jsir bil-baħar minflok bit-triq, skont il-miri tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom b'mod sinifikanti sabiex jilħqu ftehim internazzjonali dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport marittimu, filwaqt li jqisu l-impatt tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-vapuri;

45. Jirrimarka li fjuwils b'kuxjenza ambjentali bħall-LNG jistgħu jiżvolġu rwol importanti biex tinkiseb il-mira li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-UE minn karburanti tal-bastimenti b'tal-inqas 40 % sal-2050;

46. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' servizzi tal-portijiet u infrastruttura effettivi u sostenibbli li jistgħu jlaħħqu mal-isfidi taż-żieda mistennija fit-traffiku fuq il-baħar, u tat-tnaqqis tat-tniġġis ambjentali u tal-ħsejjes, hekk kif it-traffiku jibda jsir bil-baħar minflok fuq l-art, u jiżgura bidla mingħajr xkiel għall-passiġġieri u l-merkanzija minn mod ta' trasport għal ieħor; jippromwovi l-iżvilupp parallel fil-portijiet Ewropej tat-tiswija tal-vapuri u l-iskreppjar;

47. Jiġbed l-attenzjoni għall-possibilità li jitwaqqfu pjattaformi ta' loġistika biex jiffaċilitaw it-trasport ta' prodotti bejn l-Ewropa u l-ekonomiji l-oħra tad-dinja; jenfasizza l-importanza strateġika tat-trasport marittimu u tal-kollegamenti bejn ir-reġjuni l-aktar imbiegħda u żoni oħra fuq il-kontinent;

48. Jisħaq li l-industrija tal-bini tal-bastimenti tal-UE għandha l-potenzjal li żżid il-kontribut tagħha għat-tkabbir u l-impjiegi billi tisfrutta l-opportunitajiet li jiġu mid-domanda għal "bastimenti nodfa" (effiċjenza enerġetika mtejba u inqas emissjonijiet ta' ossidi tal-kubrit u ossidi tan-nitroġenu) kif ukoll għal bastimenti u strutturi adatti għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni u t-tħaddim ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta; jistieden lill-industrija tal-bini tal-bastimenti tal-UE biex taħtaf din l-opportunità, speċjalment fid-dawl taż-żieda mistennija tat-trasport marittimu fuq distanza qasira mal-kosta tal-UE;

49. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tilħaq ftehim mal-Parlament biex jiġi adottat regolament li jippermetti li l-bastimenti jiżżarmaw b'tali mod li jirrispetta l-ambjent u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema, biex b'hekk l-industrija tal-bini tal-bastimenti tal-UE tkun tista' tirriċikla l-materjali b'mod aktar kompetittiv;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istrateġija LeaderSHIP 2020, billi tappoġġja l-azzjonijiet identifikati biex jindirizzaw l-isfidi li għandha quddiema l-industrija tal-bini tal-bastimenti Ewropea, bħalma huma l-aċċess għall-finanzjament, il-ħiliet u l-kompetittività internazzjonali;

***Turiżmu marittimu u tal-kosta***

51. Jistieden lill-Istati Membri, bl-involviment dirett tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex isostnu inizjattivi biex tiġi żviluppata u mtejba l-infrastruttura turistika, b'enfasi partikolari fuq il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità u persuni b'mobilità mnaqqsa, u biex isir kull sforz biex tiġi eliminata l-burokrazija u n-nuqqas ta' trasparenza fis-settur filwaqt li tiġi rispettata l-leġiżlazzjoni ambjentali;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

52. Jitlob li t-turiżmu jiġi promoss u sostnut bħala forza mexxejja għat-tkabbir u l-impjiegi fiż-żoni tal-kosta; huwa tal-fehma li ambjent b'saħħtu huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' kwalunkwe forma ta' turiżmu fir-reġjuni tal-kosta u li, għalhekk, għandu jsir kull sforz biex dan jiġi protett; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi pprovduta infrastruttura sostenibbli biex jiġu żviluppati forom oħra ta' turiżmu, b'mod partikolari għas-setturi tat-turiżmu b'potenzjal kbir ta' tkabbir, bħat-turiżmu tas-sajd ekoagrikolu u l-isport akkwatiku sostenibbli; jilqa' l-inizjattivi li jippromwovu strateġiji tat-turiżmu transkonfinali fuq bażi tal-baċir tal-baħar;

53. Jenfasizza li l-erożjoni tal-kosta Ewropea, is-salvagwardja tal-patrimonju ambjentali u fawnistiku tal-Ewropa, u t-titjib fil-kwalità tal-ilma jibqgħu kwistjonijiet importanti li għandhom jiġu indirizzati; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jsir investiment xieraq f'dawn l-oqsma sabiex jiġi żviluppat turiżmu tal-bajjiet u ta' taħt il-baħar li jkun sostenibbli u ta' kwalità tajba;

54. Jenfasizza li l-miżuri għall-isfruttament u l-iżvilupp tal-patrimonju kostali, marittimu u tal-baħar għandhom jiġu ppjanati flimkien ma' miżuri għall-konservazzjoni u l-irkuprar tiegħu;

55. Jinnota l-importanza li jinfetħu jew jiġu mtejba skejjel speċjalizzati ta' livell għoli (għall-amministrazzjoni u l-ekonomija tal-intrapriżi turistiċi, għall-professjonijiet turistiċi, kulleġġi marittimi, skejjel tat-tisjir, eċċ.) u li titjieb il-provvista tat-taħriġ bil-għan li tingħata spinta lill-kwalità tas-servizzi u l-prodotti turistiċi, l-użu ta' teknoloġiji ġodda u l-proċess tal-adattament għat-tibdil fil-klima;

56. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu simplifikati l-proċeduri tal-viża, jitnaqqsu l-ispejjeż involuti u jinħarġu viżi għal dħul multiplu lil viżitaturi minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari minn pajjiżi BRIC; jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga u timplimenta b'mod immedjat modi ġodda u 'intelliġenti' li bihom jinħarġu l-viżi turistiċi biex jitkabbru kemm jista' jkun il-flussi ta' turisti;

57. Jenfasizza li l-industrija tal-kruċieri hija riżorsa ekonomika importanti għall-portijiet Ewropej u għall-komunitajiet lokali ta' madwarhom, li huwa fundamentali wkoll fl-iżvilupp u l-użu ta' vapuri aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija b'emissjonijiet aktar baxxi; jinkoraġġixxi l-ippjanar ta' programmi turistiċi attraenti mfassla biex itejbu l-esperjenza tal-viżitatur billi jenfasizzaw l-importanza marittima, kulturali u storika tad-destinazzjonijiet portwarji;

58. Jitlob lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-kompetittività tal-portijiet Ewropej billi tappoġġja u tikkoordina l-kapaċitajiet ta' infrastruttura tal-portijiet u ttejjeb is-servizzi mogħtija (eż. billi ġġibhom konformi mar-rekwiżiti ta' Schengen) b'mod li l-portijiet Ewropej isiru aktar attraenti għall-bastimenti tal-kruċiera u aktar ta' benefiċċju għall-komunitajiet tas-sajd lokali, biex b'hekk ikunu jistgħu jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni tqis il-karatteristiċi partikolari tal-portijiet fil-gżejjer u r-reġjuni l-aktar imbiegħda;

59. Jitlob li jsir obbligatorju fil-modernizzar tal-portijiet u l-proġetti ta' espansjoni li t-terminali tal-passiġġieri u l-vapuri tal-passiġġieri ġodda jiġu mgħammra b'faċilitajiet għal persuni b'mobilità mnaqqsa;

60. Itenni l-importanza tat-trasport kostali u tal-passiġġieri bil-baħar, speċjalment permezz ta' laneċ u bastimenti tal-kruċieri, u jinnota d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bil-baħar, li għandu jgħin biex titjieb il-kwalità tat-turiżmu marittimu; jitlob lill-Kummissjoni, b'rabta ma' dan, biex tistabbilixxi kampanja attiva biex titjieb il-kwalità tal-bastimenti tal-passiġġieri u tal-kruċieri fir-rigward tad-drittijiet tal-passiġġieri, abbażi tal-aqwa prattiki tal-operaturi;

61. Jenfasizza l-importanza tat-tbaħħir bil-jottijiet u t-tbaħħir inġenerali għat-turiżmu marittimu; jitlob lill-Kummissjoni teżamina, fil-kuntest tal-komunikazzjoni tagħha li jmiss dwar it-turiżmu marittimu, l-impatt soċjali u ekonomiku ta' dan is-settur, l-ambitu tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni fil-livell tal-UE tar-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-liċenzji operattivi, il-kundizzjonijiet ta' navigazzjoni u operat, ir-rekwiżiti ta' sikurezza, ix-xogħol ta' manutenzjoni u tiswija tal-jottijiet, u l-għarfien reċiproku tal-kwalifiki professjonali f'dan is-settur;

62. Itenni l-importanza tat-turiżmu fil-bajjiet bħala karatteristika speċifika ta' ċerti reġjuni kostali Ewropej; jitlob lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt biex tivverifika jekk id-Direttiva 2006/123/KE jistax ikollha impatt negattiv fuq l-SMEs f'dan is-settur u, jekk tqis bħala neċessarju, tipproponi miżuri biex ittaffi dan l-impatt u tiggarantixxi li jitqiesu l-karatterisitiċi speċifiċi ta' din l-attività professjonali fl-applikazzjoni tad-Direttiva;

**It-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013**

63. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni, lill-komunitajiet awtonomi u lil partijiet interessati oħrajn fiż-żoni kostali u tal-gżejjer biex jiżviluppaw u jimplimentaw, b’mod sistematiku, l-inizjattiva tar-“rotot kummerċjali antiki”, approvata mill-Parlament fil-baġit tal-2013, kemm fil-baċir tal-Mediterran kif ukoll f’baċiri oħrajn Ewropej, speċjalment sabiex jiddiversifikaw il-prodotti tat-turiżmu u jnaqqsu n-natura staġjonali tat-turiżmu;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi t-turiżmu sostenibbli marittimu, tal-gżejjer u tal-kosta fl-azzjonijiet u l-programmi relatati, bħall-“EDEN – Destinazzjonijiet Ewropej ta’ Eċċellenza” u l-programmi Calypso, u tappoġġja inizjattivi li jħeġġu d-diversifikazzjoni tat-turiżmu tal-kosta, marittimu u tal-baħar, tgħin biex l-attivitajiet turistiċi u l-impjiegi jsiru inqas staġjonali u tagħti spinta lill-adattament għat-tibdil fil-klima; iqis, f’dan ir-rigward, li d-diversifikazzjoni tat-turiżmu tista’ tgħin iżżid l-attrattività tar-reġjuni marittimi u tippermettilhom jiksbu progress lil hinn mill-mudell tradizzjonali ta’ “xemx, baħar u ramel”;

65. Jappella għall-promozzjoni taċ-ċentri turistiċi marittimi, peress li dawn jistgħu jnaqqsu l-varjazzjonijiet staġjonali u joħolqu effett multiplikatur għall-ekonomiji lokali u reġjonali, billi jiġu integrati l-komunitajiet tas-sajd u jinstab bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà;

66. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-kontribuzzjoni u r-rwol tal-gastronomija lokali u artiġjanali fl-iżvilupp tat-turiżmu kostali Ewropew; iqis li huwa neċessarju li jintużaw u jiġu kkoordinati l-politiki u l-istrumenti eżistenti u jitfasslu programmi u azzjonijiet ġodda sabiex jiġu mħeġġa sinerġiji bejn, b’mod partikolari, intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) tas-setturi primarji u terzjarji fiż-żoni kostali tal-UE;

67. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi fl-Osservatorju tat-Turiżmu Virtwali sezzjoni ddedikata għat-turiżmu marittimu u kostali, li tiżgura rabtiet bejn l-istituti tar-riċerka, l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi bil-għan li tippromwovi r-riċerka tas-suq, tipprovdi lill-intrapriżi u lill-awtoritajiet pubbliċi b’informazzjoni prospettiva dwar l-iżvilupp tal-offerta u tad-domanda u joħloq kundizzjonijiet ta’ negozju aktar favorevoli, filwaqt li tipprovdi wkoll informazzjoni dwar ir-rabtiet bejn il-bijodiversità, il-protezzjoni tal-klima u inizjattivi ta’ turiżmu sostenibbli;

***Enerġija Blu***

68. Jinnota li t-tibdil fil-klima jikkostitwixxi waħda mit-theddidiet ewlenin għall-bijodiversità tal-baħar mad-dinja kollha u li l-aspetti ta’ enerġija ta’ strateġija għat-tkabbir blu għandhom ikunu bbażati fuq l-enerġiji rinnovabbli u fuq l-effiċjenza enerġetika;

69. Jirrikonoxxi, f’dak ir-rigward, l-importanza tal-ibħra u l-oċeani tal-Ewropa għas-sigurtà tal-enerġija tal-UE u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta’ enerġija u tar-rotot ta’ provvista;

70. Jinnota l-potenzjal tal-enerġija lil hinn mill-kosta mir-riħ, mill-mewġ u dik termali tal-oċean, kif ukoll tas-settur konvenzjonali tal-enerġija lil hinn mill-kosta, li jiġġeneraw impjiegi sostenibbli fir-reġjuni kostali, inaqqsu l-emissjonijiet u jikkontribwixxu għall-miri tal-enerġija tal-UE għall-medda medja u twila ta’ żmien; jenfasizza l-fatt li se jkun meħtieġ investiment sinifikanti fil-perspettiva ta’ riorganizzazznoni tal-konnessjonijiet tal-grilja u fil-kapaċità tat-trażmissjoni biex dan il-potenzjal jiġi sfruttat;

71. Jenfasizza li l-enerġija blu hija vantaġġ għall-ekonomija marittima Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkontribwixxu biex jintlaħaq il-potenzjal tal-enerġija blu billi jintużaw strateġiji tal-baċiri tal-baħar, filwaqt tingħata attenzjoni speċjali lill-possibilitajiet offruti mir-reġjuni l-aktar imbiegħda minħabba l-post fejn jinsabu u l-karatteristiċi naturali tagħhom;

72. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja b’mod attiv lit-tmexxija globali tal-UE f’dan il-qasam billi tiżviluppa strateġija industrijali Ewropea għall-enerġija blu, kif għamlet fil-passat għal setturi oħra;

73. Jitlob lill-Kummissjoni tadotta, fil-komunikazzjoni li jmiss f’dan il-qasam, approċċ integrat lejn l-iżvilupp tar-riżorsi enerġetiċi tal-baħar, billi jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn l-enerġija tar-riħ lil hinn mill-kosta u forom oħra ta’ enerġija marina rinnovabbli; jenfasizza li approċċ bħal dan għandu jippermetti li l-enerġija tiġi fornuta minn firxa sħiħa u sostenibbli ta’ sorsi, skont il-prinċipju tal-prekawzjoni u filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà u s-sikurezza marittima, u li għandu wkoll jinkludi pjanijiet għal infrastruttura adegwata biex l-enerġija ġġenerata mill-baħar tiġi trasportata lejn l-art u tiġi żgurata interkonnessjoni man-netwerk konvenzjonali tal-elettriku;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

74. Jistieden lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiffaċilitaw il-ħolqien sostenibbli tan-netwerk għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fil-Baħar tat-Tramuntana; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposta għal qafas regolatorju korrispondenti;

***Is-sajd u l-akkwakultura***

75. Jenfasizza li l-akkwakultura u s-sajd għandhom jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-ikel fuq bażi sostenibbli fl-Unjoni kollha u għas-sikurezza tal-ikel u l-protezzjoni tal-konsumatur għat-terminu twil ta' żmien; iqis li l-iżvilupp u l-innovazzjoni ta' industrija tal-ipproċessar tal-akkwakultura u s-sajd sostenibbli għandhom jitheġġu billi titnaqqas il-burokrazija u jiġu promossi opportunitajiet ta' impjiegi f'dawn is-setturi u titjieb il-kwalità tal-ħajja kemm fiż-żoni kostali u kif ukoll f'dawk rurali;

76. Jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata akkwakultura sostenibbli sabiex jitnaqqas is-sajd żejjed tal-istokkijiet tal-ħut Ewropej u d-dipendenza fuq l-importazzjoni ta' ħut minn pajjiżi terzi, li jirrappreżentaw aktar minn 60 % tal-ħut ikkunsmat fl-UE;

77. Jirrimarka li l-akkwakultura fl-UE diġà tipprovdi 80 000 impjieg u għandha potenzjal li ttejjeb b'mod sinifikanti l-ekonomiji tal-komunitajiet tal-kosta, meta jitqiesu l-istimi tan-NU li l-produzzjoni tal-ħut imrobbi ser taqbeż dik tas-sajd komuni sal-2019;

78. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-linji gwida strateġiċi dwar l-akkwakultura fl-UE li jmiss, tippromwovi l-akkwakultura lil hinn mill-kosta, li tista' tiġi kkumbinata mal-faċilitajiet tal-enerġija blu sabiex titnaqqas il-pressjoni mill-akkwakultura intensiva żżejjed fuq l-ekosistemi tal-kosta u fuq attivitajiet oħra; jenfasizza l-ħtieġa li l-pjanijiet ta' ġestjoni integrati rispettivi tal-Istati Membri jissemplifikaw il-piż amministrattiv u jiżguraw l-allokazzjoni ta' spazju xieraq għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;

79. Jenfasizza l-importanza tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) tal-futur, li għall-ewwel darba jgħaqqad il-finanzjament tal-Politika Marittima Integrata u tal-Politika tas-Sajd, kif ukoll dak tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), biex jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tas-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar tas-sajd, kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-introjtu fil-komunitajiet tas-sajd li jiddependu minn dawk is-setturi, partikolarment fir-rigward tas-sajd kostali fuq skala żgħira, it-taħriġ vokazzjonali għan-nisa u ż-żgħażagħ u li jiġu attirati intraprendituri ġodda fis-settur;

80. Jirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-fruntieri marittimi Ewropej hija sfida għall-Istati Membri; iqis li ekonomija blu li tirnexxi tirrikjedi fruntieri marittimi tal-UE sikuri, sabiex ikunu żgurati l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontrolli tas-sajd, il-ġlieda kontra s-sajd illegali u l-infurzar tal-liġi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-istabbiliment ta' funzjoni ta' gwardjani tal-kosta Ewropej għall-koordinazzjoni tal-azzjoni u tas-sorveljanza tal-baħar; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li jiġu intensifikati u mmultiplikati l-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali relatati mas-settur tas-sajd;

***Estrazzjoni ta' minerali mill-baħar***

81. Jagħraf l-eżistenza ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-estrazzjoni ta' minerali mill-baħar; jenfasizza, madankollu, li l-ambjent ta' qiegħ il-baħar huwa marbut mal-bqija tal-pjaneta permezz tal-iskambji tal-materja, l-enerġija u l-bijodiversità, li, jekk jiġu mfixkla, jistgħu jikkawżaw tibdil imprevedibbli fl-istokkijiet tal-ħut u telfien tal-bijodiversità;

82. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-konsegwenzi ambjentali tal-estrazzjoni minn qiegħ il-baħar, speċjalment f'ambjenti tal-baħar sensittivi ħafna, biex tappoġġja l-proġetti ta' riċerka rilevanti, tapplika l-prinċipju tal-prekawzjoni, u tikkoopera mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi involuti fis-settur fit-tentattiv biex jimtlew b'mod aktar rapidu l-lakuni attwali fl-għarfien xjentifiku;

83. Jagħraf li użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, flimkien ma' politiki ta' riċiklaġġ imtejba, joffru approċċ aktar kosteffettiv u sostenibbli biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tagħna għall-minerali milli l-isfruttament intensiv tar-riżorsi ta' taħt il-baħar; jiddeplora l-fatt li n-nuqqasijiet fir-riċiklaġġ tal-materja prima u rari terrestri qed jikkontribwixxu għal żieda fl-iskart, u jitlob, għalhekk, miżuri biex tingħata spinta lill-industriji tar-riċiklaġġ sabiex tiġi offruta alternattiva għat-tħaffir fil-baħar; jinnota l-opportunitajiet ta' xogħol fuq żmien fit-tul offruti minn dan l-approċċ alternattiv;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

***Bijoteknoloġija blu***

84. Jagħraf li l-bijoteknoloġija blu għandha l-potenzjal li toħloq impjiegi ta' kapaċitajiet għolja u għandha ħafna x'toffri f'oqsma kritiċi bħas-saħħa, in-nutrizzjoni u l-innovazzjoni; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni meħtieġa biex tiġi promossa din l-attività fil-qasam tal-intraprenditorija;

85. Jenfasizza l-potenzjal tal-bijodiversità tal-baħar, b'mod partikolari fil-baħar fond li fil-biċċa l-kbira għadu mhux skopert, għas-settur tal-bijoteknoloġija blu, iżda jenfasizza l-ħtieġa għal esplorazzjoni b'attenzjoni ta' din l-ekosistema tassew sensittiva;

86. Jitlob lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod ċar il-kwistjonijiet u l-isfidi relatati mal-bijoteknoloġija blu (pereżempju l-bijonanoteknoloġija, il-bijomaterjali u l-introduzzjoni ta' ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u mikroorganiżmi ġenetikament immodifikati) u tagħmel użu minn approċċ xjentifikament b'saħħtu bbażat fuq il-prinċipju tal-prekawzjoni biex tidentifika, tevalwa u tiġġestixxi r-riskji ambjentali u tas-saħħa assoċjati;

87. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi sħubijiet bejn is-settur privat u l-istituti tar-riċerka, kif ukoll sħubijiet transkonfinali bħaċ-Ċentru Ewropew għar-Riżorsi Bijoloġiċi Marini, peress li l-bijoteknoloġija tal-baħar u l-aċċess għall-bijodiversità tal-baħar jeħtieġu kompetenzi xjentifiċi u tagħmir sofistikat u għali;

o

o o

88. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0301

## Il-kontribut tal-kooperattivi biex tingħeleb il-kriżi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-kontribut tal-kooperattivi biex tingħeleb il-kriżi (2012/2321(INI))**

(2016/C 075/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 54 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2012 dwar L-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturar ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) ([4]),

---

([1]) ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 16.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0071.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0005.
([4]) ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 94/1069/KE tas-7 ta' Diċembru 1994 dwar it-trasferiment tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-trasferiment tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-promozzjoni ta' soċjetajiet kooperattivi fl-Ewropa (COM (2004)0018),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva għan-Negozju Soċjali (COM(2011)0682),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Kooperattivi u Ristrutturar ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 193 tal-ILO dwar il-Promozzjoni tal-Kooperattivi, li ġiet approvata mill-gvernijiet tas-27 Stat Membru attwali, ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2001 dwar "Kooperattivi fl-Iżvilupp tal-Bniedem" u l-fatt li n-Nazzjonijiet Uniti pproklamat l-2012 is-Sena Internazzjonali tal-Kooperattivi,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0222/2013),

***Introduzzjoni***

1. Jirrimarka li l-kooperattivi, flimkien mal-impriżi l-oħra tal-ekonomija soċjali, jiżvolġu rwol essenzjali fl-ekonomija Ewropea, speċjalment fi żmien ta' kriżi, billi jgħaqqdu flimkien il-profittabbiltà mas-solidarjetà, billi joħolqu impjiegi ta' kwalità, isaħħu l-koeżjoni soċjali, ekonomika u reġjonali u jiġġeneraw il-kapital soċjali; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li l-impriżi tal-ekonomija soċjali għandhom jibbenefikaw minn qafas leġiżlattiv aktar ċar u aktar koerenti, filwaqt li tiġi kkunsidrata diversità kbira fost l-istituzzjonijiet tal-ekonomija soċjali u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom;

2. Jinnota li, fl-UE, il-kooperattivi qed ikollhom aktar importanza u li, fosthom, hemm madwar 160 000 intrapriża kooperattiva li jappartjenu lil 123 miljun membru u jipprovdu impjiegi lil 5,4 miljun persuna – inklużi madwar 50 000 intrapriża kooperattiva fl-industrija u s-servizzi li jipprovdu impjiegi lil 1,4 miljun persuna – u li l-kooperattivi jikkontribwixxu medja ta' madwar 5 % għall-PDG ta' kull Stat Membru; jinnota li, matul dawn l-aħħar snin, bosta mijiet ta' intrapriżi kooperattivi industrijali u tas-servizzi ġew stabbiliti b'riżultat tar-ristrutturar ta' negozji fi kriżi jew mingħajr suċċessuri, biex b'hekk ġew salvati u żviluppati mill-ġdid impjiegi u attivitajiet ekonomiċi lokali; jinnota li l-gruppi kooperattivi industrijali u tas-servizzi kellhom impatt kruċjali fuq l-iżvilupp reġjonali f'uħud mir-reġjuni l-iktar industrijalizzati tal-UE; jinnota li xi kooperattivi "soċjali" speċjalizzati fl-integrazzjoni tax-xogħol jipprovdu impjiegi lil iktar minn 30 000 persuna diżabbli u żvantaġġata fis-setturi industrijali u tas-servizzi; jenfasizza li l-kooperattivi saru mudell għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-professjonijiet liberi u li dan il-mudell kiber b'mod sinifikanti f'setturi ġodda, bħas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, is-servizzi diġitali u ta' appoġġ għan-negozju u servizzi ta' interess ġenerali, li preċedentement kienu pprovduti mis-settur pubbliku (pereżempju s-servizzi ambjentali u ta' ġestjoni tal-ispazji naturali, l-edukazzjoni u l-kultura u l-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli); jinnota li għaldaqstant il-kooperattivi għandhom rwol importanti ħafna fl-UE f'termini ekonomiċi, soċjali, ta' żvilupp sostenibbli u ta' impjieg, u barra minn hekk jagħtu spinta lill-innovazzjoni soċjali, li hija suġġett importanti ħafna kemm fl-istrateġija UE 2020 kif ukoll f'Orizzont 2020, u biex iwasslu għall-objettiv ta' żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-komunitajiet reġjonali u lokali;

3. Itenni li l-mudell tan-negozju kooperattiv jikkontribwixxi għal pluraliżmu ekonomiku reali, huwa parti vitali "tal-ekonomija tas-suq soċjali" u huwa konformi bis-sħiħ mal-valuri tat-Trattat tal-UE u mal-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020;

([1]) ĠU L 385, 31.12.1994, p. 14.
([2]) ĠU C 93, 28.3.1998, p. 2.
([3]) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 24.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

4. Jinnota li bosta kooperattivi wrew li huma iktar reżiljenti fi żminijiet ta' kriżi minn ħafna intrapriżi konvenzjonali, kemm f'termini ta' rati tal-impjieg kif ukoll tal-għeluq tal-intrapriżi; jinnota li minkejja l-kriżi, inħolqu kooperattivi f'setturi ġodda u innovattivi u jinnota li hemm evidenza konsiderevoli ta' din ir-reżiljenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-banek kooperattivi u l-kooperattivi industrijali u tas-servizzi (kooperattivi tal-ħaddiema, kooperattivi soċjali u kooperattivi magħmula minn SMEs); jirrimarka li, bħala mudell, l-iżvilupp tal-kooperattivi wera li kien kapaċi jirrispondi għall-ħtiġijiet ġodda u jistimula l-ħolqien tal-impjiegi aħjar minn mudelli oħra minħabba l-kapaċità kbira tal-kooperattivi li jadattaw għall-bidla, u li jżommu n-negozju għaddej, meta f'riskju, billi jkomplu jsegwu l-missjoni tagħhom; jenfasizza, barra minn hekk, ir-rwol strateġiku tal-kooperattivi ffurmati minn SMEs, li jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet kollettivi għal problemi kondiviżi u jippermettu li jiġu żviluppati l-ekonomiji tal-iskala; jinnota, barra minn hekk, l-importanza dejjem akbar "tal-kooperattivi tal-komunità", li jippermettu – speċjalment f'żoni remoti u żvantaġġati – il-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini sabiex jiġu ssodisfati diversi bżonnijiet, bħal servizzi soċjali u tas-saħħa, servizzi ta' skola, servizzi kummerċjali, il-komunikazzjonijiet, eċċ.;

5. Huwa tal-fehma li l-kooperattivi jistgħu jippromwovu b'mod effettiv l-intraprenditorija fuq skala mikroekonomika, fi żminijiet ta' reċessjoni, peress li permezz tagħhom is-sidien ta' negozji żgħar, li ħafna drabi jkunu gruppi ta' ċittadini, jistgħu jieħdu f'idejhom ir-responsabilitajiet tan-negozju; jappoġġa, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp tal-kooperattivi fis-setturi soċjali u tal-benessri, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni soċjali akbar tal-gruppi vulnerabbli;

6. Jargumenta li, grazzi għan-natura deċentralizzata tiegħu, il-mudell tal-kooperattivi jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet għall-2020 stabbiliti fid-Direttiva dwar is-Sorsi tal-Enerġija Rinnovabbli (2009/28/KE) u għat-tranżizzjoni mill-enerġija fossili lejn enerġija rinnovabbli; jirrimarka, f'dan ir-rigward, il-fatt li twaqqfu aktar minn 1000 kooperattiva għall-enerġija rinnovabbli miċ-ċittadini; jemmen li kooperattivi attivi fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jippermettu liċ-ċittadini jsiru membri kooperattivi tal-proġetti lokali, u jinkoraġġixxu l-investiment fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli, li mbagħad isaħħaħ l-aċċettazzjoni soċjali tagħhom għal installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli ġodda; iqis li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-produzzjoni enerġetika tista' tkabbar kemm l-għarfien tagħhom dwar il-ħtieġa ta' konsum tal-enerġija sostenibbli u effiċjenti kif ukoll tal-kontroll tagħhom fuq il-prezzijiet tal-enerġija; jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari għar-rwol li l-kooperattivi tal-enerġija jista' jkollhom biex iżidu l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u biex itejbu l-effiċjenza enerġetika;

7. Jesprimi l-fehma li din ir-reżiljenza ikbar fil-parti l-kbira tagħha hija dovuta għall-mudell kooperattiv ta' governanza, ibbażat fuq sjieda konġunta, parteċipazzjoni ekonomika demokratika u kontroll, organizzazzjoni u ġestjoni mill-partijiet interessati-membri tagħhom, u impenn lejn il-komunità; jenfasizza li r-reżiljenza tal-kooperattivi hija dovuta wkoll għall-metodu partikolari ta' akkumulazzjoni ta' kapital tagħhom, li hi inqas dipendenti fuq l-iżvilupp tas-swieq finanzjarji u hi marbuta kemm mal-allokazzjoni ta' kwantitajiet żejda għall-fondi ta' riserva, fejn possibbli parzjalment indiviżibbli (partikolarment fil-forma ta' attivi li jsaħħu l-moviment kooperattiv b'mod ġenerali, wara l-ħlas ta' dejn dovut f'każijiet ta' likwidazzjoni), u l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-impriża, filwaqt li juru objettivi soċjali u ekonomiċi bilanċjati kif ukoll l-għan li jtejbu l-operat u l-attività tagħhom; jikkunsidra li dan il-mudell jgħin biex jiġi żgurat li l-kooperattivi jieħdu approċċ fit-tul u jankraw ruħhom fl-ekonomija lokali, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp lokali sostenibbli u sabiex jiġi żgurat li ma jiddelokalizzawx, anke meta jinternazzjonalizzaw;

8. Jinnota li intrapriżi kooperattivi huma kapaċi jissodisfaw b'mod effiċjenti u effikaċi bżonnijiet ġodda u eżistenti, f'oqsma bħall-ġestjoni ta' riżorsi kulturali u l-kreattività, u s-sostenibbiltà ambjentali relatata ma' modi ġodda ta' għajxien u konsum; jenfasizza li l-kooperattivi kkultivaw ukoll valuri bħall-protezzjoni tal-legalità – eżempju ta' dan hija l-Italja, fejn il-kooperattivi ġew fdati bil-ġestjoni tal-assi kkonfiskati mingħand il-mafja;

9. Huwa tal-fehma li l-kooperattivi għandhom jiġu inklużi bis-sħiħ fl-objettivi segwiti mill-politika industrijali tal-UE u fil-miżuri li ttieħdu mill-UE, fid-dawl ukoll tal-kontribut fundamentali tagħhom għar-ristrutturar industrijali, li huwa kapitolu ewlieni fil-politika industrijali l-ġdida tal-UE;

10. Jinnota wkoll li, meta jikkooperaw flimkien, il-kooperattivi jistgħu jieħdu vantaġġ mill-ekonomiji tal-iskala u jikkondividu l-esperjenza u l-aħjar prattiki, kif ukoll jiġbru jew jittrasferixxu r-riżorsi umani u finanzjarji, fejn ikun meħtieġ; huwa tal-fehma li din il-flessibbiltà inerenti tippermetti lill-kooperattivi jsostnu lilhom infushom saħansitra fl-iktar żminijiet diffiċli;

11. Jinnota li fl-Istati Membri differenti hemm għadd kbir ta' prattiki tajbin, li juru r-riżultati eċċellenti miksuba mill-intrapriżi kooperattivi f'termini ta' tkabbir, impjiegi, ir-rati ta' sopravivenza u start-ups tan-negozji, "bħas-sistema ta' pagament uniku" (pago único) fi Spanja u l-Liġi Marcora fl-Italja – li jgħinu jiffinanzjaw l-istabbiliment ta' kooperattivi ġodda permezz ta' benefiċċji tal-qgħad – u "il-kooperattivi tal-impjieg u n-negozju" maħluqa fi Franza, l-Isvezja u l-Belġju; jindika, barra minn hekk, gruppi ta' kooperattivi individwali li jistgħu volontarjament jiffurmaw gruppi kummerċjali kbar li jkopru setturi bħall-industrija, l-agrikoltura, id-distribuzzjoni, il-finanzi, ir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-edukazzjoni ta' livell għoli; josserva li s-soċjetà kooperattiva, immudellata, pereżempju, fuq il-British trust, tista' sservi wkoll ta' mudell effiċjenti għat-tmexxija tajba ta' organizzazzjonijiet tal-isports professjonali jew semiprofessjonali, li fl-istess ħin tiffaċilita l-involviment mill-qrib tal-partijiet interessati prinċipali – is-supporters – fil-ġestjoni ta' klabb (professjonali jew mhux professjonali); jistieden lill-Kummissjoni tqis bir-reqqa dawn il-prattiki tajbin u tikkunsidra jekk għandhomx jiġu inklużi fit-tfassil ta' politiki tal-UE favur in-negozju;

12. Iqis li l-kontribut tal-kooperattivi għall-ekonomija u l-istabbiltà tal-impjiegi tal-UE huwa sinifikanti, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi;;

13. Jenfasizza l-bżonn li jiġi żviluppat, fost affarijiet oħra, il-mudell tal-kooperattiva tan-negozju u l-impjieg, intrapriża mibnija gradwalment biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-intraprendituri tagħha u tevolvi skont kif jiżviluppaw l-attivitajiet tan-negozju tagħhom;

14. Jinnota, madanakollu, li l-kooperattivi mhumiex invulnerabbli għall-falliment;

15. Jinnota li fid-diversi Stati Membri hemm sitwazzjonijiet diverġenti li jirriflettu differenzi legali u kunċettwali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni twettaq rieżami tal-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex tfittex bażi komuni u tarmonizza, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-elementi ewlenin bl-għan li jitneħħew l-ostakoli għall-iżvilupp tal-kooperattivi;

16. Jenfasizza li l-impjegati jkunu qegħdin jieħdu riskju finanzjarju sostanzjali meta jwaqqfu kooperattiva jew meta s-sjieda ta' negozju tgħaddi għand l-impjegati tiegħu; josserva li tmexxija tajba, b'mod partikolari f'kooperattiva tal-ħaddiema, tiddependi ħafna fuq l-appoġġ u s-superviżjoni tal-ġestjoni tan-negozju tal-impjegati;

***Qafas regolatorju***

17. Huwa tal-fehma li din il-kapaċità intrinsika ta' reżiljenza għandha tissaħħaħ billi tingħata l-attenzjoni xierqa lill-kooperattivi fil-politiki kollha relevanti tal-UE mfassla biex jingħata kontribut lit-tkabbir sostenibbli u inklużiv, kif ukoll permezz ta' mudell differenti ta' żvilupp ekonomiku li jirrispetta l-mudell soċjali Ewropew, u billi tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-kooperattivi; iqis, b'mod partikolari, li għandha ssir referenza għar-rwol important tal-kooperattivi fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020; jemmen li għandhom jittieħdu l-passi neċessarji biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost il-kooperattivi u forom oħra ta' intrapriżi, filwaqt li jinżammu l-għanijiet u l-metodi ta' ħidma tal-kooperattivi kif ukoll il-karattru soċjali tagħhom;

18. Ifakkar li, permezz tal-leġiżlazzjoni, l-Unjoni Ewropea għandha tirrikonoxxi u tittratta bl-istess mod id-diversi forom ta' intraprenditorija sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-libertà intraprenditorjali jkun rispettat, ikun x'ikun l-istatus tal-intrapriża; jiddispjaċih għall-fatt li fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 tagħha, il-Kummissjoni naqset milli tiffoka fuq ir-rwol tal-intrapriżi soċjoekonomiċi, u fakkret biss fil-kontribut tagħhom għall-ħolqien tal-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali u għad-diffikultajiet akbar ta' finanzjament li qed jiffaċċaw meta mqabbla mal-SMEs;

19. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-servizzi tagħha billi toħloq unità responsabbli għall-kooperattivi u għall-organizzazzjonijiet soċjoekonomiċi oħra (bħalma huma l-organizzazzjonijiet mutwi, fundazzjonijiet u assoċjazzjonijiet involuti f'attivitajiet ekonomiċi u finanzjarji), bil-għan li tiffoka aktar fuq miżuri mħejjija li jiżguraw livell xieraq ta' riżorsi u jiġi sorveljat u indirizzat l-iżvilupp ta' politika dwar l-organizzazzjonijiet soċjoekonomiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka kif xieraq fuq ir-ristrutturar tal-intrapriżi industrijali u tas-servizzi fi kriżi jew mingħajr suċċessur f'kooperattivi permezz tal-ħolqien ta' servizzi dedikati għal dan il-kompitu;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar flessibbiltà dwar ir-regoli tal-akkwist pubbliku għall-intrapriżi mmexxija mill-impjegati, pereżempju billi jiġi inkluż żmien limitat ta' prenotazzjoni;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

21. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżgura li l-miżuri taħt l-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali jkunu koordinati u li jitnaqqsu l-ostakli amministrattivi bejn iż-żewġ inizjattivi;

22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'konformità mar-Rakkomandazzjoni 193/2002 tal-ILO, biex jeżaminaw mill-ġdid il-leġiżlazzjoni tagħhom li tapplika għall-kooperattivi b'mod ġenerali u b'mod partikolari għal tipoloġiji ta' kooperattivi speċifiċi bħall-kooperattivi tal-ħaddiema, kooperattivi soċjali, kooperattivi tal-artiġjani u kooperattivi tal-banek, bl-għan li tiġi adottata politika li tappoġġa mudell kummerċjali tal-kooperattivi u jinħoloq ambjent regolatorju li jiffavorixxi r-rikonoxximent tar-rwol tal-kooperattivi u tal-organizzazzjonijiet ta' tmexxija tagħhom u l-iżvilupp tal-kooperattivi speċjalment fl-oqsma u s-setturi li fihom il-mudell ta prova li għandu valur miżjud soċjali, ekonomiku u ambjentali; jistieden lill-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u partijiet interessati oħra fl-livell reġjonali u lokali, jidentifikaw setturi strateġiċi adattati għall-proġetti ta' kooperazzjoni; jenfasizza li dan għandu jinkludi l-introduzzjoni ta' strumenti finanzjarji xierqa u r-rikonoxximent tar-rwol tal-kooperattivi fid-djalogu soċjali nazzjonali, flimkien mar-rwol tal-banek kooperattivi tal-kreditu, li minn dejjem taw importanza partikolari lill-finanzjament sostenibbli u soċjalment responsabbli u li huma stabbiliti tajjeb lokalment; jitlob li din ir-rakkomandazzjoni tinżamm preżenti fil-kuntest tar-rieżami tar-Regolament dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE);

23. Jenfasizza l-importanza li jitfasslu miżuri regolatorji fi ħdan qafas legali robust li jkunu konformi mal-istandards internazzjonali, sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet nazzjonali differenti u kwalunkwe riskju ta' vantaġġi jew żvantaġġi kompetittivi li jitqajmu fil-livell reġjonali, nazzjonali jew makroreġjonali;

24. Jenfasizza l-importanza li jiġu inklużi l-kooperattivi fl-istadji kollha tal-proċess f'inizjattivi u impriżi futuri tal-Unjoni relatati mal-kooperattivi;

***Trasferimenti u ristrutturar tan-negozji***

25. Jikkunsidra li t-trasferiment ta' negozju lill-impjegati permezz tal-ħolqien ta' kooperattiva u forom oħra ta' sjieda tal-impjegati jista' jkun l-aħjar mod biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' intrapriża; jenfasizza li dan it-tip ta' trasferiment ta' negozji lill-impjegati, b'mod partikolari fir-rigward ta' kooperattivi tal-ħaddiema u akkwisti mill-ħaddiema, għandu jkun appoġġat b'linja baġitarja speċifika tal-UE li tkun tinkludi wkoll strumenti finanzjarji; jitlob b'urġenza l-ħolqien, bil-parteċipazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u s-sħab soċjali, u mal-partijiet interessati mill-moviment tal-kooperattivi, ta' mekkaniżmu Ewropew imfassal biex jippromwovi l-iżvilupp tal-kooperattivi u, b'mod partikolari, it-trasferiment tan-negozji fil-forma ta' kooperattivi, anke permezz tal-istrument ta' fondi ta' mutwalizzazzjoni;

26. Jirrimarka li l-użu ta' akkwisti mill-ħaddiema qed issir prattika dejjem aktar komuni fl-Istati Membri b'rispons għall-kriżi ekonomika; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-istrumenti finanzjarji jew testendi dawk eżistenti biex din il-prattika titħeġġeġ;

27. Jenfasizza r-rwol attiv tal-kooperattivi soċjali fir-ristrutturar tal-SMEs, b'mod partikolari permezz ta' "spin-offs soċjali", li jippromwovu l-integrazzjoni ta' ħaddiema li jistgħu jiġu definiti bħala żvantaġġati u li huma f'sitwazzjoni ta' impjieg kritika, billi tissaħħaħ – permezz tas-solidarjetà – kapaċità dejjem akbar li tissodisfa d-domanda soċjali;

28. Jinnota li ta' sikwit il-problema li tinqala' fit-trasferiment ta' negozju lill-impjegati mhijiex biss kwistjoni tat-tul tal-proċeduri relevanti iżda hija wkoll, anke iktar importanti minn hekk, kwistjoni ta' nuqqas ta' għarfien dwar dan ix-xenarju kummerċjali fost il-professjonisti relevanti (eż. l-avukati u l-kontabilisti) u fi ħdan is-sistema legali u tal-edukazzjoni; jenfasizza li t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni tal-atturi kollha involuti fil-ħolqien jew it-trasferiment tas-sjieda tal-intrapriżi jikkontribwixxu b'mod qawwi għall-promozzjoni ta' din il-prattika; jirrakkomanda, għalhekk, li l-forma kooperattiva tal-intrapriża tingħata post permanenti fil-kurrikula relevanti tal-universitajiet u tal-iskejjel tal-maniġment; jemmen, barra minn hekk, li l-għarfien aħjar dwar il-kooperattivi għandu wkoll jiġi promoss u għandu jkun sostnut finanzjarjament it-trasferiment tan-negozju lill-impjegati skont il-forma ta' kooperattiva, anke permezz ta' użu mmirat u intelliġenti tal-Fondi Strutturali, fost it-trade unions u l-korpi inkarigati bil-provvediment tal-informazzjoni dwar il-ħolqien jew it-trasferiment tan-negozji; jenfasizza l-kompetenza miksuba fil-ħolqien u t-trasferiment tal-intrapriżi fil-forma ta' kooperattiva minn federazzjonijiet ta' kooperattivi f'xi Stati Membri u jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-iskambji tal-aħjar prattiki u metodi f'dan il-qasam fost l-intrapriżi u biex tgħaddi rapporti lill-Kunsill u lill-Parlament dwar l-eżitu;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw qafas li jiffaċilita t-trasferimenti tan-negozji lill-impjegati, inklużi mekkaniżmi finanzjarji mfassla biex jgħinu lill-impjegati jinvestu f'intrapriżi li jkunu fi kriżi jew mingħajr suċċessur, kif ukoll drittijiet preferenzjali għall-impjegati, sabiex jinħolqu l-aħjar kundizzjonijiet għall-offerti ta' akkwiżizzjoni ta' intrapriżi li jkunu f'periklu li jagħlqu;

30. Jemmen ukoll li l-Istati Membri għandhom jadottaw politiki li jiffaċilitaw azzjoni mill-impjegati biex jipparteċipaw fil-kapital u r-riżultati tal-intrapriżi tagħhom, anke permezz ta' mekkaniżmi fiskali konkreti f'forom oħra ta' intrapriżi industrijali u tas-servizzi, u bil-protezzjoni legali neċessarja u l-proporzjon korrispondenti ta' parteċipazzjoni fil-governanza, fis-sorveljanza, fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fir-responsabilità tal-intrapriża; ifakkar li dawn l-attivitajiet jistgħu jżidu l-kompetittività tas-settur rispettiv inġenerali;

31. Jenfasizza l-aspetti pożittivi ta' mekkaniżmi tipiċi tal-mudell kooperattiv, bħalma hi l-indiviżibbiltà tar-riservi, jiġifieri r-riservi li ma jistgħux jiġu kondiviżi fost il-membri anki fil-każ ta' likwidazzjoni, iżda li għandhom jintużaw għall-iżvilupp tal-moviment tal-kooperattivi, u dispożizzjonijiet legali li jippermettu partijiet terzi jipprovdu kapital ta' riskju lill-kooperattivi, bi jew mingħajr drittijiet tal-vot, bħal fondi ta' mutwalizzazzjoni u l-Cooperazione Finanza Impresa (CFI) fl-Italja, l-Institut de Développement de l'Economie Sociale (ESFIN-IDES) fi Franza u l-istruttura għall-investiment tal-Korporazzjoni Mondragon fi Spanja;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi politiki u miżuri favur iż-żamma tal-impjiegi eżistenti u mhux biss il-ħolqien ta' impjiegi ġodda fi start-ups; jitlob lill-Kummissjoni toħloq servizzi li jappoġġaw it-twaqqif ta' intrapriżi f'forma ta' kooperattiva billi toħloq sensibilizzazzjoni u permezz ta' inizjattivi ta' taħriġ;

33. Jenfasizza li l-konverżjoni ta' intrapriżi fi kriżi f'kooperattivi ekonomikament sostenibbli tirrikjedi dijanjożi preċiża u bikrija; jistieden lill-awtoritajiet fil-livelli kollha jikkooperaw mas-sħab soċjali u l-moviment tal-kooperattivi fit-twettiq ta' tali dijanjożi bikrija u fil-valutazzjoni tal-fattibilità u ta' kemm ikun jaqbel li l-intrapriżi jiġu mibdula f'kooperattivi; jemmen li t-Trade Unions u l-federazzjonijiet ta' kooperattivi għandhom ikunu assoċjati wkoll f'dan il-proċess;

34. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tagħmel inventarju komprensiv u komparattiv tal-aħjar prassi implimentati mill-Istati Membri u tal-liġijiet nazzjonali li jiffavorixxu r-ristrutturar fil-forma ta' kooperattiva, b'mod partikolari l-akkwiżizzjoni tal-intrapriżi, is-sistema ġuridika fir-rigward tal-fallimenti, il-mekkaniżmi finanzjarji, l-istituzzjonijiet ta' appoġġ intraprenditorjali u l-ħolqien ta' għaqdiet intraprenditorjali orizzontali ta' intrapriżi kooperattivi; jenfasizza l-importanza tal-involviment tal-kooperattivi f'tali stħarriġ sabiex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet; jistieden, għal dak il-għan, lill-Kummissjoni tqis l-iżvilupp ta' database li tiġbor sistematikament każijiet u informazzjoni dwar ir-ristrutturar f'kooperattivi, biex il-prattiki t-tajba jkunu jistgħu jiġu ċċirkolati u tkun tista' tinġabar data konsistenti;

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw u jippromwovu l-emerġenza ta' raggruppamenti ta' kooperattivi u intrapriżi soċjali sabiex jgħinuhom isibu r-riżorsi meħtieġa biex jokkupaw rwol aktar prominenti fil-katina tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni u biex jappoġġaw l-ekonomiji tal-iskala meħtieġa sabiex jiffinanzjaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

***Aċċess għall-finanzjament u appoġġ kummerċjali***

36. Jenfasizza li l-intrapriżi ta' kooperattivi fl-industrija u s-servizzi, u b'mod partikolari l-SMEs, ma jistgħux – għal diversi raġunijiet, fosthom in-natura tal-intraprenditorija tagħhom – jiksbu aċċess għal kapital ta' riskju u kreditu fis-swieq kapitali; jinnota wkoll li l-kooperattivi tal-ħaddiema f'setturi b'użu intensiv ta' kapital, normalment isibuha diffiċli jakkwistaw kwantitajiet kbar ta' kapital mill-membri tagħhom, u li għalhekk għandhom jinħolqu strumenti finanzjarji xierqa biex jiġi żgurat ir-rispett għall-forom tal-intraprenditorija tagħhom;

37. Jirrimarka li l-kwistjoni tal-aċċess għall-kreditu għall-kooperattivi hija ta' importanza partikolari minħabba n-natura speċifika tal-istruttura tagħhom; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni, il-Kumitat ta' Basel u l-Bank Ewropew tal-Investiment, jiżviluppaw u jużaw parametri tal-kwalità, ukoll f'termini tal-provvediment tal-kreditu u l-finanzjament, sabiex ikun hemm distinzjoni bejn ir-rwol tal-kooperattivi, inklużi l-kooperattivi soċjali, u tipi oħra ta' negozju;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

38. Iqis li l-kapitalizzazzjoni tal-kooperattivi teħtieġ tissaħħaħ billi jkun hemm użu aħjar tar-riżorsi li jistgħu jiġu pprovduti mill-istruttura soċjali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi miżuri għall-appoġġ tal-kapitalizzazzjoni, inklużi benefiċċji tat-taxxa – anke jekk huma limitati biż-żmien – ladarba l-akkwisti jkunu ġew stabbiliti jew implimentati, mingħajr ma jiġu kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat;

39. Jinnota li f'xi Stati Membri, il-partijiet barranin jistgħu jipprovdu kapital ta' riskju għal kooperattivi bi drittijiet tal-vot limitati jew mingħajr drittijiet tal-vot – sabiex jiġu rrispettati s-sjieda tal-membri u l-istruttura ta' kontroll – u li dan ippermetta li l-kooperattivi jtejbu d-djalogu tagħhom ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn; jesprimi l-approvazzjoni tiegħu għal tali politiki u jheġġeġ lill-Istati Membri kollha jiffaċilitaw l-aċċess għall-kreditu tal-kooperattivi;

40. Jikkunsidra li l-Kummissjoni flimkien mal-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), għandhom jiżguraw li l-kooperattivi jkollhom aċċess għal mekkaniżmi ta' finanzjament fil-livell tal-UE – inkluż, fejn ikun xieraq, il-pjan ta' azzjoni għall-finanzjament tal-SMEs issuġġerit fl-Att dwar is-Suq Uniku – u li għandhom jagħmlu sforz speċjali flimkien mas-settur tal-banek kooperattivi sabiex jiżguraw li dan iseħħ; jenfasizza li azzjonijiet bħal dawn jistgħu jtejbu l-funzjonament tas-Suq Uniku;

41. Iqis li l-karatteristiċi speċifiċi tal-banek kooperattivi għandhom jiġu kkunsidrati fir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji u fil-liġijiet implimentattivi li jsegwuha;

42. Jenfasizza li l-programmi u l-fondi li qed jiġu stabbiliti taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2014-2020) għandhom ikunu strumenti importanti biex jiġu appoġġati l-kooperattivi; huwa tal-fehma li, meta jiġu stabbiliti programmi operattivi, għandu jkun hemm attenzjoni ffukata fuq il-faċilitazzjoni tat-twaqqif ta' kooperattivi ġodda, li jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp kummerċjali sostenibbli u r-ristrutturar responsabbli, inklużi miżuri, b'mod partikolari, dwar it-trasferimenti tan-negozju lill-impjegati u l-kooperattivi soċjali fl-iżvilupp lokali u l-innovazzjoni soċjali, teknoloġika u tal-proċess innovattiv, bl-użu ta' għotjiet globali u strumenti finanzjarji oħra, inkluż il-Fond għall-Aġġustament tal-Globalizzazzjoni;

43. Huwa tal-fehma li fl-ipprogrammar finanzjarju tal-UE u nazzjonali, għandha tingħata attenzjoni partikolari (jew ċertu persentaġġ għandu jitwarrab) għall-kooperattivi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għall-impjieg ta' persuni żvantaġġati, kif definiti ukoll fir-Regolament (KE) Nru 2204/2002 , sabiex jiġu kkonsolidati u żviluppati aktar livelli u livelli aqwa ta' protezzjoni soċjali;

44. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fis-sena finanzjarja li jmiss, tappoġġa proġett pilota biex jgħin it-trasferimenti ta' intrapriżi fi kriżi lill-ħaddiema tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jaħdmu u b'hekk jinħolqu kooperattivi ġodda li jerġgħu jqajmu fuq saqajhom lill-intrapriżi li huma fi kriżi jew li fallew finanzjarjament;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa miżuri li jappoġġaw l-impjieg fost iż-żagħżagħ fis-settur kooperattiv; jistieden ukoll lill-Kummisjoni theġġeġ, fl-Istati Membri, it-tixrid tal-mudell kooperattiv bħala strument ewlieni għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda;

46. Jemmen ukoll li l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jagħmluha iktar faċli li l-kooperattivi jiksbu aċċess għall-firxa kollha ta' servizzi ta' appoġġ kummerċjali, peress li dan se jkompli jgħinhom jikkontribwixxu aktar għall-iżvilupp sostenibbli tal-attivitajiet tagħhom; iheġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jintroduċu miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess tal-kooperattivi għall-kreditu, b'mod partikolari fir-rigward ta' kooperattivi ta' ħaddiema, kooperattivi soċjali, kooperattivi tal-artiġjani u kooperattivi stabbiliti minn mikrointrapriżi;

47. Iqis li l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa għat-tneħħija ta' kull ostakolu legali, amministrattiv jew burokratiku li jimpedixxi jew jirrestrinġi t-tkabbir tal-kooperattivi;

48. Jemmen li l-aċċess ta' assoċjazzjonijiet tal-kreditu kooperattivi żgħar għas-swieq għandu jiġi ffaċilitat fl-Ewropa kollha;

49. Jikkunsidra, barra minn hekk, li għandhom jiġu mħeġġa n-netwerks kollaborattivi fost l-SMEs, bħalma huma dawk li diġà jeżistu fl-UE fil-forma ta' kooperattivi (il-kooperattivi tal-artiġjani, il-kooperattivi tal-SMEs, il-kooperattivi tal-attività u l-impjieg, eċċ.), peress li tali netwerks isaħħu b'mod konsiderevoli l-istabbiliment u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi mikro u żgħar permezz ta' kummerċjalizzazzjoni, xiri jew servizzi oħra kondiviżi u jgħinuhom biex ikunu għejun tal-innovazzjoni;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

50. Jemmen li sabiex jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kooperattivi ġodda, għandhom jiġu żviluppati servizzi għall-kooperattivi li għadhom kif bdew; jemmen, barra minn hekk, li għandhom jitħeġġu fil-livell kemm nazzjonali kif ukoll Ewropew l-inizjattivi li jippromwovu l-mudell kooperattiv fost l-intraprendituri potenzjali ġodda (jiġifieri fil-kurrikuli tal-universitajiet);

o

o o

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

P7_TA(2013)0302

## Bijoekonomija għall-Ewropa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 L-Innovazzjoni għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa (2012/2295(INI))**

(2016/C 075/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa" (COM(2012)0060)",

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' COM(2010)2020)",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Naffrontaw l-isfidi fis-swieq tal-prodotti bażiċi u dawk marbuta mal-materja prima" (COM(2011)0025) u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar din il-komunikazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-presidenza tal-Kunsill tar-Renju Unit tal-2005 ("The Knowledge-Based Bio-Economy in Europe"), tal-Ġermanja fl-2007 ("En route to the Knowledge based Bio-Economy") u tal-Belġju fl-2010 ("The Knowledge Based Economy in Europe: achievements and challenges"),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0201/2013),

A. billi l-popolazzjoni dinjija prevista li se tiżdied minn 7 biljun ruħ għal 9 biljun ruħ sal-2050, li se jwassal għal żieda ta' madwar 70 % fid-domanda għall-prodotti tal-ikel u tqiegħed pressjoni kbira fuq ir-riservi tal-ilma;

B. billi l-iskarsezza tar-riservi naturali fid-dinja, il-pressjoni li qed tiżdied fuq il-materja prima rinnovabbli u l-effetti dinjin tat-tibdil fil-klima jitolbu minna li nużaw ir-riżorsi b'aktar effiċjenza;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0223.
([2]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 21.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

C. billi approċċ fuq żmien fit-tul, innovattiv u effiċjenti jiggarantixxi mhux biss sostenibilità akbar iżda wkoll appoġġ għall-iżvilupp rurali u reġjonali, it-tnaqqis potenzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, sostenibilità akbar taċ-ċirku produttiv iżda wkoll it-tixrid tal-innovazzjoni industrijali ma' tul il-katina tal-valur kollha;

D. billi t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli ssaħħaħ il-kompetittività tal-industrija u tal-qasam agrikolu Ewropej, iżżid it-tkabbir ekonomiku u, għaldaqstant, tippromwovi żieda sinifikanti fil-livelli tal-impjieg Ewropej;

E. billi s-suċċess tal-bijoekonomija fl-Ewropa jiddependi fuq id-disponibilità ta' stokkijiet tal-ikel immaniġġjati u mkabbra b'mod sostenibbli (mill-biedja, mill-forestrija u mill-iskart bijodegradabbli);

F. billi l-bijoekonomija tal-UE diġà għandha fatturat ta' kważi EUR 2 triljun, u huwa mistenni li jkun hemm tkabbir sinifikanti mill-produzzjoni primarja sostenibbli, l-ipproċessar tal-ikel, il-bijoteknoloġija industrijali u l-bijoraffineriji;

### *Kummenti ġenerali*

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Innovazzjoni għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa" u l-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija li jinsab fiha;

2. Iqis li l-bijoekonomija tippermetti l-produzzjoni ta' komoditajiet industrijali u tal-konsumatur bi spejjeż aktar baxxi, b'użu inqas tal-enerġija u toħloq anqas tniġġis ambjentali;

3. Huwa wkoll tal-fehma li t-tranżizzjoni lejn bijoekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva għandha tkun ibbażata mhux biss fuq il-produzzjoni ta' riżorsi naturali rinnovabbli b'impatt ambjentali baxx, iżda wkoll fuq l-użu sostenibbli tagħhom mil-lat ekoloġiku, ekonomiku u soċjali, filwaqt li jinżamm l-użu tar-riżorsi bijotiċi fil-konfini tat-tiġdid ekosistemiku;

4. Jenfasizza l-urġenza li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġu appoġġati l-innovazzjoni u l-investiment f'tekniki ġodda u mudelli kummerċjali u li jinħolqu l-inċentivi li jwasslu għal benefiċċji fit-tul għall-ekonomija; jenfasizza r-rwol ewlieni tas-settur privat biex ikun hemm tkabbir ekonomiku sostenibbli;

5. Huwa tal-fehma li l-bijoekonomija hija kundizzjoni essenzjali biex jinkisbu l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u, aktar speċifikament, tal-inizjattivi "Unjoni ta' Innovazzjoni" u "Ewropa li tuża r-Riżorsi b'Effiċjenza";

6. Jilqa' l-appoġġ tal-Kummissjoni għal bidla radikali fl-approċċ tal-UE għall-produzzjoni, il-konsum, l-ipproċessar, il-ħażna, ir-riċiklaġġ u r-rimi ta' riżorsi bijoloġiċi;

7. Jirrimarka li filwaqt li 22 miljun persuna diġà huma impjegati fil-bijoekonomija, kwantità li tammonta għal 9 % tal-impjieg totali fl-UE, il-bijoekonomija għandha l-potenzjal li timpjega miljuni aktar;

8. Jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li toħloq task force u pjan direzzjonali dwar il-bijoindustriji li fih jiġi enfasizzat il-kontribut li r-riżorsi rinnovabbli u l-bijoteknoloġiji jistgħu joffru lill-iżvilupp sostenibbli u jħeġġeġ lir-reġjuni u lill-operaturi jiżviluppaw innovazzjonijiet ġodda għas-settur tal-bijoekonomija;

9. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali dwar il-bijoekonomija u jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rapport darbtejn fis-sena lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni ta' bijoekonomija;

10. Jenfasizza li l-UE hija mexxej dinji f'diversi oqsma tal-bijoxjenza u l-bijoteknoloġiji; huwa tal-fehma li t-tranżizzjoni lejn il-bijoekonomija tippermetti li l-Ewropa twettaq passi importanti 'l quddiem f'termini tal-ekonomija b'użu baxx tal-karbonju, ta' innovazzjoni u kompetittività u ssaħħaħ ir-rwol tagħha fix-xena internazzjonali;

11. Jenfasizza l-importanza u l-potenzjal enormi tal-effiċjenza tal-enerġija u tar-riżorsi; jenfasizza l-ħtieġa li "għandu jiġi prodott aktar b'anqas" ħalli l-bijoekonomija tibqa' sostenibbli;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

12. Huwa tal-fehma li bijoekonomija għall-Ewropa m'għandhiex sempliċiment tissostitwixxi l-ekonomija attwali bbażata fuq il-fjuwils fossili jew tirrepeti l-imġiba ta' ħela u x-xejriet ta' konsum attwali iżda għandha tevolvi f'mudell aktar effiċjenti u sostenibbli li jqis il-ġestjoni soċjali u ambjentali ma' tul il-katini tal-valur kollha bbażati fuq il-bijoekonomija;

13. Jilqa' r-reviżjoni li għaddejja bħalissa tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-bijofjuwils sabiex jitnaqqsu l-effetti negattivi tal-bidla indiretta fl-użu tal-art (Indirect Land Use Change – ILUC), u jitħeġġeġ is-suq għall-bijofjuwils aktar avvanzati, kif ukoll l-iżvilupp tagħhom, li permezz tagħhom jkun jista' jsir użu akbar ta' materja prima mhux tal-ikel, bħal pereżempju l-iskart, ir-residwi u l-materjali linjoċellulożiċi u ċellulożiċi;

14. Ifakkar li l-fatturi ILUC għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi, kif ukoll il-kriterji ta' sostenibilità vinkolanti għall-użu ta' bijomases solidi u tal-gass, għandhom ikunu inklużi fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u fid-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi Direttiva Qafas dwar il-Bijomassa li tkopri l-applikazzjonijiet kollha tal-bijomases (enerġija, karburanti, materjali u prodotti kimiċi) u l-introduzzjoni ta' ġerarkija tal-bijomases;

***Investimenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-ħiliet***

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha fir-riċerka u l-koordinazzjoni tal-iżvilupp mal-fruntieri tal-Istati Membri u mas-setturi varji, u jenfasizza b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' riċerka fil-valutazzjoni ta' konfini ta' sostenibilità tar-riżorsi bijotiċi, filwaqt li jitqiesu l-funzjonijiet ekosistemiċi u l-katini naturali tal-ikel kif ukoll id-domanda tal-bniedem għall-ikel;

16. Jitlob għal aktar riċerka dettaljata biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet soċjali u ambjentali kif ukoll il-kostijiet potenzjali tal-bijoekonomija minħabba l-impatti potenzjali differenti u l-metodi żbaljati possibbli tal-isfruttament tal-bijoekonomija, fir-rigward tal-użu ta' riżorsi naturali skarsi, ir-riskju ta' ħsara għall-ambjentu t-telf tal-bijodiversità u l-opportunità għall-konservazzjoni;

17. Jappoġġja l-ħolqien ta' Panil tal-Bijoekonomija ta' esperti biex jgħin ħalli jiżdiedu s-sinerġiji u l-koerenza bejn il-politiki u l-inizjattivi, u Osservatorju tal-Bijoekonomija, sabiex jitħeġġeġ it-tagħlim reċiproku, billi jiġi żgurat skambju kontinwu ta' għarfien u tagħrif bejn istituti ta' riċerka, kumpaniji, istituzzjonijiet, universitajiet, operaturi reġjonali, bdiewa u ċittadini f'żoni rurali, u jitħaffef l-iżvilupp ta' qafas ġuridiku li jżid u jiffaċilita r-riċerka, l-applikazzjonijiet tagħha u l-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet;

18. Ifakkar l-importanza tal-applikazzjoni tal-prinċipju prekawzjonarju fl-użu tal-bijoteknolioġiji, speċjalment fl-oqsma tal-manipulazzjoni ġenetika tal-organiżmi u l-bijoloġija sintetika;

19. Huwa tal-fehma li jeħtieġ li jinħolqu programmi ta' informazzjoni u taħriġ multidixxiplinarji u intersettorjali biex is-sejbiet tar-riċerka jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati, inklużi l-konsumaturi, u jinħolqu l-opportunitajiet biex jiżdiedu l-kuxjenza u l-parteċipazzjoni;

20. Jappella għall-eliminazzjoni tal-ostakoli eżistenti għall-innovazzjoni ma' tul il-katina tal-valur, l-aktar bi proċeduri ta' approvazzjoni tal-UE li jkunu rapidi u bbażati fuq data xjentifika għall-prodotti bijoteknoloġiċi kif ukoll aċċess aktar rapidu għas-suq;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri prattiċi ta' ambitu reġjonalment komprensiv biex tippromwovi l-produzzjoni u l-konsum ta' prodotti tal-bijoekonomija fil-livell reġjonali;

22. Jenfasizza li l-bijoekonomija teħtieġ li jiġu żviluppati aktar u/jew integrati ħiliet ġodda, għarfien ġdid u dixxiplini ġodda biex jindirizzaw bidliet soċjetali relatati mal-bijoekonomija kif ukoll biex jappoġġaw il-kompetittività, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-industrija u jiżguraw tlaqqigħ aħjar bejn il-ħiliet u l-impjiegi;

23. Jenfasizza li l-bijoekonomija teħtieġ għarfien tal-ogħla livell u forza tax-xogħol kompetenti; isostni li huwa neċessarju li jiġi previst taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni superjuri fir-reġjuni tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni; jirrimarka li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fuq firxa wiesgħa fir-reġjuni jistimulaw ukoll l-espansjoni tan-negozju;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

24. Jilqa' l-baġit ta' EUR 4,5 biljun propost mill-Kummissjoni fil-Programm ta' Qafas għar-Riċerka (Orizzont 2020) tagħha u jittama li dan il-baġit ikun disponibbli għas-setturi u l-istrumenti kollha tal-bijoekonomija, u għall-finijiet tal-perfezzjoni ulterjuri tal-innovazzjonijiet, inkluża r-riċerka dwar il-limiti ekosistemiċi, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-bijomaterjali;

25. Huwa tal-fehma li l-bijoraffineriji bbażati fuq bijomaterjali sostenibbli lokali li ma jkunux prodotti minflok ikel jew minflok ma jintużaw għal skopijiet aktar importanti, huma għodda importanti biex jiġu implimentati proċessi virtwużi tal-konverżjoni ta' impjanti li m'għadhomx jintużaw u biex terġa' tingħata ħajja lil inħawi milquta mill-kriżi permezz ta' proċessi innovattivi u investimenti maħsuba biex joħolqu ekonomija ċirkulari, filwaqt li jawgura li dan ir-rwol jibqa' jitħeġġeġ;

26. Jenfasizza li jeħtieġ li jkun hemm kwantitajiet suffiċjenti ta' materja prima sostenibbli sabiex il-bijoraffineriji fl-Ewropa jiffunzjonaw b'suċċess; jirrimarka li dan ikun jeħtieġ ukoll it-titjib tal-infrastrutturi għall-ħżin u t-trasport u l-iżvilupp tal-loġistiki meħtieġa;

27. Jirrimarka li hemm biss għadd limitat ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni fl-Ewropa u li jinħtieġu investimenti akbar sabiex jinżamm ir-rwol mexxej tal-industrija Ewropej fis-settur tal-bijoraffineriji; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw attivitajiet pilota u ta' dimostrazzjoni biex jittejbu l-prodotti u l-proċessi;

28. Jenfasizza li l-politiki tal-bijoekonomija jridu jitfasslu aħjar biex jiżguraw użu kaskata tal-bijomassa; f'dan ir-rigward jitlob għall-iżvilupp ta' strument legali li jwitti t-triq għal użu aktar effiċjenti u sostenibbli ta' din ir-riżorsa prezzjuża; jenfasizza li tali strument għandu jistabbilixxi prinċipju ta' użu kaskata fil-"piramida tal-bijomassa", billi jqis il-partijiet differenti tagħha u jsaħħaħha fl-ogħla livelli tagħha; jinnota li tali approċċ iwassal għal użu ġerarkiku, intelliġenti u effiċjenti tal-bijomassa, għal applikazzjonijiet li jżidu l-valur u għall-appoġġ ta' miżuri bħal koordinazzjoni tar-riċerka mal-katina tal-valur sħiħa;

***Interazzjoni msaħħa fost il-politiki u involviment akbar tal-partijiet interessati***

29. Iqis li huwa neċessarju li jiġi żgurat approċċ integrat, koerenti, intersettorjali u multidixxiplinarji għall-bijoekonomija, u jitlob għall-armonizzazzjoni tal-politiki differenti tal-UE involuti u l-prinċipji ta' gwida relatati – bħall-prinċipju prekawzjonarju – fis-setturi varji (il-pjan direzzjonali tal-Effiċjenza tar-Riżorsi, l-Unjoni għall-Innovazzjoni, l-Inizjattiva dwar il-Materja Prima, Orizzont 2020, il-Programm ta' Azzjoni dwar l-Ambjent 2020, il-Koeżjoni, il-Politika Agrikola Komuni u l-Politika Komuni tas-Sajd, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar l-Imballaġġ, u miżuri speċifiċi dwar il-bijomassa); iqis ukoll li huwa neċessarju li jiġi stabbilit ambjent uniformi, fuq tul ta' żmien twil, stabbli u regolatorju, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll nazzjonali, li jfittex li jippromwovi u jżid l-investimenti għall-bijoekonomija fl-Ewropa;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel dispożizzjonijiet għal-strumenti finanzjarji ħalli tappoġġja investimenti prekummerċjali, tbiddel is-sejbiet tar-riċerka f'suċċessi kummerċjali u tippermetti lill-kumpaniji innovattivi, speċjalment l-SMEs, biex isibu strumenti finanzjarji u ta' appoġġ oħrajn li jħeġġu l-iżvilupp tal-bijoekonomija, per eżempju permezz tal-użu tal-Fondi Reġjonali u Strutturali u l-faċilitajiet tal-qsim tar-riskji tal-Bank Ewropew tal-Investiment, permezz ta' koerenza miżjuda bejn il-fondi ta' riċerka u innovazzjoni differenti tal-UE, u permezz tat-twaqqif ta' one-stop shop għal informazzjoni dwar l-inizjattivi kollha relatati mal-ekonomija u bbażati fuq il-bijo bil-għan li jintlaħaq l-akbar impatt possibbli; jirrikonoxxi d-diffikultà, u r-riskji finanzjarji, assoċjati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet tal-bijoekonomija u mat-tqegħid tagħhom fis-suq;

31. Jitlob li tiġi żviluppata l-infrastruttura industrijali u jiġu ottimizzati l-katini tal-provvista għall-prodotti bijoloġiċi f'żoni rurali u kostali bl-għan li jinħolqu impjiegi ġodda fl-agrikoltura, il-forestrija u l-akkwakultura; jitlob li l-finanzjament għall-iżvilupp rurali tal-UE jkun disponibbli għal dan l-għan u li dan isir b'tali mod li jnaqqas aktar milli jżid, id-dannu għall-ambjent u t-telf tal-bijodiversità;

32. Jappella għal azzjoni mmirata u konkreta sabiex jitnaqqsu l-kumplessità u t-tul tal-proċeduri burokratiċi ta' awtorizzazzjoni li jikkumplikaw il-proċessi ta' żvilupp tal-bijoraffineriji u li jistgħu jinkoraġġixxu t-trasferiment ta' teknoloġiji innovattivi u avvanzati barra l-UE;

33. Japprova l-użu tal-formula tas-Sħubija Pubblika Privata (PPP), filwaqt li jieħu tagħlimiet adegwati mill-problemi li ħarġu f'applikazzjonijiet preċedenti tal-istess formula f'setturi oħra, jistieden lill-Kummissjoni talloka riżorsi adegwati għall-iżvilupp u t-tkabbir ta' dawn is-sħubiji, fit-twemmin li dan huwa mezz ewlieni li jippermetti l-ħolqien ta' ktajjen ta' valur ġodda, billi jissaħħu l-ktajjen eżistenti u jiġi ffaċilitat l-investiment f'teknoloġiji u f'prototipi li jistgħu jittrasferixxu r-riżultati tar-riċerka fis-swieq;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

34. Jaqbel mal-ħtieġa ta' approċċ f'diversi livelli, u jappella li tingħata attenzjoni dejjem akbar lid-dimensjoni reġjonali u lokali tal-bijoekonomija u lil inizjattivi minn isfel għal fuq; jilqa' t-twaqqif ta' pjattaformi tal-bijoekonomija, fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE, li se jkunu jistgħu jkejlu l-progress imwettaq f'settur partikolari u jippermettu li jseħħ skambju ta' għarfien u tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-iżviluppi tal-bijoekonomija jseħħ b'mod ugwali fl-UE kollha; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi wkoll esperti fil-qasam u fid-dixxiplini kollha interessati kif ukoll rappreżentanti tal-konsumaturi u taċ-ċittadini; jirrimarka li l-ekonomiji reġjonali għandhom rwol ċentrali fil-kisba ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

35. Jemmen li l-inizjattivi minn isfel għal fuq huma importanti fil-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq il-prodotti bijoloġiċi u li approċċ xprunat min-negozju u mid-domanda, flimkien ma' approċċ immexxi mill-gvern, huma kruċjali; iqis li għandhom jiġu pprovduti l-possibilitajiet adegwati għall-inizjattivi reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja tali netwerks u clusters bil-ħsieb li tippromwovi l-iskambju ta' esperjenzi;

***It-tisħiħ tas-swieq u tal-kompetittività***

36. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka l-appoġġ finanzjarju fuq l-innovazzjoni b'konformità mal-Unjoni għall-Innovazzjoni, fosthom il-prijoritajiet ta' Orizzont 2020, filwaqt li tħeġġeġ is-sejbiet tar-riċerka għall-kummerċjalizzazzjoni, bil-għan li tagħlaq l-hekk imsejjaħ divarju tal-"wied tal-mewt" tas-settur tar-riċerka fl-Ewropa;

37. Iqis li hemm numru ta' għodod eċċellenti (akkwist pubbliku, standardizzazzjoni, inċentivi fiskali, sistemi ta' ċertifikazzjoni u ta' tikkettjar speċifiċi) li jistgħu jiggarantixxu provvista suffiċjenti ta' prodotti b'bażi bijoloġika li jkunu sostenibbli u ta' kwalità għolja kif ukoll jipprovdu sistemi ta' produzzjoni effiċjenti mil-lat ta' riżorsi; jemmen li jeħtieġ li jkun hemm riforma tal-leġiżlazzjoni attwali; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kriterji ta' sostenibilità għall-użu tal-bijomassa li fuqhom għandhom jiġu bbażati wkoll għodod li joħolqu s-suq;

38. Jagħmel enfasi fuq il-fatt li bijoekonomija dipendenti fuq l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi, minflok enerġija fossili, trid tkun iggwidata minn qafas politiku sod li jqis mhux biss il-vijabilità ekonomika, iżda wkoll fatturi ta' sostenibilità soċjali u ekoloġika;

39. Huwa tal-fehma li huwa essenzjali li l-konsumaturi jiġu involuti u mgħarrfa dwar l-għażla ta' prodotti u servizzi b'bażi bijoloġika; jittama, f'dan ir-rigward, li jkun hemm standardizzazzjoni ta' din il-produzzjoni fl-UE abbażi ta' biżżejjed kriterji ta' sostenibilità, u li din titqies bħala strument li jippromwovi suq Ewropew vantaġġuż ta' dawn il-prodotti;

40. Jemmen li t-tul tal-ħajja tal-prodotti bbażati fuq il-bijoloġija ma jistax jitnaqqas b'mod artifiċjali; il-prodott għandu jitfassal għall-itwal ħajja possibbli;

41. Jenfasizza li l-bijoekonomija se tagħti kontribut sinifikanti lill-iżvilupp tal-inħawi rurali u tax-xtut; huwa tal-fehma li s-sinerġija u kooperazzjoni mill-qrib ma' tul il-katina tal-valur, inkluż il-produtturi lokali ta' materja prima agrikola u tal-forestrija, u l-bijoraffineriji, jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kompetittività u għaż-żieda fil-profitabbiltà tar-reġjuni rurali; jisħaq fuq il-bżonn li tiġi żviluppata strateġija bijoekonomika fuq tul ta' żmien twil, li tqis kif inhu xieraq il-bżonn li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel;

42. Jeħtieġ li l-proċessi bijoloġiċi u bijoteknoloġiċi li huma żviluppati jistgħu jiġu użati f'riżorsi rinnovabbli b'bażi bijoloġika mill-iskart u minn uċuħ tar-raba' mhux tal-ikel, u wkoll bħala komponenti fin-negozji agrikoli u bbażati fuq il-forestrija eżistenti;

43. Isostni li wieħed mill-prinċipji ta' gwida tal-bijoekonomija huwa li tissaħħaħ l-effiċjenza tar-riżorsi u titnaqqas id-dipendenza fuq materja prima, enerġija u riżorsi naturali mhux rinnovabbli importati; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tas-settur tal-foresti u industriji oħrajn ibbażati fuq il-bijoloġija u jsostni li r-riżorsi naturali rinnovabbli u l-materja prima newtri mill-karbonju, bħall-injam u l-fibra tal-injam, jistgħu jissostitwixxu l-materja prima fossila mhux rinnovabbli; jirrimarka li l-industrija tal-bijoekonomija tipproduċi ħafna prodotti ta' valur miżjud għoli, bħall-kimiċi, mediċini, plastiks, u materja prima innovattiva oħra, u li toħloq ukoll l-impjiegi; jenfasizza l-potenzjal tal-bijoteknoloġiji bbażati fuq riżorsi tal-baħar;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi miżuri biex iżżid il-potenzjali tal-materja prima tal-ikel b'mod sostenibbli, timmobilizza aħjar tali materja prima tal-ikel, tiġbor skart bijodegradabbli – billi tiġi evitata t-trasportazzjoni eċċessiva – u tiżgura li l-użu tal-bijomassa jibqa' fil-limiti ekoloġiċi u ma jnaqqasx il-funzjoni tal-assorbiment tal-karbonju; f'dan il-kuntest iqis urġenti li jiġu stabbiliti kriterji ta' sostenibilità għall-użu ta' enerġija tal-bijomassa sabiex tiġi żgurata d-disponibilità tal-bijomassa għal skopijiet aktar effiċjenti mil-lat ta' riżorsi, filwaqt li jiġi evitat li l-inċentivi għat-trasformazzjoni tal-bijomassa f'enerġija joħolqu distorsjonijiet fis-suq u jnaqqsu d-disponibbiltà tagħhom għall-produtturi;

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

45. Iqis li huwa importanti li wieħed jinvesti fil-ktajjen tal-provvista tal-bijoekonomija, sabiex ikun hemm garanzija tad-disponibilità tal-materja prima; isostni li l-istrateġiji tal-bijoekonomija għandhom jinkuraġġixxu mhux biss l-użu aktar effiċjenti tal-iskart tad-djar u muniċipali, iżda wkoll l-irkupru tal-flussi u l-fdalijiet tal-prodotti sekondarji agrikoli u tal-forestrija; jappella biex ikun hemm leġiżlazzjoni aħjar u li tippermetti ċ-ċertezza ġuridika u tipprovdi appoġġ b'saħħtu għall-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-bijoekonomija u l-isfruttament tal-materja prima u sabiex il-politika tkun ibbażata, f'kull rigward, fuq approċċ flessibbli fit-tul u li tippromwovi l-investimenti;

46. Iqis li, skont l-istrateġija definita mill-politika industrijali Ewropea l-ġdida, il-bijoekonomija tista' tagħti kontribut importanti fil-ġlieda kontra l-proċess ta' deindustrijalizzazzjoni li llum qed jolqot lill-Ewropa, u tgħin biex treġġgħu lura permezz ta' strateġiji ġodda li jistimulaw is-suq u jniedu mill-ġdid il-kompetittività tas-sistema territorjali;

47. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tiddefinixxi s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent b'riżultat ta' "azzjoni tal-gvern li tikkonferixxi vantaġġ lil konsumaturi jew produtturi, sabiex jiġi ssupplimentat id-dħul tagħhom jew jitnaqqsu l-ispejjeż tagħhom iżda li, minħabba f'hekk, issir diskriminazzjoni fil-konfront ta' prattiki ambjentali tajba" ([1]); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw pjanijiet konkreti, mingħajr dewmien u sal-2014, ibbażati fuq din id-definizzjoni għat-tneħħija progressiva tas-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent qabel l-2020, inklużi s-sussidji li jagħtu inċentiv għall-użu ineffiċjenti ta' riżorsi rinovabbli u s-sussidji fuq il-fjuwils fossili, u jirrappurtaw dwar il-progress permezz tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma; f'dan il-kuntest, jinsab imħasseb li s-sussidji għall-użu tal-bijomaterjali għall-enerġija diġà qed idgħajfu l-objettivi tal-effiċjenza tar-riżorsi;

48. Jinnota bi tħassib li d-domanda li qed tiżdied għall-bijomassa, b'mod partikolari għall-injam, tista' tiskatta deforestrazzjoni ġenerali fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, fejn l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mhumiex ikkunsidrati skont il-Protokoll ta' Kyoto; jirrimarka li filwaqt li dan jista' jkollu impatt fuq il-kwalità tal-ħamrija, iċ-ċikli tal-ilma u l-bijodiversità, iżid il-pressjoni fuq il-ftehimiet globali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) u l-Programm ta' Kollaborazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tnaqqis ta' Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti fil-Pajjiżi li qed jiżviluppaw (REDD); jibża' wkoll li, meta jitqies li s-sistemi tal-governanza tal-art huma dgħajfa f'ħafna pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, id-domanda dejjem akbar għal prodotti tal-injam tista' tiskatta l-qtugħ illegali tas-siġar u ddgħajjef min-naħa tagħha l-ftehimiet volontarji ta' sħubija fl-ambitu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT);

49. Jenfasizza li t-tranżizzjoni lejn bijoekonomija se tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ulterjuri tar-riżultati ta' Rio+20 fil-politiki tal-UE; jemmen li l-UE għandha tintensifika aktar il-kontribut tagħha għall-inizjattivi li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ħadra inklużiva fil-livell internazzjonali;

50. Jitlob li l-UE ssir ċentru ta' riċerka u innovazzjoni dinamiku fil-livell internazzjonali fil-qasam tar-riċerka dwar il-bijoekonomija; jiddikjara li prodotti, proċessi u servizzi ġodda bbażati fuq riżorsi rinnovabbli se jsaħħu l-kompetittività tal-industrija Ewropea u jpoġġuha fuq quddiem nett fil-livell internazzjonali;

51. Iqis li huwa fundamentali l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' sostenibilità ġuridikament vinkolanti għas-setturi kollha tal-użu tal-bijomases, kif ukoll kriterji vinkolanti ta' ġestjoni forestali sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE ssegwi l-adozzjoni ta' ftehimiet multilaterali u tforni, partikolarment għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, sostenn istituzzjonali u tekniku relatat biex jiġi garantit l-użu sostenibbli tal-bijomases.

52. Huwa tal-fehma li l-mudell tal-bijoekonomija żviluppat fi ħdan din l-istrateġija se jsolvi l-kwistjonijiet kritiċi kontinġenti u, fuq żmien itwal, jista' jagħti bidu għal mudelli ta' produzzjoni, konsum, żvilupp u stili ta' ħajja aktar sostenibbli u effettivi, billi jattiva mill-ġdid il-proċess ta' tkabbir Ewropew bis-saħħa ta' sinteżi ġdida bejn l-ekonomija, l-ambjent u l-kwalità soċjali;

o

o o

53. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) Test adattat mill-OECD (1998 u 2005) f'IEEP et al. 2007, ara http://ec.europa.eu/environment/enveco/taxation/index.htm

P7_TA(2013)0304

# Il-ftehim politiku rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-ftehim politiku rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 (2012/2799(RSP))

(2016/C 075/07)

*Il-Parlament Ewropew*,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 310, 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 għall-fini li jinkiseb eżitu pożittiv għall-proċedura ta' approvazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013 dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fit-8 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fit-28 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jilqa' pożittivament il-ftehim politiku milħuq fis-27 ta' Ġunju 2013 fl-ogħla livell politiku bejn il-Parlament, il-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020, wara negozjati twal u ibsin; jirrikonoxxi l-isforzi notevoli tal-Presidenza Irlandiża biex jintlaħaq tali ftehim;

2. Jisħaq fuq il-fatt li – bis-saħħa tal-perseveranza tal-Parlament fin-negozjati – għall-ewwel darba ġew adottati għadd ta' dispożizzjonijiet li se jkunu strumentali biex jagħmlu l-qafas finanzjarju l-ġdid operattiv, konsistenti, trasparenti u aktar adegwat għall-esiġenzi taċ-ċittadini tal-UE; jenfasizza, b'mod partikolari, l-arranġamenti l-ġodda relatati mar-reviżjoni tal-QFP, mal-flessibilità, mar-riżorsi proprji u mal-unità u t-trasparenza tal-baġit, li kienu, għall-Parlament, prijoritajiet fundamentali fin-negozjati;

3. Huwa dispost li jressaq għall-vot ir-Regolament dwar il-QFP u l-Ftehim Interistituzzjonali l-ġdid fil-bidu tal-ħarifa, malli jkunu rispettati l-kundizzjonijiet tekniċi u ġuridiċi neċessarji għall-finalizzazzjoni tat-testi rilevanti, biex b'hekk il-Ftehim Interistituzzjonali jirrifletti l-ftehim ġenerali milħuq bejn il-Kunsill u l-Parlament;

4. Itenni, madankollu, il-pożizzjoni tiegħu, espressa fir-riżoluzzjoni msemmija tat-13 ta' Marzu 2013 dwar il-QFP, li l-approvazzjoni tar-Regolament dwar il-QFP ma tistax tingħata sakemm ikun hemm garanzija assoluta li l-talbiet pendenti għall-ħlas għall-2013 ikunu koperti totalment; jistenna li l-Kunsill, għalhekk, jieħu deċiżjoni formali dwar l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 2/2013, għall-ammont ta' EUR 7,3 biljun, mhux iktar tard mill-Kunsill Ecofin li se jsir fid-9 ta' Lulju 2013; jinsisti li l-Kunsill iżomm l-impenn politiku tiegħu li jadotta mill-aktar fis baġit emendatorju ulterjuri biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas tal-approprjazzjonijiet ta' pagament li jaf iwassal għal defiċit strutturali fil-baġit tal-UE fi tmiem l-2013; jiddikjara li l-Parlament mhuwiex se jagħti l-approvazzjoni tiegħu lir-Regolament dwar il-QFP jew mhuwiex se jadotta l-Baġit 2014 sakemm dan il-baġit emendatorju ġdid, li jkopri d-defiċit li fadal kif identifikat mill-Kummissjoni, ikun ġie adottat mill-Kunsill;

5. Jenfasizza, barra minn hekk, li r-Regolament dwar il-QFP ma jistax jiġi adottat leġittimament sakemm ma jintlaħaqx ftehim politiku dwar il-bażijiet ġuridiċi rilevanti, speċjalment dwar il-punti li huma riflessi wkoll fir-Regolament dwar il-QFP; jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonkludi mill-aktar fis possibbli n-negozjati rigward il-bażijiet ġuridiċi għall-programmi pluriennali kollha u jerġa' jikkonferma l-prinċipju skont liema "ma jintlaħaq qbil dwar xejn sakemm jintlaħaq qbil dwar kollox"; jinsisti fuq ir-rispett totali għas-setgħat leġiżlattivi tal-Parlament, mogħtija mit-Trattat ta' Lisbona, u jistieden lill-Kunsill jinnegozja b'mod adegwat l-aspetti kollha tal-bażijiet ġuridiċi hekk imsejħa "relatati mal-QFP"; jilqa' favorevolment il-ftehimiet politiċi milħuqa s'issa dwar diversi programmi pluriennali ġodda tal-UE;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0360.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0078.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

6. Jirrikonoxxi l-konsolidament fiskali li l-Istati Membri qegħdin iħabbtu wiċċhom miegħu; iqis, madankollu, li l-livell ġenerali tal-QFP li jmiss, deċiż mill-Kunsill Ewropew, mhuwiex biżżejjed meta mqabbel mal-objettivi politiċi tal-UE u l-bżonn li tiġi garantita l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020; jinsab imħasseb dwar il-fatt li dan il-livell ta' riżorsi aktarx mhuwiex biżżejjed biex jgħammar lill-Unjoni Ewropea bil-mezzi neċessarji biex tirkupra mill-kriżi attwali b'mod ikkoordinat u biex toħroġ minnha aktar b'saħħtiha; jiddispjaċih li l-Istati Membri għadhom jissottovalutaw ir-rwol u l-kontribut tal-baġit tal-UE biex jissaħħu l-governanza ekonomika u l-koordinament fiskali fl-Unjoni Ewropea kollha; jibża', madankollu, li limiti massimi tal-QFP tant baxxi sejrin inaqqsu b'mod konsiderevoli kwalunkwe marġini ta' manuvra għall-Parlament fil-proċeduri baġitarji annwali;

7. Jisħaq fuq l-importanza ta' rieżami obbligatorju u ta' reviżjoni sussegwenti tal-QFP li jmiss sa tmiem l-2016, bil-għan li l-Kummissjoni u l-Parlament li jmiss jitħallew jerġgħu jivvalutaw il-prijoritajiet politiċi tal-UE, jadattaw il-QFP għall-isfidi u għall-esiġenzi l-ġodda u jqisu totalment il-projezzjonijiet makroekonomiċi l-aktar reċenti; jinsisti fuq il-fatt li r-rieżami obbligatorju li jsir mill-Kummissjoni fir-rigward tan-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa tal-baġit tal-UE jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għal reviżjoni tar-Regolament dwar il-QFP, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' tali regolament; bi ħsiebu jippreżenta din ir-reviżjoni obbligatorja tal-QFP bħala rekwiżit kruċjali waqt l-investitura tal-President tal-Kummissjoni l-ġdid;

8. Itenni l-importanza kruċjali li tissaħħaħ il-flessibilità fil-QFP 2014-2020 bil-għan li jiġu sfruttati bis-sħiħ il-limiti massimi tal-QFP rispettivi għall-impenji (EUR 960 biljun) u għall-pagamenti (EUR 908,4 biljun), kif impost mill-Kunsill Ewropew; jilqa' b'sodisfazzjon, għalhekk, l-approvazzjoni tal-Kunsill taż-żewġ proposti ewlenin imressqa mill-Parlament, jiġifieri l-ħolqien ta' Marġini Globali għall-Pagamenti u ta' Marġini Globali għall-Impenji, li jippermettu r-riport awtomatiku tal-approprjazzjonijiet mhux użati minn sena finanzjarja għall-oħra; iqis bħala deplorevoli, madankollu, il-limiti imposti mill-Kunsill (f'termini ta' żmien jew ta' ammonti) li jistgħu jimpedixxu l-użu sħiħ ta' dawn l-istrumenti; iqis li t-titjib ta' dawn il-mekkaniżmi għandu jagħmel parti integrali mir-reviżjoni postelettorali tal-QFP li għandha tkun proposta mill-Kummssjoni;

9. Jenfasizza li r-regoli ta' flessibilità l-ġodda dwar l-impenji għandhom iwasslu, matul il-QFP 2014-2020, għal approprjazzjonijiet addizzjonali għal programmi marbuta mat-tkabbir u mal-impjiegi, u partikolarment l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, bil-għan li jiġi żgurat finanzjament kontinwu u jiġi ottimizzat l-użu effiċjenti tal-limiti massimi maqbula;

10. Jilqa' pożittivament il-ħlas bil-quddiem fl-2014 u 2015 tal-approprjazzjonijiet għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u jinsisti li mill-2016 'il quddiem se jkunu meħtieġa approprjazzjonijiet supplementari bil-għan li jiġu garantiti s-sostenibilità u l-effikaċja ta' dan il-programm;

11. Jisħaq fuq il-fatt li, bħala riżultat tal-insistenza tal-Parlament, il-finanzjament għall-programmi Orizzont 2020, Erasmus u COSME se jitħallas ukoll bil-quddiem fl-2014 u 2015 ħalli jitnaqqas id-distakk fil-finanzjament bejn l-approprjazzjonijiet rilevanti fil-baġits tal-2013 u tal-2014; jinsisti, barra minn hekk, li huwa essenzjali li finanzjament ulterjuri jsir disponibbli wkoll għall-Aġenda Diġitali;

12. Jilqa' pożittivament il-fatt li sar provvediment għal żieda addizzjonali li tammonta sa EUR 1 biljun għall-iskema ta' distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jirrikorru għal din iż-żieda biex jgħinu lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni; jistenna li l-Kunsill u l-Parlament jaqblu mill-aktar fis possibbli dwar il-modalitajiet konkreti għall-implimentazzjoni ta' dan l-impenn fil-kuntest tan-negozjati attwali dwar il-bażi ġuridika għall-iskema inkwistjoni;

13. Jiddeplora l-fatt li l-Kunsill ma kien kapaċi jagħmel l-ebda progress fir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji abbażi tal-proposti leġiżlattivi mressqa mill-Kummissjoni; jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jkun iffinanzjat minn riżorsi proprji awtentiċi, kif preskritt fit-Trattat, u jiddikjara l-impenn tiegħu favur riforma li tnaqqas il-proporzjon ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) lill-baġit tal-UE sa massimu ta' 40 %; jistenna, għaldaqstant, li d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Riżorsi Proprji maqbula bejn it-tliet istituzzjonijiet tal-UE tippermetti li jinkiseb progress konkret, speċjalment fid-dawl tar-rieżami/reviżjoni intermedja tal-QFP; jappella, għalhekk, biex il-grupp ta' livell għoli dwar ir-riżorsi proprji jitlaqqa' meta jiġi adottat formalment ir-Regolament dwar il-QFP u jiġi fdat b'mandat li jeżamina l-aspetti kollha tar-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-eżitu tan-negozjati dwar l-unità u t-trasparenza tal-baġit tal-UE; iqis li kwalunkwe possibilità ta' "baġit taż-żona tal-euro" li tista' tkun prevista għall-ġejjieni għandha tkun integrata fil-baġit tal-UE jew annessa għalih;

15. Iqis bħala ferm deplorevoli l-proċedura li wasslet għal dan il-ftehim rigward il-QFP 2014-2020, li fir-realtà kellha l-effett li ċċaħħad lill-Parlament mis-setgħat baġitarji veri tiegħu kif jippreskrivi t-TFUE; iqis li l-bosta laqgħat li saru matul dawn l-aħħar ftit snin bejn id-delegazzjoni tiegħu u l-presidenzi suċċessivi tal-Kunsill b'mod parallel mal-laqgħat tal-Kunsill "Affarijiet Ġenerali" rilevanti, kif ukoll il-parteċipazzjoni tiegħu fil-laqgħat informali tal-Kunsill li jittrattaw il-QFP, ma qdew l-ebda skop, billi ma ħallew l-ebda impatt fuq l-ispirtu, il-kalendarju jew il-kontenut tan-negozjati jew fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill, inkluż il-bżonn ta' distinzjoni tal-aspetti leġiżlattivi minn dawk baġitarji tal-ftehim rigward il-QFP;

16. Jistieden, għalhekk, lill-Kumitat għall-Baġits, f'kooperazzjoni mal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tiegħu, sabiex ifassal il-konklużjonijiet neċessarji u sabiex iressaq proposti ġodda dwar il-modalitajiet ta' tali negozjati, bil-għan li tiġi garantita n-natura demokratika u trasparenti tal-proċedura baġitarja kollha kemm hi;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra kkonċernati.

---

P7_TA(2013)0314

## Is-sikurezza fit-toroq

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar is-sikurezza fit-toroq 2011-2020 – L-ewwel stadji lejn strateġija dwar korrimenti(2013/2670(RSP))**

(2016/C 075/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-sikurezza fit-toroq 2011-2020 tas-27 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-"Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjni tal-Kummissjoni "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" (COM(2010)0389),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "On the Implementation of objective 6 of the European Commission's policy orientations on road safety 2011-2020 – First milestone towards an injury strategy" (Dwar l-implimentazzjoni tal-objettiv 6 tal-orjentazzjonijiet ta' politika tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sikurezza tat-triq 2011-2020 – L-ewwel stadju lejn strateġija dwar korrimenti) (SWD(2013)0094),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "L-implimentazzjoni tal-orjentazzjonijiet ta' politika għas-sikurezza tat-triq 2011-2020" ([3]) ,

— wara li kkunsidra l-"World report on road traffic injury prevention" (Rapport dinji dwar il-prevenzjoni tal-korrimenti tat-traffiku" ippubblikat b'mod konġunt fl-2004 mill-Bank Dinji u l-WHO,

— wara li kkunsidra ir- riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2012 dwar l-eCall: servizz ġdid "112" għaċ-ċittadini ([4]),

---

([1]) ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 54.
([2]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 72.
([3]) ĠU C 166, 7.6.2011, p. 30.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0274.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar "is-Sikurezza fit-toroq 2011-2020 – L-ewwel stadji lejn strateġija dwar korrimenti"(O-000061/2013 – B7-0211/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fl-2011 aktar minn 30 000 ruħ inqatlu u aktar minn 1 500 000 ruħ ġew irrappurtati li korrew (aktar minn 250 000 minnhom b'korrimenti gravi) f'inċidenti tat-traffiku ġewwa l-Unjoni Ewropea;

B. billi għal kull inċident fatali, jseħħu erba' oħra li jwasslu għal diżabilitajiet permanenti, 40 li jikkawżaw korrimenti ħfief u 10 li jikkawżaw korrimenti gravi;

C. billi aktar minn nofs il-korrimenti ħfief jokkorru f'żoni urbani, u jaffettwaw b'mod speċjali lil persuni li jkunu mexjin, rekbin il-muturi, ċiklisti (inklużi dawk rekbin fuq roti b'mutur elettriku) u utenti vulnerabbli oħra tat-toroq;

D. billi l-kawżi maġġuri li jħallu vittmi tal-inċidenti tat-triq u korrimenti gravi huma l-falliment tat-tagħmir, id-disinn tat-toroq, il-manutenzjoni ħażina tat-toroq u l-aġir tas-sewwieqa, inkluż is-sewqan b'veloċitajiet għoljin; billi l-veloċità hija relatata direttament mal-gravità tal-korrimenti, u billi xi Stati Membri qed jikkunsidraw jekk għandhomx jgħollu l-veloċità massima fl-awtostradi tagħhom;

E. billi l-involviment fl-inċidenti tat-triq huwa wieħed mill-kawżi ewlenin tad-dħul fl-isptarijiet għal ċittadini tal-UE taħt l-età ta' 45 sena, u billi bosta korrimenti gravi jwasslu għal tbatija tul il-ħajja kollha jew inkella għal diżabilitajiet permanenti;

F. billi l-ħin li s-servizzi tal-emerġenza jieħdu biex jintervjenu (il-prinċipju tas-"siegħa tad-deheb"), inkluż biex jagħtu l-ewwel għajnuna li ssalva l-ħajjiet, kif ukoll il-kwalità tal-kura, it-tnejn għandhom rwol importanti fis-sopravvivenza fl-inċidenti;

G. billi l-kost soċjoekonomiku tal-inċidenti tat-triq huwa stmat li jilħaq 2 % tal-PDG, jew inkella madwar EUR 250 biljun għall-2012 ([1]);

H. billi l-azzjonijiet Ewropej f'dan ir-rigward qed juru riżultati pożittivi;

1. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tagħti prijorità għolja lill-korriment gravi f'ħidma dwar is-sikurezza tat-toroq;

2. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' definizzjoni komuni tal-UE ta' korrimenti gravi, abbażi tal-klassifika tat-trawma li tgawdi aċċettazzjoni internazzjonali u li hija magħrufa bl-isem "Maximum Abbreviated Injury Scale";

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw bil-ħeffa d-definizzjoni komuni tal-UE ta' korrimenti gravi tat-traffiku u, fuq dik il-bażi, jiġbru u jirrappurtaw statistika skont il-mezz ta' trasport, inklużi l-utenti vulnerabbli tat-triq, kif ukoll skont it-tip ta' infrastruttura tat-triq għall-2014;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fuq il-bażi tad-data miġbura, tiffissa mira ambizzjuża li l-korrimenti tat-triq tnaqqashom b'40 % tul il-perjodu 2014-2020, u żżomm bħala għan fit-tul l-idea globali ta' "Viżjoni Żero";

5. Jemmen li l-iżvilupp ta' mekkaniżmu komuni għall-ġbir u r-rappurtar tad-data m'għandux jipprevjeni t-teħid ta' azzjonijiet urġenti fil-livell tal-UE biex inaqqsu l-għadd ta' persuni li jisfaw korruti serjament fit-toroq;

6. Jilqa' l-prijoritajiet definiti mill-Kummissjoni għall-iżvilupp tal-istrateġija globali tagħha, jiġifieri li tindirizza t-temi tal-impatt tal-ħabtiet, l-istrateġija għall-ġestjoni tal-inċidenti tat-traffiku, is-servizzi tal-ewwel għajnuna u tal-emerġenza u l-proċessi tar-riabilitazzjoni fit-tul, u jitlob l-implimentazzjoni rapida ta' dawn il-prijoritajiet;

---

([1]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "On the Implementation of objective 6 of the European Commission's policy orientations on road safety 2011-2020 – First milestone towards an injury strategy" (Dwar l-implimentazzjoni tal-objettiv 6 tal-orjentazzjonijiet ta' politika tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sikurezza tat-triq 2011-2020 – L-ewwel stadju lejn strateġija dwar korrimenti),

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

***It-tnaqqis bla dewmien tal-korrimenti gravi fit-toroq Ewropej***

7. Jenfasizza li firxa sħiħa ta' atti legali u miżuri eżistenti jridu jiġu implimentati aħjar u bla dewmien biex inaqqsu l-impatt tal-ħabtiet, iqawwu s-sikurezza għall-utenti tat-toroq u jnaqqsu l-korrimenti gravi;

8. Jitlob li l-Kummissjoni tirrevedi l-leġiżlazzjoni tagħha dwar is-sikurezza attiva u passiva tal-vetturi biex tadattaha għall-aktar progress tekniku reċenti, u ssostni l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ta' infurzar abbord il-karozzi;

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex issostni l-iżvilupp ta' infrastruttura sikura u intelliġenti tat-toroq;

10. Jitlob li l-Kummissjoni tagħti informazzjoni dettaljata dwar kif l-Istati Membri qed jittrasponu d-Direttiva 2011/82/UE li tiffaċilita l-iskambju transkonfinarju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jissuktaw bl-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra s-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-drogi u biex jiskambjaw l-aqwa prattiki għall-valutazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' min iwettaq reati tat-traffiku;

***Protezzjoni ta' utenti vulnerabbli tat-triq***

12. Jinnota li l-persuni li jkunu mexjin u ċ-ċiklisti flimkien jirrappreżentaw 50 % tal-imwiet tat-traffiku kollha fiż-żoni urbani, kif ukoll parti kbira mill-korrimenti gravi;

13. Jappoġġja l-monitoraġġ u l-iżvilupp ulterjuri ta' standards tekniċi u politiki għall-protezzjoni tal-aktar utenti vulnerabbli tat-toroq – il-persuni mdaħħlin fiż-żmien, it-tfal iż-żgħar, il-persuni b'diżabbiltà u ċ-ċiklisti, bħala parti minn sforz kollettiv biex jiġu promossi d-'drittijiet ta' utenti vulnerabbli tat-triq fil-leġiżlazzjoni tal-UE' u fil-politika dwar it-trasport;

14. Jitlob li l-Kummissjoni tagħti stampa globali taż-żoni urbani b'limitu ta' veloċità ta' 30 km fis-siegħa u tal-effetti ta' dak il-limitu fit-tnaqqis tal-imwiet u tal-korrimenti gravi;

15. Jistieden lill-Istati Membri jenfasizzaw l-importanza ta' kampanji tal-informazzjoni u ta' taħriġ relatati ma' ċikliżmu u mixi sikur, kif ukoll ta' politiki maħsuba biex jippromwovu ċ-ċikliżmu u l-mixi, minħabba li hemm korrelazzjoni qawwija bejn is-sikurezza taċ-ċiklisti u tal-persuni li jkunu mexjin fiż-żoni urbani u l-prevalenza taċ-ċikliżmu u l-mixi bħala modi ta' trasport, fejn xieraq flimkien mal-mobbiltà pubblika u kollettiva;

16. Jitlob li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida dwar is-sikurezza fit-toroq urbani li jistgħu jiġu inklużi fi Pjanijiet tal-Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMPs), u li tikkunsidra li l-kofinanzjament mill-UE għal proġetti tat-trasport urban torbtu ma' SUMPs li jinkludu miri ta' tnaqqis tal-imwiet u l-korrimenti gravi fit-toroq;

***It-titjib tal-ewwel għajnuna u tas-servizzi tal-emerġenza***

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex isostnu n-Numru ta' Emerġenza Ewropew 112 u jottemperaw ruħhom mar-rekwiżiti li ċ-ċentri li jirċievu t-telefonati marbutin mas-sikurezza pubblika (Public Safety Answering Points, PSAPs) jagħmluhom operattivi sal-2015 u jimplimentaw mill-aktar fis possibbli kampanja ta' tkattir tal-kuxjenza għall-introduzzjoni tagħhom;

18. Jilqa' l-proposta tal-Kummmissjoni li, sal-2015, tiżgura t-tħaddim obbligatorju fl-Istati Membri kollha ta' sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112 fil-karozzi kollha ġodda li jirċievu approvazzjoni tat-tip, fil-ħarsien sħiħ tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data;

19. Jitlob li l-Kummissjoni, permezz tal-qies tal-aqwa prattiki fl-Istati Membri, tikkunsidra l-introduzzjoni ta' "sewqan akkumpanjat" għal minorenni ta' età akbar;

20. Jistieden lill-Istati Membri biex sistematikament jippromwovu t-taħriġ fl-ewwel għajnuna bħala mod kif iqawwu r-reattività ta' dawk li jinzertaw fil-madwar meta jseħħ inċident tat-traffiku ħalli jgħinu lill-vittmi qabel ma jaslu s-servizzi tal-emerġenza;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

21. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni bejn is-servizzi tal-emerġenza u d-disinjaturi tal-vetturi ħalli jiżguraw interventi effikaċi u sikurezza sew għall-ħaddiema tas-salvataġġ kif ukoll għall-korruti;

22. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' sistemi tas-saħħa elettronika, u speċjalment l-użu ta' sistemi tal-Komunikazzjoni Intelliġenti tat-Trasport min-naħa tat-tims tal-emerġenza, inkluż f'vetturi tal-emerġenza;

***Kura wara l-inċidenti tat-traffiku u r-riabilitazzzjoni fit-tul***

23. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex fil-politiki tas-saħħa tagħhom jenfasizzaw l-importanza tal-kura wara l-inċidenti tat-traffiku, u biex itejbu l-kura fl-isptarijiet fuq żmien aktar fit-tul, il-kura u r-riabilitazzjoni ta' wara l-kura fi sptar, inklużi t-trattament tat-trawma u psikoloġiku għal min ikun għadda minn inċident tat-traffiku jew ikun xehdu billi, pereżempju, jipprovdu punti ta' assistenza biex lil dawn il-persuni jgħinuhom itejbu l-kwalita tal-ħajja tagħhom;

24. Jistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-kuxjenza dwar l-impatt ta' korrimenti serji billi jiżviluppaw rabtiet aktar stretti ma' miżuri oħra li jkollhom impatt soċjali, bħalma huma l-livelli ta' ħsara mġarrba, ta' diżabbiltà u ta' inkapaċità funzjonali, u biex jiżviluppaw programmi edukattivi dwar is-sikurezza tat-toroq;

o

o o

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0315

## Is-sitwazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali: standards u prattiki fl-Ungerija

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali: standards u prattiki fl-Ungerija (skont ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2012) (2012/2130 (INI))**

(2016/C 075/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jistabbilixxi l-valuri li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 4, 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 49, 56, 114, 167 u 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar l-iżviluppi politiċi reċenti fl-Ungerija [1], li tat istruzzjonijiet lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezja, biex isegwu jekk u kemm ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti f'dik ir-riżoluzzjoni ġew implimentati u biex jippreżenta l-konstatazzjonijiet tiegħu f'rapport,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Marzu 2011 dwar il-liġi tal-media fl-Ungerija [2] u tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-Kostituzzjoni Ungeriża Riveduta [3],

---

(1) Testi adottati, P7_TA(2012)0053.
(2) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 154.
(3) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 17.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2009) – implimentazzjoni effikaċi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2011 – 2011) ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea bl-isem "Ir-rispett u l-promozzjoni tal-valuri li fuqhom hi bbażata l-Unjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (COM(2003)0606),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mressqa fid-dibattitu fil-plenarja li sar fil-Parlament Ewropew fit-18 ta' Jannar 2012 dwar l-iżviluppi politiċi reċenti fl-Ungerija,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Prim Ministru Ungeriż, Viktor Orbán, li għamel intervent quddiem il-Parlament Ewropew fit-18 ta' Jannar 2012 fid-dibattitu fil-plenarja dwar l-iżviluppi politiċi reċenti fl-Ungerija,

— wara li kkunsidra s-seduta ta' smigħ li saret fid-9 ta' Frar 2012 mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' delegazzjoni ta' Membri tal-Parlament Ewropew dwar iż-żjara tagħhom f'Budapest mill-24 sas-26 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra d-dokumenti ta' ħidma dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali: standards u prattiki fl-Ungerija (skont ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2012) li jinkludu d-dokumenti ta' ħidma nru 1 – Indipendenza tal-ġudikatura, nru 2 – Prinċipji fundamentali u drittijiet fundamentali, nru 3 – Leġiżlazzjoni dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni, nru 4 – Prinċipji tad-demokrazija u l-Istat tad-dritt u nru 5 – Rimarki tal-għeluq mir-Rapporteur, li ġew diskussi fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fl-10 ta' Lulju 2012, l-20 ta' Settembru 2012, it-22 ta' Jannar 2013, is-7 ta' Marzu 2013 u t-8 ta' April 2013 rispettivament, kif ukoll il-kummenti tal-Gvern Ungeriż dwar dawn,

— wara li kkunsidra l-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, adottata fit-18 ta' April 2011 mill-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Ungeriża, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012 (minn hawn 'il quddiem il-"Liġi Fundamentali"), u d-Dispożizzjonijiet Tranżitorji tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, adottati fit-30 ta' Diċembru 2011 mill-Assemblea Nazzjonali, li daħlu fis-seħħ ukoll fl-1 ta' Jannar 2012 (minn hawn 'il quddiem id-"Dispożizzjonijiet Tranżitorji"),

— wara li kkunsidra l-Ewwel Emenda tal-Liġi Fundamentali, imressqa mill-Ministru tal-Ekonomija Nazzjonali fis-17 ta' April 2012 u adottata mill-Parlament Ungeriż fl-4 ta' Ġunju 2012, li tistabbilixxi li d-Dispożizzjonijiet Tranżitorji huma parti mil-Liġi Fundamentali,

— wara li kkunsidra t-Tieni Emenda tal-Liġi Fundamentali, imressqa fit-18 ta' Settembru 2012 fil-forma ta' abbozz fuq inizjattiva personali u adottata mill-Parlament Ungeriż fid-29 ta' Ottubru 2012, li tintroduċi r-rekwiżit tar-reġistrazzjoni tal-eletturi fid-Dispożizzjonijiet Tranżitorji,

— wara li kkunsidra t-Tielet Emenda tal-Liġi Fundamentali, imressqa fis-7 ta' Diċembru 2012, adottata mill-Parlament Ungeriż fil-21 ta' Diċembru 2012 u li tistabbilixxi li l-limiti u l-kundizzjonijiet tal-akkwist tal-proprjetà u tal-użu ta' art agrikola u ta' foresti kif ukoll ir-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-produzzjoni agrikola integrata għandhom ikunu regolati mil-liġijiet ta' livell superjuri (l-hekk imsejħa "liġijiet kardinali")

— wara li kkunsidra r-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali, imressqa fit-8 ta' Frar 2013 fil-forma ta' abbozz fuq inizjattiva personali u adottata mill-Parlament Ungeriż fil-11 ta' Marzu 2013, li, fost dispożizzjonijiet oħra, tintegra fit-test tal-Liġi Fundamentali d-Dispożizzjonijiet Tranżitorji (minbarra ċerti eċċezzjonijiet inklużi d-dispożizzjoni li teħtieġ ir-reġistrazzjoni tal-eletturi) annullati mill-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija fit-28 ta' Diċembru 2012 minħabba raġunijiet proċedurali (Deċiżjoni Nru 45/2012), u d-dispożizzjonijiet li jifdal ta' natura tranżitorja reali f'dan id-dokument,

---

([1]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 49.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0500.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-Att CXI tal-2012 dwar l-Emenda tal-Att CLXI tal-2011 dwar l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-qrati u l-Att CLXII dwar l-istatus ġuridiku u r-rimunerazzjoni tal-imħallfin tal-Ungerija,

— wara li kkunsidra l-Att XX tal-2013 dwar l-emendi leġiżlattivi relatati mal-limiti massimi ta' età applikabbli f'ċerti relazzjonijiet ġuridiċi f'ambitu ġudizzjarju,

— wara li kkunsidra l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-libertà tal-kuxjenza u r-reliġjon u l-istatus ġuridiku tal-knejjes, tad-denominazzjonijiet u tal-komunitajiet reliġjużi tal-Ungerija (l-Att dwar il-Knejjes), li ġie adottat fit-30 ta' Diċembru 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012,

— wara li kkunsidra l-Opinjonijiet nri CDL(2011)016, CDL(2011)001, CDL-AD(2012)001, CDL-AD(2012)009, CDL-AD (2012)020 u CDL-AD(2012)004 tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (Kummissjoni ta' Venezja) dwar il-Kostituzzjoni l-ġdida tal-Ungerija, dwar it-tliet kwistjonijiet ġuridiċi li jirriżultaw mill-proċess tal-abbozzar tal-Kostituzzjoni l-ġdida tal-Ungerija, dwar l-Att CLXII tal-2011 dwar l-istatus ġuridiku u r-rimunerazzjoni tal-imħallfin tal-Ungerija u l-Att CLXI tal-2011 dwar l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-qrati tal-Ungerija, dwar l-Att CLI tal-2011 tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija, dwar l-atti hekk imsejħa "kardinali" dwar il-ġudikatura li ġew emendati wara l-adozzjoni tal-opinjoni CDL-AD(2012)001 dwar l-Ungerija, u dwar l-Att dwar id-dritt ta' libertà tal-kuxjenza u r-reliġjon u l-istatus ġuridiku tal-knejjes, tad-denominazzjonijiet u tal-komunitajiet reliġjużi tal-Ungerija,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Konġunta nru CDL-AD(2012)012 tal-Kummissjoni ta' Venezja u l-OSKE/ODIHR dwar l-Att dwar l-elezzjonijiet tal-Membri tal-Parlament tal-Ungerija,

— wara li kkunsidra l-kummenti tal-Gvern Ungeriż nri CDL(2012)072, CDL(2012)046 u CDL(2012)045 dwar l-abbozz ta' opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-atti hekk imsejħa "kardinali" dwar il-ġudikatura li ġew emendati wara l-adozzjoni tal-opinjoni CDL-AD(2012)001, dwar l-abbozz ta' opinjoni konġunta dwar l-Att dwar l-elezzjonijiet tad-deputati tal-Ungerija u dwar l-abbozz ta' opinjoni dwar l-Att CLI tal-2011 dwar il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija,

— wara li kkunsidra l-inizjattivi meħudin mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, Thorbjørn Jagland, inklużi r-rakkomandazzjonijiet dwar il-ġudikatura definiti fl-ittra tiegħu tal-24 ta' April 2012 indirizzata lill-Viċi Prim Ministru Ungeriż, Tibor Navracsics,

— wara li kkunsidra l-ittri ta' risposta tal-10 ta' Mejju 2012 u tas-7 ta' Ġunju 2012 mis-Sur Navracsics li jiddikjaraw l-intenzjoni tal-awtoritajiet Ungeriżi li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sur Jagland,

— wara li kkunsidra l-ittra tas-6 ta' Marzu 2013 mibgħuta mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, is-Sur Jagland, lis-Sur Navracsics li fiha jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-proposta għar-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali u jappella għall-posponiment tal-vot finali, u l-ittra ta' risposta tas-7 ta' Marzu 2013 mis-Sur Navracsics,

— wara li kkunsidra l-ittra tas-6 ta' Marzu 2013 mibgħuta mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja, tal-Pajjiżi Baxxi, tad-Danimarka u tal-Finlandja lill-President tal-Kummissjoni, José Manuel Barroso, li fiha jagħmlu appell għal mekkaniżmu biex titrawwem il-konformità mal-valuri fundamentali fl-Istati Membri,

— wara li kkunsidra tal-ittra tat-8 ta' Marzu 2013 mibgħuta mill-Ministru Ungeriż għall-Affarijiet Barranin, is-Sur János Martonyi, lill-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri tal-UE li fiha jispjega l-iskop tar-Raba' Emenda,

— wara li kkunsidra l-ittra tat-8 ta' Marzu 2013 mibgħuta mis-Sur Barroso lis-Sur Orbán dwar it-tħassib tal-Kummissjoni Ewropea rigward ir-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali u l-ittri ta' risposta mis-Sur Orbán lill-President tal-Kummissjoni, li ntbagħtu kopji tagħha kemm lill-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy, kif ukoll lill-President tal-Parlament Ewropew, Martin Schulz,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-11 ta' Marzu 2013 mill-President Barroso u mis-Segretarju Ġenerali Jagland li fiha fakkru t-tħassib tagħhom dwar ir-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali fir-rigward tal-prinċipju tal-Istat tad-dritt; u wara li kkunsidra l-konferma mill-Prim Ministru Orbán, fl-ittra tiegħu indirizzata lill-President Barroso fit-8 ta' Marzu 2013, dwar l-impenn sħiħ tal-Gvern u tal-Parlament Ungeriżi lejn in-normi u l-valuri Ewropej,

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar ir-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, mibgħuta fit-13 ta' Marzu 2013 mis-Sur Martonyi lis-Sur Jagland,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni kostituzzjonali fl-Ungerija mressqa fid-dibattitu fil-plenarja li sar fil-Parlament Ewropew fis-17 ta' April 2013,

— wara li kkunsidra l-ittra tas-16 ta' Diċembru 2011 mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, Thomas Hammarberg, lis-Sur Martonyi, li fiha juri t-tħassib tiegħu dwar is-suġġett tal-liġi Ungeriża l-ġdida dwar id-dritt għal-libertà tal-kuxjenza u r-reliġjon u dwar l-istatus ġuridiku tal-knejjes, tad-denominazzjonijiet reliġjużi u tal-komunitajiet reliġjużi, u wara li kkunsidra r-risposta tas-Sur Martonyi tat-12 ta' Jannar 2012,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni nru CommDH(2011)10 tal-25 ta' Frar 2011 tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-leġiżlazzjoni tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-Ungerija fid-dawl tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni, kif ukoll l-annotamenti għal dik l-opinjoni tat-30 ta' Mejju 2011 mill-Ministru Ungeriż tal-Istat għall-komunikazzjoni tal-Gvern,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għolji tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) tal-15 ta' Frar 2012 u tal-11 ta' Diċembru 2012 li jistieden rispettivament lill-Ungerija terġa' tikkunsidra l-leġiżlazzjoni li tagħmilha possibbli għall-awtoritajiet lokali li jippenalizzaw il-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar u tirrispetta d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali għad-depenalizzazzjoni tal-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-OHCHR tal-15 ta' Marzu 2013 li jesprimu tħassib dwar l-adozzjoni tar-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali,

— wara kkunsidra l-proċeduri ta' ksur li għadhom għaddejjin fil-kawża C-288/12 imressqa mill-Kummisjoni Ewropea kontra l-Ungerija dwar il-legalità tat-tmiem tal-mandat ta' dak li kien il-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Novembru 2012 dwar it-tnaqqis radikali tal-età tal-irtirar għall-imħallfin Ungeriżi, u wara li kkunsidra l-adozzjoni sussegwenti tal-Att nru XX tal-2013 li jemenda l-Att CLXII tal-2011 – adottat mill-Parlament Ungeriż fil-11 ta' Marzu 2013 – b'segwitu tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija tas-16 ta' Lulju 2012 (nru 33/2012) dwar it-tnaqqis tal-età tal-irtirar għall-imħallfin fl-Ungerija, tat-28 ta' Diċembru 2012 (nru 45/2012) dwar id-Dispożizzjonijiet Tranżitorji tal-Liġi Fundamentali, tal-4 ta' Jannar 2013 (nru 1/2013) dwar l-Att dwar il-proċedura elettorali u tas-26 ta' Frar 2013 (nru 6/2013) dwar l-Att dwar il-libertà ta' reliġjon u l-istatus ġuridiku tal-knejjes,

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Liġi LXXII tal-2013 dwar il-ħolqien ta' regoli u regolamenti ġodda relatati mas-sorveljanza tas-sigurtà nazzjonali; wara li kkunsidra l-ittra tas-27 ta' Mejju 2013 mingħand Dr András Zs. Varga indirizzata lil Dr András Cser-Palkovics, President tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali Legali u Proċedurali tal-Parlament Ungeriż, li qajmet tħassib dwar il-leġiżlazzjoni adottata dwar il-ħolqien ta' regoli u regolamenti ġodda relatati mas-sorveljanza tas-sigurtà nazzjonali,

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni li jmiss tar-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali mill-Kummissjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0229/2013),

I — ***kuntest u kwistjonijiet ewlenin involuti***

***Valuri komuni Ewropej***

A. billi l-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa fuq il-valuri tar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-Istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE, u fuq ir-rispett ċar għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fil-KEDB, u fuq ir-rikonoxximent tal-valur ġuridiku ta' tali drittijiet, libertajiet u prinċipji, li huwa affermat ulterjorment mill-adeżjoni imminenti tal-UE mal-KEDB skont l-Artikolu 6(2) tat-TUE;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

B. billi l-valuri komuni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE huma l-qalba tad-drittijiet li jgawdu minnhom il-persuni li jgħixu fit-territorju tal-UE u b'mod partikolari maċ-ċittadini tagħha indipendentement miċ-ċittadinanza tagħhom u mill-appartenenza kulturali jew reliġjuża tagħhom, u billi huma jkunu jistgħu biss igawdu kompletament minn dawk id-drittijiet jekk jinżammu l-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

C. billi d-dibattitu politiku u ġuridiku dwar il-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE huwa pedament indispensabbli tas-soċjetà demokratika tagħna u li għalhekk l-Istati Membri, kif ukoll l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, iridu juru impenn ċar u deċiż dwarhom;

D. billi r-rispett u l-promozzjoni ta' dawn il-valuri komuni mhumiex biss element essenzjali tal-identità tal-Unjoni Ewropea iżda wkoll obbligu espliċitu li ġej mill-Artikolu 3(1) u (5) tat-TUE, u b'hekk *condition sine qua non* sabiex issir Stat Membru tal-UE kif ukoll sabiex jiġu salvagwardati b'mod sħiħ il-prerogattivi tal-adeżjoni;

E. billi l-obbligi li jaqgħu fuq il-pajjiżi kandidati skont il-kriterji ta' Kopenħagen ikomplu japplikaw għall-Istati Membri wara li jaderixxu mal-UE skont l-Artikolu 2 tat-TUE u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, u billi l-Istati Membri kollha għandhom b'hekk jiġu valutati fuq bażi regolari sabiex tiġi verifikata l-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri komuni tal-UE;

F. billi l-Artikolu 6(3) tat-TUE jenfasizza l-fatt li d-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-QEDB u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u billi dawn id-drittijiet huma wirt u qawwa komuni tal-Istati demokratiċi Ewropej;

G. billi, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u skont l-Artikolu 6 tat-TUE, il-Karta għandha l-istess valur ġuridiku daqs it-Trattati, biex b'hekk il-valuri u l-prinċipji jinbidlu fi drittijiet konkreti u eżegwibbli;

H. billi l-Artikolu 7(1) tat-TUE, skont proċedura definita, jagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet tal-UE li jikkonstataw jekk hemm riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 2, u jimpenjaw ruħhom politikament mal-pajjiż ikkonċernat għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-ksur; billi qabel ma jagħmel din il-konstatazzjoni, il-Kunsill għandu jisma' lill-Istat Membru kkonċernat, waqt li jaġixxi skont l-istess proċedura;

I. billi l-ambitu tal-Artikolu 2 tat-TUE mhuwiex ristrett mil-limitazzjoni tal-Artikolu 51(1) tal-Karta u l-ambitu tal-Artikolu 7 tat-TUE mhuwiex limitat għall-oqsma tal-politika koperti mid-dritt Ewropew, u billi konsegwentement l-UE tista' tintervjeni wkoll fil-każ ta' ksur ta', jew fil-każ ta' riskju ċar ta' ksur tal-valuri komuni f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenzi ta' Stat Membru;

J. billi skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) l-Istati Membri għandhom jgħinu it-twettiq tal-kompiti tal-Unjoni u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-kisba tal-objettivi tal-Unjoni, inkluż l-objettiv tar-rispett u tal-promozzjoni tal-valuri komuni tal-Unjoni;

K. billi r-rispett lejn il-valuri komuni tal-Unjoni jimxi id f'id mal-impenn tal-Unjoni favur id-diversità, li jissarraf fl-obbligu għall-Unjoni li tirrispetta "l-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati kif ukoll l-identità nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali, fundamentali tagħhom" kif iddikjarat fl-Artikolu 4(2) tat-TUE; billi l-valuri bażiċi Ewropej stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri u għaldaqstant ma jistgħux jintużaw kontra l-obbligu skont l-Artikolu 4 tat-TUE, dawn iżda jirrappreżentaw l-istruttura bażika li taħtha l-Istati Membri jistgħu jissalvagwardaw u jiżviluppaw l-identità nazzjonali tagħhom;

L. billi, fil-qafas tat-Trattati, ir-rispett lejn l-"identità nazzjonali" (Artikolu 4(2) tat-TUE) u lejn is-"sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri" (Artikolu 67 tat-TFUE) huma intrinsikament assoċjati mal-prinċipji tal-kooperazzjoni leali (Artikolu 4(3) tat-TUE), tar-rikonoxximent reċiproku (Artikoli 81 u 82 tat-TFUE) u b'hekk tal-fiduċja reċiproka kif ukoll mar-rispett għad-diversità kulturali u lingwistika (Artikolu 3(3) tat-TUE);

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

M. billi ksur tal-prinċipji u tal-valuri komuni tal-Unjoni min-naħa ta' Stat Membru ma jistax jiġi ġustifikat la mit-tradizzjonijiet nazzjonali u lanqas mill-espressjoni tal-identità nazzjonali meta dan il-ksur jirriżulta fid-deterjorament tal-prinċipji li huma fil-qalba tal-integrazzjoni Ewropea, bħall-valuri demokratiċi, l-Istat tad-dritt jew il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, bil-konsegwenza li riferiment għall-Artikolu 4(2) tat-TUE huwa applikabbli biss sakemm Stat Membru jirrispetta l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

N. billi l-objettiv tal-Unjoni li tafferma u tippromwovi l-valuri tagħha fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, kif stabbilit fl-Artikolu 3(5) tat-TUE, huwa msaħħaħ aktar mill-obbligu speċifiku li l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali tiġi gwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha: id-demokrazija, l-Istat tad-dritt u l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem (Artikolu 21(1) tat-TUE);

O. billi, konsegwentement, jekk l-Istati Membri ma jkunux kapaċi jżommu l-impenn li assumew huma stess fit-Trattati fir-rigward tar-rispett tal-istandards li qablu wkoll dwarhom, jekk mhumiex biħsiebhom jagħmlu dan, barra mill-kredibilità tal-Istati Membri u tal-UE fix-xena internazzjonali jkunu jirriżultaw kompromessi l-objettivi tal-UE fl-ambitu tal-azzjoni esterna tagħha;

P. billi r-rispett tal-Istati Membri lejn l-istess ġabra ta' valuri fundamentali huwa kundizzjoni indispensabbli biex tiġi żgurata l-fiduċja reċiproka u, konsegwentement, il-funzjonament korrett tar-rikonoxximent reċiproku, li huwa fil-qalba tal-ħolqien u tal-iżvilupp tas-suq intern kif ukoll tal-ispazju Ewropew ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u billi, għalhekk, kwalunkwe tentattiv ta' nuqqas ta' rispett jew indeboliment ta' tali valuri komuni għandu effett negattiv fuq il-kostruzzjoni kollha tal-proċess Ewropew ta' integrazzjoni ekonomika, soċjali u politika;

Q. billi l-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE u pproklamati fil-preamboli tat-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u msemmijin fil-preambolu tal-QEDB u fl-Artikolu 3 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, jeħtieġu separazzjoni tal-poteri bejn l-istituzzjonijiet indipendenti bbażata fuq sistema ta' kontrolli u limitazzjonijiet li tiffunzjona b'mod korrett, u billi l-karatteristiċi ewlenin ta' dawn il-prinċipji jinkludu: rispett għal-legalità, inkluż proċess trasparenti, responsabbli u demokratiku li jippromulga l-liġijiet; ċertezza tad-dritt; sistema b's aħħitha ta' demokrazija rappreżentattiva bbażata fuq elezzjonijiet ħielsa u li tirrispetta d-drittijiet tal-oppożizzjoni; kontroll effettiv tal-konformità kostituzzjonali tal-leġiżlazzjoni; gvern u amministrazzjoni effikaċi, trasparenti, parteċipatorji u responsabbli; ġudikatura indipendenti u imparzjali; mezzi tal-komunikazzjoni indipendenti; u rispett għad-drittijiet fundamentali;

R. billi, skont l-Artikolu 17 tat-TUEm il-Kummissjoni "tissorvelja l-applikazzjoni tat-Trattati … tissorvelja l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea";

***Ir-riformi fl-Ungerija***

S. billi l-Ungerija kienet l-ewwel pajjiż ex Komunista li aderixxa mal-QEDB, u bħala Stat Membru tal-UE kien l-ewwel li rratifika t-Trattat ta' Lisbona fis-17 ta' Diċembru 2007, u billi l-Ungerija żvolġiet rwol attiv fil-ħidma tal-Konvenzjoni u tal-Konferenza Intergovernattiva fl-2003 u fl-2004, fost kwistjonijiet oħra, fl-abbozzar tal-Artikolu 2 tat-TUE, u ħadet l-inizjattiva li rriżultat fl-inklużjoni tad-drittijiet tal-bnedmin li jagħmlu parti minn minoranzi;

T. billi matul l-istorja sekulari tal-Ungerija, il-konvivenza paċifika ta' nazzjonalitajiet u gruppi etniċi differenti kellha effetti pożittivi fuq ir-rikkezza kulturali u l-ġid tan-nazzjon; u billi l-Ungerija għandha tkun mistiedna tkompli b'din it-tradizzjoni u tieħu passi deċiżi biex trażżan it-tentattivi kollha ta' diskriminazzjoni tal-gruppi individwali;

U. billi l-Ungerija hija wkoll parti mill-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u minn strumenti ġuridiċi internazzjonali oħra li jobbligawha tirrispetta u timplimenta l-prinċipji demokratiċi internazzjonali;

V. billi wara l-elezzjonijiet ġenerali tal-2010 fl-Ungerija, il-maġġoranza fil-gvern kisbet iktar minn żewġ terzi tas-siġġijiet fil-parlament, ħaġa li ppermettitilha tagħti bidu b'mod rapidu għal attività leġiżlattiva intensa biex tati sura ġdida lill-ordinament kostituzzjonali kollu tal-pajjiż (il-Kostituzzjoni ta' qabel ġiet emendata tnax-il darba u l-Liġi Fundamentali erba' darbiet s'issa) u b'hekk tbiddel sostanzjalment il-qafas istituzzjonali u ġuridiku kif ukoll numru ta' aspetti fundamentali mhux biss tal-ħajja pubblika iżda tal-ħajja privata wkoll;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

W. billi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huwa assolutament liberu li jirrevedi l-kostituzzjoni tiegħu u billi t-tifsira stess tal-alternanza demokratika hija li tippermetti gvern ġdid jippromulga leġiżlazzjoni li tirrefletti r-rieda tal-poplu, il-valuri tiegħu u l-impenji politiċi tiegħu, fil-limiti tar-rispett tal-valuri u tal-prinċipji tad-demokrazija u l-Istat tad-dritt prevalenti fl-Unjoni Ewropea; billi fl-Istati Membri kollha l-proċeduri kostituzzjonali speċjali jagħmlu l-emenda kostituzzjonali aktar diffiċli meta mqabbla mal-proċeduri li jirregolaw il-leġiżlazzjoni ordinarja, jiġifieri permezz ta' maġġoranza kwalifikata, proċessi deċiżjonali addizzjonali, termini u referenda;

X. billi l-istorja tat-tradizzjonijiet demokratiċi fl-Ewropa turi li r-riforma ta' kostituzzjoni teħtieġ attenzjoni mill-ikbar u kunsiderazzjoni xierqa tal-proċeduri u tal-garanziji li għandhom l-għan li jissalvagwardaw, fost affarijiet oħra, l-Istat tad-dritt, is-separazzjoni tal-poteri u l-ġerarkija tan-normi ġuridiċi – peress li l-kostituzzjoni hija l-liġi suprema tal-pajjiż;

Y. billi l-entità tar-riformi kostituzzjonali u istituzzjonali komprensivi u sistematiċi li l-Gvern u l-Parlament il-ġodda tal-Ungerija wettqu fi żmien tant qasir ma għandhiex preċedenti, u tispjega għala daqstant istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet Ewropej (l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE) qiesu li huwa neċessarju li jiġu valutati l-impatt ta' ċerti riformi; billi ma għandux ikun hemm standards doppji fit-trattament tal-Istati Membri, u dan ifisser li s-sitwazzjoni fi Stati Membri oħra wkoll għandha tkun sorveljata, filwaqt li l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati jiġi applikat;

Z. billi djalogu bbażat fuq il-ftuħ, l-inklużjoni, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-awtoritajiet Ungeriżi huwa neċessarju fil-qafas tal-komunità ta' valuri demokratiċi msemmija qabel;

AA. billi l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltà tagħha li tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandha taġixxi bl-ogħla kompetenza u rispett tal-indipendenza u taġixxi b'diliġenza, fil-pront u malajr ħafna speċjalment f'każijiet ta' possibilità ta' ksur serju tal-valuri tal-Unjoni min-naħa ta' Stat Membru,

***Il-Liġi Fundamentali u d-Dispożizzjonijiet Tranżitorji tagħha***

AB. billi l-adozzjoni tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija – li għaddiet fit-18 ta' April 2011, esklużivament bil-voti tal-membri tal-koalizzjoni fil-gvern u fuq il-bażi ta' abbozz ta' test imħejji mir-rappreżentanti tal-koalizzjoni fil-gvern – saret fil-perjodu eċċezzjonalment qasir ta' 35 ġurnata ta' kalendarju kkalkolati mill-preżentazzjoni tal-proposta (T/2627) fil-parlament, biex b'hekk ġew limitati l-possibilitajiet għal dibattitu bir-reqqa u sostanzjali mal-partijiet tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili dwar l-abbozz tat-test;

AC. billi l-abbozz kostituzzjonali ppreżentat lill-Parlament tal-Ungerija fl-14 ta' Marzu 2011 huwa dak li tħejja mir-rappreżentanti eletti tal-koalizzjoni Fidesz-KDNP u mhux id-dokument ta' ħidma mħejji fuq il-bażi tad-diskussjonijiet li saru fil-kumitat parlamentari ad hoc, anki jekk tali kumitat twaqqaf espressament bl-iskop li jabbozza l-Liġi Fundamentali l-ġdida; billi dan aggrava s-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konsultazzjoni tal-oppożizzjoni;

AD. billi l-"konsultazzjoni nazzjonali" dwar il-proċess ta' tfassil tal-kostituzzjoni kienet tikkonsisti f'lista, miktuba mill-partit fil-gvern, li kien fiha tnax-il mistoqsija sostanzjalment retorika dwar kwistjonijiet speċifiċi ħafna u ma kienx fiha t-test tal-abbozz tal-Liġi Fundamentali;

AE. billi fit-28 ta' Diċembru 2012, wara petizzjoni kostituzzjonali mill-Kummissarju Ungeriż għad-Drittijiet Fundamentali, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija annullat (Deċiżjoni Nru 45/2012) iktar minn żewġ terzi tad-Dispożizzjonijiet Tranżitorji, fuq il-bażi li ma kinux ta' natura tranżitorja;

AF. billi r-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali, adottata fil-11 ta' Marzu 2013, tintegra fit-test tal-Liġi Fundamentali l-parti l-kbira tad-Dispożizzjonijiet Tranżitorji annullati mill-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll dispożizzjonijiet oħra li qabel instab li ma kinux kostituzzjonali;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

***Użu estensiv tal-liġijiet hekk imsejħa "kardinali"***

AG. billi l-Liġi Fundamentali tal-Ungerija tirreferi għal 26 suġġett li għandhom jiġu definiti mil-liġijiet hekk imsejħa "kardinali" (jiġifieri liġijiet li l-adozzjoni tagħhom teħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi), li jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet relatati mas-sistemi istituzzjonali tal-Ungerija, mal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali u ma' arranġamenti importanti fis-soċjetà;

AH. billi mill-adozzjoni tal-Liġi Fundamentali, il-parlament ippromulga 49 liġi "kardinali" ([1]) (fi żmien sena u nofs);

AI. billi numru ta' kwistjonijiet, bħal aspetti speċifiċi tad-dritt tal-familja u tas-sistemi tat-taxxa u tal-pensjoni, li s-soltu jaqgħu taħt is-setgħat deċiżjonali ordinarji ta' leġislatura, huma rregolati minn "liġijiet kardinali";

***Proċeduri leġiżlattivi aċċelerati, prattika tal-abbozzi ta' membri individwali, dibattitu parlamentari***

AJ. billi leġiżlazzjoni importanti, inkluża l-Liġi Fundamentali, it-tieni u r-raba' emendi tagħha, id-Dispożizzjonijiet Tranżitorji tal-Liġi Fundamentali u numru ta' liġijiet "kardinali" ġew ippromulgati abbażi ta' abbozzi ta' membri individwali, li għalihom ma japplikawx ir-regoli stabbiliti fl-Att CXXXI tal-2010 dwar il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-preparazzjoni tal-leġiżlazzjoni u fid-Digriet 24/2011 tal-Ministru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja dwar il-valutazzjoni tal-impatt preliminari u ex-post, bil-konsegwenza li l-leġiżlazzjoni adottata b'din il-proċedura semplifikata hija soġġetta għal dibattitu pubbliku limitat;

AK. billi l-adozzjoni ta' numru kbir ta' liġijiet "kardinali" f'perjodu qasir, inklużi l-atti dwar l-istatus ġuridiku u r-rimunerazzjoni tal-imħallfin tal-Ungerija u dwar l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-qrati tal-Ungerija, kif ukoll l-atti dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin u dwar il-Bank Nazzjonali tal-Ungerija, inevitabbilment illimitaw il-possibilitajiet għal konsultazzjoni adegwata mal-partiti tal-oppożizzjoni u mas-soċjetà ċivili, fosthom, meta hu l-każ, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, it-trade unions u l-gruppi ta' interess;

AL. billi l-Att XXXVI tal-2012 dwar l-Assemblea Nazzjonali ta lill-iSpeaker tal-Parlament setgħa diskrezzjonali notevoli biex jillimita l-espressjoni libera tad-deputati fil-Parlament;

***Dgħjufija tal-kontrolli u tal-bilanċi: Qorti Kostituzzjonali, Parlament, Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data***

AM. billi, skont il-Liġi Fundamentali, ġiet introdotta l-possibilità li jitressqu żewġ tipi ġodda ta' lmenti kostituzzjonali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, filwaqt li l-*actio popularis* għal reviżjoni ex post ġiet abolita;

AN. billi l-Liġi LXXII tal-2013 dwar il-ħolqien ta' regoli u regolamenti ġodda relatati mas-sorveljanza tas-sigurtà nazzjonali ġiet ippubblikata fit-3 ta' Ġunju 2013; billi din il-liġi qajmet tħassib, espress b'mod partikolari mid-Deputat Avukat Ġenerali tal-Ungerija, fir-rigward tar-rispett għall-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza tal-ġudikatura, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għal rimedju effettiv;

AO. billi skont il-Liġi Fundamentali s-setgħat tal-Qorti Kostituzzjonali ta' reviżjoni ex post tal-kostituzzjonalità ta' liġijiet relatati mal-baġit mil-lat sostantiv ġew sostanzjalment limitati għal ksur ta' lista eżawrjenti ta' drittijiet, biex b'hekk ġiet ostakolata r-reviżjoni tal-kostituzzjonalità f'każijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali oħra, bħad-dritt għall-proprjetà, id-dritt ta' proċess ġust u d-dritt ta' nondiskriminazzjoni;

AP. billi r-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali ma biddlitx id-dritt attwali tal-Qorti Kostituzzjonali li teżamina l-emendi tal-Liġi Fundamentali minħabba raġunijiet proċedurali u teskludi li fil-futur il-Qorti tkun tista' tirrevedi l-emendi kostituzzjonali minħabba raġunijiet dwar il-mertu;

---

([1]) Dawn il-liġijiet jinkludu liġijiet "kardinali" li d-dispożizzjonijiet kollha tagħhom jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi, liġijiet "kardinali" li d-dispożizzjonijiet speċifiċi tagħhom iridu jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi u atti li d-dispożizzjonijiet speċifiċi tagħhom jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Membri Parlamentari preżenti.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

AQ. billi l-Qorti Kostituzzjonali, fid-Deċiżjoni 45/2012 tagħha msemmija qabel, stabbiliet li l-'legalità kostituzzjonali ma tipprevedix biss rekwiżiti ta' validità proċedurali, formali u ta' dritt pubbliku, iżda wkoll rekwiżiti *sostanzjali*. Il-kriterji kostituzzjonali ta' Stat demokratiku bbażat fuq l-Istat tad-dritt huma fl-istess ħin il-valuri kostituzzjonali, il-prinċipji u l-libertajiet demokratiċi fundamentali minquxa fit-trattati internazzjonali u aċċettati u rikonoxxuti mill-komunitajiet ta' Stati demokratiċi bbażati fuq l-Istat tad-dritt, kif ukoll fuq il-*ius cogens*, li huwa parzjalment l-istess bħal dak preċedenti. Meta jkun xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali tista' anke teżamina l-eżegwibilità libera u l-kostituzzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti *sostanzjali*, tal-garanziji u tal-valuri tal-Istati demokratiċi bbażati fuq l-Istat tad-dritt." (Punt IV.7 tad-Deċiżjoni);

AR. billi r-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali tistabbilixxi wkoll li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali adottati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi Fundamentali għandhom jiġu revokati, u billi meta tagħmel dan tikkontradixxi b'mod espliċitu d-Deċiżjoni Nru 22/2012 tal-Qorti Kostituzzjonali li fiha l-Qorti stabbiliet li d-dikjarazzjonijiet tagħha dwar il-valuri fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet u dwar l-istituzzjonijiet kostituzzjonali li fundamentalment ma nbidlux mil-Liġi Fundamentali, għadhom validi; billi r-Raba' Emenda introduċiet mill-ġdid fil-Liġi Fundamentali numru ta' dispożizzjonijiet preċedentement iddikjarati inkostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali;

AS. billi korp mhux parlamentari, il-Kunsill tal-Baġit, b'leġittimità demokratika limitata, ingħata s-setgħa li juża l-veto kontra l-adozzjoni tal-baġit ġenerali, biex b'hekk illimita l-kamp ta' applikazzjoni għall-azzjoni tal-leġislatura eletta demokratikament u jippermetti lill-President tar-Repubblika li jxolji l-Parlament;

AT. billi l-Att il-ġdid dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, adottat f'Lulju 2011, abolixxa l-istituzzjoni tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Informazzjoni, u b'hekk temm il-mandat ta' sitt snin tal-Kummissarju qabel iż-żmien u ttrasferixxa s-setgħat tiegħu lill-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data li kienet għadha kif twaqqfet; billi tibdil bħal dan bħalissa huwa suġġett għall-eżami mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

AU. billi l-Kummissjoni bdiet proċedura ta' ksur kontra l-Ungerija fit-8 ta' Ġunju 2012, li fiha ddikjarat li l-Ungerija naqset milli tottempera għall-obbligi tagħha skont id-Direttiva 95/46/KE billi neħħiet il-kontrollur tal-protezzjoni tad-data mill-kariga qabel it-tmiem tal-mandat, u b'hekk poġġiet l-indipendenza tal-uffiċċju f'riskju;

***Indipendenza tal-ġudikatura***

AV. billi, skont il-Liġi Fundamentali u d-Dispożizzjonijiet Tranżitorji, il-mandat ta' sitt snin tal-ex President tal-Qorti Suprema (li issa jisimha il-"Kúria") intemm qabel iż-żmien wara sentejn;

AW. billi fit-2 ta' Lulju 2012 l-Ungerija emendat il-liġijiet kardinali dwar il-ġudikatura (l-Att CLXI tal-2011 dwar l-Organizzazzjoni u l-Amministrazzjoni tal-Qrati u l-Att CLXII tal-2011 dwar l-Istatus Legali u r-Remunerazzjoni tal-Imħallfin), billi implimentat parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja;

AX. billi s-salvagwardji ewlenin tal-indipendenza ġudizzjarja, bħal pereżempju l-pożizzjoni fissa, il-mandati garantiti u l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-korpi regolatorji, mhumiex irregolati mil-Liġi Fundamentali iżda għadhom – flimkien mar-regoli dettaljati dwar l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-ġudikatura – stabbiliti fil-liġijiet kardinali emendati,

AY. billi l-indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali mhijiex stabbilita fil-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u lanqas l-indipendenza tal-amministrazzjoni tal-ġudikatura;

AZ. billi l-emenda tal-liġijiet kardinali dwar il-ġudikatura fir-rigward tas-setgħa tal-President tal-Uffiċċju Ġudizzjarju Nazzjonali li jittrasferixxi l-każijiet mill-qorti li qed tippresjedi għal qorti oħra biex jiġi żgurat il-ġudizzju tal-każijiet f'perjodu raġonevoli ta' żmien tonqos milli tistabbilixxi kriterji normattivi oġġettivi għall-għażla tal-każijiet li għandhom jiġu trasferiti;

BA. billi, wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi Fundamentali, tad-Dispożizzjonijiet Tranżitorji tagħha u tal-Att kardinali Nru CLXII tal-2011 dwar l-istatus legali u r-remunerazzjoni tal-imħallfin, l-età tal-irtirar obbligatorja għall-imħallfin tnaqqset minn 70 għal 62 sena;

BB. billi d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, adottata fis-6 ta' Novembru 2012, tiddikjara li t-tnaqqis radikali tal-età tal-irtirar għall-imħallfin Ungeriżi kif ukoll għall-prosekuturi u n-nutara minn 70 għal 62 sena jikkostitwixxi diskriminazzjoni inġusta bbażata fuq l-età, u billi tressqu żewġ ilmenti minn żewġ gruppi ta' mħallfin Ungeriżi lill-QEDB fl-20 ta' Ġunju 2012 li talbu deċiżjoni li tistabbilixxi li l-leġiżlazzjoni tal-Ungerija dwar it-tnaqqis tal-età tal-irtirar għall-imħallfin tikser l-KEDB;

BC. billi fil-11 ta' Marzu 2013 il-Parlament Ungeriż adotta l-Att Nru XX tal-2013 li jemenda l-limiti massimi tal-età bl-għan li jkun konformi parzjalment mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Ungeriża tas-16 ta' Lulju 2012 u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Novembru 2012;

***Ir-riforma elettorali***

BD. billi l-maġġoranza governattiva fil-parlament irriformat is-sistema elettorali b'mod unilaterali mingħajr ma ppruvat tikseb il-kunsens tal-oppożizzjoni,

BE. billi bħala parti mir-riforma elettorali riċenti l-Parlament Ungeriż għadda, fis-26 ta' Novembru 2012, fuq il-bażi ta' abbozz ta' membru individwali, l-Att dwar il-proċedura tal-elezzjoni, li kellu l-għan li jissostitwixxi r-reġistrazzjoni awtomatika tal-votant preċedenti taċ-ċittadini kollha li jgħixu l-Ungerija b'sistema ta' reġistrazzjoni volontarja bħala kundizzjoni għat-twettiq tad-dritt tal-individwu li jivvota,

BF. billi t-Tieni Emenda tal-Liġi Fundamentali li tistabbilixxi r-rekwiżit tar-reġistrazzjoni tal-votant tressqet bħala abbozz ta' membru individwu fl-istess ġurnata bħall-abbozz tal-liġi dwar il-proċedura elettorali, jiġifieri fit-18 ta' Settembru 2012, u ġiet adottata fid-29 ta' Ottubru 2012,

BG. billi l-Kummissjoni ta' Venezja u l-OSKE/ODIHR ippreparaw opinjoni konġunta dwar l-Att dwar l-Elezzjoni tal-Membri għall-Parlament tal-Ungerija fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2012,

BH. billi, wara l-petizzjoni tal-President tar-Repubblika tas-6 ta' Diċembru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali stabbilixxiet li r-rekwiżit għar-reġistrazzjoni jirrappreżenta restrizzjoni mhux xierqa tad-drittijiet tal-vot tar-residenti Ungeriżi, u b'hekk mhuwiex kostituzzjonali,

BI. billi, filwaqt li qieset ir-reġistrazzjoni tal-votanti għaċ-ċittadini li jgħixu barra mill-Ungerija bħala ġustifikata, il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Jannar 2013 qalet ukoll li l-esklużjoni tal-possibilità tar-reġistrazzjoni personali tal-votanti mingħajr indirizz li joqgħodu fl-Ungerija hija diskriminatorja u li d-dispożizzjonijiet li jippermettu l-pubblikazzjoni ta' reklami politiċi fis-servizz tal-mezzi tal-komunikazzjoni pubbliku biss waqt il-kampanja elettorali, u r-regoli li jipprojbixxu l-pubblikazzjoni ta' stħarriġ dwar l-opinjoni pubblika fi żmien sitt ijiem wara l-elezzjonijiet, jillimitaw b'mod sproporzjonat il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa,

***Il-leġiżlazzjoni dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni***

BJ. billi l-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa fuq il-valuri tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u b'konsegwenza ta' dan tiggarantixxi u tippromwovi l-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-Karta u l-Artikolu 10 tal-KEDB, u billi dawn id-drittijiet jinkludu l-libertà ta' espressjoni tal-opinjoni u l-libertà tar-riċeviment u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni mingħajr kontroll, interferenza jew pressjoni mill-awtoritajiet pubbliċi;

BK. billi l-QEDB iddeċidiet li l-Istati Membri għandhom obbligu pożittiv li jiżguraw il-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, skont l-Artikolu 10 tal-KEDB, u billi d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni huma simili għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 11 tal-Karta bħala parti mill-acquis communautaire;

BL. billi sfera pubblika awtonoma u b'saħħitha, ibbażata fuq mezzi indipendenti u pluralisti ta' komunikazzjoni, tikkostitwixxi l-ambjent neċessarju fejn jistgħu jirnexxu l-libertajiet kollettivi tas-soċjetà ċivili – bħad-dritt tal-għaqda u l-assoċjazzjoni – kif ukoll il-libertajiet individwali – bħad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u d-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni, u billi l-ġurnalisti għandhom ikunu ħielsa mill-pressjoni tas-sidien, tal-ġestjonarji u tal-gvernijiet, kif ukoll mit-theddid finanzjarju;

BM. billi l-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE, permezz ta' dikjarazzjonijiet, riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet, opinjonijiet u rapporti dwar is-suġġetti tal-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni, il-pluraliżmu u l-konċentrazzjoni, ħolqu korp sinifikanti ta' standards minimi pan-Ewropej komuni f'dan il-qasam;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

BN. billi l-Istati Membri għandhom dmir li jippromwovu u jipproteġu kontinwament il-libertà tal-opinjoni, tal-espressjoni, tal-informazzjoni u tal-mezzi tal-komunikazzjoni, u billi, jekk dawn il-libertajiet jitqiegħdu f'riskju serju jew jinkisru minn Stat Membru, l-Unjoni hija obbligata li tintervjeni fil-ħin u b'mod effettiv, fuq il-bażi tal-kompetenzi tagħha kif stabbiliti fit-Trattati u fil-Karta, sabiex tipproteġi l-ordni demokratika u pluralistika Ewropea u d-drittijiet fundamentali;

BO. billi l-Parlament esprima bosta drabi t-tħassib tiegħu dwar il-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni, il-pluraliżmu u l-konċentrazzjoni fl-UE u fl-Istati Membri;

BP. billi kien hemm kritika dwar numru ta' dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni mill-Parlament u l-Kummissjoni, mir-Rappreżentant tal-OSKE għal-Libertà tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni u l-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, mir-Rapporteur Speċjali tan-NU għall-promozzjoni tad-dritt tal-libertà tal-opinjoni u l-espressjoni, u minn numru kbir ta' organizzazzjonijiet ta' ġurnalisti internazzjonali u nazzjonali, edituri u pubblikaturi, minn NGOs attivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili, u minn Stati Membri;

BQ. billi saret kritika li hija relatata prinċipalment mal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni skont il-proċedura parlamentari tal-abbozzi ta' liġi ta' membri individwali, l-istruttura ferm ġerarkika tas-superviżjoni tal-mezzi tal-komunikazzjoni, l-awtorità ġestjonarja tal-President tal-Awtorità Regolatorja, in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw l-indipendenza tal-Awtorità, is-setgħa superviżorja u tas-sanzjonijiet estensiva tal-Awtorità, l-impatt konsiderevoli ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tal-ipprogrammar, in-nuqqas ta' regolamentazzjoni speċifika għall-mezzi tal-komunikazzjoni, in-nuqqas ta' trasparenza fil-proċess ta' offerti għal-liċenzji, u l-ambigwità ta' normi li potenzjalment iwasslu għall-applikazzjoni u l-infurzar arbitrarju;

BR. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2011 dwar il-liġi Ungeriża dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni, il-Parlament enfasizza li l-liġi Ungeriża dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni għandha tiġi sospiża b'mod urġenti u riveduta fuq il-bażi tal-kummenti u l-proposti tal-Kummissjoni, tal-OSKE u tal-Kunsill tal-Ewropa, u billi l-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli l-monitoraġġ mill-qrib u l-valutazzjoni tal-konformità tal-liġi Ungeriża dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni kif emendata mil-leġiżlazzjoni Ewropea, u b'mod partikolari mill-Karta;

BS. billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa enfasizza li l-bżonn li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-indħil fuq il-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni bħal preskrizzjonijiet dwar liema informazzjoni u rappurtar għandhom jinħarġu mill-fornituri tal-mezzi tal-komunikazzjoni, l-impożizzjoni ta' penali fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni, restrizzjonijiet preventivi fuq il-libertà tal-istampa fil-forma ta' rekwiżiti għar-reġistrazzjoni u eċċezzjonijiet għall-protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti u billi, fir-rigward tal-indipendenza u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, esprima l-bżonn li jiġu indirizzati kwistjonijiet bħal garanziji kostituzzjonali mdgħajfa tal-pluraliżmu, in-nuqqas ta' indipendenza fil-korpi regolatorji tal-mezzi tal-komunikazzjoni, in-nuqqas ta' salvagwardji għall-indipendenza tax-xandir pubbliku u n-nuqqas ta' rimedju domestiku effettiv għall-atturi tal-mezzi tal-komunikazzjoni soġġetti għal deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni;

BT. billi l-Kummissjoni wriet it-tħassib tagħha dwar il-konformità tal-liġi Ungeriża dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni mad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva u mal-acquis communautaire inġenerali, b'mod partikolari b'rabta mal-obbligu li jingħata rappurtar ibbilanċjat applikabbli għall-fornituri tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva kollha, u wriet id-dubji tagħha wkoll dwar jekk il-liġi hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità u jekk tirrispettax id-dritt fundamentali għal-libertà tal-espressjoni u informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Karta, il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini u r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni, u billi, f'Marzu tal-2011, wara negozjati mal-Kummissjoni, il-Parlament Ungeriż emenda l-liġi sabiex tindirizza l-punti mressqa mill-Kummissjoni;

BU. billi l-OSKE esprimiet dubji serji dwar l-ambitu materjali u territorjali tal-leġiżlazzjoni Ungeriża, il-kompożizzjoni politikament omoġenja tal-Awtorità tal-Midja u l-Kunsill tal-Midja, il-penali sproporzjonati li ġew imposti, in-nuqqas ta' proċedura awtomatika għas-sospensjoni ta' penali f'każ ta' appell lill-qrati kontra deċiżjoni tal-Awtorità tal-Midja, il-ksur tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ġurnalistiċi u l-protezzjoni tal-valuri tal-familja;

BV. billi r-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE [1] kienu jinkludu t-tneħħija tar-rekwiżiti legali dwar il-kopertura bbilanċjata u ta' preskrizzjonijiet oħra ta' kontenut mil-liġijiet, is-salvagwardja tal-indipendenza editorjali, l-assigurazzjoni li regoli differenti jirregolaw forom differenti tal-mezzi tal-komunikazzjoni – l-istampa, ix-xandir u onlajn – it-tneħħija tar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni meqjusa eċċessivi, l-assigurazzjoni li l-korp regolatorju jkun indipendenti u kompetenti, l-

[1] Analiżi legali mibgħuta lill-Gvern Ungeriż fit-28 ta' Frar 2011 http://www.osce.org/fom/75990
Ara wkoll l-analiżi u l-valutazzjoni ta' Settembru 2010: http://www.osce.org/fom/71218

assigurazzjoni tal-oġġettività u l-pluralità fil-proċess tal-ħatra tal-korpi li jirregolaw is-settur tal-mezzi tal-komunikazzjoni, iż-żamma lura milli l-istampa titqiegħed taħt il-ġurisdizzjoni tal-korp regolatorju u effettivament tiġi mħeġġa l-awtoregolamentazzjoni;

BW. billi, minkejja l-fatt li l-liġijiet ġew emendati fl-2011 wara negozjati mal-Kummissjoni Ewropea u f'Mejju 2012 ulterjorment wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Diċembru 2011 li bidlet bosta dispożizzjonijiet billi ddikjarathom mhux kostituzzjonali rigward ir-regolament tal-kontenut tal-gazzetti, il-protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti, ir-rekwiżit tal-għoti ta' data, u l-istituzzjoni tal-Kummissarju tal-Midja u l-Mezzi tal-Komunikazzjoni, ir-Rappreżentant tal-OSKE għal-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni kkundanna l-fatt li bosta emendi ġew introdotti u adottati fi żmien qasir mingħajr konsultazzjoni mal-partijiet interessati u li elementi fundamentali mil-leġiżlazzjoni ma ġewx imtejba, b'mod partikolari l-ħatra tal-president u l-membri tal-Awtorità tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni u l-Kunsill tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni, is-setgħa tagħhom fuq il-kontenut fil-mezzi tax-xandir, l-impożizzjoni ta' multi għolja u n-nuqqas ta' salvagwardji għall-indipendenza finanzjarja u editorjali tax-xandara pubbliċi;

BX. billi, filwaqt li laqa' l-emendi tal-leġiżlazzjoni tal-mezzi tal-komunikazzjoni adottati f'Marzu 2011, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt tal-libertà tal-opinjoni u l-espressjoni enfasizza l-bżonn li jiġi indirizzat t-tħassib li baqa' dwar ir-regolamentazzjoni tal-kontenut tal-mezzi tal-komunikazzjoni, il-garanziji insuffiċjenti għall-iżgurar tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awtorità tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni, il-multi u s-sanzjonijiet amministrattivi l-oħra eċċessivi, l-applikabilità tal-leġiżlazzjoni tal-mezzi tal-komunikazzjoni għal kull tip ta' mezz tal-komunikazzjoni, inklużi l-istampa u l-internet, ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni, u n-nuqqas ta' protezzjoni suffiċjenti tas-sorsi ġurnalistiċi;

BY. billi analiżi mill-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa ([1]) (li vvalutat il-konformità tal-Atti dwar il-Mezzi tal-Komunikazzjoni kif proposti għal emenda fl-2012 ma' testi tal-Kunsill tal-Ewropa li jistabbilixxu standards fil-qasam tal-mezzi tal-komunikazzjoni u tal-libertà ta' espressjoni) irrakkomandat li d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-reġistrazzjoni u t-trasparenza, ir-regolamentazzjoni tal-kontenut, l-obbligi dwar ir-rappurtar tal-aħbarijiet, il-protezzjoni tas-sorsi, il-mezzi tal-komunikazzjoni tas-servizzi pubbliċi u l-korpi regolatorji jiġu riveduti bir-reqqa, iċċarati jew f'ċerti każi eliminati;

BZ. billi, wara d-djalogu li sar mal-UE u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa permezz ta' skambju ta' ittri u laqgħat ta' esperti, tressqu iktar emendi legali fi Frar 2013 sabiex tissaħħaħ u tiġi żgurata l-indipendenza tal-korpi regolatorji tal-mezzi tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli marbutin mal-kundizzjonijiet tal-ħatra u l-elezzjoni tal-President tal-Awtorità għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni u l-Infokomunikazzjonijiet Nazzjonali u l-Kunsill tal-mezzi tal-Komunikazzjoni u dwar, rispettivament, il-proċedura tan-nomina, il-persuna li tagħmel il-ħatra u l-ħatra ripetuta;

CA. billi l-Awtoritajiet Ungeriżi ddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jirrieżaminaw ir-regoli dwar ir-restrizzjonijiet fir-reklamar politiku waqt il-kampanji elettorali; billi l-Gvern Ungeriż jinsab f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kwistjoni tar-reklamar politiku; billi, madankollu, ir-Raba' Emenda timponi wkoll projbizzjoni wiesgħa u potenzjalment vaga fuq id-diskors li jkollu l-għan li joffendi d-dinjità ta' gruppi, inkluż in-nazzjon Ungeriż, li tista' tintuża sabiex b'mod arbitrarju tinterferixxi mal-libertà tal-espressjoni u tista' trażżan il-libertà tal-espressjoni tal-ġurnalisti, kif ukoll tal-artisti u ta' oħrajn;

CB. billi l-Awtorità għall-Midja u l-Infokomunikazzjonijiet Nazzjonali u l-Kunsill tal-Midja ma wettqux valutazzjonijiet fuq l-effetti tal-leġiżlazzjoni fuq il-kwalità tal-ġurnaliżmu, il-gradi ta' libertà editorjali u l-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti;

***Ir-rispett tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi***

CC. billi r-rispett għad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi huwa espliċitament rikonoxxut fost il-valuri msemmijin fl-Artikolu 2 tat-TUE u billi l-Unjoni għandha l-impenn li tippromwovi dawn il-valuri u tiġġieled kontra l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni soċjali, ir-razziżmu u l-anti-Semitiżmu;

CD. billi n-nondiskriminazzjoni tirrappreżenta dritt fundamentali affermat fl-Artikolu 21 tal-Karta;

([1]) Il-kompetenza tal-esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni: tt CIV tal-2010 dwar il-libertà tal-istampa u r-regoli fundamentali dwar il-kontenut tal-mezzi tal-komunikazzjoni u l-Att CLXXXV tal-2010 dwar is-servizzi tal-mezzi tal-komunikazzjoni u l-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa, 11 ta' Mejju 2012.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

CE. billi r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem ta' kulħadd, irrispettivament mill-etniċità jew it-twemmin tagħhom, tkopri l-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u timplika wkoll il-promozzjoni attiva tat-tolleranza u tikkundanna bis-saħħa fenomeni bħall-vjolenza razzjali, diskors ta' mibegħda anti-Semitiku u anti-Rom, b'mod partikolari meta jiġi espress f'forums uffiċjali jew pubbliċi inkluż fil-Parlament Ungeriż;

CF. billi n-nuqqas ta' reazzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'każijiet ta' kriminalità razzista [1] rriżulta f'nuqqas ta' fiduċja fil-forzi tal-pulizija;

CG. billi ta' min jingħad li l-Parlament Ungeriż ippromulga liġi fl-oqsma kriminali u ċivili biex jikkumbatti l-inċitament razzist u d-diskors ta' mibegħda;

CH. billi, għalkemm l-intolleranza kontra l-membri tal-komunitajiet tar-Roma u Lhud mhijiex problema assoċjata biss mal-Ungerija u billi Stati Membri oħra għandhom l-istess kwistjoni, avvenimenti riċenti qajmu tħassib dwar iż-żieda fid-diskors ta' mibegħda anti-Rom u anti-Semitiku fl-Ungerija;

CI. billi l-infurzar tal-leġiżlazzjoni retroattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u fil-qasam tas-sistema tal-pensjonijiet wassal għal żieda qawwija fl-insigurtà soċjali u l-faqar, li m'għandux bħala konsegwenza biss inċertezza kbira min-naħa tal-poplu iżda jirrappreżenta wkoll ksur tad-drittijiet tal-proprjetà privata u jdgħajjef id-drittijiet tal-libertà ċivili bażiċi;

***Libertà tar-reliġjon u rikonoxximent tal-knejjes***

CJ. billi l-libertà ta' ħsieb, kuxjenza u reliġjon kif stabbilita fl-Artikolu 9 tal-KEDB u l-Artikolu 10 tal-Karta hija waħda mill-pedamenti ta' soċjetà demokratika, u billi r-rwol tal-Istat f'dan il-qasam għandu jkun li jiggarantixxi b'mod newtrali u imparzjali d-dritt li jkunu eżerċitati diversi reliġjonijiet, fidi u twemmin;

CK. billi l-Att dwar il-Knejjes stabbilixxa reġim legali ġdid għar-regolamentazzjoni tal-assoċjazzjonijiet reliġjużi u l-knejjes fl-Ungerija, li impona sett ta' rekwiżiti għar-rikonoxximent tal-knejjes u għamel dan ir-rikonoxximent kundizzjonali fuq approvazzjoni minn qabel mill-Parlament b'maġġoranza ta' żewġ terzi;

CL. billi l-obbligu stabbilit mill-Att dwar il-Knejjes li jinkiseb rikonoxximent mill-parlament bħala kundizzjoni biex titwaqqaf knisja tqies mill-Kummissjoni ta' Venezja [2] bħala restrizzjoni tal-libertà ta' reliġjon;

CM. billi b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet retroattivi tal-Att dwar il-Knejjes iktar minn 300 knisja rreġistrata tilfu l-istatus legali tagħhom bħala knisja;

CN. billi fuq talba ta' bosta komunitajiet reliġjużi u tal-Kummissarju Ungeriż għad-Drittijiet Fundamentali, il-Qorti Kostituzzjonali eżaminat il-kostituzzjonalità tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Knejjes u fid-Deċiżjoni 6/2013 tagħha tas-26 ta' Frar 2013 iddikjarat li ftit minnhom ma kinux kostituzzjonali u ħassrithom b'effett retroattiv;

CO. billi l-Qorti Kostituzzjonali f'dik id-Deċiżjoni, filwaqt li ma ddubitatx id-dritt tal-parlament li jispeċifika kundizzjonijiet sostantivi għar-rikonoxximent ta' knisja, qieset li r-rikonoxximent ta' status ta' knisja b'vot fil-parlament jista' jirriżulta f'deċiżjonijiet politikament preġudikati, u billi l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li l-Att ma kien fih l-ebda obbligu li jiġu pprovduti raġunijiet dettaljati ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-istatus ta' knisja, li ma ġiet speċifikata l-ebda skadenza għall-azzjonijiet tal-parlament u li l-Att ma tax il-possibilità ta' rimedju legali effettiv f'każijiet ta' rifjut jew nuqqas ta' deċiżjoni;

---

(1) Ir-Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-forom kontemporanji tar-razziżmu, tad-diskriminazzjoni razzista, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata (A/HRC/20/33/Add. 1)

(2) Opinjoni 664/2012 tal-Kummissjoni ta' Venezja tad-19 ta' Marzu 2012 dwar l-Att CCVI tal-2011 dwar id-dritt għal-libertà ta' kuxjenza u reliġjon u l-istatus legali tal-knejjes, id-denominazzjonijiet u l-komunitajiet reliġjużi tal-Ungerija (CDL-AD(2012)004).

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

CP. billi r-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali, adottata ġimagħtejn wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, emendat l-Artikolu VII tal-Liġi Fundamentali u għolliet għal-livell tal-kostituzzjoni s-setgħa tal-parlament li jgħaddi liġijiet kardinali sabiex jiġi rikonoxxut li ċerti organizzazzjonijiet involuti f'attivitajiet reliġjużi bħala knejjes, biex b'hekk ġiet annullata d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali;

II — ***Valutazzjoni***

***Il-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-implimentazzjoni tagħha***

1. Ifakkar li r-rispett lejn il-legalità, inkluż proċess trasparenti, responsabbli u demokratiku għall-promulgazzjoni ta' liġijiet, inkluż meta tiġi adottata Liġi Fundamentali u lejn sistema b'saħħitha ta' demokrazija rappreżentattiva bbażata fuq elezzjonijiet liberi u r-rispett lejn id-drittijiet tal-oppożizzjoni huma elementi ewlenin tal-kunċetti tad-demokrazija u l-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, li jistipula li "l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel", u kif inhu pproklamat fil-Preamboli tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Karta; jiddispjaċih li fil-passat l-istituzzjonijiet tal-UE mhux dejjem irnexxielhom jissodisfaw l-istandards tagħhom stess fir-rigward tal-protezzjoni tal-valuri bażiċi Ewropej; għalhekk jenfasizza r-responsabbiltà speċjali tagħhom, li jagħmlu minn kollox għall-ħarsien tad-drittijiet bażiċi Ewropej kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE fuq livell tal-Unjoni u fl-Istati Membri;

2. Itenni bis-sħiħ li, filwaqt li l-abbozzar u l-adozzjoni ta' kostituzzjoni ġdida jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenzi tal-Istati Membri, l-Istati Membri u l-UE għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-proċessi kostituzzjonali u l-kontenuti tal-kostituzzjonijiet ikunu f'konformità mal-impenji magħmula mill-Istat Membru fit-trattat ta' adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea; jiġifieri bil-valuri komuni tal-Unjoni, tal-Karta u tal-KEDB;

3. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-proċess tal-abbozzar u l-adozzjoni tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija kien nieqes mit-trasparenza, l-onestà, l-inklussività u fuq kollox il-bażi konsenswali li hija mistennija fi proċess kostitwenti demokratiku modern, u b'hekk iddgħajfet il-leġittimità tal-Liġi Fundamentali stess,

4. Jieħu nota tad-Deċiżjoni tat-28 ta' Diċembru 2012 tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija qabel li tiddikjara li l-Parlament Ungeriż eċċeda l-awtorità leġiżlattiva tiegħu meta ppromulga numru ta' ***regoli permanenti u ġenerali fid-dispożizzjonijiet*** tranżitorji tal-Liġi Fundamentali, ***fost affarijiet oħra,* li *"huwa l-kompitu u r-responsabbiltà tas-setgħa kostitwenti li tiċċara s-sitwazzjoni wara l-annullament parzjali. Il-Parlament għandu jagħmel sitwazzjoni legali evidenti u ċara", filwaqt li jżid ir-rekwiżit li dan ma jfissirx l-inklużjoni awtomatika tad-dispożizzjonijiet annullati fil-Liġi Fundamentali mingħajr distinzjoni ta' xejn, iżda il-Parlament "għandu jirrevedi l-kwistjonijiet tad-dispożizzjonijiet mhux tranżitorji annullati u jiddeċiedi dwar liema kwistjonijiet għandhom jiġu rregolati mill-ġdid u fuq liema livell ta' sorsi legali. Għandu jkun ukoll il-Parlament li jiddeċiedi liema dispożizzjonijiet għandhom jiġu rregolati mill-ġdid għandhom jiġu inkorporati fil-Liġi Fundamentali u liema għandhom jiġu stabbiliti fuq livell ta' Atti tal-Parlament";***

5. Jikkritika bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tar-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali, li jmorru kontra s-supremazija tal-Liġi Fundamentali billi jerġgħu jintroduċu fit-test tiegħu numru ta' regoli li qabel kienu ġew iddikjarati bħala mhux kostituzzjonali – jiġifieri mhux kompatibbli mal-bażi proċedurali jew sostantiva tal-Liġi Fundamentali – mill-Qorti Kostituzzjonali;

6. Ifakkar li fid-Deċiżjoni tat-28 ta' Diċembru 2012 tagħha msemmija hawn fuq, il-Qorti Kostituzzjonali ħadet deċiżjoni ċara dwar l-istandards ta' kostituzzjonalità billi ddikjarat li "skont l-istat tad-dritt, fi Stati demokratiċi, il-kostituzzjonijiet għandhom standards u rekwiżiti sostanzjali u proċedurali kostanti. Ir-rekwiżiti kostituzzjonali sostanzjali u proċedurali m'għandhomx jiġu stabbiliti, fl-era tal-Liġi Fundamentali, aktar baxxi milli kienu fiż-żmien (tal-Att) tal-Kostituzzjoni. Ir-rekwiżiti ta' Stat kostituzzjonali skont l-istat tad-dritt jibqgħu fil-preżent infurzati b'mod konsistenti u huma programmi għall-futur. Skont l-istat tad-dritt, l-Istat kostituzzjonali huwa sistema ta' valuri, prinċipji u garanziji kostanti"; iqis li dikjarazzjoni daqshekk ċara u dinjituża tapplika għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha tagħha;

7. Ifakkar li l-valuri komuni tal-Unjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt jeħtieġu sistema b'saħħitha ta' demokrazija rappreżentattiva bbażata fuq l-elezzjonijiet liberi u r-rispett tad-drittijiet tal-oppożizzjoni u li, skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll 1 tal-KEDB, l-elezzjonijiet għandhom jiżguraw "l-espressjoni tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġiżlatur";

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

8. Iqis li filwaqt li l-użu tal-liġijiet tal-maġġoranza ta' żewġ terzi huwa komuni fi Stati Membri oħrajn u ilu stabbilit bħala karatteristika tal-ordni kostituzzjonali u ġuridika Ungeriża mill-1989, l-użu estensiv tal-liġijiet kardinali għall-istabbiliment ta' regoli speċifiċi u dettaljati ħafna, jmur kontra l-prinċipji tad-demokrazija u l-istat tad-dritt peress li ppermetta l-gvern attwali, li jgawdi mill-appoġġ ta' maġġoranza kwalifikata, li jqiegħed iswed fuq l-abjad għażliet politiċi bil-konsegwenza li sar iktar diffiċli għal kwalunkwe gvern futur ġdid b'maġġoranza sempliċi fil-parlament li jirreaġixxi għal bidliet soċjali u b'hekk li jnaqqas potenzjalment l-importanza tal-elezzjonijiet il-ġodda; iqis li użu bħal dan għandu jiġi vvalutat mill-ġdid, sabiex jiġi żgurat li l-gvernijiet u l-maġġoranzi parlamentari futuri jitħallew jistabbilixxu leġiżlazzjoni b'mod li jagħmel sens u komprensiv;

9. Iqis li l-użu tal-proċedura tal-abbozzi tal-membri individwali biex tiġi implimentata l-kostituzzjoni (permezz tal-liġijiet kardinali) mhuwiex proċess leġiżlattiv trasparenti, responsabbli u demokratiku għaliex ma jipprovdix il-garanziji li jiżgura dibattitu u konsultazzjoni soċjali bis-sens, u li jista' jmur kontra l-Liġi Fundamentali stess, u b'hekk isir obbligu għall-gvern (u mhux għall-membri individwali) li jippreżentaw l-abbozzi neċessarji lill-parlament għall-implimentazzjoni tal-Liġi Fundamentali;

10. Jieħu nota tal-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (Nru CDL-AD(2011)016) li "tilqa' l-fatt li din il-Kostituzzjoni l-ġdida tistabbilixxi ordni kostituzzjonali bbażata fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali bħala prinċipji sottostanti"; jieħu nota wkoll tal-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (Nru CDL-AD(2012) 001) fejn skont din l-opinjoni l-adozzjoni ta' ammont kbir ta' liġijiet f'perjodu ta' żmien qasir ħafna jista' jispjega għala uħud mid-dispożizzjonijiet il-ġodda mhumiex konformi mal-istandards Ewropej; jieħu nota wkoll tal-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar ir-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali Ungeriża (Nru CDL-AD(2013) 012), li tiddikjara li "ir-Raba" Emenda nnifisha toħloq jew ittawwal in-nuqqasijiet fis-sistema kostituzzjonali tal-Ungerija';

11. Jilqa' l-fatt li l-Liġi Fundamentali tal-Ungerija ttenni kif ukoll tafferma l-artikoli tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Ungerija, bħala r-raba' pajjiż fl-UE, fl-Artikolu H tirrikonoxxi l-lingwa tas-sinjali Ungeriża (HSL) bħala lingwa kompluta u tiddefendi l-HSL bħala parti mill-kultura Ungeriża;

12. Jilqa' l-fatt li fl-Artikolu XV tagħha, il-Liġi Fundamentali tal-Ungerija tipprojbixxi b'mod speċifiku d-diskriminazzjoni fuq raġunijiet ta' razza, kulur, sess, diżabbiltà, lingwa, reliġjon, opinjonijiet reliġjużi jew ta' natura oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, jew ċirkostanzi finanzjarji, tat-twelid jew ċirkostanza oħra u tistipula li l-Ungerija għandha tadotta miżuri speċjali għall-protezzjoni tat-tfal, in-nisa, l-anzjani u l-persuni li jgħixu b'diżabbiltà skont l-Artikoli 20 sa 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

***Is-sistema demokratika tal-kontrolli u l-bilanċi***

13. Ifakkar li d-demokrazija u l-istat tad-dritt jeħtieġu separazzjoni tal-poteri fost l-istituzzjonijiet indipendenti bbażata fuq sistema li tiffunzjona sew ta' kontrolli u bilanċi u ta' kontroll effettiv tal-konformità tal-leġiżlazzjoni mal-kostituzzjoni;

14. Ifakkar li l-maġġoranza kostituzzjonali żiedet in-numru ta' mħallfin kostituzzjonali minn 11 għal 15 u aboliet ir-rekwiżit tal-ilħuq ta' ftehim mal-oppożizzjoni dwar l-elezzjoni ta' mħallfin kostituzzjonali; jinsab imħasseb li minħabba dawn il-miżuri tmienja mill-15-il imħallef attwali ġew eletti b'mod esklużiv b'maġġoranza ta' żewġ terzi (bla ebda eċċezzjoni), inklużi żewġ membri ġodda li nħatru direttament mill-pożizzjoni tagħhom ta' membri tal-parlament.

15. Jilqa' l-introduzzjoni ta' possibbiltà għal żewġ tipi ġodda ta' ilmenti kostituzzjonali fil-Qorti Kostituzzjonali u jifhem li sistema demokratika msejsa fuq l-istat tad-dritt mhux neċessarjament teħtieġ qorti kostituzzjonali sabiex tiffunzjona tajjeb; ifakkar, madankollu, l-Opinjoni Nru CDL-AD (2011)016 tal-Kummissjoni ta' Venezja, li tindika li fi stati li għażlu li jkollhom qorti kostituzzjonali, din il-qorti għandha tkun intitolata li tivvaluta l-konformità tal-liġijiet kollha mad-drittijiet tal-bniedem iggarantiti fil-kostituzzjoni; iqis, madankollu, li l-limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni kostituzzjonali relatata mal-liġijiet dwar il-baġit ċentrali u t-taxxi ddgħajjef il-garanziji istituzzjonali u proċedurali għall-protezzjoni ta' numru ta' drittijiet kostituzzjonali u għall-kontroll tas-setgħat tal-parlament u tal-gvern fil-qasam baġitarju;

16. Ifakkar li kif iddikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali fid-Deċiżjoni tagħha Nru 45/2012, "Il-legalità kostituzzjonali għandha mhux biss rekwiżiti ta' validità proċedurali, formali u pubbliċi, iżda wkoll rekwiżiti sostanzjali […]. Kif xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali tista' anke teżamina l-infurzar ħieles u l-kostituzzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti sostanzjali, il-garanziji u l-valuri tal-Istati demokratiċi skont l-istat tad-dritt";

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

17. Iqis li fid-dawl tal-emendi sistematiċi tal-Liġi Fundamentali b'rieda politika l-Qorti Kostituzzjonali ma tistax tibqa' twettaq ir-rwol tagħha bħala l-korp suprem tal-protezzjoni kostituzzjonali, b'mod speċjali minħabba li r-Raba' Emenda tipprojbixxi b'mod espliċitu lill-Qorti milli tirrieżamina l-emendi kostituzzjonali li jmorru kontra rekwiżiti u prinċipji kostituzzjonali oħrajn;

18. Billi jitqies id-dritt ta' parlament elett b'mod demokratiku għall-adozzjoni ta' liġi b'konformità mad-drittijiet fundamentali, fir-rigward ta' minoranzi politiċi, u bi proċedura trasparenti u demokratikament adegwata, u tal-qrati responsabbli, kemm dawk ordinarji kif ukoll kostituzzjonali, għas-salvagwardja tal-kompatibilità tal-liġijiet mal-kostituzzjoni, jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri u sistema li tiffunzjona b'mod xieraq għall-kontrolli u l-bilanċi; huwa mħasseb f'dan ir-rigward dwar il-bidla fis-setgħat fi kwistjonijiet kostituzzjonali, għall-vantaġġ tal-Parlament u għall-iżvantaġġ tal-Qorti Kostituzzjonali, li ddgħajjef ħafna il-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri u sistema ta' kontrolli u bilanċi li taħdem tajjeb, li huma korollarji ewlenin tal-istat tad-dritt; jilqa' f'dan ir-rigward, l-istqarrija konġunta EGER tas-16 ta' Mejju 2013 mill-Presidenti tal-Qrati Kostituzzjonali tal-Ungerija u r-Rumanija, Péter Paczolay u Augustin Zegrean, li tenfasizza r-responsabbiltà speċjali tal-qrati kostituzzjonali f'pajjiżi li huma ggvernati b'maġġoranza ta' żewġ terzi;

19. Huwa wkoll estremament imħasseb dwar dawk id-dispożizzjonijiet tar-Raba' Emenda li jħassru 20 sena ta' ġurisprudenza kostituzzjonali, li fiha sistema sħiħa ta' prinċipji fundamentali u rekwiżiti kostituzzjonali, inkluża kwalunkwe każistika potenzjali li taffettwa l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE u tal-liġi Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li l-Qorti diġà użat id-deċiżjonijiet preċedenti tagħha bħala sors ta' interpretazzjoni; jinsab imħasseb, madankollu, bil-fatt li jista' jkun li qrati oħrajn ma jkunux jistgħu jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-każistika preċedenti tal-Qorti Kostituzzjonali;

20. Huwa mħasseb ukoll dwar il-konformità mal-liġi tal-UE tad-dispożizzjoni tar-Raba' Emenda li tippermetti l-Gvern Ungeriż li jimponi taxxa speċjali sabiex jimplimenta s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE li jinvolvu obbligi ta' ħlas meta l-baġit tal-istat m'għandux biżżejjed fondi disponibbli u meta d-dejn pubbliku jaqbeż nofs il-prodott domestiku gross; jieħu nota tad-djalogu għaddej bejn il-Gvern Ungeriż u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-kwistjoni;

21. Jikkritika l-proċess aċċellerat tal-promulgazzjoni ta' liġijiet importanti peress li jdgħajjef id-drittijiet tal-partiti tal-oppożizzjoni li jkunu involuti b'mod effettiv fil-proċess leġiżlattiv, u b'hekk jiġi limitat l-iskrutinju tagħhom tal-azzjonijiet tal-maġġoranza u tal-gvern u, finalment, tiġi affettwata ħażin is-sistema ta' kontrolli u bilanċi;

22. Jinsab imħasseb dwar diversi dispożizzjonijiet tal-Liġi LXII tal-2013 dwar il-ħolqien ta' regoli u regolamenti ġodda relatati mas-sorveljanza tas-sigurtà nazzjonali, peress li dawn jistgħu jwasslu għal effett negattiv fuq is-separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza tal-ġudikatura, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għal rimedju effettiv;

23. Ifakkar li l-indipendenza tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data hija garantita mill-Artikolu 16 tat-TFUE u l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

24. Jenfasizza li l-protezzjoni kontra t-tneħħija mill-kariga waqt il-mandat hija element essenzjali tar-rekwiżit tal-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data skont il-liġi tal-UE;

25. Jindika li l-Kummissjoni Ewropea nidiet proċedura ta' ksur kontra l-Ungerija dwar il-legalità tat-tmiem tal-mandat ta' dak li kien il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data, rigward l-indipendenza adegwata ta' korp bħal dan, liema każ attwalment huwa pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

26. Jikkundanna l-fatt li l-bidliet istituzzjonali msemmijin qabel irriżultaw fl-indeboliment ċar tas-sistemi ta' kontrolli u bilanċi meħtieġa mill-istat tad-dritt u l-prinċipju demokratiku tas-separazzjoni tal-poteri;

***Indipendenza tal-ġudikatura***

27. Ifakkar li l-indipendenza tal-ġudikatura hija meħtieġa mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u hija rekwiżit essenzjali tal-prinċipju demokratiku tas-separazzjoni tal-poteri li ġej mill-Artikolu 2 tat-TUE;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

28. Ifakkar li l-Qorti Kostituzzjonali, fid-Deċiżjoni msemmija qabel tagħha 33/2012, iddeskriviet l-indipendenza tal-ġudikatura u l-imħallfin bħala kisba tal-kostituzzjoni storika tal-Ungerija, meta ddikkjarat li "l-prinċipju ta' indipendenza ġuridika, bl-elementi kollha tagħha, hija mingħajr ebda dubju kisba. B'hekk il-Qorti Kostituzzjonali tistabbilixxi li l-indipendenza ġuridika, u l-prinċipju riżultanti tal-pożizzjoni fissa, mhumiex biss regola normattiva tal-Liġi Fundamentali, iżda wkoll kisba tal-kostituzzjoni storika. B'hekk dan huwa prinċipju ta' interpretazzjoni obbligatorju għal kulħadd, ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Fundamentali, u li għandu jiġi applikat ukoll matul l-esplorazzjoni ta' kontenut potenzjali ieħor tal-Liġi Fundamentali" ([1]);

29. Jenfasizza li s-salvagwardja effettiva tal-indipendenza tal-forom ġudizzjarji tifforma l-bażi tad-demokrazija fl-Ewropa u hija prerekwiżit għall-konsolidazzjoni tal-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ad-diversi Stati Membri u, konsegwentement, għal kooperazzjoni transkonfinali bla xkiel fil-qasam komuni tal-ġustizzja, ibbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku kif stabbilit fl-Artikoli 81 tat-TFUE (kwistjonijiet ċivili) u 82 tat-TFUE (kwistjonijiet kriminali);

30. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-miżuri numerużi adottati – kif ukoll ċerti riformi attwali – ma jipprovdux biżżejjed assigurazzjonijiet ta' salvagwardji kostituzzjonali dwar l-indipendenza tal-ġudikatura u l-indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija;

31. Iqis li t-terminazzjoni qabel il-waqt tal-mandat tal-President tal-Qorti Suprema tikser il-garanzija tas-sikurezza tal-mandat, li hija element ewlieni tal-indipendenza tal-ġudikatura;

32. Jilqa' d-Deċiżjoni 33/2012 imsemmija hawn fuq tal-Qorti Kostituzzjonali li tiddikjara li t-terminazzjoni obbligatorja tas-servizz tal-imħallfin fl-età ta' 62 sena mhijiex kostituzzjonali kif ukoll id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tas-6 ta' Novembru 2012, li tiddikjara li t-tnaqqis radikali tal-età tal-irtirar tal-imħallfin fl-Ungerija hija diskriminazzjoni mhux ġustifikata fuq il-bażi tal-età u b'hekk tikser id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE;

33. Jilqa' l-emendi tal-Att CLXI tal-2011 dwar l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-qrati tal-Ungerija u l-Att CLXII tal-2011 dwar l-istatus legali u r-remunerazzjoni tal-imħallfin tal-Ungerija, adottati mill-Parlament Ungeriż fit-2 ta' Lulju 2012, li jindirizzaw parti kbira mit-tħassib espress fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2012 u mill-Kummissjoni ta' Venezja fl-opinjoni tagħha;

34. Jiddispjaċih, madankollu, li ma ġewx implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni ta' Venezja, b'mod partikolari dwar il-bżonn li jiġu limitati s-setgħat diskrezzjonali tal-President tal-Uffiċċju Ġuridiku Nazzjonali fil-kuntest tat-trasferiment tal-każijiet, li potenzjalment jaffettwaw id-dritt ta' proċess ġust u d-dritt ta' mħallef ġust; jieħu nota tad-dikjarazzjoni ta' intenzjoni mill-Gvern Ungeriż biex jirrieżamina s-sistema ta' trasferiment ta' kawżi; jemmen li, f'dan ir-rigward, għandhom jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja;

35. Jilqa' l-adozzjoni tal-Att XX tal-2013 dwar l-emendi leġiżlattivi relatati mal-limitu massimu tal-età applikabbli għal ċerti relazzjonijiet legali ġuridiċi, li jistabbilixxi l-età tal-irtirar tal-imħallfin għal 65 sena fit-tmiem ta' perjodu tranżitorju ta' 10 snin u jorganizza d-dħul mill-ġdid ta' dawk l-imħallfin li ġew imkeċċija inġustament;

36. Jiddispjaċih, madankollu, li fil-każ tal-imħallfin li jippresjedu, l-Att XX tal-2013 jipprovdi għad-dħul mill-ġdid tagħhom fil-pożizzjonijiet eżekuttivi oriġinali tagħhom biss jekk dawn il-pożizzjonijiet ġudizzjarji jkunu għadhom vakanti, bil-konsegwenza li ftit biss mill-imħallfin li tkeċċew inġustament huma garantiti li jiġu riintegrati fl-istess pożizzjoni eżatta bl-istess dmirijiet u responsabbiltajiet li kellhom qabel it-tkeċċija tagħhom;

37. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal tabella ta' valutazzjoni permanenti dwar il-ġustizzja f'kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE kif imressqa mill-Viċi President Reding, li turi li s-salvagwardja tal-indipendenza tal-ġudikatura hija ta' tħassib ġenerali għall-UE; jenfasizza l-fatt li f'xi Stati Membri jista' jqum tħassib serju dwar dawn il-kwistjonijiet; jitlob għal tkabbir tat-tabella ta' valutazzjoni tal-ġustizzja biex tkopri wkoll il-ġustizzja kriminali, id-drittijiet fundamentali, l-Istat tad-dritt u d-demokrazija, kif diġà mitlub;

([1]) Il-punt (80) tad-Deċiżjoni.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

38. Jirrikonoxxi l-professjonaliżmu u d-dedikazzjoni tal-komunità ġudizzjarja Ungeriża u l-impenn tagħha lejn l-istat tad-dritt, u jfakkar li minn meta beda l-proċess demokratiku fl-Ungerija l-Qorti Kostituzzjonali ġiet rikonoxxuta bħala korp kostituzzjonali eċċezzjonali fl-Ewropa u fid-dinja;

***Ir-riforma elettorali***

39. Ifakkar li t-tfassil mill-ġdid tad-distretti elettorali, l-adozzjoni tal-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-parlament tal-Ungerija u l-liġi dwar il-proċedura elettorali jbiddlu b'mod konsiderevoli l-qafas legali u istituzzjonali għall-elezzjonijiet li jmiss fl-2014, u għalhekk jiddispjaċih li dawn il-liġijiet ġew adottati b'mod unilaterali mill-partiti li qegħdin imexxu mingħajr konsultazzjoni wiesgħa mal-oppożizzjoni.

40. Jinsab imħasseb li fl-ambjent politiku attwali d-dispożizzjonijiet eżistenti għall-proċedura tan-nomina tal-membri tal-Kumitat Elettorali Nazzjonali ma jiggarantux ir-rappreżentanza bilanċjata u l-indipendenza tal-kumitat b'mod xieraq;

41. Jilqa' l-fatt li l-awtoritajiet Ungeriżi talbu l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-Att dwar l-Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ungeriż tal-20 ta' Jannar 2012; jikkunsidra madankollu li hija meħtieġa analiżi komprensiva sabiex jiġi evalwat ix-xenarju elettorali li ġie mibdul b'mod fundamentali.

42. Jilqa' l-fatt li l-Att XXXVI tal-2013 dwar il-proċedura tal-elezzjonijiet fl-Ungerija, u l-Artikolu 42 b'mod partikolari, jipprevedi li, fuq talba, il-persuni b'diżabbiltajiet iridu jiġu pprovduti bi struzzjonijiet bil-lingwa Braille, b'informazzjoni rilevanti li tinqara faċilment, b'kampjun tal-votazzjoni bil-Braille fil-postijiet tal-votazzjoni kif ukoll b'aċċessibilità sħiħa għall-postijiet tal-votazzjoni, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet ta' dawk li jużaw siġġu bir-roti; barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 52 tal-Att fuq imsemmi, il-votanti diżabbli jistgħu jitlobu li jiġu rreġistrati f'postijiet tal-votazzjoni oħra li jkunu iżjed aċċessibbli sabiex jivvutaw fil-kostitwenza partikolari, skont l-obbligu tal-ħolqien ta' mill-inqas post tal-votazzjoni wieħed kompletament aċċessibbli f'kull kostitwenza stabbilit fl-Artikolu 81;

***Il-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni***

43. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-awtoritajiet Ungeriżi li wasslu għal bidliet leġiżlattivi li għandhom l-għan li jindirizzaw numru ta' nuqqasijiet li ġew identifikati sabiex titjieb il-leġiżlazzjoni dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni u ssir konformi mal-istandards tal-UE u tal-Kunsill tal-Ewropa;

44. Jilqa' d-djalogu kostruttiv kontinwu ma' atturi internazzjonali u jenfasizza li l-kooperazzjoni bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Gvern Ungeriż tat riżultati tanġibbli, kif jidher fl-Att XXXIII tal-2013, li jindirizza ftit mit-tħassib enfasizzat preċedentement fil-valutazzjonijiet legali tal-leġiżlazzjoni dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari b'rabta mal-proċeduri tal-ħatra u tal-elezzjoni għall-presidenti tal-Awtorità tal-Midja u l-Kunsill tal-Midja; ifakkar madankollu li għad hemm xi tħassib dwar l-indipendenza tal-awtorità tal-mezzi tal-komunikazzjoni;

45. Jesprimi tħassib dwar l-effetti tad-dispożizzjoni tar-Raba' Emenda li tipprojbixxi r-reklamar politiku fil-mezzi tal-komunikazzjoni kummerċjali peress li, għalkemm l-għan iddikjarat ta' din id-dispożizzjoni huwa li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kampanji politiċi u li jinħolqu opportunitajiet indaqs għall-partiti, din tipperikola l-għoti ta' informazzjoni bilanċjata; jinnota li l-Gvern Ungeriż jinsab f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kwistjoni tar-regoli dwar ir-reklamar politiku; jinnota li jeżistu wkoll restrizzjonijiet f'pajjiżi Ewropej oħrajn; jieħu nota tal-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar ir-Raba' emenda tal-Liġi Fundamentali Ungeriża (Nru CDL-AD(2013) 012), li tiddikjara li "limiti fuq ir-reklamar politiku ġew ikkunsidrati fil-kuntest tal-Istati Membru partikolari" u li "il-projbizzjoni ta' kull reklamar politiku fis-servizzi tal-mezzi tal-komunikazzjoni kummerċjali, li jintużaw b'mod aktar wiesa' fl-Ungerija mill-midja tas-servizz pubbliku, se ttellef l-oppożizzjoni minn ċans importanti li ssemma' l-fehmiet tagħha b'mod effettiv u għalhekk se tagħti saħħa lill-pożizzjoni dominanti tal-gvern fil-kopertura tal-mezzi tal-komunikazzjoni";

46. Itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jieħdu azzjoni sabiex iwettqu jew jikkummissjonaw valutazzjonijiet regolari proattivi dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni fuq l-ambjent tal-mezzi tal-komunikazzjoni (tnaqqis fil-kwalità tal-ġurnaliżmu, mumenti ta' awtoċensura, restrizzjoni tal-libertà editorjali u tnaqqis radikali fil-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà tal-impjieg għall-ġurnalisti);

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

47. Jikkundanna l-fatt li l-Aġenzija Ungeriża għall-Aħbarijiet tal-istat (MTI) inħolqot bħala l-unika fornitur tal-aħbarijiet għax-xandara tas-servizz pubbliku, filwaqt li x-xandara privati kbar kollha huma mistennija li jkollhom is-servizz tal-aħbarijiet tagħhom stess, fisser li din għandha monopolju virtwali fis-suq, peress li l-maġġoranza tal-aħbarijiet tagħha huma disponibbli b'xejn; ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa biex jiġi eliminat l-obbligu tax-xandara pubbliċi li jużaw l-aġenzija tal-aħbarijiet nazzjonali peress li dan jikkostitwixxi restrizzjoni mhux raġonevoli u inġusta fuq il-pluralità tal-provvista tal-aħbarijiet;

48. Jinnota li l-awtorità għall-kompetizzjoni nazzjonali teħtieġ li tagħmel valutazzjonijiet regolari tal-ambjenti u s-swieq tal-mezzi tal-komunikazzjoni, u tenfasizza t-theddid potenzjali għall-pluraliżmu;

49. Jisħaq fuq il-fatt li l-miżuri biex jiġi rregolat l-aċċess tal-mezzi tal-komunikazzjoni għas-suq permezz ta' liċenzji tax-xandir u proċeduri ta' awtorizzazzjoni, regoli għall-protezzjoni tas-sigurtà statali, nazzjonali jew militari u tal-ordni pubblika u regoli dwar il-moralità pubblika m'għandhomx jiġu abbużati bl-iskop li jiġu imposti kontroll jew ċensura politiċi jew partiġjani fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni, u jenfasizza li għandu jiġi żgurat bilanċ xieraq f'dan ir-rigward;

50. Jinsab imħasseb li x-xandir tas-servizz pubbliku huwa kontrollat minn sistema istituzzjonali estremament ċentralizzata li tieħu d-deċiżjonijiet operazzjonali reali mingħajr ebda skrutinju pubbliku; jenfasizza li l-prattiki tal-offerta preġudikati u opaki u l-informazzjoni preġudikata li tingħata mix-xandir għas-servizz tal-pubbliku li tilħaq udjenza vasta jfixklu s-suq tal-mezzi tal-komunikazzjoni; jenfasizza l-fatt li, f'konformità mal-Protokoll Nru 29 tat-Trattat ta' Lisbona (dwar is-Sistema tax-Xandir Pubbliku fl-Istati Membri), is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri hija relatata direttament mal-ħtiġijiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' kull soċjetà u mal-ħtieġa li jiġi ppreservat il-pluraliżmu fil-mezzi tal-komunikazzjoni;

51. Ifakkar li r-regolamenti dwar il-kontenut għandhom ikunu ċari, u jippermettu liċ-ċittadini u lill-kumpaniji tal-mezzi tal-komunikazzjoni li jipprevedu f'liema każijiet ikunu se jiksru l-liġi u jiddeterminaw il-konsegwenzi legali ta' kwalunkwe ksur possibbli; jinnota bi tħassib li minkejja regolamenti dwar il-kontenut daqshekk iddettaljati, pożizzjonijiet pubbliċi anti-Rom reċenti baqgħu ma ġewx issanzjonati mill-Awtorità Ungeriża għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni, u jsejjaħ għal applikazzjoni bbilanċjata tal-liġi;

***Id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi***

52. Jinnota li l-Parlament Ungeriż daħħal leġiżlazzjoni fl-oqsma kriminali u ċivili biex jiġġieled l-inċitament razzist u d-diskors ta' mibegħda; jikkunsidra li l-miżuri leġiżlattivi li ġew adottati huma punt ta' bidu importanti biex jinkiseb l-għan li tinħoloq soċjetà ħielsa mill-intolleranza u d-diskriminazzjoni fl-Ewropa, peress li l-miżuri konkreti jistgħu jinbnew biss permezz ta' leġiżlazzjoni soda; jindika, madankollu, li l-leġiżlazzjoni jeħtieġ li tiġi implimentata attivament;

53. Jenfasizza li l-awtoritajiet fl-Istati Membri kollha għandhom obbligu pożittiv li jieħdu azzjoni biex jevitaw il-ksur tad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, ma jistgħux jibqgħu newtrali u għandhom jieħdu l-miżuri legali, edukattivi u politiċi meħtieġa meta jiffaċjaw dan il-ksur; jinnota l-emenda tal-Kodiċi Penali tal-2011 biex jiġu evitati kampanji ta' gruppi estremisti bl-għan li jintimidaw il-komunitajiet tar-Rom, li thedded bi priġunerija sa tliet snin "l-imġiba antisoċjali provokattiva" li tnissel il-biża' f'membru ta' komunità nazzjonali, etnika, razzjali jew reliġjuża; jirrikonoxxi r-rwol tal-Gvern Ungeriż fit-tnedija tal-Qafas Ewropew għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom matul il-presidenza tal-UE tagħha fl-2011;

54. Jinnota bi tħassib it-tibdil ripetut fl-ordni legali li jirrestrinġi d-drittijiet tal-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru (LGBT), pereżempju bit-tentattiv li jiġu esklużi l-koppji tal-istess sess u t-tfal tagħhom, kif ukoll forom differenti oħra ta' familji, mid-definizzjoni ta' 'familja' fil-Liġi Fundamentali; jenfasizza li dan imur kontra l-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u joħloq ambjent ta' intolleranza fil-konfront ta' persuni LGBT;

55. Jilqa' l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet fil-Kostituzzjoni Ungeriża mir-Raba' Emenda li tiddikjara li "l-Ungerija se tfittex li tipprovdi akkomodazzjoni deċenti u aċċess għas-servizzi pubbliċi lil kull persuna" u li "l-Istat u l-gvernijiet lokali għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni deċenti billi jfittxu li jipprovdu akkomodazzjoni lill-persuni kollha mingħajr dar"; jesprimi tħassib, madankollu, dwar il-fatt li "sabiex jiġu protetti l-ordni pubblika, is-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika u l-valuri kulturali, Att tal-Parlament jew ordinanza lokali jistgħu jiddikjaraw illegali s-sitwazzjoni li fiha persuna tbiddel żona pubblika f'dar permanenti tagħha fir-rigward ta' parti speċifika ta' tali żona pubblika", li jista' jwassal sabiex il-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar tiġi indirizzata permezz tal-liġi kriminali; ifakkar li l-Qorti Kostituzzjonali Ungeriża qieset li miżuri simili li jinsabu fl-Att dwar Reati Żgħar ma kinux kostituzzjonali peress li kienu kontra d-dinjità tal-bniedem;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

***Il-libertà tar-reliġjon u ta' twemmin u r-rikonoxximent tal-knejjes***

56. Jinnota bi tħassib li l-bidliet introdotti fil-Liġi Fundamentali mir-Raba' Emenda jagħtu lill-parlament is-setgħa li jirrikonoxxi, permezz ta' liġijiet kardinali u mingħajr id-dmir kostituzzjonali li jiġġustifika r-rifjut ta' rikonoxximent, ċerti organizzazzjonijiet involuti f'attivitajiet reliġjużi bħal knejjes, li jista' jaffettwa b'mod negattiv id-dmir tal-Istat li jibqa' newtrali u imparzjali fir-relazzjonijiet tiegħu mad-diversi reliġjonijiet u twemmin;

***Konklużjoni***

57. Itenni li jagħti importanza kbira lir-rispett tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-Istati Membri kollha u jirrifjuta l-applikazzjoni ta' standards doppji fit-trattament tal-Istati Membri; jenfasizza li sitwazzjonijiet simili jew oqfsa legali u dispożizzjonijiet għandhom jiġu vvalutati bl-istess mod; huwa tal-fehma li l-fatt minnu nnifsu li jinbidlu u jiġu adottati l-liġijiet ma jistax jiġi kkunsidrat bħala inkompatibbli mal-valuri tat-Trattati; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika każijiet ta' nuqqas ta' kompatibbiltà mad-dritt tal-UE u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tiddeċiedi dwar kwalunkwe każ bħal dan;

58. Jikkonkludi – fir-rigward tar-raġunijiet spjegati hawn fuq – li t-tendenza sistematika u ġenerali li jiġi modifikat il-qafas kostituzzjonali u legali f'perjodi qosra ħafna, u l-kontenut ta' dawn il-modifiki, hija inkompatibbli mal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 6 tat-TUE u titbiegħed mill-prinċipji msemmija fl-Artikolu 4(3) tat-TUE; iqis li – sakemm ma tiġix aġġustata fil-ħin u b'mod adegwat – din it-tendenza se tirriżulta f'riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE;

III — ***rakkomandazzjonijiet***

***Preambolu***

59. Itenni li din ir-riżoluzzjoni mhijiex biss dwar l-Ungerija, iżda b'mod inseparabbli dwar l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, u r-rikostruzzjoni u l-iżvilupp demokratiċi tagħha wara l-waqgħa tat-totalitarjaniżmu tas-seklu għoxrin; Ir-riżoluzzjoni hija dwar il-familja Ewropea, il-valuri komuni u l-istandards tagħha, l-inklużività u l-kapaċità tagħha li timpenja ruħha fi djalogu. Hija dwar il-ħtieġa li jiġu implimentati t-Trattati li l-Istati Membri kollha ssieħbu fihom b'mod volontarju. Hija dwar l-għajnuna reċiproka u l-fiduċja reċiproka li l-Unjoni, iċ-ċittadini tagħha u l-Istati Membri jeħtieġu li jkollhom jekk dawn it-Trattati jridu jkunu aktar minn sempliċiment kliem fuq karta, iżda pjuttost il-bażi legali għal Ewropa vera, ġusta u miftuħa li tirrispetta d-drittijiet fundamentali;

60. Jikkondividi l-idea ta' Unjoni li mhijiex biss 'unjoni ta' demokraziji' iżda wkoll 'Unjoni ta' Demokrazija', ibbażata fuq soċjetajiet pluralistiċi fejn huma prevalenti r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

61. Itenni li, għalkemm fi żminijiet ta' kriżi ekonomika u soċjali dak li jkun jista' jaqa' għat-tentazzjoni li jinjora l-prinċipji kostituzzjonali, il-kredibilità u s-sodezza tal-istituzzjonijiet kostituzzjonali għandhom rwol ċentrali għall-appoġġ tal-politiki ekonomiċi, fiskali u soċjali u tal-koeżjoni soċjali;

***Appell lill-Istati Membri kollha***

62. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom tat-Trattat għar-rispett, il-garanzija, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri komuni tal-Unjoni, li huma kundizzjoni indispensabbli għar-rispett tad-demokrazija u b'hekk tal-essenza taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, u għall-ħolqien ta' kultura ta' fiduċja reċiproka li tippermetti kooperazzjoni transkonfinali effettiva u spazju reali ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

63. Iqis li huwa d-dmir morali u legali tal-Istati Membri kollha, kif ukoll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li jiddefendu l-valuri Ewropej kif stabbiliti fit-Trattati, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li kull Stat Membru huwa firmatarju tagħhom u li magħhom l-UE daqt se tissieħeb;

64. Jistieden lill-parlamenti nazzjonali sabiex isaħħu r-rwol tagħhom fil-monitoraġġ tal-konformità mal-valuri fundamentali u jiddenunzjaw kwalunkwe riskju ta' deterjorament ta' dawn il-valuri li jista' jkun hemm ġewwa l-fruntieri tal-UE bl-għan li tinżamm il-kredibilità tal-Unjoni fir-rigward tal-pajjiżi terzi, li hija bbażata fuq is-serjetà li biha l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jqisu l-valuri li għażlu bħala pedamenti;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

65. Jistenna li l-Istati Membri kollha jieħdu l-passi neċessarji, b'mod partikolari fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, sabiex jikkontribwixxu b'mod leali għall-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u sabiex jikkooperaw mal-Parlament u l-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-osservanza tagħhom, speċjalment fil-qafas tat-'Trilogu tal-Artikolu 2' imsemmi fil-paragrafu 85;

*Appell lill-Kunsill Ewropew*

66. Ifakkar lill-Kunsill Ewropew dwar ir-responsabbiltajiet tiegħu fil-qafas tal-qasam tal-ħelsien, il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;

67. Jinnota b'dispjaċir li l-Kunsill Ewropew huwa l-unika istituzzjoni politika tal-UE li baqgħet siekta, filwaqt li l-Kummissjoni, il-Parlament, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE u anke l-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti esprimew tħassib dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija;

68. Iqis li l-Kunsill Ewropew ma jistax jibqa' passiv f'każijiet fejn wieħed mill-Istati Membri jikser id-drittijiet fundamentali jew jimplimenta bidliet li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-istat tad-dritt f'dak il-pajjiż u b'hekk l-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea inġenerali, b'mod partikolari meta l-fiduċja reċiproka fis-sistema legali u l-kooperazzjoni ġudizzjarja jistgħu jitqiegħdu f'riskju, peress li dan għandu impatt negattiv fuq l-Unjoni nnifisha;

69. Jistieden lill-President tal-Kunsill Ewropew jinforma lill-Parlament dwar il-valutazzjoni tiegħu tas-sitwazzjoni;

*Rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni*

70. Jistieden lill-Kummissjoni bħala l-gwardjana tat-Trattati u bħala l-korp responsabbli biex jiżgura li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat b'mod korrett, taħt is-superviżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

— sabiex tinforma lill-Parlament dwar il-valutazzjoni tagħha tar-Raba' Emenda tal-Liġi Fundamentali u l-impatt tagħha fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-UE;

— sabiex tkun determinata li tiżgura l-konformità sħiħa mal-valuri u d-drittijiet fundamentali komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, peress li l-ksur tagħhom imur kontra l-pedamenti stess tal-Unjoni u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri;

— sabiex tniedi investigazzjoni oġġettiva u tibda proċedimenti ta' ksur kull meta tqis li Stat Membru jkun naqas milli jissodisfa obbligu taħt it-Trattati u, b'mod partikolari, ikun qed jikser id-drittijiet imħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

— sabiex tevita kull standard doppju fit-trattament tal-Istati Membri, u tiżgura li, f'sitwazzjonijiet simili, l-Istati Membri kollha jiġu trattati b'mod simili, u b'hekk ikun hemm rispett sħiħ tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati;

— sabiex tiffoka mhux biss fuq il-ksur speċifiku tad-dritt tal-UE li għandu jiġi rimedjat b'mod partikolari permezz tal-Artikolu 258 tat-TFUE, iżda wkoll biex twieġeb b'mod xieraq għal bidla sistematika tas-sistema u l-prattika kostituzzjonali u legali ta' Stat Membru fejn bosta reati ta' ksur ripetuti sfortunatament jirriżultaw fi stat ta' inċertezza tad-dritt li ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2 tat-TUE;

— sabiex tadotta approċċ iktar komprensiv meta tindirizza kwalunkwe riskju potenzjali ta' ksur serju tal-valuri fundamentali fi Stat Membru partikolari fi stadju bikri u tidħol immedjatament fi djalogu politiku strutturat mal-Istat Membru rilevanti u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE; dan id-djalogu politiku strutturat għandu jiġi kkoordinat fl-ogħla livell politiku tal-Kummissjoni u jkollu impatt ċar fuq l-ambitu sħiħ tan-negozjati bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat fid-diversi oqsma tal-UE;

— biex toħloq, malli jiġu identifikati r-riskji tal-ksur tal-Artikolu 2 tat-TUE, "Aġenda ta' Twissija dwar l-Artikolu 2 tat-TUE", jiġifieri mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-valuri tal-Unjoni, li l-Kummissjoni għandha tindirizza bi prijorità u urġenza esklużivi, ikkoordinat fl-ogħla livell politiku u meqjus fid-diversi politiki settorjali tal-UE, sakemm tiġi rkuprata l-konformità sħiħa mal-Artikolu 2 tat-TUE u jitneħħa kull riskju ta' ksur tiegħu, kif previst ukoll fl-ittra tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin ta' erba' Stati Membri li jinsistu mal-President tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġi żviluppat metodu ġdid u aktar effettiv ta' salvagwardja tal-valuri fundamentali sabiex ikun hemm aktar enfasi fuq il-promozzjoni ta' kultura ta' rispett għall-istat tad-dritt, li ġiet ikkunsidrata mill-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt u fir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2012 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-6 u s-7 ta' Ġunju 2013;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— sabiex torganizza laqgħat fuq livell tekniku mas-servizzi tal-Istat Membru kkonċernat iżda ma tikkonkludi l-ebda negozjati f'oqsma politiki minbarra dawk relatati mal-Artikolu 2 tat-TUE sakemm tiġi żgurata konformità sħiħa mal-Artikolu 2 tat-TUE;

— sabiex tapplika approċċ orizzontali li jinvolvi s-servizzi kkonċernati kollha tal-Kummissjoni ħalli jiġi żgurat rispett għall-istat tad-dritt fl-oqsma kollha, inkluż is-settur ekonomiku u soċjali;

— sabiex taġġorna l-komunikazzjoni tagħha tal-2003 dwar l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (COM(2003) 0606) u tfassal proposta dettaljata għal mekkaniżmu ta' monitoraġġ rapidu u indipendenti u sistema ta' twissija bikrija;

— sabiex tissorvelja regolarment il-funzjonament korrett taż-żona Ewropea ta' ġustizzja u tieħu azzjoni meta l-indipendenza tal-ġudikatura titpoġġa f'riskju fi kwalunkwe Stat Membru, bl-għan li jiġi evitat it-tnaqqis fil-fiduċja reċiproka fost l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali, li b'mod inevitabbli joħloq ostakoli għall-applikazzjoni korretta tal-istrumenti tal-UE għar-rikonoxximent reċiproku u l-kooperazzjoni transkonfinali;

— sabiex tiżgura li l-Istati Membri jiggarantixxu implimentazzjoni korretta tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni u tal-aċċess ugwali għall-informazzjoni;

— sabiex tissorvelja l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli li jiżguraw proċeduri trasparenti u ġusti għall-finanzjament tal-mezzi tal-komunikazzjoni u r-reklamar statali u l-allokazzjoni tal-isponsorizzar, sabiex jiġi ggarantit li dawn ma jikkawżaw l-ebda interferenza fir-rigward tal-libertà tal-informazzjoni u l-espressjoni, il-pluraliżmu jew il-linji editorjali meħudin mill-mezzi tal-komunikazzjoni;

— sabiex tieħu miżuri xierqa, fil-ħin, proporzjonati u progressivi fejn ikun hemm tħassib fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni, l-informazzjoni, il-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni u l-pluraliżmu fl-UE u fl-Istati Membri fuq il-bażi ta' analiżi dettaljata u bir-reqqa tas-sitwazzjoni u l-problemi li għandhom jiġu solvuti u l-aħjar modi kif jiġu indirizzati;

— sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva sabiex titjieb il-kooperazzjoni bejn il-korpi regolatorji tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, u jitwettqu kemm jista' jkun malajr reviżjoni u emenda tad-Direttiva u b'mod partikolari tal-Artikoli 29 u 30 tagħha;

— sabiex tkompli għaddejja bid-djalogu mal-gvern Ungeriż dwar il-konformità mad-dritt tal-UE tal-proposta l-ġdida tar-Raba' Emenda li tippermetti lill-Gvern Ungeriż jimponi taxxa speċjali sabiex jiġu implimentati sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE li jinvolvu obbligi ta' ħlas meta l-baġit tal-istat ma jkollux biżżejjed fondi disponibbli u meta d-dejn pubbliku jaqbeż nofs il-prodott domestiku gross, u tissuġġerixxi miżuri adegwati biex tipprevjeni ksur potenzjali tal-kooperazzjoni sinċiera kif stabbilita fl-Artikolu 4(3) tat-TUE;

71. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-adeżjoni li jmiss tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem iwasslu għal arkitettura ġdida fid-dritt tal-Unjoni Ewropea, struttura li tqiegħed iktar minn qatt qabel id-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tagħha, li b'hekk tati lill-Kummissjoni, bħala l-gwardjana tat-Trattati, iktar responsabbiltajiet f'dan il-qasam;

***Rakkomandazzjonijiet lill-Awtoritajiet Ungeriżi***

72. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ungeriżi jimplimentaw malajr kemm jista' jkun il-miżuri kollha li l-Kummissjoni Ewropea bħala l-gwardjana tat-trattati tqis neċessarji sabiex ikun hemm konformità sħiħa mad-dritt tal-UE, mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Ungeriża u biex jimplimentaw malajr kemm jista' jkun ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, tal-Kunsill tal-Ewropa u korpi internazzjonali oħrajn għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, bl-għan li jkun hemm konformità sħiħa mal-istat tad-dritt u r-rekwiżiti ewlenin tiegħu dwar l-ambitu kostituzzjonali, is-sistema ta' kontrolli u bilanċi u l-indipendenza tal-ġudikatura, kif ukoll dwar salvagwardji b'saħħithom għad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' espressjoni, il-mezzi tal-komunikazzjoni u r-reliġjon jew it-twemmin, il-protezzjoni tal-minoranzi, l-azzjoni biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u d-dritt għall-proprjetà;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

*Dwar id-Dritt Fundamentali:*

— biex jirrestawraw bis-sħiħ is-supremazija tad-Dritt Fundamentali billi jitneħħew minnu dawk id-dispożizzjonijiet li qabel ġew iddikjarati bħala mhux kostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali;

— biex inaqqsu l-użu rikorrenti tal-liġijiet kardinali b'tali mod li l-oqsma tal-politika bħall-familja, dawk soċjali, fiskali u baġitarji jitħallew għal-leġiżlazzjoni ordinarja u l-maġġoranzi;

— biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, u b'mod partikolari, jirrevedu l-lista ta' oqsma ta' politika li jeħtieġu maġġoranza kwalifikata bl-għan li jkunu żgurati elezzjonijiet futuri b'sinifikat;

— biex jiżguraw sistema parlamentari ħajja li tirrispetta wkoll il-forzi tal-oppożizzjoni billi tati lok għal żmien raġonevoli għal dibattitu ġenwin bejn il-maġġoranza u l-oppożizzjoni u għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku ġenerali fil-proċedura leġiżlattiva;

— biex jiżguraw l-iktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli tal-partiti parlamentari kollha fil-proċess kostituzzjonali, anke jekk il-maġġoranza speċjali rilevanti tkun miżmuma mill-koalizzjoni li qed tiggverna waħedha;

*Dwar il-kontrolli u l-bilanċi:*

— biex jirrestawraw b'mod sħiħ il-prerogattivi tal-Qorti Kostituzzjonali bħala l-korp suprem tal-protezzjoni kostituzzjonali, u b'hekk il-preċedenza tal-Liġi Fundamentali, billi jitneħħew mit-test tagħha l-limitazzjonijiet fuq is-setgħa tal-Qorti Kostituzzjonali li tirrevedi l-kostituzzjonalità ta' kwalunkwe bidla fil-Liġi Fundamentali kif ukoll l-abolizzjoni ta' għoxrin sena ta' każistika kostituzzjonali; biex jagħtu lura d-dritt lill-Qorti Kostituzzjonali li tirrevedi l-leġiżlazzjoni kollha mingħajr eċċezzjoni, bl-għan li jinħoloq kontrobilanċ għall-azzjonijiet parlamentari u eżekuttivi u li jiġi żgurat stħarriġ ġudizzjarju sħiħ; stħarriġ ġudizzjarju u kostituzzjonali ta' dan it-tip jista' jsir b'modi differenti u fi Stati Membri differenti, skont il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull storja kostituzzjonali nazzjonali, iżda ladarba tiġi stabbilita, Qorti Kostituzzjonali bħal dik Ungeriża, li wara l-waqgħa tar-reġim Komunista malajr bniet reputazzjoni fost il-Qrati Supremi fl-Ewropa, m'għandhiex tkun soġġetta għal miżuri mmirati sabiex inaqqsu l-kompetenzi tagħha u b'hekk idgħajfu l-istat tad-dritt;

— biex jiksbu lura l-possibbiltà għas-sistema ġudizzjarja li tirreferi għall-każistika tal-Qorti Kostituzzjonali ppubblikata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi Fundamentali, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet fundamentali ([1]);

— biex jimmiraw għall-kunsens meta jkunu qegħdin jiġu eletti l-membri tal-Qorti Kostituzzjonali bl-involviment sinifikanti tal-oppożizzjoni, u biex jiżguraw li l-membri tal-qorti jkunu ħielsa mill-influwenza politika;

— biex jirrestawraw il-prerogattivi tal-parlament fil-qasam tal-baġit u b'hekk jiżguraw il-leġittimità demokratika sħiħa tad-deċiżjonijiet tal-baġit billi titneħħa r-restrizzjoni tas-setgħat parlamentari mill-Kunsill tal-Baġit mhux parlamentari;

— biex jikkooperaw mal-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi l-ġdida dwar is-Sigurtà Nazzjonali jikkonformaw mal-prinċipji fundamentali tas-separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza tal-ġudikatura, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għal rimedju effettiv;

— biex jipprovdu kjarifiki dwar kif l-awtoritajiet Ungeriżi beħsiebhom isolvu t-tmiem prematur tal-mandat tal-uffiċjali anzjani bl-għan li tiġi żgurata l-indipendenza istituzzjonali tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data;

*Dwar l-indipendenza tal-ġudikatura:*

— biex jiggarantixxu għalkollox l-indipendenza tal-ġudikatura billi jiżguraw li jiġu stabbiliti fil-Liġi Fundamentali l-prinċipji ta' pożizzjoni fissa u l-mandat garantit tal-imħallfin, ir-regoli dwar l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-korpi governattivi tal-ġudikatura, kif ukoll is-salvagwardja tal-indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali kif imħaddna fil-Liġi Fundamentali;

([1]) Ara d-Dokument ta' Ħidma Nru 5.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— biex jimplimentaw malajr u b'mod korrett id-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Novembru 2012 u tal-Qorti Kostituzzjonali Ungeriża, billi jagħtu ċ-ċans lill-imħallfin imkeċċija li jixtiequ jerġgħu jingħataw il-pożizzjonijiet preċedenti tagħhom li jagħmlu hekk, inklużi dawk l-imħallfin li jippresjedu li l-pożizzjonijiet eżekuttivi oriġinali tagħhom ma jkunux għadhom vakanti;

— biex jistabbilixxu kriterji tal-għażla oġġettivi, jew jagħtu mandat lill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali sabiex jistabbilixxi dawn il-kriterji, bl-għan li jiżguraw li r-regoli dwar it-trasferiment tal-każijiet jirrispettaw id-dritt ta' proċess ġust u l-prinċipju ta' mħallef ġust;

— biex jimplimentaw il-bqija tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Opinjoni Nru CDL-AD(2012)020 tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-atti kardinali dwar il-ġudikatura li ġew emendati wara l-adozzjoni tal-Opinjoni CDL-AD(2012)001;

*Dwar ir-riforma elettorali:*

— biex jistiednu lill-Kummissjoni ta' Venezja u lill-OSKE/ODIHR biex iwettqu analiżi konġunta tal-qafas legali u istituzzjonali tal-elezzjonijiet li nbidel b'mod komprensiv u biex jistiednu lill-ODIHR għal Missjoni ta' Valutazzjoni tal-Bżonnijiet u osservazzjoni tal-elezzjonijiet fuq perjodu twil jew qasir;

— biex jiżguraw rappreżentanza bilanċjata fi ħdan il-Kumitat tal-Elezzjonijiet Nazzjonali;

*Dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni u l-pluraliżmu:*

— sabiex jissodisfaw l-impenn li jiddiskutu ulterjorment l-attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-livell tal-esperti dwar il-perspettiva fuq medda ta' żmien itwal tal-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni, billi jibnu fuq il-bqija tar-rakkomandazzjonijiet l-iktar importanti tal-għarfien legali espert tal-2012 tal-Kunsill tal-Ewropa;

— sabiex jiżguraw involviment fil-ħin u mill-qrib tal-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-professjonisti tal-mezzi tal-komunikazzjoni, il-partiti tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili, fi kwalunkwe reviżjoni ulterjuri ta' din il-leġiżlazzjoni, li tirregola aspett daqshekk fundamentali tal-funzjonament ta' soċjetà demokratika, u fil-proċess ta' implimentazzjoni;

— sabiex josservaw l-obbligu pożittiv li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem skont l-Artikolu 10 tal-QEDB li tiġi protetta l-libertà tal-espressjoni bħala waħda mill-prerekwiżiti għal demokrazija li tiffunzjona;

— sabiex jirrispettaw, jiggarantixxu, jipproteġu u jippromwovu d-dritt fundamentali għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, u sabiex ma jiżviluppawx jew ma jappoġġawx mekkaniżmi li jheddu l-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni u l-indipendenza ġurnalistika u editorjali;

— sabiex jiżguraw li jkun hemm proċeduri u mekkaniżmi oġġettivi u legalment vinkolanti fis-seħħ għall-għażla u l-ħatra ta' kapijiet tal-mezzi tal-komunikazzjoni pubbliċi, tal-bords ta' ġestjoni, tal-kunsilli u l-korpi regolatorji tal-mezzi tal-komunikazzjoni, f'konformità mal-prinċipji ta' indipendenza, integrità, esperjenza u professjonaliżmu, ta' rappreżentazzjoni tal-ispettru politiku u soċjali sħiħ, iċ-ċertezza u l-kontinwità tad-dritt;

— sabiex jipprovdu garanziji legali dwar il-protezzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità tas-sorsi u sabiex japplikaw b'mod strett il-każistika relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

— sabiex jiżguraw li r-regoli relatati mal-informazzjoni politika fis-settur tal-midja awdjoviżiva jiggarantixxu aċċess ġust għal kompetituri, opinjonijiet u perspettivi politiċi differenti, b'mod partikolari fi żminijiet ta' elezzjonijiet u referenda, biex b'hekk iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom stess mingħajr ebda influwenza mhux xierqa minn setgħa dominanti li ssawwar l-opinjoni;

*Dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi:*

— sabiex jieħdu, u jkomplu għaddejjin, b'azzjonijiet u miżuri effettivi biex jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-persuni kollha, inklużi persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u persuni mingħajr dar, jiġu rispettati u biex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet pubbliċi kollha kompetenti; biex meta jirrevedu d-definizzjoni ta' "familja", iqisu t-tendenza leġiżlattiva fl-Ewropa li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' familja u l-impatt negattiv ta' definizzjoni ristretta ta' familja fuq id-drittijiet fundamentali ta' dawk li jkunu esklużi mid-definizzjoni l-ġdida u aktar restrittiva;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— sabiex jieħdu approċċ differenti biex fl-aħħar nett jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-persuni vulnerabbli li m'għandhomx dar, kif previst mit-Trattati Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li l-Ungerija hija firmatarja tagħhom, bħall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u sabiex b'hekk jippromwovu d-drittijiet fundamentali minflok jiksruhom b'dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Liġi Fundamentali dwar il-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar;

— jistieden lill-Gvern Ungeriż, sabiex jagħmel minn kollox biex isaħħaħ il-mekkaniżmu tad-djalogu soċjali u ta' konsultazzjoni estensiva u biex jiggarantixxi d-drittijiet assoċjati ma' dan;

— jistieden lill-Gvern Ungeriż, sabiex jintensifika l-isforzi tiegħu għall-integrazzjoni tar-Rom u biex jistabbilixxi miżuri mmirati biex jiżgura l-protezzjoni tagħhom. Għandu jkun hemm reżistenza inekwivoka u soda kontra t-theddid razzjali fir-rigward tar-Rom;

*Dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin u r-rikonoxximent tal-knejjes:*

— sabiex jistabbilixxu rekwiżiti ċari, newtrali u imparzjali u proċeduri istituzzjonali għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet reliġjużi bħala knejjes, li jirrispettaw id-dmir tal-Istat li jibqa' newtrali u imparzjali fir-relazzjonijiet tiegħu mad-diversi reliġjonijiet u twemmin u sabiex jipprovdi mezz effettiv ta' rimedju f'każijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent u nuqqas ta' deċiżjoni konformi mar-rekwiżiti kostituzzjonali stabbiliti fid-Deċiżjoni 6/2013 tal-Qorti Kostituzzjonali fuq imsemmija;

***Rakkomandazzjonijiet għall-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ġdid għall-infurzar effettiv tal-Artikolu 2 tat-TUE***

73. Itenni l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-hekk imsemmija "dilemma ta' Kopenħagen", fejn l-UE tibqa' stretta ħafna fir-rigward tar-rispett għall-valuri u l-istandards komuni mill-pajjiżi kandidati iżda m'għandhiex għodda ta' monitoraġġ u sanzjonar effettivi ladarba dawn jissieħbu fl-UE;

74. Jitlob b'insistenza li l-Istati Membri jiġu vvalutati regolarment fir-rigward tal-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri fundamentali tal-Unjoni u mar-rekwiżiti ta' demokrazija u l-istat tad-dritt meta jitqies li tali valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq fehim Ewropew komunement aċċettat tad-dinamika kostituzzjonali u legali; jitlob b'insistenza, barra minn hekk, li sitwazzjonijiet simili fl-Istati Membri għandhom jiġu mmonitorjati skont l-istess mudell, inkella l-prinċipju ta' ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati ma jiġix rispettat;

75. Jitlob għal kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u korpi internazzjonali oħra, b'mod partikolari mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezja, u biex isir użu mill-kompetenza tagħhom fiż-żamma tal-prinċipji ta' demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

76. Jirrikonoxxi u jilqa' l-inizjattivi meħuda, l-analiżi mwettqa u r-rakkomandazzjonijiet maħruġin mill-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari mis-Segretarju Ġenerali tiegħu, l-Assemblea Parlamentari, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kummissjoni ta' Venezja;

77. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE kollha sabiex iniedu riflessjoni u dibattitu konġunt – kif mitlub ukoll mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja, il-Pajjiżi Baxxi, id-Danimarka u l-Finlandja fl-ittra tagħhom fuq imsemmija lill-President tal-Kummissjoni – dwar kif l-Unjoni għandha tingħata l-għodda neċessarji sabiex twettaq l-obbligi tat-Trattat tagħha fir-rigward tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe riskju li jiġu applikati standards doppji fost l-Istati Membri tagħha;

78. Iqis li reviżjoni tat-Trattati fil-futur għandha twassal għal distinzjoni aħjar bejn fażi inizjali, li għandha l-għan li tivvaluta kwalunkwe riskju ta' ksur serju tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, u proċedura iktar effiċjenti f'fażi sussegwenti, fejn ikun hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex jiġi indirizzat ksur serju u persistenti reali ta' dawk il-valuri;

79. Minħabba l-mekkaniżmu istituzzjonali attwali stabbilit fl-Artikolu 7 tat-TUE, itenni t-talbiet li għamel, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010-2011), għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ġdid sabiex tiġi żgurata konformità mill-Istati Membri kollha mal-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, u l-kontinwità tal-"kriterji ta' Kopenħagen"; dan il-mekkaniżmu jista' jassumi l-għamla ta' "Kummissjoni ta' Kopenħagen" jew grupp ta' livell għoli, "grupp ta' għorrief" jew evalwazzjoni tal-Artikolu 70 tat-TFUE, u jibdni fuq ir-riforma u t-tisħiħ tal-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, u fuq il-qafas ta' djalogu msaħħaħ bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

80. Itenni li l-istabbiliment ta' dan il-mekkaniżmu jista' jinvolvi r-riformulazzjoni tal-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, li għandu jissaħħaħ biex jinkludi l-monitoraġġ regolari tal-konformità tal-Istati Membri mal-Artikolu 2 tat-TUE; jirrakkomanda li "grupp ta' livell għoli ta' Kopenħagen" bħal dan jew kwalunkwe mekkaniżmu bħal dan għandu jibni fuq il-mekkaniżmi u l-istrutturi eżistenti u jikkoopera magħhom; itenni r-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, li għandha tiġbor flimkien ix-xogħol ta' valur kbir tad-diversi korpi ta' monitoraġġ eżistenti tal-Kunsill tal-Ewropa u d-data u l-analiżi tal-Aġenzija stess sabiex twettaq valutazzjonijiet komparattivi u regolari tal-konformità tal-Istati Membri mal-Artikolu 2 tat-TUE.

81. Jirrakkomanda li dan il-mekkaniżmu għandu::

— ikun indipendenti mill-influwenza politika, kif għandhom ikunu l-mekkaniżmi kollha tal-Unjoni Ewropea li għandhom x'jaqsmu mal-monitoraġġ tal-Istati Membri, kif ukoll rapidu u effettiv;

— jopera b'kooperazzjoni sħiħa ma' korpi internazzjonali oħrajn fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

— jissorvelja regolarment ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ it-tradizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali;

— iwettaq dan il-monitoraġġ b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi evitat kwalunwe riskju ta' standards doppji bejn l-Istati Membri;

— iwissi lill-UE fi stadju bikri dwar kwalunkwe riskju ta' deterjorament tal-valuri mħaddna fl-Artikolu 2 tat-TUE;

— joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri dwar kif jiġi indirizzat u solvut kwalunkwe deterjorament tal-valuri mħaddna fl-Artikolu 2 tat-TUE;

82. Jagħti istruzzjonijiet lill-kumitat tiegħu responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali fit-territorju tal-Unjoni, u għad-determinazzjoni tar-riskji ċari ta' ksur serju tal-prinċipji komuni minn Stat Membru, sabiex jippreżenta proposta dettaljata fil-forma ta' rapport lill-Konferenza tal-Presidenti u lill-Plenarja;

83. Jagħti istruzzjonijiet lill-kumitat tiegħu responsabbli mill-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, u mid-determinazzjoni tar-riskji ċari ta' ksur serju minn Stat Membru tal-prinċipji komuni, kif ukoll lill-kumitat tiegħu responsabbli mid-determinazzjoni tal-eżistenza ta' ksur serju u persistenti minn Stat Membru tal-prinċipji komuni għall-Istati Membri, biex jagħtu segwitu għall-iżvilupp tas-sitwazzjoni fl-Ungerija;

84. Beħsiebu jlaqqa' Konferenza dwar din il-kwistjoni, qabel it-tmiem tal-2013, li tiġbor flimkien rappreżentanti mill-Istati Membri, mill-istituzzjonijiet Ewropej, mill-Kunsill tal-Ewropa, mill-Qrati Kostituzzjonali u Supremi nazzjonali, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

IV — ***segwitu***

85. Jistieden lill-awtoritajiet Ungeriżi sabiex jinfurmaw lill-Parlament, lill-Kummissjoni, lill-Presidenzi tal-Kunsill u tal-Kunsill tal-Ewropa, u lill-Kunsill tal-Ewropa rigward l-implimentazzjoni tal-miżuri rikjesti fil-paragrafu 72;

86. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex kull wieħed jaħtar rappreżentant li, flimkien mar-rapporteur u x-shadow rapporteurs tal-Parlament ("l-Artikolu 2 Trilogu"), se jwettaq valutazzjoni tal-informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet Ungeriżi dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 72, kif ukoll is-segwitu tal-modifiki futuri possibbli biex jiżguraw il-konformità mal-Artikolu 2;

87. Jitlob lill-Konferenza tal-Presidenti sabiex tivvaluta kemm huwa xieraq li dak li jkun jirrikorri għall-mekkaniżmi previsti mit-Trattat, inkluż l-Artikolu 7(1) tat-TUE, f'każ li r-risposti mill-awtoritajiet Ungeriżi jidhru li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2 tat-TUE;

o

o o

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

88. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Parlament, lill-President u lill-Gvern tal-Ungerija, lill-Presidenti tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Kúria, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-OSKE.

---

P7_TA(2013)0316

## L-għargħar reċenti fl-Ewropa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar l-għargħar fl-Ewropa (2013/2683(RSP))**

(2016/C 075/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 191 u 196(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2011)0613), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-Fond ta' Solidarjetà Ewropea, implimentazzjoni u applikazzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa ([2]), tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (in-nirien u l-għargħar) fl-Ewropa ([3]), tat-18 ta' Mejju 2006 dwar id-diżastri naturali (in-nirien tal-foresti, in-nixfa u l-għargħar) – l-aspetti agrikoli ([4]), l-aspetti tal-iżvilupp reġjonali ([5]) u l-aspetti ambjentali ([6]), u tas-7 ta' Settembru 2006 dwar in-nirien tal-foresti u l-għargħar ([7]), tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar l-għargħar f'pajjiżi tal-Ewropa ċentrali, b'mod partikolari l-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerijau r-Rumanija, u fi Franza ([8]) , kif ukoll tal-11 ta' Marzu 2010 dwar diżastru naturali kbir fir-reġjun awtonomu ta' Madejra u l-effetti tat-tempesta Xynthia fl-Ewropa ([9]),

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni bit-titolu "L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni" (COM(2009)0147), il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem (COM(2009)0082), u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Lejn rispons Ewropew aktar b'saħħtu għal diżastri li jseħħu: ir-rwol tal-protezzjoni ċivili u l-assistenza umanitarja" (COM(2010)0600),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Reġjuni 2020 – valutazzjoni ta' sfidi tal-ġejjieni għar-reġjuni tal-UE" (SEC(2008)2868),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi reċentement seħħ diżastru naturali kbir fl-għamla ta' għargħar f'ħafna pajjiżi Ewropej, inklużi l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja, Franza u Spanja;

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0003.
([2]) ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 471.
([3]) ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 322.
([4]) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 363.
([5]) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 369.
([6]) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 375.
([7]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 240.
([8]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 128.
([9]) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 88.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

B. billi l-frekwenza, is-severità, il-kumplessità u l-impatt tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem madwar l-Ewropa żdiedu bil-ħeffa f'dawn l-aħħar snin;

C. billi l-għargħar ikkawża ħsara serja lill-bliet, l-irħula u l-muniċipalitajiet, lill-infrastruttura u n-negozji, liż-żoni agrikoli u rurali, u billi qered elementi ta' wirt naturali u kulturali, u kkawża wkoll mewt u korrimenti filwaqt li ġiegħel lil eluf ta' persuni jitilqu minn darhom;

D. billi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (EUSF) ġie stabbilit sabiex jindirizza d-diżastri nazzjonali ewlenin u biex jipprovdi assistenza finanzjarja lil stati milquta minn diżastri;

E. billi jeħtieġ li ssir rikostruzzjoni sostenibbli taż-żoni meqruda jew li ġarrbu ħsara mid-diżastri biex tpatti għat-telf ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħhom;

F. billi l-kapaċità preventiva tal-Unjoni Ewropea li tindirizza t-tipi kollha ta' diżastri naturali jeħtieġ li titjieb, u billi t-tħaddim u l-koordinament bejn id-diversi strumenti tal-Unjoni jeħtieġ li jittejbu sabiex tinkiseb prevenzjoni sostenibbli tad-diżastri;

G. billi xi żoni muntanjużi, u żoni max-xmajjar u l-widien, tilfu parti mill-kapaċità tal-assorbiment tal-ilma tagħhom minħabba deforestazzjoni insostenibbli, agrikoltura intensiva, proġetti kbar tal-bini ta' infrastruttura, l-urbanizzazzjoni u l-issiġillar tal-ħamrija matul dawn ix-xmajjar u l-widien;

1. Jesprimi l-empatija u s-solidarjetà tiegħu mar-residenti tal-Istati Membri, tar-reġjuni u l-muniċipalitajiet milquta mid-diżastru; jikkunsidra l-effetti ekonomiċi serji possibbli u jesprimi r-rispett u l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi;

2. Japprezza l-isforzi bla waqfien li saru mill-unitajiet tas-sikurezza u tal-protezzjoni ċivili, mit-timijiet ta' salvataġġ u l-voluntiera biex isalvaw il-ħajjiet tal-persuni u jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħsara fiż-żoni milquta;

3. Jifraħ bl-azzjonijiet tal-Istati Membri li pprovdew assistenza liż-żoni milquta, peress li l-assistenza reċiproka f'sitwazzjonijiet avversi tagħti eżempju ta' solidarjetà Ewropea;

4. Jenfasizza li d-deterjorament tal-ħamrija, li jirriżulta u qed jaggrava minħabba l-attività tal-bniedem, bħal prattiki agrikoli u tal-forestrija inadegwati, huwa ta' ħsara għall-kapaċità tal-ħamrija li tkompli twettaq bis-sħiħ il-funzjoni kritika tagħha li tipprevjeni d-diżastri naturali;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-ippjanar u r-reviżjoni tal-politiki dwar l-użu sostenibbli tal-art, il-kapaċitajiet tal-assorbiment tal-ekosistema u l-aħjar prattiki u biex iżidu l-kapaċità tal-kontroll tal-għargħar u tas-sistemi tad-dranaġġ;

6. Jenfasizza li l-prevenzjoni effettiva tal-għargħar għandha tkun immirata lejn strateġiji interreġjonali u tal-ġestjoni ta' riskji transkonfinali, fejn hemm potenzjal kbir għall-koordinament u l-implimentazzjoni ta' tweġiba ta' emerġenza konġunta;

7. Jirrikonoxxi li l-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni Ewropea għen lill-Istati Membri jikkooperaw u jnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti tal-emerġenza; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissemplifikaw ir-regoli u l-proċeduri għall-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu;

8. Jenfasizza l-opportunità taħt l-objettiv ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea għall-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati li jindirizzaw il-ġestjoni tar-riskju bħala prijorità ta' investiment għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss li attwalment qed jiġi negozjat, u jistedinhom jagħmlu dan;

9. Jenfasizza li l-programmi għall-prevenzjoni tal-għargħar jeħtieġ li jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz ta' strateġiji komprensivi u preventivi; jenfasizza li l-politika ta' emerġenza, inkluża l-prevenzjoni tal-emerġenzi u r-reazzjoni għall-emerġenzi, teħtieġ involviment aktar mill-qrib tar-reġjuni, il-bliet u l-komunitajiet lokali, li għandhom jiġu inkoraġġiti jinkludi l-politika ta' emerġenza fl-istrateġiji tagħhom;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

10. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex malli jirċievu l-applikazzjonijiet kollha meħtieġa mingħand l-Istati Membri, jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li tingħata assistenza finanzjarja rapida u adegwata mill-EUSF; jenfasizza kemm huwa urġenti li tiġi rilaxxata l-assistenza finanzjarja permezz tal-EUSF għall-pajjiżi milquta minn dan id-diżastru naturali;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tabbozza regolament ġdid u semplifikat tal-EUSF li jista', fost l-oħrajn, jippermetti lill-Kummissjoni tagħmel ħlas parzjali malli l-Istat Membru milqut japplika għall-assistenza;

12. Jenfasizza l-fatt li l-investiment fil-prevenzjoni tal-għargħar taħt il-programmi rilevanti jeħtieġ riżorsi finanzjarji adegwati, peress li huwa għodda importanti sabiex il-gvernijiet tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw u jimplimentaw politiki għall-prevenzjoni tal-għargħar; jenfasizza li l-investiment li jappoġġa l-prevenzjoni tad-diżastri għandu jsegwi approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi;

13. Jesprimi l-fehma tiegħu li l-konsegwenzi tad-diżastri għandhom impatt negattiv fuq it-teħid tal-fondi tal-UE; jitlob għall-flessibbiltà meħtieġa fir-rigward tal-programmazzjoni mill-ġdid fl-Istati Membri għall-appoġġ tar-rikostruzzjoni ta' żoni żvantaġġati u l-għażla tal-aktar proġetti xierqa;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali fiż-żoni milquta.

---

P7_TA(2013)0317

## Riforma tal-istruttura tas-sistema bankarja tal-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar ir-riforma tal-istruttura tas-sistema bankarja tal-UE (2013/2021(INI))**

(2016/C 075/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-2 ta' Ottubru 2012 tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar ir-Riforma tal-Istruttura tas-Sistema Bankarja tal-UE (HLEG) ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-G20 li saru f'Londra fl-2009, f'Cannes fl-2011 u f'Moska fl-2013,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, u l-proposti tal-20 ta' Lulju 2011 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment (COM(2011)0453) u għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment (COM(2011)0452), rispettivament,

---

([1]) http://ec.europa.eu/internal_market/bank/docs/high-level_expert_group/report_en.pdf

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-proposta tas-6 ta' Ġunju 2012 għal direttiva tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KEE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (COM(2012)0280),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u tal-14 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja ta' Ottubru 2011 bl-isem ta' "Key Attributes of Effective Resolution Regimes for Financial Institutions" u ta' Novembru 2012 bl-isem ta' "Intensity and Effectiveness of SIFI Supervision",

— wara li kkunsidra d-dokument konsultattiv tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja ta' Novembru 2011 bl-isem ta' "Global systemically important Banks: assessment methodology and the additional loss absorbency requirement",

— wara li kkunsidra l-inizjattivi tal-Istati Membri u internazzjonali dwar ir-riforma strutturali tas-servizzi bankarji, inkluż ***il-Loi de séparation et de régulation des activités bancaires*** Franċiża, *it-Trennbankengesetz* **Ġermaniża**, ir-rapport tal-Kummissjoni Indipendenti dwar il-Banek u r-riformi tal-Vickers fir-Renju Unit, u r-regoli tal-Volcker fl-Istati Uniti,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2012 tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) bl-isem ”Implicit Guarantees for Bank Debt: Where Do We Stand? ([1]) u r-rapport tal-OECD ’The Elephant in the Room: The Need to Deal with What Banks Do‘ ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 dwar l-Ibbankjar Parallel ([3]),

— Wara li kkunsidra l-Istqarrija tal-Eurogrupp tal-25 ta' Marzu 2013 dwar il-kriżi f'Ċipru ([4])

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0231/2013),

A. billi, mill-bidu tal-kriżi 'l hawn, ingħataw aktar minn EUR 1.6 triljun (12.8 % tal-PDG tal-UE) f'għajnuniet mill-istat lis-settur finanzjarju bejn l-2008 u tmiem l-2011 (inkluża r-rikapitalizzazzjoni ta' Northern Rock fl-2007), li minnhom madwar EUR 1 080 biljun marru fuq garanziji, EUR 120 biljun fuq assi danneġġati u EUR 90 biljun fuq miżuri ta' likwidità ([5]); billi l-Kummissjoni talbet ristrutturar sostanzjali tal-banek li rċevew l-għajnuna, inkluża t-tneħħija ta' ċerti attivitajiet, biex tkun żgurata vijabbiltà futura mingħajr aktar sostenn pubbliku u biex ikunu bbilanċjati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kkawżati mis-sussidji li jingħataw;

B. billi dan is-salvataġġ finanzjarju ffinanzjat mill-istat wassal għal żieda enormi ta' dejn pubbliku fl-Istati Membri tal-UE;

C. billi fil-ħames snin ta' wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja globali tal-2008, l-ekonomija tal-UE tkompli tkun fi stat ta' riċessjoni, fejn l-Istati Membri baqgħu jipprovdu sussidji u garanziji impliċiti lill-banek anke minħabba l-implimentazzjoni inadegwata tal-qafas ekonomiku u fiskali;

---

([1]) http://www.oecd.org/finance/financial-markets/Implicit-Guarantees-for-bank-debt.pdf
([2]) http://www.oecd.org/daf/fin/financial-markets/44357464.pdf
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0427.
([4]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ecofin/136487.pdf
([5]) COM(2012)0778.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

D. billi l-OECD fir-rapport tagħha tal-2012 ikkalkulat il-valur tal-garanziji impliċiti mill-istat, f'termini ta' ffrankar ta' spejjeż lill-banek tal-UE, għal madwar USD 100 biljun għall-2012 b'varjazzjonijiet wiesgħa bejn il-banek u l-Istati Membri u l-akbar benefiċċju akkwistat mill-akbar banek, partikolarment jekk ikunu meqjusa dgħajfa, u l-banek ibbażati fl-Istati Membri bl-akbar rata ta' kreditu sovran. Barra minn hekk ir-rapport isib li tali garanziji jestendu lil hinn minn dawk il-banek ikklassifikati bħala SIFIs (istituzzjoniji finanzjarja sistemikament importanti) skont il-metodoloġija tal-Bord għal Stabbiltà Finanzjarja;

E. Billi qafas regolatorju Ewropew dgħajjef b'teħid tar-riskju eċċessiv, lieva eċċessiva, kapital ta' ekwità u rekwiżiti tal-likwidità inadegwati, kumplessità eċċessiva fis-sistema bankarja globali, setturi bankarji kbar iżżejjed f'ekonomiji żgħar, nuqqas ta' kontrolli u superviżjoni, espansjoni eċċessiva tal-kummerċ tad-derivati, valutazzjonijiet ta' klassifikazzjoni żbaljati, sistemi għall-għoti ta' bonuses eċċessivi u sistemi inadegwati għall-ġestjoni tar-riskji kienu fl-għeruq tal-kriżi finanzjarja, li fil-biċċa l-kbira tagħha intensifikat minħabba espożizzjonijiet eċċessivia tal-proprjetà immobbli, aktar milli attivitajiet tas-suq tal-kapital, u minħabba superviżjoni insuffiċjenti;

F. billi t-telf tal-prudenza fl-istandards tal-kontabbiltà bħala konsegwenza li l-adozzjoni tal-istandards tar-rappurtar finanzjarju internazzjonali kellha u jkompli jkollha rwol ċentrali li tippermetti lill-banek jagħtu opinjoni tal-kontijiet tagħhom li ma tkunx dejjem preċiża u ġusta b'referenza partikolari għall-IAS 39 dwar dispożizzjonijiet ta' telf fuq self;

G. billi fl-Ewropa ġew akkumulati riskji anke mill-banek kummerċjali, li taw self fis-settur tal-proprjetà fuq il-bażi ta' ġestjoni tar-riskju difettuża u li ma tharisx fil-bogħod;

H. billi, kif enfasizzat fl-analiżi tal-HLEG, l-ebda mudell ta' negozju ma ffunzjona b'mod partikolarment tajjeb jew b'mod partikolarment ħażin matul il-kriżi finanzjarja;

I. billi l-profitti fis-settur finanzjarju ħafna drabi ġew privatizzati iżda r-riskji u t-telf ġew nazzjonalizzati; billi f'ekonomija soċjali tas-suq, ir-riskju u r-responsabbiltà għandhom jimxu id f'id;

J. billi d-dgħufija attwali ta' wara l-kriżi tas-sistema bankarja Ewropea turi l-ħtieġa ta' tisħiħ tal-arkitettura tas-superviżjoni finanzjarja u tal-ġestjoni tal-kriżi Ewropej inklużi riformi strutturali għal ċerti banek sabiex jinqdew il-ħtiġijiet aktar mifruxa tal-ekonomija;

K. billi l-banek m'għandhomx ikunu sovrani fuq l-interess pubbliku;

L. billi l-Att Glass-Steagall tal-Istati Uniti tal-1933 dwar is-separazzjoni bankarja għen biex jipprovdi soluzzjoni għall-agħar kriżi finanzjarja globali li kienet seħħet qabel il-kriżi attwali u billi minn meta l-Att tħassar fl-1999, kien hemm żieda konsiderevoli f'investiment bankarju spekulattiv u fallimenti finanzjarji;

M. billi ttieħdu għadd ta' inizjattivi importanti tal-UE biex jevitaw kriżi bankarja ġdida, iżidu l-protezzjoni ta' dawk li jħallsu t-taxxi u tal-klijenti u joħolqu sistemi b'saħħithom u sostenibbli ta' ħlas.

N. billi t-tmien edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur tal-Kummissjoni (minn Diċembru 2012) tindika b'mod ċar li l-fiduċja tal-konsumatur fl-UE fis-servizzi bankarji hija baxxa bħal qatt qabel;

O. billi l-pakkett ta' salvataġġ finanzjarju reċenti għal Ċipru oriġinarjament kien jinkludi taxxa fuq id-depożiti bankarji kollha, b'hekk dgħajjef il-fiduċja fl-iskema tad-depożitu garantit ta' dak il-pajjiż;

P. billi studju tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) jissuġġerixxi li ladarba l-volum ta' self tas-settur privat jaqbeż il-PDG tal-pajjiż bħala kejl tad-daqs tas-settur finanzjarju u l-impjieg relattiv f'dak is-settur jikber b'mod mgħaġġel, settur finanzjarju kbir wisq jista' jkollu impatt negattiv fuq iż-żieda fil-produttività, peress li r-riżorsi umani u finanzjarji jonqsu bil-kbir mill-oqsma l-oħra ta' attività finanzjarja ([1]);

([1]) "Reassessing the impact of finance on growth", minn Stephen G. Cecchetti u Enisse Kharroubi, id-Dipartiment Monetarju u Ekonomiku tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, Lulju 2012: http://www.bis.org/publ/work381.pdf

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

Q. billi, fir-rigward tal-kriżi f'Ċipru, l-Eurogrupp ikkonferma l-prinċipju li d-daqs tas-settur bankarju meta mqabbel mal-PDG ta' Stat Membru għandu jkun limitat sabiex jindirizza l-iżbilanċi tas-settur bankarju u jippromovi l-istabbiltà finanzjarja, li permezz tagħha, fin-nuqqas ta' fondi tal-UE għar-riżoluzzjoni, il-limiti fuq id-daqs, il-kumplessità u l-interkonnessjoni tal-banek ikunu ta' benefiċċju għall-istabbiltà sistemika;

R. billi s-separazzjoni pura tal-istituzzjonijiet finanzjarji f'fergħat tal-investiment u fergħat tal-konsumaturi ma tindirizzax il-problema dwar SIFIs u r-relazzjoni bejn il-volum tal-Fond dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni fuq naħa u l-bilanċ tal-istituzzjonijiet li huma sistemikament relevanti għall-kreditu, il-pagament u d-depożitu fuq l-oħra;

S. billi jidher li hemm differenzi bejn l-Istati Membri dwar proċess ta' trasformazzjoni lejn settur bankarju aktar sostenibbli, inqas sistemiku u vijabbli;

T. billi l-HLEG ikkonkludiet li l-kriżi finanzjarja kienet uriet li l-ebda mudell ta' negozju partikolari ma ffunzjona b'mod partikolarment tajjeb jew b'mod partikolarment ħażin fis-settur bankarju Ewropew; billi l-analiżi tal-HLEG uriet teħid eċċessiv ta' riskju, ħafna drabi f'negozju ta' strumenti ferm kumplessi jew relatati ma' self ta' bejgħ ta' djar mingħajr protezzjoni adegwata tal-kapital, serħan eċċessiv fuq finanzjament fuq terminu qasir u rabtiet qawwija bejn istituzzjonijiet finanzjarji li kkawżaw riskju sistemiku ta' livell għoli fil-perjodu ta' qabel il-kriżi finanzjarja;

U. billi l-HLEG jenfasizza li tikketti sempliċi, bħal operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur jew bank tal-investiment, ma jiddeskrivux b'mod adegwat il-mudell ta' negozju ta' bank u lanqas il-prestazzjoni tiegħu jew il-livell ta' riskju; billi l-mudelli ta' negozju huma diversi b'dimensjonijiet ewlenin differenti, bħad-daqs, l-attivitajiet, il-mudell ta' dħul, il-kapital u l-istruttura ta' fondi, is-sjieda, l-istruttura korporattiva, u l-ambitu ġeografiku, u evolvew sostanzjalment matul iż-żmien;

V. billi jidher ċar li riskji jistgħu joriġinaw kemm f'banek għall-konsumatur u kemm fil-parti tal- investiment;

W. billi l-proposta tal-Kummissjoni għandha tipprovdi għal approċċ għal riformi strutturali tas-settur bankarju Ewropew ibbażat fuq il-prinċipji konsistenti ma' u kumplimentari għal, leġiżlazzjoni tal-Unjoni li diġà teżisti jew li se titressaq għas-servizzi finanzjarji; billi l-Awtorità Bankarja Ewropea għandu jkollha rwol ewlieni bl-iżvilupp ta' standards tekniċi relevanti biex tiżgura applikazzjoni u infurzar konsistenti mill-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-Bank Ċentrali Ewropew (ECB), fl-Unjoni kollha;

X. billi istituzzjonijiet lokali u reġjonali deċentralizzati fis-settur bankarju fl-Istati Membri wrew lilhom infushom li huma stabbli u ta' benefiċċju f'termini ta' finanzjament tal-ekonomija reali;

Y. billi huwa meħtieġ li l-banek iżommu livelli aktar għoljin ta' kapital u ta' kwalità aħjar ta' kapital, u jkollhom riżervi ta' likwidità akbar u finanzjament aktar fit-tul.

Z. billi, peress li la hija possibbli u lanqas mixtieqa li ssir separazzjoni tal-bank wara l-falliment, hemm il-ħtieġa ta' rkurpu effettiv u reġim ta' riżoluzzjoni sabiex l-awtoritajiet jiġu pprovduti b'sett kredibbli ta' għodod, inkluż bank tranżitorju, sabiex ikunu jistgħu jintervjenu kmieni u malajr biżżejjed f'bank dgħajjef jew li jkun se jfalli sabiex jippermettu li jkomplu bil-funzjonijiet essenzjali finanzjarji u ekonomiċi, filwaqt li jnaqqsu kemm jista' jkun l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja u jiżguraw li jiġi impost telf xieraq fuq l-azzjonijiet u l-kredituri li ħadu r-riskju li jinvestu fl-istituzzjoni inkwistjoni, u mhux fuq il-kontribwenti jew min jiddepożita l-flus; billi tali pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni mhumiex meħtieġa għal tipi oħra ta' kumpanija privata, u dan jissuġġerixxi li hemm problema speċifika fis-suq tas-servizzi finanzjarji; billi li kieku s-suq qiegħed jiffunzjona sew, istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jfallu finanzjarjament mingħajr il-bżonn ta' pjan ta' rkupru u riżoluzzjoni, u dan juri li l-problema tinsab fi ħdan l-istruttura ta', u l-interkonnessjonijiet bejn, l-istituzzjonijiet finanzjarji;

AA. billi l-awtoritajiet superviżorji u tar-riżoluzzjoni għandhom jingħataw l-awtorità meħtieġa biex ikunu jistgħu jneħħu b'mod effikaċi l-ostakli għall-kapaċità ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-banek għandhom ikunu mġiegħla jagħtu prova tal-kapaċità ta' riżoluzzjoni tagħhom; billi l-introduzzjoni ta' reġimi ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni obbligatorji tipprovdi opportunità biex tiġi influwenzata l-istruttura bankarja, titnaqqas il-kumplessità tal-istituzzjonijiet u tillimita jew ittemm is-setturi u l-prodotti kummerċjali;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

AB. billi, fir-rigward tat-tmiem ta' garanzija impliċita li ħafna banek għandhom, fost l-għodda l-aktar importanti fir-reġim ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni propost mill-Kummissjoni hemm is-setgħa tal-awtoritajiet li jintervjenu kmieni, sew qabel ma s-sitwazzjoni ssir mhux vijabbli, biex jitolbu l-banek jibdlu l-istrateġija tan-negozju tagħhom, id-daqs jew il-profil tar-riskju sabiex tista' ssir riżoluzzjoni mingħajr rikors għal sostenn finanzjarju pubbliku straordinarju;

AC. billi l-banek m'għandhom qatt ikunu daqshekk kbar li l-falliment tagħhom jikkawża riskji sistemiċi għall-ekonomija kollha u għalhekk jesiġu li l-gvern u l-kontribwenti jsalvawhom, u b'hekk tinġieb fi tmiemha l-problema li huma "wisq kbar biex ifallu";

AD. billi l-banek m'għandhomx aktar jikbru daqshekk – anke fi Stat Membru wieħed – li jikkostitwixxu riskju sistemiku f'nazzjon-stat bil-kontribwenti jkollhom iġorru l-prezz tat-telf;

AE. billi s-settur bankarju tal-UE jibqa' kkonċentrat ħafna: l4 grupp bankarju Ewropew li huma istituzzjonijiet finanzjarji sistemiċi globali (SIFIs), u 15-il bank Ewropew għandu 43 % tas-suq (f'termini tad-daqs tal-assi) u jirrappreżenta 150 % tal-PDG tal-UE-27, bl-Istati Membri individwali li saħansitra jirreġistraw proporzjoni akbar; billi l-propozjon tad-daqs tal-bank għall-PDG ittriplika mis-sena 2000; billi l-propozjon tad-daqs tal-bank għall-PDG kiber b'erba' darbiet fil-Lussemburgu, l-Irlanda, Ċipru, Malta u r-Renju Unit; billi hemm firxa kbira ta' diversità fis-settur bankarju Ewropew kemm f'termini ta' daqs kif ukoll ta' mudell tan-negozju;

AF. billi m'hemmx evidenza mill-passat li mudell ta' separazzjoni jista' jikkontribwixxi b'mod pożittiv biex tkun evitata kriżi finanzjarja futura jew li jonqos ir-riskju tagħha;

AG. billi attwalment l-istat jiggrantixxi u jissussidja b'mod impliċitu s-sistema finanzjarja kollha permezz ta' sostenn ta' likwidità, ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti u ta' programmi ta' nazzjonalizzazzjoni; billi huwa biss xieraq għall-istat li jiggarantixxi servizzi essenzjali li jiżguraw it-tmexxija mingħajr xkiel tal-ekonomija reali bħas-sistemi ta' pagamenti u l-faċilitajiet ta' overdraft; billi riforma stutturali hija sempliċement l-iżgurar li l-istat jiggarantixxi biss servizzi essenzjali u li s-servizzi mhux essenzjali jkunu fis-suq bi prezz;

AH. billi s-swieq kapitali jeħtieġ li jkunu jistgħu jilħqu l-ħtiġijiet finanzjarji Ewropej fi żmien ta' self bankarju ristrett ferm; hemm ħtieġa fl-Ewropa għal żieda fid-disponibbiltà ta' sorsi ta' finanzjament alternattivi, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' alternattivi ta' suq ta' kapital, biex tonqos id-dipendenza fuq il-finanzjament mill-banek, kif identifikat fil-green paper tal-Kummissjoni dwar il-Finanzjament fuq Terminu Twil tal-Ekonomija Ewropea;

AI. billi l-finanzjament tal-ekonomija reali mill-banek hi ogħla b'mod sinifikanti f'ħafna mill-Istati Membri aktar milli hi fir-Renju Unit jew fl-Istati Uniti;

AJ. billi hemm xewqa kbira għal kompetizzjoni msaħħa fl-industrija bankarja Ewropea; billi l-ammont aggregat ta' rekwiżiti leġiżlattivi u regolatorji fuq il-banek, għalkemm verament meħtieġa għal ħafna raġunijiet, fihom riskju li joħolqu ostakli għad-dħul u, għalhekk, jiffaċilitaw it-tisħiħ tal-pożizzjonijiet tal-gruppi bankarji dominanti attwali;

AK. billi s-settur bankarju tal-UE jrid iħabbat wiċċu ma' bidliet strutturali kbar li jirriżultaw minn bidliet fis-sitwazzjoni tas-suq u riformi regolatorji komprensivi bħall-implimentazzjoni tar-regoli ta' Basel III;

AL. billi r-rapport tal-Kummissjoni Indipendenti dwar il-Banek u r-riformi Vickers fir-Renju Unit jiddikjaraw diversi drabi li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom huma approċċ ta' politika għall-banek tar-Renju Unit;

1. Jilqa' l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tal-HLEG dwar ir-riforma bankarja u jqishom kontribuzzjoni soda;

2. Jilqa' l-Konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riforma strutturali tas-settur bankarju tal-UE tas-16 ta' Mejju 2013;

3. Huwa tal-fehma li l-inizjattivi nazzjonali ta' riforma strutturali jeħtieġu qafas tal-UE biex jippreservaw u jostakolaw il-frammentazzjoni tas-suq uniku tal-UE, filwaqt li jirrispettaw id-diversità tal-mudelli bankarji nazzjonali;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

4. Huwa tal-fehma li l-proposti attwali għar-riformi tar-regoli tas-sistema bankarja tal-UE huma indispensabbli (inklużi d-Direttiva u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, id-Direttiva dwar l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti u l-inizjattivi ta' bbankjar parallel); jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq direttiva għal riforma strutturali tas-settur bankarju tal-UE sabiex jindirizzaw problemi li jinqalgħu mill banek li "wisq kbar biex ifallu", u jenfasizza li din għandha tkun kumplimentari għar-riformi msemmija hawn fuq;

5. Jinsisti li valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni għandha tinkludi valutazzjonijiet tal-HLEG, Volker, Vickers, proposti Franċiżi u Ġermaniżi għal riforma strutturali, li għandha telenka l-ispejjeż, kemm għall-finanzi pubbliċi kif ukoll għall-istabbiltà finanzjarja, imposti mill-falliment ta' bank bbażat fl-UE waqt il-kriżi attwali, kif ukoll tal-ispejjeż potenzjali għas-settur bankarju tal-UE u l-konsegwenzi possibbli, pożittivi u negattivi għall-ekonomija reali, u li għandha tipprovdi informazzjoni dwar in-natura tal-mudell universali bankarju attwali tal-UE, inkluż id-daqs u l-karti tal-bilanċ tal-attivitajiet bl-imnut u ta' investiment tal-banek universali relevanti li joperaw fl-UE u dwar garanziji impliċiti possibbli li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-banek; jinsisti li l-Kummissjoni għandha tissupplimenta il-valutazzjoni tal-ICTs tagħha b'analiżi kwantitattiva fejn possibbli, filwaqt li tqis id-diversità tas-sistemi bankarja nazzjonali.

6. Ifakkar lill-Kummissjoni bit-twissija maħruġa mill-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li l-innovazzjoni finanzjarja tista' xxekkel l-għanijiet tar-riformi strutturali, u jinsisti li r-riformi strutturali għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni perjodika ([1]);

7. Iheġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva dwar ir-regolament tas-settur bankarju parallel li tqis il-prinċipji tar-riforma strutturali bankarja li għaddejja;

8. Iqis li l-objettiv ta' kull riforma bankarja għandha tkun li jagħti sistema bankarja sikur, stabbli, effettiv u effiċjenti li jopera f'ekonomija tas-suq kompetittiva u jiżervi l-bżonnijiet tal-ekonomija reali, u tal-Konsumaturi u l-klijenti permezz taċ-ċiklu ekonomiku; huwa tal-fehma li r-riforma strutturali għandha tistimola tkabbir ekonomiku billi tappoġġa l-għoti ta' kreditu lill-ekonomija, b'mod partikolari lill-SMEs u n-negozji l-ġodda, tipprovdi kapaċità akbar ta' rkupru kontra l-possibbiltajiet ta' kriżi finanzjarja, terġa' tkabbar il-fiduċja u l-kunfidenza fil-banek u tneħħi r-riskji fuq il-finanzi pubbliċi;

A. ***Il-prinċipji għal riforma strutturali***

9. Iqis li r-riforma strutturali għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

— riskji eċċessivi għandhom jitnaqqsu, il-kompetizzjoni għandha tiġi żgurata, il-kumplessità għandha titnaqqas u l-interkonnettività limitata billi tipprovdi għall-funzjonament separat ta' attivitajiet essenzjali, inkluż il-kreditu, il-ħlas, id-depożitu u attivitajiet oħra relatati mal-konsumaturi u attivitajiet riskjużi mhux essenzjali;

— governanza korporattiva għandha tittejjeb u għandhom jinħolqu inċentivi għall-banek biex jistabbilixxu strutturi organizzazzjonali tarsparenti, iżidu fir-responsabbiltà u jinfurzaw sistema ta' rimunerazzjoni responsabbli u sostenibbli;

— riżoluzzjoni u rkupru effettiv tal-banek u għandhom iseħħu billi jiġi żgurat li meta l-banek isru insostenibbli jitħallew ifallu u/jew jissolvew b'mod ordnat mingħajr il-ħtieġa ta' salvataġġ finanzjarju għal dawk li jħallsu t-taxxi.

— il-kunsinna ta' kreditu essenzjali, servizzi ta' ħlas u depożitu għandhom jiġu żgurati b'mod mhux affettwat minn problemi operattivi, telf finanzjarju, nuqqasijiet ta' finanzjament jew ħsara fir-reputazzjoni li tirriżulta u mir-riżoluzzjoni jew l-insolvenza;

— ir-regoli ta' ekonomija tas-suq kompetittiv għandhom jiġu rispettati b'tali mod li l-kummerċ u l-attivitajiet ta' investiment riskjużi ma jibbenefikawx minn garanziji jew sussidji impliċiti, mill-użu ta' depożiti assigurati jew minn salvataġġ finanzjarju għal għal min iħallas it-taxxa, u mhux l-attivitajiet ta' kreditu u depożitu għandhom iġorru r-riskji u l-ispejjeż assoċjati ma' dawk l-attivitajiet, iżda l-attivitajiet ta' kummerċ u investiment;

([1]) http://www.eba.europa.eu/cebs/media/Publications/Other%20Publications/Opinions/EBA-BS-2012-219–opinion-on-HLG-Liikanen-report—2-.pdf and http://www.ecb.int/pub/pdf/other/120128_eurosystem_contributionen.pdf

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— kapital adegwat, ingranaġġ u likwidità għandhom ikunu disponibbli għall-attivitajiet bankarji kollha;

— l-entitajiet separati għandu jkollhom sorsi differenti ta' finanzjament, bl-ebda ċaqliq mhux meħtieġ ta' kapital u likwidità bejn dawn l-attivitajiet; il-provvista ta' regoli adegwati dwar kapital, ingranaġġ u likwidità għandha tiġi kkalibrata għall-mudelli tan-negozju tal-attivitajiet, inklużi karti tal-bilanċ separati, u tipprovdi limiti fuq l-espożizzjoni ta' attivitajiet essenzjali ta' kreditu u ta' depożitu għall-kummerċ mhux essenzjali u attivitajiet ta' investiment, fi ħdan jew 'il barra minn grupp bankarju;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis il-proposta tal-BĊE biex jiġi stabbilit kriterju ċar u li jista' jiġi rinfurzat għas-separazzjoni; jenfasizza li s-separazzjoni għandha tippreserva s-suq uniku tal-UE u tipprevjeni l-frammentazzjoni tiegħu, filwaqt li tirrispetta d-diversità tal-mudelli bankarji nazzjonali ([1])

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu valutati riskju sistemiku ppreżentat kemm mill-entitajiet separati kif ukoll mill-grupp kollu kemm hu, fejn jitqiesu bis-sħiħ espożizzjonijiet li mhux imdaħħla fil-karta tal-bilanċ;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tiġi implimentata bis-sħiħ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-ABE u lill-Istati Membri jaċċertaw li l-banek jkollhom fis-seħħ oqfsa għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċari u kredibbli li jinkludu kapital suffiċjenti għal attivitajiet ta' kreditu, ħlas u depożitu, obbligazzjonijiet għall-ippleġġjar intern u assi likwidi li jippermettuhom, fil-każ ta' falliment, li jżommu l-aċċess tad-depożitanti għall-fondi, jipproteġu servizzi essenzjali – b'mod partikolari attivitajiet ta' kreditu, ħlas u depożitu – mir-riskju ta' falliment diżordinat, iħallsu depożitanti fil-ħin u jevitaw effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-ABE u lill-awtoritajiet kompetenti, abbażi tal-qafas leġiżlattiv dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u għall-Irkupru u r-Riżoluzzjoni, jassiguraw li jkun hemm divrenzjar xieraq – f'termini ta' kapital, ingranaġġ, obbligazzjonijiet għall-ippleġġjar intern, riżervi ta' kapital u rekwiżiti ta' likwidità xierqa – bejn l-entitajiet separati, b'enfasi fuq rekwiżiti ta' kapital aktar għoljin għal attivitajiet riskjużi mhux essenzjali;

B. ***Il-governanza korporattiva***

14. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-proposti stabbiliti fir-rapport tal-HLEG fil-qasam tal-governanza korporattiva ta' banek separati fl-evalwazzjoni bir-reqqa tagħha tal-impatt ta' separazzjoni u alternattivi potenzjali, inklużi a) mekkaniżmi ta' governanza u kontroll, b) ġestjoni tar-riskji, c) skemi ta' inċentivi, d) żvelar tar-riskji u e) sanzjonijiet;

15. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-governanza korporattiva fl-istituzzjonijiet finanzjarji ([2]);

16. Huwa tal-fehma li d-direttiva adottata dan l-aħħar dwar is-superviżjoni prudenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment fiha qafas xieraq tar-rekwiżiti dwar il-governanza tal-banek, inkluż tal-membri tal-bord eżekuttiv u mhux eżekuttiv tagħhom;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħin biex jintlaħaq ftehim dwar id-Direttiva proposta dwar l-Iskema għal Garanzija tad-Depożiti u żżid il-protezzjoni tal-konsumatur bl-introduzzjoni ta' preferenzi tad-depożitur;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-obbligu li l-membri tal-bord eżekuttiv kollha f'entità ta' bank ikunu responsabbli bħala membri tal-bord eżekuttiv għal din l-entità tal-bank biss;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet li jintroduċu responsabbiltà personali għall-membri tal-bord; jissuġġerixxi li f'dan il-kuntest il-Kummissjoni għandha tesplora kif jista' jitħeġġeġ ritorn lejn il-mudell ta' sħubija tal-ġestjoni tal-kumpaniji;

---

([1]) http://www.ecb.int/pub/pdf/other/120128_eurosystem_contributionen.pdf
([2]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 7.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-ABE jiżguraw implimentazzjoni sħiħa u komprensiva tal-qafas leġiżlattiv dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, b'attenzjoni partikolari għad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens u r-remunerazzjoni; jistieden lill-ABE u lill-Kummissjoni jippreżentaw rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet relevanti mill-Istati Membri; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bir-riforma tal-kultura ta' kumpens u rimunerazzjoni tal-banek billi tagħti prijorità lill-inċentivi fit-tul għal rimunerazzjoni li tvarja b'perjodu itwal ta' differiment sal-irtirar kif ukoll biex jippromwovu t-trasparenza inklużi talanqas spjegazzjonijiet u valutazzjonijiet fuq firxiet interni ta' rimunerazzjoni, bidliet relevanti u devjazzjonijiet settorjali komparattivi;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-ABE u lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li s-sistemi ta' rimunerazzjoni jagħtu prijorità lill-użu ta' strumenti bħal bonds soġġetti għal rikapitalizzazzjoni, u ishma, aktar milli kontanti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-ABE u lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li s-sistemi ta' kumpens u rimunerazzjoni fil-livelli kollha ta' bank jirriflettu r-rendiment ġenerali u jkunu ffukati fuq servizz tal-konsumaturi ta' kwalità u stabbiltà finanzjarja fit-tul aktar milli fuq profitti immedjati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital;

23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi reġimi ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati għal persunal legali u naturali, u l-pubblikazzjoni tal-livelli ta' sanzjonijiet u tal-informazzjoni dwar dawk li jiksru r-regoli;

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel dispożizzjoni li l-awtoritajiet kompetenti, u kif applikabbli l-mekkaniżmu uniku ta' kontroll (SSM), jikkonformaw mal-prinċipji tar-riforma strutturali.

25. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi li jiġu allokati riżorsi u setgħat adegwati lis-superviżuri nazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti ta' superviżjoni inkluż l-MSU;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel studju biex jiġi żgurat li l-istandards ta' kontabilità użati mill-istituzzjonijiet finanzjarji jagħtu stampa ġenwina u ġusta tas-saħħa finanzjarja tal-banek; jirrimarka li l-kontijiet huma s-sors ewlieni ta' informazzjoni għall-investitur biex ikun jista' jifhem jekk kumpanija hijiex f'periklu li tiġi likwidata; jinnota li l-awdituri jistgħu japprovaw biss kontijiet jekk dawn ikunu veri u ġusti, indipendentement mill-istandards finanzjarji użati minn dawk li jippreparaw rendikonti finanzjarji; jemmen li jekk l-awdituri mhumiex ċerti jekk kumpanija hijiex f'periklu li tiġi likwidata ma għandhomx japprovaw il-kontijiet ta' kontabilità tal-kumpanija, anke jekk dawn ikunu tfasslu skont l-istandards ta' kontabilità; dan madanakollu għandu jservi ta' mutur għal ġestjoni aħjar tal-kumpanija kkonċernata; jissuġġerixxi li standards internazzjonali ta' rappurtar finanzjarju mhux bilfors jagħtu stampa vera u ġusta tal-kontijiet ta' kontabilità, kif jidher fħafna eżempji ta' banek li fallew finanzjajrament minkejja li l-kontijiet ta' kontabilità tagħhom ġew approvati mill-awdituri;

C. ***It-tisħiħ tal-kompetizzjoni ġusta u sostenibbli***

27. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kompetizzjoni effettiva sabiex tiġi żgurata sistema bankarja li taħdem tajjeb u effiċjenti u li tiffinanzja l-ekonomija reali billi tiżgura l-aċċess universali għal servizzi bankarji u tnaqqas l-ispejjeż tas-servizzi bankarji; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li regoli ta' superviżjoni, fost dispożizzjonijiet oħra, għandhom iqisu l-profil tar-riskju, l-ambitu reġjonali u l-mudell kummerċjali tal-istituzzjonijiet rispettivi;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien sabiex jippromwovu diversifikazzjoni akbar tas-sistema bankarja tal-UE billi jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw sistema bankarja orjentata aktar lejn il-konsumatur, pereżempju permezz ta' kooperattiva, soċjetà immobiljari, self bejn il-pari, finanjzament kollettiv u mudelli ta' banek ta' tfaddil, fejn jiġu żvelati b'mod trsparenti l-livelli differenti ta' riskju għall-konsumatur;

29. Jinnota li, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u l-istabbiltà tas-sistema bankarja Ewropea, huwa importanti li tiġi indirizzata b'mod effettiv il-kwistjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji sistematikament importanti (jiġifieri dawk li huma kbar wisq biex ifallu), li l-problemi tagħhom wasslu għal eskalazzjoni fl-effetti negattivi tal-kriżi finanzjarja, billi tiġi razzjonalizzata l-iskala tal-attivitajiet tal-gruppi bankarji u billi titnaqqas id-dipendenza fejn il-gruppi huma kkonċernati;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssib modi li jħeġġu u jippromwovu "self ibbażat fuq relazzjoni" jew "self ibbażat fuq l-għarfien" fl-inizjattivi leġiżlattivi. Dawn għandhom jimmiraw li jevitaw approċċ "immarka l-kaxxa" u minflok jiffokaw fuq il-promozzjoni tat-taħriġ vokazzjonali u etiku għal dawk jagħmluha ta' intermedjarji u li jsellfu lin-negozji;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti jagħmlu bħala objettiv ċar tagħhom il-promozzjoni u l-iżgurar ta' kompetizzjoni effettiva, u biex iħeġġu diversità u orjentazzjoni lejn il-klijent akbar fis-settur bankarju tal-UE;

32. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq miżuri jintroduċu l-portabilità tal-kont u li li jippromwovu websajts aċċessibbli li permezz tagħhom il-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu l-prezzijiet u s-saħħa finanzjarja tal-banek u b'hekk issaħħaħ id-dixxiplini permezz ta' qlib tal-konsumatur infurmat minn bank għal ieħor u jgħinu billi jtejbu l-għażla tal-konsumatur fis-settur bankarju billi jnaqqsu l-ostakoli għal dħul u ħruġ u japplikaw regoli proporzjonati għall-klijenti ġodda fis-suq;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq ir-riformi strutturali meħtieġa speċifikati f'dan ir-rapport, li, filwaqt li jżommu l-integrità tas-suq intern, jirrispettaw id-diversità tas-sistemi bankarji nazzjonali u jiżguraw rwol b'saħħtu għall-ABE biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta fl-UE kollha;

o

o o

34. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0318

## Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – Il-ġlieda kontra l-frodi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar ir-Rapport Annwali 2011 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – Il-ġlieda kontra l-frodi (2012/2285(INI))**

(2016/C 075/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-rapporti annwali preċedenti tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Il-ġlieda kontra l-frodi – Ir-Rapport Annwali tal-2011 (COM(2012)0408) u d-dokumenti li jakkumpanjawh (SWD(2012)0227, SWD(2012)0228, SWD(2012)0229 u SWD(2012)0230) ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-OLAF – ir-Rapport Annwali 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ([3]),

---

([1]) http://ec.europa.eu/anti_fraud/documents/reports-commission/2011/report_mt.pdf
([2]) http://ec.europa.eu/anti_fraud/documents/reports-olaf/2011/olaf_report_2011_en.pdf
([3]) ĠU C 344, 12.11.2012, p. 1.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Qorti tal-Awdituri dwar l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (COM(2011)0376),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (COM(2012)0363),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Hercule III għall-promozzjoni tal-attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (COM(2011)0914),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 325(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-frodi – Rapport Annwali 2010 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni ([4]), id-dikjarazzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar l-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni ([5]), u l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intitolata "Nissieltu kontra l-korruzzjoni fl-UE" (COM(2011)0308),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-OLAF għall-2012 u r-rapport tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF għall-istess sena,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0197/2013),

A. billi l-UE u l-Istati Membri jikkondividu r-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u għall-ġlieda kontra l-frodi, u billi l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hi essenzjali;

B. billi l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni ta' madwar 80 % tal-baġit tal-Unjoni, kif ukoll għall-ġbir tar-riżorsi proprji, *inter alia* fil-forma ta' VAT u dazji doganali;

C. billi dan l-aħħar il-Kummissjoni wettqet għadd ta' inizjattivi importanti rigward miżuri tal-politika kontra l-frodi;

***Kummenti ġenerali***

1. Jisħaq fuq il-fatt li l-ġlieda kontra l-frodi u kontra kwalunkwe attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni hi obbligu tal-Kummissjoni u l-Istati Membri, imnaqqxa fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(1) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
(2) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
(3) Testi adottati, P7_TA(2012)0196.
(4) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 121.
(5) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 62

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

2. Ifakkar li l-iżgurar tal-protezzjoni ta' dawk l-interessi finanzjarji kemm fil-livell tal-ġbir tar-riżorsi tal-UE, kif ukoll fil-livell tal-infiq, għandu l-istess importanza;

3. Jilqa' pożittivament ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Il-ġlieda kontra l-frodi – Ir-Rapport Annwali tal-2011 ("ir-rapport annwali tal-Kummissjoni); jiddispjaċih, madankollu, li r-rapport hu limitat għad-data li ġiet irrapportata mill-Istati Membri; jindika li l-Istati Membri jużaw definizzjonijiet differenti għal tipi simili ta' reat u mhux kollha kemm huma jiġbru data statistika simili u dettaljata skont kriterji komuni, u dan jagħmilha diffiċli li tingħabar statistika affidabbli u paragonabbli fil-livell tal-UE; jiddispjaċih għalhekk li mhux possibbli li tiġi vvalutata l-iskala globali effettiva tal-irregolaritajiet u l-frodi fl-Istati Membri individwali jew li jiġu identifikati u ddixxiplinati dawk l-Istati Membri bl-ogħla livell ta' irregolaritajiet u frodi kif talab ripetutament il-Parlament; iheġġeġ, għalhekk, biex jiġu stabbiliti kriterji ta' valutazzjoni standard għall-irregolaritajiet u l-frodi fl-Istati Membri kollha u jingħaqdu ma' pieni xierqa għal min jinstab ħati ta' ksur;

4. Jisħaq fuq il-fatt li l-frodi hija eżempju ta' għemil ħażin intenzjonat u hi reat kriminali, u li irregolarità hi nuqqas ta' konformità ma' regola, u jiddispjaċih li r-rapport tal-Kummissjoni jonqos milli jikkunsidra l-frodi fid-dettall u jittratta l-irregolaritajiet b'mod approssimattiv ħafna; jindika li l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandu x'jaqsam mal-frodi, mhux ma' irregolaritajiet, u jitlob li ssir distinzjoni bejn il-frodi u l-iżbalji jew l-irregolaritajiet;

5. Jinnota li, skont ir-rapport annwali tal-Kummissjoni, fl-2011 ġie rrapportat li 1 230 irregolarità kienu frodulenti u li l-impatt finanzjarju tagħhom naqas b'37 % meta mqabbel ma' dak tal-2010 u kien jammonta għal EUR 404 miljun; jirrikonoxxi l-fatt li l-politika ta' koeżjoni u l-agrikoltura jibqgħu ż-żewġ oqsma prinċipali li jbatu mill-ogħla livell ta' frodi b'impatt finanzjarju li hu stmat li jammonta għal EUR 204 miljun u EUR 77 miljun rispettivament; jiddubita, madankollu, jekk dan it-tnaqqis jirriflettix il-qagħda effettiva tal-affarijiet f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet frodulenti jew jekk, inkella, hux sinjal li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll fl-Istati Membri huma insuffiċjenti;

6. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ mill-qrib tal-effikaċja tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll fl-Istati Membri u tiżgura li l-informazzjoni pprovduta dwar il-livell ta' irregolaritajiet fl-Istati Membri tkun tirrifletti s-sitwazzjoni reali;

7. Jisħaq fuq il-fatt li s-sitwazzjoni fejn l-Istati Membri ma jittrażmettux id-data b'mod f'waqtu jew jipprovdu data mhux preċiża ilha tirrikorri għal ħafna snin; jenfasizza li mhux possibbli li jsiru paraguni u valutazzjoni oġġettiva tal-iskala tal-frodi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; jindika li l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-OLAF mhumiex kapaċi jwettqu kif suppost il-funzjonijiet tagħhom rigward il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u t-tressiq ta' proposti u jtenni li sitwazzjoni ta' dan it-tip ma tistax tiġi ttollerata; jistieden lill-Kummissjoni tassumi r-responsabilità sħiħa għall-irkupru tal-fondi li jkunu tħallsu b'mod indovut għall-baġit tal-UE; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tistabbilixxi prinċipji ta' rapportar uniformi fl-Istati Membri kollha u tiżgura l-ġbir ta' data paragunabbli, affidabbli u adegwata;

8. Jisħaq fuq il-fatt li hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea tintensifika l-isforzi tagħha għat-tisħiħ tal-prinċipji tal-Gvern elettroniku li kieku jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal aktar trasparenza fil-finanzi pubbliċi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, b'differenza għat-tranżazzjonijiet ta' kontanti, it-tranżazzjonijiet elettroniċi huma referenzjati u għaldaqstant isir aktar diffiċli li titwettaq frodi u aktar faċli li jiġu identifikati l-każijiet ta' suspett ta' frodi; jikoraġġixxi lill-Istati Membri jbaxxu l-limiti minimi tagħhom għall-ħlasijiet mandatorju apparti dawk f'kontanti;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra r-rabta li teżisti bejn ir-rapportar ta' frodi mill-Istati Membri u n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fid-dritt penali li tistabbilixxi definizzjoni komuni ta' mġiba frodulenti u reati fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jindika li l-armonizzazzjoni tas-sistemi tad-dritt penali tal-Istati Membri saret b'mod limitat biss;

10. Jenfasizza li ġew ippubblikati 233 rapport investigattiv dwar każijiet ta' frodi relatata ma' użu ħażin ta' fondi tal-UE fuq perjodu ta' 5 snin fi ħdan is-27 Stat Membru, bir-Renju Unit, is-Slovakkja, il-Ġermanja, il-Bulgarija, Spanja, ir-Rumanija u l-Estonja l-aktar Stati Membri attivi fil-qasam tar-rapportar [1]; hu tal-opinjoni li l-ġurnaliżmu investigattiv żvolġa rwol importanti fil-kxif tal-frodi li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jirrappreżenta sors prezzjuż ta' informazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata mill-OLAF u l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi jew awtoritajiet rilevanti oħra fl-Istati Membri;

(1) Parlament Ewropew, Studju dwar id-deterrenza tal-frodi b'fondi tal-UE permezz tal-ġurnaliżmu investigattiv fl-UE27, 2012, p. 71

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

11. Ifakkar li, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-frodi – Rapport Annwali 2009 ([1]), il-Parlament talab li jiġu introdotti dikjarazzjonijiet obbligatorji ta' ġestjoni nazzjonali, li jiġu awditjati kif xieraq mill-uffiċċju nazzjonali ta' awditjar u kkonsolidati mill-Qorti tal-Awdituri; jiddispjaċih li ma ttieħed l-ebda pass ulterjuri f'dik id-direzzjoni;

12. Iqis li hu tal-ogħla importanza li jingħata segwitu xieraq għall-imġiba frodulenti fuq livell Ewropew; jinsab imgħaġġeb dwar il-fatt li d-Direttur Ġenerali tal-OLAF introduċa limiti minimi settorjali speċifiċi rigward l-impatt finanzjarju probabbli fil-Prijoritajiet għall-Politika dwar l-Investigazzjoni għall-2012 u l-2013 sabiex il-każijiet li l-impatt finanzjarju probabbli tagħhom ikun anqas mil-limitu minimu jiġu ttrattati bħala subordinati u hu improbabbli li jinfethu fil-verità; jinnota li l-limitu minimu fis-settur doganali hu ta' EUR 1 000 000, għall-fondi SAPARD hu EUR 100 000, għall-fondi agrikoli hu EUR 250 000, għall-fondi strutturali hu EUR 500 000, għall-FEŻR hu EUR 1 000 000, għall-infiq ċentralizzat u l-għajnuna esterna hu EUR 50 000, u fis-settur tal-persunal tal-UE hu EUR 10 000; hu tal-opinjoni li dan mhux aċċettabbli; iħeġġeġ lid-Direttur Ġenerali jbiddel il-prassi attwali u jabbanduna l-approċċ ta' limiti minimi għall-prijoritizzazzjoni tax-xogħol minnufih;

13. Jitlob li l-korruzzjoni li jkollha impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea tiġi kkunsidrata bħala frodi f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 325(5) TFUE u tiġi inkluża fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-frodi;

14. Jindika li r-rata ta' kundanna fil-każijiet li jinvolvu reati kontra l-baġit tal-Unjoni tvarja konsiderevolment madwar l-Unjoni Ewropea bejn Stat Membru u ieħor, minn 14 % sa 80 %; jissottolinja li l-armonizzazzjoni tas-sistemi tad-dritt penali tal-Istati Membri għadha limitata waqt li hemm bżonn li l-kooperazzjoni ġudizzjarja tissaħħaħ; jappella għal leġiżlazzjoni Ewropea ambizzjuża u għal kooperazzjoni u koordinament aħjar bejn l-Istati Membri kollha biex jiġi żgurat li jiġu imposti sanzjonijiet serji fil-konfront ta' min iwettaq frodi u għad-deterrenza ta' mġiba frodulenti;

15. Jirrikonoxxi l-fatt li l-ammont li għandu jiġi rkuprat b'segwitu għall-irregolaritajiet li ġew skoperti fl-2011 laħaq EUR 321 miljun, li minnhom EUR 166 miljun diġà ġew irkuprati mill-Istati Membri; jinnota f'dan ir-rigward li, fl-2011, ir-rata ta' rkupru għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali tjiebet biex laħqet it-52 %, meta mqabbla mar-rata ta' 46 % fl-2010;

16. Jieħu inkonsiderazzjoni r-rapport tal-2011 tal-OLAF u l-ħarsa ġenerali li jagħti għall-progress li sar rigward azzjonijiet ġudizzjarji, fl-azzjonijiet maħluqa bejn l-2006 u l-2011, u l-fatt li, skont dan ir-rapport, aktar minn nofs l-azzjonijiet qed jistennew deċiżjoni ġudizzjarja ([2]); hu tal-opinjoni li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-każijiet relatati mal-frodi fil-qasam doganali, li hu fost l-oqsma bl-ogħla rati ta' korruzzjoni sistemika fl-Ewropa;

17. Jinnota bi tħassib li, minħabba l-kriżi ekonomika attwali, il-Kummissjoni ma tipprevedix żieda fil-finanzjament tal-UE għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri, bl-għan li jkun hemm protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-UE, bħala parti mill-istrateġija komprensiva u ġdida tagħha għall-UE; jikkunsidra li din l-istrateġija għandha tikkostitwixxi reazzjoni koerenti u komprensiva intiża sabiex tnaqqas il-kuntrabandu, iżżid id-dħul miġbur u għalhekk tiżgura li tali investiment jrendi fil-ġejjieni;

***Dħul – Riżorsi proprji***

18. Ifakkar li l-ġbir kif suppost tal-VAT u tad-dazji doganali għandu influwenza diretta kemm fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri u kemm fuq il-baġit tal-UE, u li t-titjib tas-sistemi għall-ġbir tad-dħul u l-iżgurar li t-tranżazzjonijiet kollha jiġu formalment reġistrati u jinħarġu mill-ekonomija klandestina għandhom jingħataw l-akbar prijorità mill-Istati Membri kollha;

19. Jenfasizza f'dan il-kuntest il-fatt li l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa jirrappreżentaw riskju ewlieni għall-finanzi pubbliċi tal-UE; jisħaq fuq il-fatt li hu stmat li kull sena fl-UE jintilfu EUR 1 triljun fi flus pubbliċi minħabba l-frodi fiskali u l-evitar tat-taxxa, li jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor spiża ta' EUR 2 000 fis-sena għal kull ċittadin Ewropew; jindika li l-medja tal-ammont ta' taxxa li jintilef fl-Ewropa llum il-ġurnata taqbeż l-ammont totali li l-Istati Membri jonfqu fil-kura tas-saħħa, u tammonta għal aktar minn erba' darbiet l-ammont li jintefaq fuq l-edukazzjoni fl-UE;

(1) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 40.
(2) OLAF, Rapport Annwali tal-2011, tabella 6, p. 22.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

20. Jisħaq fuq il-fatt li, minħabba l-mekkaniżmu għall-ibbilanċjar tal-baġit tal-UE bi dħul ibbażat fuq l-ING, kull euro li jintilef minħabba frodi doganali u frodi relatata mal-VAT irid jiġi kkumpensat miċ-ċittadini tal-UE; iqis li hu inaċċettabbli li dawk l-operaturi ekonomiċi li jwettqu attivitajiet frodulenti huma, fil-fatt, issussidjati mill-kontribwenti tal-UE; jenfasizza li l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa għandha tingħata l-akbar prijorità kemm mill-Kummissjoni u kemm mill-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu s-sistemi fiskali tagħhom aktar sempliċi u aktar trasparenti peress li jiġri spiss wisq li l-frodi fiskali tiġi ffaċilitata minn sistemi fiskali kumplessi u opaki;

21. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-koordinament tagħha mal-Istati Membri sabiex tiġbor data affidabbli dwar id-distakk fl-oqsma tad-dwana u tal-VAT fil-pajjiżi rispettivi u biex tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament f'dak ir-rigward;

22. Jilqa' pożittivament il-fatt li 98 % taħt ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali ġew irkuprati mingħajr problemi partikolari, iżda jinnota varjazzjonijiet fil-prestazzjoni tal-Istati Membri fl-irkupru tat-2 % li jifdal ([1]);

***Dwana***

23. Jenfasizza li, sa fejn għandhom x'jaqsmu r-Riżorsi Proprji Tradizzjonali, l-irkaptu mid-dazji doganali hu sors ta' introjtu importanti għall-gvernijiet tal-Istati Membri, li jżommu 25 % biex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir; itenni li l-prevenzjoni effiċjenti ta' irregolaritajiet u frodi f'dan il-qasam tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u għandha konsegwenzi importanti għas-suq intern, filwaqt li telimina l-vantaġġ inġust li jgawdu minnu l-operaturi ekonomiċi li jevitaw id-dazji fuq dawk li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom f'dan ir-rigward; jisħaq fuq il-fatt li l-qalba tal-problema qiegħda fl-importazzjonijiet mhux iddikjarati jew dawk li jkunu ħarbu mis-sorveljanza doganali;

24. Jinsab profondament imħasseb dwar il-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li hemm insuffiċjenzi serji fis-superviżjoni doganali nazzjonali ([2]);

25. Jisħaq fuq il-fatt li l-Unjoni Doganali hi qasam ta' kompetenza esklużiva tal-UE u li għaldaqstant il-Kummissjoni għandha l-obbligu li timplimenta l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri jaġixxu daqslikieku kienu entità waħda, u li twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom;

26. Jipproponi li tiġi investigata l-possibilità li jitwaqqaf tim ta' uffiċjali doganali Ewropej li jkunu speċjalizzati fil-ġlieda kontra l-frodi, li kieku jkun jaħdem id f'id mal-awtoritajiet doganali nazzjonali;

27. Ifakkar li 70 % tal-proċeduri doganali fl-UE huma ssemplifikati; jinsab profondament inkwetat minħabba s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali Nru 1/2010 tagħha, li żvela insuffiċjenzi serji f'dak il-qasam, waqt li indika eżerċizzji ta' awditjar foqra jew mhux iddokumentati sew, użu baxx tat-tekniki awtomatizzati għall-ipproċessar tad-data, użu eċċessiv tal-prattiki ta' semplifikazzjoni u awditjar *ex post* ta' kwalità baxxa;

28. Jenfasizza li s-soluzzjonijiet informatiċi moderni u l-aċċess dirett għad-data huma kruċjali għall-funzjonament effikaċi tal-Unjoni Doganali; iqis li s-soluzzjonijiet eżistenti mhumiex sodisfaċenti; jinsab serjament imħasseb, b'mod partikolari, minħabba s-sejbiet fl-Ewwel Rapport ta' Attività tal-Eurofisc ([3]) għall-2011, li ġie ppubblikat f'Mejju 2012, li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-amministrazzjonijiet fiskali m'għandhom l-ebda aċċess dirett għad-data doganali u li għaldaqstant mhux possibbli li titwettaq kontroverifika awtomatizzata mad-data fiskali;

29. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma kinux kapaċi jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha tal-Kodiċi Doganali Modernizzat; jisħaq fuq il-fatt li hu stmat li l-benefiċċji finanzjarji li ntilfu minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-kodiċi doganali l-ġdid jammontaw għal madwar EUR 2,5 biljun fi ffrankar operattiv annwali fl-ispejjeż ta' konformità mal-iskema sħiħa, u għal massimu potenzjali ta' EUR 50 biljun fis-suq kummerċjali internazzjonali estiż ([4]); jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' kemm se jiswa l-posponiment tal-applikazzjoni sħiħa tal-Kodiċi Doganali Modernizzat, li tkun tikkwantifika l-konsegwenzi baġitarji tat-tali posponiment;

---

([1]) Studju kkummissjonat mill-Parlament dwar id-differenzi fil-prestazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fl-irkupru tar-riżorsi proprji tradizzjonali tal-Unjoni Ewropea.
([2]) Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet.
([3]) Netwerk għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri, stabbilit abbażi tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.
([4]) Studju tal-Parlament Ewropew dwar il-Pjan Direzzjonali lejn is-Suq Uniku Diġitali disponibbli hawn: http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201209/20120914ATT51402/20120914ATT51402EN.pdf

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

30. Jisħaq fuq il-bżonn li tiġi intensifika ulterjorment il-ġlieda kontra l-frodi relatata mad-dwana u jilqa' l-ħolqien ta' Sistema Kontra l-Frodi ta' Informazzjoni dwar it-Tranżitu (ATIS), reġistru ċentrali mfassal bl-għan li jżomm lill-awtoritajiet rilevanti kollha informati dwar il-movimenti ta' merkanzija fi tranżitu ġewwa l-UE;

31. Jinkoraġġixxi, fid-dawl tas-suċċess tal-operazzjonijiet doganali konġunti mwettqa fl-2011 bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u xi pajjiżi mhux membri tal-UE, it-twettiq regolari ta' operazzjonijiet ta' dan it-tip immirati kontra l-kuntrabandu ta' prodotti sensittivi u l-frodi f'ċerti setturi ta' riskju għoli; jindika li l-operazzjonijiet doganali konġunti mwettqa fl-2011 irriżultaw fil-qbid ta' 1,2 miljuni sigaretti u fl-iskoperta ta' frodi fiskali u doganali b'valur ta' aktar minn EUR 1,7 miljun;

***VAT***

32. Ifakkar li l-operazzjoni korretta tal-proċeduri doganali għandha konsegwenzi diretti għall-kalkolu tal-VAT; jiddeplora l-insuffiċjenzi li l-Qorti tal-Awdituri sabet f'dan il-qasam; jinsab profondament inkwetat, b'mod partikolari, mis-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 13/2011 li l-applikazzjoni tal-proċedura doganali 42 ([1]) waħedha rrappreżentat fl-2009 telf estrapolat ta' madwar EUR 2 200 miljun ([2]) fir-rigward tas-seba' Stati Membri awditjati mill-Qorti, li jirrappreżentaw 29 % tal-VAT teoretikament applikabbli fuq l-ammont taxxabbli tal-importazzjonijiet kollha li saru taħt il-proċedura doganali 42 fl-2009 f'dawk is-seba' Stati Membri;

33. Jinsab profondament imħasseb dwar kemm hi mifruxa l-frodi fil-qasam tal-VAT; jindika li, minn mindu ġiet introdotta l-VAT, il-mudell ta' kif għandha tinġabar baqa' ma nbidilx; jisħaq fuq il-fatt li dan il-mudell għadda żmienu, minħabba l-ħafna tibdil li seħħ fl-ambjent teknoloġiku u ekonomiku; jisħaq fuq il-fatt li l-inizjattivi fil-qasam tat-tassazzjoni diretta jirrikjedu deċiżjoni unanima tal-Kunsill; jiddeplora l-fatt li żewġ inizjattivi importanti mmirati lejn il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, i.e. il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida kontra l-frodi tal-VAT (COM(2012)0428) u l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront ta' fornimenti ta' ċerti oġġetti u servizzi li jistgħu ikunu suġġetti għal frodi (COM(2009)0511), attwalment għadhom ibblukkati fil-Kunsill ([3]);

34. Jindika l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet kummerċjali jiġu konnessi f'ħin reali mal-awtoritajiet tat-taxxi sabiex tiġi miġġielda l-evażjoni fiskali;

35. Jemmen li l-eliminazzjoni tat-tranżazzjonijiet mhux reġistrati tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ammonti tal-VAT li ma jinġabrux;

***Kuntrabandu ta' sigaretti***

36. Jirrikonoxxi l-fatt li l-kuntrabandu ta' prodotti b'taxxi għoljin jikkawża telf ta' dħul sinifikanti għall-baġits tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, u li t-telf dirett mid-dħul doganali bħala riżultat tal-kuntrabandu tas-sigaretti waħdu jammonta għal aktar minn EUR 10 biljun f'sena;

37. Jenfasizza li l-kuntrabandu ta' sigaretti jservi ta' sors importanti ta' finanzjament għall-organizzazzjonijiet kriminali bi struttura internazzjonali, u jevidenzja, għalhekk, l-importanza li tissaħħaħ id-dimensjoni esterna tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti u tal-alkoħol tul il-fruntiera tal-Lvant tal-UE, li jipprovdi appoġġ għall-kapaċità ta' infurzar fil-pajjiżi ġirien, billi joffri assistenza teknika u taħriġ, iqajjem kuxjenza, jintensifika l-kooperazzjoni operattiva, bħall-Operazzjonijiet Doganali Konġunti, kif ukoll jikkondivi l-informazzjoni u jsaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali; jisħaq, b'mod partikolari, fuq l-importanza ta' kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri, ir-Russja u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bjelorussja, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukraina) għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet immirati proposti fil-pjan ta' azzjoni;

38. Jirrikonoxxi l-fatt li l-fruntiera tal-Lvant tirrappreżenta żona ġeografika partikolarment vulnerabbli f'dan il-kuntest; jilqa' pożittivament il-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti u tal-alkoħol tul il-fruntiera tal-Lvant tal-UE;

---

([1]) L-iskema użata minn importatur biex jikseb eżenzjoni mill-VAT meta l-prodotti importati jkunu se jiġu trasportati lejn Stat Membru ieħor u meta l-VAT ikun dovut fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

([2]) Li EUR 1 800 miljun minnhom iġġarrbu fis-seba' Stati Membri magħżula u EUR 400 miljun fil-21 Stat Membru ta' destinazzjoni tal-prodotti importati fil-kampjun.

([3]) It-tweġibiet mill-Kummissarju Šemeta għall-kwestjonarju mibgħut mill-Kumitat CONT huma disponibbli hawn: http://www.europarl.europa.eu/committees/mt/cont/publications.html?id=CONT00004#menuzone

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

39. Jilqa' pożittivament l-attivitajiet tal-OLAF fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq; jilqa' pożittivament, b'mod partikolari, l-eżitu pożittiv tal-Operazzjoni "Barrel" li involviet il-kooperazzjoni ta' 24 Stat Membru, in-Norveġja, l-Isvizzera, il-Kroazja u t-Turkija, kif ukoll l-appoġġ attiv tad-DĠ għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, tal-Europol, ta' Frontex u tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, u li rriżultat biex inqabdu u nżammu 1,2 miljuni sigaretti;

40. Jilqa' pożittivament l-adozzjoni nhar it-12 ta' Novembru 2012 tal-Protokoll dwar l-eliminazzjoni tal-kummerċ illeċitu fil-prodotti tat-tabakk waqt il-ħames sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk;

### *Nefqa*

41. Ifakkar li 94 % tal-baġit tal-UE jiġi investit fl-Istati Membri, u li, f'dawn iż-żminijiet ta' diffikultà ekonomika, hu ta' importanza vitali li l-flus kollha jintefqu tajjeb; jikkunsidra, għalhekk, li l-ġlieda kontra l-frodi fil-konfront tal-baġit tal-UE fil-programmi ta' finanzjament kollha kemm huma sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru tal-fondi mitlufin trid tkun prijorità, sabiex jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jintefaq fuq l-objettivi ewlenin tagħha, bħall-ħolqien tax-xogħol u t-tkabbir;

42. Jiddeplora l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-irregolaritajiet fl-infiq tal-UE ssir fil-livell nazzjonali;

43. Jenfasizza l-fatt li aktar trasparenza li tippermetti skrutinju xieraq hi fundamentali biex jiġu skoperti l-każijiet ta' frodi; ifakkar li, fis-snin preċedenti, il-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tiżgura li jkun hemm post wieħed fejn dak li jkun isib l-informazzjoni kollha relatata mat-trasparenza tal-benefiċjarji tal-fondi tal-UE; jiddispjaċih li din il-miżura ma ġietx implimentata; itenni għalhekk it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiddisinja miżuri biex tiżdied it-trasparenza tal-arranġamenti legali u sistema li telenka l-benefiċjarji kollha tal-fondi tal-UE fuq l-istess websajt, indipendentement minn min ikun qed jamministra l-fondi u li tkun ibbażata fuq kategoriji standard fir-rigward tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istat Membri kollha f'mill-inqas lingwa ta' ħidma waħda tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni u jipprovdulha informazzjoni sħiħa u affidabbli dwar il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE mmaniġġjati mill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta s-sistema ta' 'ġestjoni kondiviża' u tipprovdi lill-Parlament b'rapport dwarha bħala kwistjoni ta' prijorità;

### *Agrikoltura*

44. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja u l-Finlandja tejbu l-konformità tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' rapportar konsistenti, u li r-rata ta' konformità globali għall-UE27 hi madwar 93 %, li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mar-rata tal-2010 ta' 90 %;

45. Jisħaq madankollu fuq il-fatt li, peress li ġew irrapportati minn tal-anqas 20 miljun każ ta' korruzzjoni minuri fis-settur pubbliku fl-UE, huwa ovvju li l-fenomenu għandu wkoll effett konsekwenzjali fl-oqsma tal-amministrazzjoni pubblika fl-Istati Membri (u fir-rigward tal-politiċi korrispondenti) li għandhom ir-responsabilità għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE u interessi finanzjarji oħra ([1]); jindika li l-għadd ta' irregolaritajiet li ġew irrapportati bħala frodulenti fl-agrikoltura fl-2011 – total ta' 139 – ma jirriflettix il-qagħda reali; jindika li l-Kummissjoni esprimiet it-tħassib tagħha, indirizzat lejn l-Istati Membri, li jista' jkun li l-figuri ta' frodi rrapportati mhumiex kompletament affidabbli – xi ħaġa li l-Kummissjoni stess tirrikonoxxi meta tenfasizza l-għadd żgħir ta' każijiet ta' frodi rrapportati fi whud mill-Istati Membri; jitlob li jkun hemm aktar kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-Istati Membri sabiex jirreaġixxu għall-każijiet ta' frodi u jirrapportawhom lill-Kummissjoni;

46. Jibqa' mħasseb dwar il-fatt li Franza, il-Ġermanja, Spanja u r-Renju Unit rrapportaw rati ta' frodi li tant huma baxxi li jqanqlu s-suspetti, speċjalment meta jitqiesu d-daqs ta' dawn il-pajjiżi u l-ammont ta' appoġġ finanzjarju li jirċievu; jiddispjaċih li, fir-rapport annwali tagħha, il-Kummissjoni ma tatx tweġiba definittiva għall-mistoqsija dwar jekk ir-rati baxxi ta' frodi ssuspettata li ġew irrapportati minn Franza, il-Ġermanja, Spanja u r-Renju Unit humiex ir-riżultat ta' nuqqas ta' konformità mal-prinċipji ta' rapportar jew tal-kapaċità tas-sistemi ta' kontroll implimentati f'dawn l-Istati Membri biex jiskopru l-frodi; jistieden lill-Istati Membri msemmija hawn fuq jipprovdu spjegazzjonijiet dettaljati u komprensivi malajr kemm jista' jkun dwar ir-rati baxxi ta' frodi ssuspettata li rrapportaw;

---

([1]) Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus (CRIM) 2012-2013, Dokument tematiku dwar il-Korruzzjoni, Oqsma ta' korruzzjoni sistemika fl-amministrazzjoni pubblika tal-Istati Membri u miżuri għan-newtralizzazzjoni tal-effett negattiv tagħha għall-UE, p. 2

**L-Erbgħa 3 ta’ Lulju 2013**

47. Jinnota li l-għadd żgħir ta’ każijiet ta’ frodi rappurtati fi wħud mill-Istati Membri jista’ jiġi spjegat bil-fatt li dak li fi Stat Membru wieħed huwa kkunsidrat bħala frodi, f’ieħor mhux neċessarjament jitqies bħala illeċitu, u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni tidentifika u tipprovdi kjarifika f’tali ċirkostanzi, billi tistandardizza l-kriterji għad-definizzjoni tal-frodi u tgħaddihom lill-Istati Membri kollha;

48. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina s-sistema għar-rapportar ta’ frodi u tarmonizza l-prattiki użati fl-Istati Membri sabiex jirreaġixxu għall-każijiet ta’ frodi u jirrapportawhom lill-Kummissjoni; hu tal-fehma li l-għan hu li l-investigazzjonijiet isiru aktar effiċjenti, waqt li fl-istess ħin jingħata kontribut biex jiġu ċċarati d-drittijiet proċedurali tal-persuni kkonċernati;

49. Jindika li, sabiex ikun hemm prevenzjoni ta’ użu frodulenti tal-fondi tal-PAK fil-ġejjieni, mhux talli għandu jkun hemm approċċ statistiku għall-problema imma għandu jkun hemm ukoll analiżi tal-mekkaniżmi wara l-frodi, b’mod partikolari fil-każijiet serji; jikkunsidra, bl-istess mod, li l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kwalunkwe irregolarità li jkunu skoprew lill-Kummissjoni, u li l-irregolaritajiet li jiġu rrapportati bħala frodulenti għandhom jiġu soġġetti għal analiżi stretta;

50. Jindika li, permezz ta’ emenda għall-Artikolu 43 tar-regolament orizzontali aġġornat, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tnaqqas jew tissospendi l-pagamenti ta’ kull xahar jew il-pagamenti interim lil Stat Membru jekk komponent jew diversi komponenti fundamentali tas-sistema ta’ kontroll nazzjonali kkonċernata ma jkunux jeżistu jew ma jkunux effikaċi minħabba l-gravità jew il-persistenza tal-insuffiċjenzji misjuba, jew jekk il-pagamenti irregolari ma jkunux qed jiġu rkuprati bid-diliġenza meħtieġa, u jekk:

(a) jew l-insuffiċjenzi msemmija hawn fuq ikunu ta’ natura kontinwa u kienu r-raġuni għal mill-inqas żewġ atti ta’ implimentazzjoni skont l-Artikolu 54 ta’ dak ir-regolament, bl-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni n-nefqa relevanti tal-Istat Membru kkonċernat;

(b) jew il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru konċernat ma jkunx f’qagħda li jimplimenta l-miżuri ta’ rimedju meħtieġa fil-futur immedjat, bi qbil ma’ pjan ta’ azzjoni b’indikaturi ċari ta’ progress li għandhom jiġu stabbiliti b’konsultazzjoni mal-Kummissjoni;

51. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-ammont akkumulat pendenti tal-FAEG li kien għad irid jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarji sa tmiem is-sena finanzjarja 2011 kien jammonta għal EUR 1,2 biljun.

52. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa biex timplimenta sistema effikaċi ta’ rkupru li tikkunsidra l-iżviluppi fil-qafas tar-riforma attwali u, fir-rapport tagħha tas-sena d-dieħla dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-progress li jkun sar;

53. Jenfasizza li l-introduzzjoni mill-ġdid ta’ proċedura għar-“reati minuri” għandha titkompla, u li m’hemmx għalfejn jiġi mfittex l-irkupru skont l-Artikolu 56(3) tar-regolament orizzontali aġġornat meta l-ispejjeż li jkunu diġà ġġarrbu, flimkien mal-ispejjeż probabbli għall-irkupru, ikunu jaqbżu l-ammont li jrid jiġi rkuprat; jistieden lill-Kummissjoni tqis, fl-interessi tas-semplifikazzjoni amministrattiva fil-livell lokali, li din il-kundizzjoni tkun ġiet sodisfatta jekk l-ammont li jrid jiġi rkuprat mill-benefiċjarju fil-kuntest ta’ pagament uniku ma jkunx aktar minn EUR 300; jindika li t-tnaqqis tal-piż amministrattiv li jseħħ jekk ma jiġix imfittex l-irkupru ta’ ammonti żgħar u ammonti żgħar ħafna jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jinvestigaw l-irregolaritajiet aktar serji b’mod aktar effiċjenti u jieħdu l-azzjoni xierqa kontrihom;

54. Jindika li, bħala reazzjoni għall-awditjar tal-proċeduri ta’ approvazzjoni tal-konformità li sar fil-qasam tal-agrikoltura, il-Kummissjoni wettqet korrezzjonijiet finanzjarji li jammontaw għal EUR 822 miljun; jindika, barra minn hekk, li l-valur totali tal-korrezzjonijiet deċiżi kien ta’ EUR 1 068 miljun; jinnota bi tħassib li, fl-2011, ir-rata ta’ rkupru għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali naqset għal 77 % meta mqabbla mar-rata ta’ 85 % fl-2010;

55. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni għall-modi kif jistgħu jiġu ottimizzati l-proċeduri ta’ rimborż, li għadhom relattivament twal;

***Politika ta’ koeżjoni***

56. Jilqa’ pożittivament il-fatt li, fl-2011, il-Kummissjoni lestiet korrezzjonijiet finanzjarji li ammontaw għal EUR 624 miljun minn total ta’ EUR 673 miljun u li r-rata ta’ rkupru għall-Politika ta’ Koeżjoni tjiebet biex laħqet it-93 % meta mqabbla mar-rata ta’ 69 % fl-2010; jenfasizza, madankollu, li r-rata kumulattiva ta’ implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji tammonta biss għal 72 % u għad fadal EUR 2,5 biljun x’jiġu rkuprati;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

57. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissemplifikaw ir-regoli rilevanti dwar l-akkwist pubbliku u r-regoli proċedurali għall-ġestjoni tal-Fondi Strutturali;

58. Jinnota li ċerti Stati Membri kbar bħal Franza rrapportaw li l-ebda irregolarità ma kienet frodulenti fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni fl-2011; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga r-raġunijiet għal dan u tistabbilixxi jekk is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll fl-Istati Membri li ma rrapportaw l-ebda frodi humiex qed jiffunzjonaw b'mod effikaċi;

59. Jilqa' pożittivament il-fatt li Franza kienet kapaċi tiffinalizza l-implimetazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet;

***Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir***

60. Jinnota bi tħassib li, fil-Kapitolu 7 ("Relazzjonijiet Esterni, għajnuna u tkabbir") tar-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2011, il-Qorti indikat xi żbalji fil-pagamenti finali li ma ġewx skoperti mill-kontrolli tal-Kummissjoni, u kkonkludiet li l-kontrolli applikati mill-Kummissjoni mhumiex totalment effikaċi; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u l-opinjoni ta' kwittanza bl-għan li ttejjeb il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tagħha sabiex tiżgura l-infiq effiċjenti u xieraq tal-fondi;

61. Jissuġġerixxi li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li għandhom x'jaqsmu mal-azzjonijiet esterni tal-UE, u b'mod partikolari mal-missjonijiet tal-UE, jitqiesu meta jkun qed jiġi eżaminat mill-ġdid il-progress tagħhom fil-konfront tal-objettivi stabbiliti jew meta tkun qed tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-mandat tagħhom, b'mod li jiġi żgurat l-użu effikaċi u xieraq tar-riżorsi pprovduti; jinnota l-osservazzjoni dwar ċerti dgħufijiet relatati mal-proċeduri ta' akkwist u l-preżentazzjoni ta' offerti fl-azzjonijiet tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u jitlob lis-SEAE jikkorreġihom fi żmien debitu;

62. Jilqa' pożittivament il-politiki kontra l-frodi fil-livell tal-UE li jinkludu livell ogħla ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, bħas-Sistema Kontra l-Frodi ta' Informazzjoni dwar it-Tranżitu (li għandhom aċċess għaliha l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles), l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka u d-dispożizzjonijiet relatati kontra l-frodi li jinvolvu pajjiżi terzi, l-Operazzjonijiet Doganali Konġunti li seħħew fl-2011, bħal 'Fireblade' (mal-Kroazja, l-Ukraina u l-Moldova) u 'Barrel' (mal-Kroazja, it-Turkija, in-Norveġja u l-Isvizzera); jilqa' pożittivament ir-riżultati ta' dawn l-azzjonijiet u l-impatt finanzjarju tagħhom;

63. Jisħaq fuq l-importanza, filwaqt li jżomm f'moħħu li, f'dinja globalizzata, il-frodi qed titwettaq dejjem iktar bejn il-fruntieri internazzjonali, ta' qafas legali b'saħħtu b'impenji ċari mill-pajjiżi sħab u jilqa' pożittivament l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet kontra l-frodi fil-ftehimiet bilaterali ġodda jew li jkunu ġew innegozjati mill-ġdid, inklużi l-abbozzi ta' ftehim mal-Afganistan, il-Kazakistan, l-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja u, f'verżjoni iktar simplifikata, mal-Awstralja, u jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżviluppaw klawsola standard li permezz tagħha dawn id-dispożizzjonijiet jiġu inklużi fil-ftehimiet bilaterali u multilaterali kollha ma' pajjiżi terzi, kemm dawk li jkunu ġodda u kemm dawk li jkunu ġew innegozjati mill-ġdid;

64. Jieħu nota tat-tnaqqis fl-għadd u l-impatt finanzjarju tal-irregolaritajiet skoperti fir-rigward tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni eżaminati fir-rapport tal-2011; jilqa' pożittivament il-fatt li r-rata ta' rkupru tar-riżorsi tal-UE li tħallsu b'mod mhux dovut bħala parti mill-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tjiebet b'mod sinifikanti, iżda jinnota li għadha qed tilħaq biss is-60 %; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li jeżistu differenzi sinifikanti bejn il-benefiċjarji f'termini tal-irregolaritajiet irrapportati, li l-għadd tagħhom jiddependi prinċipalment fuq l-istadju ta' adozzjoni u implimentazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tkompli twettaq monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet fil-pajjiżi kollha li jibbenefikaw mill-istrument; jappoġġa t-talba tal-Kummissjoni biex il-Kroazja, b'mod partikolari, timplimenta kompletament is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet, talba li għad trid tittieħed azzjoni dwarha allavolja ġew ipprovduti t-taħriġ u l-appoġġ, kif ukoll it-talba tagħha biex dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja timplimenta s-sistema; jinnota li, mill-każijiet li ġew irrapportati fl-2011, ġew irkuprati EUR 26 miljun;

65. Jilqa' pożittivament l-objettiv tal-Kummissjoni li tappoġġa lill-Kroazja u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

***OLAF***

66. Itenni li hemm bżonn li jitkompla t-tisħiħ tal-indipendenza, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-OLAF, inklużi l-indipendenza u l-funzjonament tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF; jistieden lill-OLAF u lill-Kumitat Superviżorju jieħdu passi bl-intenzjoni li jtejbu r-relazzjoni ta' ħidma bejniethom, li, f'rapport mill-Kumitat tal-UE tal-House of Lords tar-Renju Unit, ġiet deskritta bħala waħda ta' ostilità miftuħa, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' qbil bejn dawk ikkonċernati rigward in-natura eżatta tar-rwol tal-Kumitat Superviżorju; jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tista' tipprovdi kontribut kostruttiv fir-rigward tat-titjib tal-komunikazzjoni u tar-relazzjonijiet ta' ħidma bejn l-OLAF u l-Kumitat Superviżorju tiegħu;

67. Jilqa' pożittivament il-progress li sar fin-negozjati rigward il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1074/1999 (COM(2011)0135); jikkunsidra li dan ir-regolament għandu jiġi adottat malajr kemm jista' jkun; jinsab konvint madankollu li, fid-dawl tal-aħħar żviluppi fir-rigward tal-OLAF u l-mod kif tmexxew l-investigazzjonijiet tiegħu, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Superviżorju, stipulati fl-Anness 3 għar-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu tal-2012; iqis li hu inaċċettabbli li l-Kumitat Superviżorju, bħala l-entità li tissorvelja l-applikazzjoni tal-garanziji proċedurali, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-konformità mill-persunal tal-OLAF mar-regoli interni rigward il-proċeduri investigattivi, f'għadd ta' każijiet ma ngħatax aċċess dirett għall-fajls tal-każijiet f'investigazzjonijiet magħluqa, inklużi r-rapporti finali dwar l-investigazzjonijiet li jiġu trażmessi lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali;

68. Jinnota li r-riforma futura msemmija hawn fuq se tippermetti, *inter alia*, li l-OLAF jikkonkludi arranġamenti amministrattivi mal-awtoritajiet rilevanti f'pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex b'hekk tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jindirizza l-frodi fl-oqsma li għandhom x'jaqsmu mad-dimensjoni tal-politika esterna tal-UE; jilqa' pożittivament l-istrateġija kontra l-frodi (COM(2011)0376), *inter alia* fir-rigward tal-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet imtejba kontra l-frodi fil-programmi ta' nfiq fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid għall-perjodu 2014-2020; jinnota bi tħassib, madankollu, il-konklużjoni tal-Kummissjoni li m'hemmx biżżejjed deterrenti kontra użu ħażin tal-baġit tal-UE b'finijiet kriminali fl-Istati Membri; jilqa' pożittivament il-proposti tal-Kummissjoni biex tiġi indirizzata din il-problema u jirrakkomanda li anke l-pajjiżi terzi benefiċjarji għandhom jiġu involuti bl-aktar mod sħiħ possibbli;

69. Jieħu nota tat-tħassib imqajjem mill-Kumitat Superviżorju tal-OLAF fir-Rapport ta' Attività tiegħu għall-2012, b'mod speċjali fir-rigward tal-każ trażmess f'Ottubru 2012 lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u li wassal għar-riżenja ta' membru tal-Kummissjoni Ewropea, kif affermat fil-paragrafu 29 tar-rapport imsemmi hawn fuq; hu tal-opinjoni li dan it-tħassib għandu jkun is-suġġett ta' eżami komprensiv mill-awtoritajiet ġudizzjarji responsabbli; jenfasizza l-prinċipju tar-rispett tal-kunfidenzjalità u l-importanza li ma jkunx hemm interferenza politika fi kwalunkwe proċedimenti ġuridiċi li jkunu għaddejjin;

70. Jinsab profondament imħasseb dwar ir-rapportar tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF; iqis li hu inaċċettabbli li l-OLAF wettaq miżuri investigattivi li jmorru lil hinn minn dawk elenkati b'mod espliċitu fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-OLAF li hu attwalment fis-seħħ, u lil hinn minn dawk inklużi fit-test tar-riforma għall-ġejjieni; jinnota li l-miżuri investigattivi msemmijin qabel jinkludu: it-tħejjija tal-kontenut ta' konverżazzjoni telefonika li kellu jkollha parti terza ma' persuna soġġetta għall-investigazzjoni; il-preżenza matul it-tali konverżazzjoni u l-irrekordjar tagħha; u t-talba lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali biex l-OLAF jingħata informazzjoni mhux direttament miżmuma minnhom u li tista' tiġi kkunsidrata bħala relatata mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet, jew mal-użu, il-ġbir u l-ħżin sussegwenti tat-tali informazzjoni mill-OLAF;

71. Jinsab maħsud mit-tali azzjonijiet peress li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-użu tat-tali metodi jista' jitqies bħala "indħil minn awtorità pubblika" fl-eżerċitar tad-dritt għar-rispett għall-"ħajja privata", għall-"korrispondenza" u/jew għall-"kommunikazzjonijiet", li hu rikjest li "jkun skont il-liġi" (l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li jikkorrispondi mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem);

72. Itenni li ma jista' jiġi aċċettat l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali mill-OLAF jew minn kwalunkwe servizz ieħor tal-Kummissjoni; jirreferi f'dan ir-rigward għall-fehma tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF, kif ġiet espressa fir-Rapport ta' Attività tiegħu għall-2012, fl-Anness 3, li jista' jkun li l-OLAF mar lil hinn mill-miżuri investigattivi espliċitament elenkati fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament attwalment fis-seħħ, inter alia, fir-rigward tat-tħejjija tal-kontenut ta' konverżazzjoni telefonika għal terza persuna ma' persuna soġġetta għall-investigazzjoni u l-preżenza waqt dik il-konverżazzjoni, li ġiet irrekordjata; jistenna li l-OLAF jipprovdi spjegazzjoni sodisfaċenti tal-bażi legali għall-miżuri investigattivi tiegħu bħall-irrekordjar ta' konverżazzjonijiet telefoniċi;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

73. Jilqa' pożittivament id-dikjarazzjoni li saret fir-Rapport ta' Attività tal-Kumitat Superviżorju għall-2012 (paragrafu 53) li l-azzjonijiet kollha għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-OLAF ġew irrifjutati bħala inammissibbli mill-Qorti tal-Ġustizzja, waqt li l-Ombudsman ma sab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina; jindika ulterjorment il-fatt li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) sab li l-OLAF ġeneralment ikkonforma mar-regoli rigward il-protezzjoni tad-data, bl-eċċezzjoni ta' każ wieħed fejn il-KEPD ikkunsidra li l-OLAF kiser id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali billi kixef l-identità ta' żvelatur lill-istituzzjoni tiegħu bla bżonn;

74. Jitlob lill-OLAF jinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament bil-bażi ġuridika li tawtorizzah jipparteċipa fl-assistenza u fit-tħejjija tar-reġistrazzjonijiet tal-konversazzjonijiet telefoniċi ta' privati mingħajr l-awtorizzazzjoni preliminari tagħhom u juża l-kontenut għal skopijiet ta' investigazzjonijiet amministrattivi; itenni l-appell tiegħu lill-OLAF biex iforni lill-Parlament – b'mod konformi ma' talba analoga mingħand il-Kunsill – b'analiżi ġuridika tal-leġittimità ta' tali reġistrazzjonijiet fl-Istati Membri;

75. Jinsab profondament imħasseb dwar is-sejbiet tal-Kumitat Superviżorju li l-OLAF ma kienx stabbilixxa kontroll tal-legalità minn qabel għall-miżuri investigattivi l-oħra apparti dawk speċifikament elenkati fl-Istruzzjonijiet lill-Persunal dwar Proċeduri Investigattivi (IPPI); jinnota li dan jipperikola r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati u l-garanziji proċedurali li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-persuni;

76. Jinnota li l-ksur tar-rekwiżiti proċedurali essenzjali matul l-investigazzjonijiet preparatorji jista' jolqot il-legalità tad-deċiżjoni finali li tittieħed abbażi tal-investigazzjonijiet mill-OLAF; jivvaluta li potenzjalment dan jirrappreżenta riskju għoli, peress li għaldaqstant il-ksur kieku jinvolvi r-responsabilità ġuridika tal-Kummissjoni; jistieden lill-OLAF jaffronta minnufih dan in-nuqqas billi jassenja l-kompitu tat-twettiq ta' verifiki minn qabel fi żmien xieraq lil esperti ġudizzjarji kkwalifikati kif jixraq;

77. Iqis li l-parteċipazzjoni diretta tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF f'xi kompiti investigattivi, *inter alia* l-intervisti tax-xhieda, hi inaċċettabbli; jindika li, b'hekk, id-Direttur Ġenerali jkun qed jidħol f'kunflitt ta' interess, peress li, skont l-Artikolu 90(a) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 23(1) tal-IPPI, hu l-awtorità li jirċievi l-ilmenti kontra l-investigazzjonijiet tal-OLAF u jiddeċiedi dwar jekk għandhiex tittieħed jew le azzjoni xierqa fir-rigward ta' kwalunkwe nuqqas ta' rispett tal-garanziji proċedurali; jistieden lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF joqgħod lura minn kull involviment dirett fil-kompiti investigattivi fil-ġejjieni;

78. Jinsab inkwetat dwar il-fatt li l-OLAF mhux dejjem wettaq valutazzjoni komprensiva tal-informazzjoni li rċieva fir-rigward tal-kunċett ta' suspett serju biżżejjed; jikkunsidra li valutazzjoni ta' dan it-tip hi essenzjali għas-salvagwardja u l-konsolidament tal-indipendenza tal-OLAF fil-konfront tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji u l-gvernijiet, meta xi ħadd minnhom ikunu oriġina r-riferiment;

79. Hu tal-opinjoni li l-Kumitat Superviżorju għandu dejjem jiġi informat mill-OLAF meta dan jirċievi lment relatat mad-drittijiet fundamentali u l-garanziji proċedurali;

80. Jistenna li tingħata informazzjoni ulterjuri dwar il-punti msemmija fir-rapport annwali tal-Kumitat Superviżorju; iħeġġeġ biex, fir-rigward tal-punti kollha li ssemmew, ikun hemm trasparenza sħiħa;

81. Jiddispjaċih li, bejn l-2006 u l-2011, l-Istati Membri ħadu azzjoni ġudizzjarja b'segwitu għall-investigazzjonijiet tal-OLAF f'46 % tal-każijiet biss; hu tal-opinjoni li dan mhux biżżejjed u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi u f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru ladarba l-każijiet ikunu ġew investigati mill-OLAF;

82. Jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jirrapportaw, fuq bażi annwali, dwar is-segwitu li jkun ingħata għall-każijiet riferuti mill-OLAF lill-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom, u anke dwar is-sanzjonijiet penali u finanzjarji imposti fil-każijiet ta' dan it-tip;

83. Jinsab imħasseb dwar ir-rimarki fir-rapport annwali tal-Kumitat Superviżorju li jistqarru li m'hemm l-ebda data dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF fl-Istati Membri; jikkunsidra li din is-sitwazzjoni mhix waħda sodisfaċenti u jistieden lill-OLAF jiżgura li l-Istati Membri jipprovdu data rilevanti u dettaljata dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF u li l-Parlament Ewropew jinżamm informat;

84. Jirrikonoxxi l-fatt li, b'segwitu għall-investigazzjonijiet tal-OLAF, fl-2011 ġew irkuprati EUR 691,4 miljun, li EUR 389 miljun minnhom huma relatati ma' każ wieħed fir-reġjun tal-Kalabrija fl-Italja li jinolvi l-programmi tal-fondi strutturali għall-finanzjament ta' xogħlijiet fit-toroq;

**L-Erbgħa 3 ta’ Lulju 2013**

85. Jitlob li l-frodi jew l-irregolaritajiet potenzjali li jkollhom anqas impatt finanzjarju – fl-oqsma bħad-dwana (fejn il-limitu minimu biex l-OLAF jieħu azzjoni hu ta’ EUR 1 miljun) u l-fondi strutturali (fejn il-limitu minimu hu ta’ EUR 500 000) – jiġu rrapportati lill-Istati Membri u li dawn jiġu pprovduti bl-informazzjoni u jingħataw l-opportunità li jsegwu l-proċeduri nazzjonali kontra l-frodi;

86. Jinsab profondament imħasseb rigward l-effikaċja u l-funzjonament intern tal-OLAF, waqt li jikkunsidra li OLAF b’saħħtu u ġestit sew hu essenzjali fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni fejn għandhom x’jaqsmu flus il-kontribwenti Ewropej; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni, f’kooperazzjoni mal-kumitat kompetenti tal-Parlament u meta tkun qed twieġeb il-mistoqsijiet tiegħu, tanalizza l-legalità tal-operazzjonijiet tal-OLAF, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għat-titjib tal-ġestjoni tal-OLAF, u tifformula soluzzjonijiet prattiċi bħala rimedju għan-nuqqasijiet qabel l-aħħar tal-2013; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, saffrattant, iwaqqfu d-dikussjonijiet u d-deċiżjonijiet kollha dwar l-introduzzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;

***L-inizjattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-attività kontra l-frodi***

87. Jilqa’ pożittivament il-fatt li, bħala reazzjoni għat-talba tal-Parlament, il-Kummissjoni attwalment qed tiżviluppa metodoloġija biex tkejjel kemm tiswa’ l-korruzzjoni fil-proċeduri ta’ akkwist pubbliku li jikkonċernaw il-fondi tal-UE;

88. Jilqa’ pożittivament l-inizjattiva fil-programm ta’ ħidma tal-Kummissjoni għall-2012 għal protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-komunikazzjoni għal dak il-għan dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea permezz tal-liġi kriminali u l-investigazzjonijiet amministrattivi; jisħaq fuq il-fatt li din l-inizjattiva hi mmirata lejn it-tqawwija tas-sanzjonijiet kontra l-attivitajiet kriminali, inkluża l-korruzzjoni, u lejn it-tisħiħ tal-protezzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea;

89. Jilqa’ pożittivament l-Istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (COM(2011)0376) u l-Pjan ta’ Azzjoni Intern (SEC(2011)0787) għall-implimentazzjoni tagħha li ġie adottat f’Ġunju 2011, li huma mmirati lejn it-titjib tal-prevenzjoni u l-iskoperta tal-frodi fil-livell tal-UE; jistieden f’dan ir-rigward lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-istrateġiji kontra l-frodi stabbiliti f’kull Direttorat Ġenerali u tivvalutahom;

90. Jilqa’ pożittivament il-Proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (COM(2012)0363 – il-proposta għad-Direttiva PIF), li għandha tissostitwixxi l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-protokolli li jakkumpanjawha;

91. Jilqa’ pożittivament, b’mod partikolari, il-fatt li d-definizzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fil-proposta għad-Direttiva PIF tħaddan il-VAT, bi qbil mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, li kkonfermat ([1]) li hemm rabta diretta bejn, minn naħa, il-ġbir tad-dħul mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud b’mod konformi mad-dritt applikabbli tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, id-disponibilità għall-baġit tal-Unjoni tar-riżorsi korrispondenti mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, peress li kwalunkwe nuqqas fil-ġbir tal-ewwel waħda jista’ potenzjalment iwassal għal tnaqqis fit-tieni waħda;

92. Jilqa’ pożittivament il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Hercule III għall-promozzjoni ta’ attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (COM(2011)0914), li se jkun is-suċċessur tal-programm Hercule II, li l-valutazzjoni ta’ nofs it-terminu tiegħu xehdet għall-valur miżjud tiegħu;

93. Jinnota li, għalkemm il-Kummissjoni qed tiegħu dawn l-inizjattivi pożittivi kollha, attwalment il-biċċa l-kbira tal-politiki li qed jitmexxew kontra l-korrezzjoni hi passiva; jistieden lid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni jsaħħu l-prevenzjoni tal-frodi fl-oqsma ta’ responsabilità rispettiva tagħhom;

94. Jistenna bil-ħerqa li l-Kummissjoni tressaq il-proposta leġiżlattiva dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li se jkun responsabbli biex min jagħmel ħsara għall-assi ġestiti mill-UE jew f’isimha jiġi investigat, jiġi mharrek u jinġieb quddiem il-ġustizzja, skont kif ħabbret il-Kummissjoni għal Ġunju 2013;

o

o o

([1]) Sentenza tal-15 ta’ Novembru 2011 fil-Kawża C-539/09, il-Kummissjoni vs il-Ġermanja (ĠU C 25, 28.1.2012, p. 5).

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

95. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Kumitat tas-Sorveljanza tal-OLAF u lill-OLAF.

---

P7_TA(2013)0319

## Il-qafas ta' kontroll intern integrat

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Qafas ta' Kontroll Intern Integrat (2012/2291 (INI))**

(2016/C 075/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-mudell "verifika unika" (u proposta għal qafas Komunitarju ta' kontroll intern) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-roadmap għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005) 0252),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006)0009),

— wara li kkunsidra l-ewwel rapport ta' nofs is-sena dwar l-iscoreboard għall-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas ta' kontroll intern integrat ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006)1009), skont talba tal-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tas-sena finanzjarja 2004 ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport interim ta' progress tal-Kummissjoni ippubblikat f'Marzu 2007 (COM(2007)0086), li jiddeskrivi l-progress u li jħabbar xi azzjonijiet addizzjonali,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni fi Frar 2008 (COM(2008)0110) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni annessa magħha (SEC(2008)0259),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni fi Frar 2009 dwar ir-rapport tal-impatt dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2009)0043),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0189/2013),

A. billi skont l-Artikolu 317 tat-TFUE, il-Kummissjoni timplimenta l-baġit fuq ir-responsabbiltà tagħha stess, fuq il-bażi tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja soda, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri;

B. billi skont it-Trattat, il-Kummissjoni fl-aħħar mill-aħħar għandha d-dmir li timplimenta l-baġit tal-Unjoni, minkejja li responsabbiltà kbira hija f'idejn l-Istati Membri, fejn 80 % tal-baġit tal-Unjoni jintefqu taħt is-sistema ta' ġestjoni maqsuma mill-Istati Membri;

C. billi l-prinċipju ta' kontroll intern effettiv huwa wieħed mill-prinċipji baġitarji stipulati fir-Regolament Finanzjarju bħala segwitu tal-emenda tiegħu permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006, kif propost mill-Kummissjoni fil-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq;

---

([1]) ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 340, 6.12.2006, p. 3.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

D. billi l-aktar mezzi effettivi għall-Kummissjoni sabiex turi li hija tassew impenjata li tiżgura trasparenza u tmexxija finanzjarja soda huwa li tagħmel kull ma tista' biex tappoġġja miżuri li jfittxu li jtejbu l-kwalità tat-tmexxija finanzjarja, bil-ħsieb li tinkiseb dikjarazzjoni ta' aċċertament pożittiva (DAS ([1])) mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA);

E. billi l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jerġgħu jiksbu l-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fil-prestazzjoni finanzjarja tal-Unjoni;

F. billi sabiex jiġi appoġġjat l-objettiv strateġiku li wieħed jirċievi dikjarazzjoni ta' assikurazzjoni pożittiva mill-QEA, il-Kummissjoni adottat, f'Jannar tal-2006, il-pjan ta' azzjoni lejn qafas ta' kontroll intern integrat (il-"Pjan ta' Azzjoni"), li jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA ([2]), ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-kwittanza fir-rigward tas-sena finanzjarja 2003 ([3]) u l-konklużjonijiet tal-ECOFIN tat-8 ta' Novembru 2005;

G. billi f'dak iż-żmien il-Pjan ta' Azzjoni indirizza "lakuni" fl-istrutturi ta' kontroll tal-Kummissjoni u identifika 16-il qasam għal azzjoni sal-aħħar tal-2007, filwaqt li kien ikkunsidrat il-fatt li titjib tat-tmexxija finanzjarja fl-Unjoni għandu jkun appoġġjat minn monitoraġġ mill-qrib tal-kontrolli fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri;

*Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni*

1. Jirrimarka li l-progress li sar fil-kisba tal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni għandu jitkejjel mhux biss mill-kisba ta' kull azzjoni, iżda wkoll mill-impatt tiegħu fuq it-tnaqqis tal-iżbalji fit-tranżazzjonijiet sottostanti;

2. Jinnota li l-Kummissjoni stess iddikjarat li l-Pjan ta' Azzjoni tlesta għal kollox fil-bidu tal-2009, għalkemm tlieta mis-sittax-il azzjoni oriġinali ma setgħux jiġu implimentati jew kienu qed isiru b'modi oħra;

3. Jirrimarka b'mod partikolari li l-Artikolu 32 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid jistabbilixxi l-prinċipju ta' kontroll intern effettiv u effiċjenti, u li l-Artikolu 33 tal-istess Regolament jistabbilixxi li meta tippreżenta proposti għal infiq riveduti jew ġodda, il-Kummissjoni għandha tagħmel stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tas-sistema ta' kontroll kif ukoll ir-riskju ta' żball;

4. Isostni wkoll li, fir-rigward tal-kunċett ta' "livell tollerabbli ta' riskju", saret għażla li titlesta din l-azzjoni billi jiġi definit il-kunċett ta' "riskju residwu ta' żbalji";

5. Jikkundanna l-fatt li s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-2007-2013 ma kinitx daqshekk estensiva bħal ma kien ġie ttamat;

6. Jikkundanna l-fatt li l-impenn tal-Kummissjoni li tilħaq DAS pożittiva b'mod sħiħ ma ġiex sodisfatt, u jirrimarka b'mod partikolari li, fid-dikjarazzjoni tagħha tal-2011 tar-rapport ta' assigurazzjoni, il-Qorti kkonkludiet li l-pagamenti ġenerali kienu materjalment milquta minn żbalji u vvalutat li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll kienu b'mod ġenerali parzjalment effettivi;

7. Jinnota li r-rata ġenerali ta' żbalji għat-tranżazzjonijiet sottostanti żdiedet fl-2010 minn 3.3 % għal 3.7 % u fl-2011 żdiedet għal 3.9 %; jiddispjaċih dwar il-fatt li x-xejra pożittiva osservata fis-snin preċedenti nqelbet u jibża' li r-rata ta' żbalji se tiżdied fis-snin futuri;

8. Jinnota li l-Kummissjoni żammet l-għan tagħha li tikseb DAS pożittiva, filwaqt li l-Parlament ikkundanna bil-kbir, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-2011, il-fatt li l-pagamenti jibqgħu materjalment milquta minn żbalji;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tikseb xejra ta' tnaqqis konsistenti fir-rata ta' żbalji;

([1]) Taqsira tat-terminu Franċiż "Déclaration d'assurance".
([2]) Opinjoni Nru 2/2004 (l-Opinjoni tal-"Verifika Unika").
([3]) ĠU L 196, 27.7.2005, p. 4.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

*X'inhu ħażin?*

10. Jaqbel mal-fehmiet tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Kummissjoni [1] fir-rigward tal-fatt li l-iskema ta' verifika unika għadha ma taħdimx u li s-sistemi ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri bħalissa mhumiex jiffunzjonaw bil-potenzjal sħiħ tagħhom;

11. Ifakkar, f'dan ir-rigward, li fl-2011, fil-qasam tal-politika reġjonali, għal aktar minn 60 % tal-iżbalji identifikati mill-Qorti tal-Awdituri, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni biex jidentifikaw u jikkoreġu xi wħud mill-iżbalji qabel ma jistaqsu għall-ħlas lura mill-Kummissjoni;

12. F'dan ir-rigward jaqbel mal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontrolli tal-ewwel livell, bħall-ġestjoni u s-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri, m'humiex suffiċjenti; li jirriżulta f'piż konsiderevolment għoli biex titbaxxa r-rata tal-iżbalji;

13. Jinnota li regoli kumplessi u mhux trasparenti jxekklu l-implimentati u l-verifika tal-programmi; huwa mħasseb li dan jista' jwassal għal ħafna żbalji u joffri opportunità għall-frodi; hu għalhekk imħasseb li żieda fil-kumplessità tar-regoli fil-livell nazzjonali jew reġjonali ("gold-plating") tirriżulta f'iktar problemi għall-implimentazzjoni legali tal-baġit tal-Unjoni u f'żieda żejda tar-rata tal-iżbalji;

14. Jinnota li l-Kummissjoni ma tistax tistrieħ b'mod sħiħ fuq ir-riżultati tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar tal-Istati Membri;

15. Jinnota li teżisti diskrepanza fundamentali bejn il-Qorti tal-Awdituri, li, fl-awditi tad-DAS, tapplika approċċ annwali, u l-Kummissjoni, li, fl-implimentazzjoni tal-baġit, tapplika approċċ pluriennali;

*X'għandu jsir?*

16. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika b'mod strett l-Artikolu 32(5) tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid jekk il-livell ta' żball ikun persistentement għoli, u konsegwentement biex tidentifika d-dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll, tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' miżuri korrettivi possibbli u tieħu jew tipproponi l-azzjoni xierqa f'termini ta' simplifikazzjoni, titjib ta' sistemi ta' kontroll u tfassil mill-ġdid ta' programmi jew sistemi ta' twassil;

17. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tagħhom u b'mod partikolari jiżguraw l-affidabbiltà tal-indikaturi u l-istatistiċi tagħhom;

18. Jinnota bi tħassib li fl-2010 u l-2011, fil-politika reġjonali, il-Qorti tal-Awdituri sabet li l-Kummissjoni ma tistax toqgħod u tistrieħ b'mod sħiħ fuq il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali ta' verifika, u jistieden lill-Istati Membri biex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni;

19. Jistieden lill-Istati Membri jassumu responsabilità sħiħa għall-kontijiet tagħhom u jissottomettu dejta affidabbli lill-Kummissjoni billi jużaw dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' mmaniġġjar iffirmati fil-livell politiku xieraq;

20. Jistieden lill-Kummissjoni timmotiva lill-Istati Membri biex jikkooperaw sabiex il-flus tal-kontribwenti jintużaw skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda, jew permezz ta' benefiċċji xierqa jew permezz ta' sanzjonijiet stretti jew is-sospensjoni tal-likwidità; jiddikjara li dan jgħin sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fl-UE u fl-istituzzjonijiet tagħha;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex tarmonizza l-proċeduri ta' kontroll kollha fi ħdan id-dipartimenti tagħha;

22. Jinnota bi tħassib li n-nuqqasijiet fil-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali żvelati mill-Qorti tal-Awdituri jistgħu wkoll ikunu r-riżultat ta' difett u kunflitt ta' interess inerenti tas-sistema ta' ġestjoni maqsuma [2] hekk kif sabiex jiksbu status ta' verifika unika mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet ta' verifika nazzjonali jeħtieġ li jkunu effettivi filwaqt li fl-istess ħin ir-rata ta' żbalji rrappurtata għandha tkun taħt it-2 %, li tista' tkun inċentiv biex ma jiġux irrapportati l-irregolaritajiet kollha;

(1) Kontribut minn Kersti KALJULAID u Manfred KRAFF matul is-seduta dwar il-qafas integrat ta' kontroll intern organizzata mill-CONT fit-22 ta' April 2013.
(2) Kontribut minn Kersti KALJULAID matul is-seduta dwar il-qafas integrat ta' kontroll intern organizzata mill-CONT fit-22 ta' April 2013.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

23. Jistieden lill-Kummissjoni, konsegwentement, tkun aktar rigoruża meta tiċċertifika l-awtoritajiet ta' verifika u ġestjoni nazzjonali u biex tistabbilixxi l-inċentivi t-tajbin u sistema effettiva ta' sanzjonijiet;

24. Jitlob għalhekk, skont l-Artikolu 287(3) tat-TFUE, li, b'rabta mal-awditjar tal-ġestjoni maqsuma, tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' awditjar u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

25. Jistieden lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE biex jerġgħu jikkunsidraw jekk ir-rata ta' żbalji ta' 2 % hijiex stabbilita b'mod adegwat u jekk hijiex limitu li jista' jintlaħaq għall-oqsma kollha tal-politika tal-UE;

26. F'dan il-kuntest, iqajjem dubji serji dwar l-utilità tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, peress li, minħabba l-kumplessità tal-implimentazzjoni tal-baġit fil-qasam tal-ġestjoni maqsuma, hemm ukoll id-dmir maqsum tal-legalità u r-regolarità tal-amministrazzjoni tal-baġit bejn il-Kummissjoni l-Istati Membri, u bejn il-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet reġjonali, billi d-dmir politiku għadu f'idem il-Kummissjoni;

27. Hu għalhekk tal-opinjoni li, fil-kuntest tar-reviżjoni futura tat-Trattat tal-UE, il-kunċett tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għandu jerġa' jiġi kkunsidrat;

*Segwitu dwar il-kwittanza tal-2011 lill-Kummissjoni*

28. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex joħorġu dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni nazzjonali fil-livell politiku xieraq u jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi mudell għal dikjarazzjonijiet bħal dawn;

29. Iqis li l-prinċipju ta' dikjarazzjoni ta' ġestjoni nazzjonali obbligatorja għandu jiġi inkorporat fil-ftehim interistituzzjonali li jakkumpanja d-deċiżjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali;

30. Jirrimarka li "n-nuqqas kontinwu ta' sistema kredibbli ta' dikjarazzjonijiet nazzjonali se tkompli żżomm lura l-kunfidenza u l-fiduċja li ċ-ċittadini tal-UE jistgħu jkollhom fil-makroflus u l-flus tal-UE u fl-amministraturi tal-flus tal-UE" ([1]);

31. Ifakkar li l-ewwel tliet azzjonijiet prijoritarji meħtieġa li Parlament talab min-naħa tal-Kummissjoni fl-għoti ta' kwittanza għas-sena 2011 għandhom l-għan li jlestu t-triq għal aktar progress fil-kwistjoni tad-DAS;

32. Ifakkar b'mod partikolari li l-Kummissjoni għandha tadotta kull sena, għall-ewwel darba f'Settembru 2013, komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri bil-ħsieb li jsiru pubbliċi l-ammonti kollha f'termini nominali rkuprati fis-sena ta' qabel permezz ta' korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji għall-modi kollha ta' ġestjoni fil-livell tal-Unjoni u l-Istati Membri ([2]);

33. Jinsisti li din il-komunikazzjoni għandha tiġi ppreżentata fil-ħin sabiex tiġi eżaminata bir-reqqa mill-QEA qabel ma tippubblika r-rapport annwali tagħha;

34. Itenni mill-ġdid l-inkoraġġiment tiegħu lill-Kummissjoni biex tagħmel progress fl-iżvelar ta' dejta aktar preċiża u affidabbli dwar l-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji u biex tippreżenta tagħrif li jirrikonċilja kemm jista' jkun is-sena li fiha jkun sar il-ħlas, is-sena li fiha jkun inkixef l-iżball relatat u s-sena fejn l-irkupri jew il-korrezzjonijiet finanzjarji jkunu żvelati fin-noti tal-kontijiet ([3]);

35. Jirrimarka li l-azzjonijiet kollha li jittieħdu sabiex jitnaqqsu r-rati ta' żbalji għandhom jiġu akkumpanjati minn kultura ġdida ta' prestazzjoni; is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jiddefinixxu fil-pjan ta' ġestjoni tagħhom numru ta' miri u indikaturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Qorti tal-Awdituri f'termini ta' rilevanza, komparabbiltà u affidabbiltà; fir-rapporti ta' attività annwali tagħhom, is-servizzi għandhom ikejlu l-prestazzjoni tagħhom billi jesprimu fil-qosor ir-riżultati miksuba meta jikkontribwixxu għall-politiki ewlenin segwiti mill-Kummissjoni; din il-prestazzjoni "dipartimentali" għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni globali tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni fir-rapport ta' valutazzjoni previst fl-Artikolu 318 tat-TFUE ([4]);

---

([1]) Kontribut minn Jules Muis fl-istess seduta ta' smigħ.
([2]) Riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni li tingħata l-kwittanza tal-2011 lill-Kummissjoni, punt 1a (ĠU L 308, 16.11.2013, p. 27).
([3]) Riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni li tingħata l-kwittanza tal-2011 lill-Kummissjoni, punt 61.
([4]) Riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni li tingħata l-kwittanza tal-2011 lill-Kummissjoni, punti (ab), (ae) u (af) tal-paragrafu 1.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

36. Ifakkar li l-Kummissjoni għandha tbiddel l-istruttura tar-rapport ta' valutazzjoni msemmi hawn fuq, billi tagħmel distinzjoni bejn il-politiki interni u dawk esterni u tiffoka, fit-taqsima dwar il-politiki interni, fuq l-Istrateġija Ewropa 2020 bħala l-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni; il-Kummissjoni għandha tenfasizza l-progress miksub fil-kisba tal-inizjattivi ewlenin;

37. Barra minn hekk jenfasizza li l-indikaturi tal-prestazzjoni għandhom jiġu integrati b'mod sħiħ fil-proposti kollha għall-politiki u l-programmi ġodda;

38. Jitlob li l-gwida mogħtija mill-Parlament lill-Kummissjoni fil-paragrafu 1 tar-riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-2011 fir-rigward tal-abbozzar tar-rapport ta' valutazzjoni previst fl-Artikolu 318 tat-TFUE għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim Interistituzzjonali li jakkumpanja d-deċiżjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali;

*Baġit ibbażat fuq il-prestazzjoni*

39. Jaqbel mal-fehma espressa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li ma jagħmilx sens li tipprova tkejjel il-prestazzjoni mingħajr ma jkun sar ibbaġitjar fuq il-bażi ta' indikaturi tal-prestazzjoni ([1]), u jappella għall-istabbiliment ta' mudell ta' bbaġitjar pubbliku ibbażat fuq il-prestazzjoni li fih kull linja tal-baġit hija akkumpanjata minn għanijiet u awtputs li għandhom jiġu mkejla permezz ta' indikaturi tal-prestazzjoni;

40. Jitlob lill-Kummissjoni biex twaqqaf grupp ta' ħidma magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, il-Parlament, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri bil-għan li jitqiesu l-miżuri meħtieġa li għandhom jittieħdu sabiex jintroduċu tali baġit ibbażat fuq il-prestazzjoni u jfasslu pjan ta' azzjoni skedat bil-ħin f'dan ir-rigward;

*Simplifikazzjoni*

41. Jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-leġiżlazzjoni u l-programmi ta' wara l2013 biex iżommu f'moħħhom il-ħtieġa li jiġi rispettat l-imperattiv kategoriku tas-simplifikazzjoni billi jitnaqqas in-numru ta' programmi u jiġu definiti kontrolli proporzjonati u kost-effettivi u regoli ta' eliġibbiltà u metodi tal-ispejjeż simplifikati;

o

o o

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) Kontribut minn Kersti Kaljulaid matul is-seduta dwar il-qafas integrat ta' kontroll intern organizzata mill-kumitat CONT fit-22 ta' April 2013.

P7_TA(2013)0322

# Il-programmi ta' sorveljanza tal-ANS tal-Istati Uniti, l-involviment tal-kumpaniji tal-IT, is-servizzi tal-intelligence nazzjonali u l-impatt fuq il-privatezza taċ-ċittadini tal-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-programm ta' sorveljanza tan-National Security Agency tal-Istati Uniti tal-Amerika, korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq il-privatezza taċ-ċittadini tal-UE (2013/2682(RSP))**

(2016/C 075/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru 108 tat-28 ta' Jannar 1981 għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali flimkien mal-protokoll addizzjonali tagħha tat-8 ta' Novembru 2001,

— wara li kkunsidra l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data,

— wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni għal regolament u għal direttiva dwar ir-riforma tar-reġim tal-protezzjoni tad-data fl-UE,

— wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-Assistenza Legali Reċiproka li jippermetti skambju tad-data għall-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' attivitajiet kriminali, il-Konvenzjoni dwar il-Kriminalità Ċibernetika (CETS Nru 185), il-Ftehim Safe Harbour bejn l-UE u l-Istati Uniti (2000/520/KE) u r-reviżjoni attwali tal-iskema Safe Harbour,

— wara li kkunsidra l-Patriot Act tal-Istati Uniti u l-Foreign Intelligence Surveillance Act (FISA), inkluża s-Sezzjoni 702 tal-FIS Amendment Act (FISAAA) tal-2008,

— wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin dwar ftehim qafas bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-protezzjoni tad-data personali meta din tiġi ttrasferita u pproċessata għal finijiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari dik tal-5 ta' Settembru 2001 dwar l-eżistenza ta' sistema globali għall-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet privati u kummerċjali (sistema ta' interċettazzjoni Echelon) ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew, Herman van Rompuy, tal-President tal-Parlament, Martin Schulz, tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Kummissarju għall-Ġustizzja, id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza, Viviane Reding, u tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 221.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

A. billi s-sħubija trans-Atlantika bejn l-UE u l-Istati Uniti trid tkun ibbażata fuq fiduċja u rispett reċiproċi, kooperazzjoni leali u reċiproka, u rispett tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

B. billi l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jirrispettaw il-valuri fundamentali minquxin fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

C. billi attwalment tqajmu dubji dwar kemm dawn il-prinċipji qed jiġu rrispettati, wara li rapporti li dehru fl-istampa internazzjonali f'Ġunju 2013 kixfu evidenza li, permezz ta' programmi bħal PRISM, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti qegħdin, fuq skala kbira, jiksbu u jipproċessaw id-data personali taċ-ċittadini tal-UE meta dawn tal-aħħar jużaw fornituri Amerikani ta' servizzi online;

D. billi dan id-dubju jikkonċerna mhux biss l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Uniti, imma wkoll dawk ta' bosta Stati Membri tal-UE, li skont l-istampa internazzjonali kkooperaw ma' PRISM u ma' programmi oħra simili, jew inkella kisbu aċċess għad-databasesli nħolqu;

E. billi, barra minn hekk, bosta Stati Membri għandhom programmi ta' sorveljanza ta' natura simili għal PRISM jew qed jiddiskutu t-twaqqif ta' tali programmi;

F. billi tqajmu mistoqsijiet partikolari rigward kemm hija kompatibbli mad-dritt tal-UE il-prattika, fi ħdan programm bl-isem ta' kodiċi Tempora, tal-aġenzija tal-intelligence tar-Renju Unit Government Communications Headquarters (GCHQ) li taċċedi direttament fil-cables ta' qiegħ il-baħar li jġorru l-komunikazzjoni elettronika trans-Atlantika; billi huwa rrappurtat li Stati Membri oħra jaċċedu komunikazzjonijiet elettroniċi transnazzjonali bla mandat ġudizzjajru regolari, imma abbażi ta' qrati speċjali, jikkondividu d-data ma' pajjiżi oħra (l-Isvezja), u jistgħu jtejbu l-kapaċitajiet ta' sorveljanza tagħhom (il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi); billi fi Stati Membri oħra ġew espressi preokkupazzjonijiet bi rbit mal-poteri ta' interċezzjoni tas-servizzi sigrieti (il-Polonja);

G. billi hemm indikazzjonijiet li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati u r-rappreżentanzi tal-Istati Membri ġew issoġġettati għal attivitajiet ta' sorveljanza u spjunaġġ tal-Istati Uniti;

H. billi l-Kummissarju Reding kitbet ittra lill-Avukat Ġenerali tal-Istati Uniti, Eric Holder, li fiha qajmet preokupazzjonijiet Ewropej u talbet kjarifiki u spjegazzjonijiet dwar il-programm PRISM u programmi oħrajn simili li jinvolvu l-ġbir u t-tiftix tad-data, kif ukoll dwar il-liġijiet li jistgħu jawtorizzaw l-użu ta' tali programmi; billi tweġiba sħiħa mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti għadha pendenti, minkejja d-diskussjonijiet li saru fil-laqgħa tal-Ministri għall-Ġustizzja tal-UE u l-Istati Uniti f'Dublin fl-14 ta' Ġunju 2013;

I. billi, skont il-Ftehim Safe Harbour, l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma fdati bid-dmir li jiggarantixxu s-sigurtà u l-integrità tad-data personali; billi l-kumpaniji involuti fil-każ PRISM, kif rappurtat fl-istampa internazzjonali, huma kollha partijiet fil-Ftehim Safe Harbour; billi, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-ftehim, il-Kummissjoni għandha dmir li, jekk id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ma jkunux rispettati, treġġa' lura jew tissospendi l-ftehim;

J. billi l-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-Assistenza Legali Reċiproka, kif ratifikat mill-Unjoni u mill-Kungress tal-Istati Uniti, jistipula l-modalitajiet għall-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni, kif ukoll għat-talba u l-għoti ta' assistenza fil-ksib ta' evidenza li tkun tinsab f'pajjiż wieħed bħala għajnuna f'investigazzjonijiet jew proċedimenti li jkunu qed isiru f'pajjiż ieħor;

K. billi tkun ħaġa ta' dispjaċir li kieku l-isforzi għall-konklużjoni ta' Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u Investiment (TTIP), li turi l-impenn favur tisħiħ ulterjuri tas-sħubija bejn l-UE u l-Istati Uniti, kellhom ikunu affettwati mill-allegazzjonijiet reċenti;

L. billi fl-14 ta' Ġunju 2013 il-Kummissarju Malmström ħabbret it-twaqqif ta' grupp ta' esperti miż-żewġ naħat tal-Atlantiku;

M. billi l-Kummissarju Reding kitbet lill-awtoritajiet tar-Renju Unit biex tesprimi tħassib dwar rapporti fil-midja dwar il-programm Tempora u biex titlob kjarifika dwar l-ambitu u l-operat tal-programm; billi l-awtoriajiet tar-Renju Unit iddefendew l-attivitajiet ta' sorveljanza ta' GCHQ, u sostnew li l-aġenzija topera skont linji gwida stretti u legali;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

N. billi fil-livell tal-UE qed issir riforma tal-protezzjoni tad-data, permezz tar-rieżami tad-Direttiva 95/46/KE u s-sostituzzjoni tagħha bir-Regolament Ġenerali propost dwar il-Protezzjoni tad-Data u bid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-data;

1. Jesprimi, filwaqt li jikkonferma s-sostenn kontinwu tiegħu għall-isforzi trans-Atlantiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, tħassib serju rigward PRISM u programmi oħra simili, minħabba li, jekk l-informazzjoni disponibbli sal-lum tkun ikkonfermata, dawn jistgħu jfissru vjolazzjoni serja tad-dritt taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, kif ukoll għad-dritt ta' ħajja privata u tal-familja, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, il-preżunzjoni tal-innoċenza, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-informazzjoni, u l-libertà tan-negozju;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-ispjunaġġ fuq rappreżentanzi tal-UE, minħabba li, jekk l-informazzjoni disponibbli sal-lum tkun ikkonfermata, dan jimplika vjolazzjoni serja tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi, minbarra l-impatt potenzjali tiegħu fuq ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi; jitlob kjarifika immedjata mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti dwar dan;

3. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex, mingħajr dewmien bla bżonn, jagħtu lill-UE informazzjoni kompluta dwar il-programm PRISM u programmi oħrajn simili li jinvolvu l-ġbir tad-data, b'mod partikolari rigward il-bażi legali, in-neċessità u l-proporzjonalità tagħhom u s-salvagwardji implimentati għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, bħalma huma limitazzjonijiet tal-ambitu u d-durata, kundizzjonijiet għall-aċċess, u superviżjoni indipendenti, kif previsti skont il-Konvenzjoni dwar il-Kriminalità Ċibernetika u kif mitlub mill-Kummissarju Reding fl-ittra tagħha tal-10 ta' Ġunju 2013 lill-Avukat Ġenerali Eric Holder; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jissospendu u jirrevedu kwalunkwe liġi u programm ta' sorveljanza li jiksru d-dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, is-sovranità u l-ġurisdizzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, u l-Konvenzjoni dwar il-Kriminalità Ċibernetika;

4. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħhom fid-diskussjonijiet u n-negozjati mal-Istati Uniti, sew fil-livell politiku kif ukoll f'dak tal-esperti, ħalli jilħqu l-objettivi msemmija hawn fuq, inkluża s-sospensjoni possibbli tal-ftehim dwar reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) u dwar programm għar-rintraċċar tal-finanzjament tat-terroriżmu (TFTP);

5. Jesiġi li l-grupp ta' esperti miż-żewġ naħat tal-Atlantiku, kif imħabbar mill-Kummissarju Malmström u li fih se jieħu sehem il-Parlament, jingħata livell xieraq ta' awtorizzazzjoni tas-sigurtà u aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha biex ikun jista' jaqdi l-kompitu tiegħu sewwa u fi żmien definit; jitlob ukoll li l-Parlament ikun rappreżentat b'mod adegwat f'dan il-grupp ta' esperti;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jissuktaw, mingħajr dewmien, in-negozjati rigward il-ftehim qafas dwar il-protezzjoni tad-data personali meta din tiġi ttrasferita u pproċessata għal finijiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja; jiltob li l-Kummissjoni, tul dawn in-negozjati, tiżgura li l-ftehim jissodisfa tal-anqas il-kriterji li ġejjin:

(a) li jagħti liċ-ċittadini tal-UE d-dritt għall-informazzjoni meta d-data tagħhom tiġi pproċessata fl-Istati Uniti;

(b) li jiggarantixxi li l-aċċess taċ-ċittadini tal-UE għas-sistema ġudizzjarja tal-Istati Uniti ikun ugwali għal dak li jgwadu ċ-ċittadini tal-Istati Uniti;

(c) li jagħti d-dritt għal rimedju, b'mod partikolari;

7. Jitlob li l-Kummissjoni tiżgura li la l-istandards tal-protezzjoni tad-data tal-UE u lanqas in-negozjati dwar il-pakkett attwali ta' protezzjoni tad-data ma jiddgħajfu b'riżultat tas-Sħubija Trans-Atlantika għall-Kummerċ u l-Investiment (TTIP) mal-Istati Uniti;

8. Jitlob li l-Kummissjoni twettaq rieżami sħiħ tal-Ftehim Safe Habour fid-dawl tar-rivelazzjonijiet reċenti, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-ftehim;

9. Jesprimi tħassib serju dwar ir-rivelazzjonijiet relatati mal-allegati programmi ta' sorveljanza operati mill-Istati Membri, jew bl-għajnuna tan-National Security Agency tal-Istati Uniti jew inkella unilateralment; jitlob li l-Istati Membri kollha jeżaminaw il-kompatibbiltà ta' dawn il-programmi mad-dritt primarju u sekondarju tal-UE, b'mod partikolari l-Artikolu 16 tat-TFUE dwar il-protezzjoni tad-data, u mal-obbligi tal-UE rigward id-drittijiet fundamentali derivati mill-KEDB u mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri;

10. Jisħaq fuq il-fatt li l-kumpaniji kollha li jipprovdu servizzi fl-UE jeħtiġilhom ikunu konformi mad-dritt tal-UE bla eċċezzjoni, u li huma responsabbli għal kwalunkwe vjolazzjoni;

11. Jenfasizza li l-kumpaniji li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz lill-utenti li jinsabu fl-UE għandhom jagħtuhom twissija ċara u li tingħaraf dwar il-possibbiltà li d-data personali tiġi pproċessata, fuq ordnijiet jew inġunzjonijiet sigrieti, minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-intelligence;

12. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni waqqgħet dak li kien l-Artikolu 42 tal-verżjoni tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data li nħarġet fil-pubbliku bla awtorizzazzjoni; jitlob li l-Kummissjoni tikkjarifika l-għala ddeċidiet li tagħmel hekk; jitlob li l-Kunsill isegwi l-approċċ tal-Parlament u jerġa' jdaħħal dispożizzjoni tali;

13. Jenfasizza li, fi stati miftuħa u bbażati fuq l-istat tad-dritt, iċ-ċittadini għandhom id-dritt li jsiru jafu dwar vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fundamentali tagħhom u li jikkundannaw dawk il-vjolazzjonijiet, inklużi dawk li jinvolvu lill-gvern proprju tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' proċeduri li jippermettu li whistleblowers jikxfu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll fuq il-ħtieġa li dawn il-persuni jingħataw il-protezzjoni neċessarja, inkluż fil-livell internazzjonali; jesprimi s-sostenn kontinwu tiegħu għall-ġurnaliżmu investigattiv u għall-libertà tal-midja;

14. Jitlob li l-Kunsill, b'urġenza, iħaffef fil-ħidma tiegħu rigward il-Pakkett dwar il-Protezzjoni tad-Data kollu kemm hu, u b'mod speċifiku rigward id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data;

15. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwaqqaf ekwivalent Ewropew tal-kumitati mħallta parlamentari/ġudizzjarji ta' kontroll u inkjesta dwar is-servizzi tal-intelligence li jeżistu attwalment f'uħud mill-Istati Membri;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-Kumitat tiegħu għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern biex iwettaq inkjesta fil-fond dwar il-materja, f'kollaborazzjoni ma' parlamenti nazzjonali u mal-grupp ta' esperti UE-Stati Uniti mwaqqaf mill-Kummissjoni, kif ukoll biex jagħmel rapport sal-aħħar tas-sena, billi:

(a) jiġbor l-informazzjoni u l-evidenza kollha relevanti minn sorsi sew fl-UE kif ukoll fl-Istati Uniti (kostatazzjoni tal-fatti);

(b) jinvestiga l-allegati attivitajiet ta' sorveljanza min-naħa tal-awtoritajiet tal-Istati Uniti kif ukoll kwalunkwe attività simili mwettqa minn ċerti Stati Membri (assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet)

(c) jivvaluta l-impatt tal-programmi ta' sorveljanza rigward: id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE (b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet privati, il-libertà tal-espressjoni, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt ta' rimedju effikaċi); protezzjoni reali tad-data sew fi ħdan l-UE u għaċ-ċittadini tal-Unjoni barra mill-UE, b'attenzjoni partikolari fuq l-effikaċja tad-dritt tal-UE rigward mekkaniżmi ta' extraterritorjalità; is-sikurezz tal-UE fl-era tal-cloud computing; il-valur miżjud u l-proporzjonalità ta' tali programmi fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu; id-dimensjoni esterna taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (valutazzjoni tal-validità ta' deċiżjonijiet ta' aegwatezza għal trasferimenti tal-UE lil pajjiżi terzi, bħal dawk li jsiru skont il-Ftehim Safe Harbour, ftehimiet internazzjonali u strumenti legali oħra li jipprevedu assistenza u kooperazzjoni legali) (analiżi tar-riskju u tal-ħsara);

(d) jesplora l-aktar mekkaniżmi f'lokhom għal rimedju fil-każ ta' vjolazzjonijiet konfermati (rimedju amministrattiv u ġudizzjarju u skemi ta' kumpens);

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet maħsuba biex jipprevjenu vjolazzjonijiet ulterjuri, u li jiżguraw protezzjoni kredibbli u ta' livell għoli tad-data personali taċ-ċittadini tal-UE b'mezzi adegwati, b'mod partikolari l-adozzjoni ta' pakkett sħiħ dwar il-protezzjoni tad-data (rakkomandazzjonijiet ta' politika u leġiferazzjoni);

(f) jagħmel rakkomandazzjonijiet intiżi biex isaħħu s-sigurtà tal-IT fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE permezz ta' regoli tajba tas-sigurtà għal sistemi ta' komunikazzjoni, għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat u tal-kxif jew it-telf ta' informazzjoni u data personali (korrezzjoni ta' lakuni tas-sigurtà);

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President tal-Istati Uniti, lis-Senat u lill-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Istati Uniti u lis-Segretarji tal-Istati Uniti għas-Sigurtà Interna u għall-Ġustizzja.

P7_TA(2013)0323

## It-titjib tal-modalitajiet prattiċi ta' organizzazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2014

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-titjib tal-modalitajiet prattiċi ta' organizzazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2014 (2013/2102(INI))

(2016/C 075/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 22(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunisidra l-Artikoli 11, 12(2) u 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 1976, kif emendata ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni 11 annessa mat-Trattat ta' Lisbona dwar l-Artikoli 17(6) u (7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 93/109/KE u d-Direttiva 2013/1/UE li temendaha, dwar ċeri arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqgħodu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2013 bl-isem 'Tħejjija għall-Elezzjonijiet Ewropej tal-2014: aktar titjib tat-twettiq demokratiku u effiċjenti tagħhom' (COM(2013)0126),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2013 dwar it-tisħiħ tal-kondotta demokratika u effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, indirizzata lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi Ewropej u nazzjonali (C(2013)1303),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2014 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-għamla tal-Parlament fir-rigward tal-elezzjonijiet fl-2014 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 41, 48 u 105 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0219/2013),

A. billi ġie miftiehem li l-ġranet tal-votazzjoni tal-elezzjoni jinġiebu 'l quddiem, u jkunu bejn it-22 u l-25 ta' Mejju 2014, u, għalhekk, li s-sessjoni kostitwenti tal-Parlament il-ġdid issir nhar l-1 ta' Lulju 2014;

B. billi fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew;

C. billi kull cittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni;

D. billi l-partiti politiċi fil-livell Ewropew huma atturi fl-isfera politika Ewropea; billi jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni;

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 1.) kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/81/Euratom, KEFA, KEE, (ĠU L 33, 9.2.1993, p. 15.) u b'Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1.).
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0462.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0082.

E. billi l-elezzjonijiet tal-2014 se jkunu l-ewwel li se jseħħu wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona – li jsaħħaħ b'mod sinifikanti s-setgħat tal-Parlament Ewropew, inkluż ir-rwol tiegħu fl-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni – , u b'hekk jagħtu opportunità importanti ħafna għall-adozzjoni ta' miżuri għaż-żieda tat-trasparenza tal-imsemmijin elezzjonijiet u t-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tagħhom;

F. billi jidher li l-partiti politiċi Ewropej ewlenin jinnominaw il-kandidati tagħhom stess għall-Presidenza tal-Kummissjoni, bl-aspettattiva li dawk il-kandidati jkollhom rwol ewlieni fil-kampanja elettorali tal-Parlament, b'mod partikulari billi personalment jippreżentaw il-programm politiku tagħhom fl-Istati Membri kollha tal-UE;

G. billi d-demokrazija partitika interna u standards għoljin ta' ftuħ u integrità min-naħa tal-partiti politiċi huma bażi essenzjali biex tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema politika;

H. billi s-sejba ta' soluzzjoni għall-kriżi attwali tal-governanza fl-UE tirrikjedi leġittimazzjoni demokratika ikbar tal-proċess ta' integrazzjoni;

I. billi ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom id-dritt li joħorġu għall-elezzjonijiet u li jivvutaw fl-elezzjoni tal-Parlament Ewropew ukoll meta jkunu jgħixu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom;

J. billi l-kampanji elettorali għadhom bil-fokus primarju tagħhom fuq il-kwestjonijiet nazzjonali, u jimbuttaw lura fl-isfond id-dibattitu fuq kwestjonijiet prettament Ewropej, u dan għandu impatt negattiv fuq il-livell ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew;

K. billi l-għadd ta' vutanti fl-elezzjonijiet jista' jiżdied permezz ta' kampanja politika attiva, fejn il-partiti politiċi u l-kandidati tagħhom jikkompetu għal voti u siġġijiet abbażi ta' programmi alternattivi li jindirizzaw id-dimensjoni Ewropea tal-politika;

L. billi l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika jissuġġerixxi li maġġoranza kbira lesta li tivvota jekk tkun informata aħjar dwar il-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi, il-programmi u l-kandidati tagħhom; billi l-mezzi kollha tal-midja huma mħeġġa għalhekk jagħtu attenzjoni massima lill-elezzjonijiet;

M. billi l-President tal-Kummissjoni Ewropea jiġi elett mill-Parlament fuq proposta mill-Kunsill Ewropew, li għandu jqis ir-riżultati tal-elezzjonijiet u għandu jikkonsulta lill-Parlament il-ġdid qabel ma jagħmel in-nomina/i tiegħu;

N. billi l-arranġamenti dettaljati għall-konsultazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kunsill Ewropew dwar l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni jistgħu, skont id-Dikjarazzjoni 11 annessa mat-Trattat ta' Lisbona, jiġu determinati "b'komuni akkordju";

1. Jitlob lill-partiti politiċi jiżguraw li l-ismijiet tal-kandidati magħżula biex joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu ppubblikati mill-inqas sitt ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu elettorali;

2. Jistenna li l-kandidati jimpenjaw ruħhom, jekk jiġu eletti, li jaċċettaw il-mandat tagħhom li jservu bħala Membri tal-Parlament Ewropew, sakemm ma jinħatrux f'pożizzjoni li tagħmilhom ineliġibbli skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar l-elezzjoni diretta tal-Parlament Ewropew (1976);

3. Jitlob lill-Istati Membri u lill-partijiet politiċi jippressaw għal proporzjon ogħla ta' nisa fil-listi tal-kandidati u, safejn ikun possibbli, li jħeġġu listi b'rappreżentanza ugwali;

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi jaraw li l-ismijiet u, fejn xieraq, l-emblemi tal-partiti politiċi Ewropej jidhru fuq il-karta tal-vot;

5. Jitlob lill-partiti politiċi Ewropej jaħtru l-kandidati tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni biżżejjed qabel iż-żmien tal-elezzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu kampanja sinifikanti, madwar l-Ewropa, li tkun tikkonċentra fuq kwestjonijiet Ewropej imsejsin fuq il-pjattaforma tal-partit u fuq il-programm tal-kandidat tagħhom għall-presidenza tal-Kummissjoni;

6. Jinsisti li l-partiti politiċi fil-livelli kollha jadottaw proċeduri demokratiċi u trasparenti għall-għażla tal-kandidati għall-Parlament Ewropew u għall-Presidenza tal-Kummissjoni;

7. Jitlob lill-partiti nazzjonali jinfurmaw liċ-ċittadini, qabel u matul il-kampanja elettorali, dwar l-affiljazzjoni tagħhom ma’ partit politiku Ewropew u l-appoġġ tagħhom għall-kandidat tiegħu għall-presidenza tal-Kummissjoni u għall-programm politiku tiegħu jew tagħha;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippermettu x-xandiriet politiċi min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej;

9. Jinkoraġġixxi lill-partiti politiċi Ewropej jorganizzaw diversi dibattiti pubbliċi bejn il-kandidati magħtura għall-Presidenza tal-Kummissjoni;

10. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jimplimentaw b’mod effettiv il-miżuri miftiehma ta’ assistenza liċ-ċittadini li jkunu jixtiequ jivvutaw jew joħorġu għall-elezzjoni fi Stati Membri li ma jkunux l-Istati Membri ta’ oriġini tagħhom;

11. Jitlob lill-Istati Membri jorganizzaw kampanja pubblika b’appoġġ għall-ħruġ tal-votanti bl-iskop li ma jkomplix it-tnaqqis fir-rata ta’ parteċipazzjoni;

12. Iħeġġeġ lill-partiti politiċi nazzjonali jinkludu fil-listi tagħhom tal-kandidati lil ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stati Membri li mhumiex ċittadini tagħhom;

13. Jinsisti li, bi qbil mal-Artikolu 10(2) tal-Att dwar l-elezzjoni diretta tal-Parlament Ewropew, ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat uffiċjali tal-elezzjonijiet fl-ebda Stat Membru sa qabel għeluq il-votazzjoni fl-Istat Membru li l-eletturi tiegħu ikunu l-aħħar li vvotaw nhar il-Ħadd 25 ta’ Mejju 2014;

14. Jipproponi li l-arranġamenti għall-konsultazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kunsill Ewropew dwar l-elezzjoni tal-President il-ġdid tal-Kummissjoni jkunu miftiehma bi qbil reċiproku sew qabel l-elezzjonijiet;

15. Jistenna li f’dan il-proċess, il-kandidat għal President tal-Kummissjoni li jkun tressaq mill-partit politiku Ewropew li jkun rebaħ l-akbar għadd ta’ siġġijiet fil-Parlament ikun dak li jitqies l-ewwel minħabba fl-aċċertament tal-abilità tiegħu/tagħha li jikseb l-appoġġ tal-maġġoranza assoluta neċessarja fil-Parlament;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-partiti politiċi Ewropej.

---

P7_TA(2013)0324

## Esportazzjoni ta’ armi: implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta’ Lulju 2013 dwar l-esportazzjoni tal-armi: implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK (2013/2657(RSP))**

(2016/C 075/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta’ Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta’ esportazzjonijiet ta’ teknoloġija u tagħmir militari ([1]),

— wara li kkunsidra l-proċess ta’ rieżami tal-Pożizzjoni Komuni li għaddej bħalissa fi ħdan il-Grupp ta’ Ħidma tal-Kunsill dwar l-Esportazzjoni ta’ Armi Konvenzjonali (COARM), li skont l-Artikolu 15 tagħha għandha tiġi riveduta tliet snin wara l-adozzjoni tagħha,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar is-simplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta’ prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità ([2]),

---

([1]) ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.
([2]) ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1.

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/589/PESK tat-12 ta' Lulju 2002 dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid ta' armi żgħar u r-revokazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 1999/34/PESK [1], kif ukoll l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tal-SALW u tal-munizzjon tagħhom, li ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 [2],

— wara li kkunsidra t-Tlettax [3] u l-Erbatax-il [4] Rapport Annwali tal-COARM,

— wara li kkunsidra t-Trattat Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ tal-Armi li jistabbilixxi standards komuni vinkolanti għall-kummerċ globali tal-armi konvenzjonali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2012 rigward in-negozjati dwar it-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi [5],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-esportazzjoni tal-armi jista' jkollha impatt mhux biss fuq is-sigurtà, iżda wkoll fuq l-iżvilupp, b'tali mod li huwa importanti li l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kontroll tal-esportazzjoni tat-teknoloġija u t-tagħmir militari tissaħħaħ;

B. billi l-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK tirrappreżenta qafas vinkolanti li jistabbilixxi tmien kriterji, u billi jekk ma jkunux issodisfati liċenzja għall-esportazzjoni għandha jew tiġi miċħuda (Kriterji 1-4) jew inkella tal-anqas għandu jiġu kkunisdrat jekk għandhiex tiġi miċħuda (Kriterji 5-8);

C. billi, skont l-Artikolu 3 tal-Pożizzjoni Komuni, it-tmien kriterji jiddefinixxu biss standards minimi, u huma bla preġudizzju għal miżuri aktar restrittivi tal-Istati Membri għall-kontroll tal-armi; billi d-deċiżjonijiet dwar jekk jinħargux liċenzji għall-esportazzjoni tal-armi jew le bi qbil mal-kriterji huma, f'kull każ, kompetenza tal-Istati Membri individwali;

D. billi l-Artikolu 10 tal-Pożizzjoni Komuni jiddikjara biċ-ċar li l-Istati Membri, fejn meħtieġ, jistgħu wkoll jikkunsidraw l-effett tal-esportazzjonijiet proposti fuq l-interessi ekonomiċi, soċjali, kummerċjali u industrijali tagħhom, u billi jeħtieġ li dawn il-fatturi ma jaffettwawx l-applikazzjoni tat-tmien kriterji;

E. billi skont l-Istitut Internazzjonali ta' Riċerka dwar il-Paċi ta' Stokkolma (SIPRI), l-Istati Membri tal-UE, meta jitqiesu flimkien, huma t-tieni l-akbar esportatur tal-armi fid-dinja, ftit biss wara l-Istati Uniti, u billi l-proporzjon ta' armi li qed jintbagħtu lejn pajjiżi barra l-UE qiegħda tikber;

F. billi d-destinazzjonijiet ewlenin barra l-UE tat-trasferimenti tal-armi mill-Istati Membri huma l-Lvant Nofsani, l-Amerika ta' Fuq u l-Asja; billi l-pajjiżi benefiċjarji ewlenin huma l-Arabja Sawdija, l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Emirati Għarab Magħquda;

G. billi l-industrija Ewropea tipprova tpatti għat-tnaqqis tad-domanda tad-difiża Ewropea billi tfittex li tingħatha aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi, u billi f'dan għandha l-appoġġ ta' diversi politiċi u partiti politiċi, li jqisu li dan jgħin biex isaħħaħ l-industrija tad-difiża Ewropea, l-għarfien teknoloġiku, is-sigurtà tal-provvista u ż-żamma ta' stat ta' tħejjija; billi r-riċerka u l-iżvilupp fl-industrija tad-difiża għandhom effett konsegwenzjali importanti li jikkontribwixxi għal bosta applikazzjonijiet ċivili;

H. billi sar progress sinifikanti lejn l-ilħiq ta' ftehim bejn l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tat-tmien kriterji tal-Pożizzjoni Komuni, prinċipalment permezz tal-Gwida għall-Utenti tal-Pożizzjoni Komuni, imfassla mill-COARM, li tagħti definizzjonijiet dettaljati tal-aħjar prattiki rigward l-applikazzjoni tal-kriterji;

---

(1) ĠU L 191, 19.7.2002, p. 1.
(2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 05319/2006, 13.1.2006.
(3) ĠU C 382, 30.12.2011, p. 1.
(4) ĠU C 386, 14.12.2012, p. 1.
(5) P7_TA(2012)0251.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

1. Jifraħ bil-fatt li l-UE għandha qafas vinkolanti, waħdieni fid-dinja, li permezz tiegħu il-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi qed jittejjeb, inkluż f'reġjuni fi kriżi u f'pajjiżi b'rekords problematiċi ta' drittijiet tal-bniedem, u jilqa' li fatt li, f'dan ir-rigward, pajjiżi terzi Ewropej u mhux Ewropej ingħaqdu fis-sistema ta' kontroll għall-esportazzjoni tal-armi abbażi tal-Pożizzjoni Komuni; jinnota, madankollu, li l-livell ta' rigorożità li bih it-tmien kriterji jiġu applikati u interpretati fl-Istati Membri tal-UE jvarja; jitlob, għaldaqstant, interpretazzjoni u implimentazzjoni aktar uniformi tal-Pożizzjoni Komuni bl-obbligi kollha tagħha, u jiddispjaċih li l-UE għad m'għandhiex politika komuni dwar it-trasferiment tal-armi lil pajjiżi terzi;

2. Jinsisti li m'għandux ikun hemm diskrepanzi bejn il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE u l-Pożizzjoni Komuni; iqis li huwa f'idejn l-Istati Membri u r-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni li jiżguraw il-koerenza tal-Pożizzjoni Komuni u tal-politika estera;

3. Jenfasizza d-dritt tal-Istati Membri li jimxu skont il-politiki nazzjonali tagħhom, filwaqt li jottemperaw ruħhom bis-sħiħ mad-dritt u mal-ftehimiet internazzjonali, kif ukoll mar-regoli u mal-krieterji maqbula b'mod komuni, filwaqt li din l-ottemperanza tkun ikkontrollata bi qbil mar-regolamenti nazzjonali;

4. Huwa tal-fehma li jeħtieġ li l-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali jew korpi parlamentari speċifiċi jiżguraw kontroll effikaċi fuq l-applikazzjoni u l-infurzar tal-istandards maqbula tal-Pożizzjoni Komuni fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE, kif ukoll fuq l-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll trasparenti u responsabbli;

5. Huwa tal-fehma li d-diċitura tal-Gwida għall-Utenti għandha tkun aktar akkurata u anqas soġġetta għall-interpretazzjoni, u li għandha tibqa' tiġi aġġornata meta jkun hemm bżonn;

6. Jappella biex il-kriterji tal-Pożizzjoni Komuni jiġu applikati aħjar qabel jiġu ssuġġeriti oħrajn ġodda;

7. Jirrikonoxxi r-rwol koerenti u konsistenti tal-Istati Membri tal-UE favur proċess internazzjonali biex jiġu stabbiliti regoli vinkolanti li jirregolaw il-kummerċ internazzjonali tal-armi; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq dawk il-pajjiżi li għadhom ma aderixxewx mal-ftehimiet internazzjonali;

8. Jinnota li r-rapporti annwali tal-COARM l-esportazzjonijiet tal-armi tal-Istati Membri għamluhom aktar trasparenti; jiddispjaċih, madankollu, li settijiet tad-data mhumiex kompluti u jvarjaw minħabba l-proċeduri differenti fl-Istati Membri individwali rigward il-ġbir u l-preżentazzjoni tad-data; ifakkar lill-Istati Membri biex jippreżentaw informazzjoni kompluta kull sena dwar it-trasferimenti tal-armi tagħhom lill-COARM, kif maqbul u stabbilit fil-Pożizzjoni Komuni;

9. Jappella li ssir analiżi dwar kif il-Pożizzjoni Komuni qed tiġi implimentata fis-sistemi nazzjonali; huwa tal-fehma li l-kapaċità tal-COARM li janalizza l-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi għandha tissaħħaħ;

10. Huwa tal-fehma li l-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi akkumpanjata minn lista aġġornata regolarment u disponibbli għall-pubbliku li tipprovdi informazzjoni dwar sa liema punt l-esportazzjoni lejn pajjiżi benefiċjarji partikolari tkun jew ma tkunx konformi mat-tmien kriterji;

11. Huwa tal-fehma li għandha tiġi stabbilita sistema mtejba li tippermetti skambji regolari u aġġornati ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar it-trasferimenti tal-armi lil stati li qabel kienu taħt embargo;

12. Jappella li jsir dibattitu kull sena fil-Parlament, flimkien ma' rapport annwali, dwar l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni, sabiex ikun żgurat il-grad xieraq ta' sorveljanza parlamentari u ta' trasparenza fil-livell Ewropew;

13. Jilqa' l-konklużjoni, taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) vinkolanti dwar il-kummerċ internazzjonali tal-armi konvenzjonali, li joħloq sistema internazzjonali effikaċi ta' kontroll tal-armi permezz ta' aktar trasparenza u responsabbiltà, u li jistabbilixxi l-ogħla standards internazzjonali, biex b'hekk l-użu irresponsabbli u illeċitu tal-armi konvenzjonali jsir dejjem aktar diffiċli; jirrikonoxxi r-rwol koerenti u konsistenti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-appoġġ għall-proċess internazzjonali tal-ħolqien ta' regoli vinkolanti li jirregolaw il-kummerċ internazzjonali tal-armi;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

14. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm implimentazzjoni effikaċi u kredibbli tal-ATT, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffukaw l-isforzi internazzjonali tagħhom fuq ħidma favur l-iffirmar universali u d-dħul fis-seħħ bikri tiegħu;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

---

P7_TA(2013)0325

## Il-bidu ta' negozjati dwar Ftehim Plurilaterali dwar is-Servizz

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-bidu ta' negozjati dwar Ftehim Plurilaterali dwar is-Servizzi (2013/2583(RSP))**

(2016/C 075/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport preċedenti tiegħu dwar is-servizzi, partikolarment ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċ fis-servzzi ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-istat tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA) u dwar il-futur tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), partikolarment ir-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2009 dwar il-prospetti għall-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp wara s-Seba' Konferenza Ministerjali tad-WTO ([2]) u tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ostakoli għall-kummerċ u l-investiment ([4]),

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar is-servizzi ta' interess ġenerali u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995; wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-12 ta' Marzu 2003 dwar il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) fl-ambitu tad-WTO, inkluża d-diversità kulturali ([5]),

— wara li kkunsidra l-abbozzi tad-direttivi ta' negozjati għal ftehim plurilaterali dwar il-kummerċ fis-servizzi, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija – Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020" ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew bit-titolu "Ir-Rapport tal-2012 dwar l-Ostakli għall-Kummerċ u l-Investiment" ([7]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-21 ta' April 2011 tal-President tal-Kunsill għall-Kummerċ fis-Servizzi tad-WTO, l-Ambaxxatur Fernando de Mateo, lill-Kumitat tan-Negozjati Kummerċjali tiegħu rigward is-sessjoni speċjali tan-negozjati dwar il-kummerċ fis-servizzi ([8]),

---

([1]) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 67.
([2]) ĠU C 286 E, 22.10.2010, p. 1.
([3]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 84.
([4]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 1.
([5]) ĠU C 61 E, 10.3.2004, p. 289.
([6]) COM(2010)0612.
([7]) COM(2012)0070.
([8]) TN/S/36.

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni maħruġa mill-grupp “Really Good Friends of Services” (RGF) fil-5 ta’ Lulju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi s-servizzi jirrappreżentaw kważi tliet kwarti tal-PDG u tal-impjiegi tal-UE u huma fundamentali biex tinżamm u tissaħħaħ il-kompetittività tagħha;

B. billi s-servizzi rrappreżentaw 28 % tal-esportazzjonijiet tal-UE fl-2011 u aktar minn nofs l-investiment dirett barrani tagħha fil-pajjiżi terzi mill-2011;

C. billi l-UE tiżvolġi rwol importanti fil-kummerċ fis-servizzi bħala l-akbar esportatur ta’ servizzi fid-dinja kollha, u mill-2011 tirrappreżenta 25,65 % tal-esportazzjonijiet totali ta’ servizzi fid-dinja;

D. billi l-pajjiżi kollha għandhom ikunu f’pożizzjoni li jiżviluppaw, iżommu u jirregolaw servizzi pubbliċi fl-interess ġenerali;

E. billi 129 membru tad-WTO assumew impenji fl-ambitu tal-GATS, iżda billi l-maġġoranza ta’ tali pajjiżi ma assumewx impenji fis-setturi kollha;

F. billi s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali enfasizzat iżjed minn qatt qabel ir-rwol fundamentali tas-servizzi pubbliċi fl-Unjoni Ewropea; billi f’oqsma bħalma huma l-kura tas-saħħa, il-kura tat-tfal, il-kura tal-anzjani, l-għajnuna lill-persuni b’diżabilità jew l-akkomodazzjoni soċjali, dawn is-servizzi jipprovdu xibka ta’ sigurtà essenzjali għaċ-ċittadini u jgħinu l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali; billi s-servizzi pubbliċi fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u s-servizzi tal-impjiegi jwettqu rwol ewlieni fl-aġenda tat-tkabbir u l-impjiegi;

G. billi, fl-okkażjoni tas-sitt Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret f’Ħong Kong fl-2005, bilkemm 30 pajjiż ressqu offerti ġodda ta’ servizzi, u billi n-negozjati multilaterali dwar is-servizzi ftit li xejn għamlu progress minn Lulju 2008;

H. billi, b’riżultat tal-kriżi ekonomika tal-2008 u tal-2009, ġew introdotti miżuri protezzjonistiċi ġodda biex jiġi limitat il-kummerċ fis-servizzi;

I. billi fost il-membri tal-grupp RGF fl-2012 saru t-taħditiet preliminari dwar il-format u l-istruttura tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (Trade In Services Agreement – TISA);

J. billi l-21 membru tad-WTO ([1]) li qegħdin jinnegozjaw mal-UE fil-biċċa l-kbira huma pajjiżi tal-OECD u jirrappreżentaw 70 % tal-kummerċ fis-servizzi transfruntieri globali (bl-esklużjoni tal-kummerċ fis-servizzi intra-UE) u 58 % tal-kummerċ tal-UE fis-servizzi kummerċjali; billi l-partijiet ta’ dawn in-negozjati sal-lum ma jinkludu l-ebda pajjiż BRICS, l-ebda membru tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u l-ebda pajjiż tal-Afrika, tal-Karibew jew tal-Paċifiku;

K. billi l-Kummissjoni ppreżentat l-abbozzi tad-direttivi ta’ negozjati lill-Kunsill fil-15 ta’ Frar 2013 u rċeviet mandat fit-18 ta’ Marzu 2013 biex tieħu sehem fin-negozjati tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi;

1. Iqis li s-sistema kummerċjali multilaterali, irrappreżentata mid-WTO, għadha l-aktar qafas effikaċi biex jinkiseb kummerċ miftuħ u ġust fid-dinja kollha; jaqbel, madankollu, li kienu neċessarji, fid-dawl ta’ stall rikonoxxut matul it-8 Konferenza Ministerjali tad-WTO ta’ Diċembru 2011, inizjattivi bilaterali u plurilaterali ġodda bil-għan li jagħtu impetu lin-negozjati kummerċjali f’Ġinevra; jisħaq fuq in-neċessità, madankollu, li l-inizjattivi l-ġodda kollha jibqgħu ankrati fil-qafas tad-WTO;

2. Jiddispjaċih għall-fatt li ngħatat attenzjoni skarsa lill-kummerċ fis-servizzi mill-bidu taċ-Ċiklu ta’ Doha; jenfasizza li s-servizzi jirrappreżentaw is-sinsla tal-ekonomiji u tal-kummerċ fis-seklu 21, peress li n-nibta ta’ katini ta’ valur globali tiddependi fuq il-provvista tas-servizzi; jenfasizza l-importanza ta’ servizzi ta’ interess ġenerali sabiex jiġu offruti xbieki ta’ protezzjoni fundamentali għaċ-ċittadini u għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali fil-livell muniċipali, reġjonali, statali u tal-Unjoni Ewropea;

([1]) Awstralja, Ċilì, Ċina, Ġappun, Ħong Kong, Iżrael, Kanada, Kolombja, Korea, Kosta Rika, Messiku, New Zealand, Norveġja, Pakistan, Panama, Paragwaj, Perù, Stati Uniti, Svizzera, Tajwan u Turkija.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

3. Jiddeplora l-fatt li l-listi ta' impenji tal-GATS meħuda mill-partijiet kontraenti fid-WTO saru antikwati u ma jirriflettux il-livell effettiv ta' restrizzjonijiet għall-kummerċ fis-servizzi f'dawn il-pajjiżi, speċjalment dawk li wettqu liberalizzazzjoni awtonoma sostanzjali, u li l-membri tad-WTO għadhom juru livelli differenti ħafna u ftit ċari ta' liberalizzazzjoni u ta' dixxiplina fl-impenji tagħhom rigward il-kummerċ fis-servizzi;

4. Jilqa' pożittivamnet il-ftuħ tan-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi u l-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'dawn it-taħditiet sa mill-bidu biex tkun tista' tippromwovi l-interessi tal-UE u tiddefendi l-pożizzjonijiet tagħha dwar il-format u l-istruttura tal-ftehim; jemmen li l-parteċipazzjoni tal-UE tista' trawwem il-koerenza bejn il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi u s-sistema multilaterali kif ukoll tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-iskrutinju parlamentari adegwat tal-proċess tan-negozjati;

5. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ta mandat mingħajr ma qies l-pożizzjoni tal-Parlament;

6. Ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha li żżomm lill-Parlament informat immedjatament u totalment fil-fażijiet kollha tan-negozjati (qabel u wara ċ-ċikli ta' negozjati);

7. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li n-negozjati tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi jitmexxew skont ir-regoli tad-WTO dwar it-trasparenza u jiġu kkomunikati lill-membri kollha tad-WTO b'mod li jkun f'waqtu u informattiv għal kollox;

8. Jemmen li għadha ma ntlaħqitx massa kritika li tkun tippermetti l-estensjoni tal-benefiċċji ta' dan il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi tal-futur lill-membri kollha tad-WTO u li konsegwentement il-klawsola tan-nazzjon l-aktar iffavorit tal-GATS ([1]) ma għandhiex tapplika għat-TISA;

9. Josserva madankollu bi tħassib li fost il-partijiet tan-negozjati ma hemmx is-swieq emerġenti (għajr għat-Turkija), partikolarment il-pajjiżi BRICS, fejn qegħdin jiżdiedu l-kummerċ u l-investimenti fil-qasam tas-servizzi u fejn jinsabu l-ostakli maġġuri, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mal-investimenti barranin; jistieden, għalhekk, liċ-Ċina u lill-ekonomiji emerġenti l-oħra jipparteċipaw fin-negozjati;

10. Huwa tal-fehma li jekk tinżamm miftuħa l-possibilità li pajjiżi oħrajn, inklużi l-ekonomiji emerġenti, jipparteċipaw f'dawn in-negozjati, dan ma għandux jikkawża tnaqqis tal-livell ta' ambizzjoni ta' dan il-ftehim, billi grad għoli ta' liberalizzazzjoni u ta' konverġenza tad-dixxiplini biss ikun jista' jikkonvinċi lil dawn il-pajjiżi jieħdu sehem fin-negozjati;

11. Jirrakkomanda li, bil-għan li tinżamm miftuħa l-possibilità li l-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi tal-futur isir multilaterali, il-konfigurazzjoni tiegħu għandha ssegwi l-format u l-istruttura GATS, inkluż il-kunċett tal-lista pożittiva tal-impenji, u tadotta d-definizzjonijiet u l-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-GATS, kif ukoll ir-regoli tiegħu dwar it-trattament nazzjonali, l-aċċess għas-swieq u d-dixxiplini;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffurmula proposta tal-bidu simili għall-aħħar proposta ta' lista tal-GATS u timmira għal dawn l-objettivi li ġejjin fin-negozjati dwar l-impenji fil-qasam tal-aċċess għas-suq:

— tiżgura kundizzjonijiet ta' parità aħjar billi tnaqqas l-iżbilanċi tal-impenji fil-GATS bejn il-partijiet, is-setturi u l-metodi;

— tippromwovi aġenda ambizzjuża għall-interessi offensivi tal-UE, partikolarment fir-rigward tas-servizzi lill-impriżi, tas-servizzi ICT, tas-servizzi finanzjarji u ġuridiċi, tal-kummerċ elettroniku, tas-servizzi tat-trasport marittimu u bl-ajru, tas-servizzi ambjentali u tal-kostruzzjoni; tiddefendi l-interessi tal-UE fis-swieq tal-pajjiżi terzi filwaqt li fil-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi tiddaħħal l-konċessjoni prudenzjali tal-GATS li tippermetti lill-pajjiżi parteċipanti jwettqu regolamentazzjoni nazzjonali tas-swieq finanzjarji u tal-prodotti għal skopijiet prudenzjali; tagħmel appell li l-konċessjoni prudenzjali tal-GATS għas-servizzi finanzjarji tiddaħħal fil-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi bil-għan li l-partijiet tal-ftehim ikunu jistgħu jieħdu miżuri minħabba raġunijiet prudenzjali, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi;

([1]) Artikolu II tal-GATS.

— tiddefendi s-sensittivitajiet Ewropej rigward is-servizzi pubbliċi u s-servizzi ta' interess ġenerali (kif definit fit-Trattati tal-UE), fl-oqsma tal-edukazzjoni pubblika, tas-saħħa pubblika, tal-provvista tal-ilma u tal-ġestjoni tal-iskart u ma tkomplix, bħal fil-każ tal-GATS u tal-ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles, tassumi impenji fir-rigward tas-servizzi awdjoviżivi jew tas-servizzi kulturali;

— tipprevjeni l-impenji u r-regoli dwar is-servizzi finanzjarji li jkunu jikkontradixxu miżuri reċenti biex jiġu rregolati s-swieq u l-prodotti finanzjarji;

— tadotta approċċ kawt għall-offerti skambjati fil-"Modalità 4", filwaqt li żżomm quddiem għajnejha li l-UE għandha interessi offensivi fil-ħaddiema b'ħiliet ta' livell għoli u li l-UE, l-ewwel u qabel kollox, għandha tafferma mill-ġdid, fil-qafas tat-TISA, li l-moviment temporanju ta' persuni fiżiċi bil-għan li joffru servizz skont il-Modalità 4 jrid ikun konformi mad-drittijiet nazzjonali fil-qasam tax-xogħol u dak soċjali u mal-ftehimiet kollettivi, u li, bħal fil-qafas tal-GATS, l-ebda Parti m'għandha tinżamm milli tapplika miżuri biex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi fit-territorju tagħha, dment li tali miżuri ma jġibux fix-xejn il-benefiċċji li jirriżultaw mill-impenji tal-Partijiet;

— iżżomm pożizzjoni newtrali dwar in-natura pubblika jew privata tal-proprjetà tal-operaturi ekonomiċi koperti mill-impenji;

— tiggarantixxi li kwalunkwe liberalizzazzjoni tal-flussi ta' data tkun totalment konsistenti mal-acquis tal-UE fir-rigward tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data;

13. Jinnota li l-UE diġà kkonkudiet, jew qiegħda fil-proċess li tinnegozja, ftehimiet kummerċjali bilaterali ma' wħud mis-sħab fin-negozjati tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (inkluż il-Ġappun u dalwaqt anki l-Istati Uniti), li jinkludu kapitoli importanti dwar is-servizzi, li fihom jiġu ttrattati aħjar il-kwistjonijiet bilaterali speċifiċi ta' kull pajjiż; jemmen li, f'termini ta' aċċess għas-suq, l-interess tal-UE f'dawn in-negozjati jikkorrispondi għal dak tas-sħab l-oħra (eż. l-Awstralja, in-New Zealand, il-Messiku, it-Tajwan u t-Turkija);

14. Jisħaq fuq il-fatt li l-inklużjoni tal-prinċipji ta' "standstill" u "ratchet" fil-listi għandha tippermetti li l-impenji tal-partijiet jiġu vinkolati mal-livelli attwali u tippermetti ftuħ progressiv ulterjuri;

15. Jemmen li l-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi għandu jinvolvi dixxiplini regolatorji aktar inċiżivi fl-oqsma tat-trasparenza, tal-kompetizzjoni, tar-rekwiżiti għall-ħruġ tal-liċenzji u tar-regolamentazzjonijiet settorjali, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull pajjiż li jadotta regolamenti debitament ġustifikati minħabba raġunijiet ta' politika pubblika ([1]);

16. Iqis bħala essenzjali li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżommu l-possibilità li jippreservaw u jiżviluppaw il-politiki kulturali u awdjoviżivi tagħhom, u li jagħmlu dan fil-qafas tal-liġijiet, l-istandards u l-ftehimiet tagħhom; jilqa' b'sodisfazzjon, għalhekk, l-esklużjoni min-naħa tal-Kunsill tas-servizzi kulturali u awdjoviżivi mill-mandat tan-negozjar;

17. Jenfasizza li dan in-negozjat jirrappreżenta opportunità biex jitjiebu r-regoli fil-qasam tal-akkwist pubbliku ([2]) u tas-sussidji ([3]) fis-settur tas-servizzi, li fuqhom in-negozjati GATS qegħdin f'fażi ta' stall;

18. Huwa tal-fehma li l-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi għandu jinkludi klawsola ta' adeżjoni, dispożizzjonijiet li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-"multilateralizzazzjoni" tal-ftehim għall-membri kollha tad-WTO, kif ukoll mekkaniżmu speċifiku għas-soluzzjoni tat-tilwim, mingħajr preġudizzju għall-possibilità ta' rikors għall-mekkaniżmu ġenerali għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO;

19. Josserva li l-mandat għan-negozjar tal-UE ġie propost mill-Kummissjoni u adottat mill-Kunsill mingħajr l-ebda valutazzjoni tal-impatt; jinsisti li l-Kummissjoni ssegwi l-intenzjoni tagħha li tħejji valutazzjoni tal-impatt fuq is-sostenibilità u li teħtieġ li tagħmel dan f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti fir-rigward tat-tħassib soċjali, ambjentali u ta' xorta oħra; jitlob lill-Kummissjoni tippubblika l-valutazzjoni tal-impatt fuq is-sostenibilità bil-għan li tikkunsidra l-konklużjonijiet tagħha fin-negozjati;

---

([1]) Artikoli XIV u XIV bis tal-GATS.
([2]) Artikolu XIII tal-GATS.
([3]) Artikolu XV tal-GATS.

**Il-Ħamis 4 ta’ Lulju 2013**

20. Iqis li t-terminu ta’ sentejn għall-konklużjoni ta’ negozjati bħal dawn huwa ferm ambizzjuż iżda jikkondividi l-opinjoni li tali ftehim għandu jintlaħaq mill-aktar fis possibbli, bil-patt li jintlaħqu l-objettivi msemmijin hawn fuq; jenfasizza li l-kwalità għandha tkun prevalenti fuq iż-żmien, u jinsisti li n-negozjati għandhom ikunu trasparenti u għandhom jipprovdu l-ispazju u ż-żmien meħtieġa għal dibattitu pubbliku u parlamentari infurmat;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P7_TA(2013)0326

## Żieda fid-dazji imposti fin-Norveġja fuq prodotti agrikoli

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta’ Lulju 2013 dwar iż-żieda fid-dazji imposti fin-Norveġja fuq prodotti agrikoli (2013/2547(RSP))

(2016/C 075/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE),

— wara li kkunsidra l-Ftehim fil-forma tal-Iskambju ta’ Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim Bilaterali) ([1]),

— wara li kkunsidra pożizzjoni tiegħu tat-13 ta’ Settembru 2011 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra l-ittra tad-9 ta’ Marzu 2011 mingħand il-Ministru tal-Kummerċ u l-Industrija tan-Norveġja indirizzata lill-Kummissarju għas-Suq Intern u s-Servizzi, dwar l-Att dwar is-Suq Uniku,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-38 laqgħa tal-Kunsill ŻEE tas-26 ta’ Novembru 2012,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar “Żieda sinifikanti fid-dazji imposti fin-Norveġja fuq prodotti agrikoli” (O-000048/2013 – B7-0210/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim ŻEE, “Il-partijiet kontraenti jintrabtu li jissoktaw bl-isforzi tagħhom bil-għan li jiksbu liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ agrikolu ta’ bejniethom”;

B. billi l-Ftehim ŻEE jagħti l-bażi għal aċċess indaqs għas-suq intern lin-Norveġja u billi l-partijiet tal-Ftehim ŻEE sabu li l-Ftehim joffri vantaġġ reċiproku;

C. billi, ġeneralment, ir-relazzjonijiet ekonomiċi u politiċi bejn l-UE u n-Norveġja huma fi stat eċċellenti; billi d-differenzi emerġenti fost is-sħab għandhom ikunu ttrattati fil-forma ta’ djalogu;

D. billi l-Ftehim Bilaterali fis-seħħ minn Jannar 2012 ġedded il-qafas ġuridiku preferenzjali, reċiproku u li joħloq benefiċċju reċiproku għal preferenzi kummerċjali fir-rigward ta’ prodotti agrikolu, inklużi l-laħam u l-prodotti tal-ħalib;

---

([1]) ĠU L 327, 9.12.2011, p. 2.
([2]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 168.

E. billi permezz ta' dak il-ftehim, l-UE u r-Renju tan-Norveġja estendew il-liberalizzazzjoni reċiproka tal-kummerċ fil-prodotti agrikolu, billi jipprovdu aċċess għal eżenzjoni mid-dazju, joħloq kwoti tariffarji u jnaqqas id-dazji fuq l-importazzjoni għal varjetà kbira ta' prodotti agrikoli;

F. billi mill-1 ta' Jannar 2013, l-esportaturi Ewropej ta' ċerti ġobnijiet u laħam tal-ħaruf u taċ-ċanga ħabbtu wiċċhom ma' dazji *ad valorem* ta' 277 %, 429 % u 344 % rispettivament fis-suq Norveġiż; billi din il-miżura segwiet l-impożizzjoni ta' dazju ġdid ta' 72 % fuq l-importazzjoni għall-fjuri hydrangea (hortensia);

G. billi dawn il-miżuri, minkejja li huma permessi fl-iskeda Norveġiża tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, imorru kontra l-kunċett u l-ispirtu tal-Ftehim Bilaterali, b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu, li jiddikjara li 'Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-benefiċċji li huma jagħtu lil xulxin ma jkunux ipperikolati minn miżuri ta' importazzjoni restrittivi oħra';

H. billi t-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-indikaturi tal-inflazzjoni ma juru l-ebda ħjiel ta' impatt negattiv tal-kriżi ekonomika jew finanzjarja globali fuq l-ekonomija Norveġiża;

1. Jiddeplora l-miżuri reċenti imposti mill-Gvern Norveġiż, li jqis bħala protezzjonisti u projbittivi għall-kummerċ, u evidentement imorru kontra l-kunċett u l-ispirtu tal-Ftehim Bilaterali;

2. Jenfasizza li dawn il-miżuri ġew proposti mill-Gvern Norveġiż mingħajr konsultazzjoni preċedenti mal-kontropartijiet tal-UE li kienet tkun xierqa fil-kuntest tar-relazzjonijiet bilaterali b'saħħithom eżistenti bejn l-UE u n-Norveġja;

3. Jiddubita l-loġika ekonomika bħala bażi ta' dawn il-miżuri, li jista' jkollha effetti ta' tnaqqis fil-kummerċ, ħsara għall-partijiet involuti kollha u speċjalment għall-konsumaturi Norveġiżi, u fuq terminu twil għall-bdiewa Norveġiżi wkoll; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-effetti potenzjalment negattivi ta' żieda fit-tariffi fuq l-esportaturi u l-bdiew tal-UE;

4. Iħeġġeġ lill-Gvern u lill-Parlament Norveġiż jirtiraw il-miżuri;

5. Jistieden lill-Gvern Norveġiż u lill-Kummissjoni biex jieħdu nota tal-passi ambizzjużi li ħadet l-Islanda reċentement biex tilliberalizza l-kummerċ agrikolu tagħha mal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Gvern Norveġiż biex isegwi l-eżempju tagħha;

6. Jitlob lill-Gvern Norveġiż biex jaċċetta rieżami tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ŻEE, rigward il-kummerċ ta' prodotti agrikoli proċessati, sabiex jiġi valutat jekk id-dazji fuq il-prodotti msemmija hawn fuq humiex ġusti u ġustifikati;

7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli bin-negozjati mal-awtoritajiet Norveġiżi sabiex taħdem għal soluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku għall-importazzjoni/esportazzjoni ta' prodotti agrikoli;

8. Jitlob lill-Kummissjoni tispeċifika l-miżuri li biħsiebha tieħu fil-każ li n-Norveġja tirrifjuta li treġġa' lura d-deċiżjoni tagħha, b'mod partikolari fid-dawl tal-protezzjoni tal-impjiegi u l-kontribut fis-settur agrikolu tal-Unjoni, jekk ikun meħtieġ;

9. Jitlob lill-Kummissjoni tqis il-possibbiltà li tipproponi iktar azzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, bl-għan li jitneħħew il-miżuri;

10. Ifakkar fl-impenn li sar min-Norveġja lejn is-suq intern, partikolarment fil-kuntest tal-inizjattivi reċenti bħal-Att tas-Suq Uniku I u II; jindika li l-Gvern Norveġiż stess irrikonoxxa li suq uniku effiċjenti huwa s-sisien għat-tkabbir u għall-ħolqien ta' impjiegi fil-ġejjieni u li l-kriżi attwali ma għandhiex tintuża bħala skuża biex nirrikorru għal miżuri protezzjonisti u ta' distorsjoni tal-kummerċ;

11. Jesprimi t-tama tiegħu li n-Norveġja tibqa' parti integranti tas-suq intern u ma tirrikorrix għal miżuri unilaterali diżintegrattivi ulterjuri;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Gvern u l-Parlament Norveġiż u lill-istituzzjonijiet taż-Żona Ekonomika Ewropea.

---

P7_TA(2013)0327

## L-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta’ Lulju 2013 dwar l-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali (2013/2655 (RSP))**

(2016/C 075/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3(3) u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 12, 14, 26, 114(3) u 169(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur bl-isem ’Aġenda ġdida għall-Politika Ewropea tal-Konsumatur’, adottat fil-25 ta’ April 2013 (A7-0163/2013),

— wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-23 ta’ April 2013 bl-isem “*E-commerce Action plan 2012-2015 – State of play 2013*” (Pjan ta’ Azzjoni dwar il-kummerċ elettroniku 2012-2015 – Sitwazzjoni fl-2013) (SWD(2013)0153),

— wara li kkunsidra l-Istrument ta’ Valutazzjoni tas-Suq Intern tal-Kummissjoni Nru 26 tat-18 ta’ Frar 2013,

— wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Diċembru 2012 bl-isem “*Commission staff working document: The Consumer Markets Scoreboard – Making markets work for consumers – Eighth edition Part 1 – November 2012*” (Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: L-Istrument ta’ Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumaturi – Nagħmlu s-swieq jaħdmu għall-konsumatur – It-tmien edizzjoni Parti 1 *1* – Novembru 2012) (SWD(2012)0432),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta’ Diċembru 2012 dwar il-kontenut fis-Suq Uniku Diġitali (COM(2012)0789),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-18 ta’ April 2013 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-Memorandum ta’ Qbil dwar il-bejgħ ta’ oġġetti ffalsifikati fuq l-internet (COM(2013)0209),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar “L-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali” ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta’ April 2011 dwar Suq Uniku għall-Ewropej ([2]), dwar Suq Uniku għall-impriżi u t-tkabbir ([3]) u dwar il-Governanza u s-Sħubija fis-Suq Uniku ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-27 ta’ Ottubru 2010 bl-isem “Lejn Att dwar is-Suq Uniku: Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma’ xulxin” (COM(2010)0608),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0468.
([2]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 59.
([3]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 70.
([4]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 51.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "Att dwar is-Suq Uniku II – Flimkien għal tkabbir ġdid" (COM(2012)0573),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tat-13 ta' April 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "L-Att dwar is-Suq Uniku: Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja" (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2012 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (COM(2012) 0238),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2012 dwar strateġija għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tat-22 ta' Mejju 2012 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "Aġenda għall-Konsumaturi Ewropej: Spinta lill-fiduċja u lit-tkabbir" (COM(2012)0225),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2012 bl-isem "Strateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal" (COM(2012)0196),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2012 bl-isem "Strateġija għall-akkwist elettroniku" (COM(2012)0179),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2012 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-ejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali) (COM (2012)0011),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2012 bl-isem "Suq integrat għall-konsenja tal-pakketti għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku fl-UE" (COM(2012)0698),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2012 bl-isem "Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi online" (COM(2011)0942),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar strateġija ġdida għall-politika tal-konsumatur ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tad-9 ta' Novembru 2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020 (COM(2011)0707) u d-dokumenti relatati (SEC(2011)1320 u SEC (2011)1321),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2012 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku (COM(2012)0721),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 ([4]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal direttiva dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (COM(2013) 0048),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0209.
([2]) ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 25.
([3]) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.
([4]) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 9.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tas-7 ta' Frar 2013 mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà bl-isem "Strateġija ta' Sigurtà Ċibernetika tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju miftuħ mogħni b'sigurtà u sikurezza" (JOIN(2013)0001),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tas-27 ta' Settembru 2012 bl-isem "L-Isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa" (COM(2012)0529),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-14 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (COM(2011)0665),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar l-impatt tar-riklamar fuq l-imġiba tal-konsumatur ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Settembru 2010 dwar l-ikkompletar tas-suq intern għall-kummerċ elettroniku ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/45/UE tat-13 ta' Lulju 2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tar-regoli dwar il-fatturazzjoni ([3]),

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja rigward Google (Kawżi Magħquda C-236/08 sa C-238/08, sentenza tat-23 ta' Marzu 2010) u BergSpechte (Kawża C-278/08, sentenza tal-25 ta' Marzu 2010), li jiddefinixxu l-kunċett "tal-utent tal-internet normalment informat u raġonevolment attent" bħala l-konsumatur tal-internet standard,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummisjsoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-rapport Monti tad-9 ta' Mejju 2010 dwar strateġija ġdida għas-suq uniku,

— wara li kkunsidra r-rapport analitiku dwar l-attitudnijiet lejn il-bejgħ transkonfinali u l-ħarsien tal-konsumaturi, ippubblikat mill-Kummissjoni f'Marzu 2000 (*Flash Eurobarometer* Nru 282),

— wara li kkunsidra "Valutazzjoni tal-kummerċ elettroniku transkonfinali fl-UE permezz ta' xiri bil-moħbi", studju mwettaq f'isem DG SANCO tal-Kummissjoni mill-YouGovPsychonomics u ppubblikat fl-20 ta' Ottubru 2009,

— wara li jikkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-infurzar tal-acquis tal-konsumatur (COM(2009)0330),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumatur) (COM (2009)0336),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2009 dwar it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u tad-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv ([5]),

---

([1]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 58.
([2]) ĠU C 50 E, 21.2.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 189, 22.7.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
([5]) ĠU C 46 E, 24.2.2010, p. 26.

— Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-użu tal-potenzjal sħiħ tas-suq uniku diġitali huwa kruċjali biex l-Ue ssir ekonomija bbażata fuq l-għarfien iktar kompetittiva u dinamika, għall-benefiċċju kemm taċ-ċittadini kif ukoll tan-negozji tagħha; billi l-Ue għandha taġixxi mingħajr dewmien biex iżżomm il-vantaġġ kompetittiv globali tagħha, b'mod partikolari b'rabta mas-setturi ta' tkabbir għoli bħall-pjattaforma tal-Internet u l-industrija tal-applikazzjonijiet tas-softwer;

B. billi l-konnettività kullimkien, permezz ta' aċċess mingħajr ostakli għal netwerks tal-Internet broadband b'veloċità għolja, aċċess universali u ekwu għas-servizzi tal-Internet għaċ-ċittadini kollha u d-disponibilità ta' spettru ta' servizzi tal-broadband mingħajr fili, huma prerekwiżiti essenzjali għall-iżvilupp tas-suq uniku diġitali; billi żviluppi teknoloġiċi ġodda, bħall-apparat mobbli u applikazzjonijiet u ġenerazzjonijiet ġodda ta' standards mobbli, jirrikjedu netwerks ta' infrastruttura affidabbli u veloċi biex jipprovdu l-benefiċċji tagħhom liċ-ċittadini u lin-negozji;

C. billi applikazzjonijiet 'big data' huma dejjem iktar importanti għall-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, bi dħul globali mistenni ta' EUR 16-il biljun u ħolqien mistenni ta' 4,4 miljun impjieg addizzjonali sal-2016;

D. billi l-'cloud computing' għandu potenzjal ekonomiku, soċjali u kulturali kbir f'termini ta' tifdil tal-flus, qsim ta' kontenut u informazzjoni, żieda fil-kompetittività, aċċess għal informazzjoni, innovazzjoni u ħolqien tal-impjiegi; billi f'dan il-kuntest, il-ħolqien ta' servizzi mingħajr ostakli tal-gvern elettroniku, aċċessibbli permezz ta' bosta apparati, huwa ta' importanza partikolari;

E. billi l-ekonomija tal-UE għaddejja minn tibdil strutturali sinifikanti, li qed ikollu impatt fuq il-kompetittività globali u fuq is-swieq tagħha; billi l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 jitlob li tittieħed azzjoni determinata biex jiżdied il-ħolqien tal-impjiegi; billi swieq tax-xogħol dinamiċi u inklużivi huma essenzjali għall-irkupru u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE;

F. billi l-midja soċjali, il-kontenut ġenerat mill-utent, ir-"remix culture" u l-kollaborazzjoni tal-utenti qed ikollhom rwol dejjem iktar importanti fl-ekonomija diġitali; billi l-konsumeturi dejjem lesti li jħallsu iktar għal kontenut diġitali professjonali ta' kwalità għolja, sakemm ikun bi prezz raġonevoli, aċċessibbli permezz ta' bosta apparati u jista' jinġarr tul il-fruntieri;

G. billi l-aċċess għall-kontenut bi prezzijiet raġonevoli, permezz ta' faċilitajiet ta' ħlas sodi u affidabbli, għandu jżid il-fiduċja tal-konsumaturi meta dawn jaċċedu għal servizzi transkonfinali;

H. billi 99 % tan-negozji kollha tal-UE huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li jikkostitwixxu 85 % tal-impjieg fl-UE; billi l-SMEs huma għalhekk il-forza mexxejja fl-ekonomija tal-UE, b'responsabilità ewlenija għall-ħolqien tal-għana, l-impjieg u t-tkabbir, kif ukoll l-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp;

I. billi ċ-ċittadini tal-UE għandhom rwol kruċjali fil-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 ta' tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli, u billi r-rwol tal-konsumaturi għandu, għaldaqstant, ikun rikonoxxut bħala parti mill-politika ekonomika tal-UE; billi jeħtieġ li jintlaħaq il-bilanċ ideali, billi tingħata spinta lill-kompetittività tan-negozji tal-Unjoni filwaqt li jiġu mħarsa l-interessi tal-konsumaturi;

J. billi l-frammentazzjoni tas-suq uniku diġitali tipperikola l-għażla tal-konsumaturi; billi jeħtieġ li jiġu promossi l-fiduċja tal-konsumaturi, il-fiduċja tagħhom fis-suq u l-għarfien tad-drittijiet tagħhom, b'attenzjoni speċjali għall-konsumaturi vulnerabbli; billi huwa essenzjali li l-konsumaturi fl-Unjoni jiġu offruti protezzjoni aħjar f'dan li jikkonċerna l-prodotti u s-servizzi li jistgħu jipperikolawlhom is-saħħa jew is-sikurezza tagħhom;

---

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

K. billi l-iskrijning tal-Kummissjoni madwar l-UE tas-siti tal-Internet li jbiegħu kontenut diġitali bħal logħob, vidjos u tniżżil ta' mużika juri li 'l fuq minn 75 % ta' dawn is-siti ma jidhrux konformi mar-regoli ta' ħarsien tal-konsumaturi; billi d-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumatur (2011/83/UE) għall-ewwel darba tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-kontenut diġitali; billi l-Kummissjoni għandha tiġi mħeġġa tkompli tintegra regoli bħal dawn meta twettaq rieżami tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-konsumatur jew meta tipproponi leġiżlazzjoni ġdida f'dan il-qasam;

L. billi 15 % tal-popolazzjoni tal-UE f'età li taħdem (80 miljun ruħ) għandhom limiti funzjonali jew diżabilitajiet; billi l-għadd ta' siti li jipprovdu servizzi tal-gvern elettroniku u l-għadd ta' siti tas-settur pubbliku qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla; billi s-suq tal-UE tal-prodotti u l-prodotti u servizzi marbutin mal-aċċessibbiltà tal-internet huwa stmat li jammonta għal EUR 2 biljun; billi dan is-suq għadu prinċipalment frammentat u mhux żviluppat, għad-detriment mhux biss tal-konsumaturi potenzjali iżda wkoll tal-ekonomija b'mod ġenerali;

M. billi l-konsumaturi mhumiex grupp omoġenju, peress li juru differenzi konsiderevoli f'termini ta' għarfien diġitali, għarfien tad-drittijiet tal-konsumatur, determinazzjoni u rieda li jfittxu kumpens; billi n-non-diskriminazzjoni u l-aċċessibilità għandhom ukoll jitqiesu biex jingħeleb id-distakk diġitali;

***L-użu tal-potenzjal sħiħ tas-suq uniku diġitali***

1. Jenfasizza li l-isfruttar tas-suq intern permezz tad-Direttiva dwar is-Servizzi u suq uniku diġitali jista' jżid EUR 800 biljun [1] fl-ekonomija tal-UE, li huwa l-ekwivalenti ta' kważi EUR 4 200 għal kull familja [2]; jitlob lill-Istato Membri u lill-Kummissjoni jieħdu l-impenn li jiżviluppaw is-suq uniku diġitali bħala prijorità politika ġenerali, u jfasslu approċċ olistiku u strateġija ambizzjuża li tinkludi inizjattivi kemm leġiżlattivi kif ukoll politiċi sabiex jitqiesu l-iżviluppi ġodda u imminenti, biex is-suq uniku diġitali jsir realtà fil-prattika; jenfasizza li dan se jirrikjedi tmexxija politika, approċċ deċiżiv, twaqqif ta' prijoritajiet u finanzjament pubbliku fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza b'mod partikolari li tmexxija soda min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u sjieda politika ċara min-naħa tal-Istati Membri huma meħtieġa biex jiġu implimentati u infurzati bis-sħiħ u b'mod effettiv id-direttivi u r-regolamenti b'rabta mas-suq uniku;

2. Jitlob lill-Kummissjoni tindirizza l-ostakli eżistenti għas-suq uniku diġitali b'mod urġenti, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tal-qafas legali għall-VAT, l-iżgurar tal-aċċess għal servizzi pan-Ewropej siguri ta' ħlas elettroniku, irċevuti elettroniċi u fornitura elettronika, u r-reviżjoni tad-drittijiet tal-awtur sabiex jitrawwem l-aċċess għall-kontenut diġitali legali madwar l-UE; jenfasizza l-importanza li jitwaqqfu regoli ekwi għall-moviment liberu tal-prodotti u tas-servizzi, kemm fiżikament kif ukoll diġitalment;

3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-governanza tas-suq uniku diġitali, jiżguraw in-newtralità tal-internet u l-effiċjenza u l-użu intelliġenti tal-ICT bl-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq iċ-ċittadini u n-negozji; jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-għodod ta' governanza eżistenti u jfasslu approċċ koerenti għall-promozzjoni tal-użu tagħhom, inkluża s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), Solvit, L-Ewropa tiegħek u l-punti uniċi ta' kuntatt (PSCs) stabbiliti taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi;

4. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija ta' cloud computing Ewropea minħabba l-potenzjal tagħha għall-kompetittività tal-UE, għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi; jenfasizza li l-cloud computing, peress li jinvolvi spejjeż minimi għad-dħul u rekwiżiti infrastrutturali baxxi, jirrappreżenta opportunità għall-industrija tal-IT tal-UE, u, b'mod partikolari, għall-SMEs, biex jiżviluppaw u jsiru mexxejja f'oqsma bħall-esternalizzazzjoni, servizzi diġitali ġodda u ċentri tad-data;

(1) UK Department for Business Innovation and Skills, Economics Paper No 11: "The economic consequences for the UK and the EU of completing the Single Market" (Il-konsegwenzi ekonomiċi għar-Renju Unit u għall-UE tal-ikkompletar tas-Suq Uniku), February 2011.

(2) UK Department for Business Innovation and Skills, Economics Paper No 11: "The economic consequences for the UK and the EU of completing the Single Market" (Il-konsegwenzi ekonomiċi għar-Renju Unit u l-UE tal-ikkompletar tas-Suq Uniku), February 2011, u d-data tal-Eurostat dwar il-PDG tal-UE għall-2010 u n-numru ta' familji fl-UE.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

5. Jirrikonoxxi li l-'big data' u l-għarfien huma l-magna li se tmexxi l-ekonomija futura tal-UE; jilqa' l-pakkett propost tal-protezzjoni tad-data bħala mezz biex jiżdiedu l-fiduċja u t-trasparenza; jenfasizza l-bżonn li wieħed jikkunsidra l-isfidi li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni u mill-użu ta' teknoloġiji ġodda, u l-importanza li jiġi żgurat li skema modernizzata tal-UE għall-protezzjoni tad-data ssaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadini, u tqiegħed lill-UE fuq quddiem bħala mudell fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, biex b'hekk jikber is-suq intern u tinħoloq sitwazzjoni ekwa għan-negozji kollha attivi fl-UE;

6. Jenfasizza l-bżonn li jitħeġġu servizzi ġodda tal-gvern elettroniku ta' kwalità għolja billi jiġu adottati soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi bħall-akkwist elettroniku, u tiġi faċilitata b'hekk il-provvista ta' informazzjoni u servizzi; jenfasizza l-importanza tal-abbozz ta' regolament propost mill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi elettroniċi ta' trust, meta jitqies il-kontribut tiegħu għas-suq uniku diġitali permezz tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet adegwati għar-rikonoxximent reċiproku ta, u livell għoli ta' sigurtà għal protagonisti ewlenin lil hinn mill-fruntieri, pereżempju permezz ta' servizzi identifikazzjoni elettronika, dokumenti elettroniċi, firem elettroniċi u forniment elettroniku, u għal servizzi interoperabbli tal-gvern elettrpniku madwar l-Unjoni;

7. Iqis li jenħtieġu sforzi addizzjonali fir-rigward tal-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku u l-promozzjoni tal-gvern elettroniku;

8. Jenfasizza l-importanza ta' trawwim tal-innovazzjoni u l-investiment bil-kompetenzi diġitali; jenfasizza r-rwol essenzjali tal-SMEs fil-ġlieda kontra l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad taż-żgħażagħ; jitlob għal aċċess imtejjeb għall-finanzjamenti permezz ta' programmi ta' finanzjament bħal Orizzont 2020 u COSME, u għall-iżvilupp ta' vetturi u garanzija ġodda għall-investiment; jinnota b'mod partikolari li jeħtieġ li l-UE tikseb mill-ġdid ir-rwoll ta' mexxejja globali tagħha fl-oqsma tat-teknoloġija mobbli u tal-apparat intelliġenti (*smart devices*);

9. Jenfasizza l-bżonn li jitħeġġu investimenti fuq skala kbira f'netwerks fissi u mobbli biex l-UE titqiegħed fuq quddiem nett fl-iżvilupp tat-teknoloġija globali, u ċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet offruti mir-revoluzzjoni diġitali;

10. Jiddispjaċih ħafna dwar il-fatt li bosta Stati Membri ma rnexxielhomx jilħqu l-iskadenza tal-1 ta' Jannar 2013 biex jallokaw l-ispettru tad-'dividend diġitali' fil-medda ta' 800MHz lis-servizzi broadband mobbli, kif stipulat fil-Programm tal-politika tal-ispettru tar-radju; jenfasizza li dan id-dewmien ostakola l-ħruġ ta' netwerks 4G fl-UE; jitlob għalhekk lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-medda ta' 800 MHz issir disponibbli għas-servizzi broadband mobbli, u lill-Kummissjoni biex tuża s-setgħat kollha tagħha biex tiżgura l-implimentazzjoni veloċi;

11. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq pakkett ġdid dwar it-telekomunikazzjonijiet sabiex tindirizza l-frammentazzjoni tas-suq fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet, inklużi miżuri biex jiġu eliminati t-tariffi roaming fil-futur qarib; jenfasizza l-bżonn ta' approċċ proattiv għat-tariffi roaming biex jinħoloq suq uniku diġitali reali li jinkludi wkoll l-użu ta' apparat mobbli;

***L-investiment fil-kapital uman – nindirizzaw l-iskarsezza ta' ħiliet***

12. Jinnota bi tħassib li r-rata ta' impjieg fl-UE qed tonqos; jitlob li ssir enfasi mill-ġdid fuq politiki ta' ħolqien ta' impjieg f'oqsma b'potenzjal kbir ta' tkabbir, bħall-ekonomija ekoloġika, is-servizzi tas-saħħa u s-settur tal-ICT; jemmen li l-ħolqien ta' suq uniku diġitali jista' jgħin biex jingħelbu d-differenzi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni f'termini ta' impjieg, inklużjoni soċjali u l-ġlieda biex jinqered il-faqar;

13. Jenfasizza li s-suq uniku diġitali għandu jgħin lin-nies jibqgħu attivi u b'saħħithom fuq il-post tax-xogħol huma u jikbru fl-età, filwaqt li jipprovdi bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali; jenfasizza li l-għodod ta' ICT jistgħu wkoll jiżguraw sistemi ta' kura tas-saħħa sostenibbli u ta' suċċess;

14. Jirrikonoxxi li s-suq tax-xogħol Ewropew qed jinbidel radikalment u li se jkunu jenħtieġu ħiliet ġodda għall-impjiegi tal-futur; jitlob lill-Istati Membri jagħmlu l-investimenti meħtieġa fil-kapital uman u fil-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, inter alia billi jagħmlu użu tajjeb mill-fondi tal-UE, bħall-Fond Soċjali Ewropew; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprijoritizzaw l-għarfien diġitali u l-ħiliet elettroniċi fl-inizjattiva ewlenija "Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda";

15. Jenfasizza l-bżonn li jittejbu l-ħiliet ta' għarfien tal-midja u diġitali, b'mod partikolari fost it-tfal u l-minorenni, sabiex jinkiseb suq uniku diġitali reali u biex jitwettaq it-tkabbir potenzjali ta' dan is-settur dinamiku; jinnota b'mod partikolari l-importanza li tiġi indirizzata d-differenza mistennija fil-provvista tal-professjonisti tal-ICT; jilqa' l-"Gran Koalizzjoni għal Impjiegi Diġitali" u jenfasizza l-importanza li jkun hemm koerenza bejn it-taħriġ fl-ICT u r-rekwiżiti tan-negozji;

16. Jenfasizza l-bżonn li jiġi attivat ulterjorment l-użu tal-EURES (Portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol); jappoġġa l-użu tal-EURES mill-Istati Membri kemm bħala mezz ta' għoti ta' pariri lill-ħaddiema u lil min qed ifittex l-impjieg dwar id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, kif ukoll bħala strument ta' impjieg f'iffokar speċjali fuq is-sejba ta' impjiegi u l-bżonnijiet ta' min iħaddem, sabiex jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-irkupru u t-tkabbir fit-tul;

***Fiduċja, sigurtà u kunfidenza tal-konsumatur***

17. Jilqa' l-adozzjoni tal-kodiċi tad-drittijiet onlajn fl-UE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jxerrdu dan il-kodiċi b'mod wiesa' sabiex jinkiseb l-effett mixtieq;

18. Jenfasizza li l-iżvilupp dejjem iktar rapidu ta' kummerċ elettroniku huwa ta' importanza kbira f'dak li għandu x'jaqsam mal-konsumaturi, peress li joffri għażla usa', speċjalment għal dawk li jgħixu f'żoni inqas aċċessibbli, imbiegħda u dawk li ma jkollhomx aċċess għal għażla wiesgħa ta' prodotti u servizzi;

19. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat aċċess sħiħ għas-suq uniku diġitali għall-konsumaturi, irrispettivament mill-post ta' residenza u miċ-ċittadinanza tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri kontra t-trattament mhux ugwali tal-konsumaturi fis-suq uniku li jirriżultaw mir-restrizzjonijiet transkonfinali attwali applikati minn kumpaniji involuti fil-bejgħ mill-bogħod;

20. Jirrimarka l-fatt li l-fiduċja tal-konsumatur hija essenzjali għall-kummerċ elettroniku, kemm dak domestiku kif ukoll dak transkonfinali; il-kummerċ l-bżonn li tiġi żgurata l-kwalità, is-sikurezza, it-traċċabilità u l-awtentiċità tal-prodotti, li jiġu evitati prattiki kriminali jew żleali, u li jkun hemm konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali;

21. Jenfasizza r-rwol tas-suq uniku diġitali fil-ħolqien ta' suq uniku sikur u li jaħdem kif xieraq għall-prodotti u s-servizzi; jenfasizza b'rabta ma' dan l-importanza ta' promozzjoni effettiva u ta' sistemi ta' ġestjoni tar-riskju kkoordinati fil-kuntest tal-proposti dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq;

22. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni bikrija tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Soluzzjoni Online tat-Tilwim, sabiex il-konsumaturi jkollhom aċċess faċli għal soluzzjoni online effikaċi tat-tilwim; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li jiġi garantit finanzjament adegwat għall-pjattaforma tas-Soluzzjoni Online tat-Tilwim;

23. Jenfasizza l-importanza tal-marki ta' fiduċja għat-tħaddim effikaċi tas-suq uniku diġitali, kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi; jitlob li jiġi adottat standard Ewropew tas-servizzi għall-marki ta' fiduċja, abbażi ta' standards ta' kwalità ta' livell għoli, biex jgħin il-konsolidazzjoni tas-suq tal-UE għalihom;

24. Jitlob lill-Kummissjoni tadotta linji gwida tal-UE dwar standards minimi għal siti ta' tqabbil, strutturati madwar il-prinċipji ewlenin tat-trasparenza, l-imparzjalità, informazzjoni ta' kwalità, kumpens effettiv, komprensività u faċilità ta' użu għall-utenti; jissuġġerixxi li dawn il-linji gwida jkunu akkumpanjati minn skema ta' akkreditazzjoni madwar l-UE kif ukoll minn superviżjoni effettiva u miżuri ta' infurzar;

25. Jistenna li l-Kummissjoni, fir-rieżami tagħha tad-Direttiva dwar il-Pakkett tal-Ivvjaġġar, teżamina bis-sħiħ l-impatt tal-kummerċ elettroniku u tas-swieq diġitali fuq l-imġiba tal-konsumatur fis-settur tat-turiżmu tal-UE, u biex iżżid l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-kwalità, il-kontenut u l-affidabilità tal-informazzjoni pprovduta lit-turisti;

26. Jenfasizza li l-passiġġieri għandhom ikunu kapaċi jiddifferenzjaw b'mod ċar, fil-kuntest tas-sistemi ta' prenotazzjoni bil-kompjuter, bejn spejjeż operattivi obbligatorji inklużi fit-tariffi u elementi li wieħed jista' jagħżel li jipprenota, bl-għan li l-prezzijiet isiru iktar trasparenti meta l-passiġġieri jkunu qed jipprenotaw il-biljetti fuq l-internet;

27. Jitlob lill-Kummissjoni jissorvelja mill-qrib billi tuża s-setgħat kollha tagħha biex tiggarantixxi l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretta ta' dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, fir-rigward ta' regoli modernizzati biex jiġu miġġielda prattiki kummerċjali żleali, inkluż onlajn, b'mod partikolari l-abbuż potenzjali tas-setgħa tas-suq f'oqsma bħar-reklamar ibbażat fuq l-imġiba, politiki ta' ipprezzar personalizzat u servizzi ta' tiftix bl-internet; jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Il-protezzjoni ta' negozji kontra prattiki qarrieqa ta' kummerċjalizzazzjoni u biex jiġi garantit infurzar effettiv: Analiżi tad-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv" (COM(2012)0702);

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza termini żleali fil-kuntratti tat-trasport bl-ajru, biex tiżgura monitoraġġ iktar mill-qrib tas-siti tal-internet u biex tinnotifika lill-korpi nazzjonali ta' infurzar dwar każijiet ta' applikazzjoni ħażina tar-regoli eżistenti;

29. Jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa formoli elettroniċi standardizzati għat-tressiq ta' lmenti min-naħa tal-passiġġieri b'rabta mal-mezzi kollha tat-trasport u biex tippromwovi linji gwida għas-soluzzjoni ta' dawn l-ilmenti mingħajr dewmien permezz ta' proċeduri simplifikati;

30. Jenfasizza l-bżonn ta' ħidma lejn servizzi 'cloud' affidabbli; jitlob li jiġu adottati mudelli ta' kuntratti ċari u trasparenti li jkopru kwistjonijiet bħaż-żamma ta' data wara t-tmien tal-kuntratti, żvelar tad-data u integrità, post fejn tinżamm id-data u trasferiment ta' din id-data, sjieda tad-data u responsabilità diretta/indiretta;

31. Jirrimarka dwar il-bosta kwistjonijiet u sfidi legali mqajma mill-użu tal-cloud computing, bħad-diffikultajiet fid-determinazzjoni tal-liġi applikabbli, il-konformità u kwistjonijiet ta' responsabilità, salvagwardji dwar il-protezzjoni tad-data (inkluż id-dritt għall-privatezza), il-portabilità tad-data u l-infurzar tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet tal-prorpjetà intellettwali; iqis li huwa essenzjali li l-konsegwenzi tal-cloud computing ikunu ċari u prevedibbli fl-oqsma kollha rilevanti tad-dritt;

32. Jenfasizza l-importanza kruċjali li jiġu infurzati d-drittijiet tal-konsumatur fi tranżazzjonijiet onlajn; jinnota li 'sweeps' tal-UE kkoordinati mill-Kummissjoni u eżegwiti b'mod simultanju mill-awtoritajiet nazzjonali rielvanti wrew li kienu għodda utli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-suq uniku fl-Istati Membri permezz ta' azzjoni konġunta, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni toffri użu iktar estensiv tas-'sweeps' tal-UE u tqis li tikkoordina din l-azzjoni f'oqsma oħra offlajn ukoll; jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ in-Netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Ħarsien tal-Konsumatur;

33. Jirrimarka li servizzi ta' forniment aċċessibbli, bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja huma element essenzjali fix-xiri onlajn ta' prodotti, u jiġu promossi bl-aħjar mod permezz ta' kompetizzjoni ħielsa u ġusta; jinnota madankollu li bosta konsumaturi jeżitaw li jixtru onlajn, speċjalment xiri transkonfinali, minħabba l-inċertezzi b'rabta mal-forniment aħħari, l-ispejjeż u l-affidabilità; jilqa' għalhekk il-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni bl-għan li jiġu identifikati n-nuqqasijiet possibbli u li tittieħed l-azzjoni adegwata biex dawn jiġu indirizzati b'mod li jippermetti kemm lin-negozji kif ukoll lill-konsumaturi li jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq uniku diġitali;

34. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta riveduta għad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament u proposta leġiżlattiva dwar it-tariffi ta' interkambju multilaterali sabiex jintlaħqu standardizzazzjoni u interoperabilità fil-provvista ta' pagamenti bil-cards, bl-internet u mobbli fl-UE u biex tiġi indirizzata l-problema ta' tariffi mhux trasparenti u eċċessivi b'rabta mal-pagamenti;

35. Jenfasizza li livell għoli ta' sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni huwa essenzjali biex jiġi garantit il-funzjonament tas-suq uniku u l-fiduċja tal-konsumatur fis-suq uniku diġitali; jinnota l-iżvilupp mhux indaqs tal-ħiliet u l-kapaċità ċibernetiċi għar-rispons għal theddid u attakki, kif ukoll in-nuqqas ta' approċċ armonizzat għas-sigurtà ċibernetika fi ħdan l-Unjoni; jitlob li jsiru sforzi kkonċertati u kooperazzjoni iktar mill-qrib, meta titqies in-natura globali tal-internet u l-livell għoli ta' interkonnessjoni tas-sistemi ta' netwerks u informazzjoni madwar l-Unjoni;

36. Jenfasizza li l-aċċessibilità tas-siti tal-internet tal-korpi tas-settur pubbliku hija parti importanti mill-Aġenda Diġitali, li tgħin in-non-diskriminazzjoni kif ukoll toħloq opportunitajiet ta' negozju; jitlob lill-Kummissjoni tadotta approċċ iktar ambizzjuż fin-negozji li għaddejjin bħalissa dwar is-suġġett u biex, fl-aħħar nett, tressaq inizjattiva leġiżlattiva eċċezzjonali fil-forma ta' Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità, li jmur lil hinn mis-settur pubbliku;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

***Il-ħolqien ta' ambjent kummerċjali favorevoli***

37. Jenfasizza l-importanza li jinħoloq ambjent kummerċjali diġitali ġenerali favorevoli; jinnota l-bżonn li jiġi simplifikat il-qafas legali għall-VAT u li tiġi evitata t-tassazzjoni doppja; jitlob lill-Istati Membri jimplimentaw malajr il-one-stop-shops żgħar għat-telekomunikazzjonijiet, ix-xandir bit-televiżjoni u s-servizzi elettroniċi sal-2015; jitlob lill-Kummissjoni twessa' l-ambitu tal-one-stop-shops għal prodotti u servizzi oħra mill-iktar fis;

38. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li tittratta d-diskriminazzjoni kontra l-konsumaturi tal-UE abbażi tal-post ta' residenza jew nazzjonalità, u b'mod partikolari t-tipi ta' prattiki kummerċjali li jitqiesu li jikkostitwixxu diskriminazzjoni mhux ġustifikata skont dik id-direttiva; jenfasizza l-bżonn li jiġu indirizzati l-ostakli sottostanti – inkluża l-frammentazzjoni legali kontinwa u l-inċertezza legali li tirriżulta minnha fil-kuntest tal-applikabilità tal-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumtur – li jżommu lin-negozji milli jespandu fi ħdan is-suq uniku diġitali;

39. Iqis li l-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ li ġiet proposta hija inizjattiva innovattiva tal-importanza ewlenija għall-konsumaturi u n-negozji fis-suq intern; jemmen li set wieħed fakultattiv ta' regoli madwar l-UE jkun ta' benefiċċju partikolari għas-settur tal-internet li qed jikber b'mod veloċi; huwa tal-fehma li l-proposta għandha wkoll potenzjal interessanti fir-rigward tal-'cloud computing' u l-kontenut diġitali;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tibqa' taħdem lejn adattament tal-qafas legali dwar il-kuntratti għal sfidi ġodda ppreżentati mis-suq uniku diġitali; iqis b'mod partikolari li l-ħidma akkumpanjanti dwar termini kuntrattwali standards madwar l-UE, disponibbli faċilment għan-negozji u l-konsumaturi, hija kruċjali f'dan il-qasam;

41. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissorvelja bir-reqqa l-istat ta' kompetizzjoni fis-suq uniku diġitali u biex tindirizza kwalunkwe abbuż ta' pożizzjoni dominanti minnufih; jenfasizza b'mod partikolari l-bżonn li tiġi monitorjata l-applikazzjoni korretta tal-linji gwida dwar il-ftehimiet ta' distribuzzjoni selettiva u biex jiġi żgurat li dawn jibqgħu rilaventi fil-kuntest diġitali;

42. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi aċċess għal kapital ta' riskju u clusters tal-ICT biex tagħti spinta lil proġetti prekummerċjali innovattivi u biex trawwem l-innovazzjoni bikrija fis-swieq tal-ICT; jenfasizza l-potenzjal tas-sħubiji pubbliċi-privati u tar-regoli imminenti tal-akkwist pubbliku dwar it-twaqqif ta' sħubiji innovattivi; iħeġġeġ l-adozzjoni bikrija ta' għodda onlajn tal-akkwist pubbliku bħala mezz biex jittieħed benefiċċju mir-riformi imminenti ta' akkwist pubbliku;

43. Jenfasizza l-importanza tan-newtralità tal-internet, u tad-dħul mingħajr ostakli fis-suq ta' SMEs tal-UE fis-settur tal-ICT; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva mill-iktar fis sabiex jonqsu t-tariffi roaming mobbli fi ħdan l-UE;

***Offerti legali attraenti tal-kontenut diġitali***

44. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibqa' għaddejja bl-isforzi tagħha fil-qasam tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali, bl-għan li toħloq qafas modern tad-drittijiet tal-awtur għas-suq uniku diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tħeġġeġ l-iżvilupp ta' kontenut diġitali li jkun aċċessibbli fis-suq uniku diġitali kollu; jenfasizza li skema riveduta tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandha tkun ibbażata fuq innovazzjoni inkoraġġanti, mudelli ġodda ta' servizz u kontenut ġenerat mill-utent u kollaborattiv biex jitrawwem l-iżvilupp ta' suq kompetittiv tal-ICT fl-UE, filwaqt li jiġi żgurat li min ikollu d-drittijiet ikun protett u kkumpensat adegwatament;

45. Jinnota li l-Unjoni diġà għamlet xi progress fit-tnaqqis fl-impatt tat-territorjalità tad-drittijiet tal-awtur, b'mod partikolari permezz tal-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar il-ġestjoni tad-drittijiet kollettivi u l-liċenzjar multiterritorjali fis-settur onlajn tal-mużika, li bħalissa qed jiġi kkunsidrat mil-leġiżlatur; jemmen li żieda fit-trasparenza, titjib fil-governanza u iktar responsabilità tas-soċjetajiet ta' ġestjoni tad-drittijiet kollettivi huma meħtieġa; iqis li d-direttiva proposta tinkoraġġixxi liċenzjar multiterritorjali tad-drittijiet u tiffaċilita l-liċenzjar ta' drittijiet għal użu onlajn;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

46. Jenfasizza li s-segmenti kollha rilevanti tas-soċjetà għandhom ikunu inklużi fid-djalogu attwali tal-Kummissjoni dwar "Il-liċezji fl-Ewropa" u fir-reviżjoni tal-qafas legali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; jitlob lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura li s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-konsumtur jiġu rappreżentati b'mod adegwat; jitlob lill-Kummissjoni tressaq rispons strateġiku ambizzjuż fl-2014, li jinkludi kemm soluzzjonijiet prattiċi tas-suq u risponsi politiċi u, meta jkun meħtieġ, leġiżlattivi; jitlob lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament dwar ir-riżultatta' dan il-proċess;

47. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq miżuri biex iżżid iċ-ċirkolazzjoni transkonfinali u l-portabilità tal-kontenut awdjoviżiv, inkluż fuq pjattaformi "video on demand"; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jressqu miżuri b'appoġġ għall-industrija awdjoviżiva tal-UE sabiex jingħelbu l-ostakli kurrenti għas-suq uniku diġitali f'dak is-settur; jemmen li miżuri bħal dawn għandu jkollhom l-għan li joħolqu iktar domanda mill-konsumatur ta' films Ewropej mhux nazzjonali, jiffaċilitaw id-distribuzzjoni transkonfinali, inkluż permezz ta' appoġġ għas-sottotitoli u l-interpretazzjoni (dubbing) ta' xogħol awdjoviżiv, u jnaqqsu l-ispejjeż relatati tat-traduzzjoni b'rabta mal-ġestjoni tad-drittijiet;

48. Iqis li jeħtieġ li s-servizzi tal-kontenut kulturali u kreattiv, b'mod partikolari x-xogħol awdjoviżiv u pjattaformi ġodda ta' tqassim ta' kontenut transkonfinali, ikun iktar aċċessibbli madwar l-Unjoni, partikolarment għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità, sabiex titrawwem il-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali u kulturali tal-Unjoni;

49. Jenfasizza l-importanza tal-UE u servizzi jew pjattaformi oħra fit-trawwim tad-diġitzzjoni u l-aċċess onlajn għall-wirt u l-kontenut kulturali tal-Unjoni;

50. Jilqa' t-tkabbir tas-suq tal-kotba elettroniċi fl-Ewropa u jemmem li dan jista' jkun ta' benefiċċju importanti kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji; jenfasizza li huwa importanti li jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiltaqgħux ma' ostakoli meta jkunu jixtiequ jakkwistaw kotba elettroniċi tul il-fruntieri, pjattaformi u apparat; jenfasizza li huwa importanti li tiġi żgurata l-interoperabilità bejn l-apparat u s-sistemi differenti ta' kotba elettroniċi;

51. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta biex tallinja r-rati ta' VAT applikabbli għall-prodotti u s-servizzi ta' natura simili; jitlob, fid-dawl tal-bidla li se sseħħ fl-2015 fil-prinċipju tal-'pajjiż ta' residenza tal-konsumatur', biex ikun hemm definizzjoni dinamika fil-livell tal-UE ta' 'kotba elettroniċi', sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali;

52. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta biex tiżgura li r-rati tal-VAT jiġu applikati b'mod ġust għal kontenut kreattiv, kulturali, xjentifiku u edukattiv, irrispettivament mill-mod kif jaċċedi għalih l-utent; jemmen li rati mnaqqsa tal-VAT li jeżistu għal kontenut imxerred f'forma fiżika għandhom japplikaw ukoll għall-ekwivalenti diġitali, biex b'hekk jiżdied l-element attraenti tal-pjattaformi diġitali u jiġu stimulati s-servizzi ta' kontenut innovattiv u mezzi ġodda ta' aċċess ta' kontenut onlejn għall-utenti;

53. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta konkreta biex tiċċara, tipprovdi interpretazzjoni ċara ta', u toffri gwida dwar il-funzjonament ta' proċedimenti ta' avviż u ta' azzjoni;

***Lejn servizzi ta' mobilità intelliġenti u interoperabbli fl-UE***

54. Jitlob għat-tħaddim ulterjuri ta' sistemi tal-mobilità intelliġenti żviluppati permezz ta' riċerka ffinanzjata mill-UE, bħas-sistema tal-immaniġġjar tat-traffku tal-ajru tal-futur (SESAR), is-sistema tal-immaniġġjar tat-traffiku ferrovjarju (ERTMS) u sistemi ta' informzzjoni ferrovjarja, sistemi ta' sorveljanza marittima (SafeSeaNet), Sistemi ta' Informazzjoni għax-Xmajjar (River Information Services (RIS), sistemi ta' trasport inteliġenti (ITS), u soluzzjonijiet interkonnessi inteoperabbli għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' mmaniġġjar u sistemi multimodali ta' ġestjoni tat-traffiku;

55. Jenfasizza li l-għodod tat-teknoloġija informatika għandhom jiġu użati sew fi ħdan in-netwerk TEN-T biex jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, jipprovdu għal-lokalizzar u l-ittraċċar tal-merkanzija, u jottimizzaw l-iskedi tal-flussi tat-traffiku;

***Id-dimensjoni internazzjonali tas-suq uniku diġitali***

56. Iqis li hija meħtieġa aktar kooperazzjoni globali biex jiġu appoġġati u modernizzati d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-ġejjieni, peress li din hija vitali għall-innovazzjoni, l-impjiegi u l-kummerċ dinji miftuħ;

57. Jilqa' l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni, iżda jenfasizza l-bżonn ta' ikkompletar ta' qafas regolatorju għall-infurzar tad-drittijiet tal-awtur fl-ambjent diġitali, li għandu jkun imfassal abbażi ta' rekwiżiti attwali, sabiex inkunu nistgħu nikkonkludu ftehimiet mal-imsieħba kummerċjali tagħna abbażi ta' leġiżlazzjoni Ewropea moderna;

58. Jinnota li l-kummerċ elettroniku żviluppa barra l-oqfsa regolatorji tradizzjonali u standard tal-kummerċ; jisħaq fuq kemm hu importanti li jkun hemm kooperazzjoni internazzjonali akbar fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intelletwali (WIPO) biex jitħares is-suq diġitali globali u jiġi żgurat l-iżvilupp tiegħu. jitlob li fid-WTO jsiru reviżjoni u aġġornament tal-Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA) li hemm fis-seħħ attwalment u li l-UE tesplora l-possibilitajiet ta' Ftehim dwar Ekonomija Diġitali Internazzjonali (FEDI);

59. Iqis li r-restrizzjoni tal-aċċess tan-negozji tal-UE għas-swieq diġitali u l-konsumaturi online permezz, fost affarijiet oħra, ta' ċensura statali tal-massa jew aċċess ristrett għas-suq għall-fornituri Ewropej tas-servizzi online f'pajjiżi terzi tikkostitwixxi ostakolu għall-kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinkludu mekkaniżmu ta' salvagwardja fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-futur, u speċjalment dawk li jkun fihom dispożizzjonijiet li jaffettwaw is-servizzi onlajn u l-komunitajiet ta' utenti onlajn li jaqsmu l-informazzjoni, bil-għan li jiġi żgurat li l-kumpaniji tal-ICT tal-UE ma jkunux meħtieġa minn partijiet terzi li jirrestrinġu l-aċċess għall-websajts, ineħħu kontenut maħluq mill-utent jew jipprovdu tagħrif personali b'modi li jikkontravjenu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; jistieden barra minn hekk lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżviluppaw strateġija biex tisfida l-miżuri meħuda minn pajjiżi terzi li jirrestrinġu l-aċċess tal-kumpaniji tal-UE għas-swieq onlajn globali;

o

o o

60. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0328

## L-impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi vulnerabbli

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi vulnerabbli (2013/2044(INI))**

(2016/C 075/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 9, 151, 153 u 168 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-Artikoli 1, 21, 23, 24, 25, 34 u 35 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, b'mod partikolari l-Artikolu 30 (dwar id-dritt għall-protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali) u l-Artikolu 16 tagħha (dwar id-dritt tal-familja għal protezzjoni soċjali, legali u ekonomika),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2011 għal regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 (COM(2011)0607),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Is-Solidarjetà fis-Saħħa: It-Tnaqqis tal-Inugwaljanzi fis-Settur tas-Saħħa fl-UE" (COM(2009)0567),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli" (COM(2010)0636),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-Koeżjoni soċjali u territorjali" (COM(2010)0758),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020" (COM(2011)0173),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Il-Progress tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu" (COM(2012)0083),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummisjoni intitolat "Żviluppi fl-Impjieg u Soċjali fl-Ewropa 2012",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, fl-UE ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-16 ta' Ġunju 2010 dwar l-UE 2020 ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar aspetti rigward il-ġeneru fil-kuntest tar-reċessjoni ekonomika u l-kriżi finanzjarja ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali: rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport ta' nofs il-perjodu) ([9]),

([1]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
([2]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12.
([3]) ĠU C 9 E, 15.1.2010, p. 11.
([4]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 23.
([5]) ĠU C 76 E, 25.3.2013, p. 16.
([6]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 57.
([7]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 79.
([8]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 29.
([9]) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 19.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar skema tat-tqassim ta' ikel lill-persuni l-aktar imċaħħda fl-Unjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-inklużjoni tar-Roma ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-Istrateġija tal-UE għal Persuni Mingħajr Dar ([4]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-Mobilità u l-Inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-7 ta' Frar 2013 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika, Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 ([6])

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tiegħu tat-22 ta' April 2008 dwar l-eliminazzjoni tal-problema ta' persuni mingħajr dar ([7]) u tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar Strateġija tal-UE għall-persuni bla dar ([8]),

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-2011 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali "Migrants in an irregular situation: access to healthcare in 10 European Union Member States" (Migranti f'sitwazzjoni irregolari: aċċess għas-servizzi tas-saħħa f'10 Stati Membri Ewropej) ([9]) u "Fundamental rights of migrants in an irregular situation in the European Union" (Drittijiet fundamentali tal-migranti f'qagħda irregolari fl-Unjoni Ewropea),

— wara li kkunsidra t-tielet rapport tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ta' Marzu 2012 bit-titolu "The social impact of the economic crisis and ongoing fiscal consolidation" (L-impatt soċjali tal-kriżi ekonomika u konsolidament fiskali kontinwu),

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Doctors of the World bit-titolu "Access to health care for vulnerable groups in the European Union in 2012" (Aċċess għall-Kura tas-Saħħa għal Gruppi Vulnerabbli fl-Unjoni Ewropea fl-2012),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound dwar "Third European Quality of Life Survey – Quality of life in Europe: Impacts of the crisis" (It-Tielet Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja – Kwalità tal-ħajja fl-Ewropa: Impatti tal-kriżijiet) ([10]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound dwar "Household debt advisory services in the European Union" (Servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn tal-familji fl-Unjoni Ewropea) ([11]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Eurofound, "Living conditions of the Roma: Substandard housing and health" (Il-kundizzjonijiet ta' għajxien tar-Roma: livell baxx ta akkomodazzjoni u saħħa) ([12]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Eurofound, "Active inclusion of young people with disabilities or health problems" (Inklużjoni attiva taż-żgħażagħ b'diżabilità jew problemi tas-saħħa) ([13]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-OECD bit-titolu "Health at a glance – Europe 2012" (Is-Saħħa mal-Ewwel Daqqa t'Għajn – Ewropa 2012),

---

([1]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 188.
([2]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 112.
([3]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 25.
([4]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 101.
([5]) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 9.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2013)0053.
([7]) ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 19.
([8]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 139.
([9]) FRA "Migrants in an irregular situation: access to healthcare in 10 European Union Member States", Ottubru 2011 – http://fra.europa.eu/en/publication/2012/migrants-irregular-situation-access-healthcare-10-european-union-member-states
([10]) Eurofound (2012), Third European Quality of Life Survey – Quality of life in Europe: Impacts of the crisis, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu – http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1264.htm
([11]) Eurofound (2012) Household debt advisory services in the European Union, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1189.htm).
([12]) Eurofound (2012), Living conditions of the Roma: Substandard housing and health, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (http://www.eurofound.europa.eu/pubdocs/2012/02/en/1/EF1202EN.pdf).
([13]) Eurofound (2012) Active inclusion of young people with disabilities or health problems, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (http://www.eurofound.europa.eu/areas/socialcohesion/illnessdisabilityyoung.htm).

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-ILO bit-titolu "Social security for all – Addressing inequities in access to health care for vulnerable groups in countries of Europe and Central Asia" (Sigurtà Soċjali għal Kulħadd – Nindirizzaw l-Inugwaljanzi fl-Aċċess għall-Kura tas-Saħħa għal Grupp Vulnerabbli f'Pajjiżi tal-Ewropa u tal-Asja Ċentrali),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0221/2013),

A. billi l-bnedmin kollha jitwieldu liberi, b'dinjità u drittijiet indaqs, u hija r-responsabilità tal-Istati Membri li jippromwovu u jiggarantixxu dawn id-drittijiet permezz tal-kostituzzjonijiet tagħhom u tas-sistemi tas-saħħa pubblika tagħhom; billi l-inugwaljanzi tal-ġeneru fl-aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-indikaturi tas-saħħa jeżistu fl-UE kollha;

B. billi l-valuri fundamentali tal-UE jridu jkunu rrispettati anke f'sitwazzjoni ta' kriżi u l-aċċess għall-kura, l-kura tas-saħħa u l-għajnuna soċjali għandu jitqies dritt fundamentali għal kulħadd fl-UE; billi għall-kuntrarju, tnaqqsu s-servizzi tas-saħħa, tal-kura u dawk soċjali fil-maġġoranza tal-Istati Membri u dan kien ikkawżat mill-implimentazzjoni tal-politiki ta' awsterità, u b'hekk kienu ta' tfixkil għall-aċċess universali u l-kwalità tas-servizzi.

C. billi s-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-UE qed jaffaċċjaw sfidi sinifikanti u dawn jinkludu l-kriżi persistenti tad-dejn sovran fiż-żona tal-euro u l-pressjoni riżultanti fuq il-finanzi pubbliċi, popolazzjoni li qed tixjieħ, in-natura li qed tinbidel tas-servizzi tas-saħħa u ż-żieda fl-ispejjeż tas-saħħa li jindikaw b'mod ċar il-bżonn urġenti għal riforma;

D. billi l-UE għandha l-aktar sistema ta' protezzjoni soċjali avvanzata fid-dinja, bl-ogħla kontribuzzjonijiet għall-benefiċċji soċjali għaċ-ċittadini; jenfasizza li ż-żamma u l-iżvilupp ulterjuri tal-mudell soċjali Ewropew jeħtieġ li jkunu prijorità politika;

E. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tinnota fil-Karta ta' Tallinn li s-saħħa hija fattur ewlieni li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u l-prosperità;

F. billi l-inugwaljanza qed tikber f'numru ta' Stati Membri peress li dawk l-aktar foqra u l-aktar fil-bżonn f'dawk l-istati qed isiru aktar foqra; billi fl-2011, madwar 24,2 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet tinsab f'risklju ta' faqar jew esklużjoni; billi, barra minn hekk, abbażi ta' dak li ddikjaraw dawk b'introjtu baxx, is-saħħa tagħhom marret għall-agħar, b'differenza dejjem akbar fis-saħħa meta mqabbla mal-25 % tal-popolazzjoni bl-ogħla introjtu;

G. billi r-rati ta' qgħad fuq perjodu twil qed jikbru, li qed iħallu ħafna ċittadini mingħajr kopertura tal-assikurazzjoni, u b'hekk qed jillimitaw l-aċċess tagħhom għas-servizzi tas-saħħa,

H. billi l-gruppi l-aktar vulnerabbli qed jintlaqtu sproporzjonalment fil-kriżi kurrenti inkwantu huwa jsofru l-impatt doppju ta' telf ta' introjtu u ta' tnaqqis fis-servizzi tal-kura;

I. billi l-foqra kroniċi, li ta' spiss huma persuni li ilhom qiegħda għal żmien twil jew impjegati b'salarju baxx, persuni single li jgħixu waħedhom ma' tfal li m'għandhomx impjieg jew li jaħdmu għal ftit sigħat u anzjani fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant huma identifikati b'mod konsistenti bħala l-aktar vulnerabbli;

J. billi l-istudji l-aktar riċenti jikkonfermaw id-deher ta' grupp ġdid ta' nies vulnerabbli, li qabel kienu relattivament benestanti, imma issa jinsabu fil-bżonn minħabba l-livelli ta' dejn personali: il-persuni fil-grupp 'foqra ġodda' jaf ma jkunux jistgħu jlaħħqu mal-ħajja, u jibdew ma jħallsux il-kontijiet u l-pagamenti relatati mad-dejn jew ma jkunux jistgħu jħallsu aktar għal servizzi tal-kura meħtieġa u jibdew jibżgħu li se jkollhom jitliqu mill-akkomodazzjoni tagħhom;

K. billi s-servizzi pubbliċi għandhom rwol importanti – li huma ta' proprjetà pubblika u ta' ġestjoni pubblika, b'involviment demokratiku tal-utenti tagħhom – f'oqsma essenzjali għall-benessri, inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni, il-ġustizzja, l-ilma, l-akkomodazzjoni, it-trasport, u l-kura tat-tfal u tal-anzjani;

L. billi l-frammentazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa jistgħu jwasslu għas-sitwazzjoni fejn ħafna pazjenti ma jirċevux kura medika neċessarja filwaqt li oħrajn jirċievu kura li taf ma tkunx neċessarja jew anki taf tkun dannuża;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

M. billi l-kriżi żiedet ir-riskju ta' esklużjoni fit-tul mis-suq tax-xogħol partikolarment għaż-żgħażagħ, li huma l-aktar vulnerabbli għall-konsegwenzi tagħha fir-rigward tal-parteċipazzjoni futura fix-xogħol u d-dħul;

N. billi aktar u aktar persuni fl-UE qed jibqgħu jaħdmu wara l-età tal-irtirar statutorja, parti minħabba l-bżonn finanzjarju, fid-dawl tal-fatt tal-pressjoni fuq is-sorsi oħra ta' dħul tal-familji wara l-irtirar;

O. billi l-ispejjeż tas-servizzi għall-utenti tas-servizz qed jogħlew f'ċerti Stati Membri, li jfisser li ħafna nies m'għadhomx jistgħu jaffordjaw livell ta' servizz adegwat biex jissodisfaw il-bżonnijiet definiti tagħhom, u dan jirriżulta f'nuqqas ta' indipendenza, f'aktar stress fiċ-ċirkustanzi domestiċi jew tal-impjieg tagħhom jew potenzjalment f'effetti ta' ħsara fuq saħħithom li jwasslu għall-esklużjoni soċjali tagħhom;

P. billi s-sistemi tal-kura tas-saħħa jistgħu (mhux b'mod intenzjonat) joħolqu ostakli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa jew jipprovdu kura tas-saħħa ta' kwalità differenti lil persuni li jaqsmu bejniethom aktar minn karatteristika protetta waħda, bħas-sess, l-età jew is-sħubija ma' grupp ta' minoranza;

Q. billi qed isir tibdil f'ċerti sistemi ta' sigurtà soċjali biex jitneħħa jew jiġi limitat l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal ċerti gruppi, u għar-rimbors għal ċerti trattamenti u mediċini ([1]), u dan qed joħloq riskji addizzjonali għas-saħħa personali u pubblika kif ukoll għas-sostenibilità fit-tul ta' dawn is-sistemi;

R. billi huwa stmat li l-maġġoranza tal-kura fl-UE qiegħda attwalment tiġi provduta minn nies li jieħdu ħsieb ħaddieħor b'mod informali u mingħajr ħlas; billi dan ir-riżors enormi jinsab mhedded minħabba numru ta' żviluppi demografiċi kif ukoll il-piż dejjem jiżdied tal-kura;

S. billi d-dritt għal għadd ta' servizzi ta' appoġġ fid-djar, residenzjali jew ibbażati fuq il-komunità, inkluża l-assistenza personali, huwa stabbilit fl-Artikolu 19 u l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità;

T. billi r-raġunijiet li jwasslu biex it-tfal jingħataw arranġamenti tal-kura alternattivi huma kumplessi u multidimensjonali imma ta' spiss jidhru direttament jew indirettament relatati mal-faqar u l-esklużjoni soċjali;

U. billi nuqqas ta' informazzjoni preċiża u aċċessibbli jista' jikkontribwixxi għall-fatt li gruppi vulnerabbli li ma jkunux jistgħu jaċċedu l-kura neċessarja li huma intitolati għaliha;

V. billi r-rapporti jikkonstataw id-diffikultajiet dejjem akbar li qed jaffrontaw xi ċittadini tal-UE u oħrajn li huma intitolati għad-dritt ta' kura f'sitwazzjoni transkonfinali li jaċċedu għal dan id-dritt;

W. billi l-problemi tad-demografija medika (livelli baxxi fl-għoti tal-kura f'ċerti żoni ġeografiċi) f'numru ta' Stati membri jagħmluha aktar iebsa għall-gruppi vulnerabbli biex jaċċedu għall-kura;

X. billi rapporti ta' żieda ta' diviżjoni soċjali u aggressività, li qed iwasslu f'attakki verbali u fiżiċi kontra l-minoritajiet u persuni qegħdin jiżdiedu; billi tali inċidenti għandhom jiġu rapportati fid-dettall;

Y. billi f'xi Stati Membri rigressjoni fil-politika fir-rigward tal-persuni b'diżabilità, diffikultà fit-tagħlim jew mard psikjatriku qed twassal għal ċaqliq lil hinn minn approċċ ibbażat fuq drittijiet ta' inklużjoni li jfittex l-inklużjoni sħiħa fil-komunità lejn approċċ aktar istituzzjonali u li joħloq is-segregazzjoni tal-passat;

Z. jishaq fuq il-potenzjal ta' ħafna impjiegi tas-settur tal-kura tas-saħħa u dik soċjali fl-UE kollha;

---

([1]) Ara per eżempju l-Artikolu 5 tad-Digriet Reali Spanjol Nru.16/2012, tal-20 ta' April 2012, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Diċembru 2012. Disponibbli fuq: http://noticias.juridicas.com/base_datos/Admin/rdl16-2012.html#a5.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

AA. billi ħafna impjiegi fis-settur tal-kura tas-saħħa u s-settur tal-asssistenza f'ċerti Stati Membri joffru remunerazzjoni baxxa, ta' spiss ma joffrux kuntratti formali u d-drittijiet ta' xogħol bażiċi oħra u mhumiex attraenti minħabba r-riskju għoli ta' stress fiżiku u emozzjonali, it-theddida ta' eżawriment, u nuqqas ta' opportunitajiet ta' żvilupp fil-karriera; billi s-settur joffri ftit taħriġ u, barra minn hekk, l-impjegati tiegħu huma b'mod predominanti anzjani, nisa u ħaddiema migranti; billi l-kura fl-UE hija ta' spiss provduta minn nies li jieħdu ħsieb ħaddieħor b'mod informali mingħajr ħlas, li huma stess jistgħu jitqiesu grupp vulnerabbli minħabba l-pressjonijiet dejjem akbar sabiex jipprovdu livelli ta' kura aktar sofistikati u tekniċi; billi numru ta' Stati Membri huma neqsin minn servizz ta' kura ta' kwalità, disponibbli għal kulħadd, indipendenti mid-dħul;

AB. billi t-tranżizzjoni minn forom ta' kura istituzzjonali għal forom ta' kura bbażati fuq il-komunità teħtieġ żieda fl-appoġġ relatat mal-akkomodazzjoni sabiex il-persuni vulnerabbli jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti;

AC. billi ż-żgħażagħ li jitilqu mill-ambjent ta' kura residenzjali għal ħajja indipendenti huma partikularment esposti għal faqar u esklużjoni soċjali;

AD. billi numru dejjem jikber ta' anzjani jrid jiġi klassifikat bħala vulnerabbli;

AE. billi ċittadini tal-UE fqar li huma ċittadini ta' Stati Membri oħrajn u ċittadini ta' pajjiżi terzi koperti mis-sistema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru ieħor jistgħu jesperjenzaw ukoll diffikultajiet kbar biex jaċċedu l-kura;

AF. billi kull persuna hija intitolata għal standard tal-għajxien li tippermetti lilha u lil qrabatha li jgawdu minn saħħa u benessri;

AG. billi importanti li jiġi enfasizzat is-sinifikat tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tagħha, li għandhom rwol vitali li jgħinu lil gruppi esklużi;

AH. billi l-ħarsien tas-saħħa għandu effetti importanti fuq il-kwalità, it-tul u d-dinjità tal-ħajja tal-bniedem;

AI. billi madwar 10 % tat-trabi li jitwieldu fl-UE f'sena partikolari jitwieldu prematuri (qabel is-37 ġimgħa tqala), u billi l-ommijiet ta' trabi prematuri sikwit ma jkollhomx aċċess għal servizzi tas-saħħa meħtieġa tal-istandard rekwiżit, u dan huwa fatt li jinħass saħansitra aktar f'termini tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja;

AJ. billi l-faqar, l-edukazzjoni inadegwata u livell aktar baxx ta' integrazzjoni soċjali jirriżultaw f'livell ta' saħħa baxx; billi l-ostakoli ewlenin għall-kura tas-saħħa ta' gruppi vulnerabbli huma n-nuqqas ta' għarfien u ta' komprensjoni tas-sistema tas-saħħa, il-problemi amministrattivi, in-nuqqas ta' għarfien dwar il-prevenzjoni tal-mard, u n-nuqqas ta' aċċess fiżiku għas-servizzi;

1. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar il-miżuri ta' awsterità li qed jiġu implimentati u jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt soċjali tal-miżuri ta' awsterità u jinkludu rakkomandazzjonijiet li jitrattaw l-impatt soċjali u ekonomiku fuq terminu medju u terminu twil ta' miżuri ta' dan it-tip fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi ta' pajjiżhom; jistieden lill-Kummissjoni biex tipproduċi rapporti sommarji regolari ta' valutazzjonijiet bħal dawn u tressaqhom quddiem il-Parlament; jitlob li l-proċess tas-Semestru Ewropew ma jiffukax biss fuq is-sostenibilità finanzjarja tas-sistemi tas-sigurtà soċjali imma jieħu kont ukoll tal-impatt possibbli fuq l-aċċessibilità u d-dimensjoni tal-kwalità tas-servizzi ta' kura;

2. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu u jippromwovu l-investiment soċjali fis-servizzi soċjali bħas-settur ta' saħħa, is-settur ta' assistenza u dak soċjali, li huma setturi li huma essenzjali fil-dawl tat-tibdil demografiku u tal-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għandhom potenzjal kbir fil-qasam tal-ħolqien ta' impjiegi;

3. Jinsab konvint li r-riformi neċessarji għandhom jindirizzaw il-kwalità u l-effiċjenza tal-kura tas-saħħa, għandhom itejbu l-aċċess għall-kura t-tajba fil-mument it-tajjeb fl-ambjent it-tajjeb u għandhom iżommu lin-nies b'saħħithom u jiżguraw li kemm jista' jkun jiġu evitati kumplikazzjonijiet tal-mard komuni u li jistgħu jiġu evitati;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

4. Ifakkar li l-Istati Membri qablu li jadottaw approċċ li jċaqlaq l-attenzjoni minn miżuri "kurattivi" li jindirizzaw s-sintomi ta' esklużjoni u nuqqas ta' saħħa "lejn miżuri preventivi bħala strateġija li sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja u jitnaqqas il-piż ta' mard kroniku, fraġilità u diżabilità" ([1]); jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-ispejjeż fuq terminu twil ta' nuqqas ta' azzjoni;

5. Jikkunsidra l-fatt li individwi vulnerabbli jitħallew mingħajr aċċess għall-kura tas-saħħa jew għas-servizzi ta' assistenza bħala ekonomija falza għax dan jista' jkollu impatt negattiv fit-tul kemm fuq l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa kif ukoll fuq is-saħħa individwali u pubblika;

6. Jikkunsidra li ħafna miżuri ta' tnaqqis fl-ispejjeż għal terminu qasir, li qegħdin ikunu implimentati bħalissa, bħall-introduzzjoni ta' tariffi ta' aċċess għall-kura ta' saħħa li għandhom jitħallsu minn qabel, iż-żieda fl-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rimborsati jew l-esklużjoni tal-aċċess għall-kura ta' gruppi vulnerabbli, ma ġewx evalwati bis-sħiħ għal dak li jikkonċerna l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi wiesgħa jew l-effetti potenzjalment diskriminatorji u l-implikazzjonijiet fuq terminu twil tagħhom u l-konsegwenzi eventwali għall-medja ta' għomor; jenfasizza l-fatt li tali miżuri għandhom impatti negattivi sproporzjonati fuq gruppi vulnerabbli;

7. Jikkunsidra b'dispjaċir li l-istigma soċjali ta' ċerti kundizzjonijiet mediċi tiskoraġġixxi l-individwi milli jfittxu l-kura neċessarja, u dan jista' jħalli mard li jittieħed, pereżempju, mhux ikkurat, bir-riskju li dan iġib miegħu għas-saħħa pubblika;

8. Jiddispjaċih dwar l-impatt sproporzjonat li l-prattiki tal-arrest tal-pajjiżi u l-obbligi ta' rappurtar marbuta mal-infurzar tal-liġi tal-immigrazzjoni għandhom fuq il-kapaċità tal-migranti mhux dokumentati li jirċievu attenzjoni medika ([2]);

9. Jirrikonoxxi li hemm relazzjonijiet stretti bejn serje ta' vulnerabilitajiet, esperjenza ta' kura istituzzjonalizzata, nuqqas ta' aċċess għal assistenza ta' kwalità bbażata fuq il-komunità u l-konsegwenza ta' nuqqas ta' akkomodazzjoni; ifakkar li s-servizzi tas-saħħa u l-kura jista' jkollhom rwol importanti fil-prevenzjoni u t-trattament tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, inklużi forom estremi bħal nuqqas ta' akkomodazzjoni; jenfasizza li l-gruppi li għandhom diversi fatturi ta' vulnerabilità, bħar-Roma, persuni mingħajr permess ta' residenza validu jew persuni mingħajr dar, jinsabu f'riskju akbar li jitħallew barra minn kampanji ta' prevenzjoni ta' riskji, dijanjosi u trattament;

10. Jindika l-effetti negattivi fit-tul ta' tnaqqis fil-miżuri ta' kura preventiva fi żminijiet ta' kriżi; jikkunsidra li l-miżuri preventivi, jekk hemm bżonn li jitnaqqsu, tal-anqas għandhom jittellgħu lura fil-livell preċedenti, sabiex tibqa' l-kontinwità u ma tkunx distrutta l-infrastruttura; jenfasizza li l-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-hekk imsejħa politiki ta' awsterità imposti minn ċerti Stati Membri ma jkunux il-kawża ta' nuqqas ta' investiment fis-servizzi ta' saħħa nazzjonali iżda li, fid-dawl tal-importanza u n-natura essenzjali tagħhom, għandhom isiru sforzi sabiex jiġu konsolidati dawn is-servizzi ħalli jissodisfaw il-bżonnijiet tas-soċjetà, b'mod partikolari l-gruppi l-aktar vulnerabbli tagħha;

11. Jikkunsidra li miżuri ta' awsterità ma għandhom taħt l-ebda ċirkustanza jipprivaw liċ-ċittadini mill-aċċess tagħhom għal servizzi soċjali u ta' saħħa jew mill-innovazzjoni u l-kwalità fil-provvista ta' servizzi soċjali u ma għandhomx ireġġgħu lura xejriet pożittivi fl-iżvilupp tal-politika;

12. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu r-reklutaġġ fis-servizzi tal-kura soċjali u jaħdmu biex iżidu l-attraenza tas-settur bħala għażla ta' karriera vijabbli għaż-żgħażagħ;

13. Jenfasizza li numru ta' ċittadini tal-UE li qed jgħixu f'pajjiż tal-UE ieħor li mhumiex tagħhom u li ma għandhomx assikurazzjoni tas-saħħa, minħabba qgħad jew nuqqas ta' permess ta' residenza, qed jiżdied; jenfasizza li l-fatt li ċ-ċittadini tal-UE koperti minn assikurazzjoni tas-saħħa f'pajjiż ieħor tal-UE għandhom ta' spiss diffikultà biex jeċċedu l-kura għax jridu jħallsu minn qabel;

14. Jitħasseb li persuni b'diżabilità fl-UE qed ikunu affetwati sproporzjonalment bit-tnaqqis fl-ispiża pubblika, u bħala riżultat ta' dan qed jitilfu servizzi ta' appoġġ li jippermettulhom jgħixu ħajja indipendenti fil-komunità;

---

([1]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tixjiħ b'saħħtu u b'dinjità, adottati fl-2980 Laqgħa tal-Kunsill dwar Impjieg, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur, Novembru 2009.

([2]) Il-linji gwida FRA "Apprehension of migrants in an irregular situation – fundamental rights considerations" jipproponu prinċipji ewlenin għall-Istati Membri dwar prattiki ta' identifikazzjoni u rappurtar f'faċilitajiet mediċi u ħdejhom: http://fra.europa.eu/sites/default/files/document-on-apprehensions_1.pdf

15. Jikkunsidra li dan qed iwassal għal żieda fin-numru ta' persuni li qed jgħixu taħt kura istituzzjonalizzata għal perijodu twil u għal aktar esklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità fl-UE, li huwa ksur dirett tal-impenji tal-UE taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet u l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020;

16. Jenfasizza li l-kura li trid tiġi rċevuta min-nies b'diżabilità għandha tiġi provduta b'mod aċċessibbli, mhux biss f'termini ta' infrastruttura, imma wkoll komunikazzjoni, li hija speċjalment importanti fil-każ ta' persuni b'diżabilitajiet intellettwali (diffikultajiet fit-tagħlim); jenfasizza l-bżonn li jitħeġġeġ it-taħriġ tal-fornituri tal-kura u t-tobba mhux speċjalisti biex joffru kura b'mod aċċessibbli;

17. Jikkunsidra li kull tnaqqis fis-servizzi tal-kura u tal-appoġġ għaż-żgħażagħ jew gruppi oħra vulnerabbli huma soġġetti li jxejnu l-politika eżistenti tal-UE dwar l-inklużjoni attiva; jenfasizza li r-rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ipoġġu pressjoni addizzjonali fuq it-tipi kollha ta' servizzi soċjali u li azzjoni mmirata tista' tgħin;

18. Jinnota li, minħabba l-qgħad li qed jiżdied u l-qgħad fuq perjodu twil minħabba l-kriżi, proporzjon kbir taċ-ċittadini bħalna – il-persuni mingħajr impjieg fuq perjodu twil u d-dipendenti tagħhom – huwa mċaħħad mill-aċċess għas-sistema tas-saħħa pubblika, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri, u speċjalment dawk bl-ogħla rati ta' qgħad, biex jindirizzaw b'mod effettiv u mgħaġġel din il-kwistjoni ewlenija permezz tal-adozzjoni tal-miżuri neċessarji;

19. Jilqa' r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 dwar "Investiment fit-Tfal: it-tkissir taċ-ċiklu tal-iżvantaġġ"; jirrikonoxxi l-importanza u l-effiċjenza tal-ispiża tal-investiment fis-snin bikrija tat-tfulija, għal dak li jikkonċerna l-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tagħhom; jirrikonoxxi li l-investiment f'servizzi soċjali ta' kwalità għolja huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' servizzi ta' protezzjoni tat-tfal adegwati u effettivi u għal biex ikunu stabbiliti strateġiji ta' prevenzjoni komprensivi; ifakkar fl-importanza li tiġi adottata perspettiva ta' tul il-ħajja kollha u l-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni u dijanjosi bikrija; jenfasizza li l-pandemija reċenti tal-ħosba wriet kemm huwa importanti għas-saħħa pubblika t-tilqim b'xejn għat-tfal;

20. Jirrikonoxxi l-kontribuzzjoni soċjali u ekonomiċi kbar tal-membri tal-familja li jaġixxu bħala persuni li jieħdu ħsieb ħaddieħor u l-voluntiera (kura informali) u r-responsabbiltajiet li qed jiżdiedu fuqhom bit-tnaqqis fil-provvista tas-servizzi jew biż-żeda fl-ispejjeż tagħhom; iqis li l-miżuri ta' awsterità m'għandhomx iwasslu biex itaqqlu żżejjed b'mod ulterjuri nies li jieħdu ħsieb ħaddieħor b'mod informali; jisħaq fuq l-importanza li tiġi rikonoxxuta l-kompetenza esperta tal-persuni li jieħdu ħsieb ħaddieħor u li jiġi garantit xogħol ta' kwalità għolja; jitlob għal appoġġ u għajnuna xierqa għall-membri tal-familja li jaġixxu bħala persuni li jieħdu ħsieb ħaddieħor f'sens li jingħaqdu flimkien il-kura u l-karriera u jqis li l-ħin li tkun qattgħet persuna bħala waħda li tieħu ħsieb ħaddieħor irid jiġi kkalkulat fl-eliġibilità għall-pensjoni; Jenfasizza li l-maġġoranza tal-għoti tal-kura fl-UE hija provduta fuq bażi informali, jiġifieri minn membri tal-familja u voluntiera, u jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali biex iżidu l-apprezzament ta' dan il-kontribut u l-premji finanzjarji għalih;

21. Jirrikonoxxi li aktar u aktar nisa huma involuti f'xogħol imħallas (għalkemm qed jitħallsu 18 % anqas mill-irġiel), u li fl-istess ħin in-nisa għadhom relattivament ta' spiss persuni li jieħdu ħsieb ħaddieħor (78 % minnhom huma nisa), li jirriżulta fi sfida biex ikollhom bilanċ sodisfaċenti bejn ix-xogħol u l-ħajja. jemmen li, b'mod ġenerali, il-fakultà ta' xogħol flessibbli hija importanti biex tgħin lin-nies jikkombinaw ix-xogħol u l-kura; jinsab imħasseb dwar l-impatt negattiv li t-tnaqqis tas-servizzi jew l-ispejjeż dejjem għola tagħhom għandhom fuq il-livelli ta' impjieg fost in-nisa, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tixjiħ b'saħħtu;

22. Ifakkar li s-settur tal-kura ġie identifikat mill-UE bħala qasam ta' tkabbir potenzjali fl-impjieg u l-PE identifika l-bżonn ta' paga u taħriġ aħjar sabiex dan isir għażla ta' karriera attraenti u jtejjeb il-kwalità tas-servizz; Jinnota n-nuqqas ċar ta' ħaddiema f'partijiet mis-settur tas-saħħa u l-għoti tal-kura u jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-taħriġ tal-kura fost iż-żgħażagħ, kif ukoll miżuri ta' taħriġ li jistgħu jgħinu lil dawk li jagħtiu u jipprovdu kura jifhmu aktar il-bżonnijiet ta' dawk li jirċievu l-kura;

23. Jisħaq fuq l-importanza dejjem tiżdied tal-għoti tas-servizz mobbli sabiex is-servizzi jitwasslu għand dawk li jeħtiġuhom, f'żoni urbani kif ukoll rurali;

24. Jenfasizza l-kontribut utli tas-settur tal-voluntiera għall-kura ta' anzjani li għandhom bżonn ta' kura u, fejn neċessarju, ta' individwi iżolati li qed jgħixu weħedhom;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

25. Japprezza l-fatt li ntgħażlet is-Sħubija Ewropea għal Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu (EIP) biex jiġu affrontati l-isfidi li jirriżultaw mit-tixjiħ demografiku; dan jinkludi l-objettiv li, sal-2020, jiżdied b'sentejn it-tul tal-ħajja b'saħħitha taċ-ċittadini tal-UE; dan ifittex ukoll sitwazzjoni ta' suċċess triplu għall-Ewropa billi:

i) tiżdied is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien;

ii) jitjiebu s-sostenibilità u l-effiċjenza tas-sistemi tal-kura;

iii) jinħolqu opportunitajiet ta' tkabbir u tas-suq għan-negozji;

26. Jirrikonoxxi x-xogħol magħmul minn organizzazzjonijiet tat-tielet settur u volontarji, imma jikkunsidra li dan m'għandux jissostitwixxi r-responsabbiltà tal-Istat li jiżgura servizzi ta' kwalità għolja, effikaċi u għall-but ta' kulħadd li huma aċċessibbli għal kulħadd bħala pubbliċi, b'appoġġ finanzjarju mir-riżorsi pubbliċi;

27. Jenfasizza l-"Qafas Ewropew tal-Kwalità għal Kura fuq Perjodu Twil", li jipprovdi prinċipji u linji gwida għad-dinjità u l-benessri ta' anzjani fi bżonn ta' kura u ġie ppubblikat bħala parti mill-proġett WeDO tal-Kummissjoni [1];

28. Jistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-għarfien dwar is-saħħa u jipprovdu informazzjoni xierqa dwar is-servizzi disponibbli għal gruppi vulnerabbli li ta' spiss għandhom diffikultà biex jaċċedu s-servizzi li għandhom bżonn; ta' importanza ugwali huwa l-involviment ta' dawk li jirċievu l-kura u dawk li jagħtu l-kura fil-proċessi ta' deċiżjoni li jaffettwawhom;

***Rakkomandazzjonijiet***

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex takkwista data kumparabbli u kurrenti fil-forma ta' analiżi fundamentali dwar l-aċċess għall-kura;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-partijiet interssati relevanti kollha, jimmonitorjaw u jindirizzaw fil-pjani nazzjonali ta' riforma l-politiki nazzjonali li jmorru kontra l-mira ta' tnaqqis tal-faqar tal-2020; jistieden lill-Istati Membri jiffokaw speċjalment fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli u jneħħu l-ostakoli għall-aċċess, itejbu u jsaħħu l-miżuri ta' assimilazzjoni u ta' prevenzjoni fi stadju bikri sabiex jirritornaw lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u jevitaw ħsara fit-tul u spejjeż li jirriżultaw min-nuqqas ta' azzjoni;

31. Jistieden lill-Kummissjoni, is-sħab soċjali u l-Istati Membri biex jaġixxu fuq is-sejbiet ta' analiżi dwar il-punti b'saħħithom u dgħajfa tas-Sena Ewropea tax-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet tal-2012;

32. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkooperaw bl-għan li jiġi implimentat għadd massimu ta' programmi għal titjib fl-istandards tas-saħħa fost il-gruppi l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal u ż-żgħażagħ, fil-kuntest tal-mobilità, li hija rikonoxxuta bħala dritt fundamentali fl-UE;

33. Jistieden lill-Kummisjoni teżamina t-tensjonijiet li jistgħu jirriżultaw bejn id-drittijiet tas-sigurtà soċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 [2] u t-tħaddim tad-Direttiva 2004/38/KE [3], bil-ħsieb li tirrakkomanda xi bdil neċessarju biex jitnaqqas id-divarju fil-kopertura;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha biex jistabbilixxu l-prijoritijiet, jeliminaw id-distakk bejn l-irġiel u n-nisa u jiżguraw aċċess effettiv għas-servizzi tas-saħħa u tal-ippjanar tal-familja, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lil gruppi vulnerabbli u żvantaġġati oħra li jeħtieġu ħarsien tas-saħħa soċjali;

---

[1] WeDO, proġett appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea (2010-2012), imexxi minn grupp ta' tmexxija kompost minn 18-il organizzazzjoni f'12-il Stat Membru. L-interess komuni tal-organizzazzjonijiet sħab kollha kien u jibqa' li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' anzjani fi bżonn ta' kura.

[2] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

[3] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

35. Jistieden lill-Kummisjoni tinkludi salvagwardja soċjali li tipproteġi l-kura u s-servizzi soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali fi qbil mal-pajjiżi li jirċievu assistenza finanzjarja; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżviluppaw l-użu ta' teknoloġiji ġodda bħat-telemediċina sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kura;

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex theġġeġ aċċess ugwali għall-edukazzjoni u l-kura tat-tfal minn età bikrija, u tipprovdi appoġġ finanzjarju adegwat għal dawn is-servizzi;

37. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu servizzi bbażati fuq il-komunità għal tfal b'diżabilitajiet;

38. Jistieden lill-Istati Membri biex jidentifikaw u jeliminaw ostakli u xkiel rigward l-aċċess ta' nies b'diżabilità għat-trasport pubbliku, is-servizzi u l-informazzjoni;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iwaqqfu prijoritajiet ħalli jeliminaw id-differenzi u jipprovdu aċċess effettiv għas-servizzi tas-saħħa għal gruppi vulnerabbli li jinkludu n-nisa fqar, il-migranti u r-Roma fil-protezzjoni tas-saħħa soċjali billi jiġi żgurat li l-kura tas-saħħa tkun għall-but ta' kulħadd, disponibbli u ta' kwalità, li l-organizzazzjoni tkun effiċjenti u effikaċi u li l-finanzjament ikun adegwat fiż-żoni ġeografiċi kollha;

40. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw politiki li jippromwovu s-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard billi jiżguraw kura tas-saħħa bla ħlas, universali u ta' kwalità lill-gruppi l-aktar żvantaġġati, b'attenzjoni partikolari fuq l-iżgurar tal-kura tas-saħħa primarja, mediċina preventiva, aċċess għad-dijanjosi, it-trattament u r-rijabilitazzjoni; jitlob li jiġu provduti l-mezzi meħtieġa biex ikunu miġġielda l-problemi ewlenin tas-saħħa li jiffaċċaw in-nisa u jkun żgurat id-dritt għas-saħħa sesswali u riproduttiva, servizzi tas-saħħa għan-nisa vittmi tal-vjolenza, u kura tas-saħħa għat-trabi;

41. Jistieden lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, biex iqisu b'mod sħiħ ir-rabta bejn is-saħħa fiżika u mentali fuq naħa u l-qgħad u l-insigurtà tal-impjieg fuq l-oħra – li l-kriżi żvelat bħala fenomeni ewlenin – sabiex ikun hemm pjanar xieraq stabbilit ħalli jiġu evitati u indirizzati l-konsegwenzi dannużi ta' dan it-tip;

42. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-Istati Membri jsaħħu s-servizzi tas-saħħa tagħhom fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-kura primarja, filwaqt li jiffukaw fuq titjib tas-saħħa u fl-aċċess għall-kura għan-nisa, b'mod partikolari għan-nisa li jgħixu f'żoni remoti 'l bogħod miċ-ċentri urbani, kif ukoll fuq miżuri għall-aktar gruppi żvantaġġati– it-tfal u ż-żgħażagħ, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, qiegħda jew bla dar – li jiggarantixxu d-dritt ta' monitoraġġ mediku regolari għal kulħadd;

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jitrattaw il-kura tal-omm u tat-trabi li jkun għadhom kemm twieldu, speċjalment f'każijiet ta' twelid prematur, bħala prijorità tas-saħħa pubblika u jinkorporawha fl-istrateġiji tas-saħħa Ewropej u nazzjonali;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jorganizzaw l-edukazzjoni u l-korsijiet ta' taħriġ meħtieġa għall-professjonijiet tas-saħħa kollha li jaħdmu fl-unitajiet tal-kura ta' qabel il-konċepiment, tal-maternità u tat-trabi li jkun għadhom kemm twieldu, bl-għan li ji jkun prevenut it-twelid prematur u jitnaqqas l-għadd ta' mard kroniku li jolqot lit-trabi li jitwieldu b'mod prematur;

45. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li tingħata għajnuna xierqa lin-nisa waqt u wara tqala u t-treddigħ, billi joffru servizzi ta' indukrar/konsultazzjoni bla ħlas meta jkun meħtieġ, u nutriment adegwat, speċjalment lil dawk li jinsabu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali minħabba l-kriżi ekonomika attwali;

46. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strutturi xierqa li joffru lin-nies appuntamenti mediko-soċjali sabiex jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet li jgħixu fihom l-ifqar nies;

47. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni aċċessibbli u ċara dwar id-drittijiet tal-migranti fil-lingwi relevanti kollha, inkluża dik tar-Roma;

48. Jinkoraġġixi l-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra r-reat ta' mibegħda u jippromwovu politiki kontra d-diskriminazzjoni, jekk hemm bżonn billi jsaħħu l-entitajiet ta' kontra d-diskriminazzjoni nazzjonali tagħhom u jippromwovu taħriġ fl-awtoritajiet pubbliċi;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw l-Artikolu 19 tat-TFUE u jadottaw d-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali sabiex tiġi pprojbita d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali ([1]) u japplikaw il-prinċipju tat-trattament ugwali fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi u l-forniment tagħhom li huma kummerċjalment disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-akkomodazzjoni;

50. Jistieden lill-Istati Membri biex iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt biex jiżguraw li l-miżuri meħuda li jista' jkollhom impatt fuq dawk li huma l-aktar vulnerabbli jkunu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u f'konformità mad-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità ([2]);

51. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jevitaw il-problema ta' nies mingħajr dar, jipprovdu l-kura neċessarja għal nies mingħajr dar, u biex ma jagħmlux in-nuqqas ta' akkomodazzjoni reat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom;

52. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li kull politika jew programm ta' finanzjament maħsuba biex jappoġġaw l-innovazzjoni soċjali u/jew servizzi relatati mal-kura jimmiraw lejn dawk is-servizzi li jilħqu l-aħjar il-bżonnijiet soċjali u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies, u li huma żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib u konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jiddefendu u jirrappreżentaw gruppi vulnerabbli;

53. Jinnota l-kamp ta' applikazzjoni tal-Inizjattiva għan-Negozju Soċjali tal-Parlament u jisħaq fuq l-importanza tal-ekonomija soċjali, li tista', flimkien man-negozji soċjali, issaħħaħ b'mod effikaċi l-qasam li qed jikber malajr tal-kura tas-saħħa u dak soċjali;

54. Jinkoraġġixxi lill-Kummisjoni u lill-Kunsill jaħdmu mal-Parlament biex jerġgħu jinfurzaw finanzjament lill-programmi li jimmiraw gruppi vulnerabbli; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha disponibbli għaliha biex tiżgura t-teħid sħiħ u l-ħlas massimu tal-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u strumenti oħra rilevanti li jindirizzaw il-bżonnijiet tan-persuni li huma vulnerabbli jew fir-riskju ta' esklużjoni, u li tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jilħqu l-mira ta' faqar tal-Ewropa 2020 u jippromwovu innovazzjoni u l-kwalità fis-setturi tas-saħħa u tal-kura; jenfasizza l-importanza ta' strumenti ta' finanzjament relatati bħall-Programm tal-UE għall-Bidla u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropew;

55. Jistieden lill-Kummissjoni jiżviluppa pakkett ta' indikaturi oġġettivi u suġġettivi bil-ħsieb li jiġu mkejla l-komponenti materjali u mhux materjali tal-benessri, inklużi l-indikaturi soċjali, u li tiġi ppubblikata regolarment data dwar dan, sabiex jiġu integrati l-indikaturi Ewropej u nazzjonali dwar il-PDG u l-qgħad u b'hekk jiġi mkejjel il-progress fuq il-livell tas-soċjetà u mhux biss l-iżvilupp ekonomiku;

56. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jirrikonoxxu b'mod ċar il-kontribut utli magħmul minn dawk li jieħdu ħsieb ħaddieħor b'mod informali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżommu miżuri ta' appoġġ immirati għal dawk li jieħdu ħsieb ħaddieħor u għas-settur tal-volontarjat, ħalli jipprovdu aktar miżuri personali, ta' kwalità u kosteffikaċi, pereżempju miżuri li jippermettu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, li jiffaċilitaw aktar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn dawk li jieħdu ħsieb ħaddieħor b'mod informali u dawk li jieħdu ħsieb ħaddieħor b'mod formali, u li jiżguraw politiki tas-sigurtà soċjali u taħriġ għal dawk li jieħdu ħsieb ħaddieħor; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw qafas koerenti għat-tipi kollha ta' liv għall-kura; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi direttiva tal-UE dwar il-liv tal-persuni li jieħdu ħsieb ħaddieħor, b'mod koerenti mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fit-Trattat;

57. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni preċiża u li tinftiehem faċilment fil-lingwi u l-formats relevanti, dwar id-dritt għall-kura, u biex din tkun aċċessibbli b'mod wiesa';

58. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jabbozzaw definizzjonijiet ċari tal-profili professjonali fis-settur tal-kura li jippermettu delimitazzjoni preċiża tad-drittijiet u l-obbligi;

59. Jistieden lill-Istati Membri biex jintegraw l-atturi potenzjali kollha fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, u anki s-sħab soċjali, f'inizjattivi li jirrigwardaw is-servizzi tal-prevenzjoni, tas-saħħa u dawk soċjali;

([1]) COM(2008)0426.
([2]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

60. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-programmi ta' taħriġ meħtieġa mis-setturi tal-kura u tal-appoġġ, u joffru gotjiet lin-nies li jagħmlu studji relevanti;

61. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi kampanja bil-għan li tirrekluta ż-żgħażagħ u ttejjeb l-immaġini pubblika tas-settur tal-kura bħala settur li jimpjega;

62. Jitlob li d-drittijiet tax-xogħol ta' dawk li qed jaħdmu fis-settur tal-kura jiġu rispettati, inkluż id-dritt għal introjtu dinjituż u kundizzjonijiet dinjitużi u d-dritt li wieħed jingħaqad ma' trejdjunjins u jifforma trejdjunjins u d-dritt għal negozjar kollettiv;

63. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġaw l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex iwaqqfu skemi ta' finanzjament sostenibbli għas-servizzi tal-kura u biex jiżviluppaw skemi ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema bl-għajnuna tal-finanzjament tal-FSE;

64. Jinkoraġġixxi s-sħab soċjali jiżviluppaw djalogu soċjali formali dwar is-settur tal-kura;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

P7_TA(2013)0329

## TV Konness

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-TV Konness ("Connected TV") (2012/2300(INI))**

(2016/C 075/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri annessi mat-Trattat ta' Amsterdam li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u ċerti atti relatati,

— wara li kkunsidra l-konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali adottata mill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) fl-20 ta' Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) ([1]),

([1]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) ([1]) kif emendata mid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) ([3]), kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess) ([5]) kif emendata mid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) ([6]) kif emendata mid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi ([7]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) ([8]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika ([9]), kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-istat għax-xandir tas-servizz pubbliku ([10]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/560/KE tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-iżvilupp tal-kompetittività tal-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u ta' informazzjoni permezz tal-promozzjoni ta' oqfsa nazzjonali immirati lejn l-kisba ta' livelli komparabbli u effettiv ta' protezzjoni ta' minuri u tad-dinjità umana ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar l-Internet tal-Oġġetti ([12]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0212/2013),

A. billi s-settijiet televiżivi kienu ġew żviluppati oriġinarjament biex jirċievu sinjali ta' xandir lineari, billi fl-ambjent diġitali l-kontenut awdjoviżiv, minħabba l-kapaċità suġġestiva tiegħu, ntlaqa' b'interess kbir min-naħa tal-pubbliku meta mqabbel ma' servizzi tal-midja elettroniċi oħrajn u għalhekk dan għad għandu rwol prominenti fl-iffurmar tal-opinjoni individwali u pubblika;

---

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.
([2]) ĠU L 337, 18.12.2009, p. 37.
([3]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.
([4]) ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11.
([5]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7.
([6]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21.
([7]) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.
([8]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.
([9]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
([10]) ĠU C 257, 27.10.2009, p. 1.
([11]) ĠU L 270, 7.10.1998, p. 48.
([12]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 24.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

B. billi s-servizzi tal-midja awdjoviżivi, li huma servizzi kulturali daqs kemm huma servizzi ekonomiċi, huma ta' importanza kbira għas-soċjetà u d-demokrazija bħala vetturi ta' identitajiet, valuri u opinjonijiet u għalhekk jeħtieġu, f'dinja dejjem aktar konverġenti, regolazzjoni speċifika;

C. billi l-konverġenza teknika tant mistennija tal-midja, partikolarment għax-xandir u l-internet, issa saret realtà, u billi l-politika Ewropea dwar il-midja, il-kultura u n-networks trid tadatta l-kwadru normattiv għall-kundizzjonijiet il-ġodda li nħolqu u tiżgura li jiġi stabbilit u nfurzat livell uniformi ta' regolamentazzjoni, anki għall-operaturi ġodda tas-suq mill-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi;

D. billi l-internet żviluppa b'mod mgħaġġel matul dawn l-aħħar 25 sena u billi t-tagħmir intelliġenti qed ibiddel id-drawwiet u l-mod ta' kif wieħed jara t-televiżjoni;

E. billi, filwaqt li l-użu ta' tagħmir konness mal-internet qed jiżdied, is-servizzi tradizzjonali xorta għadhom popolari;

F. billi s-servizzi awdjoviżivi lineari u mhux lineari u għadd numeruż ta' servizzi ta' komunikazzjoni oħra jistgħu diġà jintużaw fuq l-istess skrin, ikkombinati bla ebda xkiel u kkunsmati fl-istess ħin;

G. billi minħabba s-sinifikat soċjali partikolari tas-servizzi lineari tat-televiżjoni u s-servizzi tal-midja, fil-ġejjieni xorta se jkun meħtieġ qafas regolatorju indipendenti għall-midja, peress li dan huwa l-uniku mod li jiġi kkunsidrat b'mod xieraq dan ir-rwol importanti u li tiġi żgurata d-diversità tal-opinjoni u l-midja fl-Istati Membri;

H. billi l-miġja tat-TV Konness ittrasformat radikalment il-katina tradizzjonali tal-valur, u wasslet għall-ħtieġa li titfassal strateġija ġdida;

I. billi filwaqt li l-iżviluppi teknoloġiċi jwasslu inevitabbilment għal awtonomija akbar, għalkemm dan jidher biss b'mod parzjali, u li għalhekk dejjem qed tikber il-ħtieġa tal-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet esklussivi u tal-integrità tal-kontenut;

J. billi qed jiżdiedu l-possibiltajiet ta' tixrid ta' offerti onlajn (interattivi) li japprofittaw mill-varjetà ta' offerti televiżivi, u huwa kruċjali li jkun hemm kopertura broadband ta' 100 % biex ikun hemm żieda fl-interess tal-konsumaturi f'sistemi ibridi li jirċievu;

K. billi fid-dawl tal-konverġenza dejjem tikber tal-midja, il-kunċett ta' 'TV konness' qed ikun interpretat b'mod dinamiku, teknoloġikament newtrali u wiesa' biex ikopri t-tagħmir kollu, inkluż it-tagħmir mobbli, li jiffaċilita l-aċċess għall-kontenut lineari u nonlineari tal-midja, is-servizzi "over-the-top" u applikazzjonijiet oħra fl-istess tagħmir jew skrin, filwaqt li b'hekk jgħaqqdu flimkien id-dinja tax-xandir u d-dinja tal-internet;

L. billi f'dinja ta' midja konverġenti, l-operaturi, aktar milli jikkompetu għall-kapaċità ta' trażmissjoni, qegħdin jikkompetu għall-attenzjoni tal-utenti u hekk kif jiżdied in-numru ta' offerti, isir aktar diffiċli li jintlaħqu l-utenti u l-aċċess u l-kapaċità li jinstabu l-offerti, kif ukoll l-elenkar u r-rakkomandazzjoni tagħhom se jiddeterminaw is-suċċess tagħhom;

M. billi d-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti regoli stabbiliti mil-liġi u regoli amministrattivi fl-Istati Membri rigward il-provvista ta' servizzi awdjoviżivi tal-midja (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) jibbażaw fuq il-prinċipju tan-newtralità tat-teknoloġija, s'issa ma jirreflettux il-fużjoni teknika kontinwa u b'mod partikolari, ir-regolamentazzjoni bi gradazzjoni, li tagħmel distinzjoni bejn il-programmi televiżivi (inklużi webcasting u live streaming) u s-servizzi awdjoviżivi tal-media on demand, tista' ssir anqas importanti fil-forma eżistenti, għalkemm l-informazzjoni u s-servizzi tal-komunikazzjoni rregolati b'mod differenti huma disponibbli fuq l-istess tagħmir, inklużi s-servizzi li ma jaqgħux fl-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, iżda tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku jew, fil-każ ta' offerti extra-Ewropej, ma huma koperti minn ebda regolament tal-UE li jirregola l-midja, li jista' joħloq kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ugwali u diskrepanzi inaċċettabbli fil-protezzjoni tal-utenti kif ukoll joħloq dubji ġodda rigward l-aċċess, it-tip ta' distribuzzjoni u l-aċċessibbiltà tal-kontenut, indipendentement mit-tip ta' midja involuta;

N. billi dawn il-fornituri ta' servizzi ġodda se jikkompetu direttament ma' atturi tradizzjonali fis-settur, fejn min-naħa jakkwistaw kontenut esklussiv anki fis-suq Ewropew u min-naħa l-oħra huma stess joffru servizzi ġodda;

O. billi l-objettivi regolatorji tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva – partikolarment dawk li tiġi ggarantita u promossa d-diversità tal-opinjoni u tal-midja, il-ħarsien tad-dinjità umana u t-tfal, u l-promozzjoni tal-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità tas-smigħ jew problemi tal-viżjoni fost il-fornituri tas-servizzi tal-midja, u li tiġi salvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, kif ukoll ir-regolamentazzjoni tar-reklamar ibbażata fuq il-kwalità u l-kontenut – fil-prinċipju jippreservaw l-importanza tagħhom għas-soċjetà u l-ġustifikazzjoni regolatorja tagħhom, iżda fl-istess ħin il-limiti tal-effikaċja u l-infurzar ta' dawn id-dispożizzjonijiet protettivi qed jispikkaw dejjem aktar minħabba l-metodi ta' użu li saru possibbli permezz ta' sistemi ibridi li jirċievu;

P. billi s-servizzi ta' TV konness ta' kwalità għolja jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet joffru konnessjonijiet b'veloċità għolja biżżejjed bejn is-servers tax-xandir u l-abbonati;

Q. billi l-firxa tal-possibilitajiet ġodda ta' użu offruti mit-tagħmir ibridu iqajmu dubju dwar il-prinċipji fundamentali tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, bħall-obbligu ta' distinzjoni bejn ir-reklamar u l-programmi, u r-regoli dwar il-waqfiet pubbliċitarji;

R. billi l-fatt uniku u każwali li jeżistu diversi servizzi ma jwassalx awtomatikament għall-ilħuq tal-objettivi regolatorji u għalhekk għandu jiġi evalwat jekk huwiex se jibqa' jkun hemm il-ħtieġa ta' qafas regolatorju speċifiku għall-ilħuq tal-miri u jekk dan il-qafas jistax jimpedixxi mill-bidu nett żviluppi ħżiena eventwali;

S. billi hekk kif it-TV konness isir aktar stabbilit, it-TV konvenzjonali u l-internet jistgħu eventwalment jingħaqdu, hekk kif it-telefonija ċellulari u l-internet ingħaqdu flimkien xi ftit snin ilu;

T. billi għandu jkun inkoraġġit kwalunkwe mezz ta' adattament tas-suq li jiffavorixxi l-kreazzjoni u l-innovazzjoni fl-Ewropa;

U. billi l-iżvilupp ta' sistemi ibridi li jikkombinaw it-TV u l-internet se jippermettu l-utenti jinnavigaw bla distinzjoni bejn l-istazzjonijiet televiżivi u s-servizzi tal-interent, inklużi l-websajts li joffru kontenut awdjoviżiv b'mod illegali;

V. billi qed jirriżulta li n-newtralità tan-network mhijiex salvagwardjata biżżejjed bit-trasparenza l-kompetizzjoni;

W. billi l-prinċipju tal-pajjiż li jxandar stabbilit fid-direttiva oriġinali, id-Direttiva dwar it-"televiżjoni mingħajr fruntieri", jirrappreżenta l-ewwel pass għal-libertà tal-informazzjoni u l-iżvilupp ta' suq komuni tas-servizzi, peress li l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal standards minimi bbażati fuq il-kwalità u, bi skambju għal dan, introduċew il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini fil-forma tal-prinċipju tal-pajjiż li jxandar.

1. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa sa liema punt ikun meħtieġ li tiġi riveduta d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u rekwiżiti oħra stabbiliti fir-regolamenti tan-networks u tal-midja (e.ż. il-pakkett tat-telekomunikazzjonijiet) fir-rigward tar-regoli dwar il-kapaċità ta' tisjib u l-aċċess non-diskriminatorju għall-pjattaformi, għall-fornituri tal-kontenut u għal min jiżviluppa l-kontenut kif ukoll għall-utenti, filwaqt li jiġi estiż il-kunċett ta' pjattaformi, u sabiex l-istrumenti eżistenti jiġu adatti għall-kundizzjonijiet li nħolqu ġodda; billi b'dan għandu jiġi żgurat li l-konsumaturi jistgħu jibbenefikaw mill-għażla u l-aċċess miżjuda għas-servizi ta' midja awdjoviżiva u li l-fornituri tal-kontenut ikunu jistgħu jibbenefikaw minn aktar għażla fil-mod kif jiġi distribwit il-kontenut tagħhom, filwaqt li jżommu kuntatt mal-udjenza tagħhom;

2. jikkunsidra li, fil-każ ta' miżuri regolatorji għal operaturi ta' pjattaformi, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat aċċess nondiskriminatorju għall-pjattaformi biex jagħti l-permess lill-korpi tax-xandir u lil fornituri oħra, li spiss ikunu żgħar, jipparteċipaw fis-suq fuq bażi ugwali;

3. jitlob lill-Kummissjoni timplementa l-kunċett ta' servizzi tal-midja li ġie ddefinit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMD-RL) b'mod li l-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet regolatorji mill-Istati Membri tkun marbuta aktar mal-impatt soċjo-politiku potenzjali tas-servizzi u l-karatteristiċi speċifiċi ta' dak l-impatt, partikolarment mar-relevanza tagħhom għall-formazzjoni tal-opinjonijiet u għad-diversità, kif ukoll abbażi tar-responsabbiltà editorjali;

4. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tikkunsidra l-funzjoni differenti li għandhom is-servizzi tal-midja li huma suġġetti għal responsabbiltà editorjali u l-kontenut l-ieħor, tevalwa jekk għadux opportun u meħtieġ li jkun hemm regolazzjoni aktar stretta tal-pjattaformi televiżivi, jew jekk tkunx suffiċjenti projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest ta' reviżjoni possibbli tad-Direttiva 2010/13/UE, jew kwalunkwe leġiżlazzjoni futura, tkompli l-isforzi tagħha biex tissalvagwardja l-libertà tal-istampa.

6. Jitlob lill-Kummissjoni tindika, abbażi tar-riżultati tal-proċedura ta' konsultazzjoni tagħha "It-tħejjija għal Dinja Awdjoviżiva Konverġenti bis-Sħiħ: tkabbir, ħolqien u valuri", liema mekkaniżmi ta' regolazzjoni għadhom meħtieġa u opportuni fil-kuntest tal-konverġenza u liema minnhom għandhom eventwalment jiġu sostitwiti biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni għall-fornituri kollha ta' kontenut u servizzi, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti minimi sussegwenti u jinżammu l-miri globali ta' regolazzjoni attwali, sabiex jiżguraw kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri ta' kontenut u biex jiżguraw lill-utenti l-akbar benefiċċji possibbli kif ukoll il-possibbiltà ta' għażla ġusta, totalment trasparenti u bla diskriminazzjoni fost firxa wiesgħa ta' offerti ta' kwalità, fejn għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-fatt li jinżammu l-offerti b'xejn u dawk ta' servizz għall-pubbliku;

7. Jistieden lill-Kummissjoni, f'każ ta' rieżami tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, tiżgura kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri kollha tal-kontenut;

8. unterstreicht, dass die Entwicklungsstrategie dieser neuen Akteure einen Zuwachs im Angebot nach sich ziehen wird, das sich gleichzeitig aus auf herkömmlichen Fernsehkanälen verfügbaren Inhalten und dem Angebot, das im Internet dargeboten wird, zusammensetzt;

9. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-riskju li l-poter ekonomiku u l-preżenza internazzjonali ta' dawn l-atturi ġodda tas-suq jistgħu jgħawwġu dan l-ambjent kompetittiv ġdid għad-detriment ta' plejers tradizzjonali Ewropej;

10. Jenfasizza li għandu jiġi kkunsidrat qafas regolatorju progressiv għas-servizzi tal-midja, li mhuwiex ibbażat biss fuq id-distinzjoni bejn is-servizzi lineari u nonlineari iżda primarjament fuq l-impatt potenzjali ta' diversi servizzi tal-midja u fuq ir-responsabilità editorjali għal tali servizzi tal-midja u li fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jingħataw marġni ta' manuvrar adegwat biex huma stess jieħdu tali deċiżjonijiet;

11. Jistaqsi jekk, fl-isfond ta' konverġenza teknoloġika dejjem tikber, id-dispożizzjonijiet stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuniet mill-Istat għas-servizz pubbliku tax-xandir, li jipprevedu proċeduri ta' valutazzjoni u ta' verifika kumplessi għas-servizzi awdjoviżivi offruti minn fornituri pubbliċi li jmorru lil hinn mill-iskop ta' attivitajiet normali tax-xandir u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fuq pjattaformi ġodda għadhomx adegwati, partikolarment minħabba li qed isir dejjem aktar diffiċli għall-utenti li jgħidu jekk is-servizz ikkonċernat huwiex servizz ta' xandir lineari konvenzjonali, servizz on-demand jew tip ieħor ta' servizz awdjoviżiv;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni lill-isfidi futuri tat-TV Konness, fir-rigward tal-kompetittività fis-settur, billi titħalla li jkun hemm aktar flessibilità fir-regoli kwantitattivi dwar ir-reklamar u sabiex jiġu enfasizzati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi relevanti;

13. Jenfasizza li, fl-interess ta' ħarsien uniformi tal-konsumaturi fil-livell Ewropew, tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-minoranzi, għandhom jiġu rieżaminati r-restrizzjonijiet kwalitattivi imposti fuq is-servizzi tal-midja awdjoviżiva u għandhom jitfasslu f'livell għoli għall-mezzi kollha tax-xandir;

14. Jitlob, f'din il-konnessjoni, li l-projbizzjoni tal-ksur tad-dinjità umana, il-projbizzjoni tal-inċitazzjoni tal-mibegħda, il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-prinċipju ta' aċċess ħieles minn barrieri jkunu japplikaw bl-istess mod għall-forom kollha ta' kontenut tal-midja;

15. Jistaqsi, f'dan ir-rigward, jekk il-prinċipju tad-distinzjoni bejn ir-reklamar u l-kontenut tal-programm jistax jinżamm għat-tipi kollha ta' midja jew jekk l-objettiv li tingħata protezzjoni jistax jiġi akkwistat aħjar billi r-reklamar u l-kontenut tal-programm ikunu rikonoxxibli b'mod ċar u li jistgħu jkunu distinti faċilment, fit-tipi kollha ta' midja;

16. Huwa tal-fehma li l-introduzzjoni ta' projbizzjonijiet pubbliċitarji ġodda jew miżuri oħra li għandhom impatt fuq ir-reklamar bħala strument ta' finanzjament, jew l-estensjoni tagħhom, għandhom ikunu evitati, sabiex mudelli kummerċjali ġodda jkunu jistgħu jintużaw ukoll fis-settur tat-TV diġitali;

17. Jenfasizza li huwa vitali li s-settur pubbliku ma jiddipendix biss minn finanzjament mir-reklamar sabiex iżomm l-indipendenza tiegħu, u jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw l-isforzi maħsuba biex jipprovdu finanzjament għal tali settur;

18. Jenfasizza li strateġiji pubbliċitarji ġodda li jużaw teknoloġiji ġodda biex iżidu l-effikaċja tagħhom (screenshots, profiling tal-konsumaturi, strateġiji multi-screen) iqajmu l-kwistjoni tal-ħarsien tal-konsumaturi, u tal-ħajjiet privati u d-dejta personali tagħhom; jenfasizza, b'kunsiderazzjoni ta' dan, li jeħtieġ li jitwaqqfu sett ta' regoli konsistenti bil-għan li jiġu applikati dawn l-istrateġiji;

19. Jinkoraġġixxi l-industrija awdjoviżiva Ewropea tkompli tiżviluppa servizzi koerenti u attraenti, speċjalment online, sabiex tiżdied l-offerta Ewropea ta' kontenut awdjoviżiv;

20. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk u kif jista' jingħata status privileġġjat xieraq lill-fornituri ta' kontenut, fir-rigward tat-traċċabilità fuq apparat tal-ewwel ġenerazzjoni ta' skrins, bħas-settijiet tat-televiżjoni li jikkonnettjaw mal-internet, li l-Istati Membri jagħtuhom kuntratt ta' xandir pubbliku jew li jgħinu jippromwovu l-objettivi fl-interess pubbliku, bħal li jiżguraw il-pluraliżmu fil-midja u d-diversità kulturali, jew li jikkommettu ruħhom li jwettqu dmirijiet li jippreservaw il-kwalità u l-indipendenza tar-rappurtar u jippromwovu d-diversità tal-opinjonijiet;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, biex minbarra r-regoli "Must be found", jikkunsidraw sa liema punt ir-riforma tar-regolazzjoni tal-midja lejn skemi ta' inċentiva u ta' ċertifikazzjoni u tisħiħ ta' approċċi koregolatorji u awtoregolatorji, tista' tippermetti li l-objettivi regolatorji msemmija qabel tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, partikolarment rigward il-ħarsien taż-żgħażagħ u tad-dinjità umana, jintlaħqu b'mod sostenibbli u fl-istess ħin tinżamm il-flessibbiltà meħtieġa għal kompetizzjoni ġusta fost il-fornituri tas-servizzi tal-midja; jenfasizza li kwalunkwe miżura koregolatorja u awtoregolatorja tista' tissupplementa d-dispożizzjonijiet ġuridiċi u li l-konformità magħha għandha tiġi ssorveljata u l-valutazzjoni tal-effikaċja tagħha għandha ssir minn korp pubbliku indipendenti;

22. Jirrakkomanda, għalhekk, sabiex jiġi evitat li jkun hemm tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, li l-istess regoli għandhom japplikaw għall-istess servizzi, irrispettivament mill-mezz ta' trażmissjoni;

23. Huwa mħasseb ukoll, f'dan il-kuntest, biż-żieda fil-livell ta' kompetizzjoni li tirriżulta mill-preżenza ta' atturi internazzjonali li mhumiex suġġetti għar-regoli u l-obbligi Ewropej;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dawn il-pjattaformi jitħaddmu b'mod konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq u mal-interess ġenerali fl-ambitu ta' kompetizzjoni ġusta, u abbażi ta' standards miftuħa u interoperabbli li jkunu konformi mad-domanda tal-konsumaturi, b'mod li jiġi evitat li fornitur wieħed jew aktar jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom;

25. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-iżvilupp ta' qafas regolatorju, il-modi kif jiġi rregolat it-TV konness u s-sistemi ta' referenza tal-kontenut;

26. Jappella għal regolazzjoni tal-pjattaforma tat-TV konness li tiżgura aċċess u integrità għall-kontenut tax-xandara, trasparenza għall-konsumaturi u l-applikazzjoni ta' kodiċi ta' etika bażiku (pereżempju l-ħarsien tal-minorenni u tal-ħajja privata);

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri javvanzaw il-litteriżmu midjatiku taċ-ċittadini kollha tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi u azzjonijiet koordinati bil-għan li jżidu l-fehim tas-servizzi tal-midja lineari u nonlineari;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jittieħdu miżuri partikolarment min-naħa ta' manifatturi tat-tagħmir u fornituri tas-servizz, biex tittejjeb l-aċċessibilità għal servizzi tal-midja lineari u nonlineari għall-persuni anzjani u dawk b'diżabilità bħal dawk li għandhom nuqqas ta' smigħ jew b'diffikultajiet ta' vista;

29. Huwa tal-fehma li s-servizzi ta' pjattaforma u s-servizzi ta' portal għandhom ikunu interoperattivi sabiex jagħtu l-opportunità lil partijiet terzi, mingħajr diskriminazzjoni, li jipproduċu u jikkummerċjalizzaw l-applikazzjonijiet tagħhom stess, irrispettivament mill-mezz ta' trażmissjoni;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura b'mod legalment vinkolanti li l-kontenut kollu bħala prinċipju jitqiegħed għad-dispożizzjoni f'netwerks u pjattaformi skont l-istess standard ta' kwalità;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri legalment vinkolanti biex tiżgura li l-operaturi tan-netwerk b'mod sistematiku jittrattaw il-pakketti tad-data kollha ugwalment meta jgħadduhom mingħand l-emittenti għad-destinatarji, jiġifieri li huma ma jagħtux prijorità lil ċerti pakketti abbażi pereżempju tal-oriġini, il-kontenut, l-użu jew it-tariffa imposta fuq l-utenti, billi dan inkella jmur kontra l-għan li jkun żgurat aċċess universali u ġust għas-servizzi, kontra r-regoli dwar il-ħarsien tad-data, il-projbizzjoni fuq il-manipulazzjoni tad-data, il-priniċipju tal-integrità tal-kontenut u l-għan li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġusti għall-kompetizzjoni;

32. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-effetti tad-disparitajiet bejn is-sistemi tal-VAT fil-livell Ewropewli se jiġu enfasizzati aktar bil-miġja tat-TV konness,;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tiżgura n-newtralità tal-internet;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

34. Jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja bil-liġi l-integrità tas-servizzi lineari u nonlineari fuq pjattaformi ibridi u partikolarment tipprojbixxi s-sovrapożizzjoni jew l-amplifikazzjoni ta' dawn is-servizzi minn fornituri tal-pjattaformi jew partijiet terzi b'kontenut jew servizzi oħra, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux inbdew b'mod espliċitu mill-utent u, fil-każ ta' kontenut li mhuwiex kopert mid-definizzjoni ta' komunikazzjoni individwali, ikunu ġew awtorizzati mill-fornitur tal-kontenut; jinnota li l-interferenza mhux awtorizzata minn partijiet terzi fil-kontenut jew is-sinjali tax-xandir ta' fornitur u d-deċifrar, l-użu jew it-tixrid mhux awtorizzat tagħhom għandhom jiġu evitati bl-istess mod;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri sabiex jiġi kkunsidrat ir-riskju li fuq il-portali u l-magni ta' tiftix ikun hemm referenza għal siti mhux awtorizzati;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-livell ta' ħarsien fir-rigward tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva stabbiliti permezz ta' rekwiżiti regolatorji speċjali tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva ma jiddgħajjifx minn forniment mhux awtorizzat ta' aċċess għal pjattaformi oħrajn;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-tnedija ta' applikazzjonijiet ma tkunx awtomatika hekk kif ikun hemm aċċess għal portal, iżda li għandha tkun f'idejn l-utent, li r-ritorn lejn servizz li ntuża qabel għandu dejjem ikun sempliċi u jirrikjedi biss għafsa ta' buttuna (pereżempju l-funzjoni tal-buttuna l-ħamra), li għandu jkun ċar għall-utenti, u li meta applikazzjoni tintemm, is-servizz li jkun intuża qabel għandu jidher mill-ġdid fi kwalità awdjoviżiva sħiħa;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li fornitur tal-kontenut jista' jieħu azzjoni legali kontra tali applikazzjonijiet fuq pjattaformi ibridi li jippermettu jew iħeġġu t-tixrid mhux awtorizzat ta' kontenut li sar disponibbli mill-fornitur tal-kontenut;

39. Jistieden lill-Kummissjoni, fejn xieraq għal raġunijiet ta' drittijiet tal-awtur, taħdem għall-istabbiliment ta' sistemi sempliċi li jikklerjaw id-drittijiet, li jippermettu li s-servizzi nonlineari li jsiru disponibbli minn fornituri tas-servizzi tal-midja jidhru mingħajr tibdil u bis-sħiħ fuq pjattaformi terzi;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-użu anonimu tat-TV u tas-servizzi onlajn permezz ta' tagħmir li jirċievi ibridu li jinbigħu jew jiġu impurtati fl-UE jkun iggarantit fil-prinċipju u li jkun konformi bis-sħiħ mar-regoli tal-UE dwar il-privatezza u l-ħarsien tad-data;

41. Jistieden lill-Kummissjoni teskludi s-servizzi tal-midja awdjoviżiva mill-miżuri ta' liberalizzazzjoni nnegozjati bħala parti minn ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali, fid-dawl tan-natura duwali tagħhom u s-sinifikat tagħhom għas-soċjetà u, fl-istess waqt, tiżgura li l-kunċett ta' "servizz tal-midja awdjoviżiva" ikun żviluppat sabiex jirrifletti l-proċess kontinwu tad-diġitilizzazzjoni u l-konverġenza tal-midja;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-servizzi tat-TV ibridu futuri jikkonformaw ukoll mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-ħarsien tat-tfal, dwar il-projbizzjoni ta' ċerti tipi ta' reklamar għal raġunijiet ta' saħħa, dwar il-projbizzjoni tat-tixwix għall-mibgħeda abbażi tar-razza, dwar is-separazzjoni bejn l-aħbarijiet u messaġġi ta' reklamar, dwar it-trasparenza tas-sjieda, il-privatezza, eċċ, billi dawn huma regoli li saru parti mill-acquis komunitarju u li ma jistgħux jiġu evitati bl-iskuża tal-iżviluppi teknoloġiċi; jappella, b'mod partikolari, sabiex il-fornituri tas-servizzi u l-fornituri ta' tagħmir ta' TV ibridu minn barra l-UE jkunu infurmati li l-liġi applikabbli hija dik tal-pajjiż fejn jiġi pprovdut is-servizz u mhux dik fejn il-fornituri għandhom l-uffiċċju rregistrat tagħhom;

43. Jistieden lill-Istati Membri sabiex fin-negozjati tal-qafas finanzjarju pluriennali, jikkunsidraw mill-ġdid it-tnaqqis fil-finanzjament, miċ-ċifra proposta oriġinarjament ta' EUR 9,2 biljun għal EUR 1 biljun, għad-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DĠ Connect, CNECT) sabiex jiġi kopert l-iżvilupp ulterjuri tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti l-attenzjoni dovuta lil kwistjonijiet importanti dwar il-ħarsien tal-udjenza bħal pereżempju l-ħarsien tal-minorenni, u jemmen li Gwidi għall-Programm Elettroniċi jistgħu jkunu pjattaforma possibbli fejn jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet;

45. Jiddispjaċih għall-fatt li għad hemm żoni vasti tal-Ewropa b'infrastruttura tal-internet limitata, u jfakkar lill-Kummissjoni li, sabiex joħroġ il-potenzjal tat-TV Konness huwa essenzjali għall-konsumaturi li jkollhom aċċess għal internet b'veloċità għolja;

**Il-Ħamis 4 ta’ Lulju 2013**

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0331

## Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex jitqiesu l-ħtiġijiet ta’ nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta’ Lulju 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta’ nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (COM(2013)0157 – C7-0074/2013 – 2013/2055(ACI))**

(2016/C 075/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0157),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod [1] (FII tas-17 ta’ Mejju 2006), u b’mod partikulari l-punt 29 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, kif adottat fit-12 ta’ Diċembru 2012 [2],

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 1/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, li l-Kummissjoni adottat fit-18 ta’ Marzu 2013 (COM(2013)0156),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 1/2013, li l-Kunsill adotta fis-26 ta’ Ġunju 2013 (11607/2013 – C7-0199/2013),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0247/2013),

A. billi l-Kummissjoni, f’konformità mal-punt 29 tal-FII tas-17 ta’ Mejju 2006, b’mod parallel mal-baġit emendatorju Nru 1/2013, ressqet proposta lill-awtorità baġitarja li għandha l-għan li taġġusta l-qafas finanzjarju pluriennali sabiex fil-baġit 2013 jiġu inkorporati l-approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament meħieġa biex ikopru n-nefqa marbuta mal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni sa mill-1 ta’ Lulju 2013,

B. billi ż-żieda proposta ta’ EUR 666 miljun f’impenji u EUR 374 miljun f’pagamenti tirrifletti l-qbil dwar il-pakkett finanzjarju fil-Konferenza tal-Adeżjoni tat-30 ta’ Ġunju 2011, għajr l-intestatura 5, peress li n-nefqa amministrattiva marbuta mal-adeżjoni tal-Kroazja hija diġà inkluża fil-baġit 2013,

1. Jieħu nota tal-proposta għal deċiżjoni li temenda l-FII tas-17 ta’ Mejju 2006 kif imressqa mill-Kummissjoni, u tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din il-proposta;

---

(1) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
(2) ĠU L 66, 8.3.2013.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

2. Jenfasizza n-natura purament teknika ta' din ir-reviżjoni, li sempliċement hija l-konsegwenza tal-ftehim unanimu dwar it-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (it-Trattat tal-Adeżjoni) bħala t-28 Stat Membru tal-Unjoni; jenfasizza li minħabba f'hekk ir-reviżjoni tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006 li jakkumpanja l-baġit emendatorju Nru 1/2013 inżammet separata mid-dibattitu politiku interistituzzjonali li għaddej bħalissa dwar kif għandha tkun solvuta l-kwistjoni tal-pagamenti pendenti mill-2012 u min-negozjati dwar il-baġit emendatorju Nru 2/2013;

3. Ifakkar li, skont il-punt 29 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006, ir-riżorsi li jiffinanzjaw l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni għandhom jiġu koperti permezz ta' aġġustament tal-qafas finanzjarju, jiġifieri reviżjoni tal-limiti massimi tal-impenji u l-pagamenti għall-2013;

4. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-perjodu ta' tmien ġimgħat stipulat fl-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 1) dwar ir-Rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea biex il-parlamenti nazzjonali jiġu infurmati dwar kull att leġiżlattiv ma għandux japplika għal kwistjonijiet baġitarji; jiddispjaċih, għalhekk, li minkejja t-terminu ta' żmien ristrett ħafna għad-dħul fis-seħħ ta' dan l-aġġustament u tal-baġit emendatorju Nru 1/2013il-Kunsill xorta waħda ħalla dan il-perjodu jiskadi qabel ma adotta l-pożizzjoni tiegħu, u b'hekk naqqas iż-żmien għall-adozzjoni mill-Parlament kif provdut mit-Trattat;

5. Jiddispjaċih ukoll għad-diffikoltà li biha, saħansitra wara li skada t-terminu ta' tmien ġimgħat, il-Kunsill laħaq qbil dwar din ir-reviżjoni, liema fatt wassal għal dewmien fid-disponibbiltà tal-finanzjament għall-Kroazja dovut sa mill-1 ta' Lulju 2013; iwissi li dan jeħtieġ ma joħloqx preċedent għal tkabbir futur;

6. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill seta' eventwalment jaqbel mar-reviżjoni, mingħajr ebda kumpens, tal-limiti tal-pagamenti għall-2013 bl-ammont meħtieġ ta' EUR 374 miljun; iqis li, meta wieħed jikkunsidra l-ammont limitat ikkonċernat u n-nuqqas attwali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit 2013, dan huwa l-mod xieraq kif jiġi ssodisfat l-obbligu li ħadu l-Istati Membri huma u jiffirmaw it-Trattat ta' Adeżjoni u kif jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tal-punt 29 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006;

7. Jiddeplora, madankollu, il-fatt li, fir-rigward tar-reviżjoni fl-impenji, il-Kunsill iddeċieda li ma jagħtix kas l-importanza politika tal-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni bħala tali, u minflok għażel li jikkumpensa l-approprjazzjonijiet meħtieġa; jikkonsidra l-fatt li dik il-pożizzjoni tikkontradixxi l-ispirtu tad-deċiżjoni unanima meħuda bl-iffirmar tat-Trattat tal-Adeżjoni kif ukoll tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006; jenfasizza li tali deċiżjoni tibgħat messaġġ politiku żbaljat mhux biss lill-Kroazja iżda wkoll lill-pajjiżi kandidati l-oħrajn; jenfasizza li dik id-deċiżjoni hija aċċettata biss għaliex tikkonċerna l-aħħar sitt xhur tal-QFP attwali (2007-2013); jindika li dan m'għandux jikkostitwixxi preċedent għal tkabbir futur li jista' jseħħ taħt il-QFP li jmiss (2014-2020);

8. Jiddispjaċih li l-intestatura 5 ġiet identifikata bħala s-sors ewlieni għall-kumpens tal-impenji, peress li dan jaf iwassal għan-nuqqas ta' riżorsi neċessarji biex ikopru l-aġġustamenti tas-salarji kkontestati fil-każ li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tasal qabel tmiem l-2013;

9. Madankollu, minkejja l-importanza politika u l-urġenza ġuridika biex ikun żgurat il-finanzjament meħtieġ għall-Kroazja, jiddeċiedi li japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni hekk kif emendata mill-Kunsill;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, inklużi l-annessi, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2013/419/UE.)*

---

P7_TA(2013)0332

## Tħejjija tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2014

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-prijoritajiet tal-Parlament Ewropew għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2014 (2013/2679(RSP))**

(2016/C 075/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2013 (COM (2012)0629),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropa 2020,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 u t-28 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-aħħar Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni ([1]), b'mod partikolari l-Anness IV tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 35(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-kriżi twila mhix se tingħeleb mingħajr approfondiment akbar tal-integrazzjoni Ewropea, u l-kriżijiet finanzjarji, ekonomiċi u tad-dejn enfasizzaw il-ħtieġa għal kontroll demokratiku u responsabbiltà msaħħa;

B. billi l-Kummissjoni għandha tressaq miżuri biex iżżomm u ssaħħaħ il-mudelli soċjali tal-ekonomija tas-suq Ewropej, bl-għan li ssewwi l-ħsara li saret mir-riċessjoni twila u tirkupra tkabbir tal-impjiegi u sostenibbli shih;

C. billi l-fraġilità tas-sistema bankarja, id-dejn kontinwu u l-problemi tad-defiċit li jaffaċċjaw l-Istati Membri, it-telf tal-kompetittività Ewropea fl-ekonomija globali, ir-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ u t-tbatija soċjali li tirriżulta mit-tnaqqis ekonomiku jippreżentaw sfidi mingħajr preċedent għall-UE;

D. billi l-għażliet baġitarji fil-livell tal-Unjoni għandhom jissodisfaw il-prijoritajiet politiċi tal-UE, mhux biss fir-rigward tal-ammont iżda wkoll fir-rigward ta' flessibilità u bilanċ;

E. billi l-Kummissjoni għandha r-rwol li tippromwovi l-interess ġenerali tal-UE, tieħu inizjattivi adegwati għal dan il-għan, tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati, tissorvelja l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE, teżerċita l-funzjonijiet ta' koordinazzjoni, eżekuttivi u ta' ġestjoni, u tniedi l-leġiżlazzjoni,

---

([1]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

F. billi fi tmiem il-mandat elettorali attwali, il-proċeduri kollha li għadhom għaddejjin jintemmu sakemm il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma jagħmlux talba motivata biex punti speċifiċi li għamlu progress sinifikanti fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitkomplew mill-Parlament elett ġdid,

**L-EWWEL PARTI**

1. Jitlob għal proċess demokratiku aktar profond fil-qasam tal-governanza ekonomika, li jinvolvi lill-Parlament Ewropew aktar mill-qrib, li se jikkontribwixxi għat-titjib tal-fiduċja taċ-ċittadini fil-ġestjoni tal-kriżi mill-UE; iqis, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni Ewropea għandha tissodisfa r-rwol tagħha stipulat fit-Trattat, li mhuwiex kompatibbli mad-delegazzjoni ta' rwol tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-governanza ekonomika tal-UE lil korpi mhux responsabbli; huwa mħasseb b'mod partikolari dwar it-titjib tar-responsabbiltà tal-Kummissjoni meta taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala membru tat-Trojka;

2. Iqis li, wara l-konklużjoni tan-negozjati politiċi dwar il-QFP 2014-2020, il-Kummissjoni għandha tiżgura bħala kwistjoni ta' urġenza l-funzjonament mingħajr xkiel tal-qafas finanzjarju l-ġdid, inklużi r-regoli l-ġodda dwar il-flessibilità miftiehma fil-qafas ta' dawn in-negozjati; jistenna li l-Kummissjoni l-ġdida fil-mument tal-investitura tagħha se tagħmel impenn formali għat-twettiq tar-reviżjoni tal-QFP sal-aħħar tal-2016, li se jippermetti wkoll lill-Parlament il-ġdid jerġa' jevalwa l-prijoritajiet tal-UE;

3. Jinsab partikolarment imħasseb minħabba s-sitwazzjoni tal-pagamenti fl-2014 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq baġits emendati matul is-sena, kull meta jkun hemm il-ħtieġa;

4. Jenfasizza l-importanza li huwa jagħti lill-kwistjoni tar-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Grupp ta' livell għoli dwar ir-riżorsi proprji jiltaqa' u jibda jaħdem malajr kemm jista' jkun, sabiex jiżgura li l-ewwel sett ta' riżultati jkun disponibbli sal-aħħar tal-2014, kif provdut fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Riżorsi Proprji miftiehma bħala parti mill-ftehim QFP;

5. Ifakkar li l-baġit tal-UE jeħtieġ li jirrifletti l-politiki ta' prijorità tal-UE; jenfasizza li l-baġit tal-UE hu baġit ta' investiment b'effett ta' lieva qawwi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddefendi l-baġit tal-UE biex tagħti spinta lill-investiment strateġiku permezz tal-valur miżjud Ewropew u sabiex l-ekonomija Ewropea terġa' taqbad it-triq it-tajba;

6. Jemmen li l-impjiegi huma l-ogħla prijorità u li għandhom jintużaw l-imposti disponibbli kollha fil-livell Ewropew biex jippreservaw l-impjiegi eżistenti u joħolqu impjiegi ġodda għaż-żgħażagħ fl-oqsma tas-servizzi, l-industrija u l-ekonomija diġitali; jemmen, għalhekk, li l-investimenti biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE se jkollhom rwol ewlieni s-sena d-dieħla u fis-snin li ġejjin;

7. Jilqa' l-impenn tal-Kunsill Ewropew tas-27 u t-28 ta' Ġunju 2013 għat-tlestija tal-bini ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina, li tinvolvi l-elementi kollha tal-Unjoni Bankarja, koordinament aktar effettiv tal-politiki ekonomiċi, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà finanzjarja u t-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali, iżda jiddispjaċih dwar in-nuqqas fir-rigward ta' progress aktar rapidu; jistieden lill-Kummissjoni tressaq komunikazzjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-UEM;

8. Jinsisti dwar it-tlestija bikrija tal-leġiżlazzjoni kollha meħtieġa biex jidħol fis-seħħ mekkaniżmu superviżorju msejjes fuq il-Bank Ċentrali Ewropew;

9. Jappoġġa l-istrateġija għat-tkabbir Ewropa 2020, li l-objettiv tagħha hu li tistabbilixxi l-qafas politiku tajjeb għall-inkoraġġiment tal-intraprenditorija, il-ħolqien tal-impjiegi, iż-żieda tal-istandards tal-għajxien u l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb l-ambjent makroekonomiku għall-industrija, filwaqt li jitjieb l-aċċess għall-kapital, tiġi provduta infrastruttura aħjar, jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà u appoġġati l-SMEs b'mod partikolari, sabiex tiżdied il-kompetittività tagħhom u l-aċċess tagħhom għal swieq ġodda;

11. Jitlob li tittieħed azzjoni biex jitlesta l-programm ta' ħidma attwali tal-Kummissjoni, qabel it-tmiem tal-mandat tiegħu, partikolarment fir-rigward tas-suq uniku tas-servizzi, l-aġenda diġitali, is-suq intern tal-enerġija u l-estensjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ globali profond, ħieles u ġust;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintensifika u ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE, iħeġġiġha tressaq proposta dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju ta' Prosekutur Pubbliku Ewropew u tlesti r-riforma li ġiet posposta tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

13. Jipproponi li jinvolvi ruħu f'negozjati intensivi mal-Kunsill u l-Kummissjoni qabel it-tmiem tal-mandat tiegħu biex ilesti kemm jista' jkun dossiers possibbli, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-proċeduri leġiżlattivi kif stabbiliti fit-Trattat ta' Lisbona; itenni li ma jistax jaċċetta aktar elementi intergovernattivi relatati mal-UEM;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu nota b'mod xieraq tal-pożizzjonijiet speċifiċi għas-setturi tal-Parlament kif stipulati fit-Tieni Parti ta' din ir-riżoluzzjoni;

**IT-TIENI PARTI**

***Implimentazzjoni***

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb il-koerenza tal-programm leġiżlattiv tagħha, tgħolli l-kwalità tal-abbozzi leġiżlattivi tagħha, issaħħaħ il-valutazzjoni tal-impatt tal-abbozz tal-liġijiet, tipproponi fejn xieraq l-użu ta' tabelli ta' korrelazzjoni bl-għan li ttejjeb it-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE, u tappoġġa lill-Parlament fin-negozjati tiegħu mal-Kunsill dwar l-użu ta' atti ddelegati u ta' implimentazzjoni, li għandhom riskju li jimblukkaw b'mod sinifikanti l-proċess leġiżlattiv;

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi l-introduzzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni nazzjonali xierqa, iffirmati fil-livell politiku xieraq, li jkopru l-fondi tal-UE taħt ġestjoni kondiviża; jenfasizza l-ħtieġa li jinżamm skrutinju strett u kredibbli permezz ta' kontrolli mill-qrib tal-finanzjament u li jitwettaq monitoraġġ tal-kosteffettività tal-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-UE, biex b'hekk ikun żgurat valur għoli għall-prezz tal-azzjoni tal-UE, iżda jkun żgurat ukoll li d-dħul jinġabar skont ir-regoli applikabbli;

17. Jemmen li l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE għandha tittejjeb u tiġi modernizzata sabiex issir aktar effikaċi u tippermetti skrutinju demokratiku aktar profond tas-setgħat eżekuttivi fil-livell tal-UE; jinnota li l-Ftehim Interistituzzjonali 2010 jeħtieġ li jiġi rivedut; jitlob koordinazzjoni aħjar mal-Kunsill, b'konformità mat-Trattat ta' Lisbona; jenfasizza li l-metodu Komunitarju, li jippermetti dibattiti pubbliċi permezz tal-involviment demokratiku tal-Parlament, dejjem għandu jkun ippreferut; jemmen, madankollu, li leġiżlazzjoni kumplessa, speċjalment fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tiggarantixxi dibattitu pubbliku u parlamentari suffiċjenti;

18. Jiddispjaċih li, minkejja l-wegħdiet suċċessivi magħmula mill-Kummissjoni, diversi għanijiet imħabbra ma seħħewx fir-realtà, kemm f'termini kwantitattivi u kemm kwalitattivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timpenja ruħha maż-żewġ koleġiżlaturi fi djalogu intensiv dwar it-tressiq u l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi mħabbra li fadal;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffaċilita t-tlestija rapida tat-trilogu dwar l-istatut dwar il-partiti politiċi f'livell Ewropew qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew;

***Is-Suq Uniku***

20. Ifakkar fir-rwol ewlieni li jaqdi s-suq uniku bħala mutur għall-integrazzjoni tal-UE, it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u bħala pilastru tal-ekonomija reali tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-Governanza tas-Suq Uniku sabiex tissemplifika l-adozzjoni u l-infurzar tal-prijoritajiet leġiżlattivi u ta' politika u tiżviluppa valutazzjoni regolari tal-integrazzjoni tas-suq uniku – abbażi ta' rapport dwar l-integrazzjoni tas-Suq Uniku li jakkumpanja l-istħarriġ tat-tkabbir annwali (AGSs) u tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiż – fil-qafas tas-Semestru Ewropew;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiffoka fuq it-titjib tal-governanza tas-suq uniku, iġġedded l-impetu tagħha biex tikseb simplifikazzjoni amministrattiva, tagħti importanza dovuta lill-kunsiderazzjoni tal-proporzjonalità tal-miżuri proposti, u tissorvelja l-progress fid-dawl tal-implimentazzjoni sħiħa tal-acquis tas-suq uniku, speċjalment fis-settur tas-servizzi,

22. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku II għal azzjonijiet ta' prijorità sabiex jagħtu spinta lit-tkabbir, l-impjiegi u l-fiduċja fis-suq uniku;

23. Iħeġġeġ l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi; jitlob lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' aċċess għas-suq uniku għas-servizzi; jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi prattiki restrittivi fis-seħħ, bħal ma hu t-'test tal-ħtiġijiet ekonomiċi';

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

24. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ b'attenzjoni u bir-reqqa tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Aġenda dwar il-Konsumatur, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-fiduċja fis-suq uniku; jitlob lill-Kummissjoni biex, minħabba li l-fiduċja u l-kunfidenza tal-konsumatur huma l-bażi ta' suq uniku li jiffunzjona sew, issegwi b'mod attiv, flimkien mal-Istati Membri, l-implimentazzjoni veloċi tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, id-Direttiva ta' Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u r-Regolament dwar is-Soluzzjoni Online għat-Tilwim, u li tirrevedi l-funzjonament tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali;

25. Jilqa' r-Regolament il-ġdid dwar is-Sigurtà tal-Prodotti għall-Konsumatur, li jiggarantixxi s-saħħa u s-sigurtà għall-konsumaturi iżda jiffaċilita wkoll il-kummerċ ta' oġġetti, speċjalment għall-SMEs;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta Kodiċi Doganali Modernizzat billi tiżviluppa b'mod sħiħ prattiki tad-dwana elettroniċi armonizzati;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tkun iktar sistematika fil-valutazzjoni tal-impatt tal-proposti tagħha dwar l-SMEs, li l-Ewropa tiddependi fuqhom għal ħafna impjiegi ġodda; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiskoraġġixxi b'mod attiv ir-regolamentazzjoni żejda ("gold-plating") fil-leġiżlazzjoni tal-UE fil-livell nazzjonali, ħaġa li tfixkel il-kundizzjonijiet kompetittivi ugwali fis-suq uniku;

28. Jenfasizza l-importanza li jittieħdu miżuri biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ u timplimenta l-miżuri previsti fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Intraprenditorija u tħaffef l-adozzjoni ta' inizjattiva għal intraprenditorija; jitlob li titnieda "SME Window" fil-faċilità ta' finanzjament taħt il-Programmi COSME u Orizzont 2020 tal-ġejjieni, li tkun tinvolvi lill-FEI u lill-BEI, b'mod li tiffaċilita l-investimenti minn fondi pubbliċi u privati f'attivitajiet kummerċjali ġodda innovattivi u sostenibbli, inklużi SMEs orjentati lejn it-tkabbir;

29. Jitlob li l-Kummissjoni tinforza l-ftehim bejn it-tliet istituzzjonijiet biex iwettqu l-impenji ta' tiswir ta' liġijiet aħjar, inklużi l-Istati Membri, li kollha għandhom ikunu inkoraġġiti mill-Kummissjoni biex iwettqu t-testijiet tagħhom stess tal-SMEs u tas-suq uniku; f'dan ir-rigward, jinnota li l-Kunsill għandu jwaqqaf l-unità tal-valutazzjoni tal-impatt tiegħu biex jipproduċi valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-emendi tiegħu; jenfasizza l-importanza ta' kontrolli ta' adegwatezza fl-aġenda ta' Regolamentazzjoni aħjar;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-interessi tal-SMEs u l-intrapriżi mikro billi jiġi żgurat aċċess eħfef għas-suq uniku fl-Ewropa; jilqa' l-passi li diġà ħadet il-Kummissjoni biex tnaqqas il-piżijiet regolatorji fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva dwar il-governanza aħjar tas-suq uniku, abbażi ta' rapport ta' inizjattiva leġiżlattiva dwarha, fid-dawl tal-kontribut ewlieni li s-suq uniku jista' jkollu għat-tkabbir fl-Unjoni Ewropea.

32. Jilqa' l-ftehim politiku dwar l-akkwist pubbliku u l-pakkett dwar il-konċessjonijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibdew implimentazzjoni veloċi u komprensiva tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tiegħu; jitlob, b'mod partikolari, għall-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni u taħriġ biex tippromwovi ħiliet u kapaċitajiet ġodda f'akkwist innovattiv u bbażat fuq ir-riżultati;

33. Jinnota l-ftehim li issa ġie kkonfermat mal-Kunsill dwar riformi tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali; jitlob għal implimentazzjoni bikrija tad-dispożizzjonijiet il-ġodda u biex il-professjonijiet il-ġodda jiġu mħeġġa jistabbilixxu oqfsa ta' kwalifiki Ewropej;

34. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni mhux finanzjarja u jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-Parlament u mal-Kunsill biex tintlaħaq konklużjoni sal-bidu tal-2014;

35. Itenni t-talba tiegħu għal proposta għall-erbatax -il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji dwar it-trasferiment transkonfinali tas-sedi tal-kumpaniji;

36. Jitlob li l-industrija Ewropea tingħata ħajja ġdida, bl-għan li jinħolqu impjiegi ġodda u deċenti, li jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli u jiġu żgurati kundizzjoni tal-impjieg tajbin għall-Ewropej kollha;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

37. Jitlob li l-Kummissjoni tippromwovi inizjattiva ulterjuri dwar is-suq uniku billi tressaq proposti għall-iżvilupp, it-tlestija u l-implimentazzjoni tas-suq uniku diġitali, bħal qafas strateġiku ġdid li jiġbor fih id-disponibbiltà u l-portabbiltà transkonfinali tal-kontenut diġitali tal-UE, u b'mod partikolari, inizjattivi biex titrawwem aktar il-fiduċja tal-konsumaturi, inklużi miżuri biex jiffaċilitaw il-pagamenti online u jtejbu t-twassil tal-informazzjoni diġitali u l-infrastrutturi;

38. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bir-riforma dwar id-dritt tal-awtur, biex tiżgura li tkun adatta għall-ambjent tal-internet; itenni l-ħtieġa li tkun finalizzata r-riforma dwar id-drittijiet tal-proprjetà industrijali biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa;

39. Iqis li huwa essenzjali għall-istabbiltà tal-ekonomija tal-UE, u għal ritorn lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli, li tiġi stabbilita b'suċċess Unjoni Bankarja permezz tat-twaqqif ta' mekkaniżmu superviżorju uniku flimkien ma' mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni uniku għall-banek u qafas tal-UE għall-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti; jitlob lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tippreżenta mingħajr dewmien il-proposti kollha neċessarji, flimkien mal-istandards tekniċi regolatorji meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tal-pakkett CRD IV;

40. Jenfasizza li fl-interessi ta' aktar tisħiħ tal-effiċjenza u s-saħħa tas-swieq finanzjarji tal-UE malajr kemm jista' jkun, il-proposti pendenti tal-Kummissjoni dwar is-servizzi finanzjarji għandhom jiġu adottati malajr, b'hekk jiġi evitat dewmien fid-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta malajr kemm jista' jkun il-proposti tagħha dwar abbozz ta' regolament li jistabbilixxi Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet dwar ir-riforma strutturali tal-banek; jenfasizza l-importanza tal-koleġiżlaturi li jindirizzaw malajr dawn il-proposti, biex jippermettu d-dħul fis-seħħ veloċi tagħhom;

42. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li r-riċerka u l-innovazzjoni huma kruċjali għall-kompetittività tal-UE, permezz tat-twaqqif ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni, is-simplifikzzjoni tal-proċeduri, il-ġbir u l-koordinament tal-iffinanzjar fil-livelli relevanti kollha (UE/Stat Membru/reġjun) u t-twaqqif ta' sinerġiji bejn il-programmi Ewropej, u jistieden lill-Kummissjoni timplementa dawn il-prinċipji;

43. Jinnota l-ftehim dwar Orizzont 2020 li jippermetti tranżizzjoni bla xkiel mill-Seba' Programm Kwadru (FP7) u li jiżgura l-kontinwità tal-politika prinċipali ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE, li sofriet fil-programmi tal-passat bħala riżultat ta' ftehimiet tal-aħħar minuta li ġew konklużi bejn il-Kunsill u l-Parlament;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta adegwata għal definizzjoni komuni tal-UE ta' rifuġji fiskali u tintroduċi lista sewda ta' pajjiżi terzi u ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx. iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu bl-impenji tagħhom biex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu lil pajjiżi terzi japplikaw standards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet fiskali u ppjanar fiskali aggressiv, u jieħdu l-miżuri neċessarji biex isaħħu l-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa;

***Il-klima, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport***

45. Jinsisti dwar il-ħtieġa li jkun implementat pjan direzzjonali għal Ewropa effiċjenti fir-riżorsi biex jinħolqu inċentivi għall-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika, it-trawwim tal-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inkluża l-integrazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fir-riżorsi fis-Semestru Ewropew, kif previst fl-Ewropa 2020;

46. Jistieden lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien tressaq proposti biex tindirizza d-dgħufijiet strutturali tas-Sistema attwali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet;

47. Jistenna lill-Kummissjoni tressaq mingħajr aktar dewmien proposti leġiżlattivi biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja, sabiex tipprovdi protezzjoni msaħħa mill-aspetti negattivi tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem;

48. Jenfasizza li l-ilħuq ta' ftehim komprensiv tan-NU dwar il-klima fl-2015, skont l-objettiv tal-UE ta' 2 °C, huwa tal-akbar prijorità, u jirrikonoxxi li fl-2014 se jkun jeħtieġ li jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-qafas tal-UE rigward il-klima u l-politika tal-enerġija, biex jixprunaw l-impetu fin-negozjati internazzjonali għall-ilħuq ta' dak l-għan;

49. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef ix-xogħol dwar ir-reviżjoni tal-pakkett dwar l-iġjene, minħabba dak li ġara reċentement fir-rigward ta' prattiki frawdolenti relatati ma' prodotti tal-laħam fl-UE;

50. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rieżami ġenerali tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, inklużi l-miri tal-acquis tal-iskart u l-miri ta' tneħħija tar-rimi fil-miżbliet tad-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Terraferma.

51. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni dettaljat ta' miżuri mfassla biex jinkiseb suq uniku integrat bis-sħiħ u interkonness fl-enerġija; jenfasizza l-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu pprovduti bi prezzijiet trasparenti u komparabbli tal-enerġija;

52. Jissottolinja għal darba oħra li l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija huma l-irħas mod biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija u titnaqqas l-importazzjoni ta' fjuwils fossili u għandhom għalhekk ikunu fil-qalba ta' kwalunkwe miżura politika dwar l-enerġija li tiġi proposta;

53. Jenfasizza l-bżonn li jiġi kkompletat is-suq uniku għall-mezzi kollha tat-trasport, inkluża l-liberalizzazzjoni ulterjuri tas-suq tat-trasport bl-art, sabiex il-moviment liberu tal-prodotti u s-servizzi jiġi garantit b'regoli ċari u infurzabbli faċilment, għal kompetizzjoni libera u ġusta u tnaqqis fil-piż amministrattiv fuq l-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal rapport dwar is-sitwazzjoni tas-suq tat-trasport bl-art tal-UE sa tmiem l-2013, u biex tlesti l-analiżi kollha meħtieġa qabel tressaq proposti leġiżlattivi;

54. Jikkunsidra l-Ajru Uniku Ewropew (SES), li tfassal aktar minn għaxar snin ilu, bħala proġett importanti ħafna; jibża' li jekk l-Unjoni Ewropea ma tiħux azzjoni fis-snin li ġejjin, l-ispazju tal-ajru ċentrali tal-Ewropa tant se jkun laħaq il-limiti tiegħu li ma jkunx hemm aktar il-possibilità ta' tkabbir; jitlob, għalhekk, riforma fl-ispazju tal-ajru, idea li diġà ġiet adottata minn Stati Membri permezz ta' riforma ta' sistemi eżistenti ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru bl-introduzzjoni ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali (FABs); jilqa' l-fatt li SESAR, l-element tat-teknoloġija tal-SES, qed jiżviluppa tajjeb; jenfasizza li s-sistema l-ġdida se tkun ta' benefiċċju għal kulħadd, partikolarment għal-linji tal-ajru Ewropej; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex l-FABs kollha jkunu operattivi; jappella sabiex jitħeġġeġ l-użu akbar tal-ajruporti reġjonali;

55. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm mal-impenn tagħha li tiggarantixxi t-tlestija sħiħa taż-żona ferrovjarja unika Ewropea u testendi l-kompetenzi tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni u s-sikurezza, kif ukoll l-omologazzjoni ta' vetturi ferrovjarji;

56. Jitlob proposti għat-twettiq tas-suq uniku Ewropew tat-telekomunikazzjonijiet, inklużi miżuri biex jitneħħew il-ħlasijiet tar-roaming sa mhux aktar tard mill-2015;

***Soċjetajiet Koeżivi u inklużivi – Ewropa taċ-Ċittadini***

57. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni Ewropea qed tipprovdi investiment għal tkabbir sostenibbli u impjiegi kif ukoll għal kompetittività mtejba fl-Ewropa, skont l-objettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni hi l-għodda ewlenija ta' investiment biex jintlaħqu l-objettivi ta' Ewropa 2020; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tieħu azzjoni xierqa u malajr, sabiex tiggarantixxi bidu f'waqtu, kif ukoll biex tistabbilixxi kundizzjonijiet ċari li jippermettu implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali 2014-2020 fl-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq immedjatament abbozz revedut tar-Regolament (KE) 2012/2002 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea;

58. Jenfasizza li l-pakkett leġiżlattiv komprensiv tar-regolamenti dwar il-politika ta' koeżjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020 li jmiss huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni adegwata tal-baġit pluriennali; jinnota li dawn ir-regolamenti għandhom jiġu ssupplimentati bl-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u atti ddelegati;

59. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi miżuri bħar-riforma tas-swieq tax-xogħol fejn problemi strutturali qed ixekklu d-dħul taż-żgħażagħ, u biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ bil-għan li ż-żgħażagħ jiġu megħjuna jsibu impjieg jew għall-edukazzjoni;

60. Jinnota li hemm domanda kbira u li għadha ma ntlaħqitx għal persunal kwalifikat fit-teknoloġija tal-informatika u l-iżvilupp tas-sistema; jissuġġerixxi li dan is-settur għandu jkun wieħed mill-prijoritajiet għall-appoġġ tat-taħriġ u l-iżvilupp fl-Inizjattiva Ewropea favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;

61. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal direttiva dwar mard muskoluskeletali (MSD) marbut max-xogħol u reviżjoni tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-karċinoġeni u l-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

62. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li permezz tar-reviżjoni tal-linji gwida tal-impjiegi fl-2014, il-politiki tal-impjiegi u soċjali jkollhom rwol attiv fir-reazzjoni għall-kriżi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji għall-bini ta' ħiliet ġodda u tgħin persuni qiegħda jsibu triqithom lura mill-aktar fis lejn is-suq tax-xogħol; ifakkar, madankollu, li għandu jkun hemm sforz ewlieni, permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, biex din tipprovdi appoġġ fir-reġjuni affettwati l-aktar serjament fl-Unjoni lill-gruppi vulnerabbli u liż-żgħażagħ li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), li huma qiegħda jew inattivi, billi taċċelera l-kunsinna ta' attivitajiet appoġġati minn finanzjament tal-FSE;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tipproduċi rapport annwali dwar ir-riforma ta' sistemi ta' taħriġ vokazzjonali fl-Istati Membri, biex b'hekk tagħti kontribut strutturali fit-tul għat-titjib fl-impjegabbiltà taż-żgħażagħ;

64. Jappoġġa inizjattivi fil-livell tal-UE biex jikkomplementaw l-isforzi nazzjonali għaż-żieda tal-mikrokrediti u għat-tisħiħ tal-intraprenditorija soċjali billi jipprovdu servizzi li mhumiex pprovduti biżżejjed mis-settur pubbliku jew privat;

65. Itenni t-talba tiegħu għal rieżami tad-Direttiva dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali ta' valur ugwali; jappella għal sforzi rinnovati min-naħa tal-Kummissjoni biex tiżblokka d-Direttiva dwar il-liv tal-maternità kif ukoll biex ssegwi t-tħejjija tal-istudju tal-kostijiet u l-benefiċċji fir-rigward tal-liv tal-paternità;

66. Jinsisti li l-Kummissjoni għandha tippreżenta strateġija dwar il-qerda tal-vjolenza fuq in-nisa kif mitlub mill-Parlament f'bosta riżoluzzjonijiet, u li l-UE ssir parti mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, li tagħti impetu qawwi lis-26 Stat Membru li għadhom ma ffirmawx u rratifikaw il-Konvenzjoni;

67. Ifakkar li politika kontra d-diskriminazzjoni għandha rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u jitlob lill-Kummissjoni tipproponi pjan direzzjonali tal-UE kontra l-omofobija u d-diskriminazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li jiġu żviluppati u implimentati b'mod effikaċi strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri, u li d-diskriminazzjoni tiġi kkundannata u titqajjem fi djalogi ma' pajjiżi terzi, kif ukoll li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni tkun inkorporata fi programmi ta' kooperazzjoni;

68. Jenfasizza l-importanza li għandha tingħata lis-setturi tal-edukazzjoni, il-kultura, dawk awdjoviżivi, taż-żgħażagħ, l-isport u ċ-ċittadinanza u biex ikun żgurat li dawn ikollhom baġits adegwati u effiċjenti;

69. Jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-problemi sottostanti ta' rikonoxximent inkomplut tal-korsijiet li jsiru u ta' punti ECTS (Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti) akkumulati f'universitajiet lokali għal studenti li jlestu perjodi ta' studju f'universitajiet oħra taħt il-programm Erasmus;

70. Iħeġġeġ li jintlaħaq ftehim komprensiv dwar il-pakkett tal-protezzjoni tad-data li jiżgura livell għoli u uniformi ta' protezzjoni għas-suġġetti tad-data kif ukoll kundizzjonijiet ekwi għan-negozju;

71. Jikkunsidra, li fl-interess tas-salvagwardja tas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej, il-ġlieda li qed tkompli kontra t-terroriżmu hija ta' importanza kbira għall-Unjoni Ewropea u jitlob bil-qawwa reviżjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar iż-żamma tad-data;

72. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli b'urġenza l-ħidma tagħha fuq il-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-protezzjoni tad-data personali u jtenni b'urġenza l-konklużjoni rapida tiegħu;

73. Jissuġġerixxi li proposti għal rikonoxximent reċiproku tal-effetti ta' ċerti dokumenti ta' status ċivili, flimkien ma' standards minimi għal proċeduri ċivili, jistgħu jindikaw pass importanti 'l quddiem fil-ħolqien ta' żona tal-ġustizzja, bi proċeduri aktar faċli, ċari u aċċessibbli għaċ-ċittadini, u aktar fiduċja fir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' ġustizzja ċivili;

74. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel l-aqwa użu possibbli tal-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016 biex tegħleb il-problema tat-traffikar tal-bnedmin;

75. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-tkabbir tat-tabella ta' valutazzjoni dwar il-ġustizzja biex tkopri wkoll l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali;

76. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati f'livell transkonfinali, il-kriminalità organizzata, il-ħasil ta' flus, il-frodi u l-korruzzjoni kontra interessi finanzjarji tal-UE;

77. Jistieden lill-Kummissjoni tiffinalizza l-pjan direzzjonali dwar id-drittijiet proċedurali u timmonitorja t-traspożizzjoni tad-direttivi adottati biex tiżgura li d-drittijiet bażiċi tal-persuni suspettati u akkużati jkunu protetti biżżejjed permezz ta' standards minimi komuni ta' drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali u biex il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jsir effettiv;

78. Jappoġġa lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha dwar id-drittijiet tal-vittmi, u jitlob lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni sħiħa u adegwata sas-16 ta' Novembru 2015, tad-direttiva li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità;

79. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza għal riċerkaturi, studenti, skambju ta' studenti, apprendisti u voluntiera; jitlob għal aktar proposti sostantivi dwar il-migrazzjoni legali;

80. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida biex tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw ir-regoli ta' Schengen b'mod korrett sabiex il-libertà ta' moviment tal-persuni tkun rispettata bis-sħiħ u biex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin jew abbuż tal-possibbiltà li jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni;

81. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil tiġi implimentata tajjeb madwar l-UE, filwaqt li jiġi rispettat l-impenn fit-Trattat;

82. Jistenna li l-Kummissjoni tressaq proposti ġodda jew teżamina aktar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tal-liġi sostantiva u proċedurali, b'mod partikolari Ruma II u Brussell II;

83. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-implimentazzjoni tar-regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u sabiex temendah fejn xieraq;

***L-Agrikoltura u s-sajd***

84. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi implimentazzjoni rapida u korretta tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) li se tirriżulta f'PAK b'saħħitha, sostenibbli u ġusta li taqdi lill-bdiewa u l-konsumaturi Ewropej, tippromowovi l-iżvilupp rurali u tipproteġi l-ambjent;

85. Jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni se tkun l-enfasi ewlenija tal-attivitajiet fl-2014; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni effikaċi tal-ftehimiet finali tar-riforma tal-PAK li jimminimizzaw il-piż fuq il-bdiewa u fuq il-korpi amministrattivi tal-Istati Membri filwaqt li jkun żgurat li r-regoli l-ġodda jiġu implimentati b'mod effettiv, bir-reqqa u b'mod trasparenti;

86. Jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi leġiżlazzjoni dwar l-użu ta' tekniki ta' ikklonjar tal-annimali għall-produzzjoni tal-ikel; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex fit-tfassil tal-proposta, tikkunsidra t-tħassib reċenti dwar l-ittikkettar u l-applikazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni relatata mal-katina alimentari tal-UE, filwaqt li jiġu applikati l-aktar żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi reċenti f'dan il-qasam;

87. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal strateġija ġdida għas-saħħa tal-annimali, kif ukoll l-impenn tagħha biex tkun żgurata konsistenza fost il-prinċipji orizzontali tal-leġiżlazzjoni fl-oqsma tas-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel; jitlob allinjament mill-qrib tal-istrateġija għas-saħħa tal-annimali mal-istrateġija Ewropa 2020 sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fir-rigward tal-annimali u l-prodotti tal-annimali filwaqt li fl-istess ħin, titjieb is-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea;

88. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi meħtieġa biex tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw il-Politika dwar is-Sajd Komuni li għadha kif ġiet adottata f'konformità mal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd futur; jistenna l-Kummissjoni tiżgura li l-Artikolu 43(2) TFUE jifforma l-bażi ġuridika tal-proposti tiegħu u li tillimita l-użu tal-Artikolu 43 (3) għal proposti strettament konnessi mal-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd; għal dan il-għan, jistenna li l-Kummissjoni tgħin biex titwaqqaf taskforce interistituzzjonali magħmula minn rappreżentanti mit-tliet istituzzjonijiet kollha biex tidentifika l-aħjar modi ta' proċedura;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

89. Jenfasizza li l-Fond ġdid Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għandu jtejjeb il-miżuri mmirati biex inaqqsu l-kapaċità tal-flotta; jinsisti li l-Poltika Komuni tas-Sajd il-ġdida għandha tkun imsejsa fuq miżuri ta' kontroll imsaħħa;

90. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli ssaħħaħ il-ġlieda tagħha kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU);

***Il-politika barranija u l-politika ta' żvilupp***

91. Jistenna lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-politika tradizzjonali ta' tkabbir tal-UE; jemmen li l-UE tista' titlef l-kredibbiltà politika fid-dinja jekk tagħlaq il-bibien tagħha għall-ġirien tagħha;

92. Ifakkar li l-Viċinat tal-Lvant u dak tan-Nofsinhar jibqa' prijorità, u jenfasizza li l-istrateġija l-ġdida tal-UE u l-prinċipju Aktar għal Aktar għad jeħtieġ li jiġi definit biċ-ċar u implimentat;

93. Jenfasizza l-importanza li terġa tiġi affermata, b'determinazzjoni akbar, il-perspettiva ta' tkabbir għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u jikkondividi r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li jibdew taħdidiet ta' adeżjoni mal-UE mas-Serbja u ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM); jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-impenn tagħha mat-Turkija bħala pajjiż kandidat, u jilqa' b'mod speċjali l-ftuħ ta' kapitolu 22 tal-adeżjoni dwar il-politika reġjonali;

94. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-attivitajiet tagħha mmirati lejn l-iżvilupp tas-Sħubija tal-Lvant, speċjalment fil-qasam tal-mobilità u tal-kooperazzjoni edukattiva;

95. Jitlob lill-Kummissjoni tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għar-rieżami tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) bil-għan li taħdem mal-Kunsill u l-Parlament biex tappoġġa inizjattivi koordinati tajjeb fil-qasam tal-politika barranija u tas-sigurtà komuni jitlob aktar flessibiltà fl-għoti ta' għajnuna finanzjarja f'sitwazzjonijiet ta' kriżi;

96. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li ttejjeb l-evalwazzjoni tagħha tal-implimentazzjoni tal-Kunsens dwar l-għajnuna umanitarja, il-kumplimentarjetà tagħha mal-Istati Membri u d-donaturi u l-ħtieġa ta' rieżami tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1996;

97. Jitlob li s-SEAE jġib "il quddiem il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-kunċett tar-'Responsabbiltà ta' Protezzjoni" (R2P), skont ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament tat-18 ta' April 2013 ([1]) lill-Kunsill dwar il-prinċipju tan-NU bil-ħsieb li jiġi stabbilit kunsens Ewropew dwar l-R2P;

98. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-kwantità u l-effiċjenza tal-għajnuna umanitarja u tal-għoti ta' assistenza tal-UE li qed titwassal lill-popolazzjonijiet fil-bżonn ta' ħtiġijiet u servizzi bażiċi fis-Sirja u fost ir-rifuġjati mis-Sirja fil-pajjiżi ġirien;

99. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta li tistabbilixxi mekkaniżmu, iffinanzjat mill-istrument finanzjarju rilevanti tal-azzjoni esterna tal-UE u magħmul minn tim ta' investigaturi, prosekuturi, avukati u esperti oħra nazzjonali u internazzjonali mill-Istati Membri tal-UE, kif ukoll minn pajjiżi oħra kkonċernati (l-Isvizzera, il-Kanada u l-Istati Uniti), bl-għan li tiġi pprovduta konsulenza u assistenza legali u teknika lill-awtoritajiet tal-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija dwar l-irkupru ta' assi misapproprjati u misruqa mid-dittaturi preċedenti, il-familji u r-reġimi tagħhom;

100. Jistieden lill-Kummissjoni tibdel l-enfasi tagħha minn politika ta' żvilupp orjentata lejn l-input, li hija prevalenti, lejn politika ta' żvilupp orjentata lejn ir-riżultati, b'ċifri annwali preċiżi dwar il-kisbiet fil-qasam tal-iżvilupp, u biex tiżgura li l-isforzi għall-iżvilupp tal-UE jkollhom impatt dejjiemi fuq il-qerda tal-faqar;

101. Jitlob lill-Kummissjoni tindirizza b'mod prammatiku l-kwistjoni tad-drittijiet ta' proprjetà fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u biex tfassal approċċ koerenti flimkien ma' imsieħba internazzjonali oħra għall-iżvilupp, sabiex jingħata bidu għal proċess ta' għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali u lill-individwi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jirrimarka li dan huwa proċess li jikkostitwixxi wieħed mill-pilastri ewlenin tal-iżvilupp u wieħed li jista' jgħolli nazzjonijiet sħaħ mill-faqar u jintensifika l-attivitajiet ekonomiċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0180

102. Jirrimarka li, sabiex tiżdied l-effikaċja tal-għajnuna, huwa wkoll kruċjali li tiġi garantita koerenza politika ikbar, fejn l-oqsma politiċi kollha tal-UE – speċjalment dawk b'impatt sinifikanti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-ġid fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jirrimarka li huwa meħtieġ ukoll li tiżdied il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri;

103. Jinnota li l-indirizzar tal-malnutrizzjoni tat-tfal u tas-sikurezza tal-ikel, il-ġlieda kontra l-qtil skont il-ġeneru, li timplika l-għażla persistenti, prattikata fuq skala enormi, tal-irġiel fuq in-nisa, kif ukoll il-promozzjoni tal-provvista tal-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-pensjonijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, jibqgħu prijoritajiet kbar;

104. Jenfasizza l-fatt li t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri huwa wkoll strateġija importanti li jeħtieġ li titjieb;

105. Jappella għat-titjib fl-effikaċja tal-għajnuna għall-iżvilupp billi jissaħħu il-koordinazzjoni u l-kumplementarjetajiet u billi jiġu vvalutati b'mod regolari l-outputs, ir-riżultati u l-impatt ta' tali għajnuna;

***Il-kummerċ***

106. Jibqa' impenjat lejn approċċ multilaterali għall-kummerċ internazzjonali u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-inizjattivi attwali tad-WTO; iħeġġeġ il-faċilitazzjoni tal-adeżjoni taċ-Ċina fil-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi; jirrikonoxxi l-ħtieġa għat-tkomplija fil-progress biex jinkisbu ftehimiet bilaterali ta' kummerċ hieles ma' sħab sinifikanti, b'mod partikolari l-Istati Uniti; jitlob lill-Kummissjoni għaldaqstant tikkonċentra r-riżorsi umani u l-isforzi politiċi fuq in-negozjati dwar il-kummerċ li għadhom għaddejjin ma' pajjiżi terzi u, b'mod partikolari, ma' sħab strateġiċi, bil-għan li jsir progress sostanzjali lejn ftehim finali bilanċjat; jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi l-Parlament b'mod sħiħ f'dan il-proċess, skont id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

107. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi proċess ta' riflessjoni profonda, bl-involviment tal-Parlament, dwar l-istrateġija futura tal-kummerċ internazzjonali, inkluż riforma possibbli tal-funzjonament tad-WTO; jenfasizza li din il-valutazzjoni għandha tieħu kont sħiħ tar-riżultati għall-ekonomija tal-UE tal-istrateġija tal-kummerċ internazzjonali reċenti;

o

o o

108. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0333

## Is-sitwazzjoni fl-Eġittu

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-kriżi fl-Eġittu (2013/2697(RSP))**

(2016/C 075/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Ġeneral Abdul Fatah Khalil Al-Sisi, President tal-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati tal-Eġittu, tal-4 ta' Lulju 2013 ,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura,

A. Billi, fl-istqarrija tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013, Il-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati ħabbar is-sospensjoni tal-kostituzzjoni, it-trasferiment tal-poter lill-kap tal-Qorti Kostituzzjonali Għolja sakemm isiru elezzjonijiet presidenzjali bikrin, li għandhom jiġu segwiti minn elezzjonijiet parlamentari, u it-tiswir ta' gvern ta' koalizzjoni nazzjonali u kumitat li jieħu ħsieb emendi fil-kostituzzjoni; billi is-Sur Adly Mansour ingħata l-ġurament bħala President interim;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu wara l-intervent militari; jisħaq li s-setgħa għandha tiġi trasferita lil awtoritajiet ċivili eletti demokratikament malajr kemm jista' jkun; jesprimi s-solidarjetà fundamentali tiegħu ma' dawk l-Eġizzjoni kollha li għandhom għal qalbhom aspirazzjonijiet demokratiċi għal pajjiżhom u jsejjaħ għal ritorn mgħaġġel lejn il-proċess demokratiku, inkluż li jsiru elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari ħielsa u ġusti fi proċess inklussiv bis-sħiħ bis-sehem tal-partijiet demokratiċi kollha;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, u Parlament u lill-Gvern tal-Eġittu.

P7_TA(2013)0334

## Is-sitwazzjoni f'Ġibuti

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar is-sitwazzjoni f'Ġibuti (2013/2690(RSP))**

(2016/C 075/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu tal-15 ta' Jannar 2009 ([1]) dwar is-sitwazzjoni fil-Qarn tal-Afrika u dik tat-18 ta' Diċembru 1997 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Ġibuti ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta li saret f'Ġibuti fl-24 ta' Frar 2013 mill-missjonijiet ta' osservazzjoni internazzjonali (mill-Unjoni Afrikana (UA), il-Lega Għarbija, l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC) u l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD)), li mmonitorjaw l-elezzjonijiet parlamentari li seħħew fir-Repubblika ta' Ġibuti fit-22 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, li Ġibuti rratifika,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou ffirmat fit-23 ta' Ġunju 2000 u rivedut fit-22 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-12 ta' Marzu 2013 mill-kelliem ta' Catherine Ashton, Rappreżentant Għoli tal-UE, dwar is-sitwazzjoni wara l-elezzjonijiet parlamentari f'Ġibuti,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, bis-saħħa tal-pożizzjoni tiegħu fit-tarf tal-Qarn tal-Afrika u fid-daħla tal-Baħar l-Aħmar, Ġibuti u l-infrastruttura strateġika (il-portijiet u ż-żoni liberi) tiegħu huma importanti għar-reġjun kollu kemm hu;

B. billi Ġibuti żvolġa rwol ċentrali fil-ġlieda kontra l-piraterija u t-terroriżmu fir-reġjun;

C. billi Ġibuti kellu sistema monopartitika minn żmien l-indipendenza tiegħu fl-1977 sal-2003;

D. billi l-pajjiż inħakem minn kriżi politika serja mill-elezzjonijiet parlamentari tat-22 ta' Frar 2013 'l hawn;

E. billi Ismail Omar Guelleh, li wasal fil-poter fl-1999, ġie rielett fl-2005 b'100 % tal-voti u ħabbar li mhux se jikkontesta l-elezzjoni mill-ġdid fl-2016; billi l-President Guelleh ġie rielett f'April 2011 bi kważi 80 % tal-voti f'elezzjonijiet li kienu soġġetti għal bojkott minn taqsima wiesgħa tal-oppożizzjoni wara li l-Parlament ta' Ġibuti emenda l-kostituzzjoni sabiex jippermetti lill-President Guelleh jikseb mandat ġdid;

([1]) ĠU C 46 E, 24.2.2010, p. 102.
([2]) ĠU C 14, 19.1.1998, p. 207.

F. billi, għall-ewwel darba minn mindu l-President Guelleh wasal fil-poter, il-partiti tal-oppożizzjoni, bit-tama li l-pluraliżmu demokratiku jipprevali, iddeċidew li jieħdu sehem fl-elezzjonijiet parlamentari tat-22 ta' Frar 2013, wara li ddaħħlet sistema ta' votazzjoni ġdida, parzjalment proporzjonali, li tippermetti lill-partiti fil-minoranza jirbħu siġġijiet fil-parlament;

G. billi dawk l-elezzjonijiet ġew monitorjati minn osservaturi tal-Unjoni Afrikana, il-Lega Għarbija, l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC) u l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD), li ssorveljaw l-operazzjonijiet f'154 post ta' votazzjoni u fi 12-il ċentru ta' għadd tal-voti u rrappurtaw li l-elezzjonijiet kienu trasparenti u li ma identifikaw l-ebda każ ta' frodi jew tfigħ ta' voti żejda;

H. billi, skont ir-riżultati mħabbra mill-Kunsill Kostituzzjonali, l-Unjoni għall-Maġġoranza Presidenzjali (UMP) kisbet 68 % tal-voti;

I. billi l-oppożizzjoni, li għall-ewwel darba mill-indipendenza tal-pajjiż 'l hawn rebħet siġġijiet fil-parlament, qalet li kien hemm frodi massiva u sostniet li hija kienet rebħet l-elezzjonijiet; billi l-Kunsill Kostituzzjonali ċaħad l-appell imressaq mill-oppożizzjoni kontra r-riżultat tal-elezzjonijiet;

J. billi l-oppożizzjoni qed tibbojkottja l-parlament li rriżulta minn dawn l-elezzjonijiet; billi l-awtoritajiet akkużaw lil parti mill-oppożizzjoni li kkostitwiet "Assemblea Nazzjonali Leġittima" (ANL), fil-marġini tal-parlament nazzjonali, wara l-elezzjonijiet kontroversjali ta' Frar 2013; billi l-ANL hija preseduta mill-kap tal-lista ta' kandidati tal-Unjoni għas-Salvazzjoni Nazzjonali (USN) għall-kostitwenza tal-Belt ta' Ġibuti, Ismail Guedi Hared;

K. billi r-riżultati tal-elezzjonijiet parlamentari tat-22 ta' Frar 2013 għadhom ma ġewx ippubblikati għal kull post ta' votazzjoni, minkejja l-appelli magħmula mill-UE, u billi dan qed iqajjem suspetti ta' frodi;

L. billi l-għadd ta' votanti reġistrati fil-kostitwenza tal-Belt ta' Ġibuti nbidel kull darba li tħabbru ċifri uffiċjali;

M. billi huwa rrappurtat li r-repressjoni, bl-użu sproporzjonat tal-forza, tad-dimostrazzjonijiet mill-partiti tal-oppożizzjoni li jikkontestaw ir-regolarità tal-elezzjonijiet parlamentari wasslet għal minn tal-anqas 10 każijiet ta' mewt ikkaġunati minn sparar min-naħa tal-forzi tal-ordni;

N. billi saru arresti tal-massa fuq id-dimostranti tal-oppożizzjoni; billi l-NGOs qed jiddenunzjaw każijiet ta' mewt dubjużi, ta' tortura u ta' għajbien;

O. billi, wara l-elezzjonijiet tat-22 ta' Frar 2013, 'il fuq minn elf membru tal-oppożizzjoni jingħad li sfaw priġunieri għal perjodi itwal jew iqsar;

P. billi huwa maħsub li madwar 60 priġunier politiku bħalissa jinsabu f'qagħda ta' detenzjoni; billi min-naħa tal-awtoritajiet qed tiġi eżerċitata repressjoni kontinwa tal-militanti politiċi tal-oppożizzjoni;

Q. billi saru prosekuzzjonijiet kontra l-biċċa l-kbira tal-mexxejja tal-oppożizzjoni u kontra ħafna ġurnalisti;

R. billi l-ġurnalista Mydaneh Abdallah Okieh, li huwa wkoll responsabbli għall-komunikazzjoni mill-koalizzjoni tal-oppożizzjoni USN, huwa mixli b'diffamazzjoni tal-pulizija talli fuq in-netwerk soċjali Facebook ippubblika ritratti ta' dimostranti li kienu vittmi ta' repressjoni; billi fis-26 ta' Ġunju 2013 l-Qorti tal-Appell ħarrxet is-sentenza tiegħu minn 45 jum għal ħames xhur;

S. billi f'April 2013 it-tliet mexxejja tal-koalizzjoni tal-oppożizzjoni USN ingħataw sentenza ta' sentejn priġunerija u ġew miċħuda mid-drittijiet ċiviċi u ċivili tagħhom; billi s-smigħ tal-appell tagħhom ġie pospost għall-25 ta' Novembru 2013;

T. billi f'dan il-kuntest il-kelliem tal-oppożizzjoni tal-USN, Daher Ahmed Farah, ġie arrestat fl-4 ta' Marzu 2013; billi nstab ħati li appella għal ribelljoni wara l-elezzjonijiet parlamentari ta' Frar 2013; billi tnejn min-nies oħra kienu akkużati fl-istess każ, fejn wieħed irċieva sentenza sospiża ta' priġunerija filwaqt li l-ieħor ġie lliberat; billi fis-26 ta' Ġunju 2013 l-Qorti tal-Appell mill-ġdid ikkundannat lil Daher Ahmed Farah għal xahrejn priġunerija inkondizzjonata;

U. billi l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-ħabsijiet ta' Ġibuti huma preokkupanti immens;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

V. billi l-Kostituzzjoni tal-1992 tiirikonoxxi l-libertajiet fundamentali u l-prinċipji bażiċi tal-governanza tajba;

W. billi l-Artikolu 10 tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi li d-dritt għad-difiża, inkluż id-dritt li dak li jkun jiġi assistit mill-avukat tal-għażla tiegħu, għandu jiġi ggarantit fil-fażijiet kollha tal-proċedura;

X. billi Ġibuti ffirma l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi kif ukoll il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

Y. billi n-nisa ta' Ġibuti jiffaċċjaw diversi forom ta' vjolenza – inklużi stupru, mutilazzjoni ġenitali femminili, vjolenza domestika, fastidju sesswali u żwieġ bikri – li għandhom konsegwenzi negattivi ta' portata kbira għall-benesseri fiżiku u psikoloġiku tan-nisa;

Z. billi Ġibuti huwa klassifikat fil-169 pożizzjoni (minn 179 pajjiż) fl-indiċi dinji tal-libertajiet tal-istampa 2013 kkompilat minn Ġurnalisti Mingħajr Fruntieri; billi l-ġurnalisti barranin huma pprojbiti milli jivvjaġġaw lejn Ġibuti u billi dan qed joħloq diffikultajiet biex tinkiseb informazzjoni affidabbli dwar dak li qed jiġri fil-pajjiż;

AA. billi f'Marzu 2012, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikolutura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) stmat li 180 000 ruħ f'Ġibuti kienu jeħtieġu għajnuna għall-ikel;

AB. billi f'dawn l-aħħar għoxrin sena, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kienu l-fornituri ewlenin tal-appoġġ finanzjarju għal Ġibuti; billi l-pagamenti magħmula mill-Istati Uniti tal-Amerika, mill-Ġappun u minn Franza għall-okkupazzjoni tal-bażijiet militari tagħhom jippreżentaw sors ta' dħul li jiżgura tkabbir kontinwu għal Ġibuti;

AC. billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt huma l-pedament innifsu tas-sħubija AKP-UE u jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Cotonou;

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni f'Ġibutui mill-elezzjonijiet parlamentari tat-22 ta' Frar 2013 'l hawn u l-klima ta' tensjoni politika fil-pajjiż; jinsab partikolarment imħasseb dwar ir-rapporti ta' arresti tal-massa kontra l-membri tal-oppożizzjoni, ta' repressjoni tad-dimostrazzjonijiet organizzati bi protesta kontra l-irregolaritajiet fl-elezzjonijiet, u ta' attakki kontra l-libertà tal-midja;

2. Jistieden lill-awtoritajiet ta' Ġibuti jtemmu r-repressjoni tal-avversarji politiċi u jirrilaxxaw lil kull min jinsab detenut minħabba raġunijiet politiċi;

3. Jistieden lill-awtoritajiet ta' Ġibuti jiggarantixxu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti fil-ftehimiet nazzjonali u internazzjonali ffirmati minn Ġibuti u jissalvagwardaw id-drittijiet u l-libertajiet ċivili u politiċi, inklużi d-dritt ta' dimostrazzjoni paċifika u l-libertà tal-istampa;

4. Jikkundanna bil-qawwa l-atti ta' vjolenza sesswali kontra n-nisa u jindika li l-Gvern ta' Ġibuti għandu r-responsabbiltà li jtemm l-impunità billi jieħu passi legali kontra dawk responsabbli għall-vjolenza sesswali kontra n-nisa;

5. Jappella sabiex id-drittijiet tad-difiża jiġu rispettati, b'mod partikolari d-dritt li l-persuni akkużati jkollhom aċċess għal avukati tal-għażla tagħhom fil-fażijiet kollha tal-proċedimenti kontrihom; jistieden lill-awtoritajiet iħallu lill-familji tal-persuni detenuti jagħtuhom għajnuna materjali, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa;

6. Jistieden lill-Gvern ta' Ġibuti biex, bl-għajnuna tal-istituzzjonijet li vvalidaw ir-riżultati tal-elezzjoni, b'mod partikolari l-Unjoni Afrikana, iniedi proċess ta' djalogu politiku mal-oppożizzjoni, bi qbil mat-tħabbira li għamel il-Kap ta' Stat fis-27 ta' Ġunju 2013 fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-indipendenza ta' Ġibuti; jistieden lill-Unjoni Ewropea tappoġġa l-ħidma tal-organizzazzjonijiet reġjonali u tikkontribwixxi għall-isforzi biex tinstab soluzzjoni għall-kriżi attwali;

7. Jappella sabiex tinfetaħ minnufih investigazzjoni ġudizzjarja bil-għan li jinxteħet dawl fuq l-azzjonijiet tal-pulizija u l-armata waqt id-dimostrazzjonijiet u li jiġu kkastigati dawk responsabbli għall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

8. Jilqa' l-fatt li l-elezzjoni tat-22 ta' Frar 2013 saret b'mod paċifiku, kif saħqu diversi rappreżentanti tal-komunità internazzjonali, inklużi l-Viċi President/Rappreżentant Għoli u l-kapijiet tal-erba' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali mibgħutin f'Ġibuti; jilqa' l-impenn lejn il-ġejjieni ta' pajjiżhom muri min-nies ta' Ġibuti u mill-partiti politiċi kollha permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-elezzjoni;

9. Jilqa' l-fatt li fl-elezzjoni tat-22 ta' Frar 2013 il-forzi tal-oppożizzjoni, jiġifieri l-Unjoni għas-Salvazzjoni Nazzjonali (USN), ħadu sehem għall-ewwel darba minn mindu Ġibuti kiseb l-indipendenza fl-1977;

10. Itenni l-appell tal-Unjoni Ewropea sabiex ir-riżultati għal kull post ta' votazzjoni li ntuża fl-elezzjoni tat-22 ta' Frar 2013 jiġu ppubblikati;

11. Jistieden lill-forzi politiċi ta' Ġibuti biex jirrispettaw l-istat tad-dritt, inkluż id-dritt għal dimostrazzjoni paċifika, u biex la jużaw il-vjolenza u lanqas jieħdu miżuri repressivi;

12. Jiddikjara r-rieda tiegħu li jimmonitorja s-sitwazzjoni f'Ġibuti mill-qrib u li jipproponi miżuri ristrettivi f'każ ta' ksur tal-Ftehim ta' Cotonou (2000), u b'mod partikolari tal-Artikoli 8 u 9 tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja hija wkoll is-sitwazzjoni mill-qrib;

13. Iħeġġeġ lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lil sħabhom biex jaħdmu flimkien man-nies ta' Ġibuti fuq riforma politika fit-tul, liema ħidma għandha tkun iffaċilitata permezz tar-relazzjoni qawwija li diġà teżisti, meta wieħed iqis li Ġibuti kien komponent ewlieni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li r-reġjun ospita l-bażijiet militari;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern ta' Ġibuti, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp, lill-Lega Għarbija, lill-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Ko-Presidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.

---

P7_TA(2013)0335

## Is-sitwazzjoni fin-Niġerja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja (2013/2691(RSP))**

(2016/C 075/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar il-libertà tal-istampa u tal-midja fid-dinja ([1]), tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar strateġija dwar il-libertà diġitali fil-politika barranija tal-UE ([2]), tal-5 ta' Lulju 2012 dwar il-vjolenza kontra l-leżbjani u d-drittijiet tal-persuni LGBT fl-Afrika ([3]), u tal-15 ta' Marzu 2012 dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja ([4]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, fit-22 ta' Jannar 2012 dwar l-bumbardamenti f'Kano, fil-11 ta' Marzu 2013 dwar il-qtil ta' ostaġġi, fit-2 ta' Ġunju 2013 dwar il-liġi fin-Niġerja li tikkriminalizza ż-żwieġ u r-relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess, u fil-25 ta' Ġunju 2013 dwar eżekuzzjonijiet fin-Niġerja,

— wara li kkunsidra d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem UE-Niġerja li sar f'Abuja f'Marzu 2013 u l-Laqgħa Ministerjali Niġerja-UE tas-16 ta' Mejju 2013 fi Brussell, li stabbilixxew il-ħtieġa li t-telf ta' ħajjiet ċivili u l-qerda tal-infrastruttura pubblika jiġu bbilanċjati b'miżuri kontra t-terroriżmu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, imlaqqgħa f'Mejju 2013 f'Horsens (id-Danimarka), dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn Persuni Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru u Intersesswali (LGBTI),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0274.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0470.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0299.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0090.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou tal-2000 u r-reviżjonijiet tiegħu tal-2005 u l-2010 (din tal-aħħar ratifikata min-Niġerja fis-27 ta' Settembru 2010), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 9 tiegħu dwar id-djalogu politiku u d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmula mis-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon fis-16 ta' Mejju 2013 dwar il-persistenza tal-vjolenza u s-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiddeterjora fil-Grigal tan-Niġerja, u fit-22 ta' April 2013 dwar l-għadd kbir ta' ċivili li nqatlu u djar li nqerdu fin-Niġerja minħabba ġlied bejn il-forzi militari u l-grupp ribelli Boko Haram,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Navi Pillay, fit-3 ta' Mejju 2013 b'reazzjoni għall-ġlied vjolenti ta' April 2013, li fihom fakkar lill-aġenti tas-sigurtà fin-Niġerja biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u jevitaw l-użu eċċessiv tal-forza fl-operazzjonijiet tagħhom, u fis-17 ta' Mejju 2013 dwar il-possibilità li l-membri tal-Boko Haram jistgħu jiffaċċjaw akkużi ta' delitti tal-gwerra,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-27 ta' Diċembru 2011 dwar attakki mis-setta terroristika Boko Haram fin-Niġerja,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar it-Tneħħija tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u ta' Diskri$minazzjoni bbażati fuq Reliġjon u Twemmin tal-1981,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-12 ta' April 2012 tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-G8 dwar il-vjolenza persistenti fin-Niġerja,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Unjoni Afrikana dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, ratifikata min-Niġerja fis-16 ta' Mejju 2003, u l-Protokoll addizzjonali ta' magħha, ratifikat min-Niġerja fit-22 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni magħmula mill-Kummissarju għall-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana, Lamamra Ramtane, fl-14 ta' Lulju 2012, li fiha kkundanna l-attivitajiet u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Boko Haram, ħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tgħin lin-Niġerja tirreżisti lis-setta terroristika, u enfasizza t-theddida li din toħloq għas-sigurtà reġjonali u internazzjonali,

— wara li kkunsidra s-summit tal-kapijiet ta' stat u ta' gvern tal-Golf tal-Ginea dwar is-sigurtà u s-sikurezza marittimi, li sar f'Yaoundé (il-Kamerun) fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Federali tan-Niġerja adottata fid-29 ta' Mejju 1999, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-ħajja, id-dritt għal smigħ ġust, id-dritt għad-dinjità tal-persuna umana, u l-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-istampa, il-libertà tal-ħsieb, il-libertà tal-kuxjenza u l-libertà tar-reliġjon,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, ratifikati min-Niġerja fl-20 ta' Ġunju 1961, u l-Protokoll II tagħhom, ratifikat min-Niġerja fl-10 ta' Ottubru 1988, li t-tnejn li huma jistabbilixxu l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fir-rigward ta' kunflitti armati mhux internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tal-1981, ratifikata min-Niġerja fit-22 ta' Ġunju 1983,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, ratifikat min-Niġerja fid-29 ta' Ottubru 1993,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-President Niġerjan, Goodluck Jonathan, iddikjara stat ta' emerġenza fl-istati ta' Borno, Yobe u Adamawa fl-14 u l-15 ta' Mejju 2013 b'reazzjoni għall-attivitajiet tal-Boko Haram, filwaqt li mmobilizza forzi militari addizzjonali;

B. billi f'April 2013 il-belt ta' Baga nqerdet bil-ġlied bejn il-forzi militari Niġerjani u militanti tal-Boko Haram, li rriżulta fil-qerda ta' eluf ta' djar u l-mewt ta' mijiet ta' ċivili, skont il-mexxejja tal-komunitajiet; billi investigazzjoni indipendenti mill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Niġerja se tikkonkludi dwar id-delitti f'Baga sal-aħħar ta' Lulju;

C. billi l-gvern federali klassifika l-Boko Haram taħt l-Att dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu tal-2011 sabiex jippermetti l-prosekuzzjoni ta' kull individwu assoċjat ma' dan il-grupp jew li jappoġġah;

D. billi l-Boko Haram kien responsabbli għal 4 000 mewt mill-2009; billi aktar minn 700 Niġerjan inqatlu s'issa f'aktar minn 80 attakk assoċjat mal-Boko Haram, li rapport reċenti tal-Istati Uniti klassifika fit-tieni post forst il-gruppi terroristiċi l-aktar qattiela fid-dinja; billi l-konnessjoni bejn il-Boko Haram u l-AQIM (Al-Qaida fil-Magreb Iżlamiku) jirrappreżenta theddida serja għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun vast ta' Sahel u tal-Afrika tal-Punent inġenerali; billi l-uffiċjali tas-sigurtà qed ikomplu jkunu fil-mira tal-Boko Haram, bħal fil-każ tat-tfittixija għal għarrieda li għamlet fis-7 ta' Mejju 2013 f'ħabs f'Bama, li fih madwar 55 persuna nqatlu u kważi 105 detenut inħelsu;

E. billi l-Human Rights Watch, Amnesty International, Freedom House u l-organizzazzjonijiet l-oħra tad-drittijiet tal-bniedem iddokumentaw l-involviment tal-Boko Haram f'attakki fuq għases tal-pulizija, faċilitajiet militari, knejjes, skejjel, irziezet u banek; billi l-Boko Haram espanda l-miri tiegħu taċ-ċivili, inkluż attakki fuq żewġt iskejjel sekondarji fl-istati ta' Borno u ta' Yobe fis-16 u s-17 ta' Ġunju 2013, li fihom inqatlu 16-il student u żewġ għalliema; billi dawn l-attakki ġiegħlu lil bosta eluf ta' tfal tal-iskola jabbandunaw l-edukazzjoni formali; billi t-theddid liċ-ċivili ġiegħel lil 19 000 bidwi jaħarbu mill-irziezet tagħhom u jabbandunaw ir-raba' tagħhom, li wassal għal telf fil-produttività agrikola u kkontribwixxa għall-iskarsezzi tal-ikel;

F. filwaqt li enfasizza t-tħassib dejjem jikber tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-Boko Haram biex jisraq nisa u tfal bħala parti mill-kampanja vjolenti tal-gwerilja; billi fin-Niġerja nserqu, ġew attakkati u maqtula wkoll ħaddiema barranin mir-ribelli;

G. billi l-uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli tan-NU għar-Rifuġjati wissa dwar kriżi tar-rifuġjati; billi f'dawn l-aħħar ġimgħat, madwar 6 000 Niġerjan waslu fin-Niġer u bejn il-11 u t-13 ta' Ġunju 2013, madwar 3 000 Niġerjan qasmu għall-Kamerun; billi r-rifuġjati qed jaqsmu wkoll il-fruntiera maċ-Ċad; billi tali spostamenti kkawżaw tensjonijiet kbar għar-riżorsi lokali limitati ħafna tal-ikel u tal-ilma, speċjalment fin-Niġer, li huwa stess qed jiġġieled ma' insigurtà tal-ikel minħabba snin ta' nixfa; billi l-ebda ġar tan-Niġerja ma għandu l-kapaċità li jassorbi n-numru ta' nies li se jkunu spostati f'każ ta' diżastru umanitarju ta' skala kbira wara vjolenza tal-massa;

H. billi l-Kristjani, il-Musulmani moderati u l-gruppi reliġjużi oħra qed ikomplu jkunu fil-mira tal-Boko Haram u qed jipprova jkeċċihom mit-Tramuntana tal-pajjiż b'maġġoranza Musulmana;

I. billi bi tweġiba għall-vjolenza tal-Boko Haram, il-pulizija u l-armata tan-Niġerja ħatfu u wettqu eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji ta' bosta membri suspettati tal-grupp, partikolarment billi ħatfu ġuvintur minn villaġġi fit-Tramuntana; billi ħafna mid-detenuti nżammu incommunicado mingħajr akkuża jew proċess, f'xi każijiet f'kundizzjonijiet diżumani, u billi xi whud ġew abbużati fiżikament, filwaqt li oħrajn sparixxew jew mietu waqt li kienu fid-detenzjoni; billi l-Gvern Niġerjan u l-uffiċjali tal-armata pprovdew stimi mhux affidabbli tal-vittmi ċivili u tal-ħsara li saret lid-djar; billi Human Rights Watch, Freedom House u l-organizzazzjonijiet l-oħra tad-drittijiet tal-bniedem iddeskrivew ir-reazzjoni tal-forzi Niġerjani fix-xhur reċenti bħala dejjem aktar brutali u indiskriminata u ċ-ċittadini qed jitħallew iġarrbu l-piż tal-vjolenza bejn iż-żewġ gruppi b'mod sporpozjonat;

J. billi l-libertajiet tal-espressjoni u tal-istampa qed jiddgħajfu minħabba t-theddid ta' arrest, intimidazzjoni, vjolenza u saħansitra mewt kontra dawk li jirrapportaw il-problemi b'mod li jikkritikaw l-awtoritajiet Niġerjani; billi l-Boko Haram heddet ripetutament li jattakka l-faċilitajiet tal-midja li rrapportaw b'mod negattiv dwarha;

K. billi minħabba d-dikjarazzjoni tal-istat ta' emerġenza, partijiet kbar tal-istati tal-Grigal saru inaċċessibbli għall-aġenziji tal-għajnuna, il-ġurnalisti u għall-korrispondenti; billi l-gvern imblokka s-servizzi ta' telefonija mobbli f'diversi żoni biex iwaqqaf il-komunikazzjoni tal-militanti;

L. billi l-Gvern Niġerjan dan l-aħħar kiser il-moratorja ta' seba' snin tiegħu dwar il-piena tal-mewt billi wettaq l-eżekuzzjoni ta' erba' priġunieri fl-istat ta' Edu li ġew ikkundannati meta n-Niġerja kienet għadha mmexxija minn dittatura militari; billi fis-26 ta' Ġunju 2013, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, Christof Heyns, stieden lill-awtoritajiet Niġerjani jwaqqfu l-eżekuzzjoni imminenti tal-ħames priġunier; billi skont ir-rapporti mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, fl-2012 in-Niġerja kkundannat 56 persuna għall-mewt u billi madwar 1 000 persuna huma rappurtati li qed jistennew il-piena tal-mewt fil-pajjiż.

M. billi l-Kamra tar-Rappreżentanti Niġerjana adottat l-liġi dwar il-projbizzjoni ta' żwieġ bejn persuni tal-istess sess (Same-Gender Marriage (Prohibition) Bill) fit-30 ta' Mejju 2013, li jintroduċi sentenza ta' priġunerija ta' erbatax-il sena lil kull min jiżżewweġ jew ikun miżżewweġ ma' persuna tal-istess sess, li japplika mhux biss għan-Niġerjani iżda wkoll għat-turisti, il-ħaddiema barranin u d-diplomatiċi, kif ukoll sentenza ta' għaxar snin għar-reġistrazzjoni jew għall-operazzjoni ta' faċilitajiet soċjali jew NGOs li jappoġġaw d-drittijiet tal-bniedem ta' persuni LGBTI;

N. billi l-problemi fin-Niġerja jinbtu min-nuqqas ta' żvilupp ekonomiku u t-tensjonijiet għandhom l-għeruq tagħhom f'għexieren ta' snin ta' riżentiment bejn il-gruppi indiġeni, l-aktar Insara jew animisti, li qegħdin jikkontendu għall-kontroll ta' artijiet agrikoli għammiela kontra migranti u residenti ġodda mit-Tramuntana, li huma Musulmani u ta' lsien Hausa; billi l-kunflitti qed jikbru minħabba tibdil fil-klima u l-progressjoni tad-deżert; billi l-kunflitt armat li qed jaggrava u l-isfidi soċjali u ekonomiċi persistenti x'aktarx iżidu r-radikalizzazzjoni, inkluż il-manipulazzjoni u r-reklutaġġ mill-gruppi fundamentalisti Iżlamiċi bħall-Boko Haram;

O. billi l-UE hija l-akbar donatur finanzjarju tan-Niġerja; billi, fit-12 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni u l-Gvern Federali tan-Niġerja ffirmaw id-Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż Niġerja-Komunità Ewropea u l-Programm Indikattiv Nazzjonali għall-perjodu 2008-2013, skont liema dokumenti l-UE se tiffinanzja proġetti bl-għanijiet tal-paċi, is-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem; billi l-assistenza tal-UE lin-Niġerja tul dan il-perjodu tammonta għal EUR 700 miljun, li ċertu ammont minnhom ġie devjat biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' sigurtà dejjem aktar problematika fit-Tramuntana tan-Niġerja;

P. billi, skont l-Artikoli 8 u 9 tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut, l-UE timpenja ruħha fi djalogu politiku regolari man-Niġerja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, li jinkludu d-diskriminazzjoni etnika, reliġjuża u razzjali;

Q. billi l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Navi Pillay, wissa li l-attakki tal-Boko Haram jistgħu jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità; billi l-prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, Fatou Bensouda, għamlet żjara f'Abuja f'Lulju 2012 u billi l-uffiċju tagħha ppubblika rapport f'Novembru 2012 li jiddikjara li jeżistu bażijiet raġonevoli biex dak li jkun iqis li l-Boko Haram ikkommetta atti li jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità;

R. billi għalkemm in-Niġerja hija waħda mill-akbar produtturi taż-żejt fid-dinja, kważi 60 % tal-popolazzjoni jgħixu b'anqas minn dollaru kuljum; billi s-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti timplika wkoll l-aċċess ġust għar-riżorsi u r-ridistribuzzjoni ġusta tad-dħul peremzz tal-baġit statali;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni tal-vjolenza min-naħa tal-Boko Haram u t-telf traġiku ta' ħajjiet innoċenti fir-reġjuni milquta tan-Niġerja, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji ta' dawk li tilfu ħajjithom u lil dawk midruba; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tensjonijiet li għaddejjin li fihom il-komunitajiet kienu atturi u vittmi;

2. Iħeġġeġ lill-gvern Niġerjan jiggarantixxi s-sigurtà u l-protezzjoni tal-popolazzjoni tiegħu kontra l-vjolenza tal-Boko Haram u jżomm lura milli jwettaq aktar attakki jew qtil bi tpattija, filwaqt li jirrispetta l-obbligi tiegħu taħt standards tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti fuq livell internazzjonali u jaġixxi b'mod konformi mal-istat tad-dritt;

3. Jikkundanna l-forzi militari Niġerjani talli użaw forza sproporzjonata fil-kuntatti vjolenti mal-Boko Haram, b'mod partikolari fit-tfittxijiet għal għarrieda tagħhom f'Baga fis-16 u s-17 ta' April 2013;

4. Iħeġġeġ kemm il-gvern kif ukoll l-atturi fil-livell substatali biex joqogħdu lura u jfittxu soluzzjonijiet paċifiċi biex isolvu d-differenzi ta' bejn il-gruppi reliġjużi u etniċi fin-Niġerja; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' sistema ġudizzjarja indipendenti, imparzjali aċċessibbli u li tiffunzjona, b'mod partikolari waqt il-kunflitti armati, sabiex titwaqqaf l-impunità, jissaħħaħ ir-rispett għall-istat tad-dritt u jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-popolazzjoni;

5. Jistieden lill-Gvern Niġerjan jevita l-eskalazzjoni ulterjuri tal-kunflitt, b'kunsiderazzjoni partikolari għas-sikurezza u l-benessri taċ-ċivili, u jfakkar li l-qerda u l-ħsara għad-djar, l-infrastruttura pubblika u l-art agrikola kkawżati waqt il-kunflitt qed ikollhom impatt detrimentali fuq il-popolazzjoni;

6. Iħeġġeġ kemm lill-Gvern Niġerjan kif ukoll lill-Boko Haram jirrikonoxxu u jirrispettaw il-libertà tal-istampa u l-midja u jippermettu l-ġurnalisti u l-korrispondenti aċċess għall-linji ta' quddiem tal-kunflitti, peress li l-istampa u l-midja jistgħu jkollhom rwol importanti fit-tisħiħ tar-rendikont u fir-reġistrazzjoni tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;

7. Jikkundanna l-eżekuzzjoni ta' Daniel Nsofor mill-awtoritajiet Niġerjani għal reati mwettqa meta hu kien għadu taħt l-età ta' 18-il sena; jirrakkomanda li l-awtoritajiet jieħdu l-passi neċessarji sabiex jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-osservazzjonijiet finali tal-2010 fuq in-Niġerja, b'mod partikolari billi jiżguraw li d-definizzjoni ta' tfal fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-livell ta' stat hija kompletament konformi ma' dik stabbilita fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, sabiex jirrevedu l-fajls tal-priġunieri kollha kkundannati għall-mewt għal reati mwettqa qabel ma għalqu t-18-il sena, u sabiex jabolixxu l-piena tal-mewt għall-persuni kollha taħt l-età ta' 18-il sena fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

8. Jikkundanna bil-qawwa l-eżekuzzjoni ta' erba' priġunieri fin-Niġerja f'Ġunju 2013; jistieden lill-awtoritajiet Niġerjani jirrispettaw l-impenji reċenti tagħhom, kif espressi fil-qafas ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u n-Niġerja, biex iżommu moratorja *de facto* fuq l-eżekuzzjonijiet, u jħeġġeġ lill-pajjiż jabolixxi l-piena tal-mewt billi jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Niġerjani, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea u l-UNICEF, sabiex iħaffu l-isforzi tagħhom għal riformi b'mod konformi tal-Konvenzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-ġustizzja għat-tfal u s-sistemi ta' reġistrazzjoni tat-twelid; jirrakkomanda li n-Niġerja tkompli bl-isforzi tagħha u ssaħħaħhom sabiex tiżgura reġistrazzjoni bla ħlas u obbligatorja għat-tfal kollha u żżid is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku fir-rigward tal-importanza tar-reġistrazzjoni tat-twelid u tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ;

10. Jirrikonoxxi li l-mowbajls jirrappreżentaw forma importanti ta' komunikazzjoni għall-militanti, iżda jħeġġeġ lill-Gvern Niġerjan biex ma jirrikorrix għall-imblokk tan-netwerk sħiħ, peress li dan jagħmilha impossibbli għaċ-ċittadini li jikkomunikaw;

11. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali għall-iffaċċjar tat-theddida kkawżata mill-konnessjoni bejn il-Boko Haram u l-AQMI; jinkoraġġixxi l-pajjiżi fir-reġjun isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż mal-pajjiżi tas-Sahel, sabiex jiġu evitati aktar sinerġiji bejn il-Boko Haram, l-AQMI u l-Moviment għat-Twaħħid u l-Ġihad fl-Afrika tal-Punent (MOJWA); jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, kif ukoll in-NU, l-Unjoni Afrikana u l-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), jappoġġaw tali sforzi reġjonali u jindirizzaw it-theddid li jġibu magħhom it-terroriżmu, il-proliferazzjoni ta' armi ta' kalibru żgħir u l-kriminalità transkonfinali;

12. Jieħu att bi tħassib tat-theddida dejjem akbar tal-piraterija 'l barra mill-Golf tal-Ginea u l-bżonn għal azzjoni aktar koordinata; jilqa' f'dan ir-rigward, l-isforzi reġjonali li sar qbil fuqhom sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-piraterija fis-summit tal-kapijiet ta' stat u ta' gvern tal-Golf tal-Ginea dwar is-sigurtà u s-sikurezza marittima, li sar f'Yaoundé (il-Kamerun) fl-24 ta' Ġunju 2013;

13. Jitlob eżami usa' tal-kawżi li jinsabu fl-għeruq ta' dan il-kunflitt inklużi t-tensjonijiet soċjali, ekonomiċi u etniċi, filwaqt li jiġu evitati spjegazzjonijiet ġeneriċi u sempliċistiċi bbażati fuq ir-reliġjon biss, li ma jistgħux jipprovdu l-bażi għal soluzzjoni fit-tul u dewwiema għall-problemi tar-reġjun; iħeġġeġ lill-Gvern Niġerjan jaħdem għal soluzzjoni paċifika billi jindirizza l-kawżi primarji tal-kunflitt, u jiżgura aċċess ġust għar-riżorsi, żvilupp sostenibbli fil-livell tar-reġjuni u ridistribuzzjoni tad-dħul permezz tal-baġit tal-istat;

14. Jitlob li ssir investigazzjoni indipendenti fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li dawk responsabbli jidhru quddiem qorti b'konformità mal-istandards internazzjonali għal proċess ġust;

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

15. Jesprimi t-tħassib tiegħu li eskalazzjoni tal-kunflitt fin-Niġerja se taggrava aktar il-kriżi tar-rifuġjati fil-pajjiż viċini ta' Niġer u l-Kamerun; jinkoraġġixxi l-uffiċjali tal-Gvern Niġerjan jikkollaboraw mal-kapijiet tal-pajjiżi viċini sabiex jikkoordinaw ir-rispons għall-influss ta' rifuġjati;

16. Jitlob lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, Catherine Ashton, tħeġġeġ lill-Gvern Niġerjan jeżerċita r-rispett għall-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet kontra t-terroriżmu; jesprimi d-disponibbiltà tiegħu sabiex isegwi mill-qrib l-iżvilupp tas-sitwazzjoni fin-Niġerja, u jipproponi miżuri restrettivi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Ftehim ta' Cotonou, b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 9 tiegħu; jitlob lill-Kummissjoni sabiex anki hi timmonitorja s-sitwazzjoni;

17. Jesprimi d-dispjaċir profond tiegħu dwar l-adozzjoni tal-liġi dwar il-projbizzjoni ta' żwieġ bejn persuni tal-istess sess, li abbażi tagħha relazzjoni bejn persuni tal-istess sess, l-appoġġ għad-drittijiet tal-persuni LGBT, il-ġestjoni ta' postijiet favur l-omosesswalità jew it-turija ta' affezzjoni bejn żewġ persuni tal-istess sess jikkostitwixxu reat; jistieden lill-President tan-Niġerja, għalhekk, biex ma jiffirmax il-liġi approvata mill-Kamra tar-Rappreżentanti, li tqiegħed persuni LGBT – kemm Niġerjani kif ukoll barranin – f'riskju gravi ta' vjolenza u arrest;

18. L-awtoritajiet Niġerjani jitħeġġew jiddepenalizzaw l-omosesswalità sabiex jiġu protetti l-persuni LGBTI u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern Federali tan-Niġerja, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana u tal-ECOWAS, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE u lill-Parlament PAN-Afrikan (PAP).

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0292

## Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen (2012/2325(IMM))**

(2016/C 075/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen, imressqa fis-26 ta' Novembru 2012 mill-Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika ta' Franza b'rabta mat-talba magħmula fis-7 ta' Novembru 2012 mill-Kap Prosekutur tal-Qorti tal-Appell ta' Lyon, u mħabbra fis-seduta plenarja fl-10 ta' Diċembru 2012,

— wara li sema' lil Bruno Gollnisch, Membru tal-Parlament Ewropew, f'isem Marine Le Pen, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010, tas-6 ta' Settembru 2011 u tas-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0236/2013),

A. billi l-Kap Prosekutur tal-Qorti tal-Appell ta' Lyon talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Marine Le Pen, b'rabta ma' proċediment legali dwar reat allegat;

---

([1]) Sentenza tat-12 ta' Mejju 1964 fil-Kawża 101/63, Wagner vs Fohrmann u Krier (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1964, p 195.); Sentenza tal-10 ta' Lulju 1986 fil-Kawża 149/85, Wybot v Faure u oħrajn (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1986, p 2403.); Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T-345/05, Mote vs Il-Parlament (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p II-2849.); Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawżi magħquda C-200/07 u C-201/07, Marra vs De Gregorio u Clemente (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p I-7929.); Sentenza tad-19 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T-42/06, Gollnisch vs Il-Parlament (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2010, p II-1135.); Sentenza tas-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża C-163/10, Patriciello (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2011, p I-7565.); u s-Sentenza tas-17 ta' Settembru 2013 fil-Kawżi Konġunti T-346/11 u T-347/11, Gollnisch vs Il-Parlament (għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra).

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

B. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jgħid li l-Membri jgawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-Parlament ta' dak il-pajjiż;

C. billi l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża jipprevedi li l-Membri tal-Parlament Franċiż m'għandhomx ikunu soġġetti għal proċedimenti legali minħabba opinjonijiet espressi minnhom jew voti mitfugħa minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom;

D. billi Marine Le Pen qed tiġi akkużata li xewxet biex toħloq mibegħda, diskriminazzjoni jew vjolenza kontra grupp ta' persuni abbażi tal-affiljazzjoni reliġjuża tagħhom, reat previst fid-Dritt ta' Franza, fl-Artikolu 24 (8), l-Artikolu 23(1) u fl-Artikolu 42 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1881 u l-Artikolu 93-3 tal-Att 82-652 tad-29 ta' Lulju 1982, li l-penalitajiet għalih huma stabbiliti fl-Artikolu 24, paragrafi 8, 10, 11 u 12 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1881 u l-Artikolu 131-26(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali;

E. billi l-azzjoni allegata m'għandhiex rabta diretta jew konnessjoni ovvja mat-twettiq tad-dmirijiet ta' Marine Le Pen bħala Membru tal-Parlament Ewropew u ma tikkostitwixxix opinjoni espressa minnha jew vot mitfugħ minnha fit-twettiq ta' dmirijietha bħala Membru tal-Parlament Ewropew għall-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

F. billi l-akkuża mhi bl-ebda mod marbuta mal-pożizzjoni ta' Marine Le Pen bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

G. billi ma teżisti l-ebda raġuni biex tiġi suspettata l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*;

1. Iddeċieda li jneħħi l-immunità parlamentari ta' Marine Le Pen;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Franċiża u lil Marine Le Pen.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0287

## Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea. ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea. (COM(2011)0890 – C7-0507/2011 – 2011/0455(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0890),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0507/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-22 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-14 ta' Ġunju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Ġunju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn (A7-0156/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU C 205, 12.7.2012, p. 1.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

## P7_TC1-COD(2011)0455

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013.)*

---

P7_TA(2013)0288

## Il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Danni Nukleari ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jirratifikaw, jew jaċċedu għall-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Danni Nukleari tal-21 ta' Mejju 1963, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, u biex jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tal-liġi tal-Unjoni (06206/2013 – C7-0063/2013 – 2012/0262(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2016/C 075/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06206/2013),

— wara li kkunsidra l-Protokoll tat-12 ta' Settembru 1997 li jemenda l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Danni Nukleari tal-21 ta' Mejju 1963 (06658/2013),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikoli 81(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0063/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0198/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0289

## L-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (COM(2012)0725 – C7-0004/2013 – 2012/0342(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2016/C 075/30)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2012)0725),

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013 dwar il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0004/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0180/2013),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-kuntest ta' modernizzazzjoni profonda tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jikkontribwixxu kemm mal-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir u għal konsolidament baġitarju, l-Artikolu 107 tat-Trattat *għandhom jiġu applikati* effettivament u b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 kkodifika u saħħaħ il-prattika preċedenti tal-Kummissjoni biex tiżdied iċ-ċertezza legali u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat għal ambjent trasparenti. Madankollu, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħha u ta' l-iżviluppi riċenti bħalma huma t-tkabbir u l-kriżi ekonomika u finanzjarja, ċerti aspetti ta' dak ir-Regolament għandu jkun emendat biex ***jippermetti lill-Kummissjoni biex ikunu*** aktar effettivi. | (1) Fil-kuntest ta' modernizzazzjoni profonda tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jikkontribwixxu kemm mal-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir[27] u għal konsolidament baġitarju, l-Artikolu 107 tat-Trattat *għandu jiġi applikat* effettivament u b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 kkodifika u saħħaħ il-prattika preċedenti tal-Kummissjoni biex tiżdied iċ-ċertezza legali u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat għal ambjent trasparenti. Madankollu, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħha u tal-iżviluppi riċenti bħalma huma t-tkabbir u l-kriżi ekonomika u finanzjarja, ċerti aspetti ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu emendati biex ***il-Kummissjoni tkun mgħammra bi strumenti ta' kontroll u infurzar tal-għajnuna mill-Istat simplifikati u*** aktar effettivi. |

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0026.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1a)* ***Huwa importanti li l-Kummissjoni tiffoka l-attenzjoni tagħha fuq il-każijiet tal-għajnuna mill-Istat li għandhom il-potenzjal li jgħawġu l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern. Dak l-għan huwa konsistenti mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2012 dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat (SAM) u ġie approvat mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013 dwar il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni m'għandhiex tinvolvi ruħha f'miżuri li jikkonċernaw impriżi iżgħar u li joħolqu effetti purament lokali, partikolarment meta l-għan ewlieni ta' dawk il-miżuri jkun li jilħqu objettivi soċjali li ma jgħawġux is-suq intern. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tkun tista' tirrifjuta li teżamina każijiet bħal dawn, u b'mod partikolari, ilmenti miġjuba għall-attenzjoni tagħha, anke meta lmentaturi persistenti jwieġbu għal kull stedina biex jibagħtu l-kummenti tagħhom. Madankollu, il-Kummissjoni għandha teżamina l-każijiet li jitresqulha minn diversi lmentaturi u għandha toqgħod attenta ħafna biex ma teżentax wisq attivitajiet mill-iskrutinju tal-għajnuna mill-Istat.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1b)* ***Bħalissa hemm interpretazzjonijiet differenti fl-Istati Membri dwar is-servizzi meta ma jkun hemm l-ebda interess ekonomiku reali u meta jkun hemm perċezzjoni ta' nuqqas ta' provvista jew domanda ddeterminati mis-suq. Servizzi bħal dawn m'għandhomx jaqgħu taħt ir-regoli għall-għajnuna mill-Istat. Din is-sitwazzjoni mhux ċara ħolqot problemi speċjalment fit-tielet settur fejn il-fornituri ta' servizzi mingħajr skop ta' profitt huma mċaħħda ta' xejn mill-għajnuna pprovduta mill-Istat minħabba possibilità ta' lment. Il-Kummissjoni għandha, fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, tistieden lill-Istati Membri jivvalutaw permezz ta' "test tas-suq" jekk hemmx domanda jew provvista reali tas-suq għal servizzi partikolari, u tassistihom f'dan ir-rigward. Dan għandu jitqies ukoll meta l-Kummissjoni tivvaluta l-validità ta' lment partikolari.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1c)* ***Il-bażi legali għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 109 tat-TFUE, jipprevedi biss il-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew, u mhux il-kodeċiżjoni f'konformità ma' oqsma oħrajn tal-integrazzjoni tas-suq u tar-regolazzjoni ekonomika wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Dan id-defiċit demokratiku ma jistax jiġi ttollerat fir-rigward ta' proposti li jikkonċernaw il-mezzi ta' superviżjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjonijiet u atti li jsiru mill-awtoritajiet eletti nazzjonali u lokali, speċjalment rigward servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali b'rabta mad-drittijiet fundamentali. Dan id-defiċit għandu jiġi korrett fi kwalunkwe bidla futura tat-Trattat. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2012 intitolata "Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina" tipprevedi proposti għal tibdil tat-Trattat sal-2014. Din il-proposta għandha tinkludi proposta speċifika biex jiġi emendat l-Artikolu 109 sabiex jiġu adottati r-regolamenti msemmija f'dak l-Artikolu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Għall-iskop ta' valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna wara l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, b'mod partikolari fir-rigward miżuri ġodda jew teknikament kumplessi suġġetti għal evalwazzjoni dettaljata, il-Kummissjoni għandha tkun tista', permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni, li teħtieġ li kull impriża, assoċjazzjoni ta' impriżi jew Stat Membru jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi kkompletata l-valutazzjoni tagħha, jekk l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha ma tkunx biżżejjed, filwaqt li tieħu kont dovut tal-prinċipju tal-proporzjonalità, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju. | (3) Għall-iskop ta' valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna wara l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, b'mod partikolari fir-rigward miżuri ġodda jew teknikament kumplessi suġġetti għal evalwazzjoni dettaljata, il-Kummissjoni għandha tkun tista', permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni, li teħtieġ li kull impriża, assoċjazzjoni ta' impriżi jew Stat Membru jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi kkompletata l-valutazzjoni tagħha, jekk l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha ma tkunx biżżejjed, filwaqt li tieħu kont dovut tal-prinċipju tal-proporzjonalità, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju. ***Setgħat bħal dawn diġà jeżistu għall-infurzar tal-liġi antitrust u huwa anomalu li huma ma jeżistux għall-infurzar tal-liġi tal-għajnuna mill-istat, peress li l-għajnuna mill-istat tista' tgħawweġ bl-istess mod is-suq intern bħal ksur tal-Artikoli 101 jew 102 tat-Trattat.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(3a)* ***Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013 dwar l-immodernizzar tal-għajnuna mill-Istat, il-Parlament Ewropew diġà esprima l-appoġġ tiegħu dwar l-informazzjoni li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiġbor direttament mill-parteċipanti tas-suq, jekk l-informazzjoni li jkollu ma tkunx biżżejjed.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(3b)* ***Sabiex dawn is-setgħat investigattivi ġodda jiġu bbilanċjati, il-Kummissjoni għandha tagħti kont lill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew fuq bażi regolari dwar il-proċeduri ta' investigazzjoni li jkunu għaddejjin.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tinfurza l-konformità ma' talbiet għal informazzjoni indirizzata lil kull impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi, kif xieraq, permezz ta' multi u ħlasijiet penali perjodiċi proporzjonati. Id-drittijiet tal-partijiet mitluba biex jipprovdu informazzjoni għandhom ikunu salvagwardjati billi tingħatalhom l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa qabel kwalunkwe deċiżjoni li timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni llimitata fir-rigward ta' tali multi u penali perjodiċi skont l-Artikolu 261 tat-Trattat. | (4) Il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tinfurza l-konformità ma' talbiet għal informazzjoni indirizzata lil kull impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi, kif xieraq, permezz ta' multi u ħlasijiet penali perjodiċi proporzjonati. ***Meta tivvaluta l-livell ta' penalitajiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tiddistingwi bejn atturi skont ir-rwol tagħhom fil-każ u r-rabta tagħhom miegħu. Penalitajiet aktar baxxi għandhom japplikaw għall-partijiet li l-Kummissjoni stess iddaħħal fil-każ meta titlobhom informazzjoni peress li dawk il-partijiet terzi mhumiex marbuta mal-investigazzjoni bl-istess mod bħall-benefiċjarju allegat u l-parti li qed tippreżenta l-ilment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod xieraq iċ-ċirkustanzi speċjali ta' kull każ u l-ispejjeż ta' konformità mġarrba minn kull destinatarju kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, partikolarment rigward l-impriżi żgħar u ta' daqs medju.*** Id-drittijiet tal-partijiet mitluba biex jipprovdu informazzjoni għandhom ikunu salvagwardjati billi tingħatalhom l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa qabel kwalunkwe deċiżjoni li timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni llimitata fir-rigward ta' tali multi u penali perjodiċi skont l-Artikolu 261 tat-Trattat. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-Kummissjoni tista', b'inizjattiva tagħha stess, teżamina informazzjoni minn kwalunkwe sors dwar għajnuna illegali, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 108 tat-Trattat, u b'mod partikolari mal-obbligu ta' notifika u klawżola ta' sospensjoni stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat, u li tivvaluta l-kumpatibbiltà tagħhom mas-suq intern. F'dak il-kuntest, l-ilmenti huma sors essenzjali ta' informazzjoni biex jinkixef ksur ta' regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni. | (9) Il-Kummissjoni tista', b'inizjattiva tagħha stess, teżamina informazzjoni minn kwalunkwe sors dwar għajnuna illegali, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 108 tat-Trattat, u b'mod partikolari mal-obbligu ta' notifika u klawżola ta' sospensjoni stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat, u li tivvaluta l-kumpatibbiltà tagħhom mas-suq intern. F'dak il-kuntest, l-ilmenti huma sors essenzjali ta' informazzjoni biex jinkixef ksur ta' regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni. ***Għaldaqstant hu importanti li ma jkunux imposti wisq restrizzjonijiet jew restrizzjonijiet formali ħafna dwar it-tressiq tal-ilmenti. B'mod partikolari, iċ-ċittadini individwali għandu jkollhom id-dritt li jressqu lmenti permezz ta' proċedura faċilment aċċessibbli u li tkun faċli biex tintuża.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(9a)* ***L-Istati Membri għandu jkollhom inċentiv biex jinnotifikaw il-miżuri tal-għajnuna mill-Istat u ma għandhomx ikunu ppenalizzati b'mod inġust jekk il-Kummissjoni tieħu wisq żmien biex teżamina l-għajnuna mill-Istat notifikata. Għalhekk, jekk deċiżjoni mill-Kummissjoni ma tkunx waslet fi żmien sitt xhur min-notifika, kull deċiżjoni futura ta' rkupru rigward dik l-għajnuna għandha turi li n-notifika ma kinitx kompluta u li l-Istat Membru ma weġibx b'mod adegwat għat-talbiet għall-informazzjoni.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-ilmentaturi għandhom ikunu meħtieġa li juru li jkunu partijiet interessati fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Għandhom ***ukoll*** ikunu meħtieġa li jipprovdu ċertu ammont ta' informazzjoni f'forma li ***biha*** l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tiddefinixxi f'dispożizzjoni implimentattiva. | (11) L-ilmentaturi għandhom ikunu meħtieġa li juru li jkunu partijiet interessati fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. ***Madankollu, għandha tiġi evitata interpretazzjoni li tkun wisq dejqa tat-terminu "parti interessata". L-ilmentaturi kollha*** għandhom ikunu meħtieġa li jipprovdu ċertu ammont ***minimu*** ta' informazzjoni f'forma ***faċilment aċċessibbli u faċli biex tintuża*** li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tiddefinixxi f'dispożizzjoni implimentattiva. ***Meta l-ilmentaturi jonqsu milli jissottomettu kummenti jew jipprovdu informazzjoni li tindika l-eżistenza ta' għajnuna illegali jew l-użu ħażin ta' għajnuna bil-potenzjal li tgħawweġ il-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tqis l-ilment bħala irtirat.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(11a)* ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra investigazzjoni ta' lmenti minn parti terza meta jkun hemm evidenza suffiċjenti li turi tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet simili b'mod konsistenti fis-suq intern kollu, huwa xieraq li jiġu kkompletati s-setgħat eżistenti tal-Kummissjoni billi tiġi introdotta bażi legali speċifika sabiex tniedi investigazzjonijiet f'setturi tal-ekonomija jew f'ċerti strumenti ta' għajnuna f'diversi Stati Membri. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, inkjesti settorjali għandhom ikunu bbażati fuq analiżi minn qabel tal-informazzjoni disponibbli pubblikament li turi l-eżistenza ta' kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat f'settur partikolari jew dwar l-użu tal-istrument ta' għajnuna partikolari f'bosta Stati Membri, pereżempju, li miżuri ta' għajnuna eżistenti f'settur partikolari jew abbażi ta'l-istrument ta' għajnuna partikolari f'diversi Stati Membri ma jkunux, jew ma għadhomx, kompatibbli mas-suq intern. Dawn l-inkjesti jippermettu lill-Kummissjoni biex tittrattaw b'mod effiċjenti u trasparenti ma' kwistjonijiet orizzontali tal-għajnuna mill-Istat. | (13) Sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet simili b'mod konsistenti fis-suq intern kollu, huwa xieraq li jiġu kkompletati s-setgħat eżistenti tal-Kummissjoni billi tiġi introdotta bażi legali speċifika sabiex tniedi investigazzjonijiet f'setturi tal-ekonomija jew f'ċerti strumenti ta' għajnuna f'diversi Stati Membri. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, inkjesti settorjali għandhom ikunu bbażati fuq analiżi minn qabel tal-informazzjoni disponibbli pubblikament li turi l-eżistenza ta' kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat f'settur partikolari jew dwar l-użu tal-istrument ta' għajnuna partikolari f'bosta Stati Membri, pereżempju, li miżuri ta' għajnuna eżistenti f'settur partikolari jew abbażi ta'l-istrument ta' għajnuna partikolari f'diversi Stati Membri ma jkunux, jew ma għadhomx, kompatibbli mas-suq intern. ***Peress li, permezz ta' rabtiet diretti mal-kostitwenzi tagħhom, il-Membri tal-Parlament Ewropew jistgħu wkoll jiġu mgħarrfa dwar diverġenzi possibbli ta' prattiki tal-għajnuna mill-Istat fi ħdan settur partikolari, il-Parlament Ewropew għandu wkoll jingħata s-setgħa li jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga dan is-settur. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapporti interim lill-Parlament Ewropew li jiddettaljaw il-progress ta' dawk l-investigazzjonijiet, sabiex iżżomm il-Parlament Ewropew informat dwar dawn l-investigazzjonijiet.*** Dawn l-inkjesti jippermettu lill-Kummissjoni biex tittrattaw b'mod effiċjenti u trasparenti ma' kwistjonijiet orizzontali tal-għajnuna mill-Istat. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Konsistenza fl-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tirrikjedi ukoll li l-arranġamenti jkunu stabbiliti għal kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Kooperazzjoni bħal din hija rilevanti għal qrati kollha tal-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 107(1) u l-Artikolu 108 tat-Trattat, fi kwalunkwe kuntest. B'mod partikolari, qrati nazzjonali għandhom ikunu kapaċi li jistaqsu għall-informazzjoni lill-Kummissjoni jew għall-opinjoni fuq il-punti konċernati tal-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Komunità. Il-Kummissjoni għandha wkoll tkun tista' tissottometti l-osservazzjonijiet bil-miktub jew oralment lill-qrati li huma msejħa biex japplikaw l-Artikolu 107(1) jew l-Artikolu 108 tat-Trattat. Dawk l-osservazzjonjiet għandhom ikunu sottomessi fi ħdan struttura ta' regoli u prattiċi ta' proċedura nazzjonali inkluż dawk li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-partijiet. | (14) Konsistenza fl-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tirrikjedi ukoll li l-arranġamenti jkunu stabbiliti għal kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Kooperazzjoni bħal din hija rilevanti għal qrati kollha tal-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 107(1) u l-Artikolu 108 tat-Trattat, fi kwalunkwe kuntest. B'mod partikolari, qrati nazzjonali għandhom ikunu kapaċi li jistaqsu għall-informazzjoni lill-Kummissjoni jew għall-opinjoni fuq il-punti konċernati tal-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Komunità. Il-Kummissjoni għandha wkoll tkun tista' tissottometti l-osservazzjonijiet bil-miktub jew oralment lill-qrati li huma msejħa biex japplikaw l-Artikolu 107(1) jew l-Artikolu 108 tat-Trattat. Dawk l-osservazzjonjiet ***mhux vinkolanti*** għandhom ikunu sottomessi fi ħdan struttura ta' regoli u prattiċi ta' proċedura nazzjonali inkluż dawk li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-partijiet. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 6a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Wara l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 6, il-Kummissjoni tista', jekk tqis li jkun rilevanti, teħtieġ li l-impriża, assoċjazzjoni ta' impriżi jew Stat Membru ieħor jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja biex tkun tista' tlesti l-valutazzjoni tagħha dwar il-miżura inkwistjoni, jekk l-informazzjoni disponibbli mhix biżżejjed. | 1. Wara l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 6, il-Kummissjoni tista', jekk tqis li jkun rilevanti ***u proporzjonali***, teħtieġ li l-impriża, assoċjazzjoni ta' impriżi jew Stat Membru ieħor jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja biex tkun tista' tlesti l-valutazzjoni tagħha dwar il-miżura inkwistjoni, jekk l-informazzjoni disponibbli mhix biżżejjed. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 6 a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha ***tinforma*** lill-Istat Membru kkonċernat ***dwar il-kontenut*** ta' talbiet għal tagħrif li ntbagħtu skont il-paragrafi minn 1 sa 4. | 5. ***Meta tibgħat it-talbiet,*** il-Kummissjoni għandha ***tipprovdi fl-istess ħin*** lill-Istat Membru kkonċernat ***b'kopja*** ta' talbiet għal tagħrif li ntbagħtu skont il-paragrafi minn 1 sa 4. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha wkoll, fi żmien xahar mill-wasla tad-dokumenti, tipprovdi lill-Istat Membru kkonċernat bil-kopji tad-dokumenti kollha li tirċievi skont it-talba għall-informazzjoni, sakemm l-informazzjoni ma tinkludix informazzjoni kunfidenzjali li ma tistax tiġi aggregata jew inkella adattata biex tipproteġi l-identità tal-informatur. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru kkonċernat opportunità li jagħmel osservazzjonijiet dwar dawk id-dokumenti fi żmien xahar mill-wasla tagħhom.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 6b – paragrafu 1 – punt (a)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdu informazzjoni żbaljata jew qarrieqa fi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikolu 6a(3); | (a) jipprovdu informazzjoni żbaljata***, mhix kompluta*** jew qarrieqa***, jew intenzjonalment ma jinkludux informazzjoni rilevanti*** fi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikolu 6a (3); |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 6b – paragrafu 1 – punt (b)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jipprovdu informazzjoni żbaljata, inkompleta jew qarrieqa fi tweġiba għal deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 6a(4), jew ma jipprovdux l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien speċifikat. | (b) jipprovdu informazzjoni żbaljata, inkompleta jew qarrieqa***, jew intenzjonalment ma jinkludux informazzjoni rilevanti,*** fi tweġiba għal deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 6a(4), jew ma jipprovdux l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien speċifikat. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 6 b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit l-ammont tal-multa, għandhom ikunu kkunsidrati n-natura, l-gravità u t-tul tal-ksur. | 3. Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit l-ammont tal-multa jew il-ħlas perjodiku ta' penali, għandhom ikunu kkunsidrati:<br>*(a)* n-natura, il-gravità u d-dewmien tal-ksur;<br>***(b) jekk l-impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi jistgħux jitqiesu bħala parti interessata jew parti terza fl-investigazzjoni;***<br>***(c) l-prinċipju ta' proporzjonalità, partikolarment rigward impriżi żgħar u ta' daqs medju;*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha teżamina mingħajr dewmien żejjed kull ilment imressaq minn kull parti nteressata skont l-Artikolu 20 (2). | Il-Kummissjoni għandha teżamina mingħajr dewmien żejjed kull ilment imressaq minn kull parti nteressata skont l-Artikolu 20 (2). ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li teżamina lment imressaq minn parti terza meta jkun hemm biżżejjed evidenza li turi tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern mill-allegazzjoni ta' għajnuna mhux legali jew mill-allegazzjoni ta' użu ħażin tal-għajnuna.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Fl-Artikolu 14, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** <br> ***"1a. Meta l-għajnuna illegali tkun ġiet notifikata preċedentament lill-Kummissjoni u tpoġġiet fis-seħħ aktar minn sitt xhur wara dik in-notifika mingħajr ma l-Kummissjoni tkun ħadet kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 4 dak iż-żmien, il-Kummissjoni għandha turi f'kull deċiżjoni skont dak l-Artikolu li n-notifika ma kinitx kompluta u li dak l-Istat Membri ma pprovdiex l-informazzjoni kollha neċessarja mitluba mill-Kummissjoni fi żmien xieraq."*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 9**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull parti interessata tista' tinforma lill-Kummissjoni dwar kull għajnuna llegali allegata u dwar kull allegat użu ħażin ta' għajnuna. Għal dak il-għan, il-parti interessata għandha timla formola li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tiddefinixxi f'dispożizzjoni implimentattiva u tipprovdu kull informazzjoni obbligatorja mitluba fiha. | 2. Kull parti interessata tista' tinforma lill-Kummissjoni dwar kull għajnuna llegali allegata u dwar kull allegat użu ħażin ta' għajnuna. Għal dak il-għan, il-parti interessata għandha timla formola li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tiddefinixxi f'dispożizzjoni implimentattiva u tipprovdu kull informazzjoni obbligatorja mitluba fiha. ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra investigazzjoni meta tiġi ppreżentata b'biżżejjed evidenza minn parti terza dwar l-allegazzjoni ta' għajnuna mhux legali jew l-allegazzjoni tal-użu ħażin tal-għajnuna.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 9**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Fejn il-Kummissjoni tikkonsidra li l-fatti u l-punti tal-liġi mressqa mill-parti interessata ma jipprovdux biżżejjed raġunijiet biex juru, fuq il-bażi tal-ewwel eżami, l-eżistenza ta' għajnuna illegali jew użu ħażin ta' għajnuna, għandha tinforma lill-parti interessata b'dan u tindirizzalha talba biex tagħmel il-kummenti tagħha ***f'perjodu*** preskritt li normalment ***m'għandux ikun*** aktar minn xahar. Jekk il-parti interessata tonqos milli tagħmel il-fehmiet tiegħu fil-perjodu preskritt, l-ilment għandu *jitiqies* li kien irtirat. | ***Minkejja l-Artikolu 13,*** fejn il-Kummissjoni tikkonsidra li l-fatti u l-punti tal-liġi mressqa mill-parti interessata ma jipprovdux biżżejjed raġunijiet biex juru, fuq il-bażi tal-ewwel eżami, l-eżistenza ta' għajnuna illegali jew użu ħażin ta' għajnuna, ***b'potenzjal li tgħawweġ il-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern,*** għandha tinforma lill-parti interessata b'dan u tistedina tagħmel il-kummenti tagħha***. Dawk il-kummenti għandhom jintbagħtu*** fi żmien perjodu preskritt li normalment ***ma jkunx*** aktar minn xahar***, ħlief jekk ikun iġġustifikat abbażi tal-proporzjonalità u skont l-ammont jew il-kumplessità tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġi argumentat il-każ***. Jekk il-parti interessata tonqos milli tagħmel il-fehmiet tagħha fil-perjodu preskritt***, jew milli tipprovdi aktar informazzjoni li tkun tindika l-eżistenza ta' għajnuna illegali jew użu ħażin tal-għajnuna b'potenzjal li tgħawweġ il-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern,*** l-ilment għandu *jitqies* li kien irtirat. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 10**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 20a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Fejn l-informazzjoni disponibbli tissuġġerixxi li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat f'settur partikolari jew abbażi tal-istrument ta' għajnuna partikolari jistgħu jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern f 'diversi Stati Membri, jew li miżuri ta' għajnuna eżistenti f'settur partikolari jew abbażi tal-istrument ta' għajnuna partikolari f'diversi Stati Membri ma jkunux, jew ma għadhomx, kompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni tista' tmexxi l-inkjesta fis-settur tal-ekonomija jew l-użu tal-istrument ta' għajnuna konċernata madwar l-Istati Membri varji. Matul il-kors ta' din l-inkjesta, il-Kummissjoni tista' titlob l-Istati Membri, jew l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi kkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' proporzjonalità. | 1. Fejn l-informazzjoni disponibbli ***għall-Kummissjoni*** tissuġġerixxi li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat f'settur partikolari jew abbażi tal-istrument ta' għajnuna partikolari jistgħu jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern f'diversi Stati Membri, jew li miżuri ta' għajnuna eżistenti f'settur partikolari jew abbażi tal-istrument ta' għajnuna partikolari f'diversi Stati Membri ma jkunux, jew ma għadhomx, kompatibbli mas-suq intern***, jew wara talba mill-Parlament Ewropew ibbażata fuq informazzjoni simili,*** il-Kummissjoni tista' tmexxi l-inkjesta fis-settur tal-ekonomija jew l-użu tal-istrument ta' għajnuna konċernata madwar l-Istati Membri varji. Matul il-kors ta' din l-inkjesta, il-Kummissjoni tista' titlob l-Istati Membri, jew l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi kkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' proporzjonalità. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 10**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 20a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni ***tista'*** *tippublika* rapport dwar ir-riżultati tal-inkjesta f'setturi partikolari tal-ekonomija jew strumenti ta' għajnuna partikolari f'diversi Stati Membri u tistieden lill-Istati Membri u kull impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi konċernati li jissottomettu kummenti. | Il-Kummissjoni ***għandha*** *tippubblika* rapport ***fuq is-sit tal-internet tagħha*** dwar ir-riżultati tal-inkjesta f'setturi partikolari tal-ekonomija jew strumenti ta' għajnuna partikolari f'diversi Stati Membri u tistieden lill-Istati Membri u kull impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi konċernati li jissottomettu kummenti. ***Meta l-Parlament Ewropew jagħmel talba għal inkjesta, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport interim lill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni, għandha tirrispetta r-regoli tas-segretezza professjonali, f'konformità mal-Artikolu 339 tat-Trattat, meta tippubblika r-rapporti tagħha.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 11**

Regolament (KE) Nru 659/1999

Artikolu 23a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Fejn l-applikazzjoni koerenti tal-Artikolu 107(1) u l-Artikolu 108 tat-Trattat jirrikjedi hekk, il-Kummissjoni, waqt li tagixxi bl-inizjattiva proprja tagħha, *tista* tagħti osservazzjonijiet bil-miktub lil qrati ta' Stati Membri. Bil-permess tal-qorti partikolari, hi tista' tagħmel ukoll osservazzjonijiet orali. | 2. Fejn l-applikazzjoni koerenti tal-Artikolu 107(1) u l-Artikolu 108 tat-Trattat jirrikjedi hekk, il-Kummissjoni, waqt li tagixxi bl-inizjattiva proprja tagħha, *tista'* tagħti osservazzjonijiet bil-miktub lil qrati ta' Stati Membri. Bil-permess tal-qorti partikolari, hi tista' tagħmel ukoll osservazzjonijiet orali. ***L-osservazzjonijiet sottomessi mill-Kummissjoni lill-qrati tal-Istati Membri m'għandhomx ikunu vinkolanti. Il-Kummissjoni tista' taġixxi skont dik id-dispożizzjoni biss fl-interess pubbliku tal-Unjoni (bħala amicus curiae), u mhux b'appoġġ lil waħda mill-partijiet.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

P7_TA(2013)0294

## Il-kontroll mill-Istat tal-port ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port (COM(2012)0129 – C7-0081/2012 – 2012/0062(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0129),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0081/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2012 ([1]),

— wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta' April 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0394/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2012)0062

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Direttiva 2013/38/UE.)*

---

([1]) ĠU C 299, 4.10.2012, p. 153.

**It-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013**

P7_TA(2013)0295

# Dokumenti ta’ registrazzjoni ghall-vetturi ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-2 ta’ Lulju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta’ reġistrazzjoni għall-vetturi (COM(2012)0381 – C7-0187/2012 – 2012/0185(COD))** ([1])

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/32)

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Għandha tiġi introdotta l-possibbiltà li tiġi kkanċellata reġistrazzjoni ta’ vettura fil-każijiet fejn, fost oħrajn, vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor jew ġiet żarmata jew skreppjata. | (3) Għandha tiġi introdotta l-possibbiltà li tiġi kkanċellata reġistrazzjoni ta’ vettura ***fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tagħha*** fil-każijiet fejn, fost oħrajn, vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor jew ġiet żarmata jew skreppjata. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-informazzjoni relatata mal-vetturi għandha tinżamm f’reġistri nazzjonali. | (4) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-informazzjoni relatata mal-vetturi għandha tinżamm f’reġistri ***elettroniċi*** nazzjonali. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Billi, sabiex jiġu ffaċilitati dawk il-kontrolli intenzjonati speċifikament biex jiġġieldu kontra l-qerq u l-kummerċ illeċitu ta’ vetturi misruqa u sabiex isir kontroll tal-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali, huwa xieraq li tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, ibbażata fuq skambju effettiv ta’ informazzjoni, billi jintużaw bażijiet ta’ dejta elettroniċi nazzjonali;*** |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0199/2013).

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 2**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 2 – punti (e) u (f)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "***irtirar*** ta' reġistrazzjoni": għandha tfisser perjodu limitat ta' żmien ***li fih*** il-vettura ma tkunx awtorizzata biex tintuża fit-traffiku tat-triq, ***mingħajr ma jkun involut*** proċess ġdid ta' reġistrazzjoni; | (e) "***sospensjoni*** ta' reġistrazzjoni": għandha tfisser ***att amministrattiv li bih, għal*** perjodu limitat ta' żmien, il-vettura ma tkunx awtorizzata biex tintuża fit-traffiku tat-triq, ***u wara – kemm-il darba r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux għadhom japplikaw – tkun tista' terġa' tintuża mingħajr*** proċess ġdid ta' reġistrazzjoni; |
| (f) "kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni": għandha tfisser kanċellazzjoni permanenti tal-awtorizzazzjoni tal-vettura biex tintuża fit-traffiku tat-triq ***filwaqt li jkun involut*** proċess ġdid ta' reġistrazzjoni." | (f) "kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni": għandha tfisser kanċellazzjoni permanenti ***mill-awtorità kompetenti*** tal-awtorizzazzjoni tal-vettura biex tintuża fit-traffiku tat-triq, ***li – jekk il-vettura tkun se terġa' tintuża fit-traffiku tat-triq – toħloq il-ħtieġa ta'*** proċess ġdid ta' reġistrazzjoni." ***Id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jista' jressaq talba lill-awtorità kompetenti għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni.*** |
| | *(Skont din l-emenda "irtirar" għandha tiġi sostitwita minn "sospensjoni" fit-test kollu kemm hu.)* |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dejta dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom f'reġistru elettroniku. Id-dejta f'dan ir-reġistru għandu jkun fiha ***l-elementi kollha skont l-Anness I*** kif ukoll ir-riżultati ta' testijiet obbligatorji tal-affidabilità tad-dejta skont ir-Regolament XX/XX/XX [dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali]. Huma għandhom jagħmlu disponibbli d-dejta teknika dwar il-vetturi lill-awtoritajiet kompetenti jew liċ-ċentri tal-ittestjar involuti fl-ittestjar tal-affidabilità stradali. | 4. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dejta dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom f'reġistru elettroniku. Id-dejta f'dan ir-reġistru għandu jkun fiha ***d-dejta speċifikata fil-punti II.4 sa II.7 tal-Anness I*** kif ukoll ir-riżultati ta' testijiet ***perjodiċi jew testijiet*** obbligatorji ***oħra*** tal-affidabilità tad-dejta skont ir-Regolament XX/XX/XX [dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali]. Huma għandhom jagħmlu disponibbli d-dejta teknika dwar il-vetturi lill-awtoritajiet kompetenti jew liċ-ċentri tal-ittestjar involuti fl-ittestjar tal-affidabilità stradali. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 3a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-irtirar għandu jkun effettiv sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabilità stradali. Mat-tlestija b'suċċess tat-test tal-affidabilità stradali, l-awtorità ta' reġistrazzjoni għandha tawtorizza mill-ġdid mingħajr dewmien l-użu tal-vettura fit-traffiku tat-triq. | L-irtirar għandu jkun effettiv sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabilità stradali. Mat-tlestija b'suċċess tat-test tal-affidabilità stradali, l-awtorità ta' reġistrazzjoni għandha tawtorizza mill-ġdid mingħajr dewmien l-użu tal-vettura fit-traffiku tat-triq***; ma għandu jkun meħtieġ l-ebda proċess ta' reġistrazzjoni***. |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 3a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-każ li awtorità ta' reġistrazzjoni ta' Stat Membru tirċievi notifika li vettura ġiet ittratata bħala vettura *fl-aħħar stadju ta' ħajja* skont id-Direttiva 2000/53/KE, ir-reġistrazzjoni għandha tiġi kkanċellata u din l-*informazjoni* għandha tiżdied mar-reġistru elettroniku. | 2. Fil-każ li awtorità ta' reġistrazzjoni ta' Stat Membru tirċievi notifika li vettura ġiet ittratata bħala vettura *li m'għadhiex tintuża* skont id-Direttiva 2000/53/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw***, ir-reġistrazzjoni għandha tiġi kkanċellata u din l-*informazzjoni* għandha tiżdied mar-reġistru elettroniku *tagħha*. ***Tali kanċellazzjoni ma għandhiex tinvolvi proċess ġdid ta' reġistrazzjoni.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 4**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-paragrafu li ġej jiżdied*** mal-Artikolu 5: | ***5. Il-paragrafi li ġejjin jiżdiedu*** mal-Artikolu 5: |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "3. Fil-każ li Stat Membru jirċievi notifika li l-vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni ta' din il-vettura fuq it-territorju tiegħu. | "3. Fejn jagħti l-każ li Stat Membru jirċievi notifika li vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura fuq it-territorju tiegħu.<br>***3a. Fejn jagħti l-każ li vettura tiġi reġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor u l-prova tal-aħħar test tal-affidabilità stradali u d-data għat-test li jmiss tal-affidabilità stradali jkunu jidhru fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, l-Istat Membru li fih il-vettura hija rreġistrata mill-ġdid, meta jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid, għandu jirrikonoxxi l-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u, kemm-il darba ċ-ċertifikat ikun validu f'dawk li huma intervalli ta' ttestjar applikati fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni mill-ġdid, għandu jinkludi dikjarazzjoni f'dak is-sens fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid.***<br>***3b. Fejn jagħti l-każ li s-sjieda tal-vettura tinbidel u l-prova tal-aħħar test tal-affidabilità stradali u d-data għat-test li jmiss tal-affidabilità stradali jkunu jidhru fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat, meta jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid lis-sid il-ġdid, għandu jirrikonoxxi l-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u għandu jinkludi dikjarazzjoni f'dak is-sens fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid.***" |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 5**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 7 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Id-delega tas-setgħa*** msemmija fl-Artikolu 6 *għandha tingħata* għal ***perjodu indeterminat ta' żmien*** mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament***. | 2. ***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati*** msemmija fl-Artikolu 6 *hija mogħtija* ***lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin*** mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 6a (ġdid)**

Direttiva 1999/37/KE

Artikolu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. L-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | **"L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva. Huma jistgħu jiskambjaw informazzjoni fuq livell bilaterali jew multilaterali b'mod partikolari sabiex jikkontrollaw, qabel kwalunkwe reġistrazzjoni ta' vettura, l-istatus ġuridiku ta' din tal-aħħar, meta jkun meħtieġ fl-Istat Membru fejn qabel kienet reġistrata. Tali kkontrollar jista' b'mod partikolari jinvolvi l-użu ta' netwerk elettroniku, *fejn il-bażijiet ta' dejta elettroniċi nazzjonali jitqiegħdu għad-disponibilità tal-Istati Membri l-oħra."*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 6b (ġdid)**

Direttiva 1999/37/KE

Anness I – Punt II.5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Il-punt li ġej għandu jiżdied mal-punt II.5 tal-Anness I:*** |
| | ***"(Y) prova (pereżempju timbru, data, firma) tal-affidabilità stradali u d-data għat-test li jmiss tal-affidabilità stradali (li għandu jiġi ripetut kemm ikun hemm bżonn)."*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

P7_TA(2013)0296

# Spezzjoni teknika waqt it-tragitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummercjali li jiccirkolaw fl-Unjoni ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit–2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2000/30/KE (COM(2012)0382 – C7-0188/2012– 2012/0186(COD))** ([1])

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/33)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn reġim usa' li jiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport tat-triq kif ukoll dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi biex ***ikun żgurat li*** vetturi li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali ***ma jintużawx fit-toroq***. | (3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn reġim usa' li jiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport tat-triq kif ukoll dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi***. L-ittestjar perjodiku għandu jkun l-għodda ewlenija*** biex ***tiġi żgurata l-affidabilità stradali. L-ispezzjonijiet waqt it-traġitt ta' vetturi kummerċjali għandhom ikunu biss komplementari għat-testijiet perjodiċi u jkunu mmirati lejn*** vetturi ***fit-triq*** li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi għas-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' spezzjonijiet mhux mistennija waqt it-traġit, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi ***jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza*** matul il-ħajja tagħhom. | (4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards, rekwiżiti tekniċi għas-sikurezza tal-vetturi ***u standards ambjentali***. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' spezzjonijiet ***tekniċi*** mhux mistennija waqt it-traġitt, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi ***jibqgħu jgawdu minn affidabilità teknika stradali*** matul il-ħajja tagħhom. |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0207/2013).

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(5a)* ***Minħabba li, kif muri mir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/30/KE, diversi vetturi li jitwaqqfu għal spezzjonijiet waqt it-traġitt ma jkollhom ebda difett, l-għażla ta' vetturi għal spezzjoni waqt it-traġitt għandha tkun ibbażata fuq il-profil tar-riskju tal-operaturi u għandu jkollha fil-mira lill-impriżi b'riskju għoli biex jitnaqqas il-piż minn fuq dawk l-operaturi li jżommu l-vetturi tagħhom kif suppost.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-ispezzjonijiet waqt it-*traġit* għandhom jiġu implimentati permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju. ***L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE.*** | (6) L-ispezzjonijiet ***tekniċi*** waqt *it-traġitt* għandhom ***għalhekk*** jiġu implimentati permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju ***ibbażata fuq l-għadd u s-severità tad-defiċjenzi misjuba fil-vetturi mħaddma minn impriżi individwali kif dikjarat fiċ-ċertifikati standardizzati tal-affidabilità stradali u fir-rapport matul l-ispezzjonijiet waqt it-traġitt***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (*6a*) ***Meta jiġi kkunsidrat il-volum ta' traffiku ta' vetturi kummerċjali bejn l-Istati Membri, u sabiex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-vettura, is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha tiġi implimentata fl-Unjoni kollha u bbażata fuq livell ta' armonizzazzjoni xieraq bejn l-Istati Membri kollha dwar l-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali u l-kontrolli matul it-traġitt.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6b) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq stabilixxa r-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU). L-ERRU jippermetti reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport li jkunu interkonnessi fl-Unjoni kollha, b'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali. L-użu ta' dik is-sistema, imħaddma mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru, jiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u jnaqqas l-ispejjeż involuti fil-kontrolli kemm għall-impriżi kif ukoll għall-entitajiet amministrattivi.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(7a) Il-vetturi agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn li teċċedi l-40 km/siegħa f'xi każijiet qed jintużaw minflok it-trakkijiet għal skopijiet ta' trasport kummerċjali tal-merkanzija. Hu importanti li jkun żgurat li meta l-vetturi agrikoli jintużaw b'dan il-mod, dawn jiġu trattati bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ispezzjonijiet tekniċi matul it-traġitt.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (10) Bil-ħsieb li jiġu evitati piżijiet u spejjeż amministrattivi mhux meħtieġa u biex titjieb l-effikaċja tal-ispezzjonijiet, ***il-vetturi*** operati minn impriżi li ma jikkonformawx ma' standards tas-sikurezza stradali u dawk ambjentali ***għandhom*** jintgħażlu bħala prijorità, filwaqt li vetturi mħaddma minn operaturi responsabbli u li jagħtu każ is-sikurezza u li jinżammu kif xieraq ***għandhom*** jiġu ppremjati bi spezzjonijiet inqas frekwenti. | (10) Bil-ħsieb li jiġu evitati piżijiet u spejjeż amministrattivi mhux meħtieġa u biex titjieb l-effikaċja tal-ispezzjonijiet, ***l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu li l-vetturi*** operati minn impriżi li ma jikkonformawx ma' standards tas-sikurezza stradali u dawk ambjentali jintgħażlu bħala prijorità, filwaqt li vetturi mħaddma minn operaturi responsabbli u li jagħtu każ is-sikurezza u li jinżammu kif xieraq jiġu ppremjati bi spezzjonijiet inqas frekwenti. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-ispezzjonjiet tekniċi waqt it-traġit għandhom jikkonsistu minn spezzjonijiet inizjali u, fejn ikun meħtieġ, spezzjonijiet aktar iddettaljati. Fiż-żewġ każijiet għandhom ikopru l-partijiet u s-sistemi kollha rilevanti tal-vetturi. Sabiex jinkiseb ittestjar aktar armonizzat, għall-elementi tat-test kollha possibbli, għandhom jiġu introdotti metodi tat-test u eżempji tan-nuqqasijiet u l-valutazzjoni tagħhom skont is-severità tagħhom. | (11) L-ispezzjonjiet tekniċi waqt it-traġit għandhom jikkonsistu minn spezzjonijiet inizjali u, fejn ikun meħtieġ, spezzjonijiet aktar iddettaljati. Fiż-żewġ każijiet għandhom ikopru l-partijiet u s-sistemi kollha rilevanti tal-vetturi***, inkluż l-irbit tal-merkanzija***. Sabiex jinkiseb ittestjar aktar armonizzat, għall-elementi tat-test kollha possibbli, għandhom jiġu introdotti metodi tat-test u eżempji tan-nuqqasijiet u l-valutazzjoni tagħhom skont is-severità tagħhom. ***Għandu jiġi mħeġġeġ l-użu ta' standards għall-irbit tal-merkanzija u għall-valutazzjoni tiegħu.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Peress li l-prestazzjoni xierqa tat-tajers hija marbuta mill-qrib mal-pressjoni tal-infiħ tagħhom, għandha tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-immuntar obbligatorju ta' sistemi ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers kif definit fir-Regolament 64.02 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) għall-vetturi kummerċjali u, jekk ikun xieraq, il-funzjoni ta' dawn is-sistemi għandha tiġi vverifikata matul l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11b) L-Istati Membri jistgħu jagħmlu kontrolli fuq l-irbit tat-tagħbija matul ispezzjoni teknika waqt it-traġitt skont l-istandards eżistenti. L-eżitu ta' tali kontrolli m'għandux jiddaħħal fis-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju sakemm ir-regoli dwar l-irbit tat-tagħbija ma jkunux ġew armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Sakemm issir tali armonizzazzjoni, għandu jiġi mħeġġeġ l-użu tal-istandards Ewropej u tal-Linji Gwida Ewropej dwar l-Aħjar Prattika fir-rigward tal-Irbit tat-Tagħbija għat-Trasport bit-Triq għal għanijiet ta' valutazzjoni.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) F'diversi Stati Membri, ir-rapporti tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit huma elaborati permezz ta' mezzi elettroniċi. F'każijiet bħal dawn ***għandha tingħata kopja stampata*** tar-rapport tal-ispezzjoni ***lix-xufier***. Id-dejta u l-informazzjoni kollha miġbura matul l-ispezzjonijiet waqt it-traġit għandhom jiġu ttrasferiti għand repożitorju komuni tal-Istat Membru sabiex id-dejta tkun tista' tiġi pproċessata aktar faċilment u biex it-trasferiment tal-informazzjoni jkun jista' jitwettaq mingħajr piż amministrattiv addizzjonali. | (12) F'diversi Stati Membri, ir-rapporti tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit huma elaborati permezz ta' mezzi elettroniċi. F'każijiet bħal dawn***, hu importanti li jsir użu sħiħ mill-benefiċċji tal-komunikazzjoni elettronika filwaqt li l-kopji stampati*** tar-rapport tal-ispezzjoni ***għandhom jiġu minimizzati***. Id-dejta u l-informazzjoni kollha miġbura matul l-ispezzjonijiet waqt it-traġit għandhom jiġu ttrasferiti għand repożitorju komuni tal-Istat Membru sabiex id-dejta tkun tista' tiġi pproċessata aktar faċilment u biex it-trasferiment tal-informazzjoni jkun jista' jitwettaq mingħajr piż amministrattiv addizzjonali. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-użu tal-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni jnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż għall-operaturi peress li jkunu jistgħu jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati waqt it-traġit. Iċ-ċentri tal-ittestjar jistgħu jintużaw ukoll sabiex iwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati ***f'ċerti ċirkustanzi***. | (13) L-użu tal-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni jnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż għall-operaturi peress li jkunu jistgħu jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati waqt it-traġit. Iċ-ċentri tal-ittestjar jistgħu jintużaw ukoll sabiex iwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati ***jekk ikunu jinsabu fil-qrib***. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Il-persunal li jwettaq l-ispezzjonijiet inizjali waqt it-traġitt għandu jkollu l-ħiliet adegwati biex iwettaq spezzjonijiet viżwali b'mod effiċjenti.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | *(14a)* ***Ma għandha tiġi imposta l-ebda tariffa fuq l-intrapriżi jew is-sewwieqa meta titwettaq spezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt. Madankollu, biex ikunu mnaqqsa l-ispejjeż li jiġu mill-użu ta' tagħmir tekniku għal spezzjoni aktar dettaljata waqt it-traġitt, kemm jekk minn unità ta' spezzjoni mobbli jew f'ċentru ta' ttestjar li jkun jinsab fil-qrib, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jimponu tariffa jekk jinstabu nuqqasijiet gravi jew perikolużi u li jindikaw li l-impriża li topera l-vettura ma kkonformatx mar-responsabbiltà tagħha li żżomm il-vettura f'kondizzjoni tajba għat-triq. Sabiex ikun limitat il-piż finanzjarju għal dawn l-impriżi, l-ammont tat-tariffa ma għandux jaqbeż dak ta' test perjodiku ta' affidabilità stradali għall-istess kategorija ta' vettura. Kull dħul jew introjtu miksub minn dawn it-tariffi għandu jiġi allokat għat-tisħiħ tal-miżuri ta' sigurtà stradali.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (16) Sabiex ikun żgurat l-iskambju effikaċi ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, f'kull Stat Membru għandu jkun hemm korp wieħed bħala punt ta' kuntatt biex ikun l-intermedjarju ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħrajn. Il-korp għandu jikkompila wkoll statistiċi rilevanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom japplikaw strateġija ta' infurzar nazzjonali koerenti fit-territorju tagħhom u jistgħu jinnominaw korp wieħed biex jikkoordina l-implimentazzjoni tagħha. L-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru għandhom jagħżlu proċeduri li jistipulaw il-limiti ta' żmien u l-kontenuti tal-informazzjoni li għandha tingħata. | (16) Sabiex ikun żgurat l-iskambju effikaċi ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, f'kull Stat Membru għandu jkun hemm korp wieħed bħala punt ta' kuntatt biex ikun l-intermedjarju ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħrajn. Il-korp għandu jikkompila wkoll statistiċi rilevanti***, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategoriji ta' vetturi kummerċjali kkontrollati tul l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt, in-numru u t-tip ta' nuqqasijiet misjuba, u l-gravità tagħhom***. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom japplikaw strateġija ta' infurzar nazzjonali koerenti fit-territorju tagħhom u jistgħu jinnominaw korp wieħed biex jikkoordina l-implimentazzjoni tagħha. L-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru għandhom jagħżlu proċeduri li jistipulaw il-limiti ta' żmien u l-kontenuti tal-informazzjoni li għandha tingħata. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Sabiex ikun permess il-monitoraġġ tas-sistema tal-ispezzjoni waqt it-traġit implimentata fl-Istati Membri tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit imwettqa lill-Kummissjoni ***fuq bażi biannwali***. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta d-dejta li tinġabar lill-Parlament Ewropew. | (17) Sabiex ikun permess il-monitoraġġ tas-sistema tal-ispezzjoni waqt it-traġit implimentata fl-Istati Membri tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tal-ispezzjonijiet waqt it-traġitt imwettqa lill-Kummissjoni ***qabel il-31 ta' Marzu kull sentejn***. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta d-dejta li tinġabar lill-Parlament Ewropew. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Sabiex jiġi minimizzat it-telf ta' ħin għall-impriżi u s-sewwieqa u biex tiżdied l-effikaċja kumplessiva, tajjeb li jkun imħeġġeġ it-twettiq ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt, flimkien ma' spezzjonijiet li jikkontrollaw il-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fil-qasam tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit triq,*** [1] ***id-Direttiva 2006/22/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq*** [2]***.*** <br>(1) ***ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.*** <br>(2) ***ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema ta' spezzjonijiet waqt it-traġit ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fit-territorju tal-Istati Membri. | ***1.*** Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema ta' spezzjonijiet ***tekniċi*** waqt it-traġit ***tal-affidabilità stradali*** ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fit-territorju tal-Istati Membri. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. L-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għandhom jitwettqu mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tas-sewwieq jew tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni, jew tad-dħul fis-servizz tal-vettura kummerċjali kkonċernata.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi kummerċjali b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa tal-kategoriji li ġejjin, kif definit fid-Direttiva 2007/46/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill:*** | 1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi kummerċjali b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa tal-kategoriji li ġejjin, kif definit fid-Direttiva 2007/46/KE ***u d-Direttiva 2003/37/KE:*** |
| — vetturi bil-magna użati għall-ġarr tal-passiġġieri u b'aktar minn tmin sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3, | — vetturi bil-magna ***u kwalunkwe trejler mwaħħal magħhom*** użati għall-ġarr tal-passiġġieri u b'aktar minn tmin sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3, |
| — vetturi bil-magna ***li għandhom tal-inqas erba' roti, normalment*** użati għall-ġarr ***bit-triq ta'*** oġġetti u b'massa massima permessibbli li ***ma taqbiżx*** it-3 500 kg - ***kategorija*** tal-vettura N1, | — vetturi bil-magna ***u kwalunkwe trejler mwaħħal magħhom*** użati għall-ġarr ***ta'*** oġġetti u b'massa massima permessibbli li ***taqbeż*** it-3 500 kg – ***kategoriji*** tal-vettura N1, |
| — vetturi bil-magna użati għall-ġarr ta' oġġetti u b'massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura N2 u N3, | — vetturi bil-magna ***u kwalunkwe trejler mwaħħal magħhom*** użati għall-ġarr ta' oġġetti u b'massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura N2 u N3, |
| — ***trejlers u semitrejlers b'massa massima permessibbli li ma taqbiżx it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura O1 u O2,*** | |
| — ***trejlers u semitrejlers b'massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura O3 u O4.*** | |
| | — ***tratturi bir-roti tal-kategorija T5 użati l-aktar f'toroq pubbliċi għal skopijiet ta' trasport kummerċjali bit-triq, b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż l-40 km/siegħa.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) "vettura kummerċjali" tfisser vettura bil-magna u t-trejler tagħha maħsubin għat-trasport ta' oġġetti jew passiġġieri ***għal finijiet professjonali***; | (6) "vettura kummerċjali" tfisser vettura bil-magna u t-trejler tagħha maħsubin għat-trasport ta' oġġetti jew passiġġieri ***għall-ġarr b'kumpens ta' oġġetti bit-triq***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) "spezzjoni waqt it-traġit" tfisser spezzjoni mhux mistennija tal-affidabilità stradali ta' vettura kummerċjali ***li*** tiċċirkola fit-toroq miftuħa għat-traffiku pubbliku fit-territorju ta' Stat Membru mwettqa mill-awtoritajiet, taħt superviżjoni diretta; | (9) "spezzjoni ***teknika*** waqt it-traġit" tfisser spezzjoni mhux mistennija tal-affidabilità stradali ta' vettura kummerċjali***; u tal-irbit tal-merkanzija tagħha, filwaqt li l-vettura tkun qed*** tiċċirkola fit-toroq miftuħa għat-traffiku pubbliku fit-territorju ta' Stat Membru mwettqa mill-awtoritajiet, taħt superviżjoni diretta; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "test tal-affidabilità stradali" tfisser ***verifika li l-partijiet u l-komponenti ta'*** vettura ***huma konformi*** mal-karatteristiċi ta' sikurezza u dawk ambjentali fis-seħħ fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, jew fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara; | (10) "test tal-affidabilità stradali" tfisser ***spezzjoni li tiżgura li*** vettura ***tista' tintuża fit-toroq pubbliċi b'mod sigur u tikkonforma*** mal-karatteristiċi ta' sikurezza u dawk ambjentali fis-seħħ fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, jew fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara; |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità jew korp pubbliku ***responsabbli*** għall-ġestjoni tas-sistema ***nazzjonali*** ta' spezzjonijiet waqt it-traġit. | (11) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità jew korp pubbliku ***inkarigat mill-Istat Membru b'responsabbiltà*** għall-ġestjoni tas-sistema ta' spezzjonijiet waqt it-traġit***, inkluż, fejn xieraq, it-twettiq tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt***; |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) "impriża" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, kull assoċjazzjoni jew grupp ta' persuni mingħajr personalità ġuridika, kemm jekk tagħmel profitt u kemm jekk le, jew kull korp uffiċjali, kemm jekk għandu personalità ġuridika proprja u kemm jekk jiddependi fuq awtorità li għandha din il-personalità ġuridika, li twettaq trasport bit-triq, kemm jekk b'kiri jew b'kumpens jew għaliha stess;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) "spezzjoni tas-sikurezza tal-vettura" tfisser spezzjoni viżwali, test tal-prestazzjoni u verifika funzjonali taxxażi/il-qafas, il-mekkaniżmi tat-tqabbid, l-istering, ittajers u t-tagħmir tal-brejkijiet ta' vettura kummerċjali;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14b) "ċentru tal-ittestjar" tfisser korp jew stabbiliment pubbliku jew privat awtorizzat minn Stat Membru biex iwettaq testijiet tal-affidabilità stradali;*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14c) "operatur" tfisser individwu jew entità legali li topera l-vettura bħala sidha jew li hija awtorizzata minn sidha biex topera l-vettura.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jwettaq, f'kull sena kalendarja, għadd ***totali*** ta' spezzjonijiet *inizjali****, li jikkorrispondi*** għal tal-inqas għal 5 % tal-għadd totali ***ta' vetturi msemmija fl-Artikolu 3(1)*** li huma rreġistrati fit-territorju tiegħu. | Kull Stat Membru għandu jwettaq, f'kull sena kalendarja, għadd ***xieraq*** ta' spezzjonijiet *inizjali waqt it-traġitt*. |
| | ***L-għadd totali ta' spezzjonijiet inizjali waqt it-traġitt jikkorrispondu*** għal tal-inqas għal 5 % tal-għadd totali ***tal-vetturi kummerċjali li ġejjin, imsemmija fl-Artikolu 2(1),*** li huma rreġistrati fit-territorju tiegħu: |
| | — ***vetturi bil-magna użati għall-ġarr tal-passiġġieri u b'aktar minn tmien sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3,*** |
| | — ***vetturi bil-magna użati għall-ġarr ta' oġġetti u b'massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura N2 u N3,*** |
| | — ***trejlers u semitrejlers b'massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura O3 u O4.*** |
| | ***Tal-inqas proporzjon ta' 5 % tal-vetturi kummerċjali li mhumiex reġistrati fit-territorju tiegħu imma li joperaw hemm għandhom ikunu kkontrollati.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għandha tiġi introdotta sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt *it-traġit* abbażi tal-għadd u s-severità tan-nuqqasijiet li jinstabu fuq il-vetturi ***mħaddma minn impriżi individwali, fuq livell nazzjonali***. Is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha tiġi mħaddma mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. | 1. Għandha tiġi introdotta***, fil-livell tal-Unjoni,*** sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt *it-traġitt****, sabiex titjieb l-effiċjenza tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt*** abbażi tal-għadd u s-severità tan-nuqqasijiet li jinstabu fuq il-vetturi ***kummerċjali matul testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali u matul spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt***. Is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha ***tkun ibbażata fuq reġistru elettroniku nazzjonali interkonness fl-Unjoni kollha u*** tiġi mħaddma mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. |
| | ***Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali u tal-karrijiet tagħhom u li jħassar id-Direttiva 2009/40/KE, iċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali u rapporti dwar spezzjonijiet waqt it-traġitt għandhom ikunu f'forma standard tal-Unjoni Ewropea.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għandu jiġi attribwit profil tar-riskju lil kull impriża identifikata fis-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt *it-traġit* bl-użu tal-kriterji ***stipulati fl-Anness I.*** | 2. ***Wara d-data msemmija fil-paragrafu 1,*** għandu jiġi attribwit profil tar-riskju lil kull impriża identifikata fis-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt *it-traġitt* bl-użu tal-kriterji ***li ġejjin skont l-Anness I:*** |
| | — ***għadd ta' nuqqasijiet;*** |
| | — ***severità tan-nuqqasijiet;*** |
| | — ***għadd ta' spezzjonijiet jew testijiet;*** |
| | — ***il-fattur taż-żmien.*** |
| L-impriżi għandhom jiġu kklassifikati skont il-profil tar-riskju li ġej: | L-impriżi għandhom jiġu kklassifikati skont il-profil tar-riskju li ġej: |
| — riskju għoli, | — riskju għoli, |
| — riskju medju, | — riskju medju, |
| — riskju baxx. | — riskju baxx. |
| | ***Sabiex l-impriżi jkunu jistgħu jtejbu l-profil tar-riskju tagħhom, għandha titqies l-informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-affidabilità stradali minn spezzjonijiet volontarji regolari tas-sikurezza tal-vettura mwettqa minn impriżi skont il-frekwenzi li ġejjin meta tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni tar-riskju ta' impriża:*** |
| | — ***Vetturi tal-kategorija N2 b'massa massima permissibbli ta' aktar minn 7,5 tunnellata: inizjalment, 42 xahar wara d-data tal-ewwel reġistrazzjoni u, wara, kull sitt xhur wara l-aħħar test tal-affidabilità stradali;*** |
| | — ***Vetturi tal-kategorija N3: inizjalment, 30 xahar wara d-data tal-ewwel reġistrazzjoni u, wara, kull sitt xhur wara l-aħħar test tal-affidabilità stradali;*** |
| | — ***Vetturi tal-kategorija O4: inizjalment, 30 xahar wara d-data tal-ewwel reġistrazzjoni u, wara, kull sitt xhur wara l-aħħar test tal-affidabilità stradali.*** |
| 3. Bil-ħsieb li tiġi implimentata sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt *it-traġit*, l-Istati Membri ***jistgħu*** jużaw is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita ***skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. | 3. Bil-ħsieb li tiġi implimentata sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt *it-traġit*, l-Istati Membri ***għandhom*** jużaw is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita ***bir-Regolament (KE) Nru 1071/2009***. |
| | ***Is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha tinkludi fiha l-informazzjoni dwar l-affidabilità stradali tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 2 erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ix-xufiera ta' vettura rreġistrata fi Stat Membru għandhom iżommu abbord ċertifikat tal-affidabilità stradali li jikkorrispondi mal-aħħar test tal-affidabilità stradali u r-rapport tal-aħħar spezzjoni waqt it-traġit, meta dawn ikunu disponibbli. | 1. Ix-xufiera ta' vettura rreġistrata fi Stat Membru għandhom iżommu abbord ċertifikat tal-affidabilità stradali li jikkorrispondi mal-aħħar test tal-affidabilità stradali u r-rapport tal-aħħar spezzjoni waqt it-traġit, meta dawn ikunu disponibbli. ***Jekk iċ-ċertifikat u r-rapport ikunu disponibbli b'mod elettroniku fl-Istat Membru tal-vettura, l-awtoritajiet ma jistgħux jesiġu li jinżammu abbord kopji stampati.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-impriżi ***individwali*** għandhom jiżguraw li l-vetturi li jħaddmu huma f'kundizzjoni tajba ta' affidabilità stradali l-ħin kollu. | 3. L-impriżi ***li joperaw vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*** għandhom jiżguraw li l-vetturi li jħaddmu huma f'kundizzjoni tajba ta' affidabilità stradali l-ħin kollu ***u li l-oriġinal jew kopja ċertifikata taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u prova ta' test maħruġa skont l-Artikolu 10 tar-Regolament XX [dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali] fir-rigward tat-test tal-affidabilità stradali l-aktar reċenti jinżammu abbord***. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-impriżi individwali għandhom jiżguraw li l-vetturi li jħaddmu huma f'kundizzjoni tajba ta' affidabilità stradali l-ħin kollu. | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jkunu qed jiġu identifikati l-vetturi suġġetti għal spezzjoni waqt it-traġit, l-ispetturi ***għandhom*** jagħżlu, bħala prijorità, il-vetturi mħaddma minn impriżi bi profil ta' riskju għoli kif imsemmi fl-Artikolu 6(2). Jistgħu jintgħażlu vetturi oħrajn għall-ispezzjoni fejn hemm suspett li l-vettura tippreżenta riskju għas-sikurezza stradali. | Meta jkunu qed jiġu identifikati l-vetturi suġġetti għal spezzjoni waqt it-traġitt, l-ispetturi ***jistgħu*** jagħżlu***, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk,*** bħala prijorità, il-vetturi mħaddma minn impriżi bi profil ta' riskju għoli kif imsemmi fl-Artikolu 6(2). Jistgħu jintgħażlu vetturi oħrajn għall-ispezzjoni fejn hemm suspett li l-vettura tippreżenta riskju għas-sikurezza stradali. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Waqt kull spezzjoni inizjali waqt it-traġit ta' vettura, l-ispettur ***għandu***: | Waqt kull spezzjoni inizjali waqt it-traġit ta' vettura, l-ispettur: |
| (a) jiċċekkja ċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u ***r-rapport*** tal-ispezzjoni waqt it-traġit***, fejn ikunu disponibbli***, li jkunu qed jinżammu abbord skont l-Artikolu 7(1); | (a) ***għandu*** jiċċekkja ċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali ***li jikkorrispondi mat-test tal-affidabilità stradali l-aktar reċenti, il-prova ta' test maħruġ skont l-Artikolu 10 tar-Regolament XX [dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali]*** u***, fejn applikabbli, l-aħħar rapport*** tal-ispezzjoni waqt it-traġit li jkunu qed jinżammu abbord skont l-Artikolu 7(1); |
| (b) ***iwettaq*** valutazzjoni viżwali tal-kundizzjoni tal-vettura ***u tal-merkanzija tagħha.*** | (b) ***għandu jwettaq*** valutazzjoni viżwali tal-kundizzjoni ***teknika*** tal-vettura; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jista' jwettaq kontroll tal-konformità fir-rigward ta' kwalunkwe rekwizit regolatorju ieħor li jappartjeni għat-tħaddim ta' vettura kummerċjali fl-Unjoni.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***ix-xażi/il-qafas,*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — ***il-fusijiet,*** ir-roti***, it-tajers u s-suspenxin***, | — ir-roti ***u t-tajers*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Tagħmir tat-tqabbid (coupling equipment),*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — effetti negattivi. | — effetti negattivi***: storbju u dħaħen tal-egżost***. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ispezzjoni ta' kull wieħed minn dawn l-oqsma għandu jkopri ***element wieħed***, ***diversi elementi jew*** l-elementi kollha elenkati fl-Anness II u li huma rilevanti għal dawn l-oqsma. | L-ispezzjoni ta' kull wieħed minn dawn l-oqsma għandu jkopri l-elementi kollha elenkati fl-Anness II u li huma ***kkunsidrati neċessarji u*** rilevanti għal dawn l-oqsma. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Barra minn hekk, l-ispettur jista' jiċċekkja oqsma oħra tal-ispezzjoni elenkati fil-punt 1 tal-Anness II ***u*** li jkopru ***element wieħed, diversi elementi jew*** l-elementi kollha elenkati f'dan l-Anness. | Barra minn hekk***, u kulmeta jkun meħtieġ minħabba l-eżistenza ta' riskju potenzjali ta' sigurtà,*** l-ispettur jista' jiċċekkja oqsma oħra tal-ispezzjoni elenkati fil-punt 1 tal-Anness II li jkopru l-elementi kollha elenkati f'dan l-Anness ***li huma meqjusa meħtieġa u relevanti għal dawk l-oqsma***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali jew rapport tal-ispezzjoni waqt *it-traġit* juri li spezzjoni ta' wieħed mill-elementi elenkati ***fl-Anness II*** twettaq matul ***ix-xahar*** ta' qabel, l-ispettur ma għandux jiċċekkja ***dan*** l-element sakemm ***dan ma jkunx ġustifikat*** fuq il-bażi ta' nuqqas ovvju. | Fejn iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali ***jikkorrispondi għall-test l-aktar riċenti tal-affidabilità stradali, spezzjonijiet volontarji regolari tas-sikurezza tal-vettura*** jew rapport tal-ispezzjoni waqt *it-traġitt* juri li spezzjoni ta' wieħed mill-elementi elenkati ***fl-Anness II*** twettaq matul ***it-tliet xhur*** ta' qabel, l-ispettur ma għandux jiċċekkja ***dak*** l-element sakemm ***tali spezzjoni hi ġġustifikata*** fuq il-bażi ta' nuqqas ovvju. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn l-ispezzjonijiet ikunu se jitwettqu f'ċentru tal-ittestjar, ***il-post tal-ispezzjoni inizjali waqt it-traġit ma għandux ikun iffissat għal aktar minn 10 km 'l bogħod minn dan iċ-ċentru***. | 2. Fejn l-ispezzjonijiet ikunu se jitwettqu f'ċentru tal-ittestjar, ***dawn għandhom jitwettqu kemm jista' jkun malajr fl-eqreb ċentru***. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni għandhom jinkludu tagħmir xieraq għat-twettiq ta' spezzjoni waqt *it-traġit*, inkluż tal-inqas it-tagħmir meħtieġ għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-brejkijiet, l-istering, *is-suspenxin* ***u*** l-emissjonijiet tal-vettura. | 3. L-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni għandhom jinkludu tagħmir xieraq għat-twettiq ta' spezzjoni waqt *it-traġitt*, inkluż tal-inqas it-tagħmir meħtieġ għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-brejkijiet, l-istering, *is-sospensjoni*, l-emissjonijiet ***u l-piż*** tal-vettura.. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — nuqqasijiet perikolużi li jwasslu għal riskji diretti u immedjati għas-sikurezza stradali ***tant li*** l-vettura ***ma għandha tintuża fit-triq taħt ebda ċirkustanza***. | — nuqqasijiet perikolużi li jwasslu għal riskji diretti u immedjati għas-sikurezza stradali ***li jiġġustifikaw li l-Istat Membru kkonċernat jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jipprojbixxu*** l-vettura ***mit-triq***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 13 | Artikolu 13 |
| ***Regoli speċifiċi rigward l-ispezzjoni*** tal-irbit tal-merkanzija | ***Spezzjoni*** tal-irbit tal-merkanzija |
| ***L-ispettur jista' jwettaq*** spezzjoni tal-irbit tal-merkanzija ta' vettura skont ***l-Anness IV. Il-proċeduri ta' segwitu msemmija fl-Artikolu 14 għandhom japplikaw ukoll f'każ ta' nuqqasijiet kbar jew perikolużi relatati mal-irbit tal-merkanzija***. | ***L-ispetturi jistgħu jwettqu*** spezzjoni tal-irbit tal-merkanzija ta' vettura skont ***l-istandards eżistenti***. ***L-eżitu ta' tali spezzjoni m'għandux jiddaħħal fis-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju sakemm ir-regoli dwar l-irbit tat-tagħbija ma jkunux ġew armonizzati fil-livell tal-Unjoni.*** |
| | ***Sa …[allinja mad-data fl-Artikolu 18a tal-proposta għal Regolament dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali], il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-livell ta' armonizzazzjoni fil-qasam tal-irbit tat-tagħbija fit-trasport bit-triq, il-kontroll tiegħu waqt it-tranġitt u r-riżultat ta' analiżi tal-metodi li jiżguraw li l-impriżi li joperaw il-vetturi, mill-kunsinjaturi, burdnara, dawk li jgħabbu l-merkanzija u operaturi rilevanti oħrajn li huma involuti fil-manipolazzjoni tal-merkanzija qed jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sikurezza tat-tagħbija.*** |
| | ***Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposta leġiżlattiva.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull nuqqas kbir li joħroġ waqt spezzjoni inizjali jew aktar dettaljata għandu jiġi rrettifikat mingħajr dewmien u ***fil-viċinanza tal-post tal-ispezzjoni***. | 1. Kull nuqqas kbir li joħroġ waqt spezzjoni inizjali jew aktar dettaljata għandu jiġi rrettifikat mingħajr dewmien u ***f'post mgħammar kif meħtieġ, li jkun viċin kemm jista' jkun il-post fejn tkun twettqet l-ispezzjoni inizjali jew spezzjoni iktar dettaljata***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-ispettur ma għandux jawtorizza vettura kklassifikata bħala li fiha nuqqasijiet perikolużi biex tintuża sakemm dawn in-nuqqasijiet ma jiġux rettifikati fil-post ***tal-ispezzjoni***. L-ispettur ***jista'*** jawtorizza li ***din il-vettura*** tintuża sabiex tasal sal-ħanut tax-xogħol l-aktar qrib fejn tista' ssir ir-rettifika ta' dawn in-nuqqasijiet, bil-kundizzjoni li n-nuqqasijiet perikolużi jissewwew b'mod li jippermettu li l-vettura tasal f'dan il-ħanut tax-xogħol u li mhemm ebda riskju immedjat għas-sikurezza tal-okkupanti jew tal-utenti tat-triq l-oħrajn. | 3. L-ispettur ma għandux jawtorizza vettura kklassifikata bħala li fiha nuqqasijiet perikolużi biex tintuża sakemm dawn in-nuqqasijiet ma jiġux rettifikati fil-post ***fejn seħħet l-ispezzjoni jew f'wieħed mill-eqreb ħwienet tax-xogħol. Jekk jinstabu nuqqasijiet f'partijiet ta' vettura msemmija fl-Artikolu 10(2),*** l-ispettur ***għandu*** jawtorizza li ***l-vettura*** tintuża sabiex tasal sal-ħanut tax-xogħol l-aktar qrib fejn tista' ssir ir-rettifika ta' dawn in-nuqqasijiet, bil-kundizzjoni li n-nuqqasijiet perikolużi jissewwew b'mod li jippermettu li l-vettura tasal f'dan il-ħanut tax-xogħol u li mhemm ebda riskju immedjat għas-sikurezza tal-okkupanti jew tal-utenti tat-triq l-oħrajn. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ispettur jista' jawtorizza l-vettura kklassifikata bħala li għandha nuqqasijiet *perikolużu* sabiex titwassal direttament sas-sit l-aktar qrib fejn din ***il-vettura*** tista' tissewwa jew tiġi kkonfiskata. | L-ispettur jista' jawtorizza l-vettura kklassifikata bħala li għandha nuqqasijiet *perikolużi* sabiex titwassal direttament sas-sit ***disponibbli*** l-aktar qrib fejn din tista' tissewwa jew tiġi kkonfiskata. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-ispettur għandu jikkomunika r-riżultati tal-ispezzjoni aktar dettaljata lill-awtorità kompetenti, f'limitu ta' żmien raġonevoli wara dawn l-ispezzjonijiet. L-awtorità kompetenti għandha ***żżomm din l-informazzjoni*** għal 36 xahar mid-data tal-wasla tagħha. | 2. L-ispettur għandu***, b'mod elettroniku,*** jikkomunika r-riżultati tal-ispezzjoni aktar dettaljata lill-awtorità kompetenti, f'limitu ta' żmien raġonevoli wara dawn l-ispezzjonijiet. L-awtorità kompetenti ***għandha tintroduċi dik l-informazzjoni fir-reġistru nazzjonali msemmi fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u*** għandha ***żżommha*** għal 36 xahar mid-data tal-wasla tagħha |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet waqt *it-traġit* għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-vettura. | 3. Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet waqt *it-traġitt* għandhom jiġu kkomunikati ***elettronikament*** lill-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-vettura***, lis-sid tal-vettura u, fil-każ ta' vetturi reġistrati fi Stat Membru ieħor, permezz tal-ERRU, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009***. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw f'projbizzjoni tal-użu tal-vettura, f'vettura li mhijiex irreġistrata fl-Istat Membru tal-ispezzjoni, il-punt ta' kuntatt għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura bir-riżultati ta' *din* l-ispezzjoni. | 1. Meta jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw f'projbizzjoni tal-użu tal-vettura, f'vettura li mhijiex irreġistrata fl-Istat Membru tal-ispezzjoni, il-punt ta' kuntatt għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura bir-riżultati ta' *dik* l-ispezzjoni. |
| | ***L-Istat Membru ta' reġistrazzjoni għandu jikkunsidra l-informazzjoni fil-klassifikazzjoni tal-impriżi skont l-Artikolu 6 (2).*** |
| Din l-informazzjoni għandu jkun fiha l-elementi tar-rapport tal-ispezzjoni waqt *it-traġit* kif stipulat fl-Anness VI. | Din l-informazzjoni għandu jkun fiha l-elementi tar-rapport tal-ispezzjoni waqt *it-traġitt* kif stipulat fl-Anness VI***, se tkun f'forma standard u kkomunikata permezz tar-reġistru elettroniku nazzjonali msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009***. |
| Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għan-notifika tal-vetturi b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23 (2). . | Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għan-notifika tal-vetturi b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23 (2). . |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura għandha tinforma ***lill-Istat*** Membru tal-ispezzjoni bl-azzjoni li tkun ittieħdet. | L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura għandha tinforma ***lill-awtorità kompetenti tal-Istat*** Membru tal-ispezzjoni bl-azzjoni li tkun ittieħdet ***u ddaħħal l-informazzjoni fl-ERRU***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. F'każ li jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi, l-isem tal-operatur għandu jiġi pprovdut lill-punt ta' kuntatt b'konformità mal-Artikolu 16.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. L-Istat Membru ta' reġistrazzjoni għandu jipprovdi lill-awtorità li qed twettaq spezzjoni teknika waqt it-traġitt l-informazzjoni dwar il-profil ta' riskju tal-impriża li l-vettura tagħha tkun qed tiġi spezzjonata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata b'mezzi elettroniċi f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar ir-regoli dettaljati fir-rigward tal-proċeduri għall-provvista ta' tali informazzjoni lill-awtoritajiet.***<br><br>***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha ***tirrapporta d-dejta*** li tinġabar ***lill-Parlament Ewropew***. | Il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew li jiġbor fil-qosor id-dejta*** li tinġabar. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 21 għandha tiġi kkonferita għal perjodu ***indeterminat ta' żmien*** [mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | 2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 21 għandha tiġi kkonferita ***lill-Kummissjoni*** għal perjodu ***ta' ħames snin*** [mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** |

**It-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013**

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-regoli stipulati skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu penalitajiet għan-nuqqas ta’ kooperazzjoni tax-xufier jew l-operatur mal-ispettur kif ukoll ***li jiġu rettifikati n-nuqqasijiet skoperti matul spezzjoni***. | 2. Ir-regoli stipulati skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu penalitajiet għan-nuqqas ta’ kooperazzjoni tax-xufier jew l-operatur mal-ispettur kif ukoll ***għall-użu illegali ta’ vettura li jirriżulta min-nuqqas ta’ konformità mal-Artikolu 14***. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti 2 – element 5.2.2 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 5.2.2. Roti | Spezzjoni viżwali taż-żewġ naħat ta’ kull rota. | |

*Emendat mil-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| 5.2.2. Roti | Spezzjoni viżwali taż-żewġ naħat ta’ kull rota. | ***(da) Ir-rota mhux kompatibbli mal-buttun tar-rota*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 2 – element 5.2.3 – kolonna 2: Metodu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| 5.2.3 Tajers | Spezzjoni viżwali *tal-vettura sħiħa* billi l-vettura titmexxa lura u ’l quddiem. |

*Emendat mil-Parlament*

| | |
|---|---|
| 5.2.3 Tajers | Spezzjoni viżwali *tat-tajer sħiħ* billi l-vettura titmexxa lura u ’l quddiem.<br><br>***Uża gejġ tal-pressjoni biex tkejjel il-pressjoni tat-tajer u qabbilha mal-valuri mogħtija mill-manifattur.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – parti 1 – titolu: Nuqqasijiet perikolużi – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Nuqqasijiet li jikkostitwixxu riskju dirett u immedjat għas-sikurezza tat-triq**. *L-użu ulterjuri*** tal-vettura fuq it-triq ***mhuwiex permess***, għalkemm f'ċerti istanzi jista' jkun permess li tinsaq taħt kundizzjonijiet speċifiċi sa direzzjoni speċifika, pereżempju għat-tiswija jew sekwestru tal-vettura. | Nuqqasijiet li jikkostitwixxu riskju dirett u immedjat għas-sikurezza tat-triq ***li jiġġustifikaw li l-Istat Membru kkonċernat jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jipprojbixxu*** l-użu tal-vettura fuq it-triq, għalkemm f'ċerti istanzi jista' jkun permess li tinsaq taħt kundizzjonijiet speċifiċi sa direzzjoni speċifika, pereżempju għat-tiswija jew sekwestru tal-vettura. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Anness 3 – parti 2 – element 5.2.3 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5.2.3. Tajers | (e) Il-ħxuna tat-tajer ***mhix skont ir-rekwiżiti***[(1)].<br><br>***Anqas minn 80 % tal-ħxuna tat-tajer meħtieġa*** | X | X |

*Emendat mill-Parlament*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5.2.3. Tajers | (e) Il-ħxuna tat-tajer ***fil-minimu legali***.<br><br>***Il-ħxuna tat-tajers hija inqas mill-minimu legali.*** | X | X |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Anness 3 – Parti 2 – element 5.2.3 – punt ga (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5.2.3. Tajers

*Emendat mill-Parlament*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5.2.3. Tajers | ***(ga) Il-pressjoni operattiva waqt l-użu f'wieħed mit-tajers tal-vettura imnaqqsa b'20 %*** | X | X |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Anness IV**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| […] | ***imħassar*** |

P7_TA(2013)0297

## It-testijiet tal-affidabbiltà stradali ghal vetturi bil-mutur u t-trejlers taghhom***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-2 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/34)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn sistema usa' li tiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport bit-triq kif ukoll dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi ***biex ikun żgurat li*** vetturi li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali ***ma jintużawx fit-toroq***. | (3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn sistema usa' li tiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport bit-triq kif ukoll dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi***. L-ittestjar perjodiku għandu jkun l-għodda ewlenija biex tiġi żgurata l-affibabilità stradali. L-ispezzjonijiet waqt it-traġitt tal-vetturi kummerċjali għandhom ikunu kumplementari biss għat-testijiet perjodiċi u għandu jkollhom fil-mira*** vetturi li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali. |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0210/2013).

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(3a)* ***Il-vetturi kollha użati fit-toroq pubbliċi, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali, jeħtieġ li jkunu tajba biex ikunu fit-triq f'kull mument li jintużaw.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(3b)* ***L-infurzar tal-miżuri ta' affidabilità stradali għandhom jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jiffokaw fuq is-sidien tal-vetturi u bil-għan li jiġu żviluppati prattiki u drawwiet li jirriżultaw mill-kontrolli bażiċi fuq il-vettura tagħhom.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emendi 4 u 115**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi dwar is-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza matul il-ħajja tagħhom. ***Din is-sistema għandha tapplika*** għall-kategoriji tal-vetturi kif definit fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE***, id-Direttiva 2007/46/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi u d-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru tas-26 ta' Mejju 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jingibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati teknici ***u li d-Direttiva 74/150/KEE.*** | (4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi dwar is-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza matul il-ħajja tagħhom. ***Kwalunkwe tagħmir immuntat wara li jeffettwa l-karatteristiċi ta' sikurezza u l-karatteristiċi ambjentali tal-vettura m'għandux jeffettwa negattivament lil dawk il-karatteristiċi fl-istat li kienu fih fi żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti nazzjonali li jikkonċernaw it-testijiet tal-affidabilità stradali*** għall-kategoriji tal-vetturi kif definit fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta***; dik is-sistema għandha tapplika għall-kategoriji tal-vetturi kif definiti fid-Direttiva 2007/46/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi u d-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru tas-26 ta' Mejju 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jingibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati teknici. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-iżvelar bikri ta' nuqqas fl-affidabilità stradali ta' vettura bil-mutur jgħin biex dak in-nuqqas jiġi rimedjat u b'hekk jiġu evitati l-inċidenti, u l-ispejjeż relatati ma' inċidenti li jiġu ffrankati għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw parzjalment l-istabbiliment ta' skema ta' bonus.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Frazzjoni kbira tal-emissjonijiet totali tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-$CO_2$, ġejja minn minorità ta' vetturi b'sistemi tal-kontroll tal-emissjoni li ma jaħdmux sew. Huwa stmat li 5 % tal-flotta tal-vetturi tikkawża 25 % tal-emissjonijiet kollha ta' sustanzi li jniġġsu. Għalhekk, sistema perjodika tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tikkontribwixxi wkoll għal titjib fl-ambjent permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet medji tal-vetturi. | (6) Frazzjoni kbira tal-emissjonijiet totali tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-$CO_2$, ġejja minn minorità ta' vetturi b'sistemi tal-kontroll tal-emissjoni li ma jaħdmux sew. Huwa stmat li 5 % tal-flotta tal-vetturi tikkawża 25 % tal-emissjonijiet kollha ta' sustanzi li jniġġsu. ***Dan japplika wkoll għal żieda fl-emissjonijiet partikolati u tan-NOx minn magni b'disinn modern li jirrikjedi test iktar komprensivi tal-emissjonijiet, inkluż kontroll, permezz ta' apparat elettroniku ta' kontroll, tal-integrità u l-funzjonalità tas-sistema dijanjostika abbord (is-sistema OBD) proprja tal-vettura, ivverifikat bl-ittestjar eżistenti tal-pajp tal-egżost biex ikun żgurat test komplut tas-sistema ta' emissjonijiet, peress li l-ittestjar b'referenza għall-OBD waħidha mhix affidabbli.*** Għalhekk, sistema perjodika tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tikkontribwixxi wkoll għal titjib fl-ambjent permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet medji tal-vetturi. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-vetturi agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn ogħla minn 40 km/siegħa qed jintużaw ***dejjem aktar*** minflok it-trakkijiet ***f'attivitajiet tat-trasport lokali. Il-potenzjal ta' riskju tagħhom huwa komparabbli ma' dak tat-trakkijiet u għalhekk din il-kategorija ta' vetturi għandha tiġi ttrattata*** bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ittestjar tal-affidabilità stradali. | (8) Il-vetturi agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn ogħla minn 40 km/siegħa ***f'xi każijiet*** qed jintużaw minflok it-trakkijiet ***għal skopijiet ta' trasport kummerċjali tal-merkanzija. Hu importanti li jkun żgurat, li meta l-vetturi agrikoli jintużaw b'dan il-mod, dawn jiġu trattati*** bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ittestjar tal-affidabilità stradali. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) ***Suppost li l-vetturi*** ta' interess storiku jikkonservaw il-wirt tal-epoka li nbnew fiha ***u huma meqjusa bħala li ftit li xejn jintużaw fit-toroq pubbliċi u għalhekk*** għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk jestendux il-perjodu tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali għal vetturi bħal dawn. Għandu jitħalla wkoll f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-ittestjar tal-affidabilità stradali ta' tipi oħra ta' vetturi speċjalizzati. | (9) ***Il-vetturi*** ta' interess storiku jikkonservaw il-wirt tal-epoka li nbnew fiha***, jinżammu f'kundizzjoni storikament korretta u rarament jintużaw bħala vetturi ta' kuljum.*** Għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk jestendux il-perjodu tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali għal vetturi bħal dawn j***ew inkella biex jirregolaw is-sistema għall-ittestjar tal-affidabilità stradali tagħhom***. Għandu jitħalla wkoll f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-ittestjar tal-affidabilità stradali ta' tipi oħra ta' vetturi speċjalizzati. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali *hija* attività sovrana u ***għalhekk,*** *għandha ssir* ***mill-Istati Membri*** jew minn ***korpi fdati*** b'dan il-kompitu taħt is-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom ***jibqgħu responsabbli għall-ittestjar tal-affidabilità stradali fil-każijiet kollha anke meta s-sistema nazzjonali tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' korpi privati, inklużi dawk involuti fit-twettiq tat-tiswija***. | (10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali *huwa* attività sovrana u ***għaldaqstant*** *għandu jsir* ***mill-Istat Membru kkonċernat***, jew minn ***korp pubbliku fdat*** b'dan il-kompitu ***mill-Istat jew minn korpi jew stabbilimenti maħtura u direttament issorveljati mill-Istat, inklużi korpi privati awtorizzati kif dovut***. ***B'mod partikolari, meta l-istabbilimenti maħtura bħala ċentri tal-ittestjar tal-vetturi jagħmlu wkoll tiswijiet tal-vetturi bil-mutur,*** l-Istati Membri għandhom ***jagħmlu kull sforz biex jiżguraw l-oġġettività u l-kwalità għolja tal-ittestjar tal-vetturi***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Bil-għan li jkun hemm applikazzjoni aħjar tal-prinċipju ta' moviment liberu fl-Unjoni, iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali maħruġ fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni oriġinali għandu jkun rikonoxxut b'mod reċiproku fost l-Istati Membri għall-fini ta' reġistrazzjoni mill-ġdid.*** |

It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(10b)*** ***Meta jkun hemm evidenza li l-armonizzazzjoni tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tkun intlaħqet bi grad suffiċjenti, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku shiħ taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali fl-Unjoni.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (11) Għall-ispezzjoni tal-vetturi u speċjalment għall-komponenti ta' sikurezza elettroniċi tagħhom huwa kruċjali li jkun hemm aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull vettura individwali. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi m'għandhomx jipprovdu biss is-sett komplet ta' dejta kif kopert miċ-ċertifikat ta' konformità (CoC – 'certificate of conformity') iżda għandhom jipprovdu wkoll l-aċċess għad-dejta meħtieġa għall-verifika tal-funzjonalità ***tal-komponenti*** relatati mas-sikurezza u mal-ambjent. ***Id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għandhom jiġu applikati b'mod simili għal dan il-fini, u jippermettu li ċ-ċentri ta' spezzjoni jkollhom aċċess għal dawk l-elementi ta' informazzjoni meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali. Dan huwa ta' importanza kruċjali fil-qasam ta' sistemi kkontrollati elettronikament u għandu jkopri l-elementi kollha li ġew installati mill-manifattur.*** | (11) Għall-ispezzjoni tal-vetturi u speċjalment għall-komponenti ta' sikurezza elettroniċi tagħhom huwa kruċjali li jkun hemm aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull vettura individwali. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi m'għandhomx jipprovdu biss is-sett komplet ta' dejta kif kopert miċ-ċertifikat ta' konformità (CoC – 'certificate of conformity') iżda għandhom jipprovdu wkoll l-aċċess għad-dejta meħtieġa għall-verifika tal-funzjonalità ***tas-sistemi*** relatati mas-sikurezza u mal-ambjent. ***Id-dejta għandha tinkludi d-dettalji li jippermettu li l-funzjonalità tas-sistemi ta' sikurezza tal-vettura tkun immonitorjata b'mod li dawn ikunu jistgħu jiġu ttestjati f'ambjent ta' spezzjoni teknika perjodika, b'tali mod li tiġi stabbilita rata prevedibbli ta' vetturi li jgħaddu jew ma jgħaddux mit-test.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (12) Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità fl-ittestjar mal-Unjoni kollha***, it-tagħmir*** għall-ittestjar użat waqt l-ittestjar, kif ukoll il-manutenzjoni u l-kalibrazzjoni tiegħu għandhom ikunu speċifikati ***fuq il-livell*** tal-Unjoni. | (12) Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità fl-ittestjar mal-Unjoni kollha ***tat-tagħmir*** għall-ittestjar użat waqt l-ittestjar, il-manutenzjoni u l-kalibrazzjoni tiegħu għandhom ikunu speċifikati ***fil-livell*** tal-Unjoni. ***Għandhom jinħolqu inċentivi għal innovazzjonijiet fl-oqsma tas-sistemi, il-proċeduri u t-tagħmir għall-ittestjar, biex b'hekk ikun jista' jinkiseb aktar tnaqqis tal-ispejjeż u titjib fl-użu.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Meta jkunu qed iwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali, l-ispetturi għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u għandu jkun evitat kull kunflitt ta' interess. ***Għalhekk, ir-riżultat tat-testijiet tal-affidabilità stradali ma għandux ikun marbut mas-salarju jew ma' xi benefiċċju ekonomiku jew personali.*** | (13) Meta jkunu qed iwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali, l-ispetturi għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u għandu jkun evitat kull kunflitt ta' interess. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet jitwettqu kif suppost u għandhom jagħtu attenzjoni partikolari fir-rigward tal-oġġettività tagħhom.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Il-kwalità u l-imparzjalità taċ-ċentri tal-ittestjar tal-vetturi huma kruċjali biex jintlaħaq l-objettiv ta' sikurezza stradali ikbar. Għalhekk, iċ-ċentri tal-ittestjar li jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali għandhom, pereżempju, jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ISO 17020 dwar kriterji ġenerali għat-tħaddim ta' tipi varji ta' korpi li jwettqu l-ispezzjoni.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Ir-riżultati ta' test ma għandhomx jiġu mibdula għal finijiet kummerċjali. Il-korp superviżorju għandu jkun jista' jimmodifika r-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali biss jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur ma jkunux korretti. | (14) Ir-riżultati ta' test ma għandhomx jiġu mibdula għal finijiet kummerċjali. Il-korp superviżorju għandu jkun jista' jimmodifika r-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali ***u jimponi l-pieni xierqa fuq il-korp li jkun ħareġ iċ-ċertifikat*** biss jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur ma jkunux korretti. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Standards għoljin tal-ittestjar tal-affidabilità stradali jeħtieġu livell għoli ta' ħiliet u kompetenzi tal-persunal tal-ittestjar. Għandha tiġi introdotta sistema tat-taħriġ inkluż taħriġ inizjali u taħriġ ta' aġġornament perjodiku. Għandu jkun definit perjodu tranżitorju biex jippermetti t-tranżizzjoni bla tfixkil tal-persunal tal-ittestjar eżistenti f'sistema ta' taħriġ perjodiku. | (15) Standards għoljin tal-ittestjar tal-affidabilità stradali jeħtieġu livell għoli ta' ħiliet u kompetenzi tal-persunal tal-ittestjar. Għandha tiġi introdotta sistema tat-taħriġ inkluż taħriġ inizjali u taħriġ ta' aġġornament perjodiku. Għandu jkun definit perjodu tranżitorju biex jippermetti t-tranżizzjoni bla tfixkil tal-persunal tal-ittestjar eżistenti f'sistema ta' taħriġ perjodiku. ***L-Istati Membri li diġà japplikaw rekwiżiti ta' taħriġ, kompetenza u ttestjar aktar stretti mir-rekwiżiti minimi għandhom jitħallew iżommu l-istandards għoljin tagħhom.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-frekwenza tat-testijiet għandha tiġi adattata skont it-tip ta' vettura ***u l-kilometraġġ tagħha***. Huwa aktar probabbli li l-vetturi jippreżentaw nuqqasijiet tekniċi meta jilħqu ċertu età***, u b'mod partikolari meta jkunu użati b'mod intensiv, wara ċertu kilometraġġ***. Għalhekk, huwa xieraq li ***l-frekwenza tal-ittestjar tiżdied għal vetturi*** aktar qodma ***u għal vetturi b'kilometraġġ għoli***. | (17) Il-frekwenza tat-testijiet għandha tiġi adattata skont it-tip ta' vettura. Huwa aktar probabbli li l-vetturi jippreżentaw nuqqasijiet tekniċi meta jilħqu ċertu età. Għalhekk, huwa xieraq li ***l-vetturi*** aktar qodma ***jiġu ttestjati b'iktar frekwenza***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikopru l-elementi kollha rilevanti għad-diżinn, il-kostruzzjoni u t-tagħmir speċifiku tal-vettura ttestjata. Fi ħdan dawn l-elementi u b'qies tal-istat attwali tat-teknoloġija tal-vetturi, is-sistemi elettroniċi moderni għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-elementi ttestjati. Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni fl-ittestjar tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar għal kull wieħed mill-elementi tat-test. | (19) It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikopru l-elementi kollha rilevanti għad-diżinn, il-kostruzzjoni u t-tagħmir speċifiku tal-vettura ttestjata. ***Dawk l-elementi għandhom jiġu aġġornati biex iqisu r-riċerka li qed tevolvi u l-progress tekniku rigward is-sikurezza tal-vetturi. Ir-roti taħt il-livell standard li jitwaħħlu fuq fusijiet mhux standard, għandhom jiġu trattati bħala element ta' sikurezza kritika, u għalhekk għandhom jiddaħħlu fit-testijiet tal-affidabilità stradali.*** Fi ħdan dawn l-elementi u b'qies tal-istat attwali tat-teknoloġija tal-vetturi, is-sistemi elettroniċi moderni għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-elementi ttestjati. Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni fl-ittestjar tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar għal kull wieħed mill-elementi tat-test. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) L-istandards tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali għandhom ikunu stabbiliti fuq livell minimu għoli komuni għall-Unjoni kollha sabiex dawk l-Istati Membri li diġà għandhom standards tat-testijiet tal-affidabbiltà stradali ta' livell ogħla minn dak mitlub b'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jżommu l-istandards ogħla tagħhom u jadottawhom għall-progress tekniku, fejn ikun xieraq.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Id-detentur ta' reġistrazzjoni ta' vettura suġġetta għal test tal-affidabilità stradali li matulu jiġu skoperti n-nuqqasijiet, b'mod partikolari *dawk* li *jirrappreżentaw* riskju għas-sikurezza stradali, għandu jirranġa dawn in-nuqqasijiet mingħajr dewmien. *F'każ* ta' nuqqasijiet perikolużi, ***għandha tiġi rtirata r-reġistrazzjoni tal-vettura*** sakemm jitranġaw dawk in-nuqqasijiet. | (21) Id-detentur ta' reġistrazzjoni ta' vettura suġġetta għal test tal-affidabilità stradali li matulu jiġu skoperti n-nuqqasijiet, b'mod partikolari *vettura* li *tirrappreżenta* riskju għas-sikurezza stradali, għandu jirranġa dawn in-nuqqasijiet mingħajr dewmien. *Fil-każ* ta' nuqqasijiet perikolużi, ***il-vettura m'għandhiex tinsaq fit-toroq pubbliċi*** sakemm jitranġaw *kompletament* dawk in-nuqqasijiet. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, ***inkluża, fost oħrajn, informazzjoni relatata mal-identità tal-vettura u informazzjoni dwar ir-riżultati tat-test. Bil-ħsieb li jkun żgurat segwitu xieraq tat-testijiet tal-affidabilità stradali,*** l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta. | (22) ***Sabiex jiġi żgurat is-segwitu xieraq għar-riżultati tat-testijiet,*** għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, ***li għandu jinħoloq ukoll f'format elettroniku, bl-istess livell ta' dettall fir-rigward tal-identità tal-vettura u r-riżultati tat-test kif ikun jidher fiċ-ċertifikat oriġinali tat-test. Barra minn hekk,*** l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta ***ċentralizzata sabiex jiżguraw li l-awtentiċità tar-riżultati tal-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi tkun tista' tiġi vverfikata faċilment***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(22a)* ***Peress li ċerti Stati Membri ma jirrikjedux ir-reġistrazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' vetturi, bħalma huma t-trejlers ħfief, l-informazzjoni dwar vettura li tgħaddi mit-test tal-affidabilità stradali għandha tkun disponibbli permezz ta' prova tat-test li tintwera b'mod viżibbli fuq il-vettura.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati u dan jirriżulta f'kost *importanti* ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta *tal-kundizzjoni* tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali flimkien mal-obbligu li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tat-test preċedenti għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbagħbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. Il-frodi tal-odometru għandha ***wkoll*** titqies b'mod aktar sistematiku bħala offiża li twassal għal penalità. | (23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati ***f'pajjiż wieħed, filwaqt li ċ-ċifra hi ħafna ogħla fil-każ ta' bejgħ transkonfinali,*** u dan jirriżulta f'kost *sinifikanti* ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali flimkien mal-obbligu li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tat-test preċedenti għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbagħbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. ***L-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi li tirreġistra l-kilometraġġ tal-vetturi u l-inċidenti serji li kienu involuti fihom matul il-ħajja kollha tagħhom, bl-attenzjoni dovuta għall-protezzjoni tad-dejta, jgħin ukoll biex tiġi evitata l-manipulazzjoni u biex l-informazzjoni importanti tkun aċċessibbli.*** Il-frodi tal-odometru għandha***, barra minnhekk,*** titqies b'mod aktar sistematiku bħala offiża li twassal għal penalità. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn skema regolatorja usa', li tirregola l-vetturi matul il-ħajja tagħhom mill-approvazzjoni permezz tar-reġistrazzjonijiet u l-ispezzjonijiet sal-iskreppjar. L-iżvilupp u l-interkonnessjoni ta' bażijiet tad-dejta elettroniċi nazzjonali dwar il-vetturi u tal-manifatturi ***għandhom, fil-prinċipju,*** jikkontribwixxu sabiex titjieb l-effiċjenza tal-katina kollha amminstrattiva tal-vetturi u jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi. ***Għalhekk, il-Kummissjoni għandha twettaq studju dwar il-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika Ewropea għall-informazzjoni dwar il-vetturi għal dan il-għan.*** | (25) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn skema regolatorja usa', li tirregola l-vetturi matul il-ħajja tagħhom mill-approvazzjoni permezz tar-reġistrazzjonijiet u l-ispezzjonijiet sal-iskreppjar. L-iżvilupp u l-interkonnessjoni ta' bażijiet tad-dejta elettroniċi nazzjonali dwar il-vetturi u tal-manifatturi jikkontribwixxu sabiex titjieb l-effiċjenza tal-katina kollha amministrattiva tal-vetturi u jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 25a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(25a) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament għandu jkun li jinkoraġġixxi iktar armonizzazzjoni u standardizzazzjoni tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali tal-vetturi, li eventwalment għandhom iwasslu għall-istabbiliment ta' suq uniku għall-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali fl-Unjoni b'sistema ta' rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-ittestjar tal-affidabilità stradali li tagħmilha possibbli li l-vetturi jiġu ttestjati fi kwalunkwe Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tabbozza rapport dwar il-progress fil-proċess ta' armonizzazzjoni sabiex tiddetermina meta tali rikonoxximent reċiproku jista' jiġi stabbilit.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Sabiex dan ir-Regolament jiġi ***ssupplimentat b'aktar dettalji tekniċi***, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb li titqies, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi, kif ukoll il-ħtieġa li l-Annessi jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | (26) Sabiex dan ir-Regolament jiġi ***aġġornat***, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb li titqies, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi, kif ukoll il-ħtieġa li l-Annessi jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-twettiq tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. | (29) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-twettiq tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu rekwiżiti iktar stretti mill-istandards minimi.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi ***li jitwettqu abbażi ta' standards u rekwiżiti tekniċi minimi bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza stradali u protezzjoni tal-ambjent***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — vetturi bil-mutur ***li għandhom tal-inqas erba' roti, użati*** għall-ġarr ***tal-passiġġieri u b'mhux*** aktar minn tmien sedili minn barra s-sedil tax-xufier – kategorija tal-vettura M1, | — vetturi bil-mutur ***iddisinjati u mibnija primarjament*** għall-ġarr ***ta' persuni u l-bagalji tagħhom, li jkun fihom mhux*** aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier – kategorija tal-vettura M1, |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — vetturi bil-mutur ***użati*** għall-ġarr ***tal-passiġġieri u b'aktar*** minn tmien sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3, | — vetturi bil-mutur ***iddisinjati u mibnija primarjament*** għall-ġarr ***tal-persuni u l-bagalji tagħhom, li jkun fihom*** aktar minn tmien sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3, |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — vetturi bil-mutur ***li għandhom tal-inqas erba' roti, normalment użati*** għall-ġarr ***bit-triq*** ta' oġġetti ***u b'massa*** massima ***permessibbli*** li ma taqbiżx ***it-3 500 kg*** – kategorija tal-vettura N1, | — vetturi bil-mutur ***iddisinjati u mibnija prinċipalment*** għall-ġarr ta' oġġetti***, li għandhom massa*** massima li ma taqbiżx ***it-3,5 tunnellati*** – kategorija tal-vettura N1, |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — vetturi bil-mutur ***użati*** għall-ġarr ta' oġġetti u b'massa massima permessibbli li taqbeż ***it-3 500 kg*** – kategoriji tal-vettura N2 u N3, | — vetturi bil-mutur ***iddisinjati u mibnija prinċipalment*** għall-ġarr ta' oġġetti b'massa massima li taqbeż ***it-3,5 tunnellati*** – kategoriji tal-vettura N2 u N3, |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — trejlers ***u semitrejlers b'massa*** massima ***permessibbli*** li ma taqbiżx ***it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura O1 u*** O2, | — trejlers ***iddisinjati u mibnija għall-ġarr ta' oġġetti jew persuni kif ukoll għall-akkomodazzjoni ta' persuni, li jkollhom massa*** massima ***ta' iktar minn 750 kg iżda*** li ma taqbiżx ***it-3,5 Tunnellati – kategorija tal-vettura*** O2 |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — trejlers ***u semitrejlers b'massa*** massima ***permessibbli*** li taqbeż ***it-3 500 kg*** – kategoriji tal-vettura O3 u O4, | — trejlers ***iddisinjati u mibnija għall-ġarr ta' oġġetti jew persuni kif ukoll għall-akkomodazzjoni ta' persuni, li jkollhom massa*** massima li taqbeż ***it-3,5 tunnellati*** – kategoriji tal-vetturi O3 u O4, |

**Emenda 117/1**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafi 1 – inċiż 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e, | — ***mill-1 ta' Jannar 2016,*** vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura L3e, L4e, L5e u L7e, |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — tratturi bir-roti b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż ***l-40 km/siegħa – kategorija tal-vettura T5***. | — tratturi bir-roti ***tal-kategorija T5 użati prinċipalment f'toroq pubbliċi*** b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż ***l-40km/siegħa***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. It-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali obbligatorji jistgħu jiġu estiżi mill-Istati Membri għal kategoriji oħra ta' vetturi. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni ta' estensjoni meħuda minnhom, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet għal dawk id-deċiżjonijiet.*** |

**Emenda 117/2**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1b. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018 għall-kategoriji tal-vetturi li ġejjin sakemm il-Kummissjoni ma turix fir-rapport tagħha taħt l-Artikolu 18a li miżura tali tkun ineffettiva:*** |
| | ***— vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura L1e, L2e, u L6e.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| — vetturi ***li jappartjenu lill-forsi*** armati, ***lis-servizzi*** tat-tifi tan-nar, ***lill-protezzjoni*** ċivili***, lis-servizzi*** ta' emerġenza u ta' salvataġġ, | — vetturi ***użati mill-forzi*** armati, ***mis-servizzi*** tat-tifi tan-nar, ***mill-protezzjoni*** ċivili, ***mis-servizzi*** ta' emerġenza u ta' salvataġġ, |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***— trejlers tal-kategorija O2 b'massa massima ta' mhux iktar minn 2,0 tunnellati iżda bl-esklużjoni ta' trejlers tal-kategorija O2 tat-tip karavan li jinġibed.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(5) "vetturi b'żewġ jew tliet roti" tfisser kull vettura bil-mutur fuq żewġ roti b'sidecar jew mingħajrha, triċikli u kwadriċikli;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) "vettura ta' interess storiku" tfisser kwalunkwe vettura li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: | (7) "vettura ta' interess storiku" tfisser kwalunkwe vettura li ***titqies bħala storika mill-Istat Membru ta' reġistrazzjoni jew minn wieħed mill-korpi ta' awtorizzazzjoni maħturin tiegħu u*** li tissodisfa l-kondizzjonijiet *kollha* li ġejjin: |
| — Kienet manifatturata tal-inqas 30 sena ilu, | — Kienet ġiet manifatturata j***ew irreġistrata għall-ewwel darba*** tal-inqas 30 sena ilu; |
| — ***Tinżamm permezz tal-użu ta' partijiet ta' bdil li jirriproduċu l-komponenti storiċi tal-vettura;*** | — ***it-tip speċifiku tagħha, kif definit mill-atti legali rilevanti tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, ma jkunx għadu jiġi prodott;*** |
| — ***Ma ġarrbet ebda*** tibdil fil-karatteristiċi tekniċi ***tal-komponenti prinċipali*** tagħha ***bħall-magna, il-brejkijiet, l-istering jew is-suspenxin u*** | — ***tkun preservata u miżmuma f'kundizzjoni storikament korretta, u għaldaqstant ma jkunx sarilha*** tibdil ***kbir*** fil-karatteristiċi tekniċi tagħha; |
| — ***Ma nbidlitx fid-dehra tagħha***; | |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) "test tal-affidabilità stradali" tfisser ***verifika li l-partijiet u l-komponenti ta'*** vettura ***huma konformi*** mal-karatteristiċi ta' sikurezza u dawk ambjentali ***fis-seħħ*** fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, ***kif ukoll*** fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara; | (9) "test tal-affidabilità stradali" tfisser ***spezzjoni li tiżgura li*** vettura ***tista' tintuża fit-toroq pubbliċi b'mod sikur u li tikkonforma*** mal-karatteristiċi ta' sikurezza u dawk ambjentali fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, ***jew*** fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara; |

It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) "spettur" tfisser persuna awtorizzata minn Stat Membru biex twettaq testijiet tal-affidabilità stradali f'ċentru tal-ittestjar jew f'isem awtorità kompetenti; | (13) "spettur" tfisser persuna awtorizzata minn Stat Membru ***jew l-awtorità kompetenti tiegħu*** biex twettaq testijiet tal-affidabilità stradali f'ċentru tal-ittestjar jew f'isem awtorità kompetenti; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu ***biss*** mill-awtorità kompetenti ta' ***Stat*** Membru jew minn ***ċentri tal-ittestjar awtorizzat mill-Istati Membri***. | 2. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu***, fil-prinċipju, fl-Istat Membru fejn tkun irreġistrata l-vettura*** mill-awtorità kompetenti ta' ***dak l-Istat*** Membru jew minn ***korp pubbliku fdat bil-kompitu mill-Istat jew minn korpi jew stabbilimenti ċertifikati u sorveljati mill-Istat, inklużi korpi privati awtorizzati***. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu liċ-ċentri tal-ittestjar jew, meta jkun rilevanti, lill-awtorità kompetenti, l-aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-Anness I skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu***, mingħajr ħlas,*** liċ-ċentri tal-ittestjar ***u lill-manifatturi tat-tagħmir tal-ittestjar*** jew, meta jkun rilevanti, lill-awtorità kompetenti, l-aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat fl-Anness I. ***Għall-manifatturi tat-tagħmir tal-ittestjar, dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni meħtieġa sabiex it-tagħmir tal-ittestjar ikun jista' jintuża sabiex titwettaq valutazzjoni dwar jekk il-funzjonalità tas-sistemi ta' kontroll elettroniku ta' vettura tgħaddix jew le mit-test.*** Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-Anness I ***u teżamina l-fattibilità ta' punt uniku ta' aċċess*** skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Kapitolu 3 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| REKWIŻITI LI JIKKONĊERNAW IT-TESTIJIET TAL-AFFIDABILITÀ STRADALI | REKWIŻITI ***MINIMI*** LI JIKKONĊERNAW IT-TESTIJIET TAL-AFFIDABILITÀ STRADALI |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad ***wara sentejn u mbagħad*** kull ***sena***; | — Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad kull ***sentejn***; |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — Vetturi tal-kategorija M1 irreġistrati bħala taksis jew ambulanzi, vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3, ***T5,*** O3 u O4: sena wara d-data li fiha l-vettura kienet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad kull sena. | — Vetturi tal-kategorija M1 irreġistrati bħala taksis jew ambulanzi, vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3, O3 u O4: sena wara d-data li fiha l-vettura kienet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad kull sena; |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Vetturi tal-kategorija T5 użati prinċipalment fit-toroq pubbliċi: sena wara d-data li fiha l-vettura kienet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad kull sena;*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Kategoriji oħra ta' vetturi: f'intervalli definiti mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.*** |

**It-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013**

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Kwalunkwe Stat Membru jista’ jipprovdi finanzjament għall-ittestjar tal-affidabilità stradali jekk sid ta’ vettura jiddeċiedi li jnaqqas l-intervall tal-ispezzjoni għal sena. Il-perjodu tal-finanzjament għandu jibda mhux qabel 10 snin wara d-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Stat Membru jista’ jirrikjedi li vetturi ta’ kwalunkwe klassi rreġistrati fit-territorju tiegħu jkunu suġġetti għal ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali iktar frekwenti.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fil-każ fejn vettura tal-kategoriji M1 jew N1 tilħaq kilometraġġ ta’ 160 000 km mal-ewwel test tal-affidabilità stradali wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi, għandha tkun suġġetta għal test tal-affidabilità stradali kull sena wara l-ewwel test.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jista’ jitlob liċ-ċentru tal-ittestjar, jew lill-awtorità kompetenti jekk ikun rilevanti, biex iwettaq/twettaq test tal-affidabilità stradali matul perjodu li jestendi mill-bidu tax-xahar li jiġi qabel ix-xahar tad-data tal-anniversarju msemmija fil-paragrafu 1 sal-aħħar tat-tieni xahar wara din id-data, mingħajr ma tiġi affettwata d-data għat-test li jkun imiss tal-affidabilità stradali. | 3. Id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jista’ jitlob liċ-ċentru tal-ittestjar, jew lill-awtorità kompetenti ***jew lil korpi jew stabbilimenti ċertifikati u sorveljati mill-Istat*** jekk ikun rilevanti, biex iwettaq/twettaq test tal-affidabilità stradali matul perjodu li jestendi mill-bidu tax-xahar li jiġi qabel ix-xahar tad-data tal-anniversarju msemmija fil-paragrafu 1 sal-aħħar tat-tieni xahar wara din id-data, mingħajr ma tiġi affettwata d-data għat-test li jkun imiss tal-affidabilità stradali. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 4 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — ***f'każ li jinbidel id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 4 – inċiż 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***meta l-vettura tkun laħqet kilometraġġ ta' 160 000 km.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. It-test tal-affidabilità stradali għandu jkopri l-oqsma msemmija fl-Anness II, il-punt 2. | 1. It-test tal-affidabilità stradali għandu jkopri ***tal-inqas*** l-oqsma msemmija fl-Anness II, il-punt 2. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittestjar għandhom iwettqu test tal-affidabilità stradali li jkopri tal-inqas l-elementi, u bl-użu tal-metodu applikabbli għall-ittestjar ta' dawk l-elementi, kif stipulat fl-Anness II, il-punt 3. | 2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittestjar għandhom iwettqu test tal-affidabilità stradali li jkopri tal-inqas l-elementi, u bl-użu tal-metodu applikabbli għall-ittestjar ta' dawk l-elementi, kif stipulat fl-Anness II, il-punt 3***, jew alternattiva ekwivalenti approvata minn awtorità kompetenti***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti li wettqet it-test tal-affidabilità stradali *għandha toħroġ* ċertifikat tal-affidabilità stradali lil dik il-vettura ***li fiha***, tal-inqas, l-elementi kollha stipulati fl-Anness IV. | 1. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti li wettqet it-test tal-affidabilità stradali *għandhom joħorġu* ċertifikat tal-affidabilità stradali lil dik il-vettura***, li għandu jkun disponibbli wkoll f'format elettroniku*** li ***jkun fih***, tal-inqas, l-elementi kollha stipulati fl-Anness IV. ***Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tfassal formula standard tal-Unjoni Ewropea għat-testijiet tal-affidabilità stradali.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, *għandha tipprovdi* ċertifikat tal-affidabilità stradali ***jew, fil-każ ta' ċertifikat tal-affidabilità stradali stabbilit elettronikament, karta stampata ċċertifikata kif xieraq ta' dan iċ-ċertifikat,*** lill-persuna li tkun qed tippreżenta lill-vettura għat-test. | 2. ***Malli t-test jitlesta b'mod sodisfaċenti,*** iċ-ċentru tal-ittestjar jew, fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, *għandhom jipprovdu* ċertifikat tal-affidabilità stradali lill-persuna li tkun qed tippreżenta lill-vettura għat-test***, jew meta ċ-ċertifikat ikun f'format elettroniku, għandhom jagħmlu disponibbli verżjoni stampata tar-riżultati tat-test***. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta jirċievu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura, u l-vettura tkun toriġina minn Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali tal-vettura, ladarba l-validità tiegħu tkun ġiet ivverifikata fil-mument tar-reġistrazzjoni mill-ġdid. Dan ir-rikonoxximent għandu jkopri l-istess perjodu bħal dak tal-validità oriġinali taċ-ċertifikat, ħlief fejn dak il-perjodu ta' validità orġinali jestendi oltre t-tul legali massimu fl-Istat Membru fejn il-vettura tkun qed tiġi rreġistrata mill-ġdid. F'dak il-każ, il-validità għandha tiġi allinjata 'l isfel, u kkalkulata mid-data meta l-vettura nħarġitilha ċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali oriġinali. Qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin il-format taċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom, kif ukoll l-istruzzjonijiet dwar kif għandha tiġi vverifikata l-awtentiċità.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-qari tal-odometru, u fejn *din* l-informazzjoni ma *ġietx* ikkomunikata b'mod elettroniku wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti, l-ispettur għandu jeħtieġ li l-persuna li tippreżenta l-vettura għat-test turi ċ-ċertifikat li jkun inħareġ wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti. | 4. Għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-qari tal-odometru, ***fejn dan ikun installat,*** u fejn l-informazzjoni *ta' dak il-qari* ma *tkunx ġiet* ikkomunikata b'mod elettroniku wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti, l-ispettur għandu jeħtieġ li l-persuna li tippreżenta l-vettura għat-test turi ċ-ċertifikat li jkun inħareġ wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti***, jekk dak iċ-ċertifikat ma jkunx inħareġ elettronikament***. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ir-riżultati tat-test tal-affidabilità stradali għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità *tar-reġistrazzjoni* tal-vettura. Din in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali. | 5. Ir-riżultati tat-test tal-affidabilità stradali għandhom jiġu nnotifikati ***b'mezz elettroniku*** lill-awtorità *tar-reġistrazzjoni* tal-vettura ***mingħajr dewmien***. Dik in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-każ ta' nuqqasijiet kbar, l-awtorità kompetenti ***għandha*** tiddeċiedi l-kundizzjonijiet li taħthom vettura tista' tintuża qabel ma terġa' tgħaddi minn test ieħor tal-affidabilità stradali. It-tieni test għandu jsir sa sitt ġimgħat wara l-ewwel test. | 2. Fil-każ ta' nuqqasijiet kbar, l-awtorità kompetenti ***nazzjonali tista'*** tiddeċiedi l-kundizzjonijiet li taħthom vettura tista' tintuża qabel ma terġa' tgħaddi minn test ieħor tal-affidabilità stradali. It-tieni test għandu jsir sa sitt ġimgħat wara l-ewwel test. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fil-każ ta' nuqqasijiet perikolużi, ***il-vettura ma għandhiex tintuża fuq toroq aċċessibbli għall-pubbliku u r-reġistrazzjoni tagħha għandha tiġi rtirata skont l-Artikolu 3a tad-Direttiva XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi*** sakemm ***in-nuqqasijiet ikunu rettifikati u jinħareġ ċertifikat ġdid tal-affidabilità stradali li juri li l-vettura hija f'kundizzjoni tajba għat-triq***. | 3. Fil-każ ta' nuqqasijiet perikolużi, ***l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti jistgħu jipprevjenu jew jirrestrinġu l-użu tal-vettura f'toroq pubbliċi*** sakemm ***jiġi rettifikat kwalunkwe nuqqas perikoluż***. |

**It-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013**

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun wettqet it-test tal-affidabilità stradali fuq vettura rreġistrata fit-territorju tagħha, għandha toħroġ prova lil kull vettura li tgħaddi b’suċċess dan it-test. Il-prova għandha tindika d-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss. | Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun wettqet it-test tal-affidabilità stradali fuq vettura rreġistrata fit-territorju tagħha, għandha toħroġ prova lil kull vettura li tgħaddi b’suċċess dan it-test. Il-prova għandha tindika d-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss. ***M’għandha għalfejn tinħareġ l-ebda prova ta’ affidabilità stradali jekk ikun possibbli li d-dokument ta’ reġistrazzjoni tal-vettura jindika li t-test tal-affidabilità stradali jkun twettaq u d-data tat-test li jmiss.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta l-vettura ttestjata tappartjeni għal kategorija ta’ vetturi li mhijiex soġġetta għar-reġistrazzjoni fl-Istat Membru fejn bdiet tintuża, il-prova tat-test għandha tintwera b’mod viżibbli fuq il-vettura.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-prova li tinħareġ skont il-paragrafu 1. | Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-prova li tinħareġ ***minn Stat Membru ieħor*** skont il-paragrafu 1 ***jew rekord korrispondenti fid-dokument ta’ reġistrazzjoni għall-vetturi, sakemm din tkun inħarġet għal vettura rreġistrata f’dak l-Istat Membru***. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar użati għat-twettiq ta’ testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tekniċi minimi stipulati fl-Anness V. | 1. Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar użati għat-twettiq ta’ testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikunu konformi ***tal-anqas*** mar-rekwiżiti tekniċi minimi stipulati fl-Anness V. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Iċ-ċentri tal-ittestjar, li fihom l-ispetturi jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu awtorizzati minn Stat Membru jew mill-awtorità kompetenti tiegħu.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Iċ-ċentri tal-ittestjar li jkunu diġà ġew awtorizzati mill-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jerġgħu jiġu ttestjati għall-konformità mal-istandards minimi wara perjodu ta' mill-inqas ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ġestjoni tal-kwalità, iċ-ċentri tal-ittestjar għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Istat Membru li jawtorizza. Iċ-ċentri tal-ittestjar għandhom jiżguraw l-oġġettività u l-kwalità għolja tal-ittestjar tal-vetturi.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Anness VI. | 1. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Anness VI. ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti ta' kompetenza u taħriġ addizzjonali.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jippreskrivu taħriġ adegwat għall-ispetturi, konformi mar-rekwiżiti dwar il-kwalifiki.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-Istati Membri*** għandhom iqassmu ċertifikat lill-ispetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ. Dan iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Anness VI, il-punt 3. | 2. ***L-awtoritajiet kompetenti jew, fejn applikabbli, iċ-ċentri ta' taħriġ approvati*** għandhom iqassmu ċertifikat lill-ispetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ. Dan iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Anness VI, il-punt 3. |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-ispetturi impjegati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru tal-ittestjar fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI, il-punt 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ċertifikat ta' ekwivalenza lil dawn l-ispetturi. | 3. L-ispetturi impjegati ***jew awtorizzati*** mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru tal-ittestjar fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI, il-punt 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ċertifikat ta' ekwivalenza lil dawn l-ispetturi. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Persuna li għamlet tiswijiet jew manutenzjoni fuq vettura m'għandhiex tkun involuta bħala spettur fit-twettiq sussegwenti ta' test perjodiku tal-affidabilità stradali ta' dik l-istess vettura sakemm il-korp superviżorju ma jkunx stabbilixxa għas-sodisfazzjon tiegħu li jista' jiġi ggarantit livell għoli ta' oġġettività. L-Istati Membri jistgħu jippreskrivu rekwiżiti aktar ibsin rigward is-separazzjoni tal-attivitajiet.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Iċ-ċentru tal-ittestjar għandu jinforma lill-persuna li ***tkun qegħda tippreżenta l-vettura*** għat-test ***bit-tiswijiet meħtieġa li għandhom jitwettqu*** u ma għandux ibiddel ir-riżultati tat-test għal finijiet kummerċjali. | 5. Iċ-ċentru tal-ittestjar għandu jinforma lill-persuna ***jew lill-post tat-tiswija*** li ***jkunu qegħdin jippreżentaw il-vettura*** għat-test ***bin-nuqqasijiet identifikati fil-vettura*** u ma għandux ibiddel ir-riżultati tat-test għal finijiet kummerċjali. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Kull Stat Membru għandu jiżgura li ċ-ċentri tal-ittestjar fit-territorju tiegħu jkunu soġġetti għal superviżjoni.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Iċ-ċentri tal-ittestjar li huma mħaddma b'mod dirett minn awtorità kompetenti għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti fir-rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni. | 2. Iċ-ċentri tal-ittestjar li huma mħaddma b'mod dirett minn awtorità kompetenti ***ta' Stat Membru*** għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti fir-rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni. |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni għandha teżamina ***l-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta'*** pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi bil-ħsieb li tiskambja informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittestjar tal-affidabilità stradali bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittestjar u l-manifatturi tal-vettura. | Il-Kummissjoni għandha teżamina ***l-mod l-aktar effiċjenti u effikaċi biex tistabbilixxi*** pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi ***billi tieħu vantaġġ mis-soluzzjonijiet tal-IT eżistenti u li diġà ġew implimentati fir-rigward tal-iskambju internazzjonali tad-dejta sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni. L-eżami għandu jikkunsidra l-mod l-aktar adatt biex isir kollegament bejn is-sistemi nazzjonali eżistenti*** bil-ħsieb li tiskambja informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittestjar tal-affidabilità stradali ***u l-qari tal-odometru*** bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittestjar u l-manifatturi tal-vettura. |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-ġbir u l-ħżin ta' dejta eżistenti relatata mas-sikurezza li tikkonċerna vetturi li kienu involuti f'inċidenti serji. Dik id-dejta għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni dwar komponenti f'funzjoni ta' sikurezza li jkunu ġew sostitwiti u msewwija.*** |
| | ***L-informazzjoni dwar l-istorja ta' vettura għandha tkun disponibbli għal spetturi li jittestjaw dik il-vettura u, f'forma anonimizzata, għall-Istati Membri, biex tgħinhom jippjanaw u jwettqu miżuri biex itejbu s-sikurezza fit-triq, u anke għad-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew għal sid il-vettura.*** |
| ***Hija għandha,*** abbażi ta' *dik l-eżaminazzjoni*, tippreżenta u tevalwa għażliet differenti ta' politika, inkluża l-possibbiltà li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10. Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati *tal-eżaminazzjoni*, u takkumpanjah bi proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq. | Abbażi ta' *dak l-eżami*, ***il-Kummissjoni għandha*** tippreżenta u tevalwa għażliet differenti ta' politika, inkluża l-possibbiltà li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10 ***u l-istabbiliment ta' sistema li tippermetti lill-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni, fil-każ ta' bejgħ transfruntier ta' vetturi, rigward il-kilometraġġ ta' dawk il-vetturi u l-inċidenti serji li kienu involuti fihom matul il-ħajja kollha tagħhom***. Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati *tal-eżami*, u takkumpanjah bi proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq. |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati b'konformità ***mal-Artikolu 19*** bil-ħsieb li: | Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati b'konformità ***mal-Artikolu 18*** bil-ħsieb li ***taġġorna***: |
| — ***taġġorna l-Artikolu 2(1)*** u l-Artikolu 5(1) u (2) kif xieraq ***sabiex tqis it-tibdil*** għall-kategoriji tal-vetturi li jirriżulta mill-emendi għal-leġiżlazzjoni ***msemmija fl-Artikolu 3(1)***, | *(a)* ***id-deżinjazzjoni tal-kategoriji ta' vettura fl-Artikolu 2(1)*** u l-Artikoli 5(1) u (2) kif xieraq ***fil-każ ta' tibdil*** għall-kategoriji tal-vetturi li jirriżulta mill-emendi għal-leġiżlazzjoni ***dwar l-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 2 (1), mingħajr ma taffettwa l-kamp ta' applikazzjoni jew il-frekwenza tal-ittestjar;*** |
| — ***taġġorna l-Annessi fid-dawl tal-progress tekniku jew sabiex tqis il-modifikazzjoni fil-leġiżlazzjoni internazzjonali jew tal-Unjoni.*** | |
| | *(b)* ***il-punt 3 tal-Anness II fir-rigward tal-metodi u r-raġunijiet għal falliment, u l-Anness V, fil-każ tad-disponibbiltà ta' metodi tal-ittestjar aktar effiċjenti u effikaċi, u l-Anness I, jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali sabiex jitwettqu testijiet tal-affidabilità stradali;*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(c)* ***il-punt 3 tal-Anness II fir-rigward tal-lista ta' elementi tat-test, metodi, raġunijiet għal falliment, l-Anness III fir-rigward tal-valutazzjoni tan-nuqqasijiet, u l-Anness V, sabiex tadattahom għall-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza jew l-ambjent, u l-Anness I, jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali sabiex jitwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali.*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Id-delega tas-setgħa*** msemmija fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita għal perjodu ***indeterminat*** ta' ***żmien*** minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | 2. ***Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati*** msemmija fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita ***lill-Kummissjoni*** għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 18b*** |
| | ***Rappurtar dwar vetturi b'żewġ jew bi tliet roti*** |
| | ***Sa mhux aktar tard minn [tliet snin mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jivvaluta s-sitwazzjoni tas-sikurezza stradali fl-Unjoni għal dik il-kategorija ta' vetturi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tqabbel ir-riżultati tas-sikurezza stradali għal dik il-kategorija ta' vetturi fl-Istati Membri li jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali ta' dik il-kategorija ta' vetturi, ma' dawk fl-Istati Membri li ma jittestjawx dik il-kategorija ta' vetturi, sabiex tivvaluta jekk l-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti huwiex proporzjonat mal-objettivi stabbiliti dwar is-sikurezza stradali. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi.*** |

It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 18b*** |
| | ***Rapportar*** |
| | ***Mhux aktar tard minn [ħames snin mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-frekwenza tal-ittestjar, il-livell ta' armonizzazzjoni tat-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali u l-effettività tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali f'każijiet ta' reġistrazzjoni ta' vetturi li joriġinaw minn Stat Membru ieħor. Ir-rapport għandu janalizza wkoll jekk hemmx livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni li jippermetti rikonoxximent reċiproku sħiħ taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali fl-Unjoni kollha u jekk hemmx ħtieġa għal standards Ewropej ogħla sabiex jinkiseb dak l-għan. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi.*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-manipulazzjoni jew it-tbagħbis ta' odometru jitqies bħala offiża u jkun ikkastigat minn penalitajiet effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji. | 2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-manipulazzjoni jew it-tbagħbis ta' ***komponenti u sistemi tal-vetturi li għandhom effett fuq il-konformità mar-rekwiżiti ambjentali u tas-sikurezza, jew ta'*** odometru, jitqies bħala offiża u jkun ikkastigat minn penalitajiet effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji***, kif ukoll biex jiżgura l-eżattezza tal-qari tal-odometru matul il-ħajja kollha ta' vettura***. |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**

**Anness I – parti 5 – punt 5.3 – inċiż 8a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | — ***Pressjoni tat-tajers rakkomandata*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 1 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Meta ma jkunx possibbli li vettura tiġi ttestjata permezz ta' metodu ta' ttestjar rakkomandat stabbilit f'dan l-Anness, iċ-ċentru tal-ittestjar jista' jwettaq it-test skont metodu alternattiv li jkun ġie approvat bil-miktub mill-awtorità kompetenti adegwata. L-awtorità kompetenti għandha tkun sodisfatta li l-istandards tas-sikurezza u ambjentali se jinżammu.*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 1.8 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
| --- | --- | --- |
| 1.8 Fluwidu tal-brejk | Kejl tat-temperatura ta' likwidu jbaqbaq jew tal-kontenut tal-ilma | (a) Temperatura tal-fluwidu tal-brejk ibaqbaq baxxa wisq ***jew kontenut tal-ilma għoli wisq*** |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
| --- | --- | --- |
| 1.8 Fluwidu tal-brejk | Kejl tat-temperatura ta' likwidu jbaqbaq jew tal-kontenut tal-ilma | (a) Temperatura tal-fluwidu tal-brejk ibaqbaq baxxa wisq |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 3.3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
| --- | --- | --- |
| 3.3. Mirja jew apparati li juru wara | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-mera jew l-apparat huwa nieqes jew mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti. |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
| --- | --- | --- |
| 3.3. Mirja jew apparati li juru wara | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-mera jew l-apparat huwa nieqes jew mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti***, inklużi dawk imsemmija fid-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 4.1.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 4.1.2. Allinjament | Stabbilixxi l-mira orizzontali ta' kull fanal ta' quddiem fuq dawl baxx billi tuża strument ***jew skrin*** biex timmira l-fanal ta' quddiem. | Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhix fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti. |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| 4.1.2. Allinjament | Stabbilixxi l-mira orizzontali ***u vertikali*** ta' kull fanal ta' quddiem fuq dawl baxx billi tuża strument biex timmira l-fanal ta' quddiem ***u apparat ta' kontroll elettroniku sabiex tiċċekkja l-funzjonalità dinamika jekk ikun il-każ***. | Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhix fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti. |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 4.1.3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 4.1.3. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti (Għadd ta' fanali jixegħlu fl-istess ħin)<br>(b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara. |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| 4.1.3. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom ***u bl-użu, fejn xieraq, ta' apparat ta' kontroll elettroniku***. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti (Għadd ta' fanali jixegħlu fl-istess ħin).<br>(b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 4.1.5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 4.1.5. Apparati ta' livellar (fejn obbligatorju) | Spezzjoni viżwali u ***jekk possibbli,*** billi tħaddimhom. | (a) L-apparat ma jaħdimx. |
| | | (b) L-apparat manwali ma jistax jitħaddem mis-sit tax-xufier. |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| 4.1.5. Apparati ta' livellar (fejn obbligatorju) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom ***u bl-użu, fejn xieraq, ta' apparat ta' kontroll elettroniku***. | (a) L-apparat ma jaħdimx. |
| | | (b) L-apparat manwali ma jistax jitħaddem mis-sit tax-xufier. |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 4.3.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 4.3.2. Attivazzjoni | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti. |
| | | (b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara. |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| 4.3.2 ***Fanali ta' waqfien*** – attivazzjoni ***tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza*** | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom***, billi tuża apparat ta' kontroll elettroniku għal varjazzjoni tal-valur ta' input mis-sensor tal-pedala tal-brejkijiet u verifika permezz ta' osservazzjoni l-funzjonalità tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza***. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti. |
| | | (b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara. |
| | | ***(ba) Il-funzjonijiet tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza ma jaħdmux jew ma jaħdmux sew.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 4.5.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 4.5.2 Allinjament (X)[(2)] | billi tħaddimhom u billi tuża apparat għall-immirar tal-fanali ta' quddiem. | Il-fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem jinsab barra l-allinjament orizzontali meta fid-disinn tad-dawl ikun hemm linja ta' qtugħ. |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| 4.5.2 Allinjament (X)[(2)] | billi tħaddimhom u billi tuża apparat għall-immirar tal-fanali ta' quddiem. | Il-fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem jinsab barra l-allinjament orizzontali ***u vertikali*** meta fid-disinn tad-dawl ikun hemm linja ta' qtugħ. |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 5.2.2 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| 5.2.2. Roti | Spezzjoni viżwali taż-żewġ naħat ta' kull rota bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. | (a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar.<br><br>(…) |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| 5.2.2. Roti | Spezzjoni viżwali taż-żewġ naħat ta' kull rota bil-vettura fuq fossa jew fuq parank. | (a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar.<br><br>(…)<br><br>***(da) Ir-rota mhix kompatibbli mal-buttun tar-rota.*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 5.2.3 – kolonna 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| 5.2.3. Tajers | Spezzjoni viżwali tat-tajer sħiħ jew billi ddawwar ir-rota tat-triq biha maqtugħa mill-art u l-vettura fuq fossa jew fuq parank, jew billi tmexxi l-vettura lura u 'l quddiem fuq fossa. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

| | *Emenda tal-Parlament* |
|---|---|
| 5.2.3. Tajers | Spezzjoni viżwali tat-tajer sħiħ jew billi ddawwar ir-rota tat-triq biha maqtugħa mill-art u l-vettura fuq fossa jew fuq parank, jew billi tmexxi l-vettura lura u 'l quddiem fuq fossa.<br><br>***Uża gejġ tal-pressjoni biex tkejjel il-pressjoni tat-tajers u qabbilha mal-valuri mogħtija mill-manifattur.*** |

## Emenda 100

## Proposta għal regolament

## Anness II – parti 3 – punt 8.2.1.2

| | *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|---|
| 8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi | Kejl li juża analizzatur tal-gass tal-egżost konformi mar-rekwiżiti. ***Inkella, għal vetturi mgħammra b'sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) adegwati, it-tħaddim kif suppost tas-sistema tal-emissjonijiet jista' jiġi ċċekkjat permezz tal-qari xieraq tal-mezz OBD u ċċekkjar tat-tħaddim xieraq tas-sistema OBD installata tal-kejl ta' emissjonijiet bil-magna mhix ingranata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kondizzjonament tal-manifattur u rekwiżiti oħra.*** | (a) Jew, l-emissjonijiet gassużi huma ogħla mil-livelli speċifiċi indikati mill-manifattur; |
| | | (b) Inkella, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:<br><br>i) għal vetturi mhux ikkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata,<br><br>— 4,5 %, jew<br><br>— 3,5 %<br><br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti.<br><br>ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br><br>— bil-magna mhux ingranata: 0,5 %<br><br>— bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,3 %<br><br>jew<br><br>— bil-magna mhux ingranata: 0,3 %[6]<br><br>— bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,2 %<br><br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| | | (c) Il-valur Lambda huwa barra mill-medda 1± 0,03 jew mhux skont l-ispeċifikazzjoni tal-manifattur.<br><br>(d) Il-valur moqri mill-OBD jindika funzjonament ħażin sinifikanti. |

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| 8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi | Kejl li juża analizzatur tal-gass tal-egżost konformi mar-rekwiżiti. ***L-ittestjar tal-pajp tal-egżost għandu dejjem ikun il-metodu awtomatiku tal-valutazzjoni tal-emissjonijiet tal-egżost, anke jekk ikkombinat ma' OBD.***<br><br>***Għal vetturi mgħammra b'OBD skont ir-rekwiżiti [(1)], il-qari tal-informazzjoni tal-OBD u kontrolli (tlestija) tal-funzjonament xieraq tas-sistema tal-OBD bil-magna mhux ingranata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur u rekwiżiti oħra [(1)].***<br><br>***Kejl tal-livelli u partikoli ta' NOx permezz ta' tagħmir xieraq/analizzatur tal-gass mgħammar b'mod xieraq, bl-użu ta' metodi ta' ttestjar tal-pajp tal-egżost eżistenti.*** | (a) Jew, l-emissjonijiet gassużi huma ogħla mil-livelli speċifiċi indikati mill-manifattur;<br><br>(b) Inkella, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:<br><br>i) għal vetturi mhux ikkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata,<br><br>— 4,5 %, jew<br><br>— 3,5 %<br><br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti.<br><br>ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br><br>— bil-magna mhux ingranata: 0,5 %<br><br>— bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,3 %<br><br>jew<br><br>— bil-magna mhux ingranata: 0,3 %[6]<br><br>— bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,2 %<br><br>***jew***<br><br>**— *bil-magna mhux ingranata: 0,2 % ([6a])***<br><br>**— *bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,1 % ([6a])*** |

**It-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013**

*Emenda tal-Parlament*

skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti.

(c) Il-valur Lambda huwa barra mill-medda 1± 0,03 jew mhux skont l-ispeċifikazzjoni tal-manifattur.

(d) Il-valur moqri mill-OBD jindika funzjonament ħażin sinifikanti ***bi spid mingħajr ingranaġġ***.

***Livell ta’ NOx jew valuri tal-partikoli mhux skont ir-rekwiżiti jew li jaqbżu l-livelli speċifiċi mogħtija mill-manifattur.***

***(6a) Tip approvat skont il-limiti tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta’ Lulju 2007 (Euro 5).***

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 8.2.2.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8.2.2.2 Opaċità

| | | |
|---|---|---|
| Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta’ Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit. | (a) L-opaċità tal-gass tal-egżost għandha tiġi mkejla waqt aċċellerazzjoni ħielsa (mingħajr tagħbija minn spid mingħajr ingranaġġ sa dak tal-qtugħ) bil-ger fil-pożizzjoni newtrali u l-klaċċ magħfus. | (a) Għal vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti, |
| | (b) Il-prekondizzjonament tal-vettura: | l-opaċità tkun aktar mil-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura. |
| | 1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta’ sikurezza, għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f’kundizzjoni mekkanika sodisfaċenti. | (b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta’ valuri ta’ referenza, |
| | 2. Ir-rekwiżiti tal-prekondizzjoni: | għal magni b’respirazzjoni naturali: 2,5 $m^{-1}$ , |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| (i) Il-magna trid tkun sħuna għalkollox, pereżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda mit-tubu tal-ħadid li timmarka l-livell taż-żejt għandha tkun mill-inqas ta' 80 °C, jew it-temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infraħamra għandha tkun mill-inqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabbilita t-temperatura normali ta' tħaddim tal-magna jista' jsir b'mezzi oħra, pereżempju bit-tħaddim tal-fann tat-tkessiħ tal-magna. | għal magni bit-turbo: 3,0 $m^{-1}$, |
| (ii) Is-sistema tal-egżożt għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni jew b'metodu ekwivalenti. | jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti, |
| (c) Il-proċedura tat-test: | 1,5 $m^{-1}$ [7]. |
| 1. Il-magna u kwalunkwe turboċarġer imwaħħal, ma għandhomx ikunu ingranati qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċelerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-aċċelleratur. | |
| 2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-pedala tal-aċċelleratur trid tingħafas għalkollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni. | |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-magna għandha tilħaq l-ispid tal-qtugħ jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, l-ispid speċifikat mill-manifattur jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura l-ispid ta' żewġ terzi tal-ispid tal-qtugħ, qabel ma jiġi rilaxxat l-aċċelleratur. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi jiġi mmonitorjat l-ispid tal-magna jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tal-aċċelleratur u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi tal-kategorija 1 u 2 tal-Anness 1, għandu jkun ta' mill-anqas żewġ sekondi.

4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mal-medja mkejla***, jew ir-riżultat ta' kwalunkwe kalkolu statistiku ieħor li jikkunsidra t-tifrix tal-kejlijiet***. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd taċ-ċikli tat-testijiet.

5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jwaħħlu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Emenda tal-Parlament*

8.2.2.2 Opaċità

| | | |
|---|---|---|
| Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit. | (a) L-opaċità tal-gass tal-egżost għandha tiġi mkejla waqt aċċellerazzjoni ħielsa (mingħajr tagħbija minn spid mingħajr ingranaġġ sa dak tal-qtugħ) bil-ger fil-pożizzjoni newtrali u l-klaċċ magħfus. ***L-ittestjar tal-pajp tal-egżost għandu dejjem ikun il-metodu awtomatiku tal-valutazzjoni tal-emissjonijiet tal-egżost, anke jekk ikkombinat ma' OBD.*** | (a) Għal vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti, |
| | ***Għal vetturi mgħammra b'OBD skont ir-rekwiżiti (1), il-qari tal-informazzjoni tal-OBD u kontrolli (tlestija) tal-funzjonament xieraq tas-sistema tal-OBD bil-magna mhux ingranata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur u rekwiżiti oħra (1).*** | |
| | (b) Il-prekondizzjonament tal-vettura: | l-opaċità tkun aktar mil-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura. |
| | 1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sikurezza, għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f'kundizzjoni mekkanika sodisfaċenti. | (b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza, |
| | 2. Ir-rekwiżiti tal-prekondizzjoni: | għal magni b'respirazzjoni naturali: 2,5 $m^{-1}$, |
| | (i) Il-magna trid tkun sħuna għalkollox, pereżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda mit-tubu tal-ħadid li timmarka l-livell taż-żejt għandha tkun mill-inqas ta' 80 °C, jew it-temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infraħamra għandha tkun mill-inqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabbilita t-temperatura normali ta' tħaddim tal-magna jista' jsir b'mezzi oħra, pereżempju bit-tħaddim tal-fann tat-tkessiħ tal-magna. | għal magni bit-turbo: 3,0 $m^{-1}$, |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Emenda tal-Parlament*

(ii) Is-sistema tal-egżożt għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni jew b'metodu ekwivalenti.

jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti,

(c) Il-proċedura tat-test:

1,5 $m^{-1}$.[7]

1. Il-magna u kwalunkwe turboċarġer imwaħħal, ma għandhomx ikunu ingranati qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-aċċelleratur.

***jew***

2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-pedala tal-aċċelleratur trid tingħafas għalkollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni.

***0,5 $m^{-1}$ ([6a])***

3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-magna għandha tilħaq l-ispid tal-qtugħ jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, l-ispid speċifikat mill-manifattur jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura l-ispid ta' żewġ terzi tal-ispid tal-qtugħ, qabel ma jiġi rilaxxat l-aċċelleratur. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi jiġi mmonitorjat l-ispid tal-magna jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tal-aċċelleratur u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi tal-kategorija 1 u 2 tal-Anness 1, għandu jkun ta' mill-anqas żewġ sekondi.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Emenda tal-Parlament*

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mal-medja mkejla. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd taċ-ċikli tat-testijiet.<br>5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jwaħħlu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif. | |
| | ***Kejl tal-livelli u partikoli ta' NOx permezz ta' tagħmir xieraq/analizzatur tal-gass mgħammar b'mod xieraq, bl-użu ta' metodi ta' ttestjar tal-aċċelerazzjoni ħielsa.*** | ***Livell ta' NOx jew valuri tal-partikoli mhux skont ir-rekwiżiti jew li jaqbżu l-livelli speċifiċi mogħtija mill-manifattur.*** |

(6a) ***Tip approvat skont il-limiti tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2007 (Euro 5).***

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – punt 1.8 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| 1.8 Fluwidu tal-brejk | (a) Temperatura ta' meta jbaqbaq il-fluwidu tal-brejk baxxa wisq ***jew kontenut tal-ilma għoli wisq*** |

*Emenda tal-Parlament*

| | |
|---|---|
| 1.8 Fluwidu tal-brejk | (a) Temperatura ta' meta jbaqbaq il-fluwidu tal-brejk baxxa wisq |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – punt 5.2.2 – paragrafu da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| 5.2.2. Roti | (a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar. | | | x |
| | (…) | | | |

*Emenda tal-Parlament*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| 5.2.2. Roti | (a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar. | | | x |
| | (…) | | | |
| | ***(da) Ir-rota mhix kompatibbli mal-buttun tar-rota.*** | | ***x*** | |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – punt 5.2.3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| 5.2.3. Tajers | (a) Id-daqs tat-tajers, il-kapaċità ta' tagħbija, il-marka tal-approvazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-ispid mhumiex skont ir-rekwiżiti u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq. | | x | |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| | Kapaċità ta' tagħbija jew klassifikazzjoni tal-ispid insuffiċjenti għall-użu attwali, it-tajer imiss ma' partijiet fissi oħra tal-vettura u b'hekk jiġi mdgħajjef is-sewqan sikur | | | x |
| | (b) It-tajers fuq l-istess fus jew fuq roti doppji ta' daqsijiet differenti. | | x | |
| | (c) It-tajers fuq l-istess fus huma ta' kostruzzjoni differenti (radjali/djagonali). | | x | |
| | (d) Kwalunkwe ħsara jew qtugħ serju fit-tajer. | | x | |
| | Kejbil viżibbli jew bil-ħsara | | | x |
| | (e) ***Il-ħxuna tat-tajer mhix skont ir-rekwiżiti[1].*** | | x | |
| | ***Anqas minn 80 % tal-ħxuna tat-tajer meħtieġa*** | | | x |
| | (f) It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (apparati flessibbli kontra t-titjir). | x | | |
| | It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (is-sewqan sikur mhux imdgħajjef) | | x | |
| | (g) Tajers rikundizzjonati mhux skont ir-rekwiżiti. | | x | |
| | Affettwat is-saff ta' protezzjoni tal-kejbil | | | x |
| | (h) Funzjonament ħażin tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni ***tal-arja*** | x | | |
| | Jidher ċar li ma taħdimx. | | x | |

*Emenda tal-Parlament*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| 5.2.3. Tajers | (a) Id-daqs tat-tajers, il-kapaċità ta' tagħbija, il-marka tal-approvazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-ispid mhumiex skont ir-rekwiżiti u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq. | | x | |
| | Kapaċità ta' tagħbija jew klassifikazzjoni tal-ispid insuffiċjenti għall-użu attwali, it-tajer imiss ma' partijiet fissi oħra tal-vettura u b'hekk jiġi mdgħajjef is-sewqan sikur | | | x |
| | (b) It-tajers fuq l-istess fus jew fuq roti doppji ta' daqsijiet differenti. | | x | |
| | (c) It-tajers fuq l-istess fus huma ta' kostruzzjoni differenti (radjali/djagonali). | | x | |
| | (d) Kwalunkwe ħsara jew qtugħ serju fit-tajer. | | x | |
| | Kejbil viżibbli jew bil-ħsara | | | x |
| | (e) ***Indikatur tal-użu eċċessiv għal wiċċ it-tajer isir viżibbli.*** | | x | |
| | ***Wiċċ it-tajer bi ħxuna legali. Wiċċ it-tajers anqas mill-ħxuna legali.*** | | | x |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Emenda tal-Parlament*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| | (f) It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (apparati flessibbli kontra t-titjir). | x | | |
| | It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (is-sewqan sikur mhux imdgħajjef) | | x | |
| | (g) Tajers rikundizzjonati mhux skont ir-rekwiżiti. | | x | |
| | Affettwat is-saff ta' protezzjoni tal-kejbil | | | x |
| | (h) Funzjonament ħażin tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni ***tat-tajer jew jidher ċar li t-tajer mhux minfuħ biżżejjed*** | x | | |
| | Jidher ċar li ma taħdimx. | | x | |
| | ***(i) Pressjoni ta' tħaddim waqt is-servizz f'wieħed mit-tajers tal-vettura mnaqqsa b'20 %, iżda mhux taħt il-150 kP*** | | ***x*** | |
| | ***Pressjoni tat-tajers inqas minn 150 kPa*** | | | ***x*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – punt 8.2.1.2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| 8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi | (b) Jew, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:<br>(…)<br>ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br>— bil-magna mhux ingranata: 0,5 %<br>— bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,3 %<br>jew<br>— bil-magna mhux ingranata: 0,3 %<br>— bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,2 %<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti. | | x | |

*Emenda tal-Parlament*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| 8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi | (b) Jew, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn: | | x | |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Emenda tal-Parlament*

| | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|
| (…)<br><br>ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br><br>— bil-magna mhux ingranata: 0,5 %<br><br>— bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,3 %<br><br>jew<br><br>— bil-magna mhux ingranata: 0,3 %<br><br>— bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,2 %<br><br>***jew***<br><br>— ***bil-magna mhux ingranata: 0,2 % ([6a])***<br><br>— ***bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0,1 % ([6a])***<br><br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti. | | | |

***([6a]) Tip approvat skont il-limiti tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2007 (Euro 5).***

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – punt 8.2.2.2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| 8.2.2.2 Opaċità | | | | |
| Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit. | Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,<br><br>għal magni b'respirazzjoni naturali: 2,5 $m^{-1}$,<br><br>għal magni bit-turbo: 3,0 $m^{-1}$,<br><br>jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti<br><br>1,5 $m^{-1}$. | | x | |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

*Emenda tal-Parlament*

| | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
|---|---|---|---|---|
| 8.2.2.2 Opaċità | | | | |
| Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit. | Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza, | | x | |
| | għal magni b'respirazzjoni naturali: 2,5 $m^{-1}$, | | | |
| | għal magni bit-turbo: 3,0 $m^{-1}$, | | | |
| | jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti, | | | |
| | 1,5 $m^{-1}$. | | | |
| | ***jew*** | | | |
| | ***0,5 m-1*** (6a) | | | |

(6a) ***Tip approvat skont il-limiti tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2007 (Euro 5).***

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**

**Anness IV – punt 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Dettalji ta' tiswijiet kbar minħabba inċident*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**

**Anness V – parti I – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jista' jintuża tagħmir alternattiv li jimplimenta l-innovazzjoni teknoloġika b'mod newtrali sakemm ikun jiżgura livell ta' kwalità għolja ekwivalenti tal-ittestjar.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**

**Anness V – parti 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***15a) Ġejġ tal-pressjoni biex titkejjel il-pressjoni tat-tajers;*** |

---

P7_TA(2013)0298

## Sustanzi ta' prijorità fil-qasam tal-politika dwar l-ilma ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE rigward sustanzi ta' prijorità fil-qasam tal-politika dwar l-ilma (COM(2011)0876 – C7-0026/2012 – 2011/0429(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/35)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0876),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0026/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Novembru 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta' April 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0397/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 116.
([2]) ĠU C 17, 19.1.2013, p. 91.

**It-Tlieta 2 ta’ Lulju 2013**

**P7_TC1-COD(2011)0429**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta’ Lulju 2013 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE rigward sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika dwar l-ilma**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Direttiva 2013/39/UE.)*

---

P7_TA(2013)0299

## Ċerti kategoriji ta’ Għajnuna Statali orizzontali u servizzi pubbliċi tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta’ Lulju 2013 dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta’ Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċerti kategoriji ta’ għajnuna mill-Istat orizzontali u r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (COM(2012)0730 – C7-0005/2013 – 2012/0344(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2016/C 075/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2012)0730),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0005/2013),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta’ Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni fl-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat, minn hawn ’il quddiem (il-GBER attwali ([1])),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat tat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0179/2013),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b’mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Regolament tal-Kunsill (KE) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna orizzontali mill-Istat, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddikjara permezz ta' regolamenti li ċerti kategoriji speċifikati ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern u huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. | (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna orizzontali mill-Istat, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddikjara permezz ta' regolamenti li ċerti kategoriji speċifikati ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern u huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. ***Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jispeċifika dawk il-kategoriji, filwaqt li dettalji tal-eżenzjonijiet u l-għanijiet tagħhom huma kkjarifikati fir-regolamenti u l-linji gwida rilevanti.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-Kummissjoni għandha l-għan li ssib bilanċ tajjeb bejn li tikkonċentra l-isforzi ta' infurzar tagħha fuq każijiet b'impatt sinifikanti fuq is-suq intern billi teżenta ċerti kategoriji speċifikati ta' għajnuna tal-Istat mir-rekwiżiti ta' notifika, filwaqt li fl-istess ħin tevita li jiġu esklużi numru kbir ta' servizzi mill-iskrutinju tal-għajnuna mill-Istat.*** |

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Għandhom jitqiesu kif jistħoqq il-konklużjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 15/2011 bit-titolu "Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw il-ġestjoni effettiva tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat?".*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex teżenta għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, iżda mhux għall-innovazzjoni. Minn dakinhar l-innovazzjoni saret prijorità fil-politika tal-Unjoni fil-kuntest ta' "Unjoni tal-Innovazzjoni", bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020. Barra minn hekk, ħafna miżuri ta' għajnuna għall-innovazzjoni huma relattivament żgħar u ma joħolqux distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni. | (3) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex teżenta għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, iżda mhux għall-innovazzjoni. Minn dakinhar l-innovazzjoni, ***inkluża l-innovazzjoni soċjali***, bdiet saret prijorità fil-politika tal-Unjoni fil-kuntest ta' "Unjoni tal-Innovazzjoni", bħala waħda mill-inizjattivi prinċipali ta' Ewropa 2020. Barra minn hekk, ħafna miżuri ta' għajnuna għall-innovazzjoni huma relattivament żgħar u ma joħolqux distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni, ***b'mod partikolari jekk ikunu f'konformità mal-inizjattivi ewlenin tal-Europa 2020 u l-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020. Ir-regolament għal eżenzjoni ġenerali sħiħa l-ġdid jispeċifika l-kundizzjonijiet u t-tipi ta' għajnuna adattati għall-eżenzjoni.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) ***Fis-settur tal-isport*** tad-dilettanti***, il-miżuri ta' appoġġ pubbliċi, sakemm ikunu*** jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat***, ġeneralment ikollhom*** effetti limitati fuq il-kummerċ fl-Unjoni stess u ma jikkawżawx distorsjonijiet ***serji*** tal-kompetizzjoni. L-ammonti mogħtija ġeneralment ikunu wkoll limitati. Abbażi tal-esperjenza miksuba jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kumpatibbiltà, biex b'hekk jiġi żgurat li l-għajnuna għall-isport tad-dilettanti ma tikkawżax distorsjoni sinifikanti. | (9) ***Bħala regola, l-isport*** tad-dilettanti ***ma jistax jitqies bħala attività ekonomika. Meta, eċċezzjonalment, l-isport tad-dilettanti jkun jinkludi attivitajiet ekonomiċi u l-miżuri ta' appoġġ pubbliċi jkunu*** jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, ***huma jkollhom*** effetti ***essenzjalment*** limitati fuq il-kummerċ fl-Unjoni stess u ma jikkawżawx distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. L-ammonti mogħtija ġeneralment ikunu wkoll limitati. Abbażi tal-esperjenza miksuba jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kumpatibbiltà, biex b'hekk jiġi żgurat li l-għajnuna għall-isport tad-dilettanti ma tikkawżax distorsjoni sinifikanti ***meta tali attivitajiet sportivi, eċċezzjonalment, ikunu jinkludu attivitajiet ekonomiċi. Ir-regolament il-ġdid għal eżenzjoni ġenerali sħiħa għandu jiċċara jekk l-għajnuna mill-Istat tkunx ikkunsidrata bħala għajnuna favur l-assoċjazzjonijiet sportivi għall-attivitajiet tagħhom jew għajnuna għal proġetti ta' infrastrutturi tal-isport, filwaqt li jagħmel distinzjoni f'dan ir-rigward***. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(9a)* ***Fid-dawl tal-importanza ewlenija tal-isport mill-aspett soċjali, l-inkoraġġiment tal-iżvilupp taż-żgħażagħ fi ħdan il-klabbijiet professjonali huwa rikonoxxut bħala għan leġittimu fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-politika ta' Għajnuna mill-Istat għandha, għalhekk, toħloq qafas ċar li fih l-Istati Membri jkunu jistgħu jippromwovu dawn l-objettivi u jappoġġaw l-organizzazzjonijiet tal-isport għal dan il-għan.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(10)* ***Fir-rigward tal-għajnuna għat-trasport bl-ajru u dak marittimu, mill-esperjenza tal-Kummissjoni, l-għajnuna li għandha natura soċjali għar-residenti ta' reġjuni mbiegħda għat-trasport, sakemm din tingħata mingħajr diskriminazzjoni fir-rigward tal-identità ta' min iġorr, ma tikkawżax distorsjonijiet sinifikanti u jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kumpatibbiltà.*** | ***imħassar*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Fir-rigward tal-għajnuna għat-trasport ferrovjarju, bit-triq u bil-kanali tal-ilma interni, l-Artikolu 93 tat-Trattat jiddikjara li l-għajnuna li tindirizza l-bżonnijiet ta' koordinazzjoni tat-trasport jew li tirrappreżenta rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti għall-kunċett ta' servizz pubbliku, għandha tkun kumpatibbli mat-Trattati. rtikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq attwalment jeżenta mir-rekwiżit ta' notifika minn qabel, stipulat fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat, il-kumpensi tas-servizzi pubbliċi għall-operat tas-servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri jew għall-konformità mal-obbligi tariffarji li huma stabbiliti permezz ta' regoli ġenerali u mħallsin skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007. ***Sabiex jiġi armonizzat l-approċċ lejn ir-regolamenti dwar l-eżenzjoni ta' kategorija fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, u skont il-proċeduri previsti fl-Artikoli 108(4) u 109 tat-Trattat, l-għajnuna għall-koordinazzjoni tat-trasport jew ir-rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti għall-kunċett ta' servizz pubbliku, kif imsemmi fl-Artikolu 93 tat-Trattat, għandha titqiegħed fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 994/98. L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 għandu għalhekk jitħassar, b'effett minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' regolament adottat mill-Kummissjoni li jikkonċerna din il-kategorija ta' għajnuna mill-Istat.*** | (11) Fir-rigward tal-għajnuna għat-trasport ferrovjarju, bit-triq u bil-kanali tal-ilma interni, l-Artikolu 93 tat-Trattat jiddikjara li l-għajnuna li tindirizza l-bżonnijiet ta' koordinazzjoni tat-trasport jew li tirrappreżenta rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti għall-kunċett ta' servizz pubbliku, għandha tkun kumpatibbli mat-Trattati. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Fil-qasam tal-broadband, reċentement il-Kummissjoni kisbet esperjenza wiesgħa u fasslet linji gwida. Mill-esperjenza tal-Kummissjoni, għajnuna għal ċerti tipi tal-infrastruttura tal-broadband ma tikkawża l-ebda distorsjoni sinifikanti u tista' tibbenefika minn eżenzjoni ta' kategorija, sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet tal-kumpatibilità. Dan huwa l-każ għall-għajnuna li tkopri l-aċċess għall-broadband bażiku f'reġjuni fejn ma hemm l-ebda infrastruttura tal-broadband u fejn x'aktarx ma hi se tiġi żviluppata l-ebda tali infrastruttura fil-futur qarib (żoni "bojod") u kif ukoll għajnuna għal miżuri żgħar ta' għajnuna individwali li jkopru veloċità għolja ħafna ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss ("NGA") b'"netwerks f'żoni fejn ma hemmx infrastruttura NGA u fejn it-tali infrastruttura x'aktarx li ma tiġix żviluppati fil-futur qarib. Dan huwa minnu wkoll għall-għajnuna għax-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili relatata mal-broadband u għall-infrastruttura tal-broadband passiva, fejn il-Kummissjoni kisbet esperjenza prattika sostanzjali u fejn jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kumpatibbiltà. | (12) Fil-qasam tal-broadband, reċentement il-Kummissjoni kisbet esperjenza wiesgħa u fasslet linji gwida. Mill-esperjenza tal-Kummissjoni, għajnuna għal ċerti tipi tal-infrastruttura tal-broadband ma tikkawża l-ebda distorsjoni sinifikanti u tista' tibbenefika minn eżenzjoni ta' kategorija, sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet tal-kumpatibilità. Dan huwa l-każ għall-għajnuna li tkopri l-aċċess għall-broadband bażiku f'reġjuni fejn ma hemm l-ebda infrastruttura tal-broadband u fejn x'aktarx ma hi se tiġi żviluppata l-ebda tali infrastruttura fil-futur qarib (żoni "bojod") u kif ukoll għajnuna għal miżuri żgħar ta' għajnuna individwali li jkopru veloċità għolja ħafna ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss ("NGA") b'"netwerks f'żoni fejn ma hemmx infrastruttura NGA u fejn it-tali infrastruttura x'aktarx li ma tiġix żviluppati fil-futur qarib. Dan huwa minnu wkoll għall-għajnuna għax-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili relatata mal-broadband u għall-infrastruttura tal-broadband passiva, fejn il-Kummissjoni kisbet esperjenza prattika sostanzjali u fejn jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kumpatibbiltà. ***Eżenzjoni sħiħa għal ħidmiet tal-inġenerija ċivili u tal-infrastruttura broadband għandha tappoġġa investimenti speċjalment f'żoni rurali u reġjuni remoti. Waħda mill-kundizzjonijiet għal eżenzjoni sħiħa għandha tkun il-garanzija ta' aċċess għas-suq ħieles fir-rigward tat-tħaddim tal-infrastruttura.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 994/98 għandu jiġi estiż biex jinkludi tali kategoriji ta' għajnuna. | (13) Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 994/98 għandu jiġi estiż biex jinkludi l-miżuri ta' għajnuna li ġew identifikati permezz tal-preżenti. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (14) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jirrikjedi li l-limiti għal kull kategorija ta' għajnuna, li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni tadotta regolament dwar eżenzjoni ta' kategorija jiġu espressi jew f'termini ta' intensitajiet ta' għajnuna fir-rigward ta' sett ta' spejjeż eliġibbli jew f'termini ta' ammonti massimi ta' għajnuna. Din il-kundizzjoni tagħmilha diffiċli biex jiġu applikati eżenzjonijiet ta' kategoriji għal ċerti tipi ta'miżuri li jinvolvu l-appoġġ mill-Istat li, minħabba l-mod speċifiku li bih huma mfassla, ma jistgħux ikunu espressi f'termini tal-intensitajiet tal-għajnuna jew ammonti massimi, pereżempju strumenti ta' inġinerija finanzjarja jew ċerti forom ta' miżuri li huma mmirati li jippromwovu l-investimenti ta' kapital ta' riskju. Dan partikolarment minħabba li miżuri kumplessi bħal dawn jistgħu jinvolvu għajnuna f'livelli differenti (benefiċjarji differenti, benefiċjarji intermedjarji, benefiċjarji indiretti). Meta titqies l-importanza li dejjem qed tikber ta' dawn il-miżuri u l-kontribut tagħhom lill-għanijiet tal-Unjoni, għandu jkun hemm aktar flessibilità biex ikun possibbli li jiġu eżentati tali miżuri. Għandu għalhekk ikun possibbli li jiġu definiti l-limiti f'termini ta' livell massimu ta' appoġġ mill-Istat, sew jekk jikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat u sew jekk le. | (14) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jirrikjedi li l-limiti għal kull kategorija ta' għajnuna, li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni tadotta regolament dwar eżenzjoni ta' kategorija jiġu espressi jew f'termini ta' intensitajiet ta' għajnuna fir-rigward ta' sett ta' spejjeż eliġibbli jew f'termini ta' ammonti massimi ta' għajnuna. Din il-kundizzjoni tagħmilha diffiċli biex jiġu applikati eżenzjonijiet ta' kategoriji għal ċerti tipi ta'miżuri li jinvolvu l-appoġġ mill-Istat li, minħabba l-mod speċifiku li bih huma mfassla, ma jistgħux ikunu espressi f'termini tal-intensitajiet tal-għajnuna jew ammonti massimi, pereżempju strumenti ta' inġinerija finanzjarja jew ċerti forom ta' miżuri li huma mmirati li jippromwovu l-investimenti ta' kapital ta' riskju. Dan partikolarment minħabba li miżuri kumplessi bħal dawn jistgħu jinvolvu għajnuna f'livelli differenti (benefiċjarji differenti, benefiċjarji intermedjarji, benefiċjarji indiretti). Meta titqies l-importanza li dejjem qed tikber ta' dawn il-miżuri u l-kontribut tagħhom lill-għanijiet tal-Unjoni, għandu jkun hemm aktar flessibilità biex ikun possibbli li jiġu eżentati tali miżuri. Għandu għalhekk ikun possibbli li jiġu definiti l-limiti f'termini ta' livell massimu ta' appoġġ mill-Istat. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(15a) Sabiex jiġi żgurat ambjent b'kundizzjonijiet ekwi f'konformità mal-prinċipji tas-suq intern, l-iskemi nazzjonali għall-għoti tal-għajnuna għandhom jiggarantixxu aċċess miftuħ u ekwu għall-appoġġ ta' għajnuna mill-Istat għal kull attur rilevanti tas-suq, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' skemi u sistemi ta' għajnuna aktar milli għajnuna individwali.*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(15b)* ***Ambjent b'kundizzjonijiet ekwi jirrikjedi wkoll l-applikazzjoni bis-sħiħ u trasparenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Għalhekk, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrispettaw ir-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku meta jkunu qegħdin ifasslu skemi ta' għajnuna mill-Istat jew jagħtu appoġġ ta' għajnuna mill-Istat li għandu jiġi eżentat abbażi ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(15c)* ***Il-bażi legali għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 109 tat-TFUE, jipprevedi biss konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, u mhux il-proċedura leġiżlattiva ordinarja f'konformità ma' oqsma oħra tal-integrazzjoni tas-suq u r-regolamentazzjoni ekonomika wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Dan id-defiċit demokratiku ma jistax jiġi ttolerat fir-rigward ta' proposti li jikkonċernaw il-mezzi użati mill-Kummissjoni biex tissorvelja d-deċiżjonijiet u l-atti tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali eletti. Dan id-defiċit għandu jiġi korrett fi kwalunkwe bidla futura tat-Trattat. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2012 bl-isem "Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda u ġenwina" tipprevedi bidla fit-Trattat sal-2014. Proposta bħal din għandha tinkludi proposta speċifika li temenda l-Artikolu 109 tat-TFUE sabiex jiġu adottati r-regolamenti msemmija f'dak l-Artikolu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) riċerka, żvilupp u innovazzjoni; | (ii) ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni***, b'mod partikolari jekk ikunu konformi mal-inizjattivi ewlenin UE 2020 u l-objettivi tal-politika Orizzont 2020***; |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) ħarsien tal-ambjent; | (iii) ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni***, b'mod partikolari jekk ikunu konformi mal-inizjattivi ewlenin UE 2020 u l-objettivi tal-politika ambjentali tal-Unjoni***; |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt v a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(va) il-promozzjoni tat-turiżmu, jekk tkun konformi mal-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar it-turiżmu;*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt x

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (x) l-isport tad-dilettanti; | (x) l-isport tad-dilettanti ***u tal-iżvilupp taż-żgħażagħ fl-isport***; |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt xi

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(xi) residenti ta' reġjuni mbiegħda għat-trasport, meta din l-għajnuna jkollha karattru soċjali; u tingħata mingħajr diskriminazzjoni relata mal-identità ta' min iġorr;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt xii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(xii) il-koordinazzjoni tat-trasport jew ir-rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku skont l-Artikolu 93 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 3 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jiġu implimentati s-sistemi tal-għajnuna jew l-għajnuna individwali li ma tingħatax fil-qafas ta' sistema, li tkun ġiet eżentata skont regolamenti bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, bil-għan li jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, sommarji tal-informazzjoni dwar tali sistemi ta' għajnuna jew tali għajnuna individwali li mhix koperta mis-sistemi ta' għajnuna eżentati. | 2. Meta jiġu implimentati s-sistemi tal-għajnuna jew l-għajnuna individwali li ma tingħatax fil-qafas ta' sistema, li tkun ġiet eżentata skont regolamenti bħal dawn, l-Istati Membri ***għandhom iqisu r-rispett lejn ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku, l-istrateġija Ewropa 2020 u l-politiki u l-objettivi ambjentali tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom*** jibagħtu lill-Kummissjoni, bil-għan li jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjon', sommarji tal-informazzjoni dwar it-tali sistemi tal-għajnuna jew it-tali għajnuna individwali li mhix koperta mis-sistemi ta' għajnuna eżenti. |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 3 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(2a) L-Artikolu 3(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | **"4. Minn tal-anqas darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom iressqu rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet ta' kategorija, skont ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Kummissjoni, preferibbilment fi format kkompjuterizzat. Il-Kummissjoni għandha tagħti aċċess għal dawk ir-rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri kollha. Il-Kumitat Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 7 għandu jeżamina u jevalwa dawk ir-rapporti darba kull sena."** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1b (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 994/98

Artikolu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(2b) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:*****Artikolu 5** |
| | **Rapport ta' evalwazzjoni** |
| | ***Kull sentejn il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jipprevedi valutazzjoni wiesgħa tal-ispiża meta mqabbel mal-benefiċċju, tal-eżenzjonijiet ġenerali mogħtija skont dan ir-Regolament kif ukoll valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tiegħu għall-inizjattivi ġenerali ewlenin tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 u l-għanijiet politiċi ta' Orizzont 2020. Il-Kummissjoni għandha tressaq abbozz ta' rapport għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 7. Kull sena l-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament għal eżenzjoni ġenerali, adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, inkluż ħarsa ġenerali lejn il-livelli u t-tip ta' għajnuna mill-Istat mhux kompatibbli mill-Istati Membri skont ir-regolamenti ta' eżenzjoni ġenerali"*** |

**It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2**

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007

Artikolu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Artikolu 2*** | ***Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 huwa emendat kif ġej:*** |
| ***imħassar*** | |
| ***L-Artikolu 9 għandu jitħassar, b'effett minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' regolament tal-Kummissjoni li jikkonċerna l-kategorija ta' għajnuna mill-Istat msemmija fl-Artikolu 1 (a) xi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98.*** | |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

P7_TA(2013)0303

## Elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 li taħtar l-Ombudsman Ewropew**

(2016/C 075/37)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 24 u l-Artikolu 228 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tiegħu tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-kompiti tal-Ombudsman ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 204 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra s-sejħa għan-nominazzjonijiet ([2]),

— wara li kkunsidra l-vot tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013,

1. Jaħtar lil Emily O'REILLY biex isservi bħala Ombudsman Ewropew mill-1 ta' Ottubru 2013 sat-tmiem tal-leġislatura;

2. Jitlob lil Emily O'REILLY biex tieħu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex id-deċiżjoni annessa tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja.

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**tat-3 ta' Lulju 2013**

**li taħtar l-Ombudsman Ewropew**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2013/377/UE, Euratom.)*

([1]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
([2]) ĠU C 96, 4.4.2013, p. 24.

P7_TA(2013)0305

## Vetturi bir-roti (Emenda tad-Deċiżjoni 97/836/KE ("Ftehim Rivedut tal-1958")) ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 97/836/KE bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li tikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati ma' u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet reċiproċi tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (05978/2013 – C7-0069/2013 – 2012/0099(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2016/C 075/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05978/2013),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0069/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0192/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

P7_TA(2013)0306

## Emenda tad-Deċiżjoni 2000/125/KE ("Ftehim Parallel") ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (05975/2013 – C7-0071/2013 – 2012/0098(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2016/C 075/39)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05975/2013),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0071/2013),

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0194/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0307

## Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2013/000 TA 2013 – assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (EGF/2013/000 TA 2013 – Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) (COM(2013)0291 – C7-0126/2013 – 2013/2087(BUD))**

(2016/C 075/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0291 – C7-0126/2013),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda [1] (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [2] (ir-Regolament tal-FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 28 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar Patt għat-Tkabbir u Impjiegi tat-28-29 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7-8 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0243/2013),

A. billi l-Unjoni Ewropea bil-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji, aggravati mill-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali, u biex tiġi megħjuna l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol;

B. billi l-Kummissjoni timplimenta l-FEG skont ir-regoli ġenerali stabbiliti mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali [3] u r-regoli implimentattivi applikabbli għal din il-forma ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni;

---

(1) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
(2) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
(3) ĠU L 298, 26.10. 2012, p. 1.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun adegwata u disponibbli kemm jista' jkun malajr u b'mod effiċjenti, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata matul il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG;

D. billi sa 0,35 % tal-ammont annwali tal-FEG jista' jkun disponibbli kull sena għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sabiex ikunu ffinanzjati l-monitoraġġ, l-informazzjoni, l-appoġġ amministrattiv u tekniku kif ukoll l-attivitajiet ta' awditjar, kontroll u evalwazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-FEG, kif stipulat fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, inkluż l-għoti ta' informazzjoni u l-gwida għall-Istati Membri dwar l-użu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FEG u l-għoti ta' tagħrif lis-sħab soċjali nazzjonali u Ewropej dwar l-użu tal-FEG (Artikolu 8(4) tar-Regolament tal-FEG);

E. billi, skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni obbligata toħloq sit tal-internet, disponibbli bil-lingwi tal-Unjoni kollha, biex tipprovdi u xxerred informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet u b'enfażi fuq ir-rwol tal-awtorità baġitarja;

F. billi, abbażi ta' dawn l-artikoli, il-Kummissjoni talbet li l-FEG jiġi mobilizzat sabiex ikopri n-nefqiet marbuta mal-għajnuna teknika sabiex jiġu monitorjati l-applikazzjonijiet milqugħa u mħallsa kif ukoll il-miżuri proposti u implimentati, jiġi estiż is-sit web, jiġu prodotti pubblikazzjonijiet u strumenti awdjoviżivi, tinħoloq bażi tal-għarfien, jiġi provdut appoġġ amministrattiv u tekniku lill-Istati Membri, u jitwettaq ix-xogħol preparatorju għall-evalwazzjoni finali tal-FEG (2007-2013);

G. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG;

1. Jaqbel mal-miżuri proposti mill-Kummissjoni li għandhom jiġu ffinanzjati bħala għajnuna teknika skont l-Artikoli 8 (1) u 4 kif ukoll skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-FEG;

2. Jiddispjaċih ħafna, li r-riżultati tal-valutazzjoni ex-post finali tal-FEG se jaslu wisq tard sabiex jikkontribwixxu fid-diskussjoni dwar ir-regolament il-ġdid dwar l-FEG għall-2014-2020, speċjalment rigward l-effettività tal-użu tal-kriterju tad-deroga marbuta mal-kriżi, billi l-każijiet FEG konċernati ma ġewx analizzati fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-FEG ta' nofs it-terminu;

3. Jinnota li l-Kummissjoni diġà bdiet taħdem fl-2011 fuq il-formola ta' applikazzjoni elettronika u fuq il-proċeduri standardizzati għal applikazzjonijiet simplifikati, proċessar aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet u rappurtar aħjar; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta l-progress li sar wara l-użu tal-għajnuna teknika fl-2011 u fl-2012;

4. Ifakkar fl-importanza tan-networking u tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-FEG; jappoġġa, għalhekk, il-finanzjament tal-Grupp ta' Esperti ta' Persuni ta' Kuntatt tal-FEG kif ukoll ta' attivitajiet ta' networking oħra fost l-Istati Membri inkluż is-seminar ta' din is-sena għall-prattikanti dwar l-implimentazzjoni tal-FEG; jenfasizza l-bżonn li tissaħħaħ aktar ir-rabta bejn dawk kollha involuti fl-applikazzjonijiet tal-FEG, inklużi primarjament is-sħab soċjali, biex jinħolqu kemm jista' jkun sinerġiji;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tistieden lill-Parlament għas-seminars u l-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti ta' Persuni ta' Kuntatt organizzati permezz ta' assistenza teknika, billi jintużaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([1]);

6. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-possibilitajiet ta' skambju tal-aħjar prattiki u jitgħallmu b'mod partikolari minn dawk l-Istati Membri li diġà stabbilixxew netwerks nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-FEG bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati fil-livell lokali bil-għan li jkollhom struttura tajba għall-għajnuna fis-seħħ f'każ li tinqala' sitwazzjoni li taqa' fl-ambitu tal-FEG;

7. Jitlob lill-Kummissjoni tistieden lis-sħab soċjali għas-seminars għall-prattikanti li jiġu organizzati permezz ta' assistenza teknika;

([1]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

8. Jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet kollha involuti jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jgħaġġlu l-mobilizzazzjoni tal-FEG; jinnota, f'dan is-sens, il-proċedura mtejba stabbilita mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bil-għan li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni tal-FEG tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja flimkien mal-proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG; jistenna li jsir aktar titjib fil-proċedura fil-qafas tar-rieżami li ġej tal-FEG u li jinkisbu aktar effiċjenza, trasparenza, responsabilità u viżibilità tal-FEG;

9. Jinsab imħasseb rigward l-impatt negattiv possibbli li t-tnaqqis fil-livell tal-persunal jista' jkollu fuq l-evalwazzjoni rapida, regolari u effettiva tal-applikazzjonijiet li jidħlu u l-implimentazzjoni tal-assistenza teknika tal-FEG; jikkunsidra li kull reviżjoni tal-persunal għat-terminu qasir jew twil għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt minn qabel u għandha tqis għalkollox, fost affarijiet oħra, l-obbligi legali tal-Unjoni kif ukoll il-kompetenzi l-ġodda u ż-żieda fil-kompiti tal-istituzzjonijiet li joħorġu mit-Trattati;

10. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni mhi qed tbassar ebda attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni partikolari għall-2013 ġaladarba xi Stati Membri, inklużi utenti tal-FEG, qed jiddubitaw dwar l-utilità u l-vantaġġi tal-FEG;

11. Jieħu nota tal-fatt li, wara talbiet ripetuti mill-Parlament, il-baġit tal-2013 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 miljun fuq il-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u li għalhekk jistħoqqlu allokazzjoni speċifika għalih, li kieku tevita dewmien bla bżonn, minħabba l-fatt li, issa, il-finanzjament tiegħu qed isir permezz ta' trasferimenti minn linji baġitarji oħra, fatt li jista' jkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi soċjali, ekonomiċi u tal-politika tal-FEG;

12. Jittama li l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-qasam tal-assistenza teknika ser jgħinu biex iżidu l-valur miżjud tal-FEG u ser iwasslu għal aktar appoġġ u riintegrazzjoni mmirati u għat-terminu twil għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

13. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi soċjali, finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali fid-dinja, u li tippermetti żieda fir-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011; jitlob lill-Kunsill jerġa jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien, speċjalment fil-kuntest ta' sitwazzjoni soċjali li qed tiddeterjora malajr f'bosta Stati Membri, wara l-espansjoni u l-aggravar tar-riċessjoni;

14. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**ANNESS**

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (EGF/2013/000 TA 2013 – Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2013/420/UE.)*

---

P7_TA(2013)0308

# Investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ***II

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (17427/1/2012 – C7-0051/2013–2006/0084(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)**

(2016/C 075/41)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (17427/1/2012 –C7-0051/2013),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tat-12 ta' Lulju 2011 ([1])

— wara li kkunsdira l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0244),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni emendata (COM(2011)0135),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regola 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0225/2013),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jinnota li l-att ġie adottat skont il-pożizzjoni tal-Kunsill;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att, wara li jkun ġie verifikat li l-proċeduri kollha jkunu saru kif dovut, u, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jippubblikah f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali.

---

## ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

### Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

"Kull darba li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaħtru membri ġodda tal-Kumitat ta' Sorveljanza l-ġdid, huma għandhom jaħtru wkoll dawk il-membri biex jibdew il-kariga tagħhom fis-sostituzzjoni parzjali li jmiss."

---

([1]) ĠU C 254, 30.8.2011, p. 1.
([2]) ĠU C 16 E, 22.1.2010, p. 201.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kummissjoni tikkonferma li l-Uffiċċju ddikjara li se jaġixxi dejjem f'konformità mal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, u jirrispetta bis-sħiħ il-libertà u l-indipendenza tal-Membri kif previst fl-Artikolu 2 tal-Istatut."

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li żżomm il-poteri attwali tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi li permezz tagħhom jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti dettaljati għar-reklutaġġ fl-Uffiċċju, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-tul tal-kuntratti u t-tiġdid tagħhom."

---

P7_TA(2013)0309

## Ligijiet, regolamenti u dispozizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-imprizi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-3 ta' Lulju 2013 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet depożitarji, il-politiki ta' remunerazzjoni u s-sanzjonijiet (COM(2012)0350 – C7-0178/2012 – 2012/0168(COD))** (1)

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/42)

**[Emenda Nru 1 sakemm mhux indikat mod ieħor]**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

---

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2009/65/KEdwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet tad-depożitarji, il-politiki tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

---

(1) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0125/2013).

(*) Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

▌

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tiġi emendata sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-suq u l-esperjenzi tal-parteċipanti tas-suq u s-superviżuri sa issa, partikolarment biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali rigward id-dmirijiet u r-responsabilità tad-depożitarji, il-politika tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet.

(2) Sabiex jiġi indirizzat l-effett potenzjalment detrimentali ta' strutturi ta' remunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġjar sod tar-riskji u l-kontroll tat-teħid ta' riskji minn individwi, għandu jkun hemm obbligu ċar fuq il-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-impriżi għall-investiment kollettiv fit-titoli trasferibbli (UCITS) li jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profili tar-riskju tal-UCITS li jimmaniġġjaw, politiki ta' remunerazzjoni u prattiki li huma konsistenti ma' mmaniġġjar sod u effettiv tar-riskju. Dawk il-kategoriji tal-persunal għandhom jinkludu ***kull impjegat jew kwalunkwe membru ieħor tal-istaff fil-livell tal-fond jew sub-fond li jieħdu d-deċiżjonijiet, lill-maniġers tal-fondi u lill-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet reali ta' investiment, persuni li għandhom is-setgħa jeżerċitaw influwenza fuq dawn l-impjegati jew membri tal-istaff, inklużi konsulenti dwar il-politika ta' investiment u analisti, il-maniġment*** superjuri u kwalunkwe impjegat li jirċievi remunerazzjoni totali li tqiegħdu fl-istess segment ta' remunerazzjoni bħal tal-maniġment superjuri u dawk li jieħdu r-riskji. Dawk ir-regoli għandhom japplikaw ukoll għall-kumpaniji tal-investiment fl-UCITS li ma jaħtrux kumpanija tal-immaniġġjar.

(3) Il-prinċipji li jirregolaw il-politiki ta' remunerazzjoni għandhom jirrikonoxxu li l-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-UCITS ikunu jistgħu japplikaw dawk il-politiki b'modi differenti skont id-daqs tagħhom u skont id-daqs tal-UCITS li jimmaniġġjaw, l-organizzazzjoni interna u n-natura tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. ***Madankollu, il-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-UCITS għandhom, f'kull każ, jiżguraw li huma japplikaw dawk il-prinċipji kollha b'mod simultanju.***

(4) Il-prinċipji dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom ikunu konsistenti ma' u kkumplimentati mill-prinċipji stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/384/KE tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' remunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji ([3]), ***u mill-ħidma tal-Bord dwar l-Istabbiltà Finanzjarja u l-impenji tal-G20 biex jittaffa r-riskju fis-settur tas-servizzi finanzjarji***.

***(4a) Ir-remunerazzjoni varjabbli garantita għandha tkun eċċezzjoni minħabba li mhijiex konsistenti mal-immaniġġjar sod tar-riskju jew mal-prinċipju tal-ħlas għall-prestazzjoni u m'għandhiex tkun parti minn pjanijiet prospettivi ta' remunerazzjoni.***

***(4b) Ir-remunerazzjoni mħallsa mill-fond lill-kumpaniji tal-immaniġġjar għandha, bħar-remunerazzjoni mħallsa mill-kumpaniji tal-immaniġġjar lill-istaff tagħhom, tkun konsistenti mal-immaniġġjar sod u effettiv tar-riskju u mal-interessi tal-investituri.***

***(4c) Minbarra r-remunerazzjoni bi prorata, għandu jkun possibbli li l-ispejjeż marbuta direttament maż-żamma u s-salvagwardja tal-investimenti, bħal dawk għall-azzjoni legali, il-protezzjoni jew l-infurzar tad-drittijiet tat-titolari ta' unitajiet jew għall-irkupru tal-assi mitlufa jew għall-kumpens tagħhom, jitħallsu mill-fond mill-kumpanija tal-immaniġġjar. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna tivvaluta liema huma l-ispejjeż u l-infiq komuni relatati mal-prodotti fl-Istati Membri għall-prodotti ta' investiment għall-konsumatur. Il-Kummissjoni għandha twettaq eżerċizzju ta' konsultazzjoni u valutazzjoni tal-impatt, u għandha tressaq proposta leġislattiva f'każ li jkun hemm bżonn ta' armonizzazzjoni ulterjuri.***

([1]) ĠU C 96, 4.4.2013, p. 18.
([2]) *ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.*
([3]) *ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22.*

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(5) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja fil-valutazzjoni tal-politiki u prassi ta' remunerazzjoni, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), għandha tiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki ta' remunerazzjoni sodi fis-settur tal-immaniġġjar tal-assi. L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tgħin lill-AETS fit-tħejjija ta' dawn il-linji gwida. Dawk i***l-linji gwida għandhom, b'mod partikolari, jipprovdu struzzjonijiet ulterjuri dwar newtralizzazzjoni parzjali tal-prinċipji ta' remunerazzjoni rikonċiljabbli mal-profil tar-riskju, l-aptit ta' riskju u l-istrateġija tal-kumpanija u l-UCITS li timmaniġġja. Il-linji gwida tal-AETS dwar il-politiki ta' remunerazzjoni għandhom, fejn ikun xieraq, ikunu kemm jista' jkun allinjati ma' dawk tal-fondi regolati skont d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi*** ([3])***. Barra minn hekk, l-AETS għandha tissupervizza l-infurzar xieraq ta' dawk il-linji gwida mill-awtoritajiet competenti. In-nuqqasijiet għandhom jiġu indirizzati b'ħeffa permezz ta' azzjoni superviżorja sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet indaqs fis-suq intern kollu.***

(6) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mit-Trattati, għall-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-kuntratti u tax-xogħol nazzjonali, il-leġiżlazzjoni applikabbli rigward tad-drittijiet tal-azzjonisti u l-involviment u r-responsabbiltajiet ġenerali tal-korpi amministrattivi u superviżorji tal-istituzzjoni konċernata, kif ukoll id-dritt, fejn applikabbli, tas-sħab soċjali li jikkonkludu u jinfurzaw il-ftehimiet kollettivi, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali u l-użanza.

(7) Sabiex jiżguraw il-livell meħtieġ ta' armonizzazzjoni tar-rekwiżiti regolatorji rilevanti fl-Istati Membri differenti, għandhom jiġu adottati regoli addizzjonali li jiddefinixxu l-kompiti u d-dmirijiet tad-depożitarji, jidentifikaw l-entitajiet ġuridiċi li jistgħu jinħatru bħala depożitarji u jiċċaraw ir-responsabbiltà tad-depożitarji f'każijiet meta jintilfu assi UCITS fil-kustodja jew f'każ ta' twettiq ħażin tad-dmirijiet ta' sorveljanza mid-depożitarji. Twettiq ħażin bħal dan jista' jirriżulta fit-telf ta' assi imma wkoll f'telf tal-valur tal-assi, jekk, pereżempju, depożitarju jkun ittollera investimenti li ma kinux konformi mar-regoli tal-fond, filwaqt li jesponew lill-investitur għal riskji mhux mistennija jew antiċipati. Regoli addizzjonali għandhom ukoll jiċċaraw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu ddelegati funzjonijiet ta' depożitarju.

(8) Jeħtieġ li jiġi ċċarat li UCITS għandha taħtar depożitarju wieħed li jkollu sorveljanza ġenerali fuq l-assi tal-UCITS. Ir-rekwiżit li jkun hemm depożitarju wieħed biss għandu jiżgura li d-depożitarju jkollu perspettiva fuq l-assi kollha tal-UCITS u li kemm il-maniġers kif ukoll l-investituri tal-fond ikollhom punt wieħed biss ta' referenza f'każ li jinqalgħu problemi fir-rigward tas-salvagwardja tal-assi jew tat-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza. Is-salvagwardja tal-assi tinkludi li l-assi jinżammu f'kustodja jew, fejn l-assi jkun ta' natura tali li ma jistgħux jinżammu f'kustodja, il-verifika tas-sjieda ta' dawk l-assi kif ukoll iż-żamma tar-rekords għal dawk l-assi.

(9) Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, depożitarju għandu jaġixxi b'mod onest, ġust, professjonali, b'mod indipendenti u fl-interess tal-UCITS jew tal-investituri tal-UCITS.

(10) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat għat-twettiq tad-dmirijiet tad-depożitarji fl-Istati Membri kollha irrispettivament mill-forma ġuridika li tieħu l-UCITS, hemm bżonn li tiġi introdotta lista uniformi tad-dmirijiet ta' sorveljanza li jorbtu kemm UCITS f'forma korporattiva (kumpanija ta' investiment) kif ukoll l-UCITS f'forma kuntrattwali.

(11) Id-depożitarju għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ xieraq tal-flussi tal-flus tal-UCITS, u, b'mod partikolari, għall-iżgurar li l-flus tal-investituri u tal-flus li jappartjenu lill-UCITS jiġu rreġistrati korrettament fil-kontijiet miftuħa f'isem l-UCITS, jew f'isem il-kumpanija tal-immaniġġjar li taġixxi f'isem l-UCITS, jew f'isem id-depożitarju li jaġixxi f'isem l-UCITS. Għalhekk għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet dettaljati fuq il-monitoraġġ tal-flus sabiex jiġu żgurati livelli ta' protezzjoni tal-investitur effettivi u konsistenti. Meta d-depożitarju jiżgura li l-flus tal-investitur jiġu

([1]) *ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.*
([2]) *ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.*
([3]) ***ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.***

rreġistrati fil-kontijiet tal-flus, għandu jqis il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva ([1]).

(12) Sabiex jiġu impediti trasferimenti dolużi ta' flus, għandu jkun meħtieġ li ma jinfetaħ l-ebda kont ta' flus assoċjat mat-tranżazzjonijiet tal-fondi mingħajr l-għarfien tad-depożitarju.

(13) Kwalunkwe strument finanzjarju miżmum f'kustodja għal UCITS għandu jkun distingwibbli mill-assi tad-depożitarju stess, u għandu jkun il-ħin kollu identifikat bħala li jappartjeni għal dik l-UCITS; dan ir-rekwiżit għandu jipprovdi saff addizzjonali ta' protezzjoni għall-investituri f'każ ta' inadempjenza tad-depożitarju.

(14) Barra mid-dmir eżistenti li l-assi li jappartjenu lil UCITS jinżammu sikuri, l-assi għandhom jiġu differenzjati bejn dawk li jistgħu jinżammu f'kustodja u dawk li ma jistgħux, fejn minflok japplika rekwiżit ta' żamma ta' rekords u verifika tas-sjieda. Il-grupp ta' assi li jistgħu jiġu miżmuma f'kustodja għandhom jiġu differenzjati b'mod ċar, billi d-dmir li jintraddu lura assi mitlufa għandu japplika biss għal dik il-kategorija speċifika ta' assi finanzjarji.

***(14a) L-istrumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja mid-depożitarju m'għandhomx jerġgħu jintużaw mid-depożitarju jew minn xi parti terza li tkun ġiet iddelegata l-funzjoni ta' kustodja lilha għall-kont tagħhom.***

(15) Jeħtieġ li jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet għad-delega tad-dmirijiet ta' kustodja tad-depożitarju lil parti terza. Delega u sottodelega għandhom ikunu oġġettivament ġustifikati u soġġetti għal rekwiżiti stretti fir-rigward tal-adegwatezza tal-parti terza fdata bil-funzjoni delegata, u fir-rigward tal-kapaċità, l-attenzjoni u d-diliġenza dovuti li d-depożitarju għandu juża meta jagħżel, jaħtar u janalizza dik il-parti terza. Għall-finijiet li jinkisbu kundizzjonijiet tas-suq uniformi u livell daqstant ieħor għoli ta' protezzjoni tal-investituri, dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu allinjati ma' dawk applikabbli skont id-Direttiva 2011/61/UE, r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([2]) u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-partijiet terzi ikollhom il-mezzi meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom u li jissegregaw l-assi tal-UCITS.

(16) Meta tiġi fdata l-kustodja ta' assi lill-operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli kif previst fid-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' saldu fis-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli ([3]) jew jiġi fdat il-forniment ta' servizzi simili lil sistemi ta' saldu tat-titoli ta' pajjiż terz, dan ma għandux jitqies bħala delega ta' funzjonijiet ta' kustodja.

(17) Parti terza li lilha tiġi delegata s-salvagwardja ta' assi għandha tkun kapaċi żżomm kont omnibus, bħala kont komuni segregat għal UCITS multipli.

(18) F'każijiet fejn il-kustodja tiġi ddelegata lil parti terza, ikun meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-parti terza tkun soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi dwar regolazzjoni u superviżjoni prudenzjali effettivi. Flimkien ma' dan, sabiex jiġi żgurat li l-istrumenti finanzjarji jkunu fil-pussess tal-parti terza li lilha tkun ġiet iddelegata l-kustodja, għandhom jitwettqu awditi esterni perjodiċi.

(19) Sabiex jiġu żgurati livelli għolja u konsistenti ta' protezzjoni tal-investituri, għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar il-kondotta u dwar l-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess u għandhom japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha, inkluż f'każijiet ta' delega ta' dmirijiet ta' kustodja. B'mod partikolari, dawn ir-regoli għandhom jiżguraw li jkun hemm separazzjoni ċara tal-kompiti u l-funzjonijiet bejn id-depożitarju, l-UCITS u l-kumpanija tal-immaniġġjar.

(20) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri u biex jiġi ggarantit livell xieraq ta' regolamentazzjoni prudenzjali u ta' kontroll b'mod kontinwu, jeħtieġ li tiġi stabbilita lista eżawrjenti ta' entitajiet li huma eliġibbli biex jaġixxu bħala depożitarji, b'mod li istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment biss ikunu permessi jaġixxu bħala depożitarji tal-UCITS. Sabiex entitajiet oħra li qabel setgħu kienu eliġibbli biex jaġixxu bħala depożitarji għal fondi tal-UCITS ikunu jistgħu jibdlu lilhom infushom f'entitajiet eliġibbli, għandhom jiġu previsti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal dawk l-entitajiet.

([1]) ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26.
([2]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(21) Jeħtieġ tiġi speċifikata u ċċarata r-responsabbiltà tad-depożitarju tal-UCITS f'każ ta' telf ta' strument finanzjarju li jkun qed jinżamm f'kustodja. Id-depożitarju għandu jkun responsabbli, meta strument finanzjarju miżmum f'kustodja jintilef, li jrodd lura strument finanzjarju ta' tip identiku jew ta' ammont korrispondenti lill-UCITS. Ma għandu jkun previst l-ebda ħelsien ulterjuri mir-responsabbiltà f'każ ta' telf ta' assi, ħlief meta d-depożitarju jkun jista' jipprova li t-telf seħħ minħabba 'avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli tiegħu, li l-konsegwenzi tiegħu kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra'. F'dan il-kuntest, depożitarju ma għandux ikun jista' jeħles lilu nnifsu mir-responsabbiltà billi jserraħ fuq sitwazzjonijiet interni bħal aġir frawdolenti minn xi impjegat.

(22) Meta depożitarju jiddelega kompiti ta' kustodja u l-istrumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja minn parti terza jintilfu, id-depożitarju għandu jinżamm responsabbli. Għandu wkoll jiġi stabbilit illi fil-każ ta' telf ta' strument miżmum f'kustodja, depożitarju huwa marbut irodd lura strument finanzjarju ta' tip identiku jew l-ammont korrispondenti, anke jekk it-telf seħħ għand sottokustodju. Id-depożitarju għandu jinħeles biss minn dik ir-responsabbiltà meta jkun jistà jipprova li t-telf irriżulta minn avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli tiegħu u b'konsegwenzi li kienu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra. F'dan il-kuntest, depożitarju ma għandux ikun jista' jeħles lilu nnifsu mir-responsabbiltà billi jserraħ fuq sitwazzjonijiet interni bħal aġir frawdolenti minn xi impjegat. Ma għandu jkun possibbli l-ebda ħelsien mir-responsabbiltà, kemm regolatorju kemm kuntrattwali fil-każ ta' telf ta' assi minn depożitarju jew sottokustodju tiegħu.

(23) Kull investitur f'fond UCITS għandu jkun jista' jinvoka pretensjonijiet relatati mar-responsabbiltà tad-depożitarju tiegħu, jew direttament jew indirettament, permezz tal-kumpanija tal-immaniġġjar. Ir-rimedju kontra d-depożitarju ma għandux jiddependi fuq il-forma legali li jkollu l-fond UCITS (korporattiva jew forma kuntrattwali) jew in-natura ġuridika tar-relazzjoni bejn id-depożitarju, il-kumpanija tal-immaniġġjar u t-titolari tal-unitajiet.

(24) Fit-12 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni pproponiet emendi għad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur ([1]). Huwa essenzjali li l-proposta tat-12 ta' Lulju 2010 tiġi kkumplimentata billi jiġu ċċarati l-obbligi u l-ambitu tar-responsabbiltà tad-depożitarju u tas-sottokustodji tal-UCITS bl-għan li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni lill-investituri tal-UCITS fejn depożitarju ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti f'din id-Direttiva.

***(24a) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva li jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-funzjonijiet u r-responabilitajiet tad-depożitarji, il-Kummissjoni għandha tanalizza f'liema sitwazzjonijiet in-nuqqas ta' depożitarji tal-UCITS jew ta' sottokustodju jista' jwassal għal telf lid-detenturi ta' unitajiet ta' UCITS, kemm jekk permezz tat-telf tal-valur nett tal-assi tal-unitajiet tagħhom jew minħabba raġunijiet oħra, li ma jistgħux jiġu rkuprati skont dawn id-dispożizzjonijiet u li, għalhekk, jistgħu jeħtieġu estensjoni tal-iskemi ta' kumpens tal-investituri sabiex ikopru assikurazzjoni jew xi tip ta' kumpens li tkopri l-kustodju kontra n-nuqqas ta' sottokustodju. L-analiżi għandha tinvestiga wkoll kif jista' jiġi żgurat li, f'dawn is-sitwazzjonijiet, il-protezzjoni tal-investituri jew it-trasparenza tkun ekwivalenti, tkun xi tkun il-katina ta' intermedjazzjoni bejn l-investitur u t-titoli trasferibbli milquta min-nuqqas. Din l-analiżi għandha tkun ippreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposti leġiżlattivi jekk ikun meħtieġ.***

(25) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-istess rekwiżiti japplikaw għad-depożitarji irrispettivament mill-forma ġuridika li jkollu l-UCITS. Konsistenza tar-rekwiżiti għandha ttejjeb iċ-ċertezza ġuridika, iżżid il-protezzjoni tal-investitur u tikkontribwixxi biex jinħolqu kundizzjonijiet tas-suq uniformi. Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda notifika li d-deroga mill-obbligu ġenerali li l-assi jiġu fdati għand depożitarju intużat minn xi kumpanija tal-investiment. Għalhekk, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/65/KE li jirrigwardaw id-depożitarju ta' kumpanija ta' investiment għandhom jitqiesu superfluwi.

(26) F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 dwar ir-rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur finanzjarju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħa jimponu sanzjonijiet pekunarji li jkunu għoljin biżżejjed biex ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonali, ħalli jpaċu l-benefiċċji mistennija minn imġiba li tikser ir-rekwiżiti.

(27) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha, meta jiddeterminaw it-tip ta' sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi u l-livell ta' sanzjonijiet pekunarji amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

---

([1]) ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(28) Sabiex jissaħħaħ l-effett disswaživ fuq il-pubbliku inġenerali, kif ukoll biex il-pubbliku jiġi informat dwar ksur ta' regoli li jista' jkun ta' ħsara għall-protezzjoni tal-investituri, is-sanzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati, ħlief f'ċerti ċirkostanzi definiti sew. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, f'każijiet fejn il-pubblikazzjoni toħloq ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, is-sanzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati fuq bażi anonima.

(29) Sabiex jidentifikaw ksur possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat investigattivi meħtieġa, u għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jiġi mħeġġeġ ir-rappurtar ta' ksur possibbli jew ta' ksur reali.

(30) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni fil-liġijiet tal-Istati Membri li huma relatati ma' reati kriminali u sanzjonijiet.

(31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(32) Sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet ta' din id-Direttiva jintlaħqu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Partikolarment, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati biex tispeċifika d-dettalji li jeħtieġ jiġu inklużi fil-ftehim standard bejn id-depożitarju u l-kumpanija tal-immaniġġjar jew il-kumpanija tal-investiment, il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-funzjonijiet depożitarji, inkluż it-tip ta' strumenti finanzjarji li għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tad-dmirijiet ta' kustodja tad-depożitarju, il-kundizzjonijiet li skonthom depożitarju jista' jeżerċita d-dmirijiet tiegħu ta' kustodja fuq l-istrumenti finanzjarji reġistrati ma' depożitarju ċentrali u l-kundizzjonijiet li skonthom id-depożitarju għandu jissalvagwardja l-istrumenti finanzjarji maħruġa f'forma nominattiva u rreġistrati ma' emittent jew reġistratur, id-dmirijiet ta' diliġenza dovuta tad-depożitarji, l-obbligu tas-segregazzjoni, il-kundizzjonijiet skont liema, u ċ-ċirkostanzi li fihom, strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja għandhom jiġu kkunsidrati mitlufa, dak li għandu jiġi mifhum b'avvenimenti esterni lil hinn mill-kontroll raġonevoli, li l-konsegwenzi tagħhom kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra. Il-***livell ta' protezzjoni tal-konsumatur mogħti minn dawk l-atti delegati għandu jkun tal-anqas għoli daqs dak ipprovdut minn atti delegati adottati skont id-Direttiva 2011/61/UE. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż f'livell ta' esperti.*** Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u b'mod xieraq ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(33) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta ▌ tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011 ([1]), l-Istati Membri ntrabtu li jehmżu, f'każijiet iġġustifikati, man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, dokument wieħed jew aktar li jispjega r-rabta bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis it-trażmissjoni ta' tali dokumenti bħala waħda ġustifikata.

(34) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li titjieb il-fiduċja tal-investituri f'UCITS, permezz tat-tisħiħ tar-rekwiżiti li jikkonċernaw id-dmirijiet u r-responsabbiltà tad-depożitarji, il-politiki dwar ir-remunerazzjoni tal-kumpaniji tal-immaniġġjar u l-kumpaniji ta' investiment, u bl-introduzzjoni ta' standards komuni għas-sanzjonijiet li japplikaw għal ksur ewlieni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri li jaġixxu indipendentement minn xulxin, u jistgħu għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn min dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

*(34a) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, ġie kkonsultat skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data.*

(35) Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/65/KE għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

---

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:

(1) Għandhom jiżdiedu l-Artikoli ▌li ġejjin:

"Artikolu 14a

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-kumpaniji tal-immaniġġjar jistabbilixxu u japplikaw politiki u prassi tar-remunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji u li jippromwovuhom, u ma jinkoraġġixxux teħid ta' riskji inkonsistenti mal-profili tar-riskju, ir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-UCITS li jimmaniġġjaw.

2. Il-politiki u l-prassi tar-remunerazzjoni għandhom ikopru ***l-komponenti fissi u varjabbli tas-salarji*** u l-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni.

3. Il-politiki u l-prassi tar-remunerazzjoni għandhom japplikaw għal dawk il-kategoriji tal-persunal, fosthom impjegati u ***membri oħrajn tal-istaff bħall-istaff temporanju jew kuntrattwali, iżda mhux limitat għal dawn, fil-livell tal-fond jew subfond, li huma:***

***(a) maniġers tal-fondi***

***(b) persuni oħrajn barra minn maniġers tal-fondi li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investiment li jaffettwaw il-pożizzjoni ta' riskju tal-fond***,

***(c) persuni oħrajn barra minn maniġers tal-fondi li għandhom is-setgħa jeżerċitaw influwenza fuq dan l-istaff, inklużi konsulenti u analisti dwar il-politika ta' investiment***;

***(d)*** il-maniġment superjuri, dawk li jieħdu r-riskji, ***u persunal f'funzjonijiet ta' kontroll; jew***

***(e) kwalunkwe membru ieħor tal-istaff bħall-istaff temporanju jew kuntrattwali, iżda mhux limitat għal dawn,*** li jirċievi remunerazzjoni totali li taqa' fil-faxx ta' remunerazzjoni tal-maniġment superjuri u dawk li jieħdu ***d-deċiżjonijiet*** u li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profili tar-riskju tal-kumpaniji tal-immaniġġjar jew tal-UCITS li jimmaniġġjaw.

4. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 ▌, l-AETS għandha toħroġ linji gwida li jikkonformaw mal-Artikolu 14b u indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-linji gwida għandhom iqisu l-prinċipji dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni stipulati fir-Rakkomandazzjoni ▌2009/384/KE, id-daqs tal-kumpaniji tal-immaniġġjar u d-daqs tal-UCITS li jimmaniġġjaw, l-organizzazzjoni interna u n-natura tagħhom, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Fil-proċess tal-iżvilupp tal-gwidi linja l-AETS għandha tikkoopera mill-qrib mal-▌ABE sabiex tiżgura konsistenza mar-rekwiżiti żviluppati għal setturi oħrajn tas-servizzi finanzjarji, partikolarment l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment.

Artikolu 14b

1. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki tar-remunerazzjoni msemmija fl-Artikolu 14a, il-kumpaniji tal-immaniġġjar għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod u sal-punt li jkun adattat għad-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom:

(a) il-politika ta' remunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġjar sod u effettiv tar-riskju u ma tinkoraġġixxix teħid ta' riskji li mhuwiex konsistenti mal-profili tar-riskju, mar-regoli jew mal-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-UCITS li jimmaniġġjaw;

(b) il-politika ta' remunerazzjoni għandha tkun konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-objettivi, mal-valuri u mal-interessi tal-kumpanija tal-immaniġġjar u tal-UCITS li timmaniġġja ***u*** tal-investituri ta' dawn l-UCITS, u tinkludi miżuri biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess;

(c) il-korp maniġerjali tal-kumpanija tal-immaniġġjar, fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jadotta u perjodikament jirrevedi l-prinċipji ġenerali tal-politika ta' remunerazzjoni u għandu jkun responsabbli ***u jissorvelja,*** l-implimentazzjoni tagħha***. Is-sistema ta' remunerazzjoni m'għandhiex tkun ikkontrollata primarjament mill-uffiċjal eżekuttiv ewlieni u mit-tim tal-immaniġġjar. Il-membri tal-korpi u l-impjegati rilevanti involuti fit-tfassil tal-politika ta' remunerazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha għandhom ikunu indipendenti u għandhom ikollhom kompetenza esperta fil-ġestjoni tar-riskju u fir-remunerazzjoni. Id-dettalji ta' dawn il-politiki ta' remunerazzjoni u l-bażi li fuqha jkunu ġew deċiżi għandhom jiġu inklużi fid-Dokument ta' Informazzjoni Essenzjali tal-Investitur, fosthom il-wiri ta' aderenza mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 14a***; **[Em. 2 – parti 1]**

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(d) l-implimentazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni tkun, tal-inqas kull sena, soġġetta għal rieżami intern ċentrali u indipendenti rigward il-konformità mal-politiki u l-proċeduri għar-remunerazzjoni adottati mill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

***(da) informazzjoni komprensiva u f'waqtha dwar il-prattiki ta' remunerazzjoni tingħata lill-partijiet interessati f'mezz durabbli jew permezz ta' websajt u għandha tintbagħat kopja mingħajr ħlas fuq talba;***

(e) persunal li huwa involut fil-funzjonijiet ta' kontroll għandu jiġi kumpensat skont il-kisba tal-għanijiet relatati mal-funzjonijiet tiegħu, b'mod indipendenti mill-prestazzjoni tal-oqsma tan-negozju li jikkontrolla;

(f) ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali superjuri b'funzjonijiet ta' mmaniġġjar u ta' konformità tar-riskju tiġi ssorveljata b'mod dirett mill-kumitat tar-remunerazzjoni;

(g) fejn ir-remunerazzjoni tkun marbuta mal-prestazzjoni, l-ammont totali ta' remunerazzjoni għandu jkun ibbażat fuq taħlita tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni ***aġġustata għar-riskju*** tal-individwu u tal-unità tan-negozju jew tal-UCITS ikkonċernata u tar-riżultati kumplessivi ***aġġustati għar-riskju*** tal-kumpanija tal-immaniġġjar, u meta tiġi vvalutata l-prestazzjoni individwali jitqiesu kemm kriterji finanzjarji kif ukoll kriterji mhux finanzjarji;

(h) il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi stabbilita f'qafas multiannwali xieraq għaċ-ċiklu tal-ħajja tal-UCITS immaniġġjat mill-kumpanija tal-immaniġġjar sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas reali tal-komponenti tar-remunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq perjodu li jqis il-politika ta' tifdija tal-UCITS li timmaniġġja ***, il-prestazzjoni fit-tul tal-UCITS*** kif ukoll ir-riskji tal-investiment tagħhom; **[Em. 2 – parti 2]**

(i) remunerazzjoni varjabbli ggarantita għandha tkun eċċezzjonali, sseħħ biss fil-kuntest ta' reklutaġġ ta' persunal ġdid u għandha tkun limitata għall-ewwel sena;

(j) il-komponenti fissi u varjabbli tar-remunerazzjoni totali huma bbilanċjati b'mod adatt u l-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-remunerazzjoni totali biex tkun tista' titħaddem politika kompletament flessibbli, fuq komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni, inkluża l-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda komponent varjabbli tar-remunerazzjoni;

***(ja) il-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni hu soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (o), li jipprevedi li r-remunerazzjoni varjabbli għandha titnaqqas b'mod konsiderevoli meta l-prestazzjoni tal-kumpanija tal-immaniġġjar jew tal-UCITS ikkonċernat/a tkun baxxa jew negattiva, filwaqt li jitqiesu kemm il-kumpens attwali kif ukoll it-tnaqqis fil-ħlasijiet tal-ammonti li wieħed ikun qala' qabel, inkluż permezz ta' arranġamenti malus jew arranġamenti ta' restituzzjoni. 'Malus' u 'restituzzjoni' jfissru 'malus' u 'clawback' kif definiti fil-Linji Gwida tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq 2013/201;*** *[Em. 2 – parti 3]*

(k) il-pagamenti relatati mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt jirriflettu r-rendiment li jkun inkiseb maż-żmien u jkunu mfassla b'mod li ma jippremjawx il-fallimenti;

(l) il-kejl tal-prestazzjoni użat biex jiġu kkalkulati l-komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni jew puls ta' komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni jinkludi mekkaniżmu ta' aġġustament komprensiv li jintegra t-tipi rilevanti kollha ta' riskji attwali u futuri;

(m) soġġett għall-istruttura ġuridika tal-UCITS u għar-regoli tal-fond jew għall-istrumenti ta' inkorporazzjoni tagħha, porzjon sostanzjali, u fi kwalunkwe każ mill-inqas 50 % ta' kwalunkwe remunerazzjoni varjabbli, jikkonsisti f'unitajiet tal-UCITS ikkonċernata, jew f'interessi ta' sjieda ekwivalenti, fi strumenti marbuta mal-ishma jew fi strumenti ekwivalenti mhux ta' flus, sakemm l-immaniġġjar tal-UCITS ma tgħoddx għal inqas minn 50 % tal-portafoll totali mmaniġġjat mill-kumpanija tal-immaniġġajr, f'liema każ il-livell minimu ta' 50 % ma japplikax.

L-istrumenti msemmija f'dan il-punt għandhom ikunu soġġetti għal politika ta' żamma xierqa maħsuba biex l-inċentivi jiġu allinjati mal-interessi tal-kumpanija tal-immaniġġjar u tal-UCITS li timmaniġġja, kif ukoll ma' tal-investituri f'dawn l-UCITS. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jqiegħdu restrizzjonijiet fuq it-tipi u d-disinji ta' dawk l-istrumenti, jew jipprojbixxu ċerti strumenti kif xieraq. Dan il-punt għandu jiġi applikat kemm għall-porzjon tal-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni li ġiet iddifferita skont il-punt (n) kif ukoll għall-parti tal-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni li ma ġietx iddifferita;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(n) porzjon sostanzjali, u fi kwalunkwe każ mill-inqas ***25 %***, tal-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni, tiġi ddifferita fuq perjodu li huwa xieraq fid-dawl taċ-ċiklu tal-ħajja u l-politika ta' tifdija tal-UCITS ikkonċernata u tiġi allinjata b'mod korrett man-natura tar-riskji tal-UCITS inkwistjoni.

Il-perjodu msemmi f'dan il-punt għandu jkun ta' mill-inqas tlieta sa ħames snin, sakemm iċ-ċiklu tal-ħajja tal-UCITS ikkonċernata ma jkunx iqsar; remunerazzjoni pagabbli taħt arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tvesti b'rata aktar mgħaġġla minn bażi prorata; fil-każ ta' komponent varjabbli tar-remunerazzjoni ta' ammont partikolarment għoli, għandu jiġi differit mill-inqas 60 % tal-ammont;

(o) ir-remunerazzjoni varjabbli, inkluża l-parti differita, għandha titħallas jew tvesti biss jekk tkun sostenibbli skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija tal-immaniġġjar kollha, u ġġustifikata skont il-prestazzjoni tal-unità tan-negozju, l-UCITS u l-individwu kkonċernat.

Ir-remunerazzjoni varjabbli totali ġeneralment għandha titnaqqas b'mod konsiderevoli meta jkun hemm prestazzjoni finanzjarja baxxa jew negattiva tal-kumpanija tal-immaniġġjar jew tal-UCITS ikkonċernata, filwaqt li għandhom jitqiesu kemm il-kumpens attwali kif ukoll it-tnaqqis fil-ħlasijiet ta' ammonti maqlugħa qabel, inkluż permezz ta' arranġamenti malus jew arranġamenti ta' restituzzjoni;

(p) il-politika tal-pensjonijiet għandha tkun konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-kumpanija tal-immaniġġjar u tal-UCITS li timmaniġġja.

Jekk l-impjegat jitlaq mill-kumpanija tal-immaniġġjar qabel l-irtirar, benefiċċji tal-pensjoni diskrezzjonarji għandhom jinżammu mill-kumpanija tal-immaniġġjar għal perjodu ta' ħames snin fil-forma tal-istrumenti msemmija fil-punt (m). Fil-każ ta' impjegat li jasal għall-pensjoni, il-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni għandhom jitħallsu lill-impjegat fil-forma tal-istrumenti msemmija fil-punt (m), soġġetti għal perjodu ta' żamma ta' ħames snin;

(q) il-persunal huwa meħtieġ jimpenja ruħu ma jużax strateġiji personali ta' hedging jew assigurazzjoni relatata mar-remunerazzjoni u r-responsabbiltà sabiex inaqqas l-effetti tal-allinjament integrat tar-riskju fl-arranġamenti tar-remunerazzjoni tiegħu;

(r) ir-remunerazzjoni varjabbli ma għandhiex titħallas permezz ta' vetturi jew metodi li jagħmluha faċli li r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jiġu evitati.

***1a. L-AETS għandha, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, timmoniterja l-politiki ta' remunerazzjoni msemmija fl-Artikolu 14a. F'każ ta' ksur tal-Artikolu 14a u ta' dan l-Artikolu, l-AETS tista'. f'konformità mas-setgħat tagħha skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, u b'mod partikulari billi tindirizza rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti, taġixxi biex tipprojbixxi temporanjament jew tirrestrinġi l-applikazzjoni ta' politiki partikulari ta' remunerazzjoni.***

***1b. Il-UCITS/kumpanija tal-immaniġġjar/kumitat ta' remunerazzjoni] għandhom jipprovdu lill-investituri b'informazzjoni, b'mezz durabbli u fuq bażi annwali, li tispjega l-politika ta' remunerazzjoni tal-UCITS għal persunal fl-ambitu tal-Artikolu 14a u jiddeskrivi kif ġiet ikkalkulata r-remunerazzjoni.***

***1c. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tkun tista' titlob lill-[UCITS/kumpanija tal-immaniġġjar/kumitat ta' remunerazzjoni] jispjegaw bil-miktub kif kwalunkwe pakkett ta' remunerazzjoni varjabbli ikun konsistenti mal-obbligu tagħhom li jadottaw politika ta' remunerazzjoni li:***

***(a) tippromwovi ġestjoni tajba u effettiva tar-riskju;***

***(b) ma tinkuraġġixxix teħid ta' riskji li jkun inkonsistenti mar-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-UCITS li jimmaniġġjaw u/jew il-profil tar-riskju ta' kull UCITS ta' dan it-tip.***

***B'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għandha tinkludi, fil-Gwida tagħha dwar il-politiki ta' remunerazzjoni, kif il-prinċipji ta' remunerazzjoni settorjali differenti, bħal dawk tad-Direttiva 2011/61/UE u d-Direttiva 2013/36/UE, għandhom jiġu applikati fejn l-impjegati jew kategoriji oħra ta' persunal iwettqu servizzi soġġetti għal prinċipji ta' remunerazzjoni settorjali differenti.*** [Em. 3]

2. Il-prinċipji stipulati fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kull tip ta' remunerazzjoni mħallsa mill-kumpaniji tal-immaniġġjar u għal kwalunkwe trasferiment ta' unitajiet jew ishma tal-UCITS, magħmula għall-benefiċċju ta' dawk il-kategoriji ta' persunal, inkluż il-maniġment superjuri, dawk li jieħdu r-riskji, il-funzjonijiet ta' kontroll u kwalunkwe impjegat li jirċievi remunerazzjoni totali li taqa' fil-kategorija ta' remunerazzjoni tal-maniġment superjuri u ta' dawk li jieħdu r-riskji u li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju jew il-profili tar-riskju tal-UCITS li jimmaniġġjaw.

3. Kumpaniji tal-immaniġġjar li huma sinifikanti f'termini tad-daqs tagħhom jew tad-daqs tal-UCITS li jimmaniġġjaw, tal-organizzazzjoni interna u tan-natura tagħhom, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom għandhom jistabbilixxu kumitat tar-remunerazzjoni. Il-kumitat ta' remunerazzjoni għandu jiġi kkostitwit b'mod li jippermettilu jeżerċita ġudizzju kompetenti u indipendenti fir-rigward tal-politiki u l-prassi ta' remunerazzjoni u ta' inċentivi maħluqa għall-immaniġġjar tar-riskju.

Il-kumitat ta' remunerazzjoni, stabbilit, ***fejn ikun xieraq, skont il-linji gwida tal-AETS,*** għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' deċiżjonijiet dwar ir-remunerazzjoni, inklużi dawk li għandhom implikazzjonijiet għar-riskju u l-immaniġġjar tar-riskju tal-kumpanija tal-immaniġġjar jew tal-UCITS ikkonċernata, u li għandhom jittieħdu mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu. Il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu jkun ippresedut minn membru tal-korp maniġerjali li ma jwettaq ebda funzjoni eżekuttiva fil-kumpanija tal-immaniġġjar konċernata. Il-membri tal-kumitat ta' remunerazzjoni għandhom ikunu membri tal-korp maniġerjali li ma jwettqu ebda funzjoni eżekuttiva fil-kumpanija tal-immaniġġjar konċernata. ***Il-kumitat għar-remunerazzjoni għandu jinkludi rappreżentanti tal-impjegati u għandu jiżgura li r-regoli tiegħu jippermettu lill-azzjonisti jaġixxu b'mod ikkoordinat. Meta jkun qed iħejji id-deċiżjonijiet tiegħu, il-kumitat għar-remunerazzjoni għandu jqis l-interess fit-tul tal-partijiet interessati, tal-investituri u tal-interess pubbliku***."

(2) Fl-Artikolu 20(1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-kuntratt bil-miktub mad-depożitarju msemmi fl-Artikolu 22(2);"

(3) L-Artikolu 22 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 22

1. Kumpanija tal-investiment u, għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja, kumpanija tal-immaniġġjar għandha tiżgura li jinħatar depożitarju wieħed skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-ħatra tad-depożitarju għandha tieħu l-forma ta' kuntratt bil-miktub.

Dan il-kuntratt għandu jinkludi regoli li jistabbilixxu l-fluss ta' informazzjoni li huwa meqjus meħtieġ biex id-depożitarju jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-UCITS li għaliha jkun ġie maħtur depożitarju, kif stipulat f'din id-Direttiva u f'liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi oħra li huma rilevanti għad-depożitarji fl-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS.

3. Id-depożitarju għandu:

(a) jiżgura li l-bejgħ, il-ħruġ, ir-riakkwist, it-tifdija u l-kanċellazzjoni ta' unitajiet tal-UCITS jitwettqu skont il-liġijiet nazzjonali applikabbli u r-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni;

(b) jiżgura li l-valur tal-unitajiet tal-UCITS jiġi kkalkulat skont il-liġijiet nazzjonali applikabbli u r-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni;

(c) iwettaq l-istruzzjonijiet tal-kumpanija tal-immaniġġjar jew tal-kumpanija tal-investiment, sakemm dawn ma jkunux f'kunflitt mal-liġijiet nazzjonali applikabbli jew mar-regoli tal-fond jew mal-istrumenti ta' inkorporazzjoni;

(d) jiżgura li fi tranżazzjonijiet li jinvolvu l-assi tal-UCITS, kwalunkwe korrispettiv tintbagħat lill-UCITS fil-limiti taż-żmien tas-soltu;

(e) jiżgura li l-introjtu tal-UCITS jiġi applikat skont il-liġijiet nazzjonali applikabbli u r-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni."

4. Id-depożitarju għandu jiżgura li l-flussi tal-flus tal-UCITS jiġu mmonitorjati sew, u għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-ħlasijiet kollha magħmula minn jew għan-nom tal-investituri mas-sottoskrizzjoni ta' unitajiet tal-UCITS ġew irċevuti, u li l-flus kollha tal-UCITS iddaħħlu f'kontijiet tal-flus li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) infetħu f'isem l-UCITS jew f'isem il-kumpanija tal-immaniġġjar li taġixxi f'isem l-UCITS, jew f'isem id-depożitarju li jaġixxi f'isem l-UCITS;

(b) infetħu f'entità msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE (*) u

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(c) jinżammu skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/73/KE.

Meta l-kontijiet tal-flus jinfetħu f'isem id-depożitarju li jaġixxi f'isem l-UCITS, l-ebda flus tal-entità msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu u l-ebda parti mill-flus proprji tad-depożitarju ma għandhom jiddaħħlu f'dawn il-kontijiet.

5. L-assi tal-UCITS għandhom jiġu fdati għand id-depożitarju għas-salvagwardja kif ġej:

(a) għal strumenti finanzjarji ***kif definit mir-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … [dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MIFIR)]*** li jistgħu jinżammu f'kustodja, id-depożitarju għandu:

(i) iżomm f'kustodja l-istrumenti finanzjarji kollha li jistgħu jiġu rreġistrati f'kont ta' strumenti finanzjarji miftuħ fil-kotba tad-depożitarju, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji kollha li jistgħu jiġu mogħtija fiżikament lid-depożitarju;

(ii) jiżgura li dawk l-istrumenti finanzjarji kollha li jistgħu jiġu rreġistrati f'kont ta' strumenti finanzjarji li jkun infetaħ fil-kotba tad-depożitarju jiġu rreġistrati fil-kotba tad-depożitarju f'kontijiet segregati skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/73/KE, li jkunu nfetħu f'isem l-UCITS jew il-kumpanija tal-immaniġġjar li tkun qed taġixxi f'isem l-UCITS, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar u f'kull ħin bħala li jappartjenu lill-UCITS skont il-liġi applikabbli;

(b) għal assi oħra, id-depożitarju għandu:

(i) jivverifika s-sjieda tal-UCITS jew il-kumpanija tal-immaniġġjar li taġixxi f'isem l-UCITS ta' dawn l-assi billi jivvaluta jekk l-UCITS jew il-kumpanija tal-immaniġġjar li taġixxi f'isem l-UCITS jkollhiex is-sjieda abbażi tal-informazzjoni jew id-dokumenti pprovduti mill-UCITS jew mill-kumpanija tal-immaniġġjar u, fejn disponibbli, minn evidenza esterna;

(ii) iżomm rekord ta' dawk l-assi li dwarhom ikun issodisfat li l-UCITS jew il-kumpanija tal-immaniġġjar li taġixxi f'isem l-UCITS jkollha s-sjieda u jżomm ir-rekord aġġornat.

***5a. Id-depożitarju għandu jipprovdi lill-kumpanija tal-immaniġġjar, fuq bażi regolari, inventarju komprensiv tal-assi kollha miżmuma fl-isem l-UCITS.***

***5b. L-istrumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja mid-depożitarju m'għandhomx jerġgħu jintużaw mid-depożitarju jew minn xi parti terza li tkun ġiet iddelegata l-funzjoni ta' kustodja lilha għall-kont tagħhom.***

***Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-użu mill-ġdid ifisser kwalunkwe użu ta' strumenti finanzjarji kunsenjati fi tranżazzjoni waħda sabiex ikunu ta' kollateral għal tranżazzjoni oħra li jinkludu iżda mhux limitati għal trasferiment, rahan, bejgħ u self.***

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' insolvenza tad-depożitarju ***jew ta' kwalunkwe entità rregolata li żżomm f'kustodja strumenti finanzjarji li jappartjenu lil UCITS, l-istrumenti finanzjarji*** ta' UCITS miżmuma f'kustodja mid-depożitarju ma jkunux disponibbli biex jitqassmu fost jew jiġu realizzati għall-benefiċċju tal-kredituri tad-depożitarju ***jew tal-entità rregolata***.

7. Id-depożitarju ma għandux jiddelega l-funzjonijiet tiegħu kif imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 lil partijiet terzi.

Id-depożitarju jista' jiddelega l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 lil partijiet terzi biss meta:

(a) il-kompiti ma jkunux ġew iddelegati bl-intenzjoni li jiġu evitati r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(b) id-depożitarju jista' juri li hemm raġuni oġġettiva għad-delega;

(c) id-depożitarju jkun eżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuti fl-għażla u l-ħatra ta' kwalunkwe parti terza li lilha jrid jiddelega partijiet mill-kompiti tiegħu, u jkompli jeżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuti fir-reviżjoni perjodika u l-monitoraġġ kontinwu ta' kwalunkwe parti terza li lilha jkun iddelega partijiet tal-kompiti tiegħu u tal-arranġamenti tal-parti terza fir-rigward tal-kwistjonijiet iddelegati lilha;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 jistgħu jiġu ddelegati mid-depożitarju lil parti terza biss jekk f'kull ħin matul it-twettiq tal-kompiti ddelegati lilha:

(a) ikollha strutturi u kompetenza li huma adegwati u proporzjonati man-natura u l-kumplessità tal-assi tal-UCITS jew tal-kumpanija tal-immaniġġjar li tkun qed taġixxi f'isem l-UCITS li jkunu ġew fdati lilha;

(b) għal kompiti tal-kustodja msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 5, tkun soġġetta għal regolamentazzjoni prudenzjali effettiva, inkluż rekwiżiti kapitali minimi, u superviżjoni fil-ġurisdizzjoni konċernata;

(c) għal kompiti tal-kustodja msemmija ***fil-paragrafu 5***, tkun soġġett għal awditu estern perjodiku biex jiġi żgurat li l-istrumenti finanzjarji jinsabu fil-pussess tagħha;

(d) tissegrega l-assi tal-klijenti tad-depożitarju mill-assi tagħha stess u mill-assi tad-depożitarju b'tali mod li fi kwalunkwe ħin dawn ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar bħala li jappartjenu lill-klijenti ta' depożitarju partikolari;

***(e) tagħmel arranġamenti xierqa abbażi tal-linji gwida tal-AETS biex*** f'każ ta' insolvenza ta' parti terza, l-assi ta' UCITS miżmuma f'kustodja mill-parti terza ma jkunux disponibbli biex jitqassmu fost jew jiġu rrealizzati għall-benefiċċju tal-kredituri tal-parti terza;

(f) tkun konformi mal-obbligi ġenerali u mal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 25.

***Għall-finijiet tal-punt (e), l-AETS għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, dwar arranġamenti xierqa f'każ ta' insolvenza tal-parti terza.***

Minkejja l-punt (b) tat-tielet subparagrafu fejn il-liġi ta' pajjiż terz teħtieġ li ċerti strumenti finanzjarji jinżammu f'kustodja minn entità lokali u l-ebda entità lokali ma tissodisfa r-rekwiżiti tad-delega stabbiliti ***fil-punti (a) sa (f) tat-tielet subparagrafu***, id-depożitarju jista' jiddelega l-funzjonijiet tiegħu lil din l-entità lokali sal-punt meħtieġ mil-liġi tal-pajjiż terz biss u biss sakemm ma jkunx hemm entitajiet lokali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-delega, u biss fejn:

***(i)*** l-investituri tal-UCITS relevanti jiġu infurmati kif dovut li din id-delega hija meħtieġa minħabba l-irbit ġuridiku fil-liġi tal-pajjiż terz u ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw id-delega ***u r-riskji involuti f'din id-delega,*** qabel l-investiment tagħhom;

***(ii)*** l-UCITS, jew il-kumpanija tal-immaniġġjar f'isem l-UCITS, tkun tat struzzjonijiet lid-depożitarju biex jiddelega l-kustodja ta' tali strumenti finanzjarji lil tali entità lokali.

Wara, il-parti terza tista' tissottodelega dawk il-funzjonijiet, soġġett għall-istess rekwiżiti. F'dan il-każ, l-Artikolu 24 (2) għandu japplika *mutatis mutandis* għall-partijiet rilevanti.

Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, il-provvista ta' servizzi kif minn sistemi tas-saldu tat-titoli kif jingħad fid-Direttiva 98/26/KE ▌jew il-provvista ta' servizzi simili minn sistemi tas-saldu tat-titoli minn pajjiżi terzi ma għandhiex titqies bħala delega tal-funzjonijiet ta' kustodja tagħha.

(4) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) ***il-paragrafi 2 u 3*** għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Id-depożitarju għandu jkun:

(a) istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata skont id-Direttiva 2006/48/KE

(b) ditta tal-investiment, soġġetta għal rekwiżiti ta' adegwatezza kapitali skont l-Artikolu 20▌ tad-Direttiva 2006/49/KE inklużi rekwiżiti kapitali għal riskji operazzjonali, awtorizzata skont id-Direttiva 2004/39/KE, u li tipprovdi wkoll servizz anċillari ta' salvagwardja u amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji f'isem il-klijenti f'konformità mal-punt (1) tat-Taqsima B tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE; fi kwalunkwe każ, ditti tal-investiment bħal dawn għandu jkollhom fondi proprji li ma jkunux inqas mill-ammont tal-kapital inizjali msemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/49/KE;

***(ba) il-banek ċentrali nazzjonali u kull kategorija oħra ta' istituzzjoni li hija suġġetta għal regolamentazzjoni prudenzjali u superviżjoni kontinwa u li tkun suġġetta għal rekwiżiti ta' kapital kif ukoll rekwiżiti organizzattivi u prudenzjali tal-istess effett bħala entitajiet skont il-punti (a) u (b).***

Kumpaniji tal-investiment jew kumpaniji tal-immaniġġjar li jaġixxu f'isem l-UCITS li jimmaniġġjaw, li, qabel [data: l-iskadenza tat-traspożizzjoni stipulata fl-Artikolu 2(1) l-ewwel subparagrafu], maħtura bħala depożitarji, istituzzjoni li ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu għandha taħtar depożitarju li jissodisfa dawk ir-rekwiżiti qabel [data: sena (1) wara skadenza stabbilita fl-Artikolu 2(1) l-ewwel subparagrafu.

***3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema mill-kategoriji ta' istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2(ba) huma eliġibbli li jkunu depożitarji.";***

(b) il-paragrafi ▌ 4, 5 u 6 jitħassru.

(5) L-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 24

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitarju għandu jkun responsabbli lejn l-UCITS u lejn id-detenturi tal-unitajiet tal-UCITS, għat-telf mid-depożitarju jew minn parti terza li lilhom tkun ġiet iddelegata l-kustodja ta' strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja skont ***l-Artikolu 22(5)***.

F'każ ta' telf ta' strument finanzjarju waqt li dan kien f'kustodja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitarju għandu jrodd lura strument finanzjarju tal-istess tip jew tal-istess ammont lill-UCITS jew lill-kumpanija tal-immaniġġjar li tkun qed taġixxi f'isem l-UCITS mingħajr dewmien żejjed. Id-depożitarju ma għandux jinżamm responsabbli jekk ikun jista' jipprova li t-telf ikun seħħ bħala riżultat ta' avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli tiegħu, li l-konsegwenzi tiegħu kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitarju għandu jinżamm responsabbli wkoll lejn l-UCITS u l-investituri tal-UCITS għal kull telf ieħor ikkaġunat b'riżultat tan-nuqqas negliġenti jew intenzjonat tad-depożitarju li jissodisfa l-obbligi tiegħu b'mod xieraq skont din id-Direttiva.

2. Ir-responsabbiltà tad-depożitarju ma għandha tiġi affettwata minn ebda delega msemmija fl-Artikolu 22(7).

3. Ir-responsabbiltà tad-depożitarju msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tiġi eskluż jew limitat permezz ta' ftehim.

4. Kwalunkwe ftehim li jikser id-dispożizzjoni tal-paragrafu 3 għandu jkun null.

5. Id-detenturi ta' unitajiet fl-UCITS jistgħu jinvokaw ir-responsabbiltà tad-depożitarju direttament jew indirettament permezz tal-kumpanija tal-immaniġġjar.

***5a. Xejn f'dan l-Artiklu m'għandu jżomm depożitarju milli jagħmel arranġamenti għall-finijiet li jissodisfa r-responsabilitajiet tiegħu skont il-paragrafu 1, sakemm dawn l-arranġamenti ma jillimitawx jew inaqqsu dawk ir-responsabilitajiet jew iwasslu għal dewmien fir-rispett tal-obbligi tad-depożitarju.";***

(6) Fl-Artikolu 25, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom, il-kumpanija tal-immaniġġjar u d-depożitarju għandhom jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali, u b'mod indipendenti u fl-interess tal-UCITS u tal-investituri tal-UCITS.

***La d-depożitarju u lanqas xi wieħed mid-delegati tiegħu ma għandhom iwettqu*** attivitajiet fir-rigward tal-UCITS jew tal-kumpanija tal-immaniġġjar li jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess bejn l-UCITS, l-investituri fl-UCITS, il-kumpanija tal-immaniġġjar u d-depożitarju stess, sakemm id-depożitarju ma jkunx ***assigura li hemm separazzjoni ġerarkika u funzjonali fit-twettiq*** tal-kompiti ▌ li potenzjalment jistgħu jkunu kunfliġġenti, u sakemm il-kunflitti ta' interess potenzjali ma jkunux identifikati, immaniġġjati, immonitorjati u ddivulgati lill-investituri tal-UCITS b'mod xieraq."

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(7) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 26

1. Il-liġi jew ir-regoli tal-fond tal-fond komuni għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għas-sostituzzjoni tal-kumpanija tal-immaniġġjar u tad-depożitarju, kif ukoll regoli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tat-titolari tal-unitajiet f'każ li sseħħ sostituzzjoni bħal din.

2. Il-liġi jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpanija tal-investiment għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għas-sostituzzjoni tal-kumpanija tal-immaniġġjar u tad-depożitarju, kif ukoll regoli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tat-titolari tal-unitajiet f'każ li sseħħ sostituzzjoni bħal din."

(8) L-Artikoli ▌ li ġejjin għandhom jiġu miżjuda:

"Artikolu 26a

Id-depożitarju għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tiegħu, ***meta jkun mitlub dan, l-informazzjoni kollha li jkun kiseb waqt il-qadi ta' dmirijietu u li tista' tkun meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS jew il-kumpanija tal-immaniġġjar tal-UCITS. Jekk*** l-awtoritajiet kompetenti ▌ tal-UCITS ***jew il-kumpanija tal-immaniġġjar tal-UCITS ikunu differenti minn dawk tad-depożitarju, l-awtoritajiet kompetenti tad-depożitarju għandhom jaqsmu l-informazzjoni rċevuta mingħajr dewmien mal-awtoritajiet*** kompetenti ***tal-UCITS u l-kumpanija tal-immaniġġjar***.

Artikolu 26b

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 112 ▌ li jispeċifikaw:

(a) id-dettalji ***fir-rigward ta' din id-Direttiva*** li jeħtieġ jiġu inklużi fil-kuntratt bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 22 (2);

(b) il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' depożitarju skont l-Artikoli 22(3), (4) u (5), inkluż:

(i) it-tip ta' strumenti finanzjarji li għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tad-dmirijiet ta' kustodja tad-depożitarju skont il-punt (a) tal-Artikolu 22(5);

(ii) il-kondizzjonijiet li jiddeterminaw jekk id-depożitarju jistax jeżerċita d-dmirijiet tiegħu ta' kustodja fuq strumenti finanzjarji rreġistrati ma' depożitarju ċentrali;

(iii) il-kondizzjonijiet li jiddeterminaw jekk id-depożitarju għandux iżomm f'salvagwardja l-istrumenti finanzjarji maħruġa f'forma nominattiva u li jkunu ġew irreġistrati ma' emittent jew reġistratur, skont il-punt (b) tal-Artikolu 22(5);

(c) id-dmirijiet ta' diliġenza dovuta tad-depożitarji skont il-punt (c) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 22(7);

(d) l-obbligu ta' segregazzjoni skont il-punt (d) tat-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 22(7);

(e) il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw meta strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja jistgħu jiġu kkunsidrati mitlufa, u ċ-ċirkostanzi li fihom dan jista' jseħħ, għall-fini tal-Artikolu 24;

(f) dak li għandu jiġi mifhum minn avvenimenti esterni lil hinn mill-kontroll raġonevoli, li l-konsegwenzi tagħhom kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 24(1).

***(fa) il-kundizzjonijiet biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit ta' indipendenza."***

(9) Fl-Artikolu 30, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikoli 13, 14, 14a u 14b għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kumpaniji tal-investiment li ma jkunux innominaw kumpanija tal-immaniġġjar awtorizzata skont din id-Direttiva."

(10) It-Taqsima 3 tal-Kapitolu V ġiet imħassra.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(11) Fl-Artikolu 69(3) qed jiġi miżjud ▌ is-sottoparagrafu li ġej:

"Ir-rapport annwali għandu jinkludi wkoll:

(a) l-ammont totali ta' remunerazzjoni għas-sena finanzjarja, maqsum f'remunerazzjoni fissa u varjabbli mħallsa mill-kumpanija tal-immaniġġjar u mill-kumpanija ta' investiment lill-persunal tagħha, u l-għadd ta' benefiċjarji, u fejn rilevanti, l-imgħax riportat imħallas mill-UCITS;

(b) l-ammont aggregat ta' remunerazzjoni maqsum skont ***il-kategoriji tal-impjegati jew kwalunkwe membri*** tal-persunal ***kif imsemmi fl-Artikolu 14a(3) tal-grupp finanzjarju, il-kumpanija*** tal-immaniġġjar u, fejn rilevanti, tal-kumpanija tal-investiment li l-azzjonijiet tagħha jkollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-UCITS."

***(11a) fl-Artikolu 78(3), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:***

***"(a) identifikazzjoni tal-UCITS u l-awtorità kompetenti;";***

(12) L-Artikolu 98 huwa emendat kif ġej:

(a) F'paragrafu 2, il-punt (d) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) jenħtieġu r-rekords u d-dejta tat-traffiku eżistenti tat-telefown, kif definit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, punt (b) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (*), miżmuma mill-UCITS, il-kumpaniji tal-immaniġġjar, il-kumpaniji tal-investiment jew id-depożitarji fejn jeżisti suspett serju li dawn ir-rekords relatati mas-suġġett tal-ispezzjoni jistgħu jkunu rilevanti biex jiġi ppruvat li l-UCITS, il-kumpaniji tal-immaniġġjar, il-kumpaniji tal-investiment jew id-depożitarji kisru l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva; madankollu, dawn ir-rekords ma għandhomx jikkonċernaw il-kontenut tal-komunikazzjonijiet li jirreferu għalihom."

---

(*) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

(b) Jiżdied il-paragrafu ▌ li ġej:

"3. Jekk talba għal rekords u dejta tat-traffiku tat-telefown msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2, teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont ir-regoli nazzjonali, għandha ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni. Tista' ukoll issir applikazzjoni għal din l-awtorizzazzjoni bħala miżura ta' prekawzjoni."

(13) L-Artikolu 99 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 99

1. ***Mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikolu 98 u mingħajr preċudizzju għad-dritt tal-Istati*** Membri ***li*** jipprovdu ***pieni kriminali u li jimponuhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar pieni*** amministrattivi u miżuri oħrajn meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma jkunux ġew osservati, u għandhom jiżguraw li dawk il-miżuri jiġu applikati. Is-sanzjonijiet u l-miżuri għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-obbligi japplikaw għal UCITS, għal kumpaniji tal-immaniġġjar, għal kumpaniji tal-investiment jew għal depożitarji, f'każ ta' ksur ikunu jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet jew miżuri għall-membri tal-korp maniġerjali, kif ukoll għal kwalunkwe individwu ieħor li skont il-liġi nazzjonali jkun responsabbli għall-ksur.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat investigattivi kollha li huma neċessarji biex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom. Waqt li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri jiksbu r-riżultati mixtieqa u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom meta jittrattaw każijiet transfruntieri."

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(14) L-Artikoli ▌ li ġejjin qed jiġu miżjuda:

"Artikolu 99a

1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolament jew id-dispożizzjonijiet amminstrattivi tagħhom jipprovdu pieni fir-rigward ta'***:

(a) jitwettqu attivitajiet ta' UCITS mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 5;

(b) jitwettaq negozju ta' kumpanija tal-immaniġġjar mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni minn qabel, bi ksur tal-Artikolu 6;

(c) jitwettaq negozju ta' kumpanija tal-investiment mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni minn qabel, bi ksur tal-Artikolu 27;

(d) tinkiseb parteċipazzjoni kwalifikanti f'kumpanija tal-immaniġġjar, direttament jew indirettament, jew tali parteċipazzjoni kwalifikanti f'kumpanija tal-immaniġġjar tiżdied aktar sabiex il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jaqbeż l-20 %, it-30 % jew il-50 % jew sabiex il-kumpanija tal-immaniġġjar issir sussidjarja tagħha (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-akkwist propost), mingħajr ma l-awtoritajiet kompetenti jiġu nnotifikati bil-miktub dwar il-kumpanija tal-immaniġġjar li fiha l-akkwirent ikun beħsiebu jakkwista jew iżid parteċipazzjoni kwalifikanti bi ksur tal-Artikolu 11(1);

(e) parteċipazzjoni kwalifikanti f'kumpanija tal-immaniġġjar tiġi ttrasferita, direttament jew indirettament, jew titnaqqas sabiex il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmun jaqa' taħt l-20 %, it-30 % jew il-50 % jew sabiex il-kumpanija tal-immaniġġjar ma tibqax sussidjarja, mingħajr ma l-awtoritajiet kompetenti jiġu nnotifikati bil-miktub, bi ksur tal-Artikolu 11(1);

(f) kumpanija tal-immaniġġjar tkun kisbet awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew kwalunkwe mezz irregolari ieħor bi ksur tal-Artikolu 7(5)(b);

(g) kumpanija tal-investiment tkun kisbet awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew kwalunkwe mezz irregolari ieħor bi ksur tal-Artikolu 29(4)(b);

(h) kumpanija tal-immaniġġjar, malli ssir taf bi kwalunkwe akkwist jew trasferiment ta' parteċipazzjonijiet fil-kapital tagħhom li jikkawżaw lill-parteċipazzjonijiet biex jaqbżu jew jaqgħu f'livell aktar baxx minn wieħed mil-limiti msemmija fl-Artikolu 11(10) tad-Direttiva 2004/39/KE, tonqos milli tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-akkwisti jew it-trasferimenti bi ksur tal-Artikolu 11(1);

(i) kumpanija tal-immaniġġjar tonqos milli tgħarraf, għall-inqas darba fis-sena, lill-awtorità kompetenti rigward l-ismijiet tal-azzjonisti u tal-membri li għandhom parteċipazzjoni kwalifikanti u rigward id-daqsijiet ta' dawn il-parteċipazzjonijiet bi ksur tal-Artikolu 11(1);

(j) kumpanija tal-immaniġġjar tonqos milli tosserva l-proċeduri u l-arranġamenti imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikolu 12(1)(a);

(k) kumpanija maniġerjali tonqos milli tosserva r-rekwiżiti strutturali u organizzazzjonali imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikolu 12(1)(b);

(l) kumpanija tal-investiment tonqos milli tosserva l-proċeduri u l-arranġamenti imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikolu 31;

(m) kumpanija tal-immaniġġjar jew kumpanija tal-investiment ma tikkonformax mar-rekwiżiti relatati mad-delega tal-funzjonijiet tagħha lil partijiet terzi imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikoli 13 u 30;

(n) kumpanija tal-immaniġġjar jew kumpanija tal-investiment ma tikkonformax mar-regoli dwar il-kondotta imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikoli 14 u 30;

(o) depożitarju jonqos milli jwettaq il-kompiti tiegħu skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-paragrafi (3) sa (7) tal-Artikolu 22;

(p) kumpanija tal-investiment u, għal kull tal-fond komuni li timmaniġġja, kumpanija tal-immaniġġjar tonqos ripetutament milli tosserva l-obbligi li jikkonċernaw il-politiki dwar l-investiment ta' UCITS stabbiliti minn dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-Kapitolu VII;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(q) kumpanija tal-immaniġġjar jew kumpanija tal-investiment tonqos milli tadotta proċess tal-immaniġġjar tar-riskju u proċess għal valutazzjoni preċiża u indipendenti tal-valur ta' derivattivi OTC kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikolu 51(1);

(r) kumpanija tal-investiment u, għal kull fond komuni li timmaniġġja, kumpanija tal-immaniġġjar tonqos ripetutament milli tosserva l-obbligi li jikkonċernaw l-informazzjoni li għandha tingħata lill-investituri imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikoli 68 sa 82;

(s) kumpanija tal-immaniġġjar jew kumpanija tal-investiment li tkun qed tikkumerċjalizza unitajiet ta' UCITS li timmaniġġja fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS tonqos milli tosserva r-rekwiżit ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 93(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1, sanzjonijiet u miżuri amministrattivi li jistgħu jiġu applikati jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni ***jew avviż pubbliċi***, li ***jindikaw il-persuna*** fiżika jew ġuridika u n-natura tal-ksur;

(b) il-ħruġ ta' ordni li teħtieġ li l-persuna fiżika jew ġuridika twaqqaf il-kondotta u ma terġax tirrepeti dik il-kondotta;

(c) f'każ ta' kumpanija tal-immaniġġjar jew UCITS, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-kumpanija tal-immaniġġjar jew tal-UCITS;

(d) tiġi imposta projbizzjoni temporanja ***jew permanenti*** kontra kwalunkwe membru tal-korp maniġerjali tal-kumpanija tal-immaniġġjar jew il-kumpanija tal-investiment jew kontra kwalunkwe persuna fiżika oħra, li tinżamm responsabbli, milli teżerċita funzjonijiet f'dawk il-kumpaniji ***jew f'kumpaniji oħrajn***;

(e) fil-każ ta' persuna ġuridika, li jiġu imposti sanzjonijet pekunarji amministrattivi ***effettivi, xierqa u dissważivi***;

(f) fil-każ ta' persuna fiżika, li jiġu imposti sanzjonijet amministrattivi pekunjarji ***effettivi, xierqa u dissważivi***;

(g) li jiġu imposti sanzjonijiet pekunarji amministrattivi sa ***għaxar darbiet*** l-ammont tal-profitti miksuba jew tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur fejn dawn ikunu jistgħu jiġu determinati.

Artikolu 99b

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw kwalunkwe sanzjoni jew miżura imposta għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għat-trspożizzjoni ta' din id-Direttiva mingħajr dewmien żejjed, inkluż informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli għaliha, sakemm il-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni ma tqegħidx l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji f'periklu serju. F'każijiet fejn il-pubblikazzjoni tkun se toħloq ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw is-sanzjoni jew il-miżura imposta fuq bażi anonima.

Artikolu 99c

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġi determinat it-tip ta' sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi u l-livell tas-sanzjonijiet pekunarji amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti ***jiżguraw li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u*** jqisu ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, inkluż:

(a) il-gravità tal-ksur u kemm dam għaddej;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew legali responsabbli;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew legali responsabbli, skont kif indikat mill-fatturat totali tal-persuna legali responsabbli jew mid-dħul annwali tal-persuna fiżika responsabbli;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew tat-telf li jkun ġie evitat mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli ***kif ukoll il-ħsara lil persuni oħrajn u, fejn applikabbli, il-ħsara lill-funzjonament tas-swieq jew tal-ekonomija aktar wiesgħa,*** safejn dawn ikunu jistgħu jiġu determinati;

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(e) il-livell ta' kooperazzjoni li l-persuna fiżika jew legali responsabbli turi mal-awtorità kompetenti;

(f) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew legali responsabbli.

2. L-AETS għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 dwar tipi ta' miżuri u sanzjonijiet amministrattivi u l-livell ta' sanzjonijiet pekunarji amministrattivi.

Artikolu 99d

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jinkoraġġixxu r-rappurtar ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti ***u li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu kanal ta' komunikazzjoni sikur jew aktar minn wieħed sabiex persuni jinnotifikaw dwar ksur bħal dan. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-identità tal-persuni li jagħmlu dawn in-notifiki permezz ta' dawn il-kanali tkun magħrufa biss lill-awtorità kompetenti nazzjonali.***

2. Il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) proċeduri speċifiċi biex jintlaqgħu rapporti dwar ksur u għas-segwitu tagħhom;

(b) protezzjoni xierqa għall-impjegati ta' kumpaniji tal-investiment u kumpaniji tal-immaniġġjar li jirrapurtaw ksur li jseħħ fil-kumpanija;

(c) protezzjoni tad-dejta personali li tirrigwarda kemm il-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll il-persuna fiżika li allegatament hija responsabbli għal ksur, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (*).

***2a. L-AETS għandha tipprovdi kanal ta' komunikazzjoni sikur jew aktar minn wieħed għan-notifikazzjoni tal-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-identità tal-persuni li jagħmlu din in-notifika permezz ta' dawn il-kanali tkun magħrufa biss lill-AETS.***

***2b. In-notifika bona fide lill-AETS jew lill-awtorità kompetenti ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva skont il-paragrafu 2a m'għandha tikkostitwixxi l-ksur tal-ebda restrizzjoni dwar żvelar ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew permezz ta' kwalunkwe liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva, u m'għandhiex tinvolvi lill-persuna li tkun għamlet dik in-notifika fl-ebda tip ta' responsabilità relatata ma' din in-notifika.***

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċeduri xierqa biex l-impjegati tagħhom ikunu jistgħu jirrappurtaw ksur internament permezz ta' mezz speċifiku.

Artikolu 99e

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu kull sena lill-AETS informazzjoni aggregata dwar il-miżuri jew is-sanzjonijiet amministrattivi kollha imposti skont l-Artikolu 99. L-AETS għandha tippubblika din l-informazzjoni f'rapport annwali.

2. Meta l-awtorità kompetenti tkun ippubblikat miżura jew sanzjoni, għandha wkoll tirrapporta l-miżuri jew is-sanzjonijiet lill-AETS. Fejn miżura jew sanzjoni ppubblikata tkun relatata ma' kumpanija tal-immaniġġjar, l-AETS għandha żżid referenza għall-miżura jew is-sanzjoni ppubblikata fil-lista tal-kumpaniji tal-immaniġġjar ippubblikata skont l-Artikolu 6(1).

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-proċeduri u l-formoli għas-sottomissjoni ta' informazzjoni kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

***L-AETS għandha tippreżenta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-…***

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(*) *ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.";*

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

(15) Jiżdied l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 104a

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-Direttiva 95/46/KE għall-ipproċessar tad-dejta personali li jitwettaq fl-Istat Membru skont din id-Direttiva.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (*) għandu japplika għall-ipproċessar tad-dejta personali mwettaq mill-AETS skont din id-Direttiva.

---

(*) *ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.*"

(16) Fl-Artikolu 112, il-paragrafu 2 jinbidelb'dan li ġej:

"2. Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet mogħtija f'dan l-Artikolu.

Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 12, 14, 43, 51, 60, 61, 62, 64, 75, 78, 81, ***90,*** 95 u 111 għal perjodu ta' erba' snin mill-4 ta' Jannar 2011.

Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 50a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin mill-21 ta' Lulju 2011.

Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 22 u 24 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin minn […]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-setgħat delegati sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' erba' snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża b'mod awtomatiku għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokahomx skont l-Artikolu 112a."

(17) Fl-Artikolu 112a, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 12, 14, ***22, 24***, 43, 50a, 51, 60, 61, 62, 64, 75, 78, 81, ***90***, 95 u 111 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill."

(18) L-Anness I qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-[…], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-disposizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 mill-[…].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

***Meta d-dokumenti li jakkumpanjaw in-notifika tat-traspożizzjoni tal-miżuri mill-Istati Membri ma jkunux biżżejjed għal valutazzjoni sħiħa ta' dawk il-miżuri ma' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', fuq talba mill-AETS bil-ħsieb li twettaq dmirijietha taħt ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tesiġi li l-Istati Membri jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.***

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi …,

*Għall-Parlament Ewropew* — *Il-President*

*Għall-Kunsill* — *Il-President*

---

**ANNESS**

Fl-Anness I, il-punt 2 tal-Iskeda A qed jiġi mibdul b'dan li ġej;

"2. Informazzjoni dwar id-depożitarju:

2.1. L-identità tad-depożitarju tal-UCITS u deskrizzjoni tad-dmirijiet tiegħu;

2.2. Deskrizzjoni ta' kwalunkwe funzjoni ta' salvagwardja delegata mid-depożitarju, ▌ u kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jinħoloq minn din id-delega

***Informazzjoni dwar l-entitajiet kollha involuti fl-għoti ta' kustodja tal-assi tal-fond, flimkien mal-kunflitt ta' interess li jista' jinħoloq, hija disponibbli fuq talba mingħand id-depożitarju."***

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

P7_TA(2013)0310

## L-għażla taż-żmien tal-irkant tal-kwoti tal-gassijiet serra ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-3 ta' Lulju 2013 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fejn tiċċara d-dispożizzjonijiet dwar l-għażla taż-żmien tal-irkant tal-kwoti tal-gassijiet serra (COM(2012)0416 – C7-0203/2012 – 2012/0202(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/43)

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Artikolu 1**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – l-aħħar sentenza

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni ***għandha, fejn xieraq,*** tadatta l-iskeda ***għal kull perjodu*** biex tiżgura funzjonament xieraq tas-suq. | ***Meta valutazzjoni tas-setturi industrijali individwali turi li ma jkunux mistennija impatti sinifikanti fuq setturi jew subsetturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju,*** il-Kummissjoni ***tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali,*** tadatta l-iskeda ***għall-perjodu imsemmi fl-Artikolu 13(1) li jibda fl-1 ta' Jannar 2013*** biex tiżgura funzjonament xieraq tas-suq. ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel adattament wieħed biss bħal dan, għal għadd massimu ta' 900 miljun kwota.*** |

P7_TA(2013)0311

## Theddid serju transkonfinali għas-saħħa ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa (COM(2011)0866 – C7-0488/2011 – 2011/0421(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/44)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0866),

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0046/2013).

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 168(4)(c) u 168(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0488/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Mejju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0337/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinstab hawnhekk;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0421

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-3 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċizjoni Nru …/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE.)*

---

P7_TA(2013)0312

## L-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni msahha fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (COM(2013)0071 – C7-0049/2013 – 2013/0045(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2016/C 075/45)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0071),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0049/2013),

---

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 160.

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0230/2013),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni turi f'valutazzjoni tal-impatt komprensiva u f'analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji li kull kooperazzjoni msaħħa se tirrispetta l-kompetenzi, id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri mhux parteċipanti.

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi/tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fl-2011, il-Kummissjoni *innutat id-dibattitu* li kien għaddej fil-livelli kollha dwar it-tassazzjoni addizzjonali tas-settur finanzjarju. Id-dibattitu joriġina mix-xewqa li jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi b'mod ġust u sostanzjali għall-ispejjeż tal-kriżi u li jiġi ntaxxat b'mod ekwu fil-konfront ta' setturi oħrajn fil-ġejjieni, biex jiġu disinċentivati attivitajiet riskjużi wisq minn istituzzjonijiet finanzjarji, biex jiġu kkumplimentati miżuri regolatorji maħsuba biex jiġu evitati kriżijiet futuri u biex jiġi ġġenerat dħul addizzjonali għall-baġits ġenerali jew għal finijiet speċifiċi ta' politika. | (1) Fl-2011, il-Kummissjoni *ħadet nota ta' dibattitu* li kien għaddej fil-livelli kollha dwar it-tassazzjoni addizzjonali tas-settur finanzjarju. Id-dibattitu joriġina mix-xewqa li jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi b'mod ġust u sostanzjali għall-ispejjeż tal-kriżi u li jiġi ntaxxat b'mod ekwu fil-konfront ta' setturi oħrajn fil-ġejjieni, biex jiġu disinċentivati attivitajiet riskjużi wisq minn istituzzjonijiet finanzjarji, biex jiġu kkumplimentati miżuri regolatorji maħsuba biex jiġu evitati kriżijiet futuri ***u jitnaqqsu l-ispekulazzjonijiet*** u biex jiġi ġġenerat dħul addizzjonali għall-baġits ġenerali***, inter alia bħala kontribuzzjoni għall-konsolidazzjoni fiskali***, jew għal politiki speċifiċi intiżi sabiex ikun hemm is-sostenibbiltà u l-istimolu tat-tkabbir, l-edukazzjoni u l-impjieg b'fokus partikolari fuq l-impjieg taż-żgħażagħ. ***L-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) għalhekk turi distribuzzjoni pożittiva u kapaċità ta' orjentazzjoni billi tissupplimenta b'mod xieraq l-inizjattivi eżistenti ta' riforma regolatorja.*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1a) Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar 2013 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020, parti mid-dħul tat-TTF għandu jkun allokat lill-baġit tal-Unjoni bħala riżorsi proprji awtentiċi. L-użu tad-dħul mit-TTF bħala riżorsi proprji tal-Unjoni huwa possibbli taħt il-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa biss jekk il-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti għall-baġit tal-Unjoni jitnaqqsu bl-istess ammont u dan jevita kontribuzzjoni spoporzjonata mill-Istati Membri parteċipanti meta mqabbla mal-Istati mhux parteċipanti. Meta t-TTF tiġi implimentata fil-livell tal-Unjoni, l-ammont kollu tar-riżorsi proprji li ġejjin mit-TTF jew parti minnu għandu jiżdied mal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri sabiex jinġarbu riżorsi finanzjarji ġodda għall-investiment Ewropew mingħajr tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti għall-baġit tal-Unjoni.* |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1b) Qabel l-introduzzjoni ta' TTF, il-Kummissjoni għandha turi li l-kooperazzjoni msaħħa mhux se tfixkel is-suq intern jew il-koeżjoni ekonomika, soċjali jew territorjali. Hija għandha turi wkoll li la ma tikkostitwixxi xkiel għal jew diskriminazzjoni fil-kummerċ bejn l-Istati Membri u lanqas ma tfixkel il-kompetizzjoni bejniethom. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta analiżi robusta ġdida u valutazzjoni tal-impatt, tal-konsegwenzi tal-proposta għal TTF komuni kemm fuq il-pajjiżi parteċipanti u dawk mhux parteċipanti kif ukoll fuq is-Suq Uniku b'mod ġenerali.* |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(2a)* ***It-TTF se tikseb verament l-objettivi tagħha jekk tiġi introdotta fuq livell globali. Il-kooperazzjoni msaħħa ta' 11-il Stat Membru għalhekk tikkostitwixxi l-ewwel pass lejn TTF fuq il-livell tal-Unjoni u fl-aħħar fuq livell globali. L-Unjoni se tinkoraġġixxi kontinwament l-introduzzjoni globali tat-TTF u se tħeġġeġ li t-TTF titpoġġa fuq l-aġenda tas-samits tal-G-20 u l-G-8.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet permezz ta' miżuri meħudin unilateralment mill-Istati Membri parteċipanti, filwaqt li jingħata kas tal-mobilità estremament għolja ta' ħafna mit-tranżazzjonijiet finanzjarji rilevanti, u biex b'hekk jiġi mtejjeb il-funzjonament xieraq tas-suq intern, huwa importanti li l-karatteristiċi bażiċi ta' TTF fl-Istati Membri parteċipanti jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Inċentivi għal arbitraġġ tat-taxxa bejn l-Istati Membri parteċipanti u distorsjonijiet tal-allokazzjoni bejn is-swieq finanzjarji f'dawk l-Istati, kif ukoll il-possibbiltajiet għal tassazzjoni doppja jew non-tassazzjoni għandhom b'hekk jiġu evitati. | (3) ***Bosta mill-11-il Stat Membru parteċipanti diġà stabbilixxew jew jinsabu fil-proċess li jistabbilixxu xi forma tat-TTF.*** Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet permezz ta' miżuri meħudin unilateralment mill-Istati Membri parteċipanti, filwaqt li jingħata kas tal-mobilità estremament għolja ta' ħafna mit-tranżazzjonijiet finanzjarji rilevanti, u biex b'hekk jiġi mtejjeb il-funzjonament xieraq tas-suq intern, huwa importanti li l-karatteristiċi bażiċi ta' TTF fl-Istati Membri parteċipanti jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Inċentivi għal arbitraġġ tat-taxxa bejn l-Istati Membri parteċipanti u distorsjonijiet tal-allokazzjoni bejn is-swieq finanzjarji f'dawk l-Istati, kif ukoll il-possibbiltajiet għal tassazzjoni doppja jew non-tassazzjoni għandhom b'hekk jiġu evitati. |

**L-Erbgħa 3 ta’ Lulju 2013**

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(3a)* ***Fid-dawl tal-progress sostanzjali li sar fir-rigward tar-regolament Ewropew dwar is-suq finanzjarju, bħar-regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti tal-investimenti u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (1), id-Direttiva 2013/36/UE u din id-Direttiva, l-Istati Membri parteċipanti li introduċew imposti bankarji fid-dawl tal-kriżi finanzjarja riċenti għandhom jirrieżaminaw in-neċessità ta’ dawn it-taxxi u l-kompatibilità tagħhom mar-regoli u l-għanijiet tal-liġi tal-Unjoni u s-suq intern.*** |
| | (1) ***ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(3b)* ***Kwalunkwe armonizzazzjoni tat-TTFs fost l-Istati Membri parteċipanti ma għandhiex tirriżulta f’tassazzjoni extraterritorjali li tikser il-bażi tat-taxxa potenzjali għall-Istati Membri mhux parteċipanti.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) It-titjib tal-operat tas-suq intern, b’mod partikolari l-evitar ta’ distorsjonijiet bejn l-Istati Membri parteċipanti jeħtieġ li TTF tapplika għal firxa wiesgħa ta’ istituzzjonijiet u tranżazzjonijiet finanzjarji, għall-kummerċ f’firxa wiesgħa ta’ strumenti finanzjarji, inklużi prodotti strutturati, kemm fi swieq organizzati u “barra l-Borża”, kif ukoll għall-konklużjoni tal-kuntratti tad-derivati kollha u l-modifiki materjali tal-operazzjonijiet *kkonċernati*. | (4) It-titjib tal-operat tas-suq intern, b’mod partikolari l-evitar ta’ distorsjonijiet bejn l-Istati Membri parteċipanti***, it-tnaqqis tal-possibbiltà ta’ frodi fiskali, l-evażjoni ta’ taxxa u l-ippjannar fiskali aggressiv, rilokazzjoni tar-riskji u l-arbitraġġ regolatorju,*** jeħtieġ li TTF tapplika għal firxa wiesgħa ta’ istituzzjonijiet u tranżazzjonijiet finanzjarji, għall-kummerċ f’firxa wiesgħa ta’ strumenti finanzjarji, inklużi prodotti strutturati, kemm fi swieq organizzati u “barra l-Borża”, kif ukoll għall-konklużjoni tal-kuntratti tad-derivati kollha***, inklużi l-kuntratti għad-differenza, it-tranżazzjonijiet spot*** *tal**-valuta fis-suq tal-kambju,*** u ***tranżazzjonijiet spekulattivi bil-quddiem, u*** l-modifiki materjali tal-operazzjonijiet *ikkonċernati*. |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Bl-eċċezzjoni tal-konklużjoni jew *l-modifika* materjali ta' kuntratti tad-derivati, il-kummerċ fis-swieq primarji u t-tranżazzjonijiet relevanti għaċ-ċittadini u n-negozji bħall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, self b'ipoteka, krediti tal-konsumatur jew ħlas ta' servizzi għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-TTF, sabiex il-kumpaniji u l-gvernijiet ikunu jistgħu jiksbu kapital mingħajr problemi u biex jiġi evitat l-impatt fuq l-entitajiet domestiċi. | (8) Bl-eċċezzjoni tal-konklużjoni jew *il-modifika* materjali ta' kuntratti tad-derivati, il-kummerċ fis-swieq primarji u t-tranżazzjonijiet relevanti għaċ-ċittadini u n-negozji bħall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, self b'ipoteka, krediti tal-konsumatur jew ħlas ta' servizzi għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-TTF, sabiex il-kumpaniji u l-gvernijiet ikunu jistgħu jiksbu kapital mingħajr problemi u biex jiġi evitat l-impatt ***negattiv*** fuq l-entitajiet domestiċi ***u l-ekonomija reali***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Sabiex isaħħu l-pożizzjoni tas-swieq regolati u b'mod partikolari n-negozju fil-borża, li huwa strettament regolat, ikkontrollat u trasparenti, għall-kuntrarju tan-negozju OTC li mhuwiex regolat, ikkontrollat inqas u inqas trasparenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw rati ogħla tat-taxxa għat-tranżazzjonijiet OTC. Dan se jippermetti bidla fin-negozjar minn swieq bi ftit jew xejn regolamenti għal swieq regolati. Ir-rati ogħla m'għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet finanzjarji tad-derivati OTC fejn inaqqsu r-riskji b'mod oġġettiv u għalhekk iservu l-ekonomija reali.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Impriżi mhux finanzjarji jeżegwixxu tranżazzjonijiet sostanzjali fis-swieq finanzjarji sabiex inaqqsu r-riskji direttament assoċjati man-negozju kummerċjali tagħhom. It-TTF m'għandhiex tapplika għal dawk l-istituzzjonijiet meta dawn jeżegwixxu tali tranżazzjonijiet. Madankollu, meta impriżi mhux finanzjarji jwettqu tranżazzjonijiet spekulattivi li mhumiex assoċjati mat-tnaqqis ta' riskju fl-attività kummerċjali tagħhom, huma għandhom jitqiesu bħala istituzzjonijiet finanzjarji u t-TTF għandha tapplika għalihom.*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(15b)* ***Sabiex l-evitar tat-taxxa tinbidel f'operazzjoni riskjuża bi spejjeż għoljin u bi profitt baxx u biex ikun żgurat infurzar aħjar, il-prinċipju ta' residenza u ta' ħruġ għandu jiġi kkumplimentat bil-"prinċipju ta' trasferiment tat-titolu legali".*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(15c)* ***Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tniedi negozjati ma' pajjiżi terzi sabiex tiffaċilita l-ġbir tat-TTF. Il-Kummissjoni għandha wkoll tirrevedi d-definizzjoni tagħha ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx u għandha taġġorna l-pjan ta' azzjoni tagħha kontra l-frodi fiskali, l-evażjoni tat-taxxa, l-ippjanar fiskali aggressiv, skont il-bżonn.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(16)* ***Ir-rati minimi tat-taxxa għandhom jiġu stabbiliti f'livell għoli biżżejjed biex jintlaħħaq l-għan ta' armonizzazzjoni ta' TTF komuni. Fl-istess ħin, dawn għandhom ikunu baxxi biżżejjed sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' delokalizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Sabiex jipprevjenu l-frodi ***u*** l-evażjoni tat-taxxa l-Istati Membri parteċipanti għandhom ikunu obbligati li jadottaw miżuri xierqa. | (19) Sabiex jipprevjenu l-frodi ***fiskali,*** l-evażjoni tat-taxxa ***u l-ippjannar fiskali aggressiv bħal pereżempju s-sostituzzjoni,*** l-Istati Membri parteċipanti għandhom ikunu obbligati li jadottaw miżuri xierqa. |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(19a)* ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' ħidma ta' esperti (Kumitat tat-TTF) magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA) biex jivvalutaw l-implimentazzjoni effikaċi ta' din id-Direttiva u jipprevjenu l-frodi fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar fiskali aggressiv u jippreservaw l-integrità tas-suq intern. Il-Kumitat tat-TTF għandu jissorvelja t-tranżazzjonijiet finanzjarji sabiex jidentifika arranġamenti abbużivi kif definiti fl-Artikolu 14, jipproponi kontromiżuri b'mod xieraq u jikkoordina l-implimentazzjoni ta' dawk il-kontromiżuri fil-livell nazzjonali jekk ikun neċessarju. Huwa għandu jagħmel użu sħiħ tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni u tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji u tal-istrumenti għal kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' taxxa, inklużi l-OECD u l-Kunsill tal-Ewropa. Fejn xieraq, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri parteċipanti għandhom ikunu jistgħu jifformaw sottogrupp sabiex jindirizza kwistjonijiet li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tat-TTF u li ma jaffettwawx l-Istati Membri mhux parteċipanti.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 19b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(19b)* ***L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jikkooperaw fuq livell amministrattiv fil-qasam tat-tassazzjoni skont id-Direttiva 2011/16/UE u li jipprovdu li xulxin assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati mat-taxxi, dazji u miżuri oħrajn fis-sens tad-Direttiva 2010/24/UE.*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex tippermetti l-adozzjoni ta' regoli aktar dettaljati f'ċerti oqsma tekniċi, fir-rigward tar-reġistrazzjoni, il-kontabilità, l-obbligi ta' rappurtar u obbligi oħra maħsuba biex jiżguraw li TTF dovuta lill-awtoritajiet tat-taxxa hija effettivament mħallsa lill-awtoritajiet tat-taxxa, u l-adattament tagħhom fil-ħin kif xieraq, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni *fir-rigward li jispeċifikaw il-miżuri* meħtieġa għal dan l-għan. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, waqt li tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni fil-ħin u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Kunsill. | (21) Sabiex tippermetti l-adozzjoni ta' regoli aktar dettaljati f'ċerti oqsma tekniċi, fir-rigward tar-reġistrazzjoni, il-kontabilità, l-obbligi ta' rappurtar u obbligi oħra maħsuba biex jiżguraw li TTF dovuta lill-awtoritajiet tat-taxxa hija effettivament mħallsa lill-awtoritajiet tat-taxxa, u l-adattament tagħhom fil-ħin kif xieraq, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni *għal dak li jikkonċerna l-ispeċifikazzjoni tal-miżuri* meħtieġa għal dan l-għan. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, waqt li tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni ***simultanja,*** fil-ħin u xierqa ta' dokumenti relevanti ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***. |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 –punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-konklużjoni ta' kuntratti tad-derivati qabel it-totalizzar jew is-saldu; | (c) il-konklużjoni ta' kuntratti tad-derivati***, inklużi kuntratt għad-differenza u tranżazzjonijiet spekulattivi bil-quddiem,*** qabel it-totalizzar jew is-saldu; |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) tranżazzjonijiet spot tal-valuta fis-suq tal-kambju;*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ftehim ta' riakkwist u ftehim ta' riakkwist invers, ftehim ta' self ta' titoli u self; | (e) ftehim ta' riakkwist u ftehim ta' riakkwist invers, ftehim ta' self ta' titoli u self ***inklużi ordnijiet ikkanċellati li jkunu saru meta jkun twettaq negozjar bi frekwenza għolja***; |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) "emittent sovran" tfissser emittent sovran kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012;*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) "dejn sovran" tfissser dejn sovran kif definit fil-punt (f) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012;*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) "suq tat-tkabbir tal-SMEs" tfisser sistema multilaterali ta' negozjar li hija reġistrata bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva Nru …/…[il-MiFID il-ġdida];*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) "negozjar bi frekwenza għolja" tfisser negozjar algoritmiku ta' strumenti finanzjarji b'veloċitajiet fejn il-latenza fiżika tal-mekkaniżmu għat-trażmissjoni, it-tħassir jew il-modifika tal-ordnijiet issir il-fattur determinanti fiż-żmien li jittieħed biex tiġi kkomunikata l-istruzzjoni lil ċentru ta' negozjar jew biex tiġi eżegwita tranżazzjoni;*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12b) "strateġija ta' negozjar bi frekwenza għolja" tfisser strateġija kummerċjali biex wieħed jinnegozja f'ismu stess fi strument finanzjarju li tinvolvi negozjar bi frekwenza għolja u li jkollha tal-anqas tnejn minn dawn il-karatteristiċi:*** |
| | ***(i) tuża faċilitajiet ta' kolokazzjoni, aċċess tas-suq dirett jew "proximity hosting";*** |
| | ***(ii) hi relatata ma' fatturat ta' portafoll ta' kuljum talanqas ta' 50 %;*** |
| | ***(iii) il-proporzjon tal-ordnijiet imħassra (inklużi l-kanċellazzjonijiet parżjali) jaqbeż l-20 %;*** |
| | ***(iv) il-maġġoranza tal-pożizzjonijiet li jittieħdu jingħalqu fl-istess ġurnata;*** |
| | ***(v) aktar minn 50 % tal-ordnijiet jew tranżazzjonijiet magħmula f'postijiet tan-negozjar li joffru skontijiet jew ribassi u l-ordnijiet li jipprovdu likwidità huma eliġibbli għal ribassi ta' dan it-tip;*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull wieħed mill-operati msemmi fil-punti (a), (b), (c) u (e) tal-paragrafu 1(2) għandhom jitqiesu bħala li jwasslu għal tranżazzjoni finanzjarja unika. Kull skambju kif imsemmi fil-punt (d) tiegħu għandu jitqies li jagħti lok għal żewġ tranżazzjonijiet finanzjarji. Kull modifika materjali ta' operat kif imsemmi fil-punti minn (a) sa (e) tal-paragrafu 1(2) għandha titqies bħala operat ġdid tal-istess tip bħall-operat oriġinali. Modifika titqies li tagħmel differenza b'mod partikolari fejn jinvolvi sostituzzjoni ta' mill-inqas parti waħda, f'każ li l-għan jew il-kamp ta' applikazzjoni tal-operat, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni temporali tiegħu, jew il-kunsiderazzjoni miftiehma jinbidel, jew meta l-operat oriġinali jkun attira taxxa ogħla kieku ġie konkluż kif modifikat. | 2. Kull wieħed mill-operati msemmi fil-punti (a), (b), (c) u (e) tal-paragrafu 1(2) għandhom jitqiesu bħala li jwasslu għal tranżazzjoni finanzjarja unika. Kull skambju kif imsemmi fil-punt (d) tiegħu għandu jitqies li jagħti lok għal żewġ tranżazzjonijiet finanzjarji. Kull modifika materjali ta' operat kif imsemmi fil-punti minn (a) sa (e) tal-paragrafu 1(2) għandha titqies bħala operat ġdid tal-istess tip bħall-operat oriġinali. Modifika titqies li tagħmel differenza b'mod partikolari fejn jinvolvi sostituzzjoni ta' mill-inqas parti waħda, f'każ li l-għan jew il-kamp ta' applikazzjoni tal-operat, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni temporali tiegħu, jew il-kunsiderazzjoni miftiehma jinbidel, jew meta l-operat oriġinali jkun attira taxxa ogħla kieku ġie konkluż kif modifikat. ***Kwalunkwe tiġdid ta' transazzjonijiet mwettaq bl-iskop ta' klerjar jew ta' saldu permezz ta' CCP jew permezz ta' kamra ta' ikklerjar jew permezz ta' sistema ta' operatur ta' saldu tal-kreditu jew sistemi interoperabbli kif definit mid-Direttiva 98/26/KE, ma għandux jikkostitwixxi modifika materjali skont dan il-paragrafu.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) fejn il-valur medju annwali ta' tranżazzjonjiet finanzjarji f'sentejn kalendarji konsekuttivi ma jeċċedux ***ħamsin fil-mija*** tal-medja totali tal-fatturat annwali nett, kif definit fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 78/660/KEE, l-impriża, l-istituzzjoni, il-korp jew il-persuna kkonċernata għandha tkun intitolata, wara talba, li titqies bħala li mhix jew ma baqgħetx istituzzjoni finanzjarja. | (d) fejn il-valur medju annwali ta' tranżazzjonjiet finanzjarji f'sentejn kalendarji konsekuttivi ma jeċċedux ***20 %*** tal-medja totali tal-fatturat annwali nett, kif definit fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 78/660/KEE, l-impriża, l-istituzzjoni, il-korp jew il-persuna kkonċernata għandha tkun intitolata, wara talba, li titqies bħala li mhix jew ma baqgħetx istituzzjoni finanzjarja. |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da)** **fil-kalkolu tal-valur annwali medju tat-tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija f'dak il-punt, m'għandu jittieħed l-ebda kont tat-tranżazzjonijiet finanzjarji li jikkonċernaw kuntratti derivattivi mhux OTC li jissodisfaw wieħed mill-kriterji msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-arranġamenti tal-ikklerjar indiretti, l-obbligu tal-ikklerjar, ir-reġistru pubbliku, l-aċċess għal ċentru tan-negozjar, kontropartijiet nonfinanzjarji, tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP*** (*) **.** <br><br>(*) ***ĠU L 52, 23.2.2013, p. 11.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fil-każ tal-implimentazzjoni tat-TTF fi Stati Membri li mhumiex il-11-il Stat Membru parteċipanti, din tiġi estiża għal dawk l-Istati Membri l-oħra fuq il-bażi ta' reċiproċità.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Kontropartijiet Ċentrali (CCPs) meta jeżerċitaw il-funzjoni ta' CCP; | (a) Kontropartijiet Ċentrali (CCPs) meta jeżerċitaw il-funzjoni ta' CCP***, jew kmamar ta' kklerjar oħrajn, aġenti għall-ħlas jew sistemi kif definit fid-Direttiva 98/26/KE fl-eżerċitar tal-funzjoni tagħhom ta' kklerjar, inkluż kwalunkwe tiġdid jew saldu possibbli***; |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ca)*** ***swieq tat-tkabbir tal-SMEs;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt – cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(cb)*** ***Persuna li hija preżenti b'mod kontinwu fis-swieq finanzjarji sabiex tinnegozja fil-kont tagħha stess billi tixtri u tbiegħ strumenti finanzjarji bl-impenn tal-kapital tagħha (ġeneratur tas-suq), meta tkun qed taqdi funzjoni essenzjali fir-rigward ta' bonds jew ishma mhux likwidi fir-rwol tagħha ta' provditur ta' likwidità kif previst fil-ftehim bejn il-ġeneratur tas-suq u l-post organizzat fejn titwettaq it-tranżazzjoni finanzjarja, meta din it-tranżazzjoni mhijiex parti minn strateġija ta' negozjar bi frekwenza għolja.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta, skont l-Artikolu 16, atti delegati li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom strument finanzjarju jitqies li mhuwiex likwidu għall–finijiet ta' din id-Direttiva.*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ga) it-trasferiment tad-dritt ta' proprjetà ta' strument finanzjarju u kull operazzjoni ekwivalenti li timplika t-trasferiment tar-riskju assoċjat mal-istrument finanzjarju bejn entitajiet ta' grupp jew bejn entitajiet ta' netwerk ta' banek deċentralizzati, fejn dawn it-tranżazzjonijiet jitwettqu sabiex jiġi sodisfat rekwiżit legali jew prudenzjali ta' likwidità li jkun stabbilit minn dritt nazzjonali jew tal-Unjoni.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) hi entità ta' istituzzjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti skont il-punt (c);*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (g) hija parti, li taġixxi jew għal kont tagħha stess jew għal kont ta' persuna oħra, jew taġixxi f'isem parti għat-tranżazzjoni, għal tranżazzjoni finanzjarja fi prodott strutturat jew wieħed mill-istrumenti finanzjarji msemmija fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE maħruġa fit-territorju ta' dak l-Istat Membru***, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti msemmija fil-punti minn (4) sa (10) ta' dik it-Taqsima li ma jiġux innegozjati f'pjattaforma organizzata***. | (g) hija parti, li taġixxi jew għal kont tagħha stess jew għal kont ta' persuna oħra, jew taġixxi f'isem parti għat-tranżazzjoni, għal tranżazzjoni finanzjarja fi prodott strutturat jew wieħed mill-istrumenti finanzjarji msemmija fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE maħruġa fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, istituzzjoni finanzjarja għandha titqies li hija stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru parteċipanti meta tiġi sodisfatta xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) hi titolu u derivat relatata ma' dan it-titolu u l-uffiċċju reġistrat ta' min ikun ħareġ it-titolu jkun jinsab f'dak l-Istat Membru;*** |
| | ***(b) hi derivat apparti minn dak imsemmi fil-punt (a) u hi ammessa għan-negozjar fi pjattaforma organizzata, u d-dritt pubbliku li jirregola l-kummerċjalizzazzjoni mwettqa skont is-sistemi tal-pjattaforma jkun id-dritt ta' dak l-Istat Membru;*** |
| | ***(c) hi strument finanzjarju apparti minn dak imsemmi fil-punti (a) jew (b), ikklerjat minn CCP jew minn stabbiliment bankarju ieħor jew minn aġenti għall-ħlas jew sistemi kif definit mid-Direttiva 98/26/KE, meta d-dritt li jirregola s-CCP jew is-sistema kkonċernata jkun id-dritt ta' dak l-Istat Membru;*** |
| | ***(d) hi strument finanzjarju apparti minn dak imsemmi fil-punti (a), (b) jew (c) u d-dritt applikabbli relatat mal-ftehim skont liema tkun twettqet it-transazzjoni fl-istrument finanzjarju rilevanti huwa d-dritt ta' dak l-Istat Membru;*** |
| | ***(e) hi strument strutturat u minn tal-inqas 50 % tal-valur tal-assi li jappoġġaw l-istrument strutturat qed jirreferu għall-istrumenti finanzjarji maħruġa minn persuna ġuridika li hi reġistrata fi Stat Membru parteċipanti.*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 4 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***It-trasferiment ta' titolu legali*** |
| | ***1. Tranżazzjoni finanzjarja li fir-rigward tagħha l-ebda FTT ma tkun ġiet imposta għandha titqies legalment mhux infurzabbli u ma għandhiex tirriżulta fi trasferiment ta' titolu legali tal-istrument sottostanti.*** |
| | ***2. Tranżazzjoni finanzjarja li fuqha ma ġiet imposta l-ebda TTF ma għandhiex titqies li tissodisfa r-rekwiżiti għal ikklerjar ċentrali skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet [1] jew ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment.*** |
| | ***3. Fil-każ ta' skemi ta' pagament awtomatiċi u elettroniċi bil-parteċipazzjoni, jew mingħajrha, tal-aġenti għall-ħlas tal-pagamenti, l-awtoritajiet fiskali ta' Stat Membru jistgħu jistabbilixxu sistema ta' ġbir elettroniku u awtomatiku tal-FTT u ta' ċertifikati tat-trasferiment ta' titoli legali.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawk ir-rati ***ma għandhomx*** ikunu ***aktar baxxi minn***: | Dawk ir-rati ***għandhom*** ikunu: |
| (a) 0,1 % fir-rigward tat-tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 6; | (a) 0,1 % fir-rigward tat-tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 6 ***ħlief għal dawk imsemmija fil-punt(5) tal-Artikolu 2(1). bi skadenza ta' massimu tliet xhur***; |
| (b) 0,01 % fir-rigward ta' tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 7. | (b) 0,01 % fir-rigward ta' tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 7. |
| | ***(ba) 0,01 % fir-rigward ta' tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fil-punt(5) tal-Artikolu 2(1) bi skadenza ta' massimu tliet xhur.*** |

(1) ***ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.***

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Minkejja l-paragrafu 3, l-Istati Membri parteċipanti għandhom japplikaw rata ogħla minn dik speċifikata fil-paragrafu 2 għat-tranżazzjonijiet finanzjarji OTC imsemmija fl-Artikoli 6 u 7. Tranżazzjonijiet finanzjarji tad-derivati OTC li għalihom l-effett ta' tnaqqis tar-riskji jista' jiġi oġġettivament mkejjel kif definit mill-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 m'għandhomx ikunu soġġetti għal dik ir-rata ogħla.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'***, skont l-Artikolu 16 tadotta atti ddelegati li jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri parteċipanti skont il-paragrafu 1. | 2. Il-Kummissjoni ***għandha***, skont l-Artikolu 16 tadotta atti ddelegati li jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri parteċipanti skont il-paragrafu 1. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprovdu metodi uniformi tal-ġbir tat-TTF dovuta. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2). | Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprovdu metodi uniformi tal-ġbir tat-TTF dovuta ***u jipprevedu miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar fiskali aggressiv. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri addizzjonali.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2). |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-piż amministrattiv impost fuq l-awtoritajiet fiskali bl-introduzzjoni tal-FTT għandu jinżamm fil-livelli minimi. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni Ewropea tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali nazzjonali.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. L-Istati Membri għandhom, fuq bażi annwali, jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Eurostat il-volumi tat-tranżazzjonijiet li fuqhom inġabar d-dħul mit-tip ta' istituzzjoni. Huma għandhom irendu din l-informazzjoni pubblika.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri parteċipanti għandhom jadottaw miżuri biex jipprevjenu l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa. | L-Istati Membri parteċipanti għandhom jadottaw miżuri biex jipprevjenu l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa ***u l-ippjannar fiskali aggressiv***. |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 15a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' ħidma ta' esperti (Kumitat tat-TTF) magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni, il-BĊE u l-ESMA biex jassistu lill-Istati Membri parteċipanti fl-implimentazzjoni effikaċi ta' din id-Direttiva u jipprevjenu l-frodi fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjannar fiskali aggressiv u biex jippreservaw l-integrità tas-suq intern.*** |

**L-Erbgħa 3 ta’ Lulju 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Il-Kumitat tat-TTF għandu jevalwa l-implimentazzjoni effikaċi ta’ din id-Direttiva, jevalwa l-effetti fuq is-suq intern u jidentifika skemi ta’ evitar, inklużi arranġamenti abbużivi kif definiti mill-Artikolu 14, sabiex jiġu proposti kontromiżuri, fejn xieraq, bl-użu sħiħ tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni u tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji u tal-istrumenti għal kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta’ taxxa, stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali.*** |
| | ***3. Sabiex jevalwaw kwistjonijiet li jirrigwardaw l-implimentazzjoni effikaċi tat-TTF, l-Istati Membri parteċipanti jistgħu jifformaw sottokumitat tal-Kumitat tat-TTF magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri parteċipanti. Is-sottokumitat għandu jittratta biss kwistjonijiet li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tat-TTF u li ma jaffettwawx l-Istati Membri mhux parteċipanti.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-delega tas-setgħat msemmija fl-Artikolu 11(2) għandha tiġi kkonferita għal perjodu ta’ żmien indeterminat mid-data msemmija ***fl-Artikolu 19***. | 2. Id-delega tas-setgħat msemmija fl-Artikolu 11(2) għandha tiġi kkonferita għal perjodu ta’ żmien indeterminat mid-data msemmija ***fl-Artikolu 21***. |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. *Id-delegazzjoni* tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(2) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe ***ħin*** mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Hija għandha tibda tapplika mill-jum ta’ wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data iżjed tard speċifikata fih. M’***għandhiex taffettwa*** l-validità ***tal-atti delegati li*** diġà ***jkunu*** fis-seħħ. | 3. *Id-delega* tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(2) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe ħin ***mill-Parlament Ewropew jew*** mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Hija għandha tibda tapplika mill-jum ta’ wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data iżjed tard speċifikata fih. ***Hija*** m’***għandha taffetwa*** l-validità ***tal-ebda att delegat*** diġà fis-seħħ. |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 16 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Hekk kif il-Kummissjoni tadotta att iddelegat, din għandha tinnotifika lill-Kunsill b'dan. | 4. Hekk kif il-Kummissjoni tadotta att iddelegat, din għandha tinnotifika ***fl-istess żmien lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill b'dan. |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 16 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 11(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ***tkunx*** ġiet espressa oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika *dwar dak l-att* lill-Kunsill jew jekk, qabel ***l-iskadenza ta'*** dak il-perjodu, il-Kunsill ***ikun informa*** lill-Kummissjoni li ***mhux se joġġezzjona***. Dak *il-perjodu* għandu jiġi estiż b'xahrejn *fuq inizjattiva* tal-Kunsill. | 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 11(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ***tkun*** ġiet espressa ***l-ebda*** oġġezzjoni ***la mill-Parlament Ewropew u lanqas*** mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika *tal-att* ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill jew jekk, qabel *ma jiskadi* dak il-perjodu, ***kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll*** il-Kunsill ***ikunu għarrfu*** lill-Kummissjoni li ***huma ma jkunux se joġġezzjonaw***. Dak *il-perijodu* għandu jiġi estiż b'xahrejn ***(2)*** *fuq inizjattiva* ***tal-Parlament Ewropew jew*** tal-Kunsill. |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull ***ħames*** snin u għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u, fejn xieraq, proposta. | Kull ***tliet*** snin u għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u, fejn xieraq, proposta. |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'dak ir-rapport il-Kummissjoni għandha, mill-inqas, teżamina l-impatt tat-TTF fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija reali u għandha tikkunsidra l-progress dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fil-kuntest internazzjonali. | F'dak ir-rapport il-Kummissjoni għandha, mill-inqas, teżamina l-impatt tat-TTF fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija reali u għandha tikkunsidra l-progress dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fil-kuntest internazzjonali. ***Abbażi tar-riżultati ta' din l-eżaminazzjoni, għandhom isiru aġġustamenti neċessarji.*** |

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2013**

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 19 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt ta' ċerti dispożizzjonijiet, bħall-kamp ta' applikazzjoni adegwat tat-TTF u r-rata ta' tassazzjoni applikabbli għall-fondi ta' pensjoni, filwaqt li tieħu kont xieraq tal-profili ta' riskju u l-mudelli ekonomiċi;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għall-istrumenti msemmija fil-punt 3a tal-Artikolu 2(1), ir-rata prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 9(2) għandha tkun 0,05 % sal-1 ta' Jannar 2017.*** |
| | ***Għall-istituzzjonijiet imsemmija fil-punt (8)(f) tal-punt (8) tal-Artikolu 2(1), ir-rata prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 9(2) għandha tkun 0,05 %u r-rata prevista fil-punt (b) tal-Artikolu 9(2) għandha tkun 0,005 % sal-1 ta' Jannar 2017.*** |

---

P7_TA(2013)0313

## L-adozzjoni tal-euro mil-Latvja fl-1 ta' Jannar 2014 *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-euro fil-Latvja fl-1 ta' Jannar 2014 (COM(2013)0345 – C7-0183/2013 – 2013/0190(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2016/C 075/46)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0345),

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Konverġenza għall-2013 tal-Kummissjoni (COM(2013)0341) u r-Rapport ta' Konverġenza tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' Ġunju 2013 dwar il-Latvja,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-Rapport ta' Konverġenza tal-Kummissjoni għall-2013 dwar il-Latvja (SWD(2013)0196),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-tkabbir taz-zona tal-ewro ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar it-titjib tal-metodu ta' konsultazzjoni tal-Parlament fil-proċeduri għat-tkabbir taż-żona tal-euro ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0183/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 83 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0237/2013),

A. billi l-Artikolu 140 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jassuġġetta l-ilħuq ta' grad għoli ta' konverġenza sostenibbli fuq ir-rispett minn kull Stat Membru ta' dawn il-kriterji li ġejjin: il-ksib ta' livell għoli ta' stabbiltà fil-prezzijiet; is-sostenibbiltà tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Gvern; l-osservanza tal-marġni ta' fluttwazzjoni normali previsti mill-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju; u d-durabbiltà tal-konverġenza miksuba mill-Istat Membru u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea kif jidher fil-livelli tar-rati ta' mgħax f'perjodi fit-tul (il-kriterji ta' Maastricht);

B. billi l-Latvja kkonformat mal-kriterji ta' Maastricht fis-sens tal-Artikolu 140 tat-TFUE u l-Protokoll Nru 13 dwar il-kriterji ta' konverġenza anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE,

C. billi r-Rapporteur żar il-Latvja biex jivvaluta kemm il-pajjiż hu lest biex jidħol fiż-żona tal-euro;

D. billi l-popolazzjoni Latvjana wettqet sforzi straordinarji sabiex tirkeb il-kriżi finanzjarja u marret lura għat-triq tal-kompetittività u t-tkabbir;

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Huwa favur l-adozzjoni tal-euro fil-Latvja fl-1 ta' Jannar 2014;

3. Jirrimarka li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) saret fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja dinjija li affettwat il-prospetti għal konverġenza nominali ta' ħafna Stati Membri oħra u b'mod partikolari pprovokat xift ċikliku lejn l-isfel tar-rati ta' inflazzjoni;

4. Jirrimarka, b'mod partikolari, li l-kriżi finanzjarja dinjija laqtet lil-Latvja sew għal dak li jikkonċerna l-faqar, il-qgħad u l-iżviluppi demografiċi; iħeġġeġ lil-Latvja u lis-sħab tagħha fl-Unjoni biex jimplimentaw standards makroprudenzjali stretti intiżi sabiex jiġu evitati l-flussi ta' kapital u t-tendenzi fil-qasam ta' tkabbir ta' kreditu mhux sostenibbli, bħal dawk ta' qabel ma tfaċċat il-kriżi;

5. Jirrimarka li l-Latvja tissodisfa l-kriterji permezz ta' sforzi determinati, kredibbli u sostenibbli tal-gvern Latvjan u tal-poplu Latvjan; josserva li s-sostenibbiltà ġenerali tas-sitwazzjoni makroekonomika u finanzjarja se tiddependi fuq l-implimentazzjoni ta' riformi ekwilibrati u ambizzjużi intiżi sabiex id-dixxiplina tintrabat mas-solidarjetà u l-investimenti sostenibbli fit-tul mhux biss fil-Latvja iżda wkoll fl-unjoni ekonomika u monitarja fit-totalità tagħha;

6. Jirrimarka li fir-Rapport ta' Konverġenza tiegħu għall-2013, il-BĊE esprima xi tħassib fir-rigward tas-sostenibbiltà fit-tul tal-konverġenza ekonomika tal-Latvja; jenfasizza b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin li jinstabu fih:

— il-parteċipazzjoni f'unjoni monitarja tinvolvi r-rinunċja ta' strumenti monitarji u tar-rata ta' kambju u timplika importanza akbar tal-flessibbiltà u l-kapaċità ta' resistenza interni; l-awtoritajiet għandhom, għalhekk, jikkunsidraw possibbilitajiet differenti sabiex isaħħu aktar l-istrumenti kontraċikliki l-oħra disponibbli għalihom, flimkien ma' dak li sar mill-2009;

— Il-Latvja għandha tkompli segwi t-triq ta' konsolidazzjoni fiskali globali b'mod konformi mar-rekwiżiti mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u timplimenta u tikkonforma ma' qafas fiskali li jippermetti li jiġi evitat ritorn għall-politiċi proċikliċi fil-futur;

(1) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 249.
(2) ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 251.

— kemm il-bżonn għal ambjent istituzzjonali aktar b'saħħtu u l-fatt li l-ekonomija li ma tidhirx, għalkemm qed tonqos, hija stmata li għadha relattivament kbira mhux biss qed jirriżultaw f'telf ta' dħul pubbliku iżda wkoll f'distorsjoni tal-kompetizzjoni, qed jagħmlu ħsara lill-kompetittività tal-Latvja u qed inaqqsu l-kapaċità tal-pajjiż li jiġbed lejh investiment dirett barrani, u b'hekk qed jiġu ostakolati l-investiment fit-tul u l-produttività; iqis li jeħtieġ li dan it-tħassib jittieħed bis-serjetà b'mod partikolari jekk it-tendenzi attwali għal dak li jikkonċerna l-inflazzjoni u l-flussi finanzjarji jiġu jinqalbu; iqis madankollu li dan it-tħassib ma jbiddilx il-valutazzjoni ġenerali pożittiva tal-adozzjoni tal-euro mil-Latvja;

7. Jistieden lill-Gvern Latvjan ikompli jsegwi l-politika fiskali prudenti tiegħu, flimkien mal-politiki globali tiegħu orjentati lejn l-istabbiltà, biex jilqa' għall-eventwalità ta' żbilanċji makroekonomiċi u riskji għall-istabbiltà tal-prezzijiet fil-ġejjieni, kif ukoll biex jitranġaw l-iżbilanċi identifikati mill-Kummissjoni fil-qafas tar-rapport fuq l-mekkaniżmu ta' twissija; jirrimarka li l-istabbiltà fil-prezzijiet fil-Latvja tiddependi fuq id-dinamiċi ta' prezzijiet ta' prodotti bażiċi minħabba n-nuqqas ta' effiċjenza fl-enerġija u l-livelli għolja ta' importazzzjonijiet tal-enerġija mill-sors wieħed fil-kompożizzjoni tal-basket tal-konsumatur tiegħu; jistieden lill-Gvern Latvjan iwettaq titjib f'dan ir-rigward u jsaħħaħ l-isforzi ġenerali sabiex jilħaq il-miri nazzjonali kollha tal-UE2020;

8. Jinsab imħasseb dwar l-appoġġ attwali taċ-ċittadini Latvjani baxx għall-adozzjoni tal-euro; jistieden lill-gvern u lill-awtoritajiet Latvjani jikkomunikaw b'mod aktar attiv maċ-ċittadini Latvjan sabiex jiżguraw aktar appoġġ pubbliku għall-adozzjoni tal-euro; jistieden lill-Gvern Latvjan ikompli l-kampanja ta' informazzjoni u komunikazzjoni tiegħu bil-għan li jintlaħqu ċ-ċittadini Latvjani kollha;

9. Jistieden lill-gvern Latvjan jindirizza n-nuqqasijiet strutturali fis-suq tax-xogħol permezz ta' riformi strutturali u edukattivi xierqa; jistieden, b'mod partikolari, lill-gvern Latvjan jindirizza l-livell ta' faqar u l-firda dejjem tikber tal-inugwaljanza fl-introjtu;

10. Jirrikonoxxi l-istabbiltà tas-settur bankarju Latvjan matul dawn l-aħħar tliet snin; jirrimarka, madankollu, li l-mudell ta' negozju tas-settur bankarju tqiegħed inkwistjoni sew matul l-ewwel stadju tal-kriżi finanzjarja dinjija; jenfasizza li f'dak iż-żmien, kollass tas-sistema finanzjarja Latvjana ġie evitat biss permezz ta' salvataġġ mill-UE u l-FMI; jilqa' r-riformi adottati riċentement intiżi sabiex isaħħu r-regolamentazzjoni tal-banek Latvjani li jeżerċitaw attivitajiet relatati mad-depożiti ta' persuni mhux residenti (NRD); jistieden lill-awtoritajiet Latvjani jiżguraw it-twettiq ta' superviżjoni stretta ta' dawn il-banek u l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali adegwati għal dak li jikkonċerna l-ġestjoni tar-riskji; jistieden ukoll lill-awtoritajiet Latvjani jibqgħu kawti fir-rigward tan-nuqqas ta' simetrija possibbli ta' strutturi ta' skadenzi bejn l-attiv u l-passiv li jista' jitqies ta' perikolu għall-istabbilità finanzjarja;

11. Jistieden lill-awtoritajiet Latvjani jkomplu għaddejjin fid-direzzjoni attwali ta' tħejjijiet prattiċi biex jiżguraw proċess ta' bidla mingħajr xkiel; jistieden lill-gvern Latvjan jistabbilixxi mekkaniżmi ta' kontroll xierqa sabiex jiżgura li l-introduzzjoni tal-euro ma tintużax biex il-prezzijiet jiżdiedu bil-moħbi;

12. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

13. Jiddeplora it-terminu qasir ħafna li fih il-Parlament ġie mitlub jipprovdi l-opinjoni tiegħu fis-sens tal-Artikolu 140 TFUE; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li qed jippjanaw jadottaw l-euro biex jipprovdu terminu xieraq sabiex il-Parlament ikun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu abbażi ta' dibattitu aktar fil-fond u wiesa';

14. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-pożizzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Eurogroup u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

P7_TA(2013)0320

# Assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja ***III

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (PE-CONS 00038/2013 – C7-0168/2013 – 2010/0390(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari)**

(2016/C 075/47)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u d-dikjarazzjoni rilevanti tal-Parlament u l-Kunsill (PE-CONS 00038/2013 – C7–0168/2013),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0804) ,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari ([2]) dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ([3]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (COM(2013)0067),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(13) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 69 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A7-0244/2013),

1. Japprova t-test konġunt;

2. Jikkonferma d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament u tal-Kunsill annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att, flimkien mad-dikjarazzjoni tal-Parlament u tal-Kunsill, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

**Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill adottata flimkien mad-deċiżjoni li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

— jaqblu fuq il-fatt li l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja għandha titqies fil-kuntest usa' tal-bżonn ta' qafas li jiggarantixxi deċiżjonijiet korretti u effikaċi dwar il-konċessjoni ta' assistenza makrofinanzjarja lill-pajjiżi terzi;

([1]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 211.
([2]) Testi adottati 11.12.2012, P7_TA(2012)0472.
([3]) ĠU C 291 E, 10.5.2012, p. 1.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

— jaqblu fuq il-fatt li l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet futuri ta' assistenza makrofinanzjarja għandha tissejjes fuq il-kunsiderazzjonijiet u l-prinċipji mħabbra hawn taħt għall-konċessjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-pajjiżi u lit-territorji terzi eleġibbli, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva u l-forma ġuridika li jista' eventwalment jassumi strument ta' formalizzazzjoni ġdid ta' tali kunsiderazzjonijiet u prinċipji;

— jintrabtu li jirriflettu totalment tali kunsiderazzjonijiet u prinċipji fid-deċiżjonijiet individwali futuri dwar il-konċessjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

PARTI A – KUNSIDERAZZJONIJIET

(1) L-Unjoni hija wieħed mill-fornituri prinċipali ta' assistenza ekonomika, finanzjarja u teknika lill-pajjiżi terzi. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni ("assistenza makrofinanzjarja") uriet li hija strument effiċjenti għall-istabbilizzazzjoni ekonomika, u mutur għar-riformi strutturali fil-pajjiżi u fit-territorji li jibbenefikaw minn tali assistenza ("benefiċjarji"). Skont il-politika ġenerali fir-rigward tal-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati u tal-pajjiżi tal-viċinat, l-Unjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tikkonċedi assistenza makrofinanzjarja lil dawn il-pajjiżi bl-iskop li tiżviluppa żona ta' stabilità, sigurtà u prosperità kondiviżi.

(2) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tissejjes fuq deċiżjonijiet ad hoc speċifiċi għal pajjiż tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn il-prinċipji jimmiraw li jtejbu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għal tali deċiżjonijiet u għall-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll li jsaħħu l-applikazzjoni min-naħa tal-benefiċjarju tal-prekundizzjonijiet politiċi biex jikseb il-konċessjoni ta' assistenza makrofinanzjarja u jtejbu t-trasparenza u l-kontroll demokratiku ta' tali assistenza.

(3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi tat-3 ta' Ġunju 2003, il-Parlament Ewropew għamel appell għal regolament qafas għall-assistenza makrofinanzjarja bil-għan li jitħaffef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jingħata dan l-istrument finanzjarju b'bażi formali u trasparenti.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2002, il-Kunsill stabbilixxa l-kriterji (l-hekk imsejħa kriterji ta' Genval) li jirregolaw l-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Ikun xieraq li dawn il-kriterji jiġu aġġornati u ċċarati, fost affarijiet oħra fir-rigward tal-kriterji għad-determinazzjoni tal-forma xierqa ta' assistenza (self, għotja jew kombinazzjoni tagħhom).

(5) Dawn il-prinċipji għandhom jippermettu lill-Unjoni tagħmel mod li l-assistenza makrofinanzjarja ssir disponibbli fi żmien qasir, partikolarment meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu azzjoni immedjata, u jżid iċ-ċarezza u t-trasparenza tal-kriterji applikabbli għall-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja.

(6) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tkun konformi mal-prinċipji, mal-objettivi u mal-miżuri fundamentali adottati fi ħdan id-diversi setturi ta' azzjoni esterna u fil-qafas ta' politiki rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

(7) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandhom jaħdmu mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha bil-għan li jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u jiggarantixxu l-konsistenza tagħha.

(8) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tappoġġa l-impenn tal-benefiċjarji fil-konfront tal-valuri komuni kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, u l-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ibbażat fuq regoli u ġust.

(9) Ikun xieraq li l-konċessjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tkun suġġetta għall-istabbiliment min-naħa tal-pajjiż eleġibbli ta' mekkaniżmi demokratiċi effikaċi, ibbażati partikolarment fuq sistemi parlamentari multipartitiċi, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Tali prerekwiżiti għandhom ikunu sorveljati regolarment mill-Kummissjoni.

(10) L-objettivi speċifiċi tad-deċiżjonijiet individwali ta' assistenza makrofinanzjarja għandhom jinkludu anki t-tisħiħ tal-effiċjenza, tat-trasparenza u tar-responsabilità fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-pajjiżi benefiċjarji. Il-ksib ta' dawn l-objettivi għandu jkun regolarment sorveljat mill-Kummissjoni.

(11) L-assistenza makrofinanzjarja għandha timmira li tappoġġa r-ristabbiliment tas-sostenibilità tas-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-pajjiżi u tat-territorji terzi li jinsabu quddiem skarsezza ta' valuta barranija u d-diffikultajiet relatati tal-finanzjament estern. L-assistenza makrofinanzjarja la għandha tagħti appoġġ finanzjarju regolari u lanqas ikollha bħala objettiv primarju l-appoġġ tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal- benefiċjarji.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

(12) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun komplementari għar-riżorsi konċessi mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u minn istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali oħrajn u għandu jkun hemm qsim ġust tal-piżijiet bejn l-Unjoni u d-donaturi l-oħrajn. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tiżgura l-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.

(13) Biex ikun żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni konnessi mal-assistenza makrofinanzjarja jiġu mħarsa b'mod effiċjenti, il-benefiċjarji għandhom jieħdu miżuri xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra fir-rigward ta' din l-assistenza, u għandu jsir provvediment biex jitwettqu kontrolli mill-Kummissjoni u verifiki mill-Qorti tal-Awdituri.

(14) L-għażla tal-proċedura għall-adozzjoni tal-memoranda ta' qbil għandha tkun deċiża f'konformità mal-kriterji msemmija fir-Regolament (UE) Nru 182/2011. F'dan il-kuntest, bħala regola ġenerali għandha tapplika l-proċedura konsultattiva, iżda, fid-dawl tal-impatt potenzjalment importanti tal-operazzjonijiet li l-ammont tagħhom jaqbeż il-livell limitu stabbilit fil-parti B, għal dawn l-operazzjonijiet ikun xieraq li tintuża l-proċedura ta' eżami.

PARTI B – PRINĊIPJI

1. Għan tal-assistenza

(a) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mhux vinkolat u mhux speċifiku għall-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiżi u tat-territorji terzi eleġibbli. Għandha timmira lejn ir-ristabbiliment tas-sostenibilità tas-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-pajjiżi u tat-territorji eleġibbli li jinsabu quddiem diffikultajiet ta' finanzjament estern. Għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li jkun fih miżuri ta' aġġustament u ta' riforma strutturali b'saħħithom intiżi li jtejbu s-sitwazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti, partikolarment fil-perjodu ta' applikazzjoni tal-programm, u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-ftehimiet u tal-programmi rilevanti mal-Unjoni.

(b) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun subordinata għall-eżistenza ta' bżonn sinifikanti ta' finanzjament estern residwu, definit mill-Kummissjoni f'koopereazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali, superjuri għar-riżorsi konċessi mill-FMI u minn istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, minkejja l-implimentazzjoni ta' programmi ta' riforma u stabbilizzazzjoni ekonomika rigorużi min-naħa tal-pajjiż jew tat-territorju rilevanti.

(c) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun għal terminu qasir u għandha tieqaf malli s-sitwazzjoni finanzjarja esterna terġa' ssir sostenibbli.

2. Pajjiżi u territorji eleġibbli

Il-pajjiżi u t-territorji terzi eleġibbli biex jibbenefikaw mill-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu s-segwenti:

— il-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati;

— il-pajjiżi u t-territorji koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat;

— f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, pajjiżi terzi oħrajn li jiżvolġu rwol determinanti għall-istabilità reġjonali, li huma ta' importanza strateġika għall-Unjoni, u li huma politikament, ekonomikament u ġeografikament viċin l-Unjoni.

3. Forma tal-assistenza

(a) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun konċessa ġeneralment fil-forma ta' self. F'każijiet eċċezzjonali, madankollu, l-assistenza tista' tingħata fil-forma ta' għotja jew ta' kombinazzjoni ta' self u ta' għotja. Hija u tiddetermina s-sehem xieraq ta' element possibbli ta' għotja, il-Kummissjoni, fit-tħejjija tal-proposta tagħha, għandha tqis il-livell ta' żvilupp ekonomiku tal-benefiċjarju, imkejjel skont l-introjtu per capita u l-indiċijiet tal-faqar, kif ukoll il-kapaċità tiegħu li jħallas lura bbażata fuq analiżi tas-sostenibilità tad-dejn, filwaqt li jiġi garantit ir-rispett tal-prinċipju ta' qsim ġust tal-piżijiet bejn l-Unjoni u d-donaturi l-oħrajn. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll sa liema punt l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u d-donaturi l-oħrajn japplikaw kundizzjonijiet aġevolati lill-pajjiż inkwistjoni.

(b) Jekk l-assistenza makrofinanzjarja tiġi konċessa fil-forma ta' self, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandu jkollha s-setgħa li tissellef il-fondi neċessarji fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji, biex imbagħad tislef min-naħa tagħha l-fondi mislufa lill-pajjiż benefiċjarju.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

(c) L-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self għandhom isiru f'euro bl-applikazzjoni tal-istess data tal-valur, u ma għandhom jinvolvu lill-Unjoni la fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet u lanqas fi kwalunkwe riskju ta' kambju jew ta' rata tal-imgħax.

(d) L-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni għall-operazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self għandhom jitħallsu mill-benefiċjarju.

(e) Fuq talba tal-benefiċjarju, u jekk iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib tar-rata tal-imgħax fuq is-self, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tipproċedi bir-rifinanzjament tat-totalità jew parti mis-self li inizjalment tkun ħadet jew bir-ristrutturar tal-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament u ta' ristrutturar għandhom jitwettqu skont il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 3(d) u la għandu jkollhom l-effett ta' proroga tal-maturità medja tas-self meħud u lanqas żieda tal-ammont tal-kapital pendenti fid-data tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament u ta' ristrutturar.

4. Dispożizzjonijiet finanzjarji

(a) L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja konċessa fil-forma ta' għotjiet għandhom ikunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet baġitarji definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

(b) Għall-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja konċessa fil-forma ta' self għandha tkun prevista allokazzjoni skont ir-Regolament li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni. L-ammonti tal-allokazzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet baġitarji definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

(c) L-approprjazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali.

5. Ammont tal-assistenza

(a) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza għandha tissejjes fuq il-bżonn ta' finanzjament estern residwu tal-pajjiż jew tat-territorju eleġibbli, u għandha tqis il-kapaċità tiegħu ta' awtofinanzjament bir-riżorsi proprji, u partikolarment ir-riservi internazzjonali għad-dispożizzjoni tiegħu. Dan il-bżonn ta' finanzjament għandu jkun determinat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, fuq il-bażi ta' valutazzjoni kwantitattiva kompleta u ta' dokumentazzjoni ġustifikattiva trasparenti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tagħmel riferiment għall-aħħar previżjonijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-FMI tal-pajjiż jew tat-territorju relevanti u tqis ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi multilaterali, kif ukoll l-attwazzjoni preeżistenti ta' strumenti finanzjarji esterni oħrajn tal-Unjoni f'dak il-pajjiż jew territorju eleġibbli.

(b) Id-dokumentazzjoni tal-Kummissjoni għandu jkun fiha informazzjoni dwar l-istokk previst ta' riservi ta' valuta barranija fl-assenza ta' assistenza makrofinanzjarja meta mqabbla mal-livelli meqjusa adegwati, imkejjel skont indikaturi rilevanti bħall-proporzjon bejn riservi u dejn estern f'terminu qasir u l-proporzjon bejn riservi u importazzjonijiet tal-pajjiż benefiċjarju.

(c) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja konċessa għandha tqis ukoll il-bżonn ta' garanzija tal-qsim ġust tal-piżijiet bejn l-Unjoni u d-donaturi l-oħrajn u tal-valur miżjud tal-involviment kumplessiv tal-Unjoni.

(d) Jekk il-bżonn ta' finanzjament tal-benefiċjarju jonqos konsiderevolment matul il-perjodu ta' żborż tal-assistenza makrofinanzjarja meta mqabbel mal-previżjonijiet inizjali, il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura konsultattiva meta l-assistenza tkun ugwali għal, jew inqas minn, EUR 90 miljun, u skont il-proċedura ta' eżami meta l-assistenza tkun ogħla minn EUR 90 miljun, tnaqqas l-ammont ta' tali assistenza jew tissospendi jew tħassar l-assistenza.

6. Kundizzjonalità

(a) Il-konċessjoni tal-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun subordinata għar-rispett min-naħa tal-pajjiż jew tat-territorju eliġibbli ta' mekkaniżmi demokratiċi effikaċi, inklużi sistema parlamentari multipartitika u l-istat tad-dritt, kif ukoll għall-garanzij tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kummissjoni għandha tforni valutazzjoni pubblikament disponibbli [1]_ tar-rispett ta' din il-prerekwiżit u tissorveljah matul iċ-ċiklu kollu tal-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja. Dan il-punt għandu jiġi applikata f'konformità mad-Deċiżjoni l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE_.

---

[1] Din il-valutazzjoni se tissejjes fuq rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja prevista fil- Qafas Strateġiku u Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u għad-Demokrazija (Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, 25 ta' Ġunju 2012).

(b) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun subordinata għall-eżistenza ta' ftehim ta' kreditu mhux prekawzjonarju bejn il-pajjiż jew it-territorju eleġibbli u l-FMI, li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— l-objettiv tal-ftehim ikun konsistenti mal-iskop tal-assistenza makrofinanzjarja, jiġifieri li jittaffew id-diffikultajiet f'terminu qasir fil-livell tal-bilanċ tal-pagamenti;

— l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' aġġustament b'saħħithom konsistenti mal-assistenza makrofinanzjarja, kif definit fil-punt 1(a).

(c) L-iżborż tal-assistenza għandu jkun subordinat għat-twettiq kostantement sodisfaċenti fir-rigward ta' programm ta' politika appoġġat mill-FMI u għar-rispett tal-prerekwiżit imsemmi fl-ittra (a) ta' dan il-punt. Huwa għandu wkoll ikun subordinat għall-implimentazzjoni, skont kalendarju speċifiku, ta' sensiela ta' miżuri ta' politika ekonomika definiti biċ-ċar u fokalizzati fuq ir-riformi strutturali u fuq is-solidità tal-finanzi pubbliċi, maqbula bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarju u stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil.

(d) Bil-għan li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li tissaħħaħ il-governanza tal-benefiċjarji, il-Memorandum ta' Qbil għandu jinkludi miżuri mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza, it-trasparenza u ir-responsabilità fis-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

(e) Id-determinazzjoni tal-miżuri politiċi msemmija għandha tqis ukoll il-progress li jsir fil-qasam tal-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp ta' kummerċ ibbażat fuq regoli u ġust kif ukoll prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni.

(f) Il-miżuri ta' politika għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet ta' sħubija, ta' kooperazzjoni jew ta' assoċjazzjoni fis-seħħ konklużi bejn l-Unjoni u l-benefiċjarju, kif ukoll mal-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mill-benefiċjarju bl-appoġġ tal-FMI.

7. Proċedura

(a) Pajjiż jew territorju li biħsiebu jibbenefika mill-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jippreżenta talba bil-miktub lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 1, 2, 4 u 6 humiex issodisfati u, jekk ikun il-każ, tista' tippreżenta proposta għal deċiżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(b) Id-deċiżjoni ta' konċessjoni ta' self għandha tispeċifika l-ammont, il-maturità medja massima u n-numru massimu ta' pagamenti akkont tal-assistenza makrofinanzjarja. Jekk id-deċiżjoni tinkludi element ta' għotja, għandha tindika wkoll l-ammont tagħha u n-numru massimu ta' pagamenti akkont. Id-deċiżjoni ta' konċessjoni ta' għotja għandha tkun akkumpanjata minn ġustifikazzjoni tal-għotja (jew tal-element ta' għotja) ta' assistenza. Fiż-żewġ każijiet għandu jkun definit il-perjodu ta' disponibilità tal-assistenza makrofinanzjarja. Dak il-perjodu ta' disponibbilta', bħala norma, ma għandux jaqbeż it-tliet snin. Fil-preżentazzjoni ta' proposta għal deċiżjoni ġdida ta' konċessjoni ta' assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni għandha tforni l-informazzjoni msemmija fil-punt 12(c).

(c) B'segwitu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' konċessjoni tal-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni, hija u tiddelibera skont il-proċedura konsultattiva meta l-assistenza tkun ugwali għal, jew inqas minn, EUR 90 miljun, u skont il-proċedura ta' eżami meta l-assistenza tkun ogħla minn EUR 90 miljun, għandha taqbel mal-benefiċjarju, fil-Memorandum ta' Qbil, dwar il-miżuri ta' politika msemmijin fil-punt 6(c), (d), (e) u (f).

(d) B'segwitu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' konċessjoni tal-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-benefiċjarju dwar il-kundizzjonijiet finanzjarji dettaljati tal-assistenza. Dawk it-termini finanzjarji dettaljati għandhom ikunu speċifikati fil-Ftehim ta' Ghotja jew ta' Self.

(e) Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżvilupp, inkluż l-iżborż, tal-assistenza speċifika għal pajjiż u tforni lil dawk l-istituzzjonijiet id-dokumenti rilevanti fi żmien debitu.

8. Implimentazzjoni u ġestjoni finanzjarja

(a) Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-assistenza makrofinanzjarja skont ir-regoli finanzjarji tal-Unjoni.

(b) L-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun suġġetta għall-ġestjoni ċentralizzata diretta.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

(c) L-impenji baġitarji għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni skont dan il-punt. Meta l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tinfirex fuq diversi snin finanzjarji, l-impenji baġitarji marbuta ma' tali assistenza jistgħu jinqasmu f'pagamenti akkont annwali.

9. Żborż tal-assistenza

(a) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun żborżata lill-bank ċentrali tal-benefiċjarju.

(b) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun żborżata f'pagamenti akkont suċċessivi, suġġett għar-rispett tal-prerekwiżit imsemmi fil-punt 6(a) u tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 6(b) u (c).

(c) F'intervalli regolari l-Kummissjoni għandha tivverifika jekk għadhomx sodisfatti l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 6(b) u (c).

(d) Fejn il-prerekwiżit imsemmi fil-punt 6(a), u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 6(b) u (c) mhumiex sodisfatti, il-Kummissjoni għandha temporanjament tissospendi jew tħassar l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja. F'tali każijiet, għandha tikkomunika r-raġunijiet għas-sospensjoni jew it-tħassir lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

10. Miżuri ta' appoġġ

Il-fondi baġitarji tal-Unjoni jistgħu jintużaw biex ikopru n-nefqa neċessarja għall-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja.

11. Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

(a) Il-ftehimiet konklużi fil-qafas ta' kull deċiżjoni speċifika għal pajjiż għandu jkun fihom dispożizzjonijiet intiżi li jiggarantixxu li l-benefiċjarji jivverifikaw regolarment li l-finanzjamenti li ġejjin mill-baġit tal-Unjoni jkunu ntużaw b'mod korrett, jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu irregolaritajiet u frodi, u, jekk ikun meħtieġ, jieħdu azzjoni legali għall-irkupru tal-fondi konċessi fil-qafas ta' kull deċiżjoni speċifika għal pajjiż li kienu suġġetti għal approprjazzjoni indebita.

(b) Il-ftehimiet konklużi fil-qafas ta' kull deċiżjoni speċifika għal pajjiż għandu jkun fihom dispożizzjonijiet intiżi li jiggarantixxu l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-frodi, mal-korruzzjoni u ma' kwalunkwe irregolarità oħra, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

(c) Il-Memorandum ta' Qbil imsemmi fil-punt 6(c) għandu jagħti espressament lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri d-dritt li jwettqu awditjar matul u wara l-perjodu ta' disponibilità tal-assistenza makrofinanzjarja, inkluż awditjar ta' dokumenti u awditjar fuq il-post bħal pereżempju valutazzjonijiet operattivi. Il-Memorandum għandu wkoll jawtorizza espressament lill-Kummissjoni jew lir-rappreżentanti tagħha li jwettqu aċċertamenti u ispezzjonijiet in situ.

(d) Matul l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni għandha tissorvelja, permezz ta' valutazzjonijiet operattivi, is-solidità tal-arranġamenti finanzjarji, tal-proċeduri amministrattivi u tal-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni tal-benefiċjarju li huma rilevanti għall-finijiet tal-assistenza.

(e) Il-ftehimiet konklużi fil-qafas ta' kull deċiżjoni speċifika għal pajjiż għandu jkun fihom dispożizzjonijiet intiżi li jiggarantixxu li, jekk jinstab li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza makrofinanzjarja, benefiċjarju jkun imdaħħal f'atti ta' frodi jew ta' korruzzjoni jew f'attivitajiet illegali għad-dannu tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, din tal-aħħar ikollha d-dritt għar-ripagament totali tal-għotja u/jew għar-ripagament bikri tas-self.

12. Rapport annwali

(a) Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja u għandha tressaq rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

(b) Ir-rapport annwali għandu jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-benefiċjarji, kif ukoll il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fil-punt 6(c).

(c) Ir-rapport annwali għandu wkoll iforni informazzjoni aġġornata dwar ir-riżorsi baġitarji disponibbli fil-forma ta' self u għotjiet, fid-dawl tal-operazzjonijiet li qed jiġu previsti.

13. Valutazzjoni

(a) Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapporti ta' valutazzjoni ex post li jivvalutaw ir-riżultati u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja kkompletati reċentement u sa liema punt dawn tal-aħħar ikkontribwew għall-objettivi tal-assistenza.

(b) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta perjodikament, u tal-anqas kull erba' snin, il-konċessjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, billi tforni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'rassenja dettaljata tal-assistenza makrofinanzjarja. L-iskop ta' tali valutazzjoniet għandu jkun dak li taċċerta jekk l-objettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni ntlaħqux u jekk il-kundizzjonijiet tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż il-livell limitu stabbilit fil-punt 7(c), għadhomx sodisfatti, kif ukoll li tippermetti lill-Kummissjoni tifformula rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-operazzjonijiet futuri. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej jew multilaterali meta tipprovdi assistenza makrofinanzjarja.

---

P7_TA(2013)0321

## Attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (COM(2010)0517 – C7-0293/2010 – 2010/0273(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 075/48)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0517),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 83(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0293/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew tas-4 ta' Mejju 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill fl-ittra tal-21 ta' Ġunju 2013 biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0224/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

---

([1]) ĠU C 218, 23.7.2011, p. 130.

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013**

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2010)0273

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-4 ta' Lulju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u *li tissostitwixxi* d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Direttiva Nru 2013/40/UE.)*

---

P7_TA(2013)0330

## Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2013 – Nefqa marbuta mal-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11607/2013 – C7-0199/2013 – 2013/2054(BUD))**

(2016/C 075/49)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]),

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, adottat b'mod definittiv fl-12 ta' Diċembru 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod ([3]) (minn hawn 'il quddiem "FII tas-17 ta' Mejju 2006"), u b'mod partikolari l-punt 29 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (COM(2013)0157),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, adottat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Marzu 2013 (COM(2013)0156),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2013 adottata mill-Kunsill fl-26 ta' Ġunju 2013 (11607/2013 – C7-0199/2013),

---

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 66, 8.3.2013.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75(b) u (e) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0246/2013),

A. billi l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 1/2013 għandu l-għan li jinkorpora fil-baġit 2013 l-approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament meħtieġa biex ikopru n-nefqa marbuta mal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni sa mill-1 ta’ Lulju 2013;

B. billi fl-istess ħin, il-Kummissjoni, bi qbil mal-Punt 29 tal-FII tas-17 ta’ Mejju 2006, ressqet proposta għall-aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali biex takkomoda dawn il-bidliet;

C. billi ż-żieda proposta ta’ EUR 655,1 miljun f’impenji u ta’ EUR 374 miljun f’pagamenti tirrifletti l-qbil dwar il-pakkett finanzjarju fil-Konferenza ta’ Adeżjoni tat-30 ta’ Ġunju 2011, għajr l-intestatura 5, peress li n-nefqa amministrattiva marbuta mal-adeżjoni tal-Kroazja hija diġà inkluża fil-baġit tal-2013;

1. Jieħu nota tal-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 1/2013 kif ippreżentat mill-Kummissjoni u tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwaru;

2. Jenfasizza n-natura purament teknika ta’ dan il-baġit emendatorju li huwa sempliċement il-konsegwenza ta’ ftehim unanimu dwar it-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea bħala t-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li dan il-baġit emendatorju nżamm separat mid-dibattitu politiku interistituzzjonali li għaddej bħalissa dwar kif għandha tiġi solvuta l-kwistjoni ta’ pagamenti pendenti mill-2012 u min-negozjati dwar l-Abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 2/2013;

3. Ifakkar li, skont il-punt 29 tal-FII tas-17 ta’ Mejju 2006, ir-riżorsi li jiffinanzjaw dan il-baġit emendatorju għandhom jiġu koperti permezz ta’ aġġustament tal-qafas finanzjarju, jiġifieri reviżjoni tal-limiti massimi għall-2013 f’impenji u pagamenti;

4. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-perjodu ta’ tmien ġimgħat previst mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex il-parlamenti nazzjonali jiġu nfurmati dwar kull abbozz ta’ att leġiżlattiv ma għandux japplika għal kwistjonijiet baġitarji; jiddispjaċih, għalhekk, li minkejja t-terminu ta’ żmien ristrett ħafna għad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-baġit emendatorju, il-Kunsill xorta waħda ħalla dan il-perjodu jiskadi qabel ma adotta l-pożizzjoni tiegħu, u b’hekk naqqas iż-żmien għall-adozzjoni mill-Parlament kif provdut mit-Trattat;

5. Jiddispjaċih ukoll għad-diffikoltà li biha, saħansitra wara li skada t-terminu ta’ tmien ġimgħat, il-Kunsill laħaq qbil dwar dan il-baġit emendatorju, liema fatt wassal għal dewmien fid-disponibbiltà tal-finanzjament għall-Kroazja dovut sa mill-1 ta’ Lulju 2013; iwissi li dan ma jridx isir preċedent għal adeżjonijiet ulterjuri;

6. Jilqa’ l-fatt li l-Kunsill eventwalment seta’ jaqbel mar-reviżjoni, mingħajr ebda kumpens, tal-limiti tal-pagamenti għall-2013 bl-ammont meħtieġ ta’ EUR 374 miljun; iqis li, meta wieħed jikkunsidra l-ammont limitat ikkonċernat u n-nuqqas attwali ta’ approprjazzjonijiet ta’ pagament fil-baġit 2013, dan huwa l-mod xieraq kif jiġi ssodisfat l-obbligu li ħadu l-Istati Membri huma u jiffirmaw it-Trattat ta’ Adeżjoni u kif jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tal-punt 29 tal-FII tas-17 ta’ Mejju 2006;

7. Jiddeplora, madankollu, il-fatt li, fir-rigward tar-reviżjoni fl-impenji, il-Kunsill iddeċieda li ma jagħtix kas l-importanza politika tal-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni bħala tali, u minflok għażel li l-approprjazzjonijiet meħtieġa jiġu kkumpensati; jqis li dik il-pożizzjoni tikkontradixxi l-ispirtu tad-deċiżjoni unanima meħuda bl-iffirmar tat-Trattat tal-Adeżjoni kif ukoll tal-FII tas-17 ta’ Mejju 2006; jenfasizza li dik id-deċiżjoni tibgħat messaġġ politiku żbaljat mhux biss lill-Kroazja iżda wkoll lill-pajjiżi kandidati l-oħrajn; jenfasizza li dik id-deċiżjoni hija aċċettata biss għax tikkonċerna l-aħħar sitt xhur tal-QFP attwali (2007-2013); jinnota li dan m’għandux jikkostitwixxi preċedent għat-tkabbir futur li jista’ jseħħ taħt il-QFP li jmiss (2014-2020);

8. Jiddispjaċih li l-intestatura 5 ġiet identifikata bħala s-sors ewlieni għall-kumpens tal-impenji, peress li dan jaf iwassal għan-nuqqas ta’ riżorsi neċessarji biex ikopru l-aġġustamenti tas-salarji kkontestati fil-każ li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tingħata fl-2013;

9. Madankollu, minħabba l-importanza politika u l-urġenza ġuridika li jiġi żgurat il-finanzjament neċessarju tal-Kroazja, jiddeċiedi li japprova, mingħajr emendi, il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 1/2013;

**Il-Ħamis 4 ta’ Lulju 2013**

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 1/2013 ġie adottat b’mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT